Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 81

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 61

2 ta' Marzu 2018

Werrej

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

OPINJONIJIET

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Il-529 Sessjoni Plenarja tal-KESE fit-18 u d-19 ta' Ottubru 2017

2018/C 081/01 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-potenzjal ta' negozji żgħar tal-familja u tradizzjonali sabiex tingħata spinta lill-iżvilupp u t-tkabbir ekonomiku fir-reġjuni" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) . . . 1

2018/C 081/02 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-finanzjament tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mill-UE" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) . . . 9

2018/C 081/03 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-irħula u l-bliet iż-żgħar bħala xpruni għall-iżvilupp rurali — sfidi u opportunitajiet" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) . . . 16

2018/C 081/04 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-ġustizzja klimatika" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) . . . 22

2018/C 081/05 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Shubijiet għall-iżvilupp tal-UE u l-isfida tal-ftehimiet internazzjonali dwar it-taxxa" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) . . . 29

2018/C 081/06 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali fir-reġjun Ewro-Mediterranju" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) . . . 37

2018/C 081/07 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "It-tranżizzjoni lejn ġejjieni Ewropew aktar sostenibbli — strateġija għall-2050" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) . . . 44

2018/C 081/08 Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Mudelli ekonomiċi sostenibbli ġodda" (opinjoni esploratorja) . . . 57

MT

2018/C 081/09	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "It-tassazzjoni tal-ekonomija kollaborattiva — analiżi ta' politiki fiskali possibbli b'rabta mat-tkabbir tal-ekonomija kollaborattiva" (opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Estonjana)	65
2018/C 081/10	Opinjoni tal-Kumitat Eknomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-użu tal-art għall-produzzjoni tal-ikel sostenibbli u s-servizzi tal-ekosistema" (opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Estonjana)	72
2018/C 081/11	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE" (Eżami mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri) (opinjoni fuq inizjattiva proprja)	81

III *Atti preparatorji*

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

Il-529 Sessjoni Plenarja tal-KESE fit-18 u d-19 ta' Ottubru 2017

2018/C 081/12	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar a) Pakkett ta' konformità Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Pjan ta'Azzjoni dwar ir-rinfurzar ta' SOLVIT: inwasslu l-benefiċċji tas-suq uniku liċ-ċittadini u lin-negozji *[COM(2017) 255 final — SDW(2017) 210 final]* (b) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' portal diġitali uniku li jipprovdi informazzjoni, proċeduri, u servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 *[COM(2017) 256 final — 2017/0086 (COD)]* (c) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura li permezz tagħhom il-Kummissjoni tista' titlob lil impriżi u lil assoċjazzjonijiet ta' impriżi jipprovdu l-informazzjoni relatata mas-suq intern u ma' oqsma relatati *[COM(2017) 257 final — 2017/0087 (COD)]*	88
2018/C 081/13	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet tas-CO2 minn vetturi heavy-duty ġodda u l-konsum tal-fjuwil tagħhom" *[COM(2017) 279 final — 2017/0111 (COD)]*	95
2018/C 081/14	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-analiżi ta' nofs it-terminu tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar is-Suq Uniku Diġitali — Suq Uniku Diġitali Konness għal kulħadd" *[COM(2017) 228 final]*	102
2018/C 081/15	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar ir-"Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Rapport tal-2016 dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni" *(COM(2017) 285 final)*	111
2018/C 081/16	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar ir-Rieżami ta' nofs it-Terminu tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali" *[COM(2017) 292 final]*	117
2018/C 081/17	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Dokument ta' Riflessjoni dwar l-Approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja" *[COM(2017) 291 final]*	124
2018/C 081/18	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Dokument ta' Riflessjoni dwar il-Futur tal-Finanzi tal-UE" *[COM(2017) 358 final]*	131
2018/C 081/19	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (PEPP)" *(COM(2017) 343 final — 2017/0143 (COD))*	139

2018/C 081/20	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Dokument ta’ Riflessjoni dwar id-dimensjoni soċjali tal-Ewropa” *[COM(2017) 206]* — “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — L-istabbiliment tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali” *[COM(2017) 250 final]* — “Proposta għal Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali” *[COM(2017) 251 final]*	145
2018/C 081/21	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistipola l-qafas legali tal-Korp Ewropew ta’ Solidarjetà u li temenda r-Regolamenti (UE) Nru 1288/2013, (UE) Nru 1293/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE” *[COM(2017) 262 final — 2017/0102 (COD)]*	160
2018/C 081/22	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Aġenda mġedda tal-UE għall-edukazzjoni għolja *[COM(2017) 247 final]* — Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — L-iżvilupp tal-iskejjel u t-tagħlim eċċellenti għal bidu tajjeb fil-ħajja *[COM(2017) 248 final]*	167
2018/C 081/23	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd” *(COM(2017) 0424 final — 2017/0190(COD))*	174
2018/C 081/24	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà — Strateġija għall-implimentazzjoni” *(COM(2017) 134 final)*	176
2018/C 081/25	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-interoperabilità tas-sistemi elettroniċi ta’ pedaġġ u l-faċilitazzjoni tal-iskambju transkonfinali ta’ informazzjoni dwar in-nuqqas ta’ ħlas ta’ tariffi tat-triq fl-Unjoni ” *[COM(2017) 280 final — 2017/0128 (COD)]*	181
2018/C 081/26	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta’ merkanzija tqila għall-użu ta’ ċerti infrastrutturi” *[COM(2017) 275 final — 2017/0114 (COD)]* u “Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta’ merkanzija tqila għall-użu ta’ ċerti infrastrutturi fir-rigward ta’ ċerti dispożizzjonijiet dwar taxxi fuq vetturi bil-mutur” *[COM(2017) 276 final — 2017/0115 (CNS)]*	188
2018/C 081/27	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — L-Ewropa attiva: Aġenda għal tranżizzjoni soċjalment ġusta lejn mobilità kompetittiva, konnessa u mingħajr ħsara għall-ambjent għal kulħadd” *(COM(2017) 283 final)*	195
2018/C 081/28	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Ftehim ta’ Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Korea — il-Kapitolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli”	201
2018/C 081/29	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali dwar “L-iskambju u l-protezzjoni ta’ data personali fl-era tal-globalizzazzjoni” *[COM(2017) 7 final]*	209
2018/C 081/30	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għall- Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1295/2013 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020)” *[COM(2017) 385 final — 2017/0163 (COD)]*	215
2018/C 081/31	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-politika ekonomika taż-żona tal-euro għall-2017” (opinjoni addizzjonali)	216

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

OPINJONIJIET

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

IL-529 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE FIT-18 U D-19 TA' OTTUBRU 2017

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-potenzjal ta' negozji żgħar tal-familja u tradizzjonali sabiex tingħata spinta lill-iżvilupp u t-tkabbir ekonomiku fir-reġjuni"

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2018/C 081/01)

Relatur: **Dimitris DIMITRIADIS**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	26.1.2017
Bażi legali	L-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura
	Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fis-sezzjoni	7.9.2017
Adottata fil-plenarja	18.10.2017
Sessjoni plenarja Nru	529
Riżultat tal-votazzjoni	199/0/1
(favur/kontra/astensjonijiet)	

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. F'għadd ta' opinjonijiet, il-KESE esprima b'mod konsistenti l-attitudni pożittiva tiegħu lejn il-politiki tal-UE li l-għan tagħhom huwa li jappoġġjaw intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) ([1]). Madankollu, l-SMEs huma kategorija estremament eteroġena, jiġifieri jenħtieġ sforz speċjali sabiex is-sottogruppi differenti u b'mod partikolari n-negozji żgħar tal-familja u tradizzjonali (SFTBs) jiġu mmirati kif xieraq.

([1]) Ara l-opinjonijiet tal-KESE *Miżuri ta' politika għall-SMEs* ĠU C 27, 3.2.2009, p. 7, *L-akkwist pubbliku internazzjonali* ĠU C 224, 30.8.2008, p. 32, *Att dwar in-Negozji ż-Żgħar* ĠU C 182, 4.8.2009, p. 30, Derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji taddata dwar it-tranżazzjonijiet ĠU C 54, 19.2.2011, p. 44 u *L-aċċess tal-SMEs […] għall-finanzjament […]* (EESC-2014-06006-00-00-RI-TRA).

1.2. Dan is-sottogrupp huwa importanti minħabba l-fatt li l-maġġoranza vasta tal-impjiegi fir-reġjuni tal-UE huma pprovduti minn dan it-tip ta' negozju. Filwaqt li jafferma mill-ġdid il-konklużjonijiet preċedenti tiegħu u jfakkar fir-rakkomandazzjonijiet li saru fl-opinjonijiet preċedenti tiegħu ([2]), l-għan tal-KESE huwa li jeżamina aktar bir-reqqa l-isfidi li l-SFTBs qegħdin jiffaċċjaw, filwaqt li jipprovdi analiżi dwarhom. Dan bl-għan li jkollu opportunità jinfluwenza t-tfassil tal-politika b'mod kostruttiv fil-livell tal-UE, dak nazzjonali u dak reġjonali.

1.3. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea (KE) tikkunsidra modi kif jiġu appoġġjati u promossi l-SFTBs, peress li dawn in-negozji huma element ewlieni fil-ħolqien ta' attivitajiet ġodda u l-ġenerazzjoni ta' dħul f'żoni b'riżorsi limitati. Huma qed iżidu l-valur fil-proċess ta' żvilupp reġjonali, b'mod partikolari f'reġjuni anqas żviluppati, peress li għandhom għeruq fondi fl-ekonomija lokali, fejn jinvestu u jżommu l-impjiegi.

1.4. Il-Kumitat jemmen li hemm potenzjal kbir ta' żvilupp f'ħafna reġjuni li għadhom lura u li dan il-potenzjal li mhuwiex sfruttat biżżejjed jista' jiġi realizzat permezz ta' SFTBs lokali. Din l-isfida għandha tikkonċerna mhux biss lill-Kummissjoni Ewropea iżda wkoll lil atturi oħra li għandhom ikunu involuti b'mod intensiv, inklużi l-gvernijiet lokali u intermedjarji lokali bħall-organizzazzjonijiet tan-negozju u l-istituzzjonijiet finanzjarji.

1.5. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tqis il-fatt li l-SFTBs intlaqtu ħażin mill-iżviluppi u x-xejriet industrijali u ekonomiċi riċenti. Dawn qegħdin jitilfu l-kompetittività u qegħdin jiffaċċjaw żieda fid-diffikultajiet biex iwettqu l-operazzjonijiet tagħhom.

1.6. Il-KESE jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-istrumenti tal-politika ta' appoġġ ma jiffukawx fuq l-SFTBs u x'aktarx dawn mhumiex se jibbenefikaw minnhom b'mod sinifikanti. B'mod ġenerali, l-appoġġ għall-SMEs huwa mmirat lejn iż-żieda fir-riċerka u l-innovazzjoni fl-SMEs u n-negozji ġodda. Mingħajr ma jixħet dubju fuq l-importanza ta' dawn il-politiki inkwistjoni, il-KESE jixtieq jenfasizza li frazzjoni żgħira ħafna tal-SMEs kollha se tibbenefika minnhom u li tipikament, l-SFTBs mhumiex fosthom. Il-KESE jilqa' l-intenzjoni tal-KE biex tirrevedi d-definizzjoni ta' SME, li nbdiet mid-DĠ GROW u ġiet proviżorjament skedata għall-bidu tal-2019 ([3]).

1.6.1. Id-definizzjoni attwali ta' SME diġà hija skaduta, u għal din ir-raġuni l-Kumitat jemmen li r-reviżjoni ppjanata tista' tkun utli biex tipprovdi fehim aktar adegwat tan-natura tal-SMEs u fit-tfassil ta' politiki aħjar għalihom. Il-KESE jistieden lill-KE tinkludi valutazzjoni ta' kif tiġi applikata d-definizzjoni attwali fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' politika tal-SMEs fil-livell tal-UE, dak nazzjonali u dak reġjonali fil-proċess ta' konsultazzjoni, b'enfasi partikolari fuq l-SFTBs.

1.6.2. Il-KESE jemmen li bħala minimu, ir-reviżjoni tad-definizzjoni għandha:

— tikkanċella l-"kriterju tal-għadd tal-persunal" ([4]) bħala l-kriterju ewlieni u tipprovdi lill-SMEs bil-flessibilità li jagħżlu liema żewġ kriterji minn tlieta għandhom jissodisfaw, permezz tal-aktar approċċ aġġornat stabbilit fid-Direttiva 2013/34/UE ([5]);

— twettaq analiżi bir-reqqa tal-livelli limiti stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Rakkomandazzjoni u taġġornahom kull meta dan ikun meħtieġ, anke billi tikkonverġihom ma' dawk stabbiliti fid-Direttiva 2013/34/UE;

— tivvaluta mill-ġdid u tirrevedi r-restrizzjonijiet fl-Artikolu 3 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni.

1.7. Il-KESE jemmen li huwa importanti li l-SFTBs jiġu rikonoxxuti bħala sottogrupp speċifiku peress li huma tipikament isofru l-aktar minn fallimenti tas-suq. Għalhekk il-Kumitat jirrakkomanda t-tfassil ta' politiki ta' appoġġ imfassla apposta għalihom. Sabiex jiġu indirizzati l-problemi l-aktar urġenti, tali politiki għandhom mill-inqas ikunu mmirati biex:

— jassistu biex jattiraw u jħarrġu l-forza tax-xogħol;

— iħarrġu u jħarrġu mill-ġdid lill-maniġers/lis-sidien;

— jipprovdu aċċess għal servizzi ta' għoti ta' parir u ta' konsulenza;

([2]) Ara l-Opinjonijiet tal-KESE *In-negozji tal-familja* ĠU C 13, 15.1.2016, p. 8; *Reviżjoni tal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar* ĠU C 376, 22.12.2011, p. 51, *Forom Differenti ta' Intrapriża* ĠU C 318, 23.12.2009, p. 22.

([3]) Valutazzjoni tal-Impatt tal-Bidu (2017)2868537 tat-8 ta' Ġunju 2017.

([4]) L-Artikolu 4 tal-Anness, Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE.

([5]) Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013.

— itejbu l-aċċess għall-finanzjament;

— jiżguraw aktar informazzjoni u taħriġ aħjar għall-persunal fl-assoċjazzjonijiet lokali tal-impjegaturi u fl-uffiċċji tal-banek lokali;

— jipprovdu servizzi b'punt ta' kuntatt waħdieni;

— jirrevedu piżijiet amministrattivi lokali u dawk tal-UE;

— jiżguraw aċċess għal aktar informazzjoni u informazzjoni aħjar dwar rekwiżiti regolatorji, ambjenti tan-negozji lokali u opportunitajiet tas-suq.

2. **Negozji żgħar tal-familja u tradizzjonali – kuntest u importanza**

2.1. Attwalment, għadd ta' żviluppi u xejriet industrijali ta' rilevanza attwali, fosthom id-diġitalizzazzjoni, l-Industrija 4.0, il-mudelli kummerċjali li jinbidlu b'rata mgħaġġla, il-globalizzazzjoni, l-ekonomija kollaborattiva u sorsi aktar innovattivi ta' vantaġġi kompetittivi, jinsabu fiċ-ċentru tat-tfassil tal-politika tal-UE. Fl-istess ħin, għandu jiġi rikonoxxut li l-persuni għandhom ikunu kapaċi jgħixu fi kwalunkwe post fl-UE, anke f'bosta reġjuni li x'aktarx l-Industrija 4.0 mhux se tilħaq b'mod faċli.

2.2. Mingħajr ma titnaqqas l-importanza ta' dawn ix-xejriet ġodda u filwaqt li jiġu appoġġati l-isforzi politiċi bil-għan li jippromovuhom, jinħtieġ li jitfakkar li, attwalment, il-maġġoranza vasta tal-impjiegi fir-reġjuni tal-UE huma pprovduti minn SMEs tradizzjonali ħafna ([6]) u min-negozji żgħar tal-familja ([7]), li l-maġġoranza tagħhom għandhom storja twila kif ukoll it-tradizzjonijiet proprji tagħhom, esperjenzi u bosta stejjer ta' suċċess mill-passat. Tipikament, dan il-grupp ta' negozji jinkludi s-sottogruppi li ġejjin:

— Intrapriżi żgħar, mikro u monointrapriżi;

— SMEs tradizzjonali ħafna, li joperaw f'oqsma ddeterminati storikament u tradizzjonalment;

— SMEs f'żoni remoti, bħalma huma bliet żgħar, irħula, reġjuni muntanjużi, gżejjer, eċċ.;

— Kumpaniji żgħar tal-familja;

— Kumpaniji artiġjanali;

— Persuni li jaħdmu għal rashom.

2.3. Kif iddikjarat qabel mill-KESE, l-SFTBs huma s-sinsla ta' bosta ekonomiji madwar id-dinja u qed jikbru b'rata impressjonanti. Dawn għandhom rwol importanti fl-iżvilupp reġjonali u lokali u għandhom rwol distintiv u kostruttiv fil-komunitajiet lokali. In-negozji tal-familja huma kapaċi jirreżistu aħjar il-perjodi diffiċli ta' reċessjoni u staġnar. Dawn l-intrapriżi għandhom karatteristiċi uniċi ta' tmexxija peress li s-sidien tagħhom tassew jimpurtahom mill-prospetti fit-tul tan-negozju, l-aktar minħabba l-fatt li l-patrimonju, ir-reputazzjoni u l-futur tal-familja tagħhom ikunu f'riskju. Tipikament, it-tmexxija tagħhom hija evidenti mill-impenn mhux tas-soltu għall-kontinwità tal-kumpanija u tinvolvi trawwim aktar tenaċi tal-komunità tal-impjegati tagħhom u t-tfittxija għal rabtiet eqreb mal-klijenti biex isostnu n-negozju. Preċedentement, il-KESE stieden lill-KE biex timplimenta strateġija attiva biex tippromovi l-aħjar prattiki fin-negozji tal-familja fost l-Istati Membri ([8]).

2.4. Fis-snin riċenti, bosta SFTBs iffaċċjaw żieda fid-diffikultajiet biex iwettqu l-operazzjonijiet tagħhom, minħabba li:

— mhumiex mgħammra tajjeb sabiex jantiċipaw u jadattaw għal ambjent tan-negozju li jinbidel b'rata mgħaġġla;

([6]) In-negozji tradizzjonali żgħar huma dawk li żammew l-istess mudell kummerċjali għal perjodu twil ta' żmien, u jservu komunitajiet relattivament żgħar – pereżempju ristoranti u kafetteriji żgħar, pompi tal-petrol indipendenti, furnara, lukandi tal-familja, kumpaniji żgħar fit-trasport u l-kummerċ, eċċ.

([7]) Ma hemm l-ebda definizzjoni ta' intrapriża tal-familja, iżda pjuttost hemm diversi definizzjonijiet ta' ħidma li evolvew matul is-snin. Dawn jenfasizzaw li l-intrapriżi tal-familja huma dawk fejn in-negozju huwa kkontrollat fil-parti l-kbira mill-familja permezz tal-involviment fis-sjieda u fil-pożizzjonijiet maniġerjali. (Sciascia u Mazzola, *Family Business Review,* Volum 21, Ħarġa 4, 2008). L-ammont totali tan-negozji mmexxija mill-familja huwa ta' aktar minn 85 % tad-ditti kollha fil-pajjiżi tal-OECD. Xi wħud minnhom huma kumpaniji kbar ħafna, iżda din l-opinjoni tiffoka fuq negozji żgħar tal-familja.

([8]) Ara l-Opinjoni tal-KESE *In-Negozji tal-Familja* ĠU C 13, 15.1.2016, p. 8.

— il-mudelli tradizzjonali tagħhom tat-twettiq tan-negozju ma għadhomx daqshekk kompetittivi daqskemm kienu minħabba bidliet fil-mudelli tan-negozju – jiġifieri d-diġitalizzazzjoni, modi aktar effettivi ta' kif wieħed imexxi negozju, l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda;

— dawn għandhom aċċess limitat għar-riżorsi – pereżempju kapital finanzjarju, ta' informazzjoni u uman, u potenzjal tal-espansjoni tas-suq, eċċ.;

— jiffaċċjaw limitazzjonijiet organizzattivi, bħal nuqqas ta' żmien, kwalità u sjieda u ġestjoni orjentati lejn il-futur, u inerzja lejn bidla fl-imġiba;

— ftit li xejn jistgħu jsawru l-ambjent estern u għandhom inqas setgħa ta' negozjar, iżda huma aktar dipendenti minnha ([9]).

2.5. Hemm biss ftit inqas minn 23 miljun SMEs fl-UE, b'sehem ogħla ta' SMEs bħala proporzjon tal-għadd totali ta' intrapriżi fil-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-UE ([10]). L-SMEs mhux biss jirrappreżentaw 99,8 % tal-għadd totali tal-intrapriżi fis-settur tan-negozju mhux finanzjarju tal-UE ([11]), iżda dawn jimpjegaw ukoll kważi 67 % tal-għadd totali tal-impjegati u jiġġeneraw kważi 58 % tal-valur miżjud totali fis-settur tan-negozju mhux finanzjarju ([12]). L-intrapriżi mikro, inklużi l-kumpaniji ta' persuna waħda, huma bil-bosta l-aktar irrappreżentati b'mod wiesa' f'termini ta' għadd ta' kumpaniji.

3. **Linji tal-politika u prijoritajiet fil-livell tal-UE**

3.1. Regola komuni tirrigwarda s-semplifikazzjoni tal-appoġġ għall-SMEs sabiex jiżdiedu r-riċerka u l-innovazzjoni fl-SMEs u fl-iżvilupp tal-SMEs ([13]). Filwaqt li l-kapaċità tal-SMEs għall-innovazzjoni u biex isiru globali huma rikonoxxuti bħala l-aktar żewġ xpruniimportanti għat-tkabbir, ġeneralment l-SMEs juru dgħufijiet fir-rigward tat-tnejn li huma ([14]). Nofs it-tipoloġiji identifikati tal-istrumenti matul l-aħħar perjodu ta' finanzjament isegwu għanijiet kważi b'mod esklużiv f'termini ta' innovazzjoni. Dawn huma strumenti li jappoġġjaw l-innovazzjoni teknoloġika u dik mhux teknoloġika, l-ekoinnovazzjoni, il-ħolqien ta' kumpaniji innovattivi, l-appoġġ għall-proġetti R&Ż, it-trasferiment tal-għarfien u tat-teknoloġija.

3.2. Matul il-perjodu 2007-2013 ([15]), l-appoġġ tal-FEŻR għall-SMEs ammonta għal madwar EUR 47,5 biljun (76,5 % għall-appoġġ tan-negozji u 16 % tal-allokazzjoni totali tal-FEŻR għall-perjodu). Barra minn hekk, ġew identifikati madwar 246 000 SME benefiċjarji minn 18,5 miljun intrapriża. Il-paragun bejn l-għadd tal-benefiċjarji u l-għadd totali ta' intrapriżi jindika b'mod ċar li dan l-ammont huwa kompletament insuffiċjenti u juri li l-UE naqset milli tappoġġja din il-kategorija ferm importanti ta' intrapriżi. Il-KE ma tindirizzax din il-kwistjoni importanti minħabba nuqqas ta' riżorsi u d-diversità kbira fil-karatteristiċi ta' dawn il-kumpaniji.

3.3. Matul l-istess perjodu, ġie applikat għadd relattivament kbir ta' strumenti ta' politika bi grad għoli ta' varjabilità, li jvarja minn benefiċjarju wieħed sa 8 000-9 000 benefiċjarju. Il-ħolqien ta' strumenti li jkunu applikabbli għal għadd ferm żgħir ta' benefiċjarji huwa b'mod ċar ineffiċjenti. Dan iqajjem dubju dwar jekk huwiex siewi li jitfassal għadd daqshekk kbir ta' strumenti. Barra minn hekk, għandhom jiġu analizzati l-effettività u l-effiċjenza tagħhom, billi jitqiesu r-riżorsi umani u finanzjarji involuti fid-disinn tagħhom meta mqabbel mal-effetti prodotti (jekk ikun hemm). Fl-istess ħin, studji tal-każijiet enfasizzaw proċess ta' awtoselezzjoni jew "immirar dgħajjef", li fihom sett speċifiku ta' benefiċjarji (ġeneralment ikkaratterizzat minn kapaċità akbar ta' assorbiment) kien immirat permezz tat-tfassil proprju ta' strument ta' politika partikolari.

([9]) Diversi studji (pereżempju Parlament Ewropew, 2011, CSES, 2012, KE 2008, OECD, 1998).

([10]) Ir-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE tal-Kummissjoni tiddefinixxi l-SMEs u dawn huma kklassifikati ulterjorament fi tliet kategoriji: ditti mikro, żgħar u ta' daqs medju, skont l-għadd tal-persuni impjegati u l-fatturat. Is-sorsi statistiċi ewlenin ma jipprovdux data dwar l-intrapriżi ddefiniti bħala SMEs, minħabba applikazzjoni stretta tad-definizzjoni tal-SME msemmija hawn fuq. Id-data disponibbli hija bbażata fuq il-kriterju tad-daqs tal-impjieg. Għaldaqstant, l-istatistika rrappurtata f'din l-opinjoni hija bbażata fuq din id-definizzjoni. Għandu jiġu nnutat li, filwaqt li l-inklużjoni tal-kriterji tal-fatturat u/jew tal-kriterji tal-assi totali ma għandhiex tibdel l-istatistika bil-bosta, l-applikazzjoni tar-regoli li jikkonċernaw l-awtonomija tal-intrapriżi jista' jkollha impatt sostanzjali fuq ir-riżultati; fi studju mwettaq fil-Ġermanja, l-applikazzjoni ta' din ir-regola naqqset l-għadd totali ta' "SMEs" b'9 % (CSES, 2012).

([11]) Is-settur tan-negozju mhux finanzjarju jikkonsisti mis-setturi kollha tal-ekonomiji tal-UE28 jew tal-Istati Membri, minbarra s-servizzi finanzjarji, is-servizzi tal-gvern, l-edukazzjoni, is-saħħa, l-arti u l-kultura, l-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd.

([12]) Rapport Annwali dwar l-SMEs Ewropej, 2014/2015, Kummissjoni Ewropea.

([13]) Final Report, Work Package 2, ex post evaluation of Cohesion Policy programmes 2007-2013, focusing on the European Regional Development Fund (ERDF) and the Cohesion Fund (CF), Contract: 2014CE16BAT002, http://ec.europa.eu/regional_policy/en/policy/evaluations/ec/2007-2013/.

([14]) Support to SMEs – Increasing Research and Innovation in SMEs and SME Development, Work Package 2, First Intermediate Report, Volume I: Synthesis Report, ex post evaluation of Cohesion Policy programmes, 2007-2013, focusing on the European Regional Development Fund (ERDF) and the Cohesion Fund (CF), Contract: 2014CE16BAT002, July 2015.

([15]) L-istess sors bħal dak għan-nota 13 f'qiegħ il-paġna.

3.4. Reviżjoni komprensiva ([16]) ta' total ta' 670 strument ta' politika fil-50 Programm Operazzjonali (PO) implimentati matul il-perjodu ta' programmazzjoni tiżvela li d-distribuzzjoni bejn politiki differenti hija pjuttost inekwa. Din turi li inqas minn 30 % tal-istrumenti ta' politika kollha kienu mmirati lejn il-ħtiġijiet tan-negozji tradizzjonali. Il-KESE diġà esprima l-appoġġ tiegħu għal kumpaniji innovattivi u b'rata għolja ta' tkabbir ([17]). Iżda fl-istess waqt jiddispjaċih li l-istrumenti ta' politika huma mmirati b'mod predominanti u sproporzjonat lejn l-għanijiet tal-innovazzjoni tal-SMEs, peress li l-maġġoranza kbira tal-SMEs tal-UE ma għandhom – u mhux se jkollhom fil-futur qarib – l-ebda potenzjal innovattiv u n-negozju prinċipali tagħhom ma jeħtiġx li jkollu potenzjal innovattiv. Huwa minnu li l-prodotti innovattivi jistgħu jiġu żviluppati bi spejjeż estremament baxxi u jista' jkollhom potenzjal għoli ta' tkabbir, iżda dan it-tip ta' tkabbir huwa b'mod ċar l-eċċezzjoni u mhux in-norma għal negozji tradizzjonali u tal-familja, li jaħdmu b'filosofija totalment differenti. Xi innovazzjoni hija possibbli u rakkomandata, u l-ġenerazzjonijiet il-ġodda qed jibdew jinnovaw għaliex għadhom moħħhom miftuħ. Iżda fil-biċċa l-kbira tal-każijiet l-innovazzjoni hija biss frammentata u mhix parti min-negozju ewlieni ta' dawn il-kumpaniji ([18]).

3.5. L-SFTBs mhumiex fl-attenzjoni ċentrali tal-istrumenti ta' politika ta' appoġġ, kif jidher mill-fatt li minoranza ta' strumenti ta' politika (7 % biss tal-kontribut pubbliku totali) huma mmirati lejn SMEs li joperaw f'setturi partikolari, li l-aktar komuni minnhom huwa t-turiżmu. Dan jidher ukoll mill-fatt li madwar 54 % tal-SMEs benefiċjarji huma mis-setturi tal-manifattura u tal-ICT (10 %), b'16 % biss mis-setturi tal-bejgħ bl-ingrossa u tal-kummerċ bl-imnut u 6 % fl-attivitajiet ta' akkomodazzjoni u servizzi tal-ikel, li huma kkunsidrati bħala setturi tradizzjonali. Dan huwa aggravat mill-fatt li matul l-aħħar perjodu ta' programmazzjoni, l-appoġġ għall-SMEs tfassal fid-dawl tal-kriżi ekonomika serja, filwaqt li tqieset il-ħtieġa li r-riżorsi jiġu trasferiti 'l bogħod mill-innovazzjoni lejn tkabbir aktar ġeneriku.

3.6. Fl-istess ħin, id-data turi li għall-ħames snin wara l-bidu tal-kriżi fl-2008, l-għadd ta' SMEs żdied, filwaqt li l-valur miżjud u l-għadd ta' impjegati naqsu ([19]). Tali statistika tissuġġerixxi li matul dan il-perjodu l-"intraprenditorija ta' neċessità" ħadet preċedenza fuq "intraprenditorja ta' opporunità". Ovvjament, il-persuni bdew jippruvaw jissuperaw il-kriżi u l-kumpaniji bdew jippruvaw jissopravvivu, iżda l-appoġġ ma kienx biżżejjed jew adegwat ([20]).

3.7. Bosta studji riċenti pprovdew evidenza ċara li hemm differenzi sinifikanti bejn il-ħtiġijiet tal-SMEs fit-Tramuntana u n-Nofsinhar tal-Ewropa, b'differenzi sinifikanti fil-livell nazzjonali. Din il-fehma hija appoġġjata għalkollox fir-Rapport Annwali dwar l-SMEs Ewropej 2014/2015 tal-Kummissjoni Ewropea, li skontu l-grupp ta' pajjiżi bl-aktar punti baxxi huma prinċipalment min-Nofsinhar tal-Ewropa. Dawn il-pajjiżi jirrapportaw rati ta' suċċess estremament baxxi għall-proġetti, inkluż fil-komponent tal-SMEs tal-Orizzont 2020.

3.8. Sfida serja addizzjonali għall-għoti ta' appoġġ effettiv għall-SFTBs hija l-fatt li l-politiki ta' promozzjoni huma fformulati l-aktar abbażi tad-daqs tal-kumpaniji li għandhom jiġu appoġġjati u mhux fuq karatteristiċi aktar rilevanti li għandhom impatt akbar fuq l-attivitajiet tagħhom. Dan l-approċċ jista' jkun skadut u mmirat b'mod wisq ġenerali u dan jonqos milli jikkunsidra l-ħtiġijiet differenti ta' gruppi differenti bħall-SFTBs. Għalhekk, fl-opinjonijiet tiegħu, il-KESE kontinwament enfasizza l-bżonn ta' politiki ta' promozzjoni tal-SMEs fl-Ewropa li jkunu mmirati aħjar u definiti b'mod aktar preċiż, kif ukoll il-bżonn li d-definizzjoni tal-SMEs tiġi aġġornata sabiex tirrifletti aħjar il-varjetà ta' SMEs ([21]).

3.9. Il-KESE huwa mħasseb dwar il-fatt li s'issa parti żgħira biss mill-appoġġ tal-FEŻR iġġenerat effetti ddokumentati ([22]) u b'hekk intwera li dan għandu effett reali fuq l-ekonomija. Dan jixħet dubju fuq l-impatt reali tal-fondi investiti sabiex jiġu appoġġjati l-SMEs u l-KESE jinsisti li għandha titwettaq valutazzjoni tal-impatt reali, inkluża analiżi tal-appoġġ mogħti lill-SFTBs.

([16]) L-istess sors bħal dak għan-nota 14 f'qiegħ il-paġna.

([17]) Ara l-Opinjoni fuq inizjattiva proprja tal-KESE dwar *Il-promozzjoni ta' intrapriżi innovattivi bi tkabbir sostanzjali*, ĠU C 75, 10.3.2017, p. 6.

([18]) Eżempju tajjeb huwa t-turiżmu rurali li llum il-ġurnata jiddependi bil-bosta fuq il-pjattaformi diġitali għall-kummerċjalizzazzjoni.

([19]) European Commission, SME Performance Review Dataset (2014 edition).

([20]) "Intraprenditur ta' neċessità" huwa persuna li kellu jsir intraprenditur minħabba li ma kellux għażla aħjar. "Intraprenditur ta' opporunità" huwa persuna li għażel b'mod attiv biex jibda intrapriża ġdida abbażi tal-perċezzjoni li teżisti opportunità ta' negozju mhux sfruttata jew sfruttata inqas milli suppost. Hemm evidenza li tissuġġerixxi li l-effett fuq it-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp ivarja b'mod sinifikanti bejn l-intraprenditorija ta' neċessità u dik ta' opportunità. Ġeneralment, l-intraprenditorja ta' neċessità ma għandha l-ebda effett fuq l-iżvilupp ekonomiku, filwaqt li l-intraprenditorija ta' opportunità għandha effett pożittiv u sinifikanti.

([21]) ĠU C 383, 17.11.2015, p. 64.

([22]) Skont l-informazzjoni disponibbli mis-sistema tal-monitoraġġ u s-sorsi addizzjonali (pereżempju evalwazzjoni ad hoc), 12 % biss tal-istrumenti ta' politika kollha jipprovdu evidenza qawwija tal-kisbiet pożittivi tagħhom. L-istrumenti ta' politika li jistgħu jiġu vvalutati bħala ineffettivi jirrappreżentaw sa 5 % tat-total.

3.10. Il-FEŻR mhuwiex l-unika sors ta' appoġġ għall-SFTBs. Sorsi oħra bħall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) ([23]), il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) ([24]) jew il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) ([25]), li jistgħu jintużaw b'mod separat jew permezz ta' Strumenti Territorjali (Żvilupp Lokali Mmmexxi mill-Komunità (CCLD) u Investimenti Territorjali Integrati), jipprovdu wkoll appoġġ għall-SMEs. Iżda dawn mhumiex immirati lejn l-SFTBs, u parti żgħira ħafna ta' finanzjament tingħata lil dawn l-intrapriżi. Skont ir-rappreżentanti tal-SFTBs, il-bżonnijiet tagħhom mhumiex mifhuma sew jew sodisfatti b'mod xieraq.

3.10.1. Dan jista' jiġi spjegat mill-fatt li meta jitfasslu l-istrumenti ta' appoġġ ta' politika, dawk li jfasslu l-politika u l-amministrazzjonijiet fil-livell tal-UE, nazzjonali u lokali huma stretti wisq f'ċerti modi u naqsu milli jikkunsidraw l-opinjonijiet tal-imsieħba kummerċjali u soċjali, bil-għan li jifhmu l-ħtiġijiet reali ta' kumpaniji żgħar u ta' dawk żgħar ħafna.

3.10.2. Ovvjament, it-tort ma għandux jingħata biss lill-amministrazzjoni, iżda wkoll lill-organizzazzjonijiet intermedjarji talli naqsu milli jikkomunikaw b'mod effettiv il-ħtiġijiet reali tal-SMEs. Eżempju tajjeb ta' dan huwa li l-SMEs jidhru li juru preferenza ċara għall-għoti lill-intrapriżi, b'kuntrast mal-enfasi li dejjem tikber fid-dibattitu tal-politika fuq il-finanzjament mill-bejgħ ta' ishma, l-appoġġ li jista' jitħallas lura u l-appoġġ indirett

3.10.3. Is-sħubiji bejn l-intrapriżi u ċ-ċentri tar-riċerka u r-rikors għal atturi intermedjarji biex jipprovdu għajnuna lill-SMEs jidhru wkoll li huma inqas żviluppati minn dak li kien antiċipat, minkejja l-fatt li dawn is-suġġetti jattiraw attenzjoni kbira. Huwa argumentat li din id-diskrepanza tista' tiġi spjegata parzjalment mill-kriżi, iżda matul reċessjoni ekonomika, dawk li jfasslu l-politika setgħu għażlu strumenti ta' politika aktar "tradizzjonali" biex isostnu l-ekonomiji lokali fi żmien kritiku.

3.10.4. Il-possibilità li jintużaw strumenti finanzjarji varji speċifiċi, hija prattikament impossibbli għall-SFTBs minħabba d-diffikultajiet fl-implimentazzjoni tagħhom u n-nuqqas ta' esperjenza u għarfien.

4. **L-eteroġeneità tal-SMEs teħtieġ li tiġi indirizzata**

4.1. Tipikament, l-intrapriżi żgħar għandhom esportazzjonijiet aktar baxxi bħala perċentwal tal-fatturat, meta mqabbla ma' intrapriżi ta' daqs medju u dawk kbar, u dan il-fatt jissuġġerixxi relazzjoni bejn id-daqs tad-ditta u l-kapaċitajiet tal-esportazzjonijiet.

4.2. L-aċċess għall-finanzjament huwa problema serja għall-SMEs u l-istart-ups. F'rapport ta' informazzjoni, il-KESE ġibed l-attenzjoni għall-fatt li provvista inadegwata ilha tillimita l-attivitajiet tal-SMEs sa mill-2008 ([26]). Filwaqt li reċentement is-sitwazzjoni tjiebet, aktar ma kienet żgħira d-ditta aktar kien kajman il-progress, u dan il-fatt jissuġġerixxi għal darb'oħra l-influwenza tad-daqs biex jiddetermina l-bżonnijiet u l-prestazzjoni tad-ditti. Barra minn hekk, l-SMEs jibbażaw prinċipalment fuq is-self mill-banek għall-finanzjament tagħhom, iżda s-sistema bankarja mhijiex imfassla b'mod adegwat għall-SMEs, partikolarment l-SFTBs.

4.3. Reċentement, l-appoġġ finanzjarju ffoka prinċipalment fuq negozji ġodda – li jirrappreżentaw porzjon żgħir ħafna tal-SMEs fl-UE – iżda għadhom ma ġewx indirizzati b'mod adegwat la l-bżonn urġenti biex in-negozji li qegħdin jespandu jiġu ffinanzjati mill-kapital u lanqas il-bżonn li l-maġġoranza vasta tal-intrapriżi tradizzjonali sempliċiment jiffinanzjaw l-operazzjonijiet regolari tagħhom, li sofrew mill-kriżi reċenti. Hemm rapporti ta' fallimenti bankarji, li jqiegħdu lil xi intrapriżi żgħar f'pożizzjoni li ma jibqgħux fin-negozju minħabba problemi sempliċi ta' fluss ta' flus.

4.4. Diffikultà serja oħra li l-SMEs jesperjenzaw – b'kuntrast ma' kumpaniji kbar – hija marbuta mal-aċċess għall-informazzjoni u s-swieq ġodda. Dawn isibuha aktar diffiċli wkoll biex jimpjegaw u jżommu forza tax-xogħol speċjalizzata ħafna u biex jikkonformaw maż-żieda fir-rekwiżiti regolatorji u burokratiċi. Din is-sitwazzjoni ta' żvantaġġ hija aggravata saħansitra aktar għall-SMEs f'reġjuni tal-UE inqas żviluppati, li jiffaċċjaw nuqqas ta' opportunitajiet biex jikkooperaw ma' ditti akbar bħala parti mill-katina ta' valur tagħhom, inqas opportunitajiet biex ikunu parti minn raggruppamenti kompetittivi, tnaqqis fil-provvediment ta' beni pubbliċi, aċċess għal inqas faċilitajiet u istituzzjonijiet ta' appoġġ u ħafna drabi tnaqqis fil-popolazzjoni tal-klijenti. Dawn il-fatturi kollha jistgħu jirriżultaw ukoll fi spejjeż akbar biex idaħħlu l-oġġetti tagħhom fis-suq.

([23]) https://ec.europa.eu/fisheries/cfp/emff_en
([24]) https://ec.europa.eu/agriculture/cap-funding_en
([25]) http://ec.europa.eu/esf/home.jsp
([26]) Rapport ta' informazzjoni tal-KESE dwar *"L-aċċess tal-SMEs u l-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja (midcaps) għall-finanzjament matul il-perjodu 2014-2020: opportunitajiet u sfidi"*

4.5. Għalhekk, għall-SMEs tradizzjonali u dawk li jinsabu f'żoni tal-UE inqas żviluppati, mhumiex l-istrumenti ta' politika li jiffukaw fuq il-promozzjoni tal-innovazzjoni, l-aċċess għal swieq ġodda, l-internalizzazzjoni, l-aċċess għal swieq kapitali, eċċ li huma ta' importanza fundamentali, iżda pjuttost dawk li jgħinu lill-SMEs itejbu u joperaw aħjar l-operazzjonijiet ċentrali tagħhom, bħal dawk li jiffaċilitaw aċċess aħjar għall-finanzjament komuni mill-banek, l-informazzjoni, il-forza tax-xogħol speċjalizzata u l-opportunitajiet ta' negozju immedjati (titjib fil-kummerċ ta' kuljum). Barra minn hekk, għal dawn in-negozji, li jibdew jibdlu l-imġiba ma jagħmilx sens fuq perjodu ta' żmien qasir, minħabba li l-ewwel jinħtieġ li jinbidel il-kuntest globali li fih dawn joperaw.

4.6. Filwaqt li f'ċerti pajjiżi, l-inkubaturi tan-negozji jaħdmu mingħajr xkiel, f'oħrajn, l-effetti pożittivi tagħhom huma pjuttost limitati. Il-fattur ewlieni ta' suċċess huwa kultura ta' kondiviżjoni ta' riżorsi organizzattivi u netwerks ta' appoġġ, li fil-prinċipju mhumiex żviluppati sew fir-reġjuni tal-UE inqas żviluppati.

4.7. Iż-żieda fl-importanza tal-produzzjoni ta' kontenut ta' għarfien bħala vantaġġ kompetittiv tkompli ttejjeb l-eteroġeneità tal-SMEs, filwaqt li jkun hemm diskriminazzjoni bejn SMEs bi tkabbir għoli u SMEs oħra li għandhom l-iżvilupp tagħhom imfixkel minn ostakli tradizzjonalment marbuta mad-daqs żgħir tagħhom, mal-post u mal-bażi tal-klijenti tagħhom.

4.8. Il-KESE jistieden lill-KE tapprova l-approċċ "Aħseb l-ewwel fiż-Żgħir" u tagħti attenzjoni speċjali lill-SFTBs meta jitfasslu l-istrumenti ta' politika.

4.9. Kien hemm ħafna reġjuni li kienu għadhom lura fl-Ewropa 30 jew 40 sena ilu, reġjuni li kienu ġeografikament jew funzjonalment imbegħdin mill-muturi tat-tkabbir ekonomiku. Xi wħud minn dawn issa huma għonja minħabba gvernijiet lokali mhux korrotti, miftuħa u responsabbli, minħabba l-ħidma effiċjenti tal-organizzazzjonijiet tan-negozju u t-twaqqif ta' netwerks tan-negozju lokali li jaħdmu tajjeb.

5. Sfidi u modi sabiex jiġu indirizzati, bl-għan li jiġi promoss aħjar l-iżvilupp ta' negozji żgħar tal-familja u tradizzjonali

5.1. *L-aċċess għall-finanzjament huwa problema magħrufa*. Meta mqabbla ma' ditti akbar, l-SFTBs juru varjabbiltà akbar fil-profittabbiltà, is-sopravvivenza u t-tkabbir – li tirrappreżenta l-problema partikolari li jiffaċċjaw fir-rigward tal-finanzjament. Ġeneralment, l-SMEs għandhom it-tendenza li jiġu kkonfrontati b'rati tal-imgħax ogħla, kif ukoll razzjonar tal-kreditu minħabba nuqqas ta' kollateral. Id-diffikultajiet fil-finanzjament ivarjaw b'mod konsiderevoli bejn dawk il-kumpaniji li jikbru b'mod kajman u dawk li jikbru b'rata mgħaġġla.

5.2. L-espansjoni fil-fondi ta' riskju, is-swieq azzjonarji privati – inklużi swieq informali u investituri informali – il-finanzjament kollettiv u b'mod ġenerali l-iżvilupp tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali tejbu l-aċċess għall-kapital ta' riskju għal kategoriji partikolari ta' SMEs, iżda x'aktarx l-SFTBs mhux se jkunu jistgħu jibbenefikaw ħafna minn dawn l-iżviluppi u ser jibqgħu jiddependu ħafna fuq self tradizzjonali mill-bank. Anke għall-kumpaniji innovattivi, in-negozji ġodda u l-kumpaniji ta' daqs medju, dawn l-istrumenti mhux dejjem jistgħu jużawhom faċilment u għad hemm differenzi konsiderevoli bejn il-pajjiżi minħabba l-livell ta' żvilupp tas-swieq kapitali lokali u n-nuqqas ta' leġislazzjoni xierqa.

5.3. Il-politika tal-UE li tiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament billi tipprovdi l-garanziji hija pass milqugħ tajjeb. Madankollu, l-iskema magħżula tidher li toħloq distorsjonijiet fuq is-suq tal-garanziji u, fl-aħħar mill-aħħar, konsegwenzi mhux intenzjonati fuq l-attività tal-istituzzjonijiet li jagħtu garanziji. Hija disponibbli evidenza empirika (Spanja hija studju tal-każ) li tindika li l-banek kummerċjali jissuġġerixxu b'mod espliċitu li l-mutwatarji eżistenti tagħhom jitolbu garanzija – tinħareġ direttament lilhom mill-UE fil-forma ta' garanzija diretta – sabiex b'hekk il-bank ikun jista' jkopri r-riskji attwali permezz tal-garanzija mingħajr il-ħtieġa li jżidu l-klassi tar-riskju tagħhom. "SMEs żvantaġġjati" (jiġifieri dawk li qegħdin jikkumbattu biex jiksbu l-kreditu) qegħdin jithallew barra. Użu akbar ta' flus pubbliċi, li jitwasslu permezz ta' kontrogaranziji, se jżid l-effiċjenza fl-użu tal-flus pubbliċi u se jiġġenera effett ta' lieva akbar fuq is-suq u fuq l-ekonomija usa'.

5.4. Il-piżijiet regolatorji Ewropej u lokali jibqgħu ostaklu ewlieni għall-SFTBs, li għandhom tendenza li ma jkunux mgħammra tajjeb biex jindirizzaw il-problemi li jirriżultaw mir-regolamentazzjoni eċċessiva. Dan jeħtieġ li l-aċċess għall-informazzjoni dwar ir-regolamenti jsir faċilment disponibbli għalihom u jkun hemm provvediment aħjar ta' informazzjoni dwar standards tekniċi u ambjentali. Dawk li jfasslu l-politika għandhom jiżguraw li l-proċeduri ta' konformità ma jkunux jiswew ħafna, kumplessi jew twal mingħajr bżonn. Barra minn hekk, għandu jkun hemm skrutinju sistematiku u bir-reqqa tar-regolamenti l-ġodda u tal-implimentazzjoni tagħhom mill-assoċjazzjonijiet lokali tan-negozju rilevanti.

5.5. Huwa meħtieġ aċċess għal informazzjoni aħjar, u mhux biss fir-rigward ta' rekwiżiti regolatorji. L-informazzjoni dwar l-ambjent kummerċjali lokali u dwar l-opportunitajiet tas-suq fil-livell reġjonali hija ta' importanza fundamentali għan-negozji tradizzjonali u tal-familja. It-teknoloġiji moderni għandhom potenzjal kbir li jnaqqsu d-diskrepanza tal-informazzjoni jekk dawn jitfasslu b'mod faċli għall-utent. It-twaqqif ta' one-stop shop ikun ta' għajnuna kbira, fejn l-informazzjoni kollha meħtieġa li taffettwa l-istrateġiji u d-deċiżjonijiet tad-ditta ssir disponibbli f'post wieħed, kif diġà jeżisti f'ċerti pajjiżi. Miżuri li jħeġġu n-networks tal-informazzjoni jridu jfittxu li jadattaw il-bażijiet tad-data u jevitaw informazzjoni eċċessiva.

5.6. Miżuri reċenti li jiffaċilitaw l-aċċess għas-swieq kienu ffukati primarjament fuq is-swieq internazzjonali. Il-politika f'dan il-qasam tfittex li tindirizza l-iżvantaġġi esperjenzati mill-SMEs minħabba li ma għandhomx aċċess għal riżorsi umani, għal swieq esterni u għat-teknoloġija. Iżda, kif diskuss hawn fuq, għall-intrapriżi żgħar tradizzjonali u l-intrapriżi tal-familja ħafna drabi dan ftit li xejn ikun rilevanti. Għalhekk, l-isforzi għandhom ikunu mmirati lejn koordinazzjoni aħjar bejn l-organizzaturi tal-missjonijiet kummerċjali fil-livell reġjonali u lejn l-għoti ta' għajnuna aħjar biex jinstabu msieħba tan-negozju affidabbli. Possibilità oħra fl-istess qasam hija li jissaħħu l-isforzi sabiex jiżdied is-"sehem" li d-ditti żgħar jiksbu mill-kuntratti tal-gvern fl-akkwist pubbliku.

5.7. Problema speċifika ħafna li negozji żgħar tradizzjonali u tal-familja ffaċċjaw reċentement hija l-aċċess għal ħaddiema kkwalifikati. Il-qagħda demografika f'żoni remoti u f'bosta reġjuni li għadhom lura fl-iżvilupp tagħhom qed tiddeterjora u bħala riżultat, f'bosta postijiet, hemm nuqqas sinifikanti ta' ħaddiema kkwalifikati. Għalhekk, dawk l-intrapriżi jeħtieġu għajnuna biex jidentifikaw u jattiraw riżorsi umani u kif ukoll biex iħarrġuhom. Il-programmi ta' taħriġ għandhom isiru fil-perjodi tas-sena meta jonqos ix-xogħol u għandhom jitfasslu apposta. Għandu jkun hemm sistema li toffri dawn il-programmi b'mod regolari, peress li l-kumpaniji żgħar jistgħu jiffaċċjaw proporzjonijiet għolja ta' ħaddiema li jitilqu.

5.8. Fin-negozji tal-familja, huwa komuni li t-tfal mill-istess familja jew le jaħdmu għall-kumpanija. Dan huwa tradizzjonali u huwa tajjeb għan-negozju peress li jiffaċilita t-tranżizzjoni bla xkiel tal-kumpanija minn ġenerazzjoni għall-oħra u jgħin biex ix-xogħol futur ikun familjari. F'każijiet bħal dawn, is-sidien/il-maniġers għandhom dejjem iqisu li l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema għandhom ikunu skont il-Konvenzjoni tal-ILO Nru. 182 u l-Konvenzjoni tal-ILO Nru. 138 dwar ix-Xogħol tat-Tfal.

5.9. Jinħtieġ taħriġ, iżda mhux biss għall-impjegati tal-SFTBs. F'żoni rurali u remoti, l-impjegati tal-bank u l-assoċjazzjonijiet tal-impjegaturi, ta' spiss ma jkollhom l-ebda għarfien dwar il-programmi u l-possibilitajiet differenti mogħtija mill-KE u dwar id-dokumenti u l-proċeduri involuti. Dan in-netwerk ta' intermedjarji huwa estremament importanti f'termini tal-effiċjenza tal-appoġġ tal-SFTBs. Il-programmi ta' informazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn dawk l-intermedjarji għandhom jiġu promossi. Għandu jiġi organizzat ukoll punt uniku ta' kuntatt għal kull tip ta' finanzjament u programm.

5.10. Miżura ta' politika importanti għandha tkun li ttejjeb il-"kwalità" tas-sidien/il-maniġers tal-SFTBs peress li f'dawn il-kumpaniji kollox huwa direttament relatat ma' dan il-fattur. Dan jista' jsir jew permezz tal-inkoraġġiment tat-taħriġ u/jew billi jiġi pprovdut aċċess faċli għas-servizzi ta' pariri u konsulenza. Għandu jiġi promoss it-tagħlim tul il-ħajja – l-għodod edukattivi online li huma marbuta ma' oqsma bħal ippjanar tan-negozju, standards tal-produzzjoni, leġislazzjoni dwar il-konsumatur jew regolamenti oħra jistgħu jkunu pass fid-direzzjoni t-tajba.

5.11. Miżura oħra hi li l-SFTBs jitħeġġu jinvestu l-qligħ tagħhom mill-ġdid. Jekk ikollhom inċentivi biex jagħmlu dan, dawn l-intrapriżi jsiru aktar stabbli, inqas dipendenti fuq self mill-banek u inqas vulnerabbli għall-kriżijiet.

5.12. Ikun utli ħafna li jinġabru fil-qosor l-aħjar prattiki minn pajjiżi differenti b'setturi intensivi mil-lat tal-SFTBs, bħalma huma t-turiżmu, l-agrikoltura, is-sajd, eċċ. u jiġu ppreżentati lill-Istati Membri.

Brussell, it-18 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-finanzjament tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mill-UE"

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2018/C 081/02)

Relatur: **Jean Marc ROIRANT**

Bażi legali	L-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura
Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	30.3.2017
Kummissjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adottata fis-sezzjoni speċjalizzata	27.9.2017
Adottata fil-plenarja	19.10.2017
Sessjoni plenarja Nru	529
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	188/15/10

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) jaqdu rwol ewlieni fil-promozzjoni ta' ċittadinanza attiva fl-Ewropa. Id-demokrazija parteċipatorja tirrikjedi korpi intermedjarji sabiex iċ-ċittadini jiġu involuti u titheġġeġ l-vuċi tagħhom f'kull spazju ċiviku. L-eżistenza ta' soċjetà ċivili b'saħħitha, indipendenti u diversifikata tiddependi fuq finanzjamenti pubbliċi adatti.

1.2. Lil hinn mid-diffikultà kbira ta' aċċess għal fondi pubbliċi, ir-restrizzjoni tal-ispazju ċiviku, li qed isseħħ f'xi pajjiżi tal-UE, hija l-aktar element perikoluż għall-funzjonament tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u għad-demokrazija Ewropea.

1.3. Il-KESE jqis li għandu jiġi stabbilit qafas politiku u legali fil-livell Ewropew u nazzjonali sabiex irawwem l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili Ewropea, li tinkorpora l-attività tagħha fil-qafas tal-valuri li jirriflettu d-drittijiet fundamentali.

1.4. Bħalma għamlu ċerti Stati Membri fil-livell nazzjonali permezz ta' "Karti ta' impenn reċiproku" jew "ftehimiet", l-istituzzjonijiet Ewropej jistgħu jidħlu fi proċess ta' djalogu ċivili Ewropew ġenwin. Jeħtieġ li jerġgħu jinbdew id-diskussjonijiet dwar statut tal-assoċjazzjoni Ewropea u dwar statut Ewropew tal-fondazzjonijiet, kif ukoll tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-Artikolu 11 tat-TUE dwar id-djalogu strutturat mas-soċjetà ċivili.

1.5. L-UE għandha tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex iżommu jew jiżviluppaw inċentivi fiskali għad-donazzjonijiet privati, u jikkanalizzaw parti mid-dħul fiskali tagħhom lejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ). L-UE għandha wkoll tneħħi l-ostakli għal donazzjonijiet transkonfinali, billi tikkoordina r-regoli u l-proċeduri fiskali, u tinvesti fil-filantropija madwar l-UE.

1.6. L-istituzzjonijiet Ewropej għandhom jiżguraw li jippromovu immaġni pożittiva tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u jaraw li jżommu l-indipendenza tagħhom speċjalment bit-tisħiħ tal-kapaċità ta' azzjoni u ta' impenn tagħhom fl-innovazzjoni soċjali u l-parteċipazzjoni ċivika.

1.7. Il-KESE jappella għal strateġija li tiffaċilita l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili b'saħħitha u indipendenti fl-Ewropa, u għall-istabbiliment ta' Koordinatur tal-UE dwar il-libertajiet tal-ispazju ċiviku li l-NGOs ikunu jistgħu jirrapportaw lilu dwar inċidenti relatati ma' restrizzjoni b'rabta ma' fastidju jew restrizzjoni ta' xogħolhom.

1.8. Rigward il-qafas finanzjarju pluriennali futur, il-KESE jappellla lill-awtoritajiet baġitarji sabiex iżidu l-appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili l-aktar permezz ta' għotjiet operattivi u finanzjamenti pluriennali.

1.9. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi fond Ewropew għad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-valuri fi ħdan l-UE ([1]), li jkun mgħammar b'baġit ambizzjuż, miftuħ direttament għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili madwar l-Ewropa u amministrat b'mod indipendenti, bl-istess mod bħall-Fond Ewropew għad-Demokrazija (EED) ([2]), bil-parteċipazzjoni ta' r-rappreżentanti tal-KESE.

1.10. Sabiex tiġi promossa d-demokrazija parteċipatorja, il-KESE jemmen li l-programm Ewropa għaċ-Ċittadini għandu jkollu baġit ta' EUR 500 miljun taħt il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss (QFP), kif propost mill-Parlament Ewropew ([3]). Bl-istess mod, għandhom jiġu miżjuda l-azzjonijiet tal-Erasmus + immirati lejn is-soċjetà ċivili.

1.11. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex tissorvelja l-implimentazzjoni tal-kodiċi ta' kondotta dwar sħubija mas-soċjetà ċivili fi ħdan il-Fondi Strutturali. Il-Kummissjoni għandha titlob ukoll lill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali jużaw dispożizzjonijiet ta' assistenza teknika, imfassla biex isaħħu l-bini ta' kapaċità, għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

1.12. Il-KESE huwa favur li ssir diskussjoni aktar profonda dwar kif jiġi żgurat aktar l-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fi programmi ta' riċerka billi jitrawmu rabtiet bejn ir-riċerkaturi u s-soċjetà ċivili, u billi jiġi propost qasam ġdid dwar l-involviment taċ-ċittadini u d-demokrazija taħt il-pilastru tal-isfidi tas-soċjetà fil-programm qafas futur għar-riċerka.

1.13. L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-prijoritajiet tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri għandhom ikunu integrati fil-QFP futur.

1.14. L-UE għandha żżomm u tkompli ssaħħaħ il-pożizzjoni mexxejja tagħha bħala donatur tal-għajnuna umanitarja u l-kooperazzjoni internazzjonali u tippromovi b'mod proattiv soċjetà ċivili żviluppata sew.

1.15. Il-KESE jilqa' wkoll bi pjaċir il-proposta tal-Kummissjoni fil-proposta tagħha dwar reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju biex il-ħin volontarju jiġi kkunsidrat bħala spiża eliġibbli (reazzjoni diretta għall-Opinjoni tal-KESE dwar "Għodod statistiċi biex jitkejjel il-volontarjat" ([4])), kif ukoll biex tiġi ffaċilitata l-inklużjoni tal-kontribuzzjonijiet in natura bħala kofinanzjamenti. Huwa jilqa'bi pjaċir ukoll ir-rapport tal-Parlament u jappella għas-semplifikazzjoni fis-superviżjoni tal- fondi, bħall-kontrodipendenza fir-rigward tal-valutazzjoni u l-awditjar, it-tħaffif fir-ritmu tat-tweġibiet lill-applikanti u l-iffirmar ta' kuntratti u pagamenti. Il-KESE jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jaslu għal ftehim dwar it-test propost li jippermetti li l-ħinijiet li jagħmlu l-voluntiera jiġu vvalutati b'mod ġust.

1.16. It-tisħiħ tas-soċjetà ċivili jfisser ukoll titjib fl-aċċess għall-finanzjamenti għall-iżgħar organizzazzjonijiet, kif ukoll għall-pubbliku l-aktar żvantaġġjat. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha tipprovdi għal varjetà ta' arranġamenti ta' finanzjament u tissemplifika aktar il-formalitajiet amministrattivi, tipprovdi taħriġ u linji gwida dwar l-implimentazzjoni ta' kuntratti u obbligi finanzjarji, filwaqt li tiżgura interpretazzjoni konsistenti mid-dipartimenti tagħha fir-regolametazzjoni dwar ir-regoli finanzjarji.

1.17. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tirreaġixxi minnufih b'miżuri rilevanti, inklużi proċeduri ta' ksur kontra Stati Membri, meta d-dispożizzjonijiet nazzjonali amministrattivi jew legali jirrestrinġu l-aċċess ta' organizzazzjonijiet nazzjonali tas-soċjetà ċivili għal fondi tal-UE, inkluż meta jiġu imposti kundizzjonijiet ta' finanzjament li jillimitaw l-attivitajiet tagħhom ta' promozzjoni.

2. **Introduzzjoni**

2.1. F'għadd ta' opinjonijiet tiegħu l-KESE analizza l-kwistjonijiet tad-djalogu ċivili u tad-demokrazija rappreżentattiva, id-definizzjoni ta' dawn il-kunċetti, ir-rappreżentattività tad-diversi partijiet interessati u l-miżuri li hemm bżonn fil-livell Ewropew. B'mod partikolari, il-KESE enfasizza li l-implimentazzjoni tal-Artikolu 11 tat-TUE ([5]) kienet essenzjali għall-UE sabiex tilħaq l-għan tagħha ta' leġittimità f'għajnejn in-nies.

([1]) Dan il-fond għandu jkollu l-istess għanijiet bħall-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem: http://www.eidhr.eu/whatis-eidhr#.

([2]) SOC/563 – EESC-2017-01953-00-01-AS-TRA (FR/EN) 11/113 Dan il-fond għandu jkollu l-istess għanijiet bħall-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR): http://www.eidhr.eu/whatis-eidhr#. L-EED huwa organizzazzjoni indipendenti, li tagħti għotjiet, u li nħolqot fl-2013 mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tal-UE biex titrawwem id-demokrazija fil-Viċinat Ewropew u lil hinn minnu.

([3]) Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar Regolament li jistabbilixxi l-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini".

([4]) ĠU C 170, 5.6.2014, p. 11.

([5]) ĠU C 11, 15.1.2013, p. 8.

2.2. Madankollu, il-kwistjoni ta' kif il-finanzjamenti jistgħu jgħinu biex jiffaċilitaw iċ-ċittadinanza attiva u d-demokrazija parteċipatorja s'issa ma ġietx diskussa f'opinjoni speċifika.

2.3. Fi żmien meta l-istituzzjonijiet tal-UE qegħdin iħejju sabiex jiddiskutu l-proposta dwar il-qafas finanzjarju pluriennali wara l-2020 u qegħdin fil-proċess li jiddeċiedu dwar ir-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju, hemm bżonn ta' analiżi urġenti tas-sitwazzjoni tat-tqassim u l-effettività tal-finanzjamenti tal-Unjoni Ewropea għal dan il-qasam.

2.4. Il-kwistjonijiet tal-finanzjament huma wkoll marbutin mar-rikonoxximent ta' rwol u statut speċifiċi għad-diversi partijiet interessati tad-djalogu ċivili Ewropew. Il-KESE diġà tkellem diversi drabi dwar il-ħtieġa ta' statut tal-assoċjazzjoni Ewropea ([6]).

2.5. F'din l-Opinjoni, "organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili" tfisser l-organizzazzjonijiet mhux governattivi mingħajr skop ta' qligħ li huma indipendenti mill-istituzzjonijiet pubbliċi u mill-interessi kummerċjali, li l-attivitajiet tagħhom jikkontribwixxu għall-għanijiet tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, bħall-inklużjoni soċjali, il-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini, l-iżvilupp sostenibbli fil-forom kollha tiegħu, l-edukazzjoni, is-saħħa, l-impjieg, id-drittijiet tal-konsumatur, l-għajnuna lill-migranti u lir-refuġjati, id-drittijiet fundamentali ([7]).

3. **Ir-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili**

3.1. Soċjetà ċivili li tkun impenjata, pluralista u indipendenti taqdi rwol kruċjali fil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni attiva tal-pubbliku fil-proċess demokratiku u l-governanza u t-trasparenza fil-livell tal-UE u dak nazzjonali. Din tista' tikkontribwixxi wkoll għal politiki li jkunu aktar ġusti u aktar effiċjenti, u tappoġġja l-iżvilupp sostenibbli u t-tkabbir inklużiv ([8]). Peress li huma kapaċi "jilħqu l-gruppi tal-popolazzjoni l-aktar fraġli u l-aktar żvantaġġati u jagħtu vuċi lil dawk li ma jsemmgħux leħenhom biżżejjed (…)" l-OSĊ jippermettu parteċipazzjoni akbar u jikkontribwixxu għad-definizzjoni tal-politiki Ewropej ([9]).

3.2. Lil hinn mill-funzjonijiet ċiviċi u soċjali tagħhom, uħud mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma involuti wkoll fis-settur tal-ekonomija soċjali u solidari u jagħtu kontribut sinifikanti għall-ħolqien tal-impjiegi.

3.3. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom il-partikolarità li jiġbru flimkien fil-parti l-kbira voluntiera impenjati ħafna u impjegati dedikati f'varjetà ta' proġetti. Il-volontarjat bħala espressjoni attiva tal-parteċipazzjoni ċivika li ssaħħaħ il-valuri Ewropej komuni bħas-solidarjetà u l-koeżjoni soċjali għandu jsib l-ambjent adatt ([10]).

3.4. Demokrazija parteċipatorja ġenwina teħtieġ korpi intermedjarji (trejdjunjins, organizzazzjonijiet ta' impjegaturi u SMEs, NGOs, u atturi oħrajn li ma jagħmlux qligħ, eċċ.) sabiex jinvolvu liċ-ċittadini u jippromovu s-sjieda popolari u ċivika tal-kwistjonijiet Ewropej u jibnu Ewropa aktar ġusta, aktar inklużiva u bbażata fuq solidarità akbar. L-eżistenza ta' soċjetà ċivili organizzata b'saħħitha u diversifikata hija bbażata fuq finanzjamenti pubbliċi adegwati u kuntest li jiffaċilita l-aċċess għad-diversi forom ta' finanzjament privat.

4. **Id-diversi forom ta' finanzjament**

4.1. Fil-livell tal-Unjoni Ewropea, hemm bosta programmi f'diversi setturi (edukazzjoni, kultura, soċjali, ċittadinanza, ambjent, drittijiet fundamentali, riċerka, kooperazzjoni internazzjonali, għajnuna umanitarja, saħħa, eċċ.) li jinkludu għanijiet speċifiċi għall-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari fil-forma ta' proġetti. L-istituzzjonijiet introduċew ukoll għotjiet operattivi b'mod partikolari sabiex irawmu n-netwerking fost id-diversi organizzazzjonijiet nazzjonali attivi f'firxa ta' setturi u kwistjonijiet tas-soċjetà. Għalhekk, dan is-sostenn finanzjarju jikkontribwixxi għall-formazzjoni ta' "opinjoni pubblika Ewropea".

4.2. F'dak li jirrigwarda l-politiki tat-tkabbir u esterni, inkluż il-kooperazzjoni internazzjonali u l-għajnuna umanitarja, l-UE żviluppat politika proattiva sabiex tippromovi soċjetà ċivili żviluppata tajjeb, l-aktar permezz ta' miżuri speċifiċi. L-UE hija wkoll waħda mill-kontributuri ewlenin fid-dinja għall-għajnuna għall-iżvilupp u għall-għajnuna umanitarja, u ċ-ċittadini Ewropej jappoġġjaw bis-sħiħ dan l-approċċ ([11]).

([6]) ĠU C 318, 23.12.2006, p. 163.
([7]) ĠU C 88, 11.4.2006, p. 41.
([8]) ĠU C 318, 23.12.2006, p. 163. ĠU C 88, 11.4.2006, p.41.
([9]) COM(2000) 11 final.
([10]) Is-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011.
([11]) Ara l-istħarriġ tal-2017: http://ec.europa.eu/echo/eurobarometer_fr.

4.3. Madankollu, f'dak li għandu x'jaqsam ma' politika interna, mill-2000 ma saritx iktar rivalutazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (b'mod partikolari skont l-Artikolu 11 tat-TUE), meta ġie ppubblikat dokument ta' diskussjoni inizjali tal-Kummissjoni bħala parti mill-proċess ta' riforma amministrattiva u li enfasizza l-ħtieġa li jinżamm livell għoli ta' finanzjament pubbliku għal r-rwol tal-NGOs, li jitfassal approċċ konsistenti fid-dipartimenti kollha tal-Kummissjoni u li tittejjeb il-ġestjoni tal-għotjiet.

4.4. Il-finanzjament tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jiffoka essenzjalment fuq il-qasam tal-għajnuna umanitarja u tal-kooperazzjoni internazzjonali. Skont id-data tal-2015 ġew allokati EUR 1,2 biljun għall-finanzjament lill-NGOs (madwar 15 % tal-intestatura "L-Ewropa fid-dinja") ([12]) filwaqt li l-finanzjamenti tal-OSĊ f'oqsma oħrajn għadhom pjuttost limitati: 0,08 % tal-intestatura "tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali", 2,5 % tal-intestatura "Sigurtà u ċittadinanza" u inqas minn 0,009 % tal-intestatura "tkabbir intelliġenti u inkluživ". Għalhekk huwa urġenti li ssir valutazzjoni tal-ammonti, iżda wkoll tal-effettività tal-miżuri fis-seħħ.

5. Id-disponibbiltà tal-fondi pubbliċi u r-restrizzjoni tal-ispazju ċiviku

5.1. Studji u stħarriġiet reċenti, kif ukoll il-miżuri żviluppati f'ċerti pajjiżi tal-UE, juru wkoll li s-sitwazzjoni tal-ispazju ċiviku qed tiddeterjora fil-livell nazzjonali f'ċerti Stati Membri tal-UE ([13]). Ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarji wara l-2020, u r-reviżjoni li għaddejja bħalissa ta' ċerti programmi ta' finanzjament ma jistgħux jinjoraw din is-sitwazzjoni ġdida.

5.2. Il-liġi Ungeriża reċenti dwar it-trasparenza tal-organizzazzjonijiet li jirċievu fondi barranin, adottata f'Ġunju 2017, ġiet ikkundannata mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill tal-Ewropa. Dan il-fatt juri l-ħtieġa li l-Kummissjoni tiżgura li l-miżuri meħuda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu u l-ħasil tal-flus ma jkollhomx konsegwenzi mhux mixtieqa fuq l-aċċess għall-finanzjament u s-self finanzjarju għall-OSĊ.

5.3. F'ħafna pajjiżi Ewropej, qegħdin nassistu għall-iżvilupp ta' miżuri li jintroduċu kundizzjonalità fis-sussidji lill-OSĊ, bil-konsegwenza li jillimitaw ir-rwol ta' promozzjoni tagħhom jew il-kapaċità tagħhom li jiftħu proċeduri legali ([14]).

5.4. Il-kriżi finanzjarja u ekonomika f'diversi pajjiżi wasslet biex l-għajnuna pubblika lill-OSĊ titnaqqas u/jew issir disponibbli bħala sussidji għal żmien qasir. Il-forom ta' finanzjament iffokati essenzjalment fuq proġetti jistgħu jġiegħlu lill-OSĊ jadattaw il-prijoritajiet tagħhom u jwassluhom biex jitbiegħdu mill-missjoni oriġinali tagħhom u mill-ħtiġijiet tas-soċjetà. F'xi pajjiżi, il-gvernijiet taw appoġġ ukoll lill-organizzazzjonijiet li jsegwu l-linja strateġika tagħhom (għad-detriment tal-organizzazzjonijiet l-oħrajn) u rawmu atmosfera ta' konnivenza politika, u qed nassistu għal żieda fin-nuqqas ta' trasparenza fl-għoti tas-sussidji.

5.5. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni tal-kundizzjonalitajiet ex ante hija u tivvaluta l-programmi, kif ukoll fir-rigward tal-ftehimiet ta' sħubija, b'mod partikolari fl-oqsma tal-impjieg, l-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjonijiet, l-ambjent, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u d-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, l-involviment u t-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ([15]), kif ukoll it-trasparenza tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti, u għas-sospensjoni tal-pagamenti meta dawn ma jiġux rispettati. Barra minn hekk, il-KESE jfakkar lill-Kummissjoni biex timmonitorja l-implimentazzjoni tal-Artikolu 125 dwar l-obbligu għall-awtoritajiet maniġerjali biex japplikaw proċeduri u kriterji ta' għażla li jkunu trasparenti u mhux diskriminatorji. Il-KESE jistieden lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex, fir-rapport li jmiss tagħha, tivvaluta l-konformità ma' dawn id-dispożizzjonijiet fir-rigward tal-proċeduri ta' għażla għall-NGOs.

5.6. Iż-żieda fl-estremiżmu u l-populiżmu u l-atti kollha antidemokratiċi huma sfida għall-acquis demokratiku kollu u toħloq klima ostili għall-korpi intermedjarji. Għalhekk, hemm bżonn li tiġi kkonfermata l-importanza tar-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u jiżdied l-appoġġ finanzjarju tal-UE għalihom.

([12]) EuropAid – Direttorat Ġenerali għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp.
([13]) "Civic Space in Europe 2016", Civicus Monitor.
([14]) Ara l-Lobbying Act fir-Renju Unit li jimpedixxi lill-NGOs milli jsemmgħu l-fehmiet tagħhom matul il-kampanji elettorali jew reċentament ir-Referendum on the EU membership and current reviews of the Electoral (Amendment) Act 2011 fl-Irlanda, li għandu l-għan li jipprevjeni lil partijiet terzi milli jinfluwenzaw il-kampanji elettorali iżda fejn l-interpretazzjoni ta' "għanijiet politiċi" u l-livelli limitu għal donazzjonijiet individwali lill-NGOs ħolqu kontroversja, inkluż b'rabta mal-finanzjament ta' kampanja favur l-abort.
([15]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320.

5.7. Il-KESE jappella għat-twaqqif ta' Koordinatur tal-UE dwar il-libertajiet tal-ispazju ċiviku fejn l-NGOs ikunu jistgħu jirrapportaw inċidenti relatati ma' fastidju jew restrizzjoni ta' xogħolhom.

6. **Ir-rispons possibbli fil-livell Ewropew**

6.1. Il-KESE jqis li għandu jiġi stabbilit qafas politiku u legali fil-livell Ewropew u nazzjonali sabiex irawwem l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili Ewropea diversifikata, li tinkorpora l-attività tagħha fil-qafas tal-valuri li jirriflettu d-drittijiet fundamentali.

6.2. L-istituzzjonijiet Ewropej għandhom jiżguraw li jippromovu immaġni pożittiva tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u jaraw li jżommu l-indipendenza tagħhom speċjalment bit-tisħiħ tal-kapaċità ta' azzjoni u ta' impenn tagħhom fl-innovazzjoni soċjali u l-parteċipazzjoni ċivika li ħafna drabi hija marbuta mal-finanzjamenti.

6.3. L-istituzzjonijiet Ewropej jistgħu jidħlu fi proċess ta' rikonoxximent u ta' sħubija mal-korpi rappreżentattivi assoċjattivi Ewropej, bħalma għamlu ċerti Stati Membri fil-livell nazzjonali permezz tal-adozzjoni ta' "Karti ta' impenn reċiproku" jew "ftehimiet", u b'hekk joħolqu l-kundizzjonijiet għal djalogu ċivili Ewropew ġenwin u jimplimentaw l-Artikolu 11 tat-TUE u impenji internazzjonali relevanti oħrajn ([16]).

6.4. Hemm bżonn urġenti wkoll li jitkomplew id-diskussjonijiet dwar l-istatut għall-assoċjazzjonijiet Ewropej – propost mill-Kummissjoni fl-1992 ([17]) – flimkien ma' Statut għall-fondazzjonijiet Ewropej. Din l-inizjattiva għandha tippromovi r-rikonoxximent tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-kooperazzjoni bejniethom fil-livell Ewropew, bħala komplement għall-Istatut għal Kumpanija Ewropea adottat fl-2004 ([18]).

6.5. Il-KESE jemmen li l-Unjoni għandha tinkoraġġixxi lill-Istati Membri sabiex jippreservaw l-inċentivi fiskali eżistenti għad-donazzjonijiet privati u jiżviluppawhom aktar, kif ukoll jikkanalizzaw parti mid-dħul tagħhom mit-taxxa lill-OSĊ, filwaqt li jneħħu l-ostakli għad-donazzjonijiet transkonfinali permezz ta' koordinazzjoni tal-liġijiet u l-proċeduri fiskali, kif ukoll l-investiment fil-filantropija madwar l-UE.

6.6. Rigward il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) futur, il-KESE jistieden lill-awtoritajiet baġitarji sabiex iżidu l-finanzjament lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż permezz ta' għotjiet operattivi u finanzjamenti pluriennali sabiex jgħinu fl-iżvilupp ta' azzjonijiet fit-tul.

6.7. Minn meta ġiet adottata l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ma kien hemm ebda programm reali għall-appoġġ lis-soċjetà ċivili fil-livell tad-drittijiet tal-bniedem għall-Istati Membri tal-UE. L-appoġġ essenzjali li ngħata lis-soċjetà ċivili fil-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant fiż-żmien tal-adeżjoni tagħhom mal-UE ma nżammx b'mekkaniżmi oħrajn ta' finanzjament. L-avvenimenti reċenti li seħħew biż-żieda fit-terroriżmu u gruppi estremisti u/jew partiti populisti wrew il-bżonn li jsir iktar investiment fis-soċjetà ċivili u li tiġi żgurata l-koeżjoni fost il-pajjiżi f'dak li għandu x'jaqsam mal-iżvilupp tas-soċjetà ċivili.

6.8. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tipproponi fond Ewropew għad-demokrazija, il-valuri u d-drittijiet tal-bniedem fl-UE ([19]), b'pakkett baġitarju ambizzjuż u miftuħ direttament għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili madwar l-Ewropa, inklużi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li għandhom l-għan li jippromovu t-trasparenza u jipproteġu l-valuri fundamentali tal-UE. Il-Fond għandu jkopri l-ispejjeż operattivi kif ukoll l-attivitajiet ta' sorveljanza u ta' litigazzjoni, u jkun ġestit b'mod indipendenti bl-istess mod bħall-Fond Ewropew għad-Demokrazija ([20]), bil-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-KESE.

6.9. Il-programm għall-"Ewropa għaċ-Ċittadini" huwa l-uniku programm Ewropew li jikkontribwixxi speċifikament għat-tnaqqis tad-defiċit demokratiku billi jippermetti liċ-ċittadini Ewropej jipparteċipaw direttament fil-kostruzzjoni tal-Ewropa, iżda l-finanzjament tiegħu huwa limitat wisq. Fil-kuntest attwali ta' dubji dwar il-valuri Ewropej u dawk demokratiċi, il-KESE jemmen li dan il-programm għandu jkollu baġit ta' EUR 500 miljun fil-qafas finanzjarju li jmiss skont il-proposta tal-Parlament Ewropew ([21]). Bl-istess mod, għandhom jiġu miżjuda l-azzjonijiet tal-Erasmus + immirati lejn is-soċjetà ċivili.

([16]) Ara pereżempju l-obbligi skont l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità għal djalogu strutturat li huma appoġġjati minn finanzjament adegwat.
([17]) ĠU C 99, 21.4.1992, p. 1.
([18]) Statut għal Kumpanija Ewropea.
([19]) Dan il-fond għandu jkollu l-istess għanijiet bħall-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem: http://www.eidhr.eu/whatis-eidhr#.
([20]) L-EED huwa organizzazzjoni indipendenti, li tagħti għotjiet, u li nħolqot fl-2013 mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tal-UE biex titrawwem id-demokrazija fil-Viċinat Ewropew u lil hinn minnu. L-Istati Membri kollha tal-UE huma membri tal-Bord tal-Gvernaturi tal-EED, flimkien mal-Membri tal-Parlament Ewropew u esperti tas-soċjetà ċivili.
([21]) Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar Regolament li jistabbilixxi l-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini".

6.10. Il-parti l-kbira tal-OSĊ jsibu diffikultajiet biex jaċċessaw il-Fondi Strutturali, speċjalment minħabba l-kofinanzjamenti li jkunu meħtieġa. Konsegwentament, id-dispożizzjonijiet għall-assistenza teknika, maħsuba biex tappoġġja l-iżvilupp tal-kapaċitajiet, mhumiex użati biżżejjed u spiss huma riżervati għall-amministrazzjonijiet pubbliċi. Il-kodiċi ta' kondotta Ewropea dwar is-sħubija mas-soċjetà ċivili, li huwa l-istrument ewlieni ma ġiex applikat kif suppost f'ħafna pajjiżi ([22]). Anke meta l-OSĊ jiġu mistiedna jieħdu sehem fil-kumitati ta' sorveljanza, ir-rwol tagħhom huwa limitat.

6.11. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tirreaġixxi malajr b'miżuri rilevanti, inklużi proċeduri ta' ksur kontra Stati Membri, meta d-dispożizzjonijiet nazzjonali amministrattivi jew legali jirrestrinġu l-aċċess ta' organizzazzjonijiet nazzjonali tas-soċjetà ċivili għal fondi tal-UE, inkluż meta jiġu imposti kundizzjonijiet ta' finanzjament li jillimitaw l-attivitajiet tagħhom ta' promozzjoni.

6.12. Permezz tal-konnessjonijiet u l-kuntatt kontinwu tagħhom maċ-ċittadini u permezz tal-attivitajiet fuq il-post, l-assoċjazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma konxji mill-isfidi u l-ħtiġijiet tas-soċjetà; madankollu r-rwol tagħhom fir-riċerka huwa marġinali ħafna. Anke fil-Programm tal-UE għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) hemm ostakli għall-aċċess tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Il-KESE jappella għal diskussjoni aktar profonda dwar kif għandhom jitrawmu r-rabtiet bejn ir-riċerkaturi u s-soċjetà ċivili, u jipproponi qasam ġdid dwar il-parteċipazzjoni ċivika u d-demokrazija taħt il-pilastru tal-isfidi tas-soċjetà fil-programm qafas futur għar-riċerka.

6.13. Il-qgħad fost iż-żgħażagħ għadu qed jikber u jirrappreżenta waħda mill-aktar problemi urġenti li għandha quddiemha l-UE, b'numru dejjem akbar ta' żgħażagħ f'riskju ta' esklużjoni soċjali. F'dan il-kuntest, il-finanzjamenti Ewropej għandhom jappoġġjaw aktar lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jinvestu fl-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi taż-żgħażagħ permezz tat-tagħlim mhux formali.

6.14. Fil-qasam tal-kultura, il-parti l-kbira tas-sussidji mhumiex adatti għall-ħtiġijiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li joperaw f'dan il-qasam, u għalhekk dan itellfilhom l-aċċess għad-diversi strumenti finanzjarji disponibbli, bħas-self. Hemm nuqqas ta' ħidma ġenwina fuq id-dimensjoni kulturali Ewropea, f'perjodu fejn l-espressjonijiet dwar l-identità u dawk populisti qegħdin jinfirxu dejjem aktar. L-UE għandha wkoll tkompli tappoġġja, b'mod partikolari permezz tal-programm Ewropa Kreattiva, produzzjonijiet kulturali indipendenti, filwaqt li tinvesti fl-iżvilupp u s-sostenibilità tal-midja komunitarja lokali mingħajr skop ta' qligħ.

6.15. F'dak li jirrigwarda l-kooperazzjoni għall-iżvilupp, l-Unjoni Ewropea għandha tinvesti aktar f'azzjonijiet ta' kooperazzjoni ffokati fuq il-popolazzjonijiet, inkluż fuq l-aspetti tal-ugwaljanza bejn is-sessi, ta' governanza, tad-drittijiet tal-bniedem, tad-drittijiet ambjentali, ta' reżiljenza għat-tibdil fil-klima u tal-protezzjoni soċjali, b'mod partikolari permezz ta' approċċ tematiku skont il-pajjiż li jinkludi lis-soċjetà ċivili mill-qrib.

6.16. Meta jitfassal il-QFP futur, għandhom jitqiesu wkoll l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-prijoritajiet tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

6.17. It-tisħiħ tas-soċjetà ċivili jfisser ukoll titjib fl-aċċess għall-finanzjamenti għall-iżgħar organizzazzjonijiet, kif ukoll għas-setturi tas-soċjetà l-aktar żvantaġġjati. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni Ewropea għandha tipprovdi għal diversi modalitajiet ta' finanzjament kif ukoll tagħmel sforz akbar għas-semplifikazzjoni tal-formalitajiet amministrattivi. Għandu jsir rikors aktar sistematiku għal mekkaniżmi ta' għotjiet f'kaskata (sub-granting jew cascade funding), kif użat taħt l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem u fil-qafas tal- finanzjament taż-ŻEE. L-għotjiet għandhom jingħataw permezz ta' operatur indipendenti nazzjonali fuq il-bażi ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti ([23]).

6.18. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tal-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant għad għandhom aċċess għall-fondi li huwa proporzjonalment limitat. Il-Kummissjoni Ewropea għandha ssaħħaħ il-kampanji ta' informazzjoni tagħha dwar id-diversi fondi disponibbli għall-NGOs u tipprovdi aktar appoġġ għas-sħubijiet bejn l-organizzazzjonijiet.

6.19. Ikun ukoll utli li jiġi stabbilit segwitu aktar sistematiku u appoġġ lill-organizzazzjonijiet benefiċjarji, kif ukoll lid-diversi Direttorati Ġenerali differenti responsabbli mill-implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju, billi jiġu offruti korsijiet ta' taħriġ dwar l-obbligi kuntrattwali u l-awditi.

([22]) AEIDL – thematic network partnership.
([23]) Mid-term NGO evaluation released – EEA Grants.

6.20. Bażijiet tad-data li jkun fihom deskrizzjoni tal-proġetti li diġà tlestew u tal-eżempji ta' prattika tajba għandhom ikunu aċċessibbli għall-kandidati potenzjali biex irawmu l-innovazzjoni u s-shubiji. Il-Kummissjoni għandha tkompli bl-isforzi tagħha sabiex ittaffi l-piż amministrattiv fil-proċess tal-applikazzjonijiet kif ukoll fil-ġestjoni tal-finanzjamenti, inkluż billi tintroduċi sistema ta' applikazzjoni onlajn unika għall-programmi differenti.

6.21. L-evalwazzjoni tal-programmi mmexxija direttament mill-Kummissjoni għandha tkun aktar trasparenti u f'aktar dettall, minħabba n-numru kbir ta' talbiet għal fondi Ewropej u r-rata baxxa ta' suċċess. Barra minn hekk, jekk jingħata feedback lill-OSĊ li fallew, dawn itejbu lilhom infushom u tiżdied il-fiduċja fil-proċess tal-għażla.

6.22. L-iskadenzi għan-notifiki tal-kuntratti, l-iffirmar tal-kuntratti u l-ħlasijiet għandhom jitnaqqsu b'mod sinifikanti sabiex jonqos il-bżonn ta' self mill-banek minħabba nuqqas ta' flus kontanti.

6.23. Barra minn hekk, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tevalwa mill-ġdid l-ammonti ta' kofinanzjament, partikolarment għal organizzazzjonijiet żgħar ħafna li jsibuha diffiċli ħafna biex jiksbu sorsi oħra ta' finanzjament, jew għal organizzazzjonijiet involuti fil-promozzjoni, bħalma huma pereżempju l-organizzazzjonijiet għall-ħarsien tal-konsumatur, l-assoċjazzjonijiet ambjentalisti, l-organizzazzjonijiet għad-drittijiet tal-bniedem u dawk li jaħdmu favur il-promozzjoni taċ-ċittadinanza. Dan huwa partikolarment neċessarju peress li r-regoli ta' kofinanzjament iżidu l-piż amministrattiv fuq l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, bir-riskji marbuta magħhom li jirriżultaw fuq id-donaturi u kkawżati mill-varjazzjonijiet fir-regoli kuntrattwali u finanzjarji.

6.24. Il-KESE jilqa' bi pjaċir ukoll is-suġġeriment tal-Kummissjoni fil-proposta tagħha ta' reviżjoni tar-Regolament dwar ir-regoli finanzjarji ([24]) biex il-ħin volontarju jiġi kkunsidrat bħala spiża eliġibbli, kif ukoll biex tiġi ffaċilitata l-inklużjoni tal-kontribuzzjonijiet in natura bħala kofinanzjamenti. Din il-proposta hija reazzjoni diretta għat-talba tal-KESE, espressa fl-Opinjoni tiegħu dwar "Għodod statistiċi biex jitkejjel il-volontarjat" ([25]). Il-KESE jilqa' bi pjaċir ukoll ir-rapport tal-Parlament kif ukoll il-proposta tal-Kunsill li tiġi introdotta eċċezzjoni għar-regola ta' nuqqas ta' qligħ għall-assoċjazzjonijiet li ma jagħmlux qligħ. Il-KESE jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jaslu għal ftehim dwar it-test propost li jippermetti li l-ħinijiet li jagħmlu l-voluntiera jiġu vvalutati b'mod ġust.

6.25. Għandu jsir titjib fit-trasparenza fl-aċċess u l-kontroll tal-finanzjamenti permezz tad-definizzjoni ta' linji gwida ċari dwar il-kontrolli mill-Kummissjoni, u, fil-każ ta' finanzjamenti li jinvolvu diversi donaturi, billi jiġu kkunsidrati l-evalwazzjonijiet ex-ante u l-għażliet tal-imsieħba, kif ukoll permezz ta' verifiki ex-post u awditi mwettqa minn donaturi oħrajn.

6.26. Barra minn hekk, l-aċċess pubbliku għal informazzjoni dwar l-ammonti u l-għan tal-finanzjamenti għandu jkun iffaċilitat permezz ta' riforma fl-arranġamenti ta' trasparenza finanzjarja tal-Kummissjoni. Dan għandu jinkludi pagamenti annwali minflok impenji pluriennali, u għandu jsir aktar affidabbli permezz tal-istandardizzazzjoni tal-bażijiet ta' data tad-diversi programmi. Fl-istess waqt, l-NGOs għandhom ikomplu japplikaw l-ogħla standards ta' trasparenza ta' awtorappurtar.

6.27. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa djalogu kostruttiv u segwitu bejn id-diversi Direttorati Ġenerali u l-OSĊ bil-għan li ssir valutazzjoni tal-prattiki tajba u ħżiena u jiġi żviluppat approċċ aktar koerenti.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

([24]) COM(2016) 605 final
([25]) ĠU C 170, 5.6.2014, p. 11.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-irħula u l-bliet iż-żgħar bħala xpruni għall-iżvilupp rurali — sfidi u opportunitajiet"

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2018/C 081/03)

Relatur: **Tom JONES**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	22.9.2016
Bażi legali	Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	L-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adottata fis-sezzjoni	3.10.2017
Adottata fil-plenarja	18.10.2017
Sessjoni plenarja Nru	529
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	129/0/1

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Konklużjonijiet

1.1. Il-KESE jemmen li minkejja t-tnaqqis ta' popolazzjonijiet bilanċjati u ta' attività ekonomika tradizzjonali, f'ħafna rħula u bliet żgħar hemm evidenza biżżejjed ta' prattika tajba biex inkunu ottimisti dwar il-ġejjieni sostenibbli f'ħafna insedjamenti rurali, jekk mhux kollha. Dawn l-insedjamenti jistgħu jkunu xpruni għal tiġdid rurali usa' u għal żvilupp sostenibbli ta' żoni rurali.

1.2. Madankollu, dan l-ottimiżmu jiddependi fuq sforz sostnut, olistiku li jinvolvi n-nies u r-riżorsi finanzjarji fil-livelli kollha tal-gvern u fit-tliet setturi – privat, pubbliku u ċivili – kollha.

Rakkomandazzjonijiet

1.3. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ l-Inizjattiva tal-Irħula Intelliġenti tal-Kummissjoni Ewropea, b'mod speċjali minħabba l-weghdiet li saru rigward il-kooperazzjoni bejn id-Direttorati. Il-Programmi tal-Iżvilupp Rurali (PŻR) nazzjonali u reġjonali, li DĠ Agri qed jiġġestjona flimkien mal-Istati Membri, huma vitali iżda qatt ma jistgħu jinvestu biżżejjed riżorsi fl-inizjattiva mingħajr investimenti pubbliċi nazzjonali, reġjonali jew lokali oħrajn. Il-KESE jinnota u jappoġġa l-opinjoni emerġenti tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar Irħula Intelliġenti ([1]).

1.4. Il-banda wiesgħa veloċi – mobbli kif ukoll fissa – hija kruċjali għal irħula u bliet żgħar żviluppati b'mod intelliġenti, biex ikollhom xi tama ta' żvilupp ekonomiku u soċjali, u għandha tkun aċċessibbli bis-sħiħ, kif iggarantit taħt il-verifika rurali enfasizzata fid-Dikjarazzjoni Cork 2.0 tal-2016.

1.5. Is-servizzi pubbliċi fl-edukazzjoni, it-taħriġ, is-saħħa u l-kura soċjali, kif ukoll il-kura tat-tfal, għandhom ikunu aċċessibbli, integrati u innovattivi fl-użu ta' avvanzi teknoloġiċi.

([1]) Ir-rivitalizzazzjoni ta' żoni rurali permezz ta' Rħula Intelliġenti, (għad mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

1.6. L-awtoritajiet tal-ippjanar f'żoni rurali għandhom jippromwovu proċess abilitanti għat-tiġdid ta' bini żejjed fl-irħula u fil-bliet żgħar, biex jiżguraw rati kummerċjali baxxi għal negozji ġodda u kontribuzzjonijiet kumpensatorji minn proġetti ta' ħwienet f'tarf il-bliet. Meta dawn il-binjiet rinnovati jsiru disponibbli għandhom jitqiesu l-bżonnijiet tal-NGOs lokali kif ukoll tas-settur privat u pubbliku.

1.7. Il-konnettività ħażina tat-trasport hija sfida oħra u t-trasport kollettiv u x-xarabanks u l-karozzi proprjetà tal-komunità huma rakkomandati fejn is-settur privat joqgħod lura.

1.8. Fejn possibbli, l-impjegaturi għandhom jiġu inkoraġġiti jappoġġjaw it-telexogħol, u jirrealizzaw il-benefiċċji potenzjali tas-sħubijiet rurali/urbani. Il-kontribuzzjoni kemm tat-turiżmu agrikolu u rurali, tal-attivitajiet relatati mas-saħħa u tal-markar tal-prodotti tal-biedja u tal-artiġjanat lokali, kif ukoll l-espansjoni tal-katalgu kulturali u storiku ta' avvenimenti hija importanti ħafna f'dan il-kuntest. Permezz tal-appoġġ abilitanti tal-Programm ta' Żvilupp Rurali, hemm skop li imprendituri kummerċjali jattiraw investiment esoġenu u jiżviluppaw u jikkummerċjalizzaw prodotti b'valur miżjud.

1.9. Il-governanza fl-aktar livell lokali hija kwistjoni nazzjonali jew reġjonali. Madankollu, l-irħula u l-bliet żgħar jeħtieġu li jingħataw is-setgħa b'poteri akbar u aċċess għal riżorsi finanzjarji biex imexxu u jappoġġjaw ix-xewqat tal-kostitwenti tagħhom.

1.10. LEADER u Gruppi ta' Azzjoni Lokali għandhom ikunu appoġġjati bis-sħiħ fl-isforzi tagħhom għall-iżvilupp lokali – billi jinkoraġġixxu lin-negozji, kemm privati kif ukoll dawk mhux għall-profitti biex jibdew u jikbru – u biex jiżguraw spirtu komunitarju impenjat u ta' appoġġ. B'kooperazzjoni mtejba, dawn l-isforzi jistgħu jiġu estiżi permezz tal-Iżvilupp Lokali mmexxi mill-Komunità (CLLD).

1.11. Fuq kollox, in-nies fl-irħula u fil-bliet żgħar għandhom jimpenjaw ruħhom għal sens ta' komunità li jinkoraġġixxi t-tmexxija minn ġewwa. L-iskejjel u l-mentors lokali għandhom jippromwovu t-tmexxija. Il-mexxejja emerġenti jeħtieġu l-appoġġ sħiħ tal-aġenziji ta' konsulenza u l-NGOs, li għandhom aċċess għall-aħjar prattiki u impriżi simili rilevanti.

1.12. L-irħula emerġenti li qed jiżviluppaw b'mod intelliġenti għandhom jiġu promossi fuq livell reġjonali, nazzjonali u tal-UE. L-istituzzjonijiet tal-UE u l-partijiet ikkonċernati tagħhom għandhom jorganizzaw jum ta' ċelebrazzjoni annwali, biex jippromwovu l-komunitajiet ta' suċċess u koeżivi tal-irħula u l-bliet żgħar.

1.13. Biex jissaħħaħ u jiġi żviluppat sens veru ta' sħubija bejn il-bliet jew l-irħula kbar u l-insedjamenti tal-viċinat tagħhom, il-KESE jappoġġja r-rakkomandazzjonijiet tad-dokument R.E.D. ([2]) tal-2016, *"Making Europe Grow with its Rural Territories" (Nkabbru l-Ewropa bit-Territorji Rurali tagħha),* u l-proġett pilota tal-Ġemellaġġ tal-Bliet (Twin Town) tal-Carnegie Trust. Il-prinċipji tal-iżvilupp sostenibbli u tal-ekonomija ċirkolari għandhom japplikaw għas-sħubijiet urbani u rurali.

1.14. Il-Kumitat jappoġġja s-sejħa, li saret fil-Manifest Rurali Ewropew adottat mit-Tieni Parlament Rurali Ewropew f'Novembru 2015, għal kooperazzjoni akbar bejn il-komunitajiet, l-organizzazzjonijiet u l-awtoritajiet f'żoni rurali u urbani biex jinkiseb il-benefiċċju sħiħ ta' rabtiet soċjali, kulturali u ekonomiċi li din il-kooperazzjoni tista' ġġib; u għal skambju vigoruż ta' ideat u prattika tajba bejn dawk involuti f'żoni rurali u urbani.

1.15. Il-KESE jirrakkomanda li l-Bank Ewropew tal-Investiment jibni skemi ta' appoġġ imfassla apposta għal negozji rurali żgħar, kemm intrapriżi privati kif ukoll soċjali, inklużi l-kooperattivi, kif imwiegħed fil-programm tiegħu għall-2017-2019.

1.16. Il-Kunsill Ewropew tal-Bdiewa Żgħażagħ (CEJA) u korpi rappreżentattivi taż-żgħażagħ oħra għandhom jiġu appoġġjati biex joħolqu triq għall-forums taż-żgħażagħ fil-komunitajiet lokali li jiggalvanizzaw l-azzjoni dwar il-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet tagħhom. Jeħtieġu vuċi ferm aktar b'saħħitha fl-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ekonomiċi u soċjali; u li l-appoġġ għat-taħriġ, il-mentoraġġ u finanzjarju jeħtieġ li jitfassal għall-aspirazzjonijiet tagħhom.

([2]) R.E.D.: Ruralità – Ambjent – Żvilupp.

1.17. In-numru 11 fuq il-lista tan-NU tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli jirreferi għal bliet u komunitajiet. L-irħula u l-bliet żgħar sostenibbli għandhom jiġu inklużi taħt "komunitajiet".

1.18. Il-valuri kulturali li jinstabu fl-irħula u fil-bliet żgħar għandhom jingħataw post prominenti fil-pubbliċità għas–Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018 u fl-inizjattivi matulha. Ir-residenti anzjani jistgħu jaqdu rwol importanti fil-promozzjoni tat-tradizzjonijiet u l-kultura, u b'hekk għandhom jinħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom b'mod attiv f'dan il-qasam.

1.19. Il-Kumitat jirrakkomanda l-kondiviżjoni ta' "prattiki tajba" fil-livelli kollha. Dan diġà jsir minn ENRD, ELARD, Ecovast u ERP u jinsab fil-pubblikazzjoni "The best Village in the World" ([3]).

2. **Introduzzjoni**

2.1. Iż-żoni rurali huma parti essenzjali mill-Ewropa, u jipprovdu għan-negozji kritiċi tal-agrikoltura u l-forestrija. Il-komunitajiet ta' bliet żgħar u rħula jinsabu f'dawn iż-żoni rurali u huma parti minnhom, u minn dejjem kienu postijiet fejn in-nies jgħixu kif ukoll jaħdmu.

2.2. Il-bliet żgħar f'żoni rurali jipprovdu ċentru għal żona ta' madwar fejn jinsabu l-irħula. Min-naħa l-oħra, il-bliet żgħar jinsabu fiż-żona ta' ċentri urbani ewlenin. Kollha huma interdipendenti fuq xulxin. Huma sħab essenzjali fi sħubijiet rurali/urbani – kunċett li ġie promoss mid-DĠ Regio ([4]) u mill-OECD – fejn iż-żewġ imsieħba għandhom status indaqs fil-ġestjoni u fl-ippjanar tal-ġejjieni tagħhom. L-irħula u l-bliet żgħar madwar l-Ewropa ħabbtu wiċċhom ma' ħafna tibdil – kemm ekonomiku kif ukoll soċjali – u qed ikomplu jiffaċċjaw il-ħtieġa li jadattaw għaċ-ċirkostanzi tal-ġurnata tal-lum.

2.3. Flimkien mal-agrikoltura u l-forestrija, l-irħula u l-bliet żgħar huma s-"sinsla" taż-żoni rurali u jipprovdu l-impjiegi, is-servizzi u l-edukazzjoni biex jaqdu kemm lilhom infushom kif ukoll iż-żona ta' madwar ta' rħula. Min-naħa l-oħra, il-bliet żgħar huma parti miż-żona ta' madwar ta' rħula akbar u bliet. Dan jifforma relazzjoni bejn iż-żoni rurali u urbani li hija karatteristika ta' kwalunkwe reġjun. Iż-żoni urbani u rurali jipprovdu servizzi għal xulxin – iż-żoni urbani huma dipendenti fuq żoni rurali għall-forniment tal-ikel u huma suq lest għall-prodotti tal-kampanja filwaqt li ż-żoni rurali joffru rikreazzjoni u trankwilità għar-residenti urbani.

2.4. Hemm tradizzjoni qawwija f'ħafna żoni rurali ta' sens ta' "appartenenza" għal komunità. Din it-tradizzjoni qed tonqos u f'ħafna miż-żoni rurali aktar remoti kien hemm ukoll l-abbandun u n-nuqqas ta' attenzjoni.

3. **Sfidi speċifiċi**

3.1. Il-komunitajiet rurali ħabbtu wiċċhom ma' sfidi matul dawn l-aħħar ftit deċennji minħabba x-xewqa għaċ-ċentralizzazzjoni ta' ħafna servizzi għall-ekonomiji ta' skala, tibdil fit-trasport u l-ivvjaġġar u l-mod kif in-nies jgħixu fiż-żminijiet moderni. In-negozji tas-servizzi lokali qed jitilqu mill-komunitajiet rurali; ħafna ħwienet, servizzi bankarji u postali qed jisparixxu u l-iskejjel rurali żgħar qed jagħlqu.

3.2. Iż-żoni rurali jaħbu l-qgħad għaliex iċ-ċifri huma żgħar meta mqabbla ma' dawk bla xogħol f'żoni urbani – madankollu dawn jiffaċċjaw problema addizzjonali ta' aċċess għall-għajnuna miċ-ċentri tal-impjiegi li huma bbażati f'żoni urbani u spiss isofru minn trasport pubbliku rurali li sejjer lura. Il-qgħad jista' jkun baxx għaliex tant żgħażagħ telqu jfittxu t-taħriġ, l-edukazzjoni jew ix-xogħol, filwaqt li ħafna minn dawk li jibqgħu jaħdmu għal pagi baxxi.

3.3. Il-finanzi pubbliċi, li huma tant importanti biex jappoġġjaw l-komunitajiet rurali, qed jiffaċċjaw domandi baġitarji dejjem jiżdiedu – minħabba ż-żieda ġenerali fl-għoli tal-ħajja u ż-żidiet fl-ispiża tal-għoti ta' servizzi.

3.4. L-investiment fit-toroq u fl-awtostradi jinkoraġġixxi l-użu tal-karozzi privati bħala l-aktar mod faċli biex tasal ix-xogħol. In-nies issa huma ferm aktar imħejjija biex jivvjaġġaw distanzi itwal imma min-naħa l-oħra dan wassal biex in-nies ikunu anqas dipendenti fuq ix-xogħol jew l-għoti ta' servizzi fil-komunità lokali tagħhom.

([3]) Minn Ulla Herlitz u Kollegi bħala eżempju prattiku tal-aħjar prattika – ENRD: Netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali; ELARD: The European LEADER Association for Rural Development; Ecovast: The European Council for the Village and Small Towns.

([4]) L-Ecovast kien parti min-netwerk ta' qabel RURBAN tad-DĠ Regio.

3.5. Inbidlu t-tendenzi tax-xiri tan-nies. Spiss jixtru mill-post fejn jaħdmu li normalment ikun f'raħal kbir jew f'belt minflok fir-raħal jew fil-belt żgħira tagħhom. U jixtru wkoll minn fuq l-Internet, bl-oġġetti jitwasslu fid-dar tagħhom. Dan kollu żied hekk kif bdew jagħlqu l-ħwienet lokali.

3.6. Iż-żgħażagħ qed jitilqu minn żoni rurali biex isibu t-taħriġ, l-edukazzjoni u x-xogħol fil-bliet. Jekk ma jinżammux l-impjiegi fiż-żoni rurali se jkun diffiċli li jiġu attirati lura fil-komunitajiet rurali. Hemm ħtieġa urġenti biex il-leħen meqjus taż-żgħażagħ jitqiegħed fil-qalba tad-demokrazija lokali. L-organizzazzjonijiet rappreżentattivi taż-żgħażagħ għandhom jiġu appoġġati sabiex titħeġġeġ il-parteċipazzjoni fil-governanza. Bl-istess mod, huwa xieraq li jsir provvediment biex l-aġenziji ekonomiċi u soċjali jagħtu pariri u appoġġ finanzjarju li jaqbel għaż-żgħażagħ (“youth-proof”).

3.7. Il-koeżjoni interġenerazzjonali qed tiġi sfidata mill-iżbilanċ numeriku bejn il-gruppi ta' età. Id-disponibbiltà ta' miżuri personalizzati ta' impjieg, skejjel u kura tat-tfal, flimkien mal-akkomodazzjoni affordabbli f'żoni rurali hija kruċjali biex iż-żgħażagħ u l-familji bit-tfal jibqgħu jew jerġgħu lura fil-komunitajiet rurali. Persuni f'komunitajiet kultant ikollhom fehmiet differenti dwar l-attività ekonomika lokali. Irid ikun hemm djalogu u fehim għall-ibbilanċjar ta' trankwillità ma' inizjattivi ta' ħolqien ta' xogħol xierqa.

4. **Opportunitajiet**

4.1. L-Inizjattiva tal-Irħula Intelliġenti tal-Kummissjoni Ewropea hija vitali, b'mod speċjali minħabba l-wegħdiet ta' ħidma konġunta li saru f'Direttorati konġunti. Il-Programm tal-Iżvilupp Rurali tad-DĠ Agri qatt ma jista' jinvesti biżżejjed riżorsi fl-inizjattiva mingħajr DĠ oħrajn u mingħajr investiment pubbliku nazzjonali, reġjonali jew lokali. Din l-inizjattiva pilota, wara l-evalwazzjoni, jeħtieġ li tkun inkluża fi kwalunkwe Politika Agrikola Komuni ġdida u fi Programmi Reġjonali u varata biex tinkludi bliet żgħar bħala parti mir-“rinaxximent rurali”.

4.2. Il-banda wiesgħa hija essenzjali għaż-żoni rurali kollha. It-titjib fil-kopertura tal-banda wiesgħa – mobbli kif ukoll statika – jista' jgħin firxa wiesgħa ta' attivitajiet, mhux biss fl-iżvilupp tan-negozji u tal-kapaċità ta' “xogħol mid-dar”, iżda wkoll il-kwalità tal-ħajja ta' kuljum tan-nies. Dan jista' jippermetti t-tagħlim onlajn, l-aċċess għal kura tas-saħħa aħjar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' servizzi disponibbli onlajn. Il-prattiki tajba huma disponibbli fejn l-aċċess imtejjeb għall-Internet f'żoni rurali kien ta' benefiċċju għall-komunitajiet. Għandu jkun disponibbli tagħlim bażiku li jippermetti b'mod speċjali liċ-ċittadini anzjani li jużaw l-Internet.

4.3. Fejn possibbli, l-impjegaturi għandhom jiġu inkoraġġiti jappoġġjaw it-telexogħol, u jirrealizzaw il-benefiċċji potenzjali tas-sħubijiet rurali/urbani. Permezz tal-appoġġ abilitanti tal-Programm ta' Żvilupp Rurali, hemm skop għall-imprendituri kummerċjali biex jattiraw l-investiment esoġenu, biex jiżviluppaw u jikkummerċjalizzaw prodotti ta' valur miżjud, bħall-ikel, ix-xorb, il-pajsaġġ u l-wirt storiku, l-attivitajiet kulturali u tas-saħħa u rikreazzjonali, filwaqt li jiżguraw il-kontinwità tal-artiġjanat rurali u tal-ħiliet ambjentali.

4.4. Is-servizzi pubbliċi fl-edukazzjoni, it-taħriġ, is-saħħa u l-kura soċjali għandhom jiġu integrati, raggruppati u jkunu innovattivi fl-użu ta' avvanzi teknoloġiċi, biex jevitaw id-diskriminazzjoni u l-esklużjoni b'mod speċjali ta' abitanti rurali ta' età ikbar u adoloxxenti. L-uffiċċji tal-gvern imxerrda jistgħu jagħtu eżempju tat-tnaqqis fis-saturazzjoni u t-tniġġis tal-bliet u ż-żoni urbani, filwaqt li jippromwovu sens ta' ġustizzja rurali. L-awtoritajiet lokali għandhom rwol ewlieni fl-ippjanar tagħhom għal żoni rurali u biex jiżguraw azzjoni pożittiva fil-komunitajiet rurali li tgħin biex il-ġejjieni kontinwu tagħhom jiġi inkoraġġit u appoġġjat. Jista' jkun li s-servizzi jkunu jistgħu jikkondividu bini wieħed jew bini mhux użat biex jakkomodaw użi fin-negozju ġodda, li joħolqu impjiegi ġodda li jistgħu jipprovdu opportunitajiet għal aktar attività ekonomika. Meta dawn il-binjiet rinnovati jsiru disponibbli għandhom jitqiesu l-bżonnijiet tal-NGOs lokali kif ukoll tas-settur privat u pubbliku.

4.5. Jeħtieġ li jsir xogħol biex jiġi żviluppat sens veru ta' sħubija bejn il-bliet jew l-irħula kbar u l-insedjamenti tal-viċinat tagħhom biex jikkondividu, fuq termini aċċettati reċiprokament, sens ta' appartenenza, markar, u investiment konġunt. Flimkien ma' organizzazzjonijiet oħra li d-dokument R.E.D. irrakkomanda fl-2016 hemm strateġija politika Ewropea għal territorji rurali sal-2030 ([5]). Eżempju ieħor huwa l-proġett pilota Twin Town tal-Carnegie Trust. Il-prinċipji tal-iżvilupp sostenibbli u tal-ekonomija ċirkolari għandhom japplikaw għas-sħubijiet urbani u rurali.

([5]) “Nkabbru l-Ewropa bit-Territorji Rurali tagħha”.

4.6. It-Tieni Parlament Rurali Ewropew f'Novembru 2015 adotta l-Manifest Rurali Ewropew. In-netwerk tal-ERP bi sħab f'40 pajjiż Ewropew qed isegwi t-temi definiti fil-Manifest. L-ERP jaħdem għal kooperazzjoni akbar bejn il-komunitajiet, l-organizzazzjonijiet u l-awtoritajiet f'żoni rurali u urbani biex jinkiseb il-benefiċċju sħiħ ta' rabtiet soċjali, kulturali u ekonomiċi li din il-kooperazzjoni tista' ġġib; u għal skambju vigoruż ta' ideat u prattika tajba bejn dawk involuti f'żoni rurali u urbani. Ix-xogħol jitwettaq fost l-imsieħba kollha fuq temi differenti bħal: "Bliet żgħar", "Servizz u Infrastruttura sostenibbli" u "Żvilupp Rurali Integrat u LEADER/CLLD", li lkoll se jirriżultaw f'rapport li se jiġi ppreżentat u diskuss fit-Tielet Parlament Rurali Ewropew f'Venhorst, in-Netherlands, f'Ottubru 2017.

4.7. Il-Bank Ewropew tal-Investiment għandu jibni skemi ta' appoġġ imfassla apposta għal negozji rurali żgħar, kemm intrapriżi privati kif ukoll soċjali, inkluż kooperattivi, kif imwiegħed fil-programm tiegħu għall-2017-2019 u bl-eżempju li ta bl-appoġġ tiegħu għal Niki's Sweets f'Agros fil-Muntanji Troodos ta' Ċipru.

4.8. Is-settur tal-volontarjat huwa attiv ħafna f'żoni rurali u jgħin biex jikkoordina l-azzjonijiet u jgħin lin-nies jaħdmu flimkien. L-impriżi soċjali u komunitarji, bħat-300 kumpanija soċjo-ekonomika fid-Danimarka li huma permessi jużaw it-tikketta "RSV", jiġifieri Kumpanija Soċjoekonomika Reġistrata (Virksomhed) jew il-Cletwr cafe f'nofs Wales, qed jikkontribwixxu dejjem iktar biex jissostitwixxui servizzi pubbliċi u privati mitlufa. Il-ħidma tagħhom hija konformi mal-ideat tar-responsabbiltà soċjali korporattiva (CSR). Huma importanti l-appoġġ u l-pariri ta' organizzazzjonijiet bħall-Fondazzjoni Plunkett fl-istabbiliment u ż-żamma tas-sostenibbiltà tal-intrapriżi soċjali u komunitarji.

4.9. Dawk li jgħixu fl-irħula u fil-bliet żgħar jirrappreżentaw l-aspetti kollha tal-ħajja, u kollha jeħtieġ li jkollhom leħen fil-komunità lokali tagħhom. L-aktar livell baxx ta' amministrazzjoni pubblika – kunsilli parrokkjali jew muniċipalitajiet (żgħar) – għandu jkun involut fit-teħid tad-deċiżjonijiet lokali, u għandu jissaħħaħ u jingħata s-setgħa biex jissodisfa din il-ħtieġa. In-nies huma kburin bil-komunitajiet lokali tagħhom u dan jista' jiġi rikonoxxut bħala riżorsa u jintuża biex jinkoraġġixxi oħrajn jinvolvu ruħhom. In-nies tan-negozju rtirati u dawk li ħadmu fis-setturi pubbliċi jew ċivili għandhom ħafna ħiliet x'joffru. Il-programmi Ewropej u l-programmi lokali jwettqu proġetti li jeġġew lis-sħubijiet lokali jiżviluppaw fir-raħal jew fil-belt żgħira tagħhom u ħafna imprendituri komunitarji ħarġu minn dan il-proċess. Ġew mis-setturi kollha u żviluppaw f'ambaxxaturi għall-komunità tagħhom.

4.10. L-irħula u l-bliet żgħar huma parti importanti mill-kultura tal-Ewropa. Spiss iżommu d-drawwiet u t-tradizzjonijiet lokali tagħhom. Dawn l-insedjamenti rurali huma normalment "storiċi" u l-arkitettura tirrifletti l-materjal tal-bini lokali tagħhom u l-istili matul ħafna sekli. Iċ-ċentri tal-bliet żgħar normalment żammew aktar negozji lokali u ma ġewx maħkuma mill-faċċati standard li jitolbu l-ktajjen ta' ħwienet kbar, kif huwa l-każ fiċ-ċentri ta' bliet akbar. L-insedjamenti rurali żgħar huma wkoll marbuta mill-qrib mal-pajsaġġi li jinsabu fihom u dan il-kuntest huwa parti kbira mill-ambjent tar-raħal u tal-belt żgħira li jirrifletti l-oriġini diversi ħafna tagħhom – pożizzjonijiet ta' difiża fuq l-għoljiet, punti ta' qsim tax-xmajjar, linji tan-nixxigħat, maġenb l-għadajjar, gżejjer jew kosta eċċ. Il-valuri kulturali li jinsabu fl-irħula u fil-bliet żgħar għandhom jingħataw post prominenti fil-pubbliċità għal, u fl-inizjattivi matul, is-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018. Ir-residenti anzjani jistgħu jaqdu rwol importanti fil-promozzjoni tat-tradizzjonijiet u l-kultura, u b'hekk għandhom jinħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom b'mod attiv f'dan il-qasam.

4.11. Dawn l-irħula u l-bliet żgħar għandhom assi prezzjużi li jistgħu jibnu fuqhom biex jgħinuhom iżommu jew itejbu l-ekonomiji lokali tagħhom. Dawn huma interkonnessi mal-agrikoltura lokali, mal-forestrija u l-produzzjoni tal-enerġija kif ukoll mat-turiżmu agrikolu u rurali, mal-attivitajiet relatati mas-saħħa, mal-festivals kulturali u mal-protezzjoni ambjentali u l-edukazzjoni. Hemm mijiet ta' eżempji madwar l-Ewropa, bħal Kozard fl-Ungerija u Alston Manor fl-Ingilterra, li jistgħu jintużaw biex oħrajn isegwu fuqhom. Ir-rapport "L-Importanza ta' Bliet Żgħar" minn Ecovast huwa wkoll kontribuzzjoni siewja biex tiġi deskritta u mifhuma l-importanza tar-rwoli li għandhom l-irħula u l-bliet żgħar.

4.12. Il-politiki rurali tal-ġejjieni b'mod entużjast qablu fil-Konferenza ta' Cork 2.0 f'Settembru 2016 li għandhom jgħinu lill-Istati Membri u lir-reġjuni jiżviluppaw politiki rurali ta' appoġġ u jinkoraġġixxu proġetti taħt il-programmi Ewropej. L-implimentazzjoni tal-verifika rurali deskritta f'Cork 2.0 hija essenzjali għall-UE, għall-Istati Membri u għar-reġjuni.

4.13. Il-metodoloġija "LEADER" sponsorjata mill-UE u l-Iżvilupp Lokali mmexxi mill-Komunità (CLLD) jipprovdu għodod biex jassistu fit-tisħiħ u l-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet rurali. LEADER u Gruppi ta' Azzjoni Lokali jistgħu jappoġġjaw l-isforzi lokali biex jiġu żviluppati negozji, kemm privati kif ukoll mhux għall-profitti biex jibdew u jikbru, u biex jiżguraw spirtu komunitarju li jaħdem u ta' appoġġ. Sal-2014 LEADER kienet appoġġjata mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, iżda sa mill-2015 anke Fondi Strutturali u ta' Investiment oħrajn jistgħu jimplimentaw il-metodoloġija permezz ta' ħidma b'aktar minn fond wieħed mas-CLLD. Dan ikun jirrikjedi kooperazzjoni mtejba, u eżempji tajba huma IRD Duhallow u SECAD ġewwa County Cork u PLANED ġewwa Wales, li implimentaw is-CLLD minn isfel għal fuq għal ħafna snin.

4.14. Hemm ħafna proġetti rurali taħt il-Programmi Ewropej li b'kapaċità juru varjazzjoni kbira ta' "prattika tajba" fil-bliet żgħar u fl-irħula. Il-prattika tajba turi wkoll il-ħtieġa għall-intermedjarji u l-valur tagħhom biex jappoġġjaw l-imprendituri u l-gruppi żgħar.

Brussell, it-18 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-ġustizzja klimatika"

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2018/C 081/04)

Relatur: **Cillian LOHAN**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	23.2.2017
Bażi legali	Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura
	Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adottata fis-sezzjoni	3.10.2017
Adottata fil-plenarja	19.10.2017
Sessjoni plenarja Nru	529
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	194/12/8

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-kunċett tal-ġustizzja klimatika jinkwadra t-tibdil fil-klima globali bħala kwistjoni politika u etika u mhux sempliċement kwistjoni strettament ambjentali. Din tipikament titqies fil-kuntest globali ta' interdipendenza spazjali u temporali u tirrikonoxxi li dawk l-aktar vulnerabbli u l-ifqar fis-soċjetà ħafna drabi jkollhom isofru l-akbar impatt tal-effetti tat-tibdil fil-klima. Dan minkejja li dawk l-istess gruppi huma l-anqas responsabbli għall-emissjonijiet li xprunaw il-kriżi klimatika. B'mod aktar ġenerali, f'din l-Opinjoni, il-ġustizzja klimatika tirrikonoxxi l-ħtieġa li titqies il-ġustizzja tal-impatt ħafna drabi sproporzjonat tat-tibdil fil-klima fuq iċ-ċittadini u l-komunitajiet kemm fl-ekonomiji li qegħdin jiżviluppaw **kif ukoll** f'dawk żviluppati.

1.2. Il-KESE jemmen li ċ-ċittadini kollha għandhom dritt għal ambjent nadif b'saħħtu, u li jistennew lill-gvernijiet jieħdu responsabbiltà għall-impenji nazzjonali u l-kontributi determinati fil-livell nazzjonali skont il-Ftehim ta' Pariġi dwar l-ixpruni tat-tibdil fil-klima u t-theddid tat-tibdil fil-klima, b'rikonoxximent mhux biss tal-aspetti ambjentali u ekonomiċi aktar ovvji iżda wkoll tal-impatt soċjali.

1.3. Il-KESE jipproponi li titfassal Karta tad-Drittijiet Klimatiċi tal-UE li tkun tiġbor fiha d-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE u tan-natura fil-kuntest tal-isfidi tal-kriżi tat-tibdil fil-klima globali. Filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol ta' tmexxija tal-UE fil-promozzjoni ta' approċċ b'saħħtu u ġust dwar il-klima fil-livell internazzjonali, il-KESE jinkoraġġixxi lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-gvernijiet nazzjonali sabiex jeżaminaw l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-ġustizzja klimatika fil-livelli kollha: globali, Ewropej, nazzjonali u tal-komunità. Il-Proċess tas-Semestru jista' jintuża bħala għodda sabiex tintlaħaq din l-ambizzjoni. Il-ġustizzja klimatika tirrigwarda l-ġustizzja kemm għall-persuni kif ukoll għall-ambjent li minnu niddependu – it-tnejn huma interkonnessi. F'dan il-kuntest il-KESE jfakkar f'żewġ inizjattivi reċenti: il-Patt Globali għall-Ambjent u l-proġett ta' Dikjarazzjoni Universali dwar id-Drittijiet tal-Umanità.

1.4. Is-sistemi ta' produzzjoni u ta' konsum għandhom jinbidlu biex jadattaw għat-tibdil fil-klima u biex jimmitigawh. Din it-tranżizzjoni ser ikollha isseħħ globalment u fil-kuntest settorjali, u l-UE tista' taqdi rwol ta' tmexxija. Jeħtieġ li l-aktar setturi tan-negozju u ħaddiema vulnerabbli jiġu identifikati u appoġġjati b'mod adegwat. B'mod partikolari, is-sistemi tal-ikel u l-partijiet interessati tagħhom jeħtieġ jiġu appoġġjati fit-tranżizzjoni. Il-konsum sostenibbli tal-ikel irid jibda fl-istadju upstream tal-preparazzjoni tal-ħamrija u l-ġestjoni tas-sistemi naturali sabiex jiġi pprovdut l-element kostitwenti primarju tal-ikel. L-UE għandha tipprovdi tmexxija ċara filwaqt li tippromovi l-ġestjoni sostenibbli u l-protezzjoni tal-ħamrija.

1.5. Fil-kisba tat-tranżizzjoni, is-setgħa tal-konsumaturi tista' tiġi sfruttata biss meta l-konsumaturi jkollhom l-għażla ta' alternattivi etiċi sostenibbli li ma jwasslux għal tnaqqis sinifikanti fil-konvenjenza jew fil-kwalità f'termini ta' servizz, użu jew aċċessibbiltà. Alternattivi vijabbli għall-konsumaturi jistgħu jiġu żviluppati permezz tal-mudelli ekonomiċi ġodda bħalma huma l-ekonomija diġitali, dik kollaborattiva u dik ċirkolari u permezz tal-kooperazzjoni internazzjonali dwar it-tranżizzjoni settorjali u globali lejn dawn il-mudelli.

1.6. Mekkaniżmi ta' appoġġ, inkluż flus pubbliċi, strumenti ekonomiċi u inċentivi għandhom jintużaw sabiex ikun żgurat li jkun hemm infrastruttura u appoġġ adatt għall-konsumaturi li jkunu jixtiequ jagħżlu stil ta' ħajja b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, inkluża assistenza sabiex jintlaħqu l-ispejjeż ogħla ta' prodotti u servizzi etiċi/ta' ħajja twila/sostenibbli, filwaqt li fl-istess ħin jiġi żgurat li ma tiġix mhedda l-kompetittività.

1.7. Jeħtieġ li jsir immappjar tal-ispostament tal-impjiegi f'ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, u jiġu identifikati l-opportunitajiet kemm jista' jkun malajr. Dan jippermetti t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-aktar politiki effettivi sabiex ikun żgurat li l-ħaddiema jkunu protetti, u li l-kwalità tal-ħajja tagħhom tkun preservata permezz ta' tranżizzjoni ġusta.

1.8. Il-KESE jtenni s-sejħa tiegħu għal osservatorju Ewropew dwar il-faqar enerġetiku ([1]), li jkun ilaqqa' flimkien il-partijiet interessati kollha biex jgħinu fid-definizzjoni ta' indikaturi Ewropej tal-faqar enerġetiku. Il-ġustizzja għaċ-ċittadini kollha tfisser li jkun żgurat li tiġi pprovduta enerġija aċċessibbli, nadifa u affordabbli lil kulħadd.

1.9. Il-KESE jitlob li jintemmu s-sussidji għall-karburanti fossili u bidla sabiex tiġi appoġġjata t-tranżizzjoni lejn sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

1.10. Politiki ta' sostenibbiltà effettivi jiddependu fuq l-iżgurar li l-għajnuniet għat-transizzjoni jiġu identifikati b'mod ċar, prijoritizzati u ffinanzjati b'mod adatt. Fl-istess ħin, l-UE jeħtieġ tibda negozjati internazzjonali komprensivi ħafna lejn ftehim globali li jista' jtaffi l-ixpruni tat-tibdil fil-klima u tappoġġja mudell ekonomiku globali aktar sostenibbli.

2. **Kuntest/Raġuni għal din l-opinjoni**

2.1. Din l-opinjoni fuq inizjattiva proprja qed issir fil-kuntest tal-Pjan ta' Ħidma tal-Osservatorju tal-Iżvilupp Sostenibbli għall-2017. Il-ġustizzja klimatika hija suġġett li jaffettwana lkoll iżda safrattant hemm nuqqas ta' azzjoni dwaru fuq livell tal-UE. Din hija opportunità għall-KESE biex jieħu rwol ewlieni u jagħmel proposti inizjali, speċjalment fir-rigward tal-Ewropa. Ħafna aspetti tal-ġustizzja klimatika hemm bżonn jiġu diskussi aktar fil-fond, bħall-kwistjonijiet tat-tqassim tal-kwoti tal-emissjonijiet globali u individwali.

2.2. Il-KESE jrid jieħu pożizzjoni istituzzjonali sabiex jipprovdi l-fehma tas-soċjetà ċivili organizzata tal-UE fid-dibattitu dwar l-impatt tat-tibdil fil-klima u kif l-aħjar li jiġi indirizzat dak l-impatt b'mod ġust.

2.3. Fil-kuntest tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU adottati internazzjonalment, il-Ftehim ta' Pariġi, u fid-dawl tal-fatt li diġà qegħdin jinħassu l-impatti tat-tibdil fil-klima, jenħtieġ li jkun hemm sens akbar ta' urġenza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-ġustizzja klimatika permezz ta' azzjonijiet konkreti.

3. **Kummenti ġenerali**

3.1. Il-kunċett tal-ġustizzja klimatika jinkwadra t-tibdil fil-klima globali bħala kwistjoni politika u etika u mhux sempliċement kwistjoni strettament ambjentali. Dan jirrikonoxxi li dawk l-aktar vulnerabbli u l-aktar fqar fis-soċjetà ħafna drabi jkollhom isofru l-akbar impatt tal-effetti tat-tibdil fil-klima. Il-kunċett jitqies tipikament f'kuntest globali ta' interdipendenza spazjali u temporali, jiġifieri b'enfasi fuq ir-responsabbiltajiet ta' pajjiżi li żviluppaw abbażi tal-isfruttar tar-riżorsi naturali.

3.2. L-SDGs jmorru lil hinn minn dawk ta' qabilhom (l-MDGs) peress li jirrikonoxxu r-responsabbiltà reċiproka, is-sjieda, l-azzjoni kollettiva u l-ħtieġa għal proċessi parteċipatorji inklużivi. Filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol ta' tmexxija tal-UE fil-promozzjoni ta' approċċ b'saħħtu u ġust dwar il-klima fil-livell internazzjonali, il-KESE jinkoraġġixxi lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-gvernijiet nazzjonali sabiex jaġixxu favur il-ġustizzja klimatika fil-livelli kollha: globali, Ewropej, nazzjonali u tal-komunità. Il-Proċess tas-Semestru jista' jintuża bħala għodda sabiex tintlaħaq din l-ambizzjoni. B'mod aktar ġenerali, f'din l-Opinjoni, il-ġustizzja klimatika tirrikonoxxi l-ħtieġa li titqies l-ekwità tal-impatt ħafna drabi sproporzjonat tat-tibdil fil-klima fuq iċ-ċittadini u l-komunitajiet kemm fl-ekonomiji li qegħdin jiżviluppaw kif ukoll f'dawk żviluppati.

([1]) Opinjoni dwar *Lejn azzjoni Ewropea kkoordinata għall-prevenzjoni u l-ġlieda tal-faqar fil-qasam tal-enerġija*, ĠU C 341, 21.11.2013, p. 21.

3.3. Hemm problema ta' reżistenza għall-politiki dwar it-tibdil fil-klima, u l-perċezzjoni tagħhom bħala politiki li jippenalizzaw liċ-ċittadin medju, lil setturi speċifiċi (eż. dawk agroalimentari jew tat-trasport), jew lil komunitajiet u individwi dipendenti fuq il-karburanti fossili minkejja l-benefiċċji ta' politiki bħal dawn.

3.4. Inizjattivi ta' politika differenti jiffukaw fuq setturi u oqsma li huma influwenzati b'mod qawwi mill-isfidi klimatiċi, pereżempju s-saħħa, it-trasport, l-agrikoltura, l-enerġija. Il-ġustizzja klimatika tista' tipprovdi approċċ integrat komprensiv sabiex ikun żgurat li t-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju tinkiseb b'mod ġust u ekwu.

3.5. Importanti li jiġi nnotat li l-ġustizzja klimatika ma tirrigwardax biss 'il dawk direttament affettwati mill-impatti tat-tibdil fil-klima iżda wkoll lil dawk affettwati mill-ixpruni tat-tibdil fil-klima permezz tad-dipendenza fuq prodotti, servizzi u stili ta' ħajja li huma assoċjati ma' emissjonijiet għoljin u effiċjenza baxxa tar-riżorsi.

4. **Kummenti speċifiċi**

4.1. *Il-ġustizzja soċjali*

4.1.1. Il-KESE jemmen li ċ-ċittadini kollha għandhom dritt għal ambjent nadif b'saħħtu, u li jistennew lill-gvernijiet jieħdu responsabbiltà għall-impenji nazzjonali u l-kontributi determinati fil-livell nazzjonali skont il-Ftehim ta' Pariġi dwar l-ixpruni tat-tibdil fil-klima u t-theddid tat-tibdil fil-klima, b'rikonoxximent mhux biss tal-aspetti ambjentali u ekonomiċi aktar ovvji iżda wkoll tal-impatt soċjali.

4.1.2. Il-Pilastru tad-Drittijiet Soċjali tal-UE għandu jservi bħala kumpass għal proċess imġedded ta' konverġenza lejn kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien aħjar fost l-Istati Membri. Dan huwa bbażat fuq 20 prinċipju, li ħafna minnhom se jiġu affettwati jew direttament mit-tibdil fil-klima jew indirettament mill-ħtieġa ta' tranżizzjoni lejn mudelli ekonomiċi ġodda.

4.1.3. Fil-kuntest tad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Drittijiet Soċjali, il-KESE jipproponi li jinbeda dibattitu dwar it-tfassil ta' Karta tad-Drittijiet Klimatiċi. Din tiġbor fiha d-drittijiet taċ-ċittadini u n-natura fil-kuntest tal-isfidi tal-kriżi tat-tibdil fil-klima. F'dan il-kuntest, il-KESE jfakkar fil-proġett ta' Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Umanità mfassal minn Corinne Lepage, bi tħejjija għall-COP21 fl-2015.

4.1.4. Id-drittijiet tan-natura issa huma rikonoxxuti f'diversi pajjiżi madwar id-dinja, permezz tal-proċess leġislattiv. Pereżempju, fin-Netherlands fl-2015, l-NGO Urgenda Foundation rebħet kawża klimatika kontra l-gvern. Il-Qorti Suprema Netherlandiża sostniet b'mod konsistenti l-prinċipju li l-gvern jista' jinżamm legalment responsabbli għan-nuqqas ta' teħid ta' azzjoni suffiċjenti sabiex jipprevjeni l-ħsara prevedibbli li tirriżulta mit-tibdil fil-klima. Kawżi simili qed jiġu ppreparati fil-Belġju u fin-Norveġja. Barra minn hekk, inizjattivi bħalma hu l-Patt Globali għall-Ambjent li tnieda fl-24 ta' Ġunju 2017 jindirizzaw il-ħtieġa għal governanza ambjentali globali ġusta billi jissaħħu "d-drittijiet tal-bniedem tat-tielet ġenerazzjoni" permezz ta' strument ta' referenza universali u trasversali.

4.1.5. Jeħtieġ li jiġi żgurat li dawk l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà ma jkollhomx għalfejn jerfgħu piż inġust u li l-prezz tat-tranżizzjoni lejn mudell ekonomiku responsiv għall-klima jinfirex b'mod ġust madwar is-soċjetà. Pereżempju, il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas għandu jiġi applikat fil-livell ta' dawk li joħolqu t-tniġġis u jagħmlu profitt minnu, pjuttost milli fil-livell tal-utent finali f'każijiet fejn ma tkun teżisti l-ebda alternattiva vijabbli. L-applikazzjoni bir-reqqa u rilevanti ta' dan il-prinċipju importanti kienet eżaminata qabel mill-KESE ([2]).

4.1.6. Se jkun hemm żieda f'kull tip ta' migrazzjoni (inklużi refuġjati minħabba l-klima) minħabba l-persuni spostati ([3]). Diġà rajna kemm m'aħniex ippreparati tajjeb fl-UE biex inlaħħqu ma' dan, u l-kwistjoni tal-piżijiet sproporzjonati madwar l-Istati Membri. Il-KESE diġà enfasizza kif proċessi ekonomiċi żbilanċjati jistgħu jżidu d-destabbilizzazzjoni f'dan il-kuntest ([4]).

([2]) Opinjoni dwar *L-impatt tal-konklużjonijiet tal-COP21 dwar il-politika Ewropea tat-trasport,* ĠU C 303, 19.8.2016, p. 10.
([3]) Opinjoni dwar *L-integrazzjoni tar-refuġjati fl-UE,* ĠU C 264, 20.7.2016, p. 19.
([4]) *Kunsens Ewropew ġdid dwar l-Iżvilupp,* ĠU C 246, 28.7.2017, p. 71.

4.1.7. Fuq livell tal-UE, ma hemm l-ebda strument distint applikabbli għal "persuni spostati minħabba l-ambjent" kif instab minn studju riċenti tal-Parlament Ewropew dwar ir-Refuġjati minħabba l-Klima. Id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja hija strument politikament ikkumplikat sabiex jindirizza kwalunkwe spostament tal-massa, u l-KESE jappoġġa l-pożizzjoni li t-Trattat ta' Lisbona jipprovdi mandat wiesa' biżżejjed biex tiġi riveduta l-politika tal-immigrazzjoni bil-għan li jiġi regolat l-istatus tal-"persuni spostati minħabba l-ambjent".

4.2. *Is-settur agroalimentari*

4.2.1. Is-sistemi ta' produzzjoni tal-ikel u d-dieti se jinbidlu biex jadattaw għat-tibdil fil-klima u biex jimmitigawh. Iċ-ċittadini kollha huma dipendenti fuq is-settur agroalimentari (eż. l-bdiewa, il-familji, dawk tul il-katina tal-provvista, il-konsumaturi) u għalhekk it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju għandha tiżgura li dawk affettwati jiġu faċilitati u appoġġati fit-tibdil. Din it-tranżizzjoni ser ikollha isseħħ globalment u fil-kuntest settorjali, u l-UE tista' taqdi rwol ta' tmexxija.

4.2.2. It-tibdil fil-klima jġib sfidi enormi għall-agrikoltura Ewropea kemm bħala xprun kif ukoll bħala settur li jaffaċja l-aktar l-impatti.

4.2.3. Is-settur jeħtieġ li jiġi definit mill-ġdid għall-kontribut tiegħu għas-sistemi ta' assorbiment naturali, bħalma huma s-servizzi tal-ekosistema li jistgħu jtaffu parti mill-impatt tat-tibdil fil-klima. Dawn għandhom jiġu rikonoxxuti u l-finanzjament pubbliku, permezz tal-PAK, għandu jaġġusta sabiex jiġu appoġġati dawn is-servizzi pprovduti mis-settur agrikolu, bħala konsegwenza tal-objettiv tagħhom ta' produzzjoni tal-ikel. Dan il-kunċett ġenerali huwa appoġġat f'Opinjoni adottata dan l-aħħar ([5]).

4.2.4. Il-konsum sostenibbli tal-ikel irid jibda fl-istadju upstream tal-preparazzjoni tal-ħamrija u l-ġestjoni tas-sistemi naturali sabiex jiġi pprovdut l-element kostitwenti primarju tal-ikel. Il-KESE jenfasizza li jeħtieġ jitnieda dibattitu dwar il-bżonn ta' Direttiva Qafas dwar il-Ħamrija, u tingħata tmexxija ċara dwar l-importanza ta' promozzjoni favur il-ġestjoni sostenibbli u l-protezzjoni tal-ħamrija ([6]). Il-protezzjoni tal-ħamrija u r-rwol tagħha fis-servizzi tal-ekosistema huma fokus għall-Presidenza Estonjana tal-Kunsill tal-UE fil-preżent ([7]).

4.2.5. Il-KESE jippromovi l-kunċett ta' produzzjoni u konsum sostenibbli. Il-kisba ta' kunsens dwar il-ħtieġa ta' bidla fl-attitudnijiet lejn il-konsum tal-laħam se tiddependi fuq l-identifikazzjoni tal-opportunitajiet u l-appoġġ meħtieġa sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta għal dawk li jiddependu fuq dan is-settur tal-industrija agroalimentari.

4.2.6. Dan huwa settur affettwat ukoll mill-ixpruni tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari d-dipendenza tiegħu fuq il-karburanti fossili, mill-produzzjoni tal-ikel, sal-ipproċessar, u t-trasport u l-imballaġġ. Il-politiki jeħtieġ li jiġu fformulati b'rikonoxximent tan-natura riġida (locked-in) tal-mudell agroalimentari eżistenti, u jridu jimmappjaw rotta li tista' tintlaħaq għal ġejjieni sostenibbli għall-bdiewa u li ma jagħmilx ħsara lill-klima.

4.2.7. Il-politiki ambjentali ma għandhomx għalfejn ikunu f'kunflitt mal-ħtiġijiet immedjati tas-settur tal-biedja, meta jitqiesu bħala applikazzjonijiet ta' mekkaniżmi ta' appoġġ sabiex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn soċjetà b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

4.3. *Il-konsumaturi*

4.3.1. Fil-kisba tat-tranżizzjoni, is-setgħa tal-konsumaturi tista' tiġi sfruttata biss meta l-konsumaturi jkollhom l-għażla ta' alternattivi etiċi sostenibbli li ma jwasslux għal tnaqqis sinifikanti fil-konvenjenza jew fil-kwalità f'termini ta' servizz, użu jew aċċessibbiltà. Alternattivi vijabbli għall-konsumaturi jistgħu jiġu żviluppati permezz tal-mudelli ekonomiċi ġodda bħalma huma l-ekonomija diġitali, dik kollaborattiva u dik ċirkolari u permezz tal-kooperazzjoni internazzjonali dwar it-tranżizzjoni settorjali u globali lejn dawn il-mudelli.

4.3.2. Wisq drabi l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas jiġi applikat ħażin u jiġu imposti miżati fuq il-konsumaturi, meta dawn ma jkollhom l-ebda alternattiva vijabbli disponibbli. Il-konsumaturi jrid ikollhom l-alternattiva ta' għażla qabel ma l-ipprezzar jista' jsir strument effettiv sabiex jixpruna l-bidla fl-imġiba fid-direzzjoni meħtieġa.

([5]) Opinjoni dwar *Tfassil mill-ġdid possibbli tal-Politika Agrikola Komuni*, ĠU C 288, 31.8.2017, p. 10.
([6]) Opinjoni dwar *L-Ekonomija Ċirkolari – fertilizzanti* ĠU C 389, 21.10.2016, p. 80.
([7]) Opinjoni dwar *Użu tal-art għall-produzzjoni tal-ikel sostenibbli u s-servizzi tal-ekosistema* (ara paġna 72 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

4.3.3. It-taxxa fuq il-basktijiet tal-plastik hija eżempju tajjeb ta' konsumaturi li jiffaċċjaw taxxa żgħira, iżda li għandhom għażliet alternattivi disponibbli għalihom – jiġifieri li jġibu l-basket tagħhom stess jew jużaw kaxxa pprovduta mill-bejjiegħ bl-imnut. Meta jiġi applikat b'dan il-mod, tista' tinkiseb bidla fl-imġiba fuq skala kbira.

4.3.4. B'kuntrast, l-intaxxar tal-karburanti fossili (pereżempju l-petrol) fil-livell tal-konsumatur jista' jikkawża skuntentizza u d-devjazzjoni tal-introjtu disponibbli għall-fjuwil. Dan jista' jixpruna wkoll suq illegali sekondarju, filwaqt li jippreserva l-profitti tal-produttur tal-inkwinant. Dan huwa aggravat min-nuqqas ta' delimitazzjoni ta' dawn it-taxxi fil-biċċa l-kbira tal-każijiet. Iċ-ċittadini jħossu li l-politiki dwar it-tibdil fil-klima huma assoċjati mal-penalizzazzjoni inġusta ta' dawk li ma għandhom l-ebda alternattiva ħlief li joperaw fi ħdan l-ekonomija bbażata fuq il-karburanti fossili.

4.3.5. Għandu jsir investiment f'mekkaniżmi ta' appoġġ, inkluż flus pubbliċi, strumenti ekonomiċi u inċentivi sabiex ikun żgurat li jkun hemm infrastruttura u appoġġ adatt għall-konsumaturi li jkunu jixtiequ jagħżlu stil ta' ħajja b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, inkluża assistenza sabiex jintlaħqu l-ispejjeż ogħla ta' prodotti u servizzi etiċi/ta' ħajja twila/ sostenibbli. Dan jista' jieħu l-forma ta' sħubijiet pubbliċi-privati. L-industrija tal-karozzi hija eżempju funzjonali tajjeb ta' arranġamenti ta' "back financing" mill-manifattur sabiex jittejjeb l-aċċess għall-karozzi ġodda għall-konsumaturi. Jistgħu jiġu offruti tipi simili ta' sistemi ta' appoġġ għal setturi oħra, pereżempju l-apparat domestiku, il-modifika (retrofitting) ta' dar jew negozju.

4.3.6. Hemm kontradizzjoni klimatika meta jintużaw il-flus pubbliċi sabiex jingħata appoġġ u jsir investiment f'sistemi u infrastrutturi li jżidu d-dipendenza tal-utent finali fuq il-fatturi li jwasslu għat-tibdil fil-klima, filwaqt li fl-istess issir ħidma sabiex l-impatti tat-tibdil fil-klima jitrażżnu u jiġu mmaniġġjati. Il-konsumaturi huma l-ewwel li jiffaċċjaw l-impatt ta' dan. L-għażla bejn ħlas akbar biex jintużaw l-alternattivi niġġiesa jew inkella ma jintużawx mhijiex għażla "ġusta" li għandha tiġi offruta liċ-ċittadini.

4.3.7. Hemm perċezzjoni li l-għażliet ta' stil ta' ħajja sostenibbli u ta' konsum sostenibbli huma kompatibbli biss ma' introjtu disponibbli għoli. L-għażliet etiċi, li ma jagħmlux ħsara lill-klima, u sostenibbli mhumiex aċċessibbli għal kulħadd indaqs. L-ipprezzar li jinkorpora l-ispejjeż klimatiċi (bħalma hi l-intensità tal-użu tar-riżorsi) tal-prodotti u s-servizzi għandu jkun appoġġjat minn qafas ta' politika li jikkontesta din il-perċezzjoni u jżid l-aċċessibbiltà għall-konsumaturi kollha.

4.3.8. Il-leġislazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tal-konsumatur saret qabel ma n-Nazzjonijiet Uniti rrikonoxxiet fl-1999 li l-konsum sostenibbli huwa dritt bażiku tal-konsumatur, u għalhekk ma tagħmel l-ebda referenza għal dan ([8]). Il-KESE jtenni l-appell tiegħu għal politika dwar il-konsum sostenibbli. Dan huwa partikolarment rilevanti fil-kuntest tal-SDGs u l-inizjattiva tal-Ekonomija Ċirkolari.

4.3.9. Mingħajr l-għażla alternattiva l-konsumatur ma titħallielu l-ebda triq għajr faqar impost/deċiżjonijiet ħżiena/ għażliet mhux tajbin għas-saħħa/għażliet mhux sostenibbli u jiżviluppa diżgust għall-politiki "ambjentali" li jitqiesu bħala penalizzanti għall-utent finali. Sadanittant, dawk li jagħmlu profitt minn din is-sistema mhumiex iħallsu iżda qegħdin jagħmlu aktar flus, u b'hekk l-inugwaljanza tiżdied – taħt il-pretest tal-politika ambjentali u f'kontradizzjoni mal-prinċipji tas-sussidjarjetà.

4.4. *It-tranżizzjonijiet tax-xogħol*

4.4.1. Huwa essenzjali li jiġu protetti l-ħaddiema fit-tranżizzjoni, kemm dawk b'ħiliet baxxi jew mhux trasferibbli kif ukoll dawk f'pożizzjonijiet bi kwalifiki għoljin. Jeħtieġ li l-aktar setturi tan-negozju u ħaddiema vulnerabbli jiġu identifikati u appoġġjati b'mod adegwat. L-awtomatizzazzjoni tal-impjiegi, bħala parti mill-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, tista' twassal għall-qerda ta' ċerti impjiegi ([9]).

4.4.2. It-taħriġ mill-ġdid u l-edukazzjoni huma wħud mill-mezzi sabiex tinkiseb din il-protezzjoni. Il-ħaddiema li l-impjiegi tagħhom jgħibu b'riżultat tat-tibdil fil-klima jew b'riżultat tal-ħtieġa li tintemm id-dipendenza fuq l-ixpruni tat-tibdil fil-klima ma għandhomx ikunu dawk li jħallsu l-prezz għal din il-bidla.

([8]) Opinjoni dwar *Il-konsum kollaborattiv jew parteċipattiv: mudell ta' sostenibbiltà għas-seklu XXI*, ĠU C 177, 11.6.2014, p. 1.
([9]) Opinjoni dwar *It-tranżizzjoni lejn futur Ewropew iżjed sostenibbli – strateġija għall-2050* (ara paġna 44 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

4.4.3. L-identifikazzjoni bikrija tal-ħiliet meħtieġa sabiex jippermettu parteċipazzjoni sħiħa f'dawn il-mudelli ekonomiċi ġodda hija parti mis-soluzzjoni iżda daqstant ieħor dawn għandhom jiġu mmappjati fil-kuntest tal-impjiegi u d-dipendenzi eżistenti fuq il-mudell mhux sostenibbli tal-preżent.

4.4.4. Importanti li fejn huwa possibbli jiġu protetti u ppreservati l-komunitajiet, u tiġi faċilitata t-tranżizzjoni bl-anqas ammont ta' impatt fuq il-benesseri, kemm soċjali kif ukoll ekonomiku, ta' dawk affettwati.

4.4.5. Opportunitajiet ġodda huma identifikabbli b'mod ċar fil-mudelli ekonomiċi ġodda proposti, inkluża l-Ekonomija Funzjonali, Kollaborattiva u Ċirkolari. F'dan ir-rigward, l-UE għandha tniedi n-negozjati internazzjonali meħtieġa biex taħdem favur il-kisba ta' mudell ekonomiku globali.

4.5. *Is-saħħa*

4.5.1. Hemm prezz għas-saħħa li jirriżulta mit-tibdil fil-klima, u l-ixpruni tat-tibdil fil-klima. Dan jista' jitkejjel mill-imwiet u l-mard assoċjati mat-tniġġis tal-arja pereżempju, u jirrappreżenta prezz għas-soċjetà kif ukoll il-prezz għas-sistemi tal-kura tas-saħħa pubblika. Is-sistemi tal-kura tas-saħħa pubblika jeħtieġ li jikkunsidraw ir-rwol li t-tibdil fil-klima u l-ixpruni tat-tibdil fil-klima jaqdu fis-settur tagħhom.

4.5.2. Hemm korrelazzjoni bejn is-saħħa u l-benesseri u l-aċċess għan-natura (IEEP). Bosta Stati Membri jiffaċċjaw sfidi tas-saħħa u soċjali bħall-obeżità, kwistjonijiet ta' saħħa mentali, esklużjoni soċjali, storbju u tniġġis tal-arja, li jaffettwaw b'mod sproporzjonat lill-gruppi soċjoekonomikament żvantaġġati u vulnerabbli.

4.5.3. L-investiment fin-natura mhux biss jindirizza t-tibdil fil-klima f'termini tad-divestiment mill-inkwinanti, iżda wkoll l-investiment fil-ħżin tal-karbonju f'ekosistemi naturali. Il-benefiċċji li jirriżultaw għas-saħħa huma doppji: il-prevenzjoni taż-żieda fil-mard u l-promozzjoni ta' stil ta' ħajja attiv li jwassal għal titjib fis-saħħa taċ-ċittadini u tal-komunitajiet. Ir-rikonoxximent ta' dan l-aspett jgħin sabiex ikun żgurat li d-deċiżjonijiet ta' politika jkunu bbilanċjati, infurmati u bbażati fuq l-evidenza.

4.6. *L-enerġija*

4.6.1. Il-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli f'termini ta' perċentwal tal-konsum tal-elettriku żdiedet b'aktar mid-doppju bejn l-2004 u l-2015 fl-UE (14 % għal 29 %). Madankollu fit-tisħin, il-bini u l-industrija, kif ukoll fit-trasport, ir-rekwiżiti enerġetiċi għadhom enormi. Qiegħed isir progress iżda minn bażi baxxa ħafna, pereżempju s-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum ta' fjuwil fit-trasport żdied minn 1 % għal 6 % fl-istess perjodu.

4.6.2. Il-faqar enerġetiku huwa kwistjoni madwar l-Ewropa kollha u għalkemm it-tifsira u l-kuntest tiegħu jistgħu jvarjaw minn pajjiż għall-ieħor, dan huwa eżempju ieħor tal-ħtieġa li jiġi żgurat li l-politiki dwar it-tibdil fil-klima jkunu ffukati fuq il-protezzjoni ta' dawk li huma l-aktar vulnerabbli.

4.6.3. Il-KESE jtenni s-sejħa tiegħu għal osservatorju Ewropew dwar il-faqar enerġetiku ([10]), li jkun ilaqqa' flimkien il-partijiet interessati kollha biex jgħinu fid-definizzjoni ta' indikaturi Ewropej tal-faqar enerġetiku. Il-ġustizzja għaċ-ċittadini kollha tfisser li jkun żgurat li tiġi pprovduta enerġija aċċessibbli, nadifa u affordabbli lil kulħadd.

4.6.4. Il-politiki li jappoġġjaw l-indirizzar tal-problema enormi tal-faqar enerġetiku fl-UE jistgħu jkunu wkoll soluzzjonijiet sabiex jiġu stabbiliti infrastruttura u provvista ta' enerġija nadifa, permezz ta' spostament tas-sussidji u l-koordinazzjoni tar-rieda politika.

4.6.5. Il-politiki li jappoġġjaw is-sussidji għall-karburanti fossili, direttament jew indirettament, jammontaw għall-inverżjoni tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas – min iniġġes jitħallas f'dawn il-każijiet. Ħafna minn dawn is-sussidji huma inviżibbli għall-utent finali iżda finalment jiġu minn flus pubbliċi. Opinjoni reċenti ([11]) diġà stabbiliet il-każ biex jintemmu s-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent (EHS) fl-UE, u Opinjoni oħra dwar l-immappjar tal-politiki dwar l-iżvilupp sostenibbli tal-UE ([12]) tenfasizza l-ħtieġa ta' implimentazzjoni tal-impenji eżistenti biex jitneħħew l-EHS u l-ħtieġa għal promozzjoni vigoruża tar-riforma tat-taxxi ambjentali.

([10]) Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

([11]) Opinjoni dwar *Strumenti bbażati fuq is-suq għal ekonomija tal-UE effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju*, ĠU C 226, 16.7.2014, p. 1.

([12]) Opinjoni dwar *Żvilupp sostenibbli: immappjar tal-politiki interni u esterni tal-UE*, ĠU C 487, 28.12.2016, p. 41.

4.6.6. L-appoġġ għandu jkun disponibbli għal kulħadd, is-sussidji għandhom jiffukaw fuq is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, is-sussidji għall-ixpruni tat-tibdil fil-klima għandhom jiġu eliminati b'mod urġenti, u l-eżenzjonijiet għandhom jiġu applikati b'mod aktar ġust, b'mod espliċitu mhux għal dawk li l-aktar jifilħu jħallsu, u mhux għal dawk li jagħmlu profitt mill-inkwinant. Is-sussidji għall-karburanti fossili fil-preżent huma b'rata ta' $10 miljuni fil-minuta b'mod globali skont il-FMI. L-eliminazzjoni ta' dawn is-sussidji żżid id-dħul tal-gvernijiet bi 3,6 % tal-PDG globali, tnaqqas l-emissjonijiet b'aktar minn 20 %, tnaqqas l-imwiet qabel iż-żmien mit-tniġġis tal-arja b'aktar min-nofs, u żżid il-benesseri ekonomiku globali b'$1,8 triljun (2,2 % tal-PDG globali). Din iċ-ċifra tissottolinja n-natura inġusta tas-sistema preżenti.

4.6.7. Politiki ta' sostenibbiltà effettivi jiddependu fuq l-assigurazzjoni li l-għajnuniet għat-transizzjoni jiġu identifikati b'mod ċar, prijoritizzati u ffinanzjati b'mod adatt.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Sħubijiet għall-iżvilupp tal-UE u l-isfida tal-ftehimiet internazzjonali dwar it-taxxa"

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2018/C 081/05)

Relatur: **Alfred GAJDOSIK**

Korelatur: **Thomas WAGNSONNER**

Data tad-deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	26.1.2017
Bażi legali	L-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura
	Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għar-Relazzjonijiet Esterni
Adottata fis-sezzjoni	28.9.2017
Adottata fis-sessjoni plenarja	18.10.2017
Sessjoni tal-plenarja Nru	529
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	182/0/1

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jappoġġja politika ta' żvilupp li tqis l-iżvilupp bħala proċess imwettaq bejn il-pajjiżi fuq termini ugwali, ibbażata fuq ir-rispett u deċiżjonijiet sovrani. Il-finanzjament u l-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) miftiehma fil-livell tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) jitolbu sforzi kkoordinati f'livell globali. Qed jiġi enfasizzat li l-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-NU seta' jaqdi rwol saħansitra ikbar bħala forum xieraq fejn jidħlu kwistjonijiet relatati mat-taxxa. Dan ifisser kieku li jiġi żgurat kemm l-orjentament lejn l-SDG tal-Aġenda 2030 u kemm il-parteċipazzjoni tal-pajjiżi kollha bħala partijiet ugwali.

1.2. Fid-dawl tal-ftehimiet internazzjonali għar-riforma tal-leġislazzjoni fiskali internazzjonali, pereżempju permezz tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u t-Trasferiment tal-Profitti (BEPS) tal-OECD, ikun xieraq li ssir evalwazzjoni tal-effetti ta' dawn l-isforzi riformatorji internazzjonali fuq l-SDG u li dawn tal-aħħar jiġu kkunsidrati aktar fil-kuntest tal-iżvilupp ulterjuri tal-politiki internazzjonali dwar it-taxxa. Il-KESE jinnota li biex jintlaħqu l-SDGs hemm bżonn ta' riżorsi finanzjarji. Madankollu, ħafna pajjiżi qed iħabbtu wiċċhom ma' sfidi kbar meta jiġu biex jiġġeneraw dħul pubbliku permezz tad-dħul mit-taxxi. Ir-raġunijiet huma s-sistemi tat-taxxa fuq l-introjtu u tat-taxxa fuq il-bejgħ tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma diffiċli li jiġu implimentati u l-kompetizzjoni globali fil-qasam tat-taxxa b'rabta mat-taxxa korporattiva, kif ukoll id-disinn ta' Ftehimiet dwar it-Taxxa Doppja, jistgħu jkunu wkoll parti mill-problema. Il-limitazzjonijiet tal-kapaċità u trażmissjoni inadegwata tal-informazzjoni huma fatturi oħra.

1.3. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri għamlu sforzi konsiderevoli fil-kuntest tar-riforma internazzjonali sabiex jiġu indirizzati d-dgħufijiet fis-sistema internazzjonali tat-taxxa. Dawn l-isforzi qed jintlaqgħu b'sodisfazzjon u jridu jiġu appoġġjati u implimentati b'mod effikaċi u jispiċċaw jiġu soġġetti għal monitoraġġ regolari. Dawn ir-riformi huma mmexxija l-aktar mill-pajjiżi żviluppati ewlenin fi ħdan l-OECD. Ta' min wieħed jeżamina l-possibbiltà li n-NU jkunu forum aktar adattat għall-iżvilupp globali tal-politika internazzjonali dwar it-taxxa, minħabba l-fatt li l-imsieħba tagħhom ġejjin mid-dinja kollha u fuq kollox jinkludu anki l-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp. Bla dubju, il-KESE huwa konxju tan-nuqqas ta' riżorsi u ta' persunal fi ħdan il-Kumitat dwar it-Taxxa tan-NU. Għalhekk, jenħtieġ li n-NU jiġu pprovduti b'mezzi suffiċjenti.

1.4. Il-miżuri tal-UE għat-trasparenza fiskali internazzjonali kif ukoll dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-BEPS se jħallu effett anki fuq pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Parlament Ewropew (PE) u l-Kummissjoni Ewropea diġà esprimew fehmithom dwar kwistjonijiet relatati mal-punti ta' intersezzjoni bejn il-politika fiskali u dik dwar l-iżvilupp. Tintlaqa' b'sodisfazzjon il-Platform of Tax Good Governance żviluppata mill-Kummissjoni Ewropea. Is-sett ta' strumenti relatat mal-effetti kollaterali tal-konvenzjonijiet kontra t-taxxa doppja ppreżentat fil-pjattaforma f'dokument ta' ħidma jista' jiġi rrakkomandat bħala bażi ta' riflessjoni għar-reviżjoni ta' konvenzjonijiet kontra t-taxxa doppja ma' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp mill-Istati Membri.

1.5. Il-KESE jinnota li f'rapport tal-PE tal-2015 intalbu għadd ta' miżuri għat-titjib li għadhom ma ġewx implimentati. F'dan il-kuntest, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-opinjonijiet preċedenti tiegħu stess li fihom dikjarazzjonijiet fuq kollox dwar ir-rappurtar skont il-pajjiż u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, b'osservazzjonijiet dwar reġistri pubbliċi tal-proprjetarji. Il-KESE jinnota li qed tiġi żviluppata lista tal-ġurisdizzjonijiet fiskali li mhux qed jikkooperaw. Iħeġġeġ sforzi ikbar biex jiġu implimentati t-talbiet rispettivi tal-PE u jirrakkomanda biex tiġi indirizzata l-kritika eżistenti min-naħa tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi. Ikun utli li wieħed jappoġġja l-introduzzjoni ta' dawn il-miżuri f'livell dinji permezz ta' ftehimiet fiskali internazzjonali, bil-għan li jittejjeb il-livell ta' informazzjoni disponibbli għall-awtoritajiet fiskali fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp. L-għan irid ikun li jinkisbu l-istess standards madwar id-dinja, filwaqt li l-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp ikun jista' jkollhom sehem indaqs fl-abbozzar tagħhom.

1.6. Il-KESE jappella biex tiġi żgurata koerenza bejn il-politiki internazzjonali dwar it-taxxa tal-Istati Membri u l-objettivi tal-politiki tal-iżvilupp, sabiex jiġu evitati kunflitti bejn il-politiki tat-taxxa tal-pajjiżi individwali u l-prijoritajiet ta' żvilupp konġunti.

1.7. Il-KESE jqis il-valutazzjonijiet tal-impatt tal-politiki tat-taxxa internazzjonali tal-Istati Membri bħala mezz sabiex jiġi ttestjat l-impatt tal-Ftehimiet dwar it-Taxxa Doppja u inċentivi tat-taxxa fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Ikun tajjeb li dawn jiġu appoġġjati u jsiru prattika komuni. F'każijiet ta' kunflitti potenzjali mal-politiki Ewropej tal-iżvilupp, tali analiżijiet jkunu utli anki min-naħa tal-Unjoni Ewropea. Il-konvenzjonijiet eżistenti kontra t-taxxa doppja għandhom jiġu riveduti filwaqt li dawk li jridu jiġu nnegozjati mill-ġdid għandhom jiġu kkonklużi billi jittieħed kont ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet.

1.8. Il-Mudell ta' Konvenzjoni dwar it-Taxxa tal-OECD, li bħalissa jintuża l-aktar, ġie żviluppat primarjament fid-dawl tal-interessi tal-pajjiżi industrijalizzati. Għalhekk, il-KESE jirrakkomanda li, meta jkunu qed jinnegozjaw konvenzjonijiet kontra t-taxxa doppja ma' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, l-Istati Membri tal-UE jieħdu aktar inkonsiderazzjoni l-bżonnijiet tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp. Il-KESE jinnota li abbażi tal-konvenzjoni tal-OECD ġie żviluppat anki mudell ta' konvenzjoni tan-NU, bil-għan li tiġi regolata t-tassazzjoni bejn pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u dawk industrijalizzati u biex b'hekk l-istati tas-sors jingħataw aktar drittijiet li jintaxxaw.

1.9. Il-KESE ilu jappoġġja l-investiment privat biex jitrawwem l-iżvilupp, meta tali żvilupp ikun konformi mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u d-drittijiet bażiċi ekonomiċi, ambjentali u soċjali, u meta jiġu rispettati l-konvenzjonijiet ewlenin tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) u l-Aġenda tax-Xogħol Deċenti. Iċ-ċertezza tad-dritt hija fattur importanti meta wieħed irid jappoġġja klima kummerċjali favorevoli għall-investimenti u b'hekk anki għall-investimenti diretti barranin. Peress li l-kwistjonijiet tat-tassazzjoni ma jistgħux jinfirdu mill-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, jenħtieġ li l-intrapriżi jħallsu t-taxxi kif dovut fil-post fejn jinħolqu profitti permezz ta' valur miżjud (pereżempju produzzjoni, estrazzjoni ta' materja prima).

1.10. Il-KESE jinnota li l-UE u l-Istati Membri tagħha, fil-Kunsens Ewropew il-Ġdid dwar l-Iżvilupp, impenjaw ruħhom għall-kooperazzjoni mal-pajjiżi msieħba tagħhom fl-estensjoni ta' miżuri progressivi tat-tassazzjoni u kontra l-korruzzjoni u l-politiki ridistributtivi kif ukoll għall-ġlieda kontra l-flussi finanzjarji illeċiti. Jenħtieġ, però, li l-politika dwar it-taxxa tkun element saħansitra aktar importanti tal-politika Ewropea dwar l-iżvilupp. Il-KESE jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni Ewropea rigward il-fora reġjonali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp li huma attivi fil-qasam tat-taxxa. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp jaqdu funzjoni ta' kontroll u appoġġ, anki fi ħdan il-qasam tat-taxxa, u għalhekk ta' min wieħed jinvolvihom u jappoġġjahom aktar. L-appoġġ għal miżuri xierqa ta' bini ta' kapaċità fil-qasam tat-taxxa, inkluż it-tagħlim bejn il-pari u l-kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar, se jkollhom impatt dejjiemi fuq il-proġetti ta' żvilupp.

1.11. Il-governanza tajba fil-qasam tat-taxxa trid tkun parti integrali mir-responsabbiltà soċjali korporattiva fil-kuntest tal-obbligi ta' rappurtar tal-intrapriżi.

1.12. Il-KESE jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' klawżoli dwar il-governanza tajba fil-qasam tat-taxxa fil-ftehimiet rilevanti kollha bejn l-UE u pajjiżi jew reġjuni terzi, bil-għan li jitmexxa 'l quddiem l-iżvilupp sostenibbli.

1.13. Il-KESE jirrakkomanda li tiġi eżaminata l-possibbiltà li ftehimiet ta' kummerċ ħieles ġodda jew riveduti bejn l-UE u l-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp iservu ta' opportunità biex jiġu analizzati anki l-konvenzjonijiet bilaterali dwar it-taxxa. Ikun tajjeb li tali eżami jsir b'valutazzjonijiet tal-impatt rigward l-effetti tal-politiki internazzjonali dwar it-taxxa tal-Istati Membri fuq il-miri tal-politiki tal-iżvilupp.

2. **Kummenti ġenerali**

2.1. Għadd ta' studji ([1]) jqajmu l-kwistjoni ta' jekk il-politika fiskali internazzjonali tal-Istati Membri, b'mod partikolari ħafna dispożizzjonijiet fil-konvenzjonijiet kontra t-taxxa doppja, hiex tmur kontra l-għanijiet tal-politika Ewropea dwar l-iżvilupp. Barra minn hekk, skont dawn l-istudji, il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp huma esportaturi netti ta' kapital lejn il-pajjiżi industrijalizzati – fenomenu dovut, f'parti sinifikanti tiegħu, għal flussi tal-kapital li bihom qed jiġu evitati t-taxxi. Dan jgħodd l-aktar eżatt għal dawk il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp bl-inqas introjtu, għax hemmhekk kważi ma jeżistux sorsi ta' finanzjament domestiċi.

2.2. L-UE u l-Istati Membri tagħha flimkien huma l-ikbar donaturi tal-għajnuna għall-iżvilupp u għandhom rwol partikolarment importanti fit-tfassil ta' ftehimiet dwar it-tassazzjoni. Huma impenjaw ruħhom biex jiksbu l-SDG, għalkemm huma biss ftit l-Istati Membri li jilħqu l-mira ta' għajnuna ta' 0,7 % tal-introjtu nazzjonali gross (ING). L-effetti tal-Brexit fuq il-finanzjament fil-futur tal-kooperazzjoni Ewropea għall-iżvilupp mhumiex ċari. Hija ppjanata aktar azzjoni biex jiġi promoss l-investiment privat b'rabta mal-miri tal-politika dwar l-iżvilupp. Ir-riżorsi tal-ODA (Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp) jiddependu mill-politiki tad-donaturi.

2.3. Għall-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, l-SDG jinkludu, fost l-oħrajn, il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi domestiċi, appoġġ internazzjonali biex itejbu l-kapaċità domestika għall-ġbir tat-taxxi, tnaqqis fil-flussi finanzjarji illeċiti u sehem f'istituzzjonijiet ta' governanza globali. Minn dan joħroġ fid-dieher li bażi stabbli tad-dħul pubbliku, sforzi biex jiġi miġġieled it-traffikar illeċitu ta' ħruġ ta' riżorsi, u sehem indaqs għall-pajjiżi kollha fit-tfassil tar-regoli tat-taxxa globali huma pilastri importanti tal-iżvilupp sostenibbli. It-tfal, in-nisa u gruppi vulnerabbli oħra fis-soċjetajiet tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp jibbenefikaw mill-iżvilupp b'mod partikolarment sinifikanti ([2]).

2.4. Il-flejjes mill-kooperazzjoni pubblika għall-iżvilupp mhumiex suffiċjenti għall-iffinanzjar tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, hemm bżonn ta' riżorsi domestiċi, bħalma kien il-każ tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju fil-passat ([3]). Biex jiġu mmobilizzati dawn ir-riżorsi, jenħtieġ li jittejjeb il-ġbir tat-taxxi u li jintlaħaq dħul ikbar mit-taxxa permezz tat-tkabbir ekonomiku sostenibbli kif ukoll it-twessigħ tal-bażi tat-taxxa.

3. **L-isfidi għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw**

3.1. It-tassazzjoni hija sors aktar stabbli ta' finanzi minn tipi oħra ta' dħul, iżda ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw isibuha aktar diffiċli minn pajjiżi żviluppati biex jiġġeneraw biżżejjed dħul mit-taxxa.

3.2. F'dawn l-aħħar deċenni, il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ globali ġiet ferm imfittxija permezz tat-tnaqqis tat-tariffi ta' importazzjoni u esportazzjoni, bil-għan li jitrawmu l-iżvilupp ekonomiku, l-investiment u l-prosperità tal-popolazzjoni inġenerali. Dawn l-effetti li fil-prinċipju huma pożittivi jagħmlu possibbli anki t-twessigħ tal-bażi tat-taxxa, sakemm l-amministrazzjonijiet fiskali jkunu f'pożizzjoni jisfruttawhom. Madankollu, b'hekk tnaqqas ukoll id-dħul tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp minn sorsi importanti u faċilment aċċessibbli. It-tkabbir u l-investimenti, però, iridu jiġu riflessi anki fl-istruttura tad-dħul tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp.

([1]) Eurodad, *The State of Finance for Developing countries, 2014*; Braun & Fuentes *Double Taxation Treaties between Austria and developing countries*, Vjenna 2014; Farny et al. *Tax Avoidance, Tax Evasion and Tax Havens*, Vjenna, 2015.

([2]) PE, Riżoluzzjoni"dwar l-evitar tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa bħala sfidi għall-governanza, il-protezzjoni soċjali u l-iżvilupp fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw P8_TA(2015)0265, punt 14.

([3]) Development Finance International & Oxfam, *Financing the sustainable development goals*, 2015.

3.3. Sabiex ipattu għat-telf fid-dħul, il-pajjiżi li qed jiżviluppaw ta' spiss jintroduċu taxxi fuq il-bejgħ, li jista' jkollhom effett rigressiv. Sistema fiskali magħmula minn tipi differenti ta' taxxa tnaqqas id-dipendenza fuq it-tipi individwali ta' taxxa u tiżgura dħul domestiku stabbli.

3.4. Fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp ta' spiss ikun diffiċli li tiġi implimentata t-tassazzjoni tal-proprjetà tal-art u tal-assi. Però minħabba r-rimunerazzjonijiet baxxi fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, it-taxxi fuq il-pagi u s-salarji jiġġeneraw dħul mit-taxxa relattivament baxx. It-taxxa fuq l-introjtu tinġabar fuq kollox mill-impjegati tas-settur pubbliku u n-nies li jaħdmu għal kumpaniji internazzjonali. Barra minn hekk, spiss ikun hemm ekonomija informali fuq skala kbira.

3.5. Ir-rapport ta' Mbeki nkluda d-dħul permezz tal-evitar tat-taxxa fil-"flussi finanzjarji illeċiti ([4]). Dan donnu jisboq d-dħul tar-riżorsi mill-kooperazzjoni għall-iżvilupp ([5]). Kooperazzjoni internazzjonali ikbar bejn l-awtoritajiet għat-trawwim tat-trasparenza u t-tisħiħ tal-miżuri leġislattivi u regolatorji hija importanti biex jitwaqqfu dawn il-flussi illeċiti. It-tisħiħ tad-drittijiet ta' proprjetà fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw huwa diżinċentiv importanti wkoll għall-ħruġ ta' kapital.

3.6. It-taxxi korporattivi għandhom rwol aktar importanti fl-istruttura tad-dħul mit-taxxa tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp milli tal-pajjiżi industrijalizzati. Għalhekk jintlaqtu aktar minn strateġiji għall-evitar tat-taxxa. Fl-istess ħin, i r-rati nominali kif ukoll effettivi tat-taxxi korporattivi madwar id-dinja ilhom jonqsu sa mis-snin 1980, biex jinġibdu l-investimenti. Għall-intrapriżi, it-taxxa korporattiva hija indikatur importanti tal-klima ta' investimenti. B'hekk inħolqot kompetizzjoni internazzjonali tat-taxxa, li minħabba l-istruttura tad-dħul tagħhom mit-taxxa hija aktar problematika għall-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp milli għall-pajjiżi industrijalizzati. L-effetti kollaterali tal-kompetizzjoni fil-qasam tat-taxxa huma kwistjoni li diġà tqajmet mill-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) ([6]). Barra minn hekk, għadd kbir ta' pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp qed jiffaċċjaw għadd żgħir ta' kumpaniji kbar li jinvestu u li għandhom sehem importanti mid-dħul kollu mit-taxxa korporattiva.

3.7. Huwa diffiċli li l-awtoritajiet fiskali jivvalutaw il-prezzijiet tat-trasferiment skont il-prinċipju ta' distakkament għal tranżazzjonijiet transkonfinali bejn il-kumpaniji fi ħdan grupp. L-awtoritajiet fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom kapaċità limitata biex jagħmlu dan, u l-manipulazzjoni tal-prezzijiet tat-trasferiment minħabba t-taxxa tibqa' problema importanti.

3.8. Il-konvenzjonijiet kontra t-taxxa doppja jiċċaraw id-dritt tal-pajjiżi kontraenti li jintaxxaw, jirregolaw l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet fiskali u b'hekk jagħtu ċertezza tad-dritt. Għalhekk, jistgħu jitqiesu bħala inċentivi għal investimenti diretti barranin mill-intrapriżi u fl-aħħar mill-aħħar jippromovu t-tkabbir. Il-konvenzjonijiet kontra t-taxxa doppja jista' jkollhom effetti anki fuq id-dritt tal-pajjiżi tas-sors li jintaxxaw. Ir-rati tat-taxxi minn ras il-għajn fuq il-liċenzji, l-imgħax u d-dividendi s-soltu jkunu aktar baxxi mir-rati tat-taxxi domestiċi. Ċerti dispożizzjonijiet, bħal pereżempju definizzjoni ristrettiva tal-istabbiliment, jistgħu jillimitaw id-dritt tal-pajjiżi li jintaxxaw. Bla dubju, il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp huma interessati f'investimenti ulterjuri, iżda jistgħu jitilfu d-dritt li jintaxxaw. Il-Ftehimiet dwar l-Iskambju ta' Informazzjoni dwar it-Taxxa għalhekk jistgħu jkunu għażla aħjar, jekk pajjiż prinċipalment ifittex li jikseb informazzjoni dwar it-taxxa minn ġurisdizzjonijiet oħra.

3.9. Bħala punt tat-tluq għan-negozjati jintuża l-aktar il-mudell ta' konvenzjoni dwar it-taxxa tal-OECD, li huwa pjuttost immirat lejn l-interessi tal-pajjiżi industrijalizzati ([7]). Il-mudell ta' konvenzjoni tan-NU huwa mfassal bħala alternattiva għall-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u jirrifletti aktar l-interessi tagħhom ([8]). B'mod ġenerali jipprevedi li l-pajjiżi tas-sors jingħataw aktar drittijiet li jintaxxaw mill-pajjiż tal-oriġini tal-kumpanija li tipproduċi.

([4]) AU/ECA, *Illicit Financial Flows – Report of the High Level Panel on Illicit Financial Flows from Africa*, (p. 23 u s-segwitu).

([5]) EPRS (Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew): *The inclusion of financial services in EU free trade and association agreements: Effects on money laundering, tax evasion and avoidance*, PE 579.326, p. 15.

([6]) FMI *"Spillovers in international corporate taxation"*, 2014.

([7]) Owens & Lang, The Role of Tax Treaties in Facilitating Development and Protecting the Tax Base, fi: Bloomberg Daily Tax Report, l-1 ta' Mejju 2013.

([8]) Lennard (2009): *The UN Model Tax Convention as Compared with the OECD Model Tax Convention – Current Points of Difference and Recent Developments*, Asia-Pacific Tax Bulletin, vol. 49, No 08; V. Daurer u R. Krever (2012): *Choosing between the UN and OECD Tax Policy Models: an African Case Study*, EUI Working paper RSCAS 2012/60.

3.10. Il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp jistgħu jiċċaħħdu mid-dħul mit-taxxa meta gruppi ta' kumpaniji jistabbilixxu entitajiet bi skop speċjali f'pajjiżi differenti biex ikun hemm kompetizzjoni bejn għadd ta' konvenzjonijiet kontra t-taxxa doppja sabiex inaqqsu t-taxxi. Jista' jkun diffiċli wkoll għall-pajjiż tas-sors li jintaxxa s-servizzi u t-trasferimenti indiretti tal-assi abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehimiet dwar it-Taxxa Doppja. Ikun tajjeb li jittieħed kont tax-xewqa għal opportunitajiet tajba għat-trasferiment ta' teknoloġija, bil-għan li jiġi promoss it-tkabbir sostenibbli fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp.

3.11. Hemm studji dwar it-telf ta' dħul fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp. L-organizzazzjoni mhux governattiva Olandiża, SOMO, stmat it-telf annwali tad-dħul mit-taxxa minn ras il-għajn fuq l-imgħax u d-dividendi li jirriżulta minn Ftehimiet dwar it-Taxxa Doppja bejn in-Netherlands u 28 pajjiż li qed jiżviluppaw għal EUR 554 miljun ([9]). Studju Awstrijak ikkonkluda li għandhom jitwettqu l-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Ftehimiet dwar it-Taxxa Doppja għaliex dawn jistgħu jwasslu għal telf tad-dħul, anke jekk jiżdied l-investiment ([10]). Skont stimi mill-Unctad fil-"World Investment Report 2015", minn gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali daħlu ħlasijiet ta' madwar 730 biljun dollaru Amerikan fil-baġits tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp. Madankollu, dan ir-rapport juri telf annwali ta' dħul mit-taxxi fil-livell ta' mitt biljun dollaru Amerikan, li minnhom jiċċaħħdu l-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp billi l-investimenti barranin jitwettqu permezz ta' ċentri tal-investimenti offshore ([11]). Tali telf tad-dħul jmur kontra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli deskritti hawn fuq.

4. Miżuri f'livell nazzjonali, reġjonali u internazzjonali – il-kontribut tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha

4.1. Qed isiru aktar sforzi biex il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp jingħataw appoġġ fil-qasam tat-taxxa, pereżempju fil-qafas tal-Inizjattiva Fiskali ta' Addis. Il-politika internazzjonali dwar it-taxxa taqa' fil-kompetenza tal-Istati Membri. Il-Ftehimiet dwar it-Taxxa Doppja konklużi bilateralment, l-inizjattivi leġislattivi tal-UE huma essenzjalment limitati għal strumenti biex jitlesta s-suq intern. Rigward il-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp (Policy Coherence for Development – PCD) hemm kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea l-Istati Membri tagħha ([12]). L-effetti tas-sistema internazzjonali tat-taxxa fuq l-iżvilupp qed jiġu rrikonoxxuti u ttrattati anki min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea ([13]). Biex tiġi żgurata l-koerenza tal-politika għall-iżvilupp, jenħtieġ li jiġu eżaminati l-effetti fuq il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp tal-politiki tat-taxxa fl-UE li huma inkompatibbli mal-objettivi tal-politika għall-iżvilupp, u biex jitteħdu miżuri fejn xieraq.

4.2. Fil-livell tan-Nazzjonijiet Uniti, qed issir ħidma fuq kwistjonijiet tat-taxxa permezz tal-proċess ta' Finanzjament għall-Iżvilupp, l-Ecosoc u l-Kumitat dwar it-Taxxa tan-NU, kif ukoll permezz ta' aġenziji speċjalizzati bħall-Unctad. Fuq talba tal-G20, ġew mfittxija riformi estensivi fi ħdan l-OECD bil-għan li jiġġieldu l-BEPS. Il-kwistjonijiet ewlenin hawnhekk jinkludu l-eliminazzjoni tal-għażla opportunistika tat-trattati, il-prattiki dannużi dwar it-taxxa minn gvernijiet (bħalma huma s-sistemi ta' inċentivi tat-taxxa favur il-privattivi u "deċiżjonijiet" ambigwi), diskrepanzi ibridi fit-trattament tat-taxxa tad-dejn, u l-ipprezzar u r-rappurtar ineffiċjenti tat-trasferimenti. Minħabba l-importanza tad-dħul mit-taxxa korporattiva għall-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp huwa mistenni li l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-BEPS ikollu effetti pożittivi fuqhom.

4.3. Ħafna pajjiżi mhux membri tal-OECD, fosthom stati Afrikani, issieħbu mal-qafas komprensiv tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-BEPS tal-OECD. 103 pajjiżi qablu fuq l-adozzjoni ta' konvenzjoni multilaterali ġdida dwar il-BEPS f'Ġunju tal-2017 li tissemplifika l-interpretazzjoni tal-konvenzjonijiet bilaterali dwar it-taxxa fid-dawl tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-BEPS. Tnediet pjattaforma għall-kollaborazzjoni dwar it-taxxa min-NU, l-OECD, il-FMI u l-Bank Dinji bl-intenzjoni li jintensifikaw il-kooperazzjoni internazzjonali dwar kwistjonijiet ta' taxxa. L-inizjattiva tista' tikkontribwixxi għal aktar koerenza bejn il-ħidmiet tal-OECD u l-korpi tan-NU. Jenħtieġ li jiġi mmonitorjat jekk hux qed jintlaħaq l-effett mixtieq.

([9]) Mc Gauran, *Should the Netherlands Sign Tax Treaties with Developing Countries*, 2013.
([10]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1, Braun & Fuentes.
([11]) Unctad *World Investment Report 2015*, p. 200.
([12]) COM(2016) 740 final, ara wkoll l-Opinjoni tal-KESE dwar Kunsens Ewropew ġdid dwar l-Iżvilupp, ĠU C 246, 28.7.2017, p. 71.
([13]) C(2016) 271 final, COM(2016) 24 final, KE, *Collect More Spend Better* dwar tassazzjoni effettiva, 2015.

4.4. Il-KESE jirrikonoxxi l-isforzi tal-OECD rigward l-iżvilupp ulterjuri ta' sistema fiskali internazzjonali aħjar. Madankollu, xi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili [14] jikkritikaw li l-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp m'għandhomx id-dritt tal-vot fi ħdan l-OECD. Ġew mistiedna biex jipparteċipaw biss wara li tfassal il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-BEPS. Fehma simili ġiet espressa mill-PE, li talab it-tisħiħ tal-korpi rispettivi tan-NU, sabiex isiru possibbli disinn u riforma internazzjonali tal-politika internazzjonali dwar it-taxxa fuq termini ugwali [15]. F'dokument ta' ħidma tal-FMI, esperti jesprimu wkoll it-tħassib tagħhom dwar l-impatt tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-BEPS fuq il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp [16].

4.5. Sabiex jiġu evalwati l-effetti tal-passi riformatorji u dawn tal-aħħar jiġu adattati fejn xieraq, jenħtieġ li l-korpi rispettivi tan-NU, b'mod partikolari l-Kumitat dwar it-Taxxa tan-NU, jissaħħu u jingħataw aktar riżorsi. Fi kwalunkwe każ ikun tajjeb li l-Kummissjoni Ewropea tissorvelja l-implimentazzjoni tal-konvenzjoni multilaterali dwar il-BEPS iffirmata f'Ġunju 2017 u tkompli l-impenn tagħha favur l-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali dwar kwistjonijiet tat-taxxa bejn in-NU, l-OECD u l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali.

4.6. *Miżuri attwali tal-Unjoni Ewropea b'impatt fuq il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp*

4.6.1. Il-pakkett ta' miżuri biex jiġi miġġieled l-evitar tat-taxxa indirizza kwistjonijiet relatati mal-politiki tat-taxxa internazzjonali, jiġifieri lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-UE [17]. L-informazzjoni mir-rappurtar skont il-pajjiż b'konformità mar-rekwiżiti [18] stabbiliti mill-UE, il-G20 u l-OECD hija strument importanti għall-awtoritajiet fiskali. Pubblikazzjoni ta' data speċifika għal kull pajjiż tista' tippermetti li pubbliku usa', inkluż l-impjegati u l-investituri li jaġixxu b'mod responsabbli, iqis aħjar sa fejn l-intrapriżi qed iħallsu t-taxxi fil-post fejn jagħmlu l-profitti tagħhom. Il-KESE jinnota li f'rapport tal-PE tal-2015 intalbu għadd ta' miżuri għat-titjib li għadhom ma ġewx implimentati. F'dan il-kuntest, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-opinjonijiet preċedenti tiegħu stess li fihom dikjarazzjonijiet fuq kollox dwar ir-rappurtar skont il-pajjiż u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, b'osservazzjonijiet dwar reġistri pubbliċi tal-proprjetarji. Il-KESE jinnota li qed tiġi żviluppata lista tal-ġurisdizzjonijiet fiskali li mhux qed jikkooperaw. Iħeġġeġ sforzi ikbar biex jiġu implimentati t-talbiet rispettivi tal-PE u jirrakkomanda biex tiġi indirizzata l-kritika eżistenti min-naħa tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi. Ikun utli li wieħed jappoġġja l-introduzzjoni ta' dawn il-miżuri f'livell dinji permezz ta' ftehimiet fiskali internazzjonali, bil-għan li jittejjeb il-livell ta' informazzjoni disponibbli għall-awtoritajiet fiskali fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp. L-għan irid ikun li jinkisbu l-istess standards madwar id-dinja, filwaqt li l-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp ikun jista' jkollhom sehem indaqs fl-abbozzar tagħhom.

4.6.2. L-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni relatata mat-taxxa kien previst fi ħdan l-Unjoni Ewropea permezz ta' bidliet li ssupplimentaw id-Direttiva dwar għajnuna reċiproka [19]. Madankollu, il-pajjiżi li qed jiżviluppaw għad fadlilhom jikkonkludu ftehimiet bilaterali ta' assistenza reċiproka ma' pajjiżi Ewropej. Għal dan il-għan hemm bżonn skambju reċiproku ta' data u s-sigurtà tad-data, li ta' spiss toħloq problema ta' kapaċità għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

4.6.3. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija Esterna għal Tassazzjoni Effettiva [20] tindirizza l-kwistjonijiet imqajma f'din l-opinjoni. Bħalissa qed titfassal lista komuni tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet fiskali li mhux qed jikkooperaw [21]. Il-KESE laqa' b'sodisfazzjon l-iżvilupp tal-lista. L-organizzazzjonijiet mhux governattivi, min-naħa l-oħra, jidhru aktar xettiċi rigward tali lista [22]. Anki l-PE sejjaħ għal definizzjoni valida fil-livell dinji ta' rifuġji fiskali bl-inklużjoni anki ta' Stati Membri tal-UE u t-territorji tagħhom lil hinn minn xtuthom [23].

---

[14] Christian Aid, dikjarazzjoni għall-istampa tad-19.7.2013, *OECD Action Plan on tax dodging is step forward but fails developing countries*; Oxfam, dikjarazzjoni għall-istampa tat-13.11.2014, *Oxfam reaction to OECD's roadmap to include developing countries in international tax reform*.

[15] Opinjoni tal-KESE dwar Kunsens Ewropew ġdid dwar l-Iżvilupp, ĠU C 246, 28.7.2017, p. 71, punt 13.

[16] Crivelli, Ruud De Mooij, Keen, *Base Erosion, Profit Shifting and Developing Countries*, dokument ta' ħidma tal-FMI WP/15/118.

[17] COM ((2016) 25 final — 2016/010 (CNS), COM ((2016) 26 final — 2016/011 (CNS), ara l-Opinjoni tal-KESE dwar il- "Pakkett kontra l-Evitar tat-Taxxa", ĠU C 264, 20.7.2016, p. 93.

[18] Ara l-Opinjoni tal-KESE dwar "Id-divulgazzjoni tal-informazzjoni dwar it-taxxa", ĠU C 487, 28.12.2016, p. 62.

[19] Ara l-Opinjoni tal-KESE dwar "Pjan ta' Azzjoni għall-Bini ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali", ĠU C 133, 14.4.2016, p. 17.

[20] Ara l-Opinjoni tal-KESE dwar il-pakkett kontra l-evitar tat-taxxa, ĠU C 264, 20.7.2016, p. 93.

[21] Disponibbli hawnhekk https://ec.europa.eu/taxation_customs/tax-common-eu-list_en (ġiet ikkonsultata l-aħħar fid-29.8.2017).

[22] Pereżempju Tax Justice Network v. 23.2.2017, *Verdict on Finance Ministers' blacklist: "whitewashing tax havens"*.

[23] Ara n-nota 2 f'qiegħ il-paġna, punt 10.

4.6.4. Ir-rakkomandazzjoni dwar it-Trattati tat-Taxxa ([24]) tindirizza kwistjonijiet importanti relatati mal-Ftehimiet ta' Taxxa Doppja u tħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu t-trattati tat-taxxa tagħhom biex jiġġieldu l-abbuż tat-trattati u l-għażla opportunistika tat-trattati. Min-naħa l-oħra, ma titlob l-ebda valutazzjoni tal-impatt tal-Ftehimiet ta' Taxxa Doppja, b'mod partikolari rigward l-implikazzjonijiet tagħhom għall-koerenza tal-politika għall-iżvilupp jew l-effetti kollaterali. Il-"Platform of good tax governance", li għandha tintlaqa' b'sodisfazzjon u li qed tittratta kwistjonijiet tat-tassazzjoni internazzjonali bl-involviment ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, ippreżentat dokument ta' ħidma dwar dawn l-effetti ([25]). Jenħtieġ li dan jiġi kkunsidrat mill-Istati Membri.

4.6.5. L-istrateġiji tal-evitar tat-taxxa ta' spiss huma relatati ma' sjieda tal-proprjetà ambigwa. B'segwitu għall-emenda għar-Raba' Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus ([26]), ma nħoloq l-ebda reġistru tas-sjieda pubblikament aċċessibbli għal trusts jew kumpaniji oħra li jwettqu investimenti. Dawn ir-reġistri jgħinu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jinvestigaw każijiet ta' suspett ta' ħasil tal-flus u evażjoni tat-taxxa.

4.6.6. Is-suġġerimenti dwar is-CCTB huma s-suġġett ta' Opinjoni oħra tal-KESE ([27]). Fil-kuntest tal-parteċipazzjoni fi ftehimiet fiskali internazzjonali u r-rilevanza għall-amministrazzjonijiet fiskali tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, tali armonizzazzjoni – u l-informazzjoni li tirriżulta minnha –kieku tagħti eżempju u tħalli effetti fuq il-konvenzjonijiet kontra t-taxxa doppja ma' pajjiżi terzi. L-informazzjoni fi ħdan l-Ewropa kieku tagħti indikazzjonijiet għal kalkoli komparattivi f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp. L-għan irid ikun li jinkisbu l-istess standards madwar id-dinja, filwaqt li l-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp ikun jista' jkollhom sehem indaqs fl-abbozzar tagħhom.

4.6.7. Il-KESE jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' klawżoli dwar il-governanza tajba fil-qasam tat-taxxa fil-ftehimiet rilevanti kollha bejn l-UE u pajjiżi jew reġjuni terzi, bil-għan li jitmexxa 'l quddiem l-iżvilupp sostenibbli.

4.6.8. Il-KESE jirrakkomanda li tiġi eżaminata l-possibbiltà li ftehimiet ta' kummerċ ħieles ġodda jew riveduti bejn l-UE u l-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp iservu ta' opportunità biex jiġu analizzati anki l-konvenzjonijiet bilaterali dwar it-taxxa. Ikun tajjeb li tali eżami jsir b'valutazzjonijiet tal-impatt rigward l-effetti tal-politiki internazzjonali dwar it-taxxa tal-Istati Membri fuq il-miri tal-politiki tal-iżvilupp. Dan jista' jikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni ta' talbiet mir-rapport tal-Parlament Ewropew.

5. **Azzjoni ulterjuri rakkomandata mill-KESE**

5.1. Skont il-pakkett kontra l-evitar tat-taxxa u għal raġunijiet ta' PCD tal-Istati Membri u tal-UE, il-politiki tat-taxxa internazzjonali u l-konvenzjonijiet kontra t-taxxa doppja tal-Istati Membri jridu jkunu soġġetti għal valutazzjonijiet regolari tal-impatt ([28]). Sabiex tkun garantita koordinazzjoni aħjar bejn il-politika tal-iżvilupp tal-UE u l-politiki tal-Istati Membri dwar it-taxxa, il-Kummissjoni Ewropea għandha tiżgura li l-Istati Membri li jinnegozjaw konvenzjoni kontra t-taxxa doppja ma' pajjiż fil-fażi tal-iżvilupp jikkunsidraw kif dovut il-politiki armonizzati tal-UE dwar l-iżvilupp. F'dan il-kuntest tintlaqa' r-rakkommandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri kontra l-abbuż ta' trattat dwar it-taxxa ([29]). Fid-dawl tal-għanijiet ta' żvilupp ipproġettati, iridu jitqiesu aktar il-ħtiġijiet tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp. F'dan il-kuntest, jenħtieġ ukoll li jitrawwem l-impenn tal-UE fil-livell tan-NU, għall-Kumitat dwar it-Taxxa, u li jitmexxa 'l quddiem il-bini ta' kapaċità rigward forum globali li jinvolvi l-istati kollha b'termini ugwali.

5.2. Għandhom jiġu previsti perjodi ta' tranżizzjoni sabiex il-pajjiżi li qed jiżviluppaw ikunu jistgħu jiġu inklużi f'miżuri li jippermettu l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni, waqt li tkun għadha qed tinħoloq il-kapaċità.

5.3. Il-governanza tajba fil-qasam tat-taxxa għandha tkun parti integrali mir-responsabbiltà soċjali korporattiva fil-kuntest tal-obbligi ta' rappurtar tal-intrapriżi.

([24]) Ara l-Opinjoni tal-KESE dwar il-pakkett kontra l-evitar tat-taxxa, ĠU C 264, 20.7.2016, p. 93.
([25]) Dokument ta' diskussjoni tal-Kummissjoni Ewropea għall-"Platform for Tax Good Governance", *Toolbox spill-over effects of EU tax policies on developing countries*, Ġunju 2017, Platform/26/2017/EN.
([26]) COM ((2016) 450 final — 2016/0208 (CNS), ara l-Opinjoni tal-KESE dwar id-"Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus", ĠU C 34, 2.2.2017, p. 121.
([27]) ĠU C 434, 15.12.2017, p. 58.
([28]) Ara n-nota 2 f'qiegħ il-paġna, punt 15.
([29]) Ara l-Opinjoni tal-KESE dwar il-pakkett kontra l-evitar tat-taxxa, ĠU C 264, 20.7.2016, p. 93.

5.4. Bil-pjani biex investituri privati jkunu involuti aktar mill-qrib fil-politika Ewropea għall-iżvilupp, il-kwistjonijiet ta' konċessjonijiet tat-taxxa għal involviment relatat mal-politiki dwar l-iżvilupp isiru aktar rilevanti ([30]). Peress li l-kwistjonijiet tat-tassazzjoni ma jistgħux jinfirdu mill-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, jenħtieġ li l-intrapriżi jħallsu t-taxxi kif dovut fil-post fejn jinħolqu profitti permezz ta' valur miżjud ([31]). Dan irid jiġi żgurat meta wieħed jappoġġja involviment mis-settur privat.

5.5. Barra minn hekk, ta' min wieħed jieħu ħsieb b'mod ġenerali biex l-għoti ta' benefiċċji tat-taxxa ma jmurx kontra l-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

5.6. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-osservazzjonijiet tiegħu dwar reġistru pubbliku tas-sjieda benefiċjarja tal-kontijiet bankarji, in-negozji, it-trusts u t-tranżazzjonijiet ([32]) u jqis xieraq li tiġi promossa l-introduzzjoni ta' dawn il-miżuri fil-livell dinji permezz ta' ftehimiet internazzjonali dwar it-taxxa. Barra minn hekk, il-miżuri msemmija jridu jitqiesu primarjament permezz ta' sforzi għall-bini ta' kapaċità, bil-għan li tiġi appoġġjata l-ġlieda kontra l-flussi finanzjarji illeċiti fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp. Peress li hemm biża' li ħafna intrapriżi Ewropej li joperaw f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-rappurtar skont il-pajjiż, il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-argumentazzjoni tiegħu dwar dan is-suġġett ([33]). Jirrakkomanda l-valutazzjoni tal-impatt ta' regoli rilevanti oħra fuq il-pajjiżi filfażi tal-iżvilupp, b'mod partikolari ta' dawk ir-regoli li l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom huwa definit b'limiti ta' fatturat annwali.

5.7. L-UE u l-Istati Membri tagħha, fil-Kunsens Ewropew il-Ġdid dwar l-Iżvilupp, impenjaw ruħhom għall-kooperazzjoni mal-pajjiżi msieħba tagħhom fl-estensjoni tal-miżuri progressivi tat-tassazzjoni u kontra l-korruzzjoni u l-politiki ridistributtivi kif ukoll għall-ġlieda kontra l-flussi finanzjarji illeċiti ([34]). Filwaqt li fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp qed jinbnew il-kapaċitajiet rilevanti tekniċi u ta' persunal, sabiex tinkiseb parteċipazzjoni sħiħa fi ftehimiet internazzjonali, irid ikun hemm diġà, però, possibbiltajiet ta' skambju tal-informazzjoni bil-għan li jintlaħqu l-għanijiet miftiehma. L-impenn ([35]) tal-KE għall-promozzjoni ta' fora ([36]) reġjonali lil hinn mill-Kumitat dwar it-Taxxa tan-NU qed jiġi rrikonoxxut u jrid jissaħħaħ. Ta' min wieħed jieħu ħsieb biex f'dawn il-fora jkun hemm parteċipazzjoni qawwija tal-partijiet interessati u proċeduri solidi ta' konsultazzjoni. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp jaqdu funzjoni ta' kontroll u appoġġ, anki fi ħdan il-qasam tat-taxxa, u għalhekk għandhom jingħataw appoġġ.

5.8. Għandha tiġi kkunsidrata aktar is-sistema tat-taxxa ta' pajjiż li qed jiżviluppa fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Il-bini ta' kapaċitajiet huwa maħsub biex il-pajjiżi benefiċjarji jsiru aktar kapaċi jgħinu lilhom innifishom u biex jissaħħu l-effiċjenza tas-sistemi fiskali u l-leġittimità tal-istat. Inkisbu esperjenzi partikolarment pożittivi bl-iskambju dirett bejn amministrazzjonijiet fiskali bi sfidi simili (tagħlim bejn il-pari) u bil-kooperazzjoni bejn pajjiżi b'kundizzjonijiet ta' żvilupp simili (pereżempju l-kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar). Joħolqu l-possibbiltà ta' allinjament ma' xulxin fid-dawl ta' sfidi simili u jippermettu l-iskambju ta' "prattiki tajba" li jkunu wkoll konformi mal-kapaċitajiet.

5.9. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa għal koerenza politika għall-iżvilupp fil-qasam tat-taxxa, peress li l-miżuri meħudin fi ħdan l-UE għandhom effetti internazzjonali fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Għalhekk, dawn l-effetti għandhom jiġu kkunsidrati u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw ikkonċernati għandhom jiġu involuti.

Brussell, it-18 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

([30]) Ara l-Opinjoni tal-KESE dwar "L-istabbiliment tal-Garanzija tal-EFSD u tal-Fond ta' Garanzija tal-EFSD", ĠU C 173, 31.5.2017, p. 62.
([31]) Ara n-nota 2 f'qiegħ il-paġna, Sezzjoni A u Punt 6.
([32]) Ara b'mod partikolari l-punt 1.5 tal-Opinjoni tal-KESE dwar id-"Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus", ĠU C 34, 2.2.2017, p. 121.
([33]) Ara b'mod partikolari l-punt 1.11 tal-Opinjoni tal-KESE dwar dwar it-trasparenza fiskali pubblika, ĠU C 487, 28.12.2016, p. 62.
([34]) COM(2016) 740 final, ara wkoll l-Opinjoni tal-KESE dwar Kunsens Ewropew ġdid dwar l-Iżvilupp, ĠU C 246, 28.7.2017, p. 71.
([35]) Ara l-Kummissjoni Ewropea, *Collect More – Spend Better*, 2015.
([36]) Pereżempju l-"African Tax Administrations Forum" (ATAF), l-"Inter-American Center of Tax Administrations" (CIAT) kif ukoll il-"Global Forum on Transparency and Exchange of Information for Tax Purposes" (CREDAF).

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali fir-reġjun Ewro-Mediterranju"

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2018/C 081/06)

Relatur: **Helena DE FELIPE LEHTONEN**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	30.3.2017
Bażi legali	Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura
	Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għar-Relazzjonijiet Esterni
Adottata fis-sezzjoni	28.9.2017
Adottata fis-sessjoni plenarja	18.10.2017
Sessjoni tal-plenarja Nru	529
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	123/0/1

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. L-organizzazzjonijiet ekonomiċi u soċjali u s-soċjetà ċivili inġenerali ġew enfasizzati fid-Dikjarazzjoni ta' Barċellona [1] tal-1995 bħala fattur neċessarju għall-promozzjoni tal-bini gradwali fil-Mediterran ta' spazju ta' paċi u stabbiltà, prosperità kondiviża u djalogu bejn il-kulturi u ċ-ċivilizzazzjonijiet fost il-pajjiżi, is-soċjetajiet u l-kulturi Mediterranji differenti. Attwalment, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tal-Mediterran huma spazji ta' inklużjoni, parteċipazzjoni u djalogu mal-awtoritajiet pubbliċi, fosthom dawk lokali, bil-għan li jippromovu d-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali fir-reġjun tal-Mediterran. Il-KESE huwa tal-fehma li jeħtieġ li **jissaħħaħ ir-rwol tal-kunsilli ekonomiċi u soċjali (KES)** fejn dawn jeżistu u li **jiġi promoss il-ħolqien tagħhom** fil-pajjiżi fejn għebu jew ma ġewx żviluppati, u b'hekk jissaħħu s-sinerġiji bejn l-atturi differenti involuti. Fil-promozzjoni ta' dawn id-drittijiet, il-KES u l-organizzazzjonijiet ekonomiċi u soċjali jridu jibnu sħubijiet sabiex jagħmluhom aktar possibbli u effettivi.

1.2. In-nisa huma vittmi tal-isterjotipi tas-sessi li jirriproduċu l-ostakli politiċi, ekonomiċi u edukattivi b'konsegwenzi kbar fuq l-iżvilupp tas-soċjetà. Il-KESE jħeġġeġ li jitnaqqsu d-distakki enormi attwali bejn id-dispożizzjonijiet leġislattivi u r-realtà. Biex dawn jitnaqqsu, iqis li huwa urġenti li jiġu pprovduti r-riżorsi biex dawk responsabbli jitħarrġu u jiġu sensibilizzati biex jissorveljaw l-applikazzjoni effettiva ta' din il-leġislazzjoni. Sabiex jissaħħu d-drittijiet, il-KESE jirrakkomanda li l-amministrazzjonijiet lokali jiġu assoċjati mal-organizzazzjonijiet, l-atturi ekonomiċi u soċjali, is-soċjetà ċivili u n-netwerks tagħha fil-qasam tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel li jaħdmu f'oqsma differenti tas-soċjetajiet rispettivi tagħhom. Barra minn hekk, l-universitajiet u ċentri ta' studju speċjalizzati għandhom jappoġġjaw din il-ħidma.

1.3. It-theddida tal-estremiżmu vjolenti għandha tiġi miġġielda billi jiġu indirizzati d-diversi kawżi tagħha li jmorru lil hinn mis-sigurtà. L-organizzazzjonijiet ekonomiċi u soċjali għandhom jaqdu rwol ewlieni fit-twettiq ta' dan il-kompitu, bil-kooperazzjoni tal-istituzzjonijiet u n-netwerks iddedikati għad-djalogu interkulturali u bejn ir-reliġjonijiet differenti biex jagħmlu impatt ikbar u biex jinkludu fl-attivitajiet tagħhom **il-patrimonju kulturali, l-espressjonijiet artistiċi u l-industriji kreattivi.** Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri tal-Unjoni għall-Mediterran jippromovu dawn l-attivitajiet ta' djalogu interkulturali anke fost l-imsieħba soċjali, u b'hekk isaħħu l-korpi speċjalizzati li ilhom għal ħafna snin jaħdmu fil-Mediterran, bħall-Fondazzjoni Anna Lindh [2]. F'dak li jirrigwarda l-patrimonju, il-KESE jħeġġeġ kollaborazzjoni ikbar fil-ħarsien tal-patrimonju kulturali, li llum il-ġurnata jinsab mhedded minnħabba kunflitti armati u organizzazzjonijiet vjolenti.

(1) http://ufmsecretariat.org/barcelona-declaration-adopted-at-the-euro-mediterranean-conference-2728-november-1995/
(2) http://www.annalindhfoundation.org/

1.4. Id-**drittijiet ekonomiċi, soċjali u dawk tax-xogħol** huma essenzjali għall-iżvilupp ekonomiku u ta' soċjetà demokratika. Fost l-elementi prinċipali, hemm il-libertà ta' intrapriża, il-libertà ta' assoċjazzjoni u ta' azzjoni industrijali, in-negozjar kollettiv, u l-protezzjoni soċjali f'oqsma bħalma huma s-saħħa, l-edukazzjoni u t-tixjiħ. Kif diġà ġie indikat mill-ILO meta nħolqot u mid-Dikjarazzjoni ta' Philadelphia, jeħtieġ li l-organizzazzjoni ekonomika tissejjes fuq il-"ġustizzja soċjali". Barra minn hekk, dan għandu jkun l-għan ċentrali tal-politiki nazzjonali u internazzjonali kollha. Fid-Dikjarazzjoni ta' Philadelphia jingħad li "l-ekonomija u l-finanzi huma mezzi għas-servizz tan-nies".

1.5. Il-mezzi ta' komunikazzjoni jaqdu rwol essenzjali biex isawru viżjonijiet u perċezzjonijiet reċiproċi u huma xprun essenzjali għat-titjib tad-djalogu interkulturali u għat-trawwim tar-rispett, it-tolleranza u l-għarfien reċiproku. Għaldaqstant, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon it-tnedija ta' proġetti li jiżguraw ir-rispett tad-diversità u li jħeġġu informazzjoni ħielsa minn preġudizzji, sterjotipi u perċezzjonijiet qarrieqa. Barra minn hekk, iħeġġeġ użu akbar ta' dawn l-instrumenti ta' osservazzjoni, taħriġ u sensibilizzazzjoni kontra r-razziżmu u l-Iżlamofobija fil-mezzi ta' komunikazzjoni, u jħeġġeġ il-promozzjoni ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u pjattaformi konġunti ta' żvilupp professjonali, kemm etiċi kif ukoll dawk tad-difiża tal-libertà tal-espressjoni.

1.6. L-edukazzjoni hija t-triq prinċipali li twassal għall-mobbiltà soċjoekonomika u, għaldaqstant, għat-titjib potenzjali tal-kwalità tal-għajxien. Għall-kuntrarju, l-inugwaljanza f'dak li jirrigwarda l-opportunitajiet fl-edukazzjoni tipperikola l-istabbiltà u s-sigurtà tar-reġjun. Għaldaqstant, il-KESE jsejjaħ biex naħdmu flimkien sabiex intejbu l-kwalità tal-edukazzjoni primarja u sekondarja, tal-edukazzjoni għolja u tat-taħriġ vokazzjonali permezz tal-iskambju ta' esperjenzi fl-iżvilupp kurrikulari u fl-innovazzjoni metodoloġika. Min-naħa l-oħra, il-KESE jqis bħala essenzjali li jinqered id-distakk fl-għarfien bejn iż-żewġt ixtut tal-Mediterran u, fil-fatt, jipproponi li jiġu promossi netwerks ta' għarfien u ta' riċerka konġunti li jiffavorixxu t-trasmissjoni u ċ-ċirkolazzjoni tal-għarfien, kif ukoll li tiġi promossa l-mobbiltà ta' għalliema, studenti, akkademiċi, riċerkaturi, u li tiġi appoġġjata t-traduzzjoni tal-ħidma tagħhom, speċjalment lejn l-Għarbi u mill-Għarbi.

1.7. L-edukazzjoni mhux formali hija komplement neċessarju għall-valur tagħha fil-ħolqien ta' soċjetajiet iktar inklużivi u pluralistiċi. Il-KESE jqis li għandhom jissaħħu s-sinerġiji bejn l-edukazzjoni formali u dik mhux formali u li għandu jiġi promoss dan it-tip ta' edukazzjoni bħala strument għall-iżvilupp ta' kultura ta' paċi u ta' tagħlim tul il-ħajja. Għaldaqstant, il-KESE jappella biex niddedikaw baġit iktar sostanzjali għall-edukazzjoni mhux formali u biex nippromovu t-trasferiment tal-esperjenzi u tal-għarfien bejn l-Ewropa u n-Nosfinhar tal-Mediterran.

1.8. Bil-għan li nippromovu ekonomija inklużiva u kompetittiva, jenħtieġ li tiġi appoġġjata l-integrazzjoni diġitali u teknoloġika tal-persuni. B'dan il-għan, il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li nappoġġjaw proġetti reġjonali u lokali li jħarrġu liċ-ċittadini fl-użu ta' teknoloġiji ġodda, fl-intraprenditorja u fid-diġitalizzazzjoni, kif ukoll li nippromovu l-inizjattivi ta' parteċipazzjoni taċ-ċittadini u l-promozzjoni tat-taħriġ diġitali u tal-ħolqien ta' xogħol deċenti, pereżempju l-inizjattivi urbani ta' innovazzjoni soċjali u diġitali (Labs).

2. Sfond

2.1. Fl-2011, it-tama għall-bidla fost iż-żgħażagħ Għarab heżżet sistemi politiċi li, b'mod mhux mistenni, spiċċaw taħt pressjoni sostanzjali. It-Tuneżija, l-Eġittu, il-Libja u l-Jemen waqqgħu lill-mexxejja politiċi tagħhom, iżda ċ-ċirkustanzi politiċi konkreti wasslu biex jiehdu toroq ferm differenti: mit-tranżizzjoni soda Tuneżina, promossa mis-soċjetà ċivili dinamika tagħha, għall-bidla tar-reġim fl-Eġittu, u għall-kunflitti miftuħa fil-Libja u fil-Jemen. Is-Sirja baqgħet mgħaddsa fi gwerra kiefra, li nxterdet fuq livell reġjonali u internazzjonali. Pereżempju, inħoloq ċaqliq traġiku ta' popolazzjonijiet u movimenti migratorji mingħajr preċedent li ħolqu instabbiltà fir-reġjun Ewro-Mediterranju kollu.

2.2. Lil hinn mill-bidla tar-reġim, sar tentattiv biex jinħolqu sistema iktar ġusta u inklużiva, libertajiet politiċi, ġustizzja soċjali, opportunitajiet u dinjità. L-aspettattivi sfaw fix-xejn minħabba li ma ġewx riflessi fil-qasam soċjali. Iċ-ċirkustanzi politiċi konkreti, ġewwa u barra minn dawn il-pajjiżi, għenu biex ifixkluhom. Sitt snin wara, it-talbiet leġittimi għad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali għadhom ħajjin, mingħajr soluzzjoni, u għadhom jirrappreżentaw sors potenzjali ta' instabbiltà għar-reġjun.

2.3. Għalhekk, fil-fehma tal-KESE, il-ksib tal-paċi u d-demokrazija fir-reġjun kollu, kif ukoll ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tiegħu, huwa prijorità assoluta.

2.4. Id-drittijiet fundamentali: irrevokabbli u inaljenabbli

2.4.1. Il-KESE jheġġeġ lill-pajjiżi kollha tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran biex jaderixxu mal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi ([3]) u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ([4]). Fl-istess ħin, jenfasizza l-importanza tal-prinċipji u l-valuri sekulari, kif ukoll id-difiża tad-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi nazzjonali u etniċi, reliġjuzi u lingwistiċi ([5]).

2.4.2. Il-KESE jenfasizza l-importanza ċentrali tad-difiża ta' standards ta' kwalità ta' għajxien deċenti għal kulħadd. Il-KESE jenfasizza l-garanzija tal-aċċess għall-ilma tajjeb għax-xorb u għall-ikel fi kwantitajiet suffiċjenti bi prezzijiet affordabbli, l-aċċess suffiċjenti għall-enerġija biex tiġi evitata l-esklużjoni enerġetika kemm tal-individwu kif ukoll tal-komunità. Huwa jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġi promoss ambjent deċenti u li tiġi żbiluppata l-provvista tal-kura tas-saħħa.

2.4.3. Bl-istess mod u minħabba ċ-ċirkustanzi speċjali li jinsab għaddej minnhom ir-reġjun, id-dritt għal akkomodazzjoni adegwata jew, fin-nuqqas tagħha, għal refuġju/kenn dinjituż għall-individwu u għall-familja, għandu jkun iggarantit kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll internazzjonali. Għaldaqsant, il-KESE jidhirlu li għandu jiġi żgurat id-dritt għar-rikostruzzjoni inklużiva u dinjituża fiż-żoni meqruda, kemm jekk dan ikun ir-riżultat ta' katastrofi naturali kif ukoll ta' kunflitti armati.

2.5. Id-dritt għal xogħol deċenti: fattur ta' stabbiltà soċjali u ta' progress

2.5.1. Il-KESE huwa tal-fehma li s-soċjetajiet tal-pajjiżi ġirien jeħtieġu sforz komuni favur inklużjoni u koeżjoni ikbar. Bl-istess mod, l-ekonomiji tagħhom għandhom jiġu riformati u mġedda biex jiġġeneraw postijiet tax-xogħol deċenti bħala element kruċjali għall-iżvilupp sostenibbli.

2.5.2. Barra minn hekk, il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żgurati d-drittijiet li fuqhom għandhom jissejsu l-prinċipji deskritti. Għaldaqstant, irid jiġi ggarantit id-dritt għal xogħol deċenti f'dawn il-pajjiżi, indipendentement mill-isfond soċjali, ir-reliġjon jew in-nazzjonalità.

2.5.3. Il-KESE jemmen li huwa indispensabbli li jittieħdu miżuri għall-promozzjoni tal-impjieg deċenti bħala fattur ta' stabbiltà soċjali, skont dak li jippromovu d-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol u s-segwitu tagħha ([6]) u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali, u Kulturali ([7]) bħala sisien biex jiġi evitat il-faqar u jheġġeġ l-iffirmar ta' dawn id-dokumenti. Għaldaqstant, huwa fundamentali li jiġu ppreservati d-drittjiet fundamentali tax-xogħol bħad-dritt ta' assoċjazzjoni, id-dritt li titwaqqaf trejdjunjin jew id-dritt tas-sħubija f'trejdjunjin li wieħed jagħżel, id-dritt tal-istrajkjar, ir-rikonoxximent effettiv tad-dritt ta' negozjar kollettiv, kif ukoll id-dritt għal kundizzjonijiet ta' sigurtà u iġjene fit-twettiq tax-xogħol u għal salarju.

2.5.4. Jeħtieġ ukoll li jiġi żviluppat, kif ipproponiet l-ILO, id-dritt għall-akkomodazzjoni, biex tiġi protetta l-popolazzjoni kollha u, b'mod partikolari, l-aktar segmenti vulnerabbli tal-popolazzjoni. Huwa essenzjali wkoll li jiġi miġġieled il-ksur tad-drittijiet bażiċi bħalma huma l-isfruttament tat-tfal jew ix-xogħol furzat, u li jiġi promoss l-aċċess għax-xogħol tan-nisa jew tal-persuni b'diżabbiltà.

2.6. L-intraprenditorja: xprun essenzjali għall-iżvilupp ekonomiku

2.6.1. L-Unjoni Ewropea tikkunsidra li l-ħames fatturi ewlenin għall-paċi, għall-istabbiltà, għas-sigurtà u għall-prosperità fiż-żona Ewro-Mediterranja huma: l-iżvilupp ekonomiku permezz tal-modernizzazzjoni u d-diversifikazzjoni tal-ekonomiji; it-tisħiħ tal-ekosistema tan-negozji u l-intraprenditorja innovattiva; il-ħolqien ta' postijiet tax-xogħol permezz ta' taħriġ kwalifikat, speċjalment għaż-żgħażagħ; l-iżvilupp tas-settur privat, b'mod speċjali tal-SMEs; u s-sostenibbiltà enerġetika u ambjentali ([8]). Jenfasizza li l-ħolqien ta' impjieg ta' kwalità għolja huwa l-bażi għall-prosperità ekonomika u għat-tisħiħ tal-intraprenditorija tan-nisa u tas-sinerġiji intraprenditorjali fuq iż-żewġt ixtut tal-Mediterran.

Min-naħa tiegħu, il-KESE jemmen li dawn il-fatturi huma inseparabbli mill-iżvilupp soċjali, billi l-istabbiltà, is-sigurtà u l-prosperità huma dejjem ibbażati fuq l-integrazzjoni u l-koeżjoni soċjali.

([3]) http://www.ohchr.org/EN/ProfessionalInterest/Pages/CCPR.aspx
([4]) http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:12012P/TXT&from=MT
([5]) http://www.ohchr.org/EN/ProfessionalInterest/Pages/Minorities.aspx
([6]) http://www.ilo.org/declaration/thedeclaration/textdeclaration/lang–en/index.htm
([7]) http://www.ohchr.org/en/professionalinterest/pages/cescr.aspx
([8]) http://eeas.europa.eu/archives/docs/enp/documents/2015/151118_joint-communication_review-of-the-enp_en.pdf

2.6.2. Il-Komunikazzjoni konġunta tiddefendi bħala fattur determinanti tal-iżvilupp ta' dawn l-ekonomiji n-neċessità li tkun permessa l-intraprenditorjali privata, u li jiġi żgurat li tkun tista' ssir taħt kundizzjonijiet ġusti. Jeħtieġ inħarsu qafas legali li jipprovdi garanziji għad-dritt għall-proprjetà privata, kif ukoll l-invjolabbiltà tiegħu, soġġetta għall-qafas legali.

2.6.3. Il-KESE jagħti l-istess importanza lill-fatt li l-awtorjitajiet pubbliċi jipproteġu l-kompetenza libera u ġusta tal-ekonomija, li tiżgura li l-intraprendituri joperaw taħt kundizzjonijiet ugwali. B'dan il-mod iqis essenzjali li niggarantixxu t-trattament ġust fl-aċċess għall-finanzjament u d-disponibbiltà ta' servizzi ta' mikrofinanzjament kif ukoll li tiġi żgurata amministrazzjoni pubblika ħielsa mill-korruzzjoni u b'mandat ta' servizz pubbliku.

2.7. Id-dritt għall-ħolqien u għall-innovazzjoni: garanzija ta' ekonomija diversifikata u b'valur miżjud

2.7.1. Id-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-Unjoni għall-Mediterran dwar l-Ekonomija Diġitali ([9]) tipproponi l-promozzjoni tal-impatt inklużiv u trasversali tat-teknoloġiji l-ġodda fl-oqsma kulturali, soċjali, ekonomiċi, governattivi u ta' sigurtà.

2.7.2. Il-KESE jappoġġja wkoll il-proposta tal-Komunikazzjoni konġunta dwar il-ħtieġa għad-diversifikazzjoni u l-iżvilupp tal-ekonomiji tar-reġjun Mediterran b'mod sostenibbli u inklużiv.

2.7.3. Il-KESE huwa tal-fehma li, meta jkunu qed jitfasslu programmi ġodda, jeħtieġ li jinħolqu programmi mill-UE għaż-żona Ewro-Mediterranja għall-iżvilupp tal-innovazzjoni li jagħmluha possibbli li jitmexxa 'l quddiem il-progress ekonomiku tar-reġjun, filwaqt li jinżamm id-dritt individwali u kollettiv għall-kreattività u l-innovazzjoni. Dan id-dritt iġib miegħu r-rikonoxximent tad-dritt tal-proprjetà intellettwali, id-dritt tal-kondiviżjoni u t-tixrid ta' din l-innovazzjoni u d-dritt ta' aċċess għat-teknoloġiji l-ġodda.

2.7.4. Il-KESE jirrikonoxxi bħala dritt, inerenti fl-att ta' innovazzjoni, l-inklużjoni diġitali u l-aċċess liberu għall-Internet, kemm b'mod individwali kif ukoll b'mod kollettiv.

2.8. Id-dritt għal edukazzjoni ta' kwalità għolja: pilastru tal-iżvilupp uman

2.8.1. L-edukazzjoni hija t-triq prinċipali li twassal għall-mobbiltà soċjoekonomika u għat-titjib potenzjali tal-kwalità tal-għajxien. Il-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP) ([10]) juri b'mod ċar li, minkejja li f'ħafna pajjiżi tar-reġjun l-edukazzjoni primarja laħqet standards universali u saru avvanzi konsiderevoli anke fl-edukazzjoni sekondarja, il-kwalità tagħha għadha lura. Il-Bank Dinji żviluppa programmi għal dan ir-reġjun bil-kooperazzjoni ta' aġenziji oħra u tkun ħaġa tajba jekk il-Kummissjoni Ewropea taħdem f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, jidher li l-inugwaljanza konsiderevoli ta' opportunitajiet fl-edukazzjoni qiegħda tnaqqas il-kuntratt soċjali fil-pajjiżi Għarab.

2.8.2. Il-Pjan Direzzjonali tal-Unjoni għall-Mediterran ([11]) jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ l-edukazzjoni bħala fattur ewlieni fil-ħolqien ta' postijiet tax-xogħol sostenibbli u kwalifikati, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ li m'għandhomx impjieg u li huma suxxettibbli li jadottaw prattiki okkupazzjonali ħżiena; ir-riċerka u l-innovazzjoni bħala bażi għall-modernizzazzjoni tal-ekonomiji; u s-sostenibbiltà bħala element trasversali biex ikun iggarantit l-iżvilupp soċjali u ekonomiku inklużiv.

2.8.3. It-tisħiħ tal-kapital soċjali huwa kruċjali għall-istabbiltà u s-sigurtà tar-reġjun. Għaldaqstant, huwa importanti li niffaċilitaw l-edukazzjoni primarja u sekondarja, l-edukazzjoni għolja, l-aċċess għax-xjenza u l-għarfien xjentifiku, l-impjegabbiltà, is-saħħa, it-tisħiħ tal-pożizzjoni u l-mobbiltà taż-żgħażagħ, l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, il-forums ta' dibattitu u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali.

2.8.4. Minkejja xi problemi fl-aċċess u l-universalità tal-edukazzjoni u l-ħtieġa ta' titjib tal-kwalità tal-edukazzjoni primarja u sekondarja, l-isfida prinċipali hi dik li jingħalaq id-distakk bejn it-taħriġ u l-impjieg. Għalhekk, huwa fundamentali li nippromovu strutturi li jorbtu s-suq tax-xogħol mas-sistema edukattiva, biex tkun iggarantita integrazzjoni sħiħa taż-żgħażagħ fis-soċjetà. Għal dan il-għan, il-KESE jqis bħala primordjali li nippromovu l-iskambju ta' esperjenzi fl-iżvilupp kurrikulari u l-innovazzjoni metodoloġika, filwaqt li nippromovu t-trasferiment ta' esperjenzi u prattiki, biex jintlaħqu kompetenzi u ħiliet adatti għall-ambjenti tax-xogħol. Huwa wkoll essenzjali li jiġu promossi l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u li jingħataw valur akbar fil-konfront tal-isfida li jinħolqu 60 miljun post tax-xogħol matul l-għaxar snin li ġejjin fil-pajjiżi Għarab.

([9]) http://ufmsecretariat.org/wp-content/uploads/2014/09/UfMMinistersDeclarationEN.pdf
([10]) http://www.arabstates.undp.org/content/rbas/en/home/library/huma_development/arab-human-development-report-2016–youth-and-the-prospects-for-/.
([11]) http://ufmsecretariat.org/wp-content/uploads/2017/01/UfM-Roadmap-23-JAN-2017.pdf

2.8.5. L-atturi soċjali, l-istess bħal organizzazzjonijiet speċjalizzati oħra, użaw ir-rwol ċentrali tal-edukazzjoni mhux formali bħala għodda ewlenija u soluzzjoni, fuq perjodu twil ta' żmien, biex niġġieldu kontra r-radikaliżmu u l-estremiżmu u għall-kontribut tagħha għall-integrazzjoni ta' gruppi f'sitwazzjonijiet ta' riskju, b'mod partikolari ż-żgħażagħ u n-nisa.

2.8.6. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon ir-rikonoxximent li l-edukazzjoni mhux formali taqdi rwol importanti peress li tikkomplementa l-edukazzjoni formali u jqis li għandhom jissaħħu s-sinerġiji bejniethom. Għalhekk, iqis li għandu jiżdied il-livell ta' impenn politiku b'rabta mal-edukazzjoni mhux formali u li din tingħata baġit iktar sostanzjali, minħabba li tiffaċilita l-proċess ta' maturazzjoni u integrazzjoni soċjali taż-żgħażagħ, filwaqt li tedukahom fil-parteċipazzjoni attiva u fl-iżvilupp tal-valuri demokratiċi, u hija strument tajjeb biex tissaħħaħ kultura ta' paċi.

2.9. Il-mobbiltà fil-qasam akkademiku u edukattiv: lejn l-għeluq tad-distakk fl-għarfien

2.9.1. Il-mobbiltà taż-żgħażagħ tikkonstitwixxi parti essenzjali tar-risposta għall-isfidi li jiffaċċja l-Mediterran. Fil-fatt, il-migrazzjoni fil-pajjiżi Għarab hija sintomu tal-esklużjoni soċjali taż-żgħażagħ ferm kwalifikati. Għalhekk huwa indispensabbli li nippromovu migrazzjoni li tkun ta' benefiċċju kemm għall-pajjiżi ta' oriġini kif ukoll dawk ta' destinazzjoni. Dan jimplika rikonoxximent akbar tal-kwalifiki u ċ-ċertifikazzjonijiet, kif ukoll titjib fil-qafas legali tal-kundizzjonijiet tad-dħul u residenza fl-UE applikabbli għaċ-ċittadini tal-pajjiżi ġirien għal skopijiet ta' riċerka, studji, skambju ta' studenti, taħriġ u volontarjat.

2.9.2. Min-naħa l-oħra, wieħed mill-ikbar distakki li jeżistu bejn iż-żewġt ixtut tal-Mediterran huwa d-distakk fl-għarfien. Għalhekk, il-KESE jemmen li għandhom jittieħdu miżuri għall-promozzjoni tal-produzzjoni u ċ-ċirkolazzjoni tal-għarfien xjentifiku u akkademiku u jipproponi l-ħolqien u l-promozzjoni ta' netwerks konġunti ta' għarfien u ta' riċerka fil-livell Ewro-Mediterranju. Barra minn hekk, jikkunsidra li huwa fundamentali li nippromovu t-traduzzjoni ta' din il-ħidma akkademika u xjentifika, speċjalment lejn l-Għarbi u mill-Għarbi.

2.9.3. Il-KESE jisħaq ukoll dwar il-promozzjoni tal-mobbiltà tal-istudenti, l-għalliema, ir-riċerkaturi, l-akkademiċi u x-xjenzjati permezz ta' kollokamenti, skambji u traineeships bħala element fundamentali għall-promozzjoni tal-kwalità akkademika u tal-impjegabbiltà taż-żgħażagħ, billi jissaħħu l-implimentazzjoni u s-segwitu tar-riżultati tal-Programm Erasmus Plus fil-pajjiżi tar-reġjun Ewro-Mediterranju, kif ukoll għaċ-ċirkolazzjoni tal-għarfien u l-promozzjoni tad-djalogu interkulturali.

2.10. Il-mezzi ta' komunikazzjoni u d-djalogu interkulturali: elementi fundamentali għat-tolleranza

2.10.1. Il-pluraliżmu, l-indipendenza u l-professjonalità tal-mezzi ta' komunikazzjoni lokali jiggarantixxu l-progress soċjali u jikkontribwixxu biex dawn ikunu jistgħu jixprunaw il-bidla fil-pajjiżi ġirien.

2.10.2. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li nippromovu d-djalogu u l-kooperazzjoni fil-mezzi ta' komunikazzjoni fiż-żona Ewro-Mediterranja għat-titjib u t-tisħiħ tal-istandards professjonali u tal-oqfsa legislattivi. Huwa kruċjali wkoll li nikkontribwixxu għall-garanzija u l-protezzjoni tal-libertà tal-istampa u l-libertà tal-espressjoni.

2.10.3. Huwa indispensabbli li nirrikonoxxu r-rwol tal-mezzi ta' komunikazzjoni fit-titjib tad-djalogu interkulturali u li niffavorixxu r-rispett, it-tolleranza u l-għarfien reċiproku. Fil-kuntest attwali ta' żieda kbira fid-diskors kontra l-Punent fin-Nofsinhar u fid-diskors populist ta' natura ksenofobika fl-Ewropa, huwa neċessarju iktar minn qatt qabel li nagħmlu sforz biex niġġieldu dan it-tip ta' narrativi u nopponu l-viżjonijiet li jpoġġu f'kunflitt popli, kulturi u reliġjonijiet, abbażi ta' approċċ estrem ta' abjad jew iswed u mhux inklużiv.

2.10.4. Għalhekk, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon it-tnedija ta' proġetti li jiżguraw ir-rispett tad-diversità eżistenti fl-Ewropa u jippromovu t-tolleranza u l-informazzjoni imparzjali, mingħajr sterjotipi u perċezzjonijiet qarrieqa, bħall-Osservatorju tal-Iżlamofobija fil-mezzi ta' komunikazzjoni fi Spanja ([12]), li jippromovi informazzjoni mingħajr razziżmu. Min-naħa tiegħu, iħeġġeġ it-tnedija ta' proġetti trasversali għal dan il-għan.

2.10.5. Lil hinn mill-qasam tas-sigurtà, in-nuqqas ta' opportunitajiet, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, jista' jkun wieħed mill-għeruq tal-instabbiltà u jingħaqad mal-kawżi tal-proċessi ta' radikaliżmu. Qed issir evidenti n-neċessità li nimpedixxu u niġġieldu l-estremiżmu u r-razziżmu permezz tal-promozzjoni tad-djalogu interkulturali. Għalhekk, l-istituzzjonijiet u n-netwerks iddedikati għad-djalogu interkulturali u bejn ir-reliġjonijiet differenti għandhom isaħħu s-sinerġiji u l-komplementarjetajiet tagħhom biex jiksbu impatt iktar relevanti.

([12]) http://www.observatorioislamofobia.org/

2.10.6. Il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tal-estremiżmu vjolenti għandha tinvolvi lill-KES tal-Mediterran, lill-atturi ekonomiċi u soċjali u lis-soċjetà ċivili inġenerali. Għal dan il-għan, jinħtieġu mekkaniżmi għall-iskambju u l-kooperazzjoni b'allokazzjoni baġitarja, u għandna nittrattaw ukoll kwistjonijiet relatati mal-ġustizzja, l-inugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, id-diskors ta' mibegħda, in-nuqqas ta' impjieg fost iż-żgħażagħ u l-illitteriżmu, bħala parti minn sforz usa' ta' deradikalizzazzjoni li jinkludi wkoll il-promozzjoni tad-djalogu interkulturali. F'dan ir-rigward, għandha tiġi enfasizzata l-ħidma li jwettqu n-Netwerk tal-UE ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni (RAN) ([13]) u ċ-Ċentru ta' Eċċellenza tiegħu.

2.10.7. Il-KESE jqis bħala kruċjali li jitheġġu l-iskambji bejn l-intellettwali, l-artisti u aġenti kulturali tar-reġjun peress li dawn huma atturi ewlenin għall-bidla soċjali, permezz tal-promozzjoni ta' proġetti kondiviżi li jinvolvu l-promozzjoni tad-djalogu u tal-għarfien reċiproku. Barra minn hekk, iheġġeġ koordinazzjoni u kollaborazzjoni ikbar fil-protezzjoni tal-patrimonju kulturali u sabiex isiru magħrufa u valorizzati d-dixxiplini u s-sensibilitajiet kulturali u artistiċi differenti li jinsabu fiż-żona Ewro-Mediterranja bħala element ta' valur ta' koeżjoni u ta' għarfien reċiproku.

2.11. Is-soċjetà ċivili u s-sinerġiji bejn l-atturi soċjali: spazji ta' inklużjoni u dibattiti

2.11.1. Il-kriżi ekonomika u l-ksenofobija fix-xatt tat-Tramuntana, iżda wkoll id-domanda għal-libertà tal-espressjoni u l-ġlieda għad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi tax-xatt tan-Nofsinhar huma elementi li jħallu impatt b'mod deċiżiv fil-kisba tad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali tas-soċjetajiet tal-pajjiżi Ewro-Mediterranji.

2.11.2. F'dan ir-rigward, ir-rapport ta' Novembru 2015 tal-Parlament Ewropew dwar id-drittijiet tal-bniedem ([14]) juri li rridu nappoġġjaw aktar lis-soċjetà ċivili. Minkejja dan, il-viżibbiltà tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tal-pajjiżi fin-Nofsinhar għadha mhix biżżejjed, meta wieħed iqis l-isforz tagħhom u, xi kultant, ir-riskju li jieħdu, bħar-rwol li għandhom biex jagħtu spinta lit-tibdil soċjali. Il-KES tal-Mediterran jistgħu jaqdu rwol bħala pjattaformi ta' tixrid, laqgħat u dibattitu f'dan ir-rigward.

2.11.3. Il-KESE jinnota li l-assoċjazzjonijiet jirrappreżentaw spazju li jikkontribwixxi għall-inklużjoni soċjali. Barra minn hekk, jidhirlu li jenħtieġ li l-Kummissjoni Ewropea tintensifika s-sostenn tagħha għall-proġetti li jitwettqu mis-soċjetà ċivili organizzata permezz tal-organizzazzjonijiet ekonomiċi u soċjali tagħha, tal-assoċjazzjonijiet tagħha u tan-netwerks li dawn iħaddnu, kif ukoll li tintensifika s-sħubija u s-sinerġiji bejn l-atturi differenti involuti.

2.11.4. Il-KESE huwa tal-fehma li l-Ministri Ewro-Mediterranji għandhom jikkooperaw fi proġetti konkreti mas-Summit tal-Kunsilli Ekonomiċi u Soċjali tal-Mediterran u istituzzjonijiet simili, mingħajr preġudizzju għall-provvista ta' appoġġ lill-assoċjazzjonijiet ċiviċi u kulturali.

2.12. In-nisa: il-qalba tad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali

2.12.1. Fit-tliet Konferenzi Ministerjali Ewro-Mediterranji dwar it-Tisħiħ tar-Rwol tan-Nisa fis-Soċjetà, li saru f'Istanbul ([15]) (2006), f'Marrakexx ([16]) (2009) u f'Pariġi ([17]) (2013), il-gvernijiet intrabtu li jimplimentaw l-impenji adottati: l-ugwaljanza tad-drittijiet bejn in-nisa u l-irġiel meta jiġu biex jipparteċipaw fil-ħajja politika, ekonomika, ċivili u soċjali; il-ġlieda kontra kull tip ta' vjolenza u diskriminazzjoni kontra n-nisa u l-bniet, u ħidma bil-għan li jinbidlu l-attitudnijiet u l-imġiba biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel bil-għan li tissaħħaħ il-pożizzjoni tan-nisa, mhux biss fir-rigward tad-drittijiet, iżda wkoll fir-realtà.

2.12.2. Minkejja t-tibdil legislattiv introdott fil-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran, il-UNDP jikkunsidra li għadna 'l bogħod milli niksbu l-ugwaljanza tan-nisa f'dawk li huma dirttijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali.

2.12.3. Il-KESE josserva l-qabża kbira bejn id-dikjarazzjonijiet uffiċjali, il-proposti tal-istituzzjonijiet u l-leġislazzjoni attwali u r-realtà li jgħixu n-nisa kuljum fil-komunitajiet tagħhom u jwissi dwar il-ħtieġa li narmonizzaw il-liġijiet nazzjonali mal-kostituzzjonijiet u nagħlqu l-lakuni legali li għadhom jippermettu l-prattiki diskriminatorji fil-konfront tan-nisa.

([13]) https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/networks/radicalisation_awareness_network
([14]) http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+REPORT+A8-2015-0344+0+DOC+XML+V0//MT
([15]) https://www.euromedwomen.foundation/pg/en/documents/view/4224/ministerial-conclusions-on-strengthening-role-of-women-in-society
([16]) https://www.euromedwomen.foundation/pg/en/documents/view/4756/second-ministerial-conclusions-on-strengthening-role-of-women-in-society
([17]) https://www.euromedwomen.foundation/pg/en/documents/view/4226/third-ministerial-conclusions-on-strengthening-role-of-women-in-society

2.12.4. F'dan il-kuntest, il-KESE jenfasizza n-neċessità li nipprovdu mezzi biex inħarrġu u nissensibilizzaw lill-gruppi responsabbli li jiżguraw l-applikazzjoni effettiva tal-leġislazzjoni – il-ġudikatura, il-forzi tas-sigurtà, in-negozji, l-edukaturi, il-mezzi ta' komunikazzjoni, istituzzjonijiet bħall-KES, eċċ.

2.12.5. Biex jissaħħu d-drittijiet u biex ikun hemm riżultati aħjar, il-KESE jirrakkomanda li nassoċjaw l-amministrazzjonijiet lokali mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-qasam tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, minħabba li għandhom informazzjoni aħjar fir-rigward tal-problemi u l-ħtiġijiet tal-popolazzjoni. Din il-ħidma konġunta bejn diversi atturi tista' tkun appoġġjata minn kontributi mis-settur akkademiku (universitajiet u ċentri ta' studju speċjalizzati). Eżempju ta' dan hija l-Fondazzjoni tan-Nisa tal-Ewro-Mediterran ([18]) li, flimkien mal-Federazzjoni tal-Lega tad-Drittijiet tan-Nisa, l-awtorità reġjonali tal-Marrakexx, l-Università Cadi Ayyad, il-Kummissjoni Reġjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem u entitajiet lokali oħra, wettqu kampanja ta' sensibilizzazzjoni kontra ż-żwiġijiet prekoċi.

2.12.6. Għalhekk, il-KESE jitlob lill-Ministri tal-Istati Membri tal-Unjoni għall-Mediterran li dawn l-oqsma jkomplu jiġu kkunsidrati fil-Konferenza Ministerjali li jmiss, kif ukoll jipprovdu l-mezzi finanzjarji għat-twettiq ta' azzjonijiet u kampanji.

2.12.7. Il-KESE jsostni li jekk ma jitqisux il-punti msemmija, dan se jkollu impatt kbir. Iż-żwiġijiet prekoċi, l-interruzzjoni bikrija tal-proċess edukattiv u, bħala konsegwenza, l-iżvalutar tal-mara fis-suq tax-xogħol u fil-politika huma xi wħud mill-elementi li jinfluwenzaw b'mod negattiv il-kisba tad-drittijiet, b'mod partikolari tan-nisa u l-bniet.

Brussell, it-18 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

([18]) https://www.euromedwomen.foundation/

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "It-tranżizzjoni lejn ġejjieni Ewropew aktar sostenibbli — strateġija għall-2050"

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2018/C 081/07)

Relatur: **is-Sinjura Brenda KING**

Korelatur: **is-Sur Lutz RIBBE**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	14.7.2016
Bażi legali	Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Sottokumitat kompetenti	It-tranżizzjoni lejn ġejjieni Ewropew aktar sostenibbli – strateġija għall-2050
Adottata fis-sottokumitat	21.9.2017
Adottata fil-plenarja	18.10.2017
Sessjoni plenarja Nru	529
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	185/8/6

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Bħall-partijiet l-oħra kollha tad-dinja, l-Ewropa qed tiffaċċja tliet kwistjonijiet ewlenin: (1) l-eżawriment tar-riżorsi naturali tad-dinja, inkluż it-tibdil fil-klima u t-telfien tal-bijodiversità; (2) inugwaljanzi soċjali, inkluż il-qgħad fost iż-żgħażagħ, il-persuni li jibqgħu lura fir-reġjuni b'industriji li qabdu t-triq tan-niżla; u (3) in-nuqqas ta' fiduċja mill-pubbliku fil-gvern, fl-istabbiliment politiku u fl-UE u l-istrutturi ta' governanza tagħha, kif ukoll istituzzjonijiet oħra.

1.2. Jeħtieġ li dawn it-tliet kwistjonijiet ewlenin jiġu mifhuma fl-isfond tad-diġitalizzazzjoni (megatendenza kbira) u l-globalizzazzjoni, peress li dawn affettwaw b'mod sostanzjali s-swieq tax-xogħol tal-Ewropa, u se jkomplu jkollhom impatt saħansitra akbar fil-futur. Id-diġitalizzazzjoni b'mod partikolari tista' jew tiffaċilita l-indirizzar tat-tliet problemi jew inkella taggravahom. Il-mistoqsija dwar jekk id-diġitalizzazzjoni hux se jkollha impatt pożittiv jew negattiv tiddependi fuq kif din tiġi ġestita mill-aspett politiku.

1.3. Abbażi ta' analiżi bir-reqqa tar-relazzjoni bejn dawn it-tliet kwistjonijiet ewlenin u d-diġitalizzazzjoni, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tħejji strateġija fit-tul għall-iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa, bl-għan li tħeġġeġ miżuri li jsaħħu l-ekonomija tagħha sabiex jiksbu benefiċċji soċjali u ambjentali. Din l-opinjoni għandha l-għan li tippreżenta kwistjonijiet u input biex jiġu kkunsidrati fit-tħejjija tal-istrateġija fit-tul.

Xi persuni jirreżistu l-bidla. Fil-mument ta' kisbiet teknoloġiċi kontinwi, xi persuni għandhom dritt akkwiżit li jżommu l-istatus quo. Persuni oħra jistgħu ma jħossuhomx siguri biex jippruvaw jadattaw għal soċjetà li dejjem tinbidel. Għal oħrajn, il-bidliet mhux qed isiru b'pass mgħaġġel biżżejjed (eż. sostenituri ta' enerġija ekoloġika). Dawk li jfasslu l-politika għandhom iqisu dawn il-biżgħat u jindirizzaw il-problema direttament, minflok jirrikorru għal status quo. L-ewwel pass għandu jkun li jinbeda dibattitu miftuħ dwar il-kwistjonijiet u tissaħħaħ id-demokrazija parteċipatorja, inkluż l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej.

1.4. "In-nuqqas ta' azzjoni" mhijiex għażla. Se tkun meħtieġa rieda politika sabiex il-bidla titmexxa fid-direzzjoni t-tajba. Hemm ħtieġa għal interkonnessjonijiet aktar b'saħħithom bejn l-iżvilupp ekonomiku, il-protezzjoni ambjentali u l-politiki soċjali. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jisħaq li l-implimentazzjoni u t-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), flimkien mal-Ftehim ta' Pariġi, u tranżizzjonijiet ġestiti sew lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u lejn l-ekonomija diġitali, se jsolvu kwistjonijiet maġġuri li qed tiffaċċja l-Ewropa u permezz t'hekk l-Ewropa ssir rebbieħa ta' din ir-rivoluzzjoni industrijali ġdida. Aħna nirrakkomandaw li l-Kummissjoni tiżviluppa b'urġenza l-politiki deskritti fil-Komunikazzjoni tagħha "Passi li jmiss" (Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni) [1] u tiffoka aktar fuq l-integrazzjoni bis-sħiħ tal-SDGs u l-Ftehim ta' Pariġi fil-qafas tal-politika Ewropea u l-prijoritajiet attwali tal-Kummissjoni bl-għan li tistabbilixxi viżjoni għall-Ewropa ġusta u kompetittiva sas-sena 2050.

1.5. Il-ħtieġa ta' kontribut politiku qawwi ma għandhiex tiġi mifhuma b'mod żbaljat. Filwaqt li qafas regolatorju adegwat huwa indispensabbli għat-tiswir tat-tranżizzjoni, l-Ewropa għandha bżonn aġenda li taffettwa lis-soċjetà kollha kemm hi billi: taspira għal globalizzazzjoni ġusta; timmira li żżid il-kompetittività u tagħmel l-Ewropa mexxej fit-teknoloġiji ġodda; timmira li ma tħalli lil ħadd barra; telimina l-faqar u toħloq ambjent li jreġġa' lura l-fiduċja tal-persuni fis-sistemi politiċi kif ukoll forom multilaterali ta' governanza [2]. Minbarra li twitti t-triq f'diversi oqsma ta' politika, l-approċċi ta' politika għandhom jimmiraw lejn l-attivazzjoni tal-potenzjal kbir ħafna tas-soċjetà ċivili. L-intraprenditorija soċjali, l-inizjattivi taċ-ċittadini u x-xogħol fil-komunità huma biss xi eżempji ta' kif l-iżvilupp sostenibbli jista' jintlaħaq permezz ta' approċċ minn isfel għal fuq, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda t-tranżizzjoni meħtieġa lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju jew lejn l-ekonomija ċirkolari. Il-każ tal-enerġija rinnovabbli deċentralizzata huwa l-aħjar punt ta' riferiment f'dan il-kuntest.

1.6. Fil-futur qrib, il-Kummissjoni u l-KESE jeħtieġ iwettqu aktar ħidma flimkien fuq oqsma ta' politika ewlenin strateġiċi li huma analizzati f'din l-opinjoni, pereżempju:

— Il-kompetittività tal-UE f'dinja li qiegħda tinbidel;

— l-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq is-suq tax-xogħol (inkluż ix-xogħol deċenti) u l-ambjent;

— finanzi sostenibbli u t-tassazzjoni;

— l-isfidi mill-iżvilupp ta' mudelli ekonomiċi ġodda;

— l-ostakli għad-deċentralizzazzjoni tal-produzzjoni tal-enerġija;

— it-tagħlim tul il-ħajja f'era diġitali ġdida u fil-kuntest tat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'użu baxx tal-karbonju;

— il-promozzjoni ta' koalizzjonijiet ta' diversi partijiet interessati;

— id-defiċit demokratiku fil-proċess leġislattiv tal-UE u l-isfida mġedda ta' parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili;

— l-integrazzjoni ta' għarfien espert indipendenti fit-tfassil tal-politika flimkien mal-ħtieġa li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili;

— mekkaniżmu ġdid Ewropew li jservi strateġija ta' żvilupp sostenibbli.

1.7. Hemm bżonn ta' strateġija komprensiva u koerenti sabiex tiġi realizzata din it-taħlita ta' politiki. Il-KESE jirrakkomanda li tali strateġija għandha tiġi mmirata fit-tul u li din għandha tkun espliċita, integrata b'mod orizzontali u vertikali, maniġġabbli u parteċipatorja. Għalhekk, il-KESE jqis li huwa kruċjali li jiġi żgurat li t-tranżizzjoni lejn l-2050 tkun imfassla u mwettqa bil-parteċipazzjoni sħiħa tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Bl-għan li tissaħħaħ id-demokrazija parteċipatorja, il-Kummissjoni jeħtieġ tirrifletti fuq id-dritt tagħha ta' monopolju leġislattiv.

---

(1) SWD(2016) 390 final (mhux disponibbli bil-Malti).
(2) Rimarki mis-Segretarju Ġenerali tan-NU fil-Forum Politiku ta' Livell Għoli ta' Lulju 2017 dwar l-Iżvilupp Sostenibbli.

2. **Introduzzjoni**

Fl-2016, il-Kummissjoni ppubblikat il-Komunikazzjoni tagħha dwar “Il-passi li jmiss għal ġejjieni Ewropew sostenibbli”. Fl-Opinjoni tiegħu l-KESE jikkontribwixxi billi jagħmel rakkomandazzjonijiet għal strateġija li tindirizza l-isfidi li qed tiffaċċja l-Ewropa. L-Opinjoni titlob għal approċċ iffokat fuq il-persuni li jieħu inkunsiderazzjoni d-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-iżvilupp minn perspettiva fit-tul. Dan l-approċċ għandu jegħleb il-perspettiva ta’ kunsiderazzjoni abbażi ta’ perjodu ta’ żmien qasir u l-ħsieb kompartimentalizzat prevalenti fl-istrateġiji attwali tal-UE.

3. **Megatendenza waħda u tliet kwistjonijiet globali**

Fil-kuntest tad-diġitalizzazzjoni (megatendenza), se tkun strateġija ta’ sostenibbiltà li se jkollha tagħti tweġibiet għat-tliet kwistjonijiet imsemmija f’kapitolu 1 li huma globali fl-ambitu u li jaffettwaw l-Ewropa daqs il-kontinenti l-oħrajn kollha:

(1) Kif għandhom jiġu ttrattati l-limitazzjonijiet planetarji u l-isfida ekoloġika globali, inklużi l-bidla fil-klima u t-telfien tal-bijodiversità?

(2) Kif għandha tkun ir-reazzjoni għaż-żieda fl-inugwaljanzi soċjali f’dinja globalizzata?

(3) U kif għandha tingħeleb l-erożjoni tal-appoġġ pubbliku għall-gvernijiet u l-istituzzjonijiet?

Is-soluzzjonijiet għal dawn il-problemi se jirrikjedu sforz konġunt mingħand dawk li jfasslu l-politika, il-politiċi u s-soċjetà ċivili. Barra minn hekk, ir-riskji u l-opportunitajiet tad-diġitalizzazzjoni għandhom jingħataw attenzjoni speċjali. F’din it-taqsima, aħna nippreżentaw kwistjonijiet li għandhom jiġu kkunsidrati meta jinstabu soluzzjonijiet għat-tliet kwistjonijiet ewlenin ([3]).

3.1. Megatendenza waħda: it-trasformazzjoni globali tal-ekonomija u tas-soċjetà permezz tad-diġitalizzazzjoni

3.1.1. Il-pjattaforma ekonomija, l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u l-Internet tal-oġġetti – l-iżviluppi globali f’dawn l-oqsma huma mifruxin u qed jaċċelleraw u xi darba jew oħra se jaffettwaw l-oqsma kollha tal-ekonomija u s-soċjetà. It-teknoloġija diġitali qed issir disponibbli għall-parti l-kbira tas-soċjetà, iżda xi gruppi jista’ ma jkollhomx aċċess għal dawn l-għodod diġitali estremament b’saħħithom.

3.1.2. Il-konverġenza tat-teknoloġiji diġitali man-nanoteknoloġija, mal-bijoteknoloġija, max-xjenza tal-materjali, mal-ġenerazzjoni u l-ħażna tal-enerġija rinnovabbli, kif ukoll mal-quantum computing, għandha l-potenzjal li toħloq rivoluzzjoni industrijali ġdida ([4]). Sabiex l-Ewropa tersaq fuq quddiem fil-kompetizzjoni dinjija ġdida teknoloġika u ekonomika, hemm bżonn ta’ investimenti enormi u inizjattivi ġodda.

3.1.3. Id-diġitalizzazzjoni għandha ħafna benefiċċji. Tagħti lok għal prodotti u servizzi ġodda li minnhom jibbenefikaw il-konsumaturi. Din għandha l-potenzjal li tgħin sabiex jintlaħqu wħud mill-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli (SDGs) billi tgħolli l-livelli tad-dħul globali, ittejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-persuni, toħloq opportunitajiet għal aktar mudelli demokratiċi u żżid l-għadd ta’ impjiegi ta’ kwalità, kif ukoll il-kompetittività ġenerali tal-UE – l-istess kif għamlu r-rivoluzzjonijiet industrijali preċedenti. Hemm ukoll perikli – ċerti studji jindikaw il-possibbiltà li d-diġitalizzazzjoni tista’ teqred ħafna iktar impjiegi milli tista’ toħloq.

3.1.4. It-teknoloġija diġitali se tqarreb il-produzzjoni u l-konsum ħafna aktar lejn xulxin, filwaqt li timminimizza l-produzzjoni żejda. Dan għandu l-potenzjal li jnaqqas l-impronta ambjentali tal-UE. In-negozjar dirett ta’ oġġetti ekonomiċi – permezz ta’ tranżazzjonijiet bejn il-pari jew inkella permezz ta’ ekonomija ta’ kondiviżjoni – jista’ jnaqqas il-konsum tar-riżorsi. Pereżempju, it-teknoloġija diġitali tappoġġja t-tixrid ta’ servizzi tat-trasport kondiviżi u vetturi mingħajr sewwieq, li jistgħu jżidu s-sostenibbiltà ambjentali tas-sistemi ta’ mobilità tagħna.

3.1.5. Madankollu, minnha nnifisha, id-diġitalizzazzjoni mhijiex sostenibbli. Hemm ostakli għad-dħul fis-suq u għall-ekonomiji ta’ skala li jistgħu jimpedixxu liċ-ċittadini milli jisfruttaw il-potenzjal tagħha. Id-diġitalizzazzjoni tista’ żżid l-inugwaljanza, b’mod partikolari minħabba l-potenzjal tagħha li tfixkel is-swieq tax-xogħol u l-propensità tagħha li toħloq

([3]) L-Ewwel Viċi President Frans Timmermans fis-sessjoni plenarja tal-KESE tal-15 ta’ Diċembru 2016.

([4]) Opinjoni tal-KESE dwar *Suq intern diġitali inkluživ*, ĠU C 161, 6.6.2013, p. 8.

polarizzazzjoni ma' ħafna impjiegi li jirrikjedu ħiliet bażiċi jew medji suxxettibbli għall-awtomazzjoni. Ir-robotizzazzjoni u l-ekonomija tal-pjattaforma jistgħu jimponu theddida serja fuq bosta postijiet tax-xogħol Ewropej u dawn joħolqu riskji ġodda peress li l-maġġoranza tat-teknoloġiji rilevanti joperaw abbażi tad-data, inkluża b'mod speċjali d-data personali.

3.1.6. L-opportunitajiet ġodda għall-ġenerazzjoni tal-ġid, li minnhom sikwit tibbenefika biss ċerta klassi ta' nies: persuni b'livell għoli ta' edukazzjoni b'ħiliet soċjali tajbin u tolleranza għal riskji għoljin. Il-benefiċjarji ewlenin tal-innovazzjonijiet diġitali għandhom it-tendenza li jkunu l-fornituri ta' kapital intellettwali, finanzjarju u fiżiku: innovaturi, azzjonisti, investituri u ħaddiema bi kwalifiki għoljin. Hemm il-biża' li t-teknoloġija diġitali se ssir waħda mir-raġunijiet ewlenin għall-istaġnar jew saħansitra għat-tnaqqis fid-dħul.

3.1.7. Hemm bżonn ta' politika attiva u komprensiva sabiex jiġu sfruttati l-opportunitajiet tad-diġitalizzazzjoni, b'referenza għat-tliet problemi ewlenin deskritti hawn fuq. Ir-riskji li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni għandhom jiġu mmonitorjati u ġestiti wkoll. Il-KESE għandu jkompli jaħdem b'mod attiv fuq dawn il-kwistjonijiet.

3.2. Il-limitazzjonijiet tal-pjaneta u l-isfida ekoloġika globali.

3.2.1. Peress li l-Ewropa hija impenjata fil-ġlieda globali kontra tibdil fil-klima (jiġifieri l-Ftehim ta' Pariġi) u hija favur il-protezzjoni tar-riżorsi naturali, din għandha bżonn b'mod urġenti li tnaqqas b'mod fundamentali l-impronta ambjentali tal-ekonomija tagħha. Il-kriżi ekoloġika diġà qed taffettwana. B'mod globali, it-tkabbir tal-popolazzjoni, it-tkabbir ekonomiku fit-tul ibbażat fuq il-karburanti fossili u l-użu insostenibbli tar-riżorsi u tal-art qegħdin ipoġġu pressjoni akbar fuq l-ambjent. Sfida ewlenija, riflessa wkoll fl-SDGs, hija li jiġi żgurat li l-iżvilupp ekonomiku jirrispetta l-limitazzjonijiet tal-pjaneta, kemm fir-rigward tal-protezzjoni tal-klima, l-użu u l-ġestjoni tar-riżorsi, il-kwalità tal-arja u tal-ilma, kif ukoll il-protezzjoni tal-bijodiversità terrestri u tal-baħar.

3.2.2. Dekarbonizzazzjoni qawwija tal-ekonomija teħtieġ it-trasformazzjoni urġenti ta' bosta setturi ekonomiċi. Din it-tranżizzjoni minn karburanti fossili għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli tirrikjedi aktar flessibbiltà fl-enerġija u għarfien espert. L-iżvilupp ġenerali ta' enerġija mill-"prosumatur" ([5]) għandu jifforma wkoll parti importanti u sostenibbli mill-politika tal-UE dwar l-enerġija ([6]). Is-sistemi tat-trasport jirrikjedu bidliet strutturali permezz ta' elettrifikazzjoni u car-sharing. L-akkomodazzjoni u l-infrastruttura għandhom bżonn jiġu aġġornati. Bijoekonomija avvanzata tista' tkun fattur ewlieni li se jixpruna l-ekonomija biex issir ekoloġika.

3.2.3. Jeħtieġ li l-Ewropa titbiegħed mill-mudell ekonomiku lineari attwali ta' "ħu, agħmel, uża u armi" u timxi minflok lejn mudell ċirkolari li huwa ta' natura restorattiva, li jiddependi fuq sorsi naturali rinnovabbli u li jżomm il-valur tal-prodotti, tal-materjali u tar-riżorsi fl-ekonomija fit-tul kemm jista' jkun. Id-diġitalizzazzjoni tista' tkun importanti f'dan il-kuntest (ara 3.1.4).

3.2.4. It-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, ċirkolari u favur l-ambjent hija opportunità għall-UE sabiex iżżid il-kompetittività u r-reżiljenza tagħha. Din tista' ttejjeb il-kwalità tal-ħajja u l-benesseri taċ-ċittadini tagħha. Din tnaqqas ukoll id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-karburanti u l-materja prima kritika u toħloq bażi stabbli għall-prosperità ekonomika.

3.2.5. Madankollu, id-dekarbonizzazzjoni u t-tranżizzjoni ekoloġika se jinvolvu sfidi soċjali ([7]), peress li l-postijiet tax-xogħol fl-industriji b'impronta ekoloġika għolja se jonqsu. Din għandha tiġi aċċettata bħala kompitu politiku strateġiku sabiex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal li d-dekorbonizzazzjoni u t-tranżizzjoni ekoloġika jimplikaw għall-ħolqien ta' impjiegi ġodda u t-titjib fis-sigurtà soċjali, sabiex b'hekk il-bilanċ nett ikun kemm jista' jkun pożittiv.

([5]) Konsumaturi tal-enerġija attivi li jikkonsmaw kif ukoll jipproduċu l-elettriku.
([6]) Opinjoni tal-KESE dwar *Kooperattivi tal-Prosumaturi fil-Qasam tal-Enerġija u l-Elettriku*, ĠU C 34, 2.2.2017, p. 44.
([7]) Opinjoni tal-KESE dwar *Il-Ġustizzja Klimatika*, NAT 712 (ara paġna 22 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

3.2.6. It-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari u b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju ġiet xprunata b'inizjattivi minn isfel għal fuq immexxijin miċ-ċittadini, l-awtoritajiet lokali, il-konsumaturi u l-intrapriżi innovattivi, fir-rigward tal-enerġija kif ukoll tal-ikel. Madankollu, minflok ma jiġu promossi inizjattivi rilevanti u minflok ma tiġi ġġenerata kritika massima madwar l-Ewropa, b'eżitu pożittiv għas-suq tax-xogħol u s-sigurtà soċjali, ta' spiss il-progress ulterjuri jiġi mfixkel mis-sistemi amministrattivi u regolatorji. Mhuwiex magħruf b'mod wiesa' li l-inizjattivi minn isfel għal fuq jistgħu jkunu għodda b'saħħitha sabiex jiġu eliminati l-problemi soċjali tad-dekarbonizzazzjoni u t-tranżizzjoni ekoloġika. Sabiex jiġi żvelat dan il-potenzjal, hemm bżonn li jiġu eliminati l-ostakli strutturali li jipprevjenu lill-persuni b'nuqqas ta' riżorsi milli jaċċessaw ir-riżorsi li jeħtieġu (b'mod partikolari informazzjoni kapitali u rilevanti).

3.3. Iż-żieda tal-inugwaljanzi soċjali

3.3.1. Filwaqt li l-globalizzazzjoni u l-progress teknoloġiku żiedu b'mod drammatiku l-kummerċ globali u l-ġid dinji, il-kombinazzjoni tal-globalizzazzjoni u tal-progress teknoloġiku kkontribwiet ukoll għal żieda fl-inugwaljanza soċjali (u ambjentali). Skont Oxfam, tmien individwi biss, li huma kollha rġiel, jipposjedu ġid daqs l-ifqar nofs tal-popolazzjoni tad-dinja.

3.3.2. Fl-Ewropa, id-diskrepanza fl-inguwaljanza qed tiżdied. Skont studju reċenti tal-OECD, l-inguwaljanza fid-dħul laħqet l-ogħla livell li qatt intlaħaq fl-Ewropa. Fis-snin tmenin, id-dħul medju tal-aktar 10 % għonja tas-soċjetà kien seba' darbiet ogħla minn dak tal-10 % l-aktar foqra. Illum, dan huwa 9,5 darbiet ogħla. L-inugwaljanza fil-ġid hija saħansitra ogħla: 10 % tal-unitajiet domestiċi l-aktar sinjuri għandhom 50 % tal-ġid totali, filwaqt li l-40 % l-inqas sinjuri għandhom ftit aktar minn 3 % ([8]).

3.3.3. Waħda mir-raġunijiet għall-aggravar tal-inugwaljanza fl-Ewropa hija s-separazzjoni tat-tkabbir mid-dħul nett. Filwaqt li l-PDG taż-żona euro kiber b'aktar minn 16 % bejn l-2008 u l-2015 (aktar minn 17 % fl-UE-28), id-dħul nett disponibbli tal-unitajiet domestiċi staġna, peress li kiber bi 2 % biss għall-UE-28.

3.3.4. Fl-24 pajjiż tal-OECD, il-produttività żdiedet b'27 % mill-1995, filwaqt li l-kumpens medju tax-xogħol waqa' lura, peress li żdied b'22 % biss. Agħar minn hekk, iż-żieda fid-dħul mix-xogħol kienet iżgħar b'mod sinifikanti għall-grupp soċjali b'pagi nett aktar baxxi. Din l-inugwaljanza fil-paga aggravat matul l-aħħar 20 sena fil-pajjiżi Ewropej kollha minbarra Spanja. It-tendenza hija evidenti l-aktar fl-Ungerija, il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka u r-Renju Unit ([9]).

3.3.5. Hemm riskju li dan id-distakk se jikber minħabba n-natura dejjem tinbidel tax-xogħol. Pereżempju l-awtomazzjoni ta' proċessi industrijali kumplessi permezz tar-robotika thedded li tnaqqas id-domanda għal ħaddiema mhux manwali b'ħiliet medji u anke livelli aktar baxxi ta' ħaddiema mhux manwali b'ħiliet għolja, li attwalment iwettqu dawn il-kompiti kumplessi. Dan x'aktarx se jikkontribwixxi aktar għal polarizzazzjoni tas-suq tax-xogħol peress li l-impjiegi ġodda li jinħolqu se jaqgħu jew (anke) fil-grupp b'ħiliet għolja (l-iżvilupp u ż-żamma ta' dawn il-prodotti/servizzi) jew fil-grupp b'ħiliet aktar baxxi orjentati aktar lejn is-servizz. Skont l-OECD, 9 % tal-impjiegi jinsabu f'riskju li jiġu awtomatizzati, filwaqt li għal 25 % oħrajn, nofs il-kompiti se jinbidlu b'mod sinifikanti.

3.3.6. Ir-reazzjonijiet tal-gvernijiet għall-impatt tad-diġitalizzazzjoni għandhom it-tendenza li jkunu reattivi aktar milli proattivi u fil-parti l-kbira tagħhom huma diretti lejn il-mitigazzjoni tal-effetti sekondarji tad-diġitalizzazzjoni minflok ma jkunu mmirati biex jiġu utilizzati l-benefiċċji potenzjali tagħha. Ir-reazzjonijiet tal-gvernijiet hemm bżonn li jikkunsidraw aħjar l-isfida ta' rappreżentanza u parteċipazzjoni tal-ħaddiema bħala aspett importanti tal-investiment fil-kapital uman f'suq tax-xogħol li qed jevolvi. Il-KESE jista' jkompli janalizza bir-reqqa l-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq in-natura tax-xogħol.

3.4. Gvernijiet u istituzzjonijiet li qed jitilfu l-appoġġ taċ-ċittadini

3.4.1. Iż-żieda fl-inugwaljanza li parzjalment biss tirriżulta mill-globalizzazzjoni u l-progress teknoloġiku kkontribwiet għal telf ta' fiduċja fil-gvernijiet, fl-istabbilimenti politiċi, fl-organizzazzjonijiet internazzjonali, fl-istituzzjonijiet u fil-governanza globali. Barra minn hekk, din ikkawżat żieda fil-movimenti populisti u deklin fil-partiti politiċi tradizzjonali. Fenomenu inkwetanti b'mod partikolari huwa l-assenteiżmu fost iż-żgħażagħ (biex ma nsemmux il-voti kontra s-sistema): fl-2015, kienu biss 63 % tal-Ewropej ta' bejn il-15 u t-30 sena li vvotaw f'elezzjoni ([10]).

([8]) OECD: "Understanding the Socio-Economic Divide in Europe" (Il-Fehim tad-Diviżjoni Soċjoekonomika fl-Ewropa). Rapport ta' Sfond 2017.

([9]) Schwellnus, C., Kappeler, A. u Pionnier, P.: OECD Working Papers (Dokumenti ta' Ħidma tal-OECD). *Decoupling of Wages from Productivity: Macro-Level Facts.*

([10]) Ewrobarometru.

3.4.2. Ħafna ċittadini Ewropej iħossuhom maqtugħin mit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi fil-livell nazzjonali u Ewropew. Dawn jemmnu li l-proċessi demokratiċi tradizzjonali ma jippermettulhomx li jkollhom impatt fuq deċiżjonijiet fundamentali. L-approċċ b'diversi partijiet ikkonċernati (eż. skont l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli) huwa mudell demokratiku inklużiv u mod ta' kif tingħeleb din l-isfiduċja.

3.4.3. It-trasformazzjoni għas-sostenibbiltà ma tistax u ma għandhiex tiġi imposta "minn fuq"; din tirnexxi biss jekk tkun ibbażata fuq appoġġ wiesa' u parteċipazzjoni attiva mill-maġġoranza tan-negozji, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, il-ħaddiema u ċ-ċittadini. Din għandha tkun kooperazzjoni "minn isfel għal fuq u minn fuq għal isfel". Fit-tfassil tal-Aġenda 2030 intużaw alleanzi b'diversi partijiet ikkonċernati u dawn qegħdin jiżviluppaw fil-qasam tal-azzjoni klimatika ([11]). Dawn jistgħu jservu bħala pjan ta' azzjoni għal mudell ta' governanza demokratika inklużiv li jista' jiġi applikat fis-setturi ta' politika u jiffaċilitaw il-bidla u l-innovazzjoni trasformattivi.

3.4.4. B'mod partikolari, il-ġenerazzjoni aktar żgħażugħa qed titlob forom mhux tradizzjonali ta' impenn politiku, b'kuntrast għall-partiti politiċi u l-korpi konvenzjonali. Il-komunitajiet tal-enerġija, is-sħubiji bejn iċ-ċittadini u l-muniċipalitajiet għat-trawwim tal-effiċjenza enerġetika (eż. permezz ta' mudelli ta' kuntrattar) jew l-immaniġġjar tal-iskart, l-inizjattivi ta' bliet fi tranżizzjoni, l-agrikoltura appoġġjata mill-komunità, il-blogs politiċi u formati online oħrajn, jew saħansitra l-inizjattivi tal-munita lokali huma forom alternattivi ta' impenn politiku. Dawn il-forom ċertament mhux se jieħdu post ix-xogħol politiku tradizzjonali, iżda jistgħu jagħmlu kontribut importanti għas-soċjalizzazzjoni politika u l-integrazzjoni soċjali.

3.4.5. L-użu tal-potenzjal tal-Internet huwa approċċ promettenti ieħor sabiex jiżblokka s-sitwazzjoni politika. L-informazzjoni qatt ma kienet disponibbli b'mod aktar liberu daqskemm hi fin-netwerk deċentralizzat mingħajr gwardjan klassiku. Dan jirriżulta fi sfidi ġodda għas-soċjetà, kif deher bil-fenomeni tal-aħbarijiet foloz jew li ma jiffokawx fuq il-fatti oġġettivi. Intant, bħalissa qegħdin nesperjenzaw ukoll żieda kbira ta' forom mhux ġerarkiċi u alternattivi ta' attiviżmu, kif ukoll użu qawwi ta' netwerks soċjali online fost iċ-ċittadini, b'mod partikolari ż-żgħażagħ.

3.4.6. Il-gvern elettroniku jista' jwassal għal mudelli ta' governanza li juru livell ta' parteċipazzjoni pubblika mingħajr preċedent fit-tfassil tal-politika. L-UE għandha tħares lejn Stati Membri bħall-Estonja, fejn diġà sar progress konsiderevoli. Id-diġitalizzazzjoni tagħti ċ-ċans liċ-ċittadini jipparteċipaw fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet bi spiża relattivament baxxa. Madankollu, l-evidenza turi li teżisti wkoll "inklinazzjoni tal-klassi medja" (rappreżentazzjoni ogħla ta' membri tal-klassi medja f'forums ta' parteċipazzjoni) fir-rigward tal-parteċipazzjoni elettronika. Il-KESE jinsab f'qagħda tajba biex jidħol fi djalogu fil-livell tas-soċjetà ċivili dwar din il-kwistjoni.

4. **L-Ewropa li rridu**

Ikkonfrontata bit-tliet kwistjonijiet globali u l-megatendenza tad-diġitalizzazzjoni ppreżentata hawn fuq, l-UE għandu jirnexxielha:

— tisfrutta r-rivoluzzjoni diġitali sabiex tibni ekonomija ġdida u sostenibbli;

— fit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, ċirkolari u b'livelli baxxi ta' emissjonijiet ta' karbonju, filwaqt li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta għal kulħadd;

— fil-bini ta' mudell soċjali Ewropew reżiljenti;

— fl-iżgurar ta' sistema demokratika aktar deċentralizzata u aktar xprunata miċ-ċittadini, filwaqt li jsir użu tal-vantaġġi ta' kooperazzjoni ekonomika ġusta f'livell globali.

4.1. Il-KESE jemmen li l-SDGs, flimkien mal-Ftehim ta' Pariġi (COP21), se jagħtu spinta lill-viżjoni tal-"Ewropa li rridu" ([12]) ([13]). Hemm bżonn li l-Kummissjoni toħloq momentum għall-implimentazzjoni ta' dawn il-ftehimiet billi tiżviluppa l-politiki deskritti fil-komunikazzjoni tagħha "Passi li Jmiss" u tinkorporahom bis-sħiħ fil-qafas ta' politika Ewropea u l-prijoritajiet tal-Kummissjoni attwali. "L-Ewropa li rridu", bħall-Aġenda 2030 (jiġifieri l-SDGs), tqiegħed lill-

([11]) Opinjoni tal-KESE dwar *Koalizzjoni sabiex jiġu ssodisfati l-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi*; ĠU C 389, 21.10.2016, p. 20.
([12]) Building the Europe We Want (Nibnu l-Ewropa li Rridu), studju mill-Forum ta' Partijiet Interessati għall-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, 2015.
([13]) Common appeal to European leaders by European Civil Society Organisations and Trade Unions (Appell komuni lill-mexxejja Ewropej mill-Organizzazzjonijiet Ewropej tas-Soċjetà Ċivili u t-Trejdjunjins), 21 ta' Marzu 2017.

individwu fil-qalba tas-soċjetà u l-ekonomija, u tagħti ċ-ċans lil kulħadd biex jiddeċiedi kif jixtieq jissodisfa l-ħtiġijiet tiegħu f'armonija mal-ambjent soċjali u ekoloġiku. Dan il-kunċett mhuwiex utopiku. Fir-realtà, l-Ewropa issa għandha l-mezzi teknoloġiċi u ekonomiċi biex twettaq din il-viżjoni: l-Internet tal-oġġetti u l-big data, il-kontroll ta' proċessi kumplessi permezz ta' applikazzjonijiet mobbli, "prosum" permezz tat-tnaqqis fl-iskala tal-produzzjoni u t-tnaqqis fl-ispejjeż tal-produzzjoni (eż. enerġiji rinnovabbli, stampar 3D), modi ġodda ta' tranżazzjoni u ta' ħlas (blockchain, bitcoins u kuntratti intelliġenti), il-kooperattiviżmu u l-ekonomija ta' kondiviżjoni bħala kunċetti kummerċjali ġodda u innovazzjonijiet oħrajn.

4.2. Dawn l-innovazzjonijiet kollha għandhom il-potenzjal li jagħmlu l-viżjoni realtà, iżda dan jippreżumi strateġija li tipprovdi soluzzjonijiet għal tliet sfidi relatati mal-innovazzjoni. Din l-istrateġija tinkludi kunċett ġdid ta' benesseri "lil hinn mill-PDG", fejn l-prosperità ekonomika, l-inklużività soċjali, ir-responsabbiltà ambjentali u l-awtonomizzazzjoni ċivika jiġu segwiti b'mod integrat.

4.3. "In-nuqqas ta' azzjoni" mhijiex għażla: Jekk l-UE ma għandhiex ir-rieda jew mhijiex kapaċi tiżviluppa u timplimenta strateġija komprensiva, l-Ewropa mhux biss mhux se tissodisfa l-Aġenda 2030, iżda lanqas il-viżjoni ta' "l-Ewropa li rridu". Mingħajr ebda azzjoni, hemm riskju ta' falliment fir-rigward ta' kull sfida ewlenija: l-ordni tax-xogħol Ewropew se jinqered, id-dekarbonizzazzjoni u l-protezzjoni tar-riżorsi se jintemmu minħabba li l-ispejjeż soċjali tat-tranżizzjoni ekoloġika huma meqjusa għolja żżejjed u l-inugwaljanzi soċjali flimkien mal-aljenazzjoni se jiżdiedu, filwaqt li jimponu riskju għad-demokrazija.

4.4. Huwa ferm importanti li l-istrateġija tinkludi b'mod preċiż rakkomandazzjonijiet tal-politika sabiex tgħin fl-indirizzar tat-tliet sfidi ewlenin li l-Ewropa tiffaċċja u b'hekk tagħmel l-"Ewropa li rridu" realtà.

5. **Sitt approċċi ta' politika sabiex tinkiseb l-Ewropa li rridu**

Hawnhekk, aħna nipproponu l-approċċi ta' politika ewlenin li jipprovdu tweġibiet għat-tliet kwistjonijiet ewlenin (il-limitazzjonijiet planetarji, id-disparità soċjali, in-nuqqas ta' appoġġ pubbliku) u l-megatendenza tad-diġitalizzazzjoni. Kull wieħed minn dawn l-approċċi jinkludi taħlita ta' politiki li tinkludi sa sitt elementi:

— l-innovazzjoni

— ir-regolamentazzjoni/il-governanza

— il-politika soċjali

— l-aċċess miftuħ

— l-edukazzjoni/it-taħriġ

— ir-riċerka

Din it-taħlita ta' politika għandha tiġi applikata f'mill-inqas erba' oqsma ta' politika: l-ekonomija ġusta, diġitali u ekoloġika (5.1), il-forom ġodda ta' governanza (5.2), is-sostenibbiltà u s-settur finanzjarju (5.3) u l-promozzjoni tas-sostenibbiltà permezz tal-kummerċ internazzjonali (5.4). Aħna nipprovdu kwistjonijiet u kontribut li għandhom jiġu esplorati aktar mill-istituzzjonijiet tal-UE u mill-partijiet interessati fuq medda twila ta' żmien.

5.1. **Ekonomija ġusta, diġitali u ekoloġika li tiġġenera l-prosperità u l-benessri**

5.1.1. Innovazzjoni: ir-rivoluzzjoni industrijali ġdida hija opportunità biex l-Ewropa ssir mexxej teknoloġiku u żżid il-kompetittività tagħha fis-swieq globalizzati. Il-ġenerazzjoni ta' valur ekonomiku mingħajr spejjeż esterni għoljin għandha ssir il-mudell kummerċjali standard. Għandna bżonn kumpaniji innovattivi u profittabbli u l-intrapriżi biex jinvestu fi produzzjoni sostenibbli, li joħolqu impjiegi ta' kwalità għolja u biex tiġi ġġenerata l-bażi ekonomika dwar il-benessri tal-annimali. Għall-innovazzjonijiet li jikkontribwixxu għal Ewropa aktar sostenibbli, irid jiġi żviluppat qafas li jippremja lil dawk l-attivitajiet ekonomiċi mingħajr impronti esterni, jew li jnaqqsuhom b'mod radikali, jew b'konsum limitat tar-riżorsi. Dan jippermetti lill-innovaturi sostenibbli (kemm jekk huma ċittadini, negozji, bliet jew reġjuni) jikkompetu b'mod effettiv ma' mudelli kummerċjali b'livell għoli ta' sfruttar tar-riżorsi u/jew b'impronta ambjentali kbira. Appoġġ proattiv, eż. bl-aċċessibbiltà tal-mikrokreditu għall-SMES, iċ-ċittadini, l-unitajiet domestiċi privati, l-inizjattivi tal-komunità, in-negozji

soċjali u l-mikrointrapriżi, għandu jingħata wkoll lill-innovaturi li joffru soluzzjonijiet ġodda għall-indirizzar tal-sfidi ambjentali u soċjali u li jaġixxu minn tal-ewwel biex jadottawhom ([14]). Hawnhekk, privattiva Ewropea unika tista' tkun ta' għajnuna, sakemm l-ispejjeż tar-reġistrazzjoni ma jkunux projbittivi ([15]). Fir-rigward tal-SMEs, għandhom jiġu riveduti wkoll miżuri li fihom jingħata ċans ieħor sabiex jitnaqqas il-livell għoli attwali ta' averżjoni għar-riskju fl-UE ([16]). Il-politika għandha tippermetti wkoll l-esperimentazzjoni madwar l-Ewropa kollha, b'mod partikolari fis-setturi tal-mobilità, l-iskart, l-enerġija, l-agrikoltura, l-edukazzjoni jew is-setturi tas-saħħa. Is-swieq ġodda jistgħu jinstabu permezz ta' tranżizzjoni tal-akkwist pubbliku lejn servizzi diġitali, ekoloġiċi, ċirkolari u b'livelli baxxi ta' emissjonijiet ta' karbonju mogħtija b'mod soċjalment inklużiv.

5.1.2. Regolamentazzjoni: qafas regolatorju għandu jissodisfa tliet għanijiet. L-ewwel, jeħtieġ li l-effetti esterni jiġu kkalkulati bl-aktar mod preċiż possibbli sabiex ikunu jistgħu jiġu żviluppati mudelli kummerċjali li jgħinu biex jintlaħqu l-għanijiet ta' sostenibbiltà ([17]). It-tieni, ir-regolamenti għandhom jiggarantixxu li jiġu implimentati infrastrutturi diġitali żviluppati sew madwar l-Ewropa kollha, inkluż fiż-żoni rurali, kif ukoll li kulħadd jiġi pprovdut b'aċċess għalihom (inklużi tisħin intelliġenti, grilji tal-elettriku intelliġenti u netwerks tal-mobilità elettrika). Dawn għandhom jiġu ttrattati fis-sens legali bħala servizzi pubbliċi. Fl-aħħar, peress li d-diġitalizzazzjoni għandha t-tendenza li tiffavorixxi l-pjattaformi, hemm riskju ta' monopolji fis-swieq diġitali ewlenin. Għalhekk, huma neċessarji politiki tal-antitrust attivi ([18]). Il-KESE ssuġġerixxa wkoll li l-Kummissjoni tikkunsidra modi kif il-pjattaformi Ewropej jistgħu jiġu promossi b'tali mod li jinżamm il-valur miżjud fl-ekonomiji lokali ([19]). Aġenzija tal-klassifikazzjoni indipendenti Ewropea għall-pjattaformi diġitali jista' jkollha rwol importanti fl-ibbilanċjar tal-poter tas-suq tagħhom, filwaqt li topera bl-istess mandat fl-Istati Membri kollha biex tivvaluta l-governanza tal-pjattaformi fir-rigward tal-kompetizzjoni, l-impjieg u t-tassazzjoni ([20]).

5.1.3. Politika soċjali: il-bidla kkawżata mid-dekarbonizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni (ara t-taqsima 3) huma sfida għas-sistemi tas-sigurtà soċjali f'termini ta' ġestjoni tal-problema tat-telf tal-impjiegi u t-tnaqqis fid-dħul fiskali. Għalhekk jeħtieġ jiġu eżaminati u żviluppati approċċi u mudelli ġodda bl-għan li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-sistemi tas-sigurtà soċjali fl-Istati Membri, u filwaqt li jingħata rispons għaċ-ċirkostanzi differenti tal-ħidma futura u jingħata appoġġ lill-ħaddiema u l-komunitajiet f'setturi u reġjuni affettwati mit-tranżizzjoni. Il-KESE kkunsidra l-isfidi tal-futur tax-xogħol fl-Opinjoni tiegħu dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u appella għal Strateġija koerenti tal-Impjiegi Ewropej li, fost l-oħrajn, tindirizza: l-investiment u l-innovazzjoni, l-impjieg u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, il-kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti għal kulħadd, it-tranżizzjonijiet ġusti u bla intoppi appoġġjati minn politiki attivi tas-suq tax-xogħol, u l-involviment tal-partijiet interessati kollha, b'mod speċjali l-imsieħba soċjali. Barra minn hekk, l-investiment pubbliku għandu jappoġġja lill-komunitajiet, lir-reġjuni u lill-ħaddiema f'setturi li diġà qegħdin jiġu affettwati minn din it-tranżizzjoni, kif ukoll sabiex jiġu antiċipati u ffaċilitati r-ristrutturar u t-tranżizzjoni futuri għal ekonomija aktar ekoloġika u aktar sostenibbli ([21]).

5.1.4. Aċċess miftuħ: l-isfruttar tal-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni għal ekonomija ekoloġika u ġusta jeħtieġ fuq kollox ftuħ ġenerali fl-ekonomija li jippermetti lill-persuni jieħdu sehem b'mod attiv u jibbenefikaw mill-opportunitajiet ta' progress teknoloġiku (eż. il-kombinazzjoni ta' data diġitali dwar l-enerġija mal-ġenerazzjoni tal-enerġija deċentralizzata). Għalhekk, huwa ferm importanti li jiġu eliminati l-ostakli għall-parteċipazzjoni ekonomika permezz ta' swieq miftuħa, data miftuħa, sors miftuħ u standards miftuħa. Kull wieħed minn dawn l-elementi jrid jitqies bħala prinċipju ta' gwida għall-programmi ta' politika f'setturi strateġiċi: l-enerġija, it-trasport, il-loġistika u l-proċessi tal-produzzjoni. Jeħtieġ li l-kunċett tas-sovranità tad-data jiġi żviluppat u implimentat permezz tal-liġi Ewropea: iċ-ċittadini Ewropej għandu jkollhom id-dritt li jużaw id-data tagħhom stess għall-finijiet proprji tagħhom, sabiex jiddeterminaw liema data personali għandha tintuża minn partijiet terzi, jiddeċiedu kif tintuża d-data, ikunu infurmati dwar u jkollhom kontroll sħiħ tal-utilizzazzjoni tad-data u jħassru d-data.

([14]) Opinjoni tal-KESE dwar *Mudelli ekonomiċi sostenibbli ġodda*, SC/048 (ara paġna 57 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).
([15]) Opinjoni tal-KESE dwar *Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali*, ĠU C 230, 14.7.2015, p. 72.
([16]) Opinjoni tal-KESE dwar *Il-mexxejja li jmiss tal-Ewropa: l-Inizjattiva favur in-Negozji l-ġodda u n-Negozji li qed jespandu*, ĠU C 288, 31.8.2017, p. 20.
([17]) Opinjoni tal-KESE dwar *Żvilupp sostenibbli: immappjar tal-politiki interni u esterni tal-UE*, ĠU C 487, 28.12.2016, p. 41.
([18]) Opinjoni tal-KESE dwar *L-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali*, ĠU C 71, 24.2.2016, p. 65.
([19]) Opinjoni tal-KESE dwar *In-natura dejjem tinbidel tar-relazzjonijiet tax-xogħol u l-impatt tagħha fuq iż-żamma ta' paga li tiggarantixxi l-għajxien*, ĠU C 303, 19.8.2016, p. 54.
([20]) Opinjoni tal-KESE dwar l-*Ekonomija Kollaborattiva*, ĠU C 75, 10.3.2017, p. 33.
([21]) ĠU C 125, 21.4.2017, p. 10.

5.1.5. Edukazzjoni/taħriġ: kemm l-ekonomija ekoloġika kif ukoll l-ekonomija diġitali jirrikjedu ħiliet speċifiċi, b'mod partikolari minħabba li fil-futur, it-teknoloġija diġitali se tkun għodda importanti biex tintlaħaq id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija Ewropea (ara 3.1.4 u 3.2.3). Hemm bżonn li t-taħriġ għall-iżvilupp ta' ħiliet formali u informali meħtieġa, inkluż fl-oqsma bħax-xogħol kollaborattiv/komunitarju u l-intraprenditorija ([22]), jiġi integrat fl-edukazzjoni ġenerali u fil-politiki tat-tagħlim tul il-ħajja. Aktar djalogu u analiżi jridu jitwettqu fuq din il-kwistjoni. L-użu mmirat tal-Fondi Strutturali huwa rrakkomandat sabiex jiġi żgurat appoġġ effettiv għall-indirizzar tad-diskrepanza attwali fil-ħiliet ekoloġiċi u diġitali, b'mod partikolari fir-reġjuni li diġà jinsabu fit-tranżizzjoni jew li se jiġu affettwati mit-tranżizzjoni fil-futur. Ir-riżorsi fis-sistemi edukattivi Ewropej se jkollhom jiġu diretti lejn l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet f'oqsma fejn il-ħiliet umani mhumiex se jiġu sostitwiti minn sistemi ta' intelliġenza artifiċjali jew fejn il-bnedmin huma meħtieġa biex jikkomplementaw dawk is-sistemi (jiġifieri kompiti fejn l-interazzjoni tal-bniedem hija vitali jew fejn il-bnedmin u l-magni jikkooperaw, kif ukoll kompiti li nixtiequ li l-bnedmin ikomplu jwettqu) ([23]).

5.1.6. Ir-riċerka: ekonomija diġitali, ekoloġika u ġusta se tkun il-punt ta' riferiment għal mudelli ekonomiċi li jgħoddu għall-futur. Politika ta' riċerka mmirata sew, waħda li tkun imsejsa fuq analiżi tal-impatt ambjentali u soċjali tal-innovazzjonijiet, b'mod partikolari l-innovazzjonijiet diġitali, se tkun ir-rotta għal din l-ekonomija. F'dan il-kuntest, l-infiq għar-riċerka u l-iżvilupp għandu jkun disponibbli għall-innovaturi li jiżviluppaw teknoloġiji u servizzi diġitali ġodda li jindirizzaw l-isfidi ambjentali u/jew soċjali. Għandu jiġi żviluppat netwerk ta' inkubaturi sabiex jappoġġjahom.

5.2. **Forom ġodda ta' governanza**

5.2.1. L-innovazzjoni: il-parteċipazzjoni hija element ewlieni tad-demokrazija. L-elezzjonijiet u r-rappreżentanza huma metodu wieħed għall-organizzazzjoni tal-parteċipazzjoni, iżda hemm bżonn ta' approċċi ġodda, innovattivi, inkluża l-parteċipazzjoni elettronika. Huwa importanti li t-tfassil tal-politika tradizzjonali jkun miftuħ għal forom mhux ġerarkiċi, soċjalment fluwidi u forom inqas formali ta' attività politika, u li jrawwem inizjattivi xprunati mis-soċjetà ċivili u inizjattivi minn isfel għal fuq.

5.2.2. Il-governanza: il-bidliet jirrikjedu djalogu trasparenti u aċċessibbli b'mod liberu bejn diversi partijiet ikkonċernati għall-proċessi leġislattivi kollha tal-UE fil-livell tal-UE u dak lokali. Is-"soċjetà ċivili" ma għandhiex titnaqqas għal soċjetà ċivili organizzata, iżda għandha tinkludi liċ-ċittadini kollha. Alleanzi ġodda huma ta' importanzi partikolari għall-azzjoni klimatika u l-protezzjoni tar-riżorsi ([24]). Sabiex tissaħħaħ id-demokrazija parteċipatorja, il-kważi monopolju tal-Kummissjoni Ewropea fuq id-dritt tal-inizjattiva leġislattiva għandu jitneħħa favur aktar inizjattivi mill-Parlament Ewropew, flimkien ma' inizjattivi leġislattivi minn isfel għal fuq, pereżempju billi jitneħħew il-problemi tekniċi, legali u burokratiċi fl-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej ([25]).

5.2.3. L-aċċess miftuħ: metodi ta' crowdsourcing għal-leġislazzjoni kollha tal-UE huma approċċ adegwat sabiex jingħelbu l-ostakli strutturali li jagħmlu l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE diffiċli. Meta jitfassal dan l-approċċ, għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-aċċessibbiltà, l-inklużività u l-kontabbiltà. L-aċċess miftuħ għall-politika jista' jkompli jiżdied permezz tal-pubblikazzjoni tal-attivitajiet u d-data kollha tal-UE b'mod online u faċli għall-utenti.

5.2.4. It-taħriġ/l-edukazzjoni: il-programmi li jagħtu s-setgħa liċ-ċittadini huma meħtieġa sabiex tiġi eliminata l-"inklinazzjoni (bias) tal-klassi medja" (ara t-taqsima 3.4.6) Tali programmi għandhom jiġu mfassla b'tali mod li jinvolvu dawk il-partijiet tal-popolazzjoni li għandhom it-tendenza li jastejnu minn parteċipazzjoni attiva fil-politika, l-ekonomija u s-soċjeta. Hemm bżonn li ssir enfasi fuq is-sensibilizzazzjoni u l-opportunitajiet għall-parteċipazzjoni bħala prinċipju bażiku tad-demokrazija fl-edukazzjoni ġenerali. Għandu jiġi rrimarkat li l-parteċipazzjoni attiva fil-proċessi tal-bini tar-rieda politika hija ta' benefiċċju reċiproku għas-soċjetà u għaċ-ċittadin individwali, filwaqt li l-interessi u l-fehmiet tagħhom jittieħdu inkunsiderazzjoni. Hemm bżonn ta' aktar finanzjament għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jmmiraw lejn dawk il-partijiet tal-popolazzjoni li mhumiex involuti u jsegwu l-għanijiet ta' sostenibbiltà.

5.2.5. Ir-riċerka: Jeħtieġ li x-xjenza soċjali tiffoka aktar fuq il-prattiki ta' demokrazija alternattiva. Eżempju wieħed huwa l-possibbiltà tal-applikazzjoni ta' metodoloġiji ta' prototipi għall-politika. B'dan l-approċċ, is-soluzzjonijiet tal-politika jiġu

---

([22]) Opinjoni tal-KESE dwar *Il-promozzjoni tal-kreattività, l-intraprenditorija u l-mobbiltà fl-edukazzjoni u t-taħriġ*,ĠU C 332, 8.10.2015, p. 20.
([23]) Opinjoni tal-KESE dwar *L-intelliġenza artifiċjali*, ĠU C 288, 31.8.2017, p. 1.
([24]) Opinjoni tal-KESE dwar *Koalizzjoni sabiex jiġu ssodisfati l-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi*; ĠU C 389, 21.10.2016, p. 20.
([25]) Opinjoni tal-KESE dwar *L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (reviżjoni)*, ĠU C 389, 21.10.2016, p. 35.

mfassla fi żmien iqsar, imbagħad jiġu implimentati f'"suq ta' ttestjar" u l-impatt tagħhom jiġi vvalutat eżattament wara abbażi tal-feedback miċ-ċittadini u l-partijiet interessati rilevanti oħrajn. Il-valutazzjoni tal-impatt isservi bħala bażi għal tibdil rilevanti fis-soluzzjonijiet tal-politika qabel ma jiġu implimentati.

5.2.6. B'mod aktar ġenerali, hemm bżonn ta' aktar riċerka dwar kif għandha tiġi riveduta r-rabta bejn l-għarfien espert (xjentifiku) u t-tfassil tal-politika u dwar kif għandha tiġi kkombinata l-integrazzjoni ta' għarfien espert trasparenti u indipendenti bis-sħiħ fit-tfassil tal-politika bl-għan li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni ċivili.

5.3. **Is-sostenibbiltà u s-settur finanzjarju**

5.3.1. L-innovazzjoni: ekonomija diġitali, ekoloġika u ġusta tinkludi investiment enormi kemm f'faċilitajiet privati (eż. f'istallazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli jew fi stazzjonijiet tal-iċċarġjar għall-vetturi elettroniċi) u anke f'infrastruttura pubblika (eż. d-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-elettriku u tal-mobilità) Għalhekk, is-settur finanzjarju se jkollu rwol importanti biex jagħmel din l-innovazzjoni possibbli. Jeħtieġ li jiġu allokati riżorsi finanzjarji, inklużi riżorsi pubbliċi, għal investimenti li jappoġġjaw it-trasformazzjoni sostenibbli. Sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-klima u tal-enerġija, hemm bżonn ta' ambjent stabbli u prevedibbli u jeħtieġ li l-istrumenti finanzjarji innovattivi jikkatalizzaw finanzjament privat għal investimenti li mhumiex possibbli mod ieħor ([26]) ([27]).

5.3.2. Ir-regolamentazzjoni: l-għan tal-politika għandu jkun li tibni sistema finanzjarja privata aktar sostenibbli permezz tal-inklużjoni tal-fatturi tas-sostenibbiltà fil-valutazzjoni tar-riskji finanzjarji, l-estensjoni tar-responsabbiltajiet tal-istituzzjonijiet finanzjarji għall-impatti mhux finanzjarji tad-deċiżjonijiet dwar l-investiment, u ż-żieda tat-trasparenza fuq l-impatti soċjali u ambjentali tad-deċiżjonijiet dwar l-investiment ([28]). Il-politiki għandhom jinkoraġġixxu wkoll lill-investituri biex jieħdu impenji volontarji biex jinvestu f'oġġetti li jsegwu prinċipji tas-sostenibbiltà. Għalhekk, l-ekoloġizzazzjoni tal-istandards bankarji hija essenzjali għat-tranżizzjoni tal-iffinanzjar privat minn investimenti konvenzjonali għal investimenti b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima. Il-banek ċentrali għandhom jiggwidaw l-allokazzjoni tal-kapital permezz ta' politiki monetarji u mikroprudenzjali kif ukoll makroprudenzjali, inklużi l-istandards ta' sostenibbiltà.

5.3.3. Il-politika soċjali: l-unitajiet domestiċi se jsibu ruħhom taħt pressjoni bħala riżultat tad-diġitalizzazzjoni u tad-dekarbonizzazzjoni. Għalhekk, hemm bżonn ta' riforma fiskali fundamentali sabiex jiżdied id-dħul disponibbli tal-unitajiet domestiċi u sabiex dan l-għan jiġi kkombinat mar-rekwiżiti tad-dekarbonizzazzjoni. Il-KESE jitlob sistema fiskali msejsa fuq l-internalizzar tal-ispejjeż ambjentali u l-użu ta' dħul addizzjonali għat-tnaqqis tal-piż tat-taxxa fuq il-ħaddiema. It-tranżizzjoni għal tassazzjoni minn fuq ix-xogħol lejn ir-riżorsi tgħin sabiex jiġu kkoreġuti l-fallimenti tas-swieq, jinħolqu impjiegi ġodda sostenibbli u lokali, jiżdied id-dħul disponibbli tal-unitajiet domestiċi u jiġu inċentivizzati l-investimenti ekoinnovattivi ([29]).

5.3.4. Ir-riċerka: s'issa, l-impatt tad-diġitalizzazzjoni u tat-tnaqqis fil-konsum tal-karburanti fuq il-finanzi pubbliċi (erożjoni fiskali) għadu mhux magħruf b'mod wiesa'. Ir-riċerka għandha tiffoka fuq dan l-aspett kif ukoll fuq il-kontribut ġenerali li politika ta' finanzjament strateġiku tista' tagħti lill-iżvilupp sostenibbli.

5.4. **Il-promozzjoni tas-sostenibbiltà permezz tal-kummerċ internazzjonaali**

5.4.1. L-innovazzjoni u l-opportunitajiet ta' negozju: minħabba d-dimensjoni globali tat-tliet kwistjonijiet ewlenin, mhux se jkun biżżejjed li l-Ewropa ssir aktar sostenibbli permezz ta' politika ċara dwar l-innovazzjoni. F'kooperazzjoni ma' msieħba kummerċjali, l-Ewropa għandha tiżviluppa kunċetti ta' innovazzjoni li jistgħu jiġu trasferiti lejn reġjuni oħra tad-dinja. Hawnhekk, il-kummerċ jista' jgħin sakemm l-aspetti tas-sostenibbiltà jkunu kriterji ewlenin fil-politika kummerċjali internazzjonali, inklużi ftehimiet kummerċjali multilaterali u bilaterali. Għandu jiġi assenjat rwol speċjali lill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (id-WTO), li għandha tqis aktar il-politika ambjentali internazzjonali, bħall-Ftehim ta' Pariġi jew il-Miri tal-Bijodiversità ta' Aichi. Ladarba l-istandards rispettivi jkunu fis-seħħ, in-negozji, iċ-ċittadini, l-

([26]) ĠU C 75, 10.3.2017, p. 57.

([27]) Opinjoni tal-KESE dwar *Strumenti bbażati fuq is-suq – Ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju fl-UE*, ĠU C 226, 16.7.2014, p. 1 (il-punt 3.9.4).

([28]) Ir-rapport tal-UNEP dwar "*Building a Sustainable Financial System in the European Union*" (Il-bini ta' Sistema Finanzjarja Sostenibbli fl-Unjoni Ewropea) Inkjesta tal-UNEP u t-2 Inizjattiva ta' Investiment, Marzu 2016; ara wkoll rapporti oħrajn dwar il-finanzjament sostenibbli fuq http://web.unep.org/inquiry.

([29]) Opinjoni tal-KESE dwar *Strumenti bbażati fuq is-suq – Ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju fl-UE*, ĠU C 226, 16.7.2014, p. 1 (il-punt 1.3).

inizjattivi komunitarji, il-muniċipalitajiet u r-reġuni Ewropej ikunu jistgħu jiżviluppaw innovazzjonijiet importanti (prodotti u servizzi) li jistgħu jiġu esportati b'rispons għall-ħtieġa tad-dekarbonizzazzjoni u bl-użu tal-opportunitajiet ipprovduti mill-megatendenza tad-diġitalizzazzjoni. Dawn għandhom il-potenzjal li jsiru suċċessi tal-esportazzjoni. Fuq kollox, il-Kummissjoni Ewropea għandha taħdem mad-WTO u l-imsieħba ewlenin tagħha biex tagħmel użu mill-ftehimiet kummerċjali biex issaħħaħ l-ipprezzar tas-CO_2 u kwalunkwe esternalità oħra li tagħmel ħsara lill-innovazzjoni sostenibbli.

5.4.2. Ir-regolamentazzjoni: wieħed mis-sorsi taż-żieda fl-impronta ambjentali tal-ekonomiji tagħna huwa d-distanza dejjem tikber bejn il-postijiet tal-produzzjoni, tat-trasformazzjoni, tal-konsum u, xi drabi, tar-rimi/tal-irkupru tal-prodotti. Il-ħidma sabiex il-kummerċ internazzjonali jsir kompatibbli mal-iżvilupp sostenibbli tirrikjedi approċċ intelliġenti għal-liberalizzazzjoni li jikkunsidra u jsaħħaħ is-sistemi tal-produzzjoni lokali u fuq skala żgħira. Il-promozzjoni u l-appoġġ tal-politiki tal-ekonomija ċirkolari għandhom jiżguraw li s-sistemi jservu fit-tul, ikunu żgħar, lokali u nodfa. Għal attivitajiet industrijali speċifiċi, id-daqs taċ-ċirkwiti jista' jkun kbir ([30]). Hemm bżonn li r-regolamentazzjoni tipprovdi tweġiba għal din il-problema permezz ta' ftehimiet kummerċjali bilaterali u multilaterali.

5.4.3. L-UE għandha tħeġġeġ lill-Bank Dinji u lill-Fond Monetarju Internazzjonali biex ikollhom rwol importanti fil-promozzjoni tar-riformi tas-sistema fiskali u finanzjarja sabiex b'hekk jinħoloq ambjent li jgħin lill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp jimmobilizzaw aktar ir-riżorsi proprji tagħhom. Dan għandu jinvolvi riforma fit-taxxa domestika, iżda dan ifisser ukoll il-mobilizzazzjoni tal-komunità internazzjonali fil-ġlieda komuni kontra l-evażjoni tat-taxxa, il-ħasil tal-flus u l-flussi illegali tal-kapital li qegħdin jirriżultaw fil-ħruġ ta' aktar flus mill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp milli mill-ammont li jidħol permezz ta' għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp. B'mod aktar speċifiku, il-Kummissjoni Ewropea għandha tuża l-Aġenda 2030, infurmata mis-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli, bħala l-qafas għall-politiki u l-programmi esterni kollha ffinanzjati mill-UE ([31]).

5.4.4. Il-politika soċjali: waħda mir-rotot għall-implimentazzjoni tal-SDGs u għall-promozzjoni ta' politika kummerċjali progressiva li minnha jibbenefika kulħadd, hija permezz tal-implimentazzjoni ta' approċċi ta' diversi partijiet interessati dwar imġiba responsabbli fin-negozju. F'dawn l-approċċi n-negozji, l-NGOs, it-trejdjunjins, u l-gvernijiet jiddefinixxu flimkien kif tista' tintlaħaq fil-prattika r-responsabbiltà favur ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem. Qed jiżdied it-tħassib dwar ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-katini tal-provvista b'mod speċjali fir-rigward ta' "minerali ta' kunflitt" bħall-kobalt li jintuża fil-manifattura ta' batteriji rikarikabbli li jintużaw fit-telefowns ċellulari, fil-laptops, fil-vetturi elettriċi, fl-inġenji tal-ajru u fl-għodod elettriċi. Il-kollaborazzjoni bejn diversi partijiet interessati hija kruċjali minħabba l-impenn għal tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, it-tkomplija fil-mixja lejn id-diġitalizzazzjoni u l-kumplessità ta' mġiba responsabbli fin-negozju fil-ktajjen ta' provvista internazzjonali. Għalhekk, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon, u huwa lest li jkun sieħeb, fl-inizjattiva min-naħa tal-Gvern Netherlandiż biex tqajjem kuxjenza dwar l-azzjonijiet li jinvolvu diversi partijiet interessati jistgħu jgħinu biex ikun hemm fehim aħjar dwar mġiba responsabbli fin-negozju sinifikanti, speċjalment fi ktajjen tal-provvista kumplessi fejn it-tħaffir fil-minjieri isir bit-tfal jew b'xogħol tal' skjavitù jew f'kondizzjonijiet perikolużi.

5.4.5. L-aċċess miftuħ: ftehimiet kummerċjali ġodda għandhom ikunu msejsa fuq l-approvazzjoni miksuba permezz ta' proċessi demokratiċi ġodda b'żieda fil-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fit-teħid konġunt tad-deċiżjonijiet. Il-kapitoli dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli (TSD) fil-ftehimiet kummerċjali eżistenti tal-UE mhux qed jiffunzjonaw tajjeb kif suppost. L-ewwel nett, il-kapitoli dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandhom jinkorporaw ftehimiet multilaterali globali (l-Aġenda 2030 u l-Ftehim ta' Pariġi). It-tieni, il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ tas-soċjetà ċivili għandhom jiġu msaħħa u għandha tiġi inkluża analiżi minn perspettiva tas-soċjetà ċivili. It-tielet, il-mekkaniżmi ta' infurzar għandhom japplikaw b'mod ugwali għall-kapitoli dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli infushom ([32]).

5.4.6. Ir-riċerka: hemm bżonn ta' aktar evidenza empirika sabiex jiġi vvalutat l-impatt tal-emerġenza rapida fil-kummerċ internazzjonali ta' modi ġodda ta' konsum u produzzjoni li qegħdin jestendu b'mod progressiv għas-servizzi transnazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-impatt tagħhom fuq it-tassazzjoni transnazzjonali. Dan għandu jkun il-bażi għal deċiżjoni dwar jekk dawn għandhomx jiġu inklużi fir-regoli ġenerali tad-WTO jew jekk isirux parti mill-ftehimiet bilaterali u reġjonali, kif kien il-każ għall-Aġenda tax-Xogħol Deċenti.

([30]) Opinjoni tal-KESE dwar il-*Pakkett tal-Ekonomija Ċirkolari*, ĠU C 264, 20.7.2016, p. 98, (il-punt 1.3).
([31]) Opinjoni tal-KESE dwar *L-Aġenda 2030 – Unjoni Ewropea impenjata għall-iżvilupp sostenibbli globalment*, ĠU C 34, 2.2.2017, p. 58.
([32]) Opinjoni tal-KESE dwar *Kummerċ għal Kulħadd – Lejn politika aktar responsabbli għall-kummerċ u l-investiment*, ĠU C 264, 20.7.2016, p. 123, (il-punt 1.9).

5.4.7. Aħna nfakkru lill-UE dwar ir-rakkomandazzjoni preċedenti tagħna li twettaq valutazzjoni sħiħa tal-impatt fuq l-effetti probabbli li l-implimentazzjoni tal-SDGs u tal-Ftehim ta’ Pariġi se jkollhom fuq il-politika kummerċjali tal-UE, inkluża l-agrikoltura.

6. **It-twaqqif ta’ strateġija għal ġejjieni Ewropew sostenibbli** – erba’ kriterji

6.1. Fit-taqsima 5, aħna identifikajna xi oqsma fejn huma meħtieġa miżuri politiċi sabiex tinbena Ewropa aktar sostenibbli f’kuntest soċjo-ekonomiku li qed jinbidel b’mod radikali. Jistgħu jiġu identifikati erba’ kriterji għall-istrateġija sostenibbli tal-Ewropa. Din trid tkun:

— immirata lejn perjodu fit-tul;

— espliċita;

— integrata orizzontalment u vertikalment;

— maniġġabbli;

Dawn l-erba’ kriterji huma mogħtija f’aktar dettal hawn taħt.

6.2. Fokus fit-tul

6.2.1. Ħsieb strateġiku jfisser l-iżvilupp ta’ perspettiva fit-tul imsejsa fuq il-viżjoni ta’ “l-Ewropa li rridu” deskritta fit-taqsima 4 u li tiġi stabbilita t-triq li għandha ssegwi l-Ewropa sabiex tagħmel din il-verżjoni realtà. Il-bidliet soċjali li rriżultaw mill-problemi globali u l-megatendenza tad-diġitalizzazzjoni deskritti fit-taqsima 3 se jibdew jidhru sa tliet deċennji oħra. Bosta deċiżjonijiet rilevanti, inklużi d-deċiżjonijiet tal-investiment, għandhom bżonn iż-żmien biex jibdew japplikaw. Għalhekk, il-perjodu ta’ tliet deċennji jidher li huwa raġonevoli għall-istrateġija tas-sostenibbiltà tal-Ewropa. L-għanijiet rilevanti u l-miżuri politiċi korrispondenti għandhom jiġu previsti fuq il-bażi ta’ dak iż-żmien ([33]). Dan l-approċċ ta’ “backcasting” ifisser li l-punt ta’ referenza jittieħed bħala xenarju tal-aħjar każ għall-2050 u li l-passi kollha li huma neċessarji sabiex jinkiseb dan l-aħjar każ huma identifikati minn dan ix-xenarju. Fokus fuq xenarju tal-aħjar każ jippermetti l-iżvilupp ta’ narrattiva pożittiva. It-tranżizzjoni mill-ekonomija intensiva fl-użu tar-riżorsi u tal-karbonju u mis-soċjetà ċentralizzata tas-seklu għoxrin ma tridx titqies bħala punittiva jew bħala t-tmiem tal-progress, iżda bħala era pożittiva u ġdida li toffri opportunitajiet attraenti għaċ-ċittadini.

6.3. Espliċità

6.3.1. Il-fokus fit-tul tal-istrateġija ta’ sostenibbiltà ma jimplikax li ma hemmx miżuri politiċi li għandhom jittieħdu fi żmien qasir. Minflok, element ċentrali tal-istrateġija ta’ sostenibbiltà għandu jkun li tiġi żviluppata l-katina ta’ miżuri politiċi li huma meħtieġa sabiex jintlaħqu l-objettivi previsti għall-2050, li jibdew bil-programmi politiċi li jidħlu fis-seħħ fuq medda twila ta’ żmien, il-pjani ta’ politika b’effetti fuq terminu medju u l-miżuri speċifiċi mmirati lejn il-perjodu qasir. Sabiex jinkiseb l-ogħla livell ta’ effettività possibbli, jeħtieġ li tiġi identifikata b’mod ċar il-ġerarkija bejn il-programmi politiċi, il-pjani ta’ politika u l-miżuri politiċi. Fl-approċċi preċedenti għas-sostenibbiltà, speċjalment dawk żviluppati skont l-Istrateġija ta’ Lisbona u l-Istrateġija Ewropa 2020, kien hemm nuqqas ċar ta’ espliċità fir-rigward tal-miżuri politiċi speċifiċi. F’dan ir-rigward, l-istrateġija tas-sostenibbiltà Ewropea għandha tieħu l-Istrateġija ta’ Gothenburg għall-Iżvilupp Sostenibbli ([34]) bħala referenza, bl-enfasi ċara tagħha fuq il-miżuri politiċi li kienet imġedda fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar *Pjattaforma għall-azzjoni* ([35]).

6.4. Integrazzjoni orizzontali u vertikali

6.4.1. F’dak li għandu x’jaqsam mar-realizzazzjoni tal-approċċi politiċi deskritti fit-taqsima 5 u mal-implimentazzjoni tal-miżuri politiċi differenti stabbiliti fit-taqsima 5, ħaġa waħda għandha tittieħed b’serjetà kbira: ir-rabta mill-qrib tat-tliet sfidi globali mal-megatendenza tad-diġitalizzazzjoni. Għalhekk, strateġija ta’ suċċess trid tevita l-mod ta’ ħsieb kompartimentalizzat u tkun integrata orizzontalment, u tkopri s-sitt oqsma ta’ politika kollha. Tali strateġija komprensiva fit-tul tista’ sservi bħala suċċessur għall-istrateġija Ewropa 2020 attwali, filwaqt li tikkombina l-implimentazzjoni tas-17-il Għan ta’ Żvilupp Sostenibbli universali, u tirrifletti impenn qawwi lejn il-Ftehim ta’ Pariġi dwar il-Klima, mal-prijoritajiet tax-xogħol tal-Kummissjoni Ewropea ([36]).

([33]) Id-deċiżjoni tal-UNFCCC li takkumpanja l-Ftehim ta’ Pariġi ssemmi “strateġiji ta’ żvilupp għal livelli baxxi ta’ emissjonijiet ta’ gass b’effett ta’ serra għat-tul sa nofs is-seklu” (il-paragrafu 35).

([34]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar *Ewropa Sostenibbli għal Dinja Aħjar: Strateġija tal-Unjoni Ewropea għall-Iżvilupp Sostenibbli*, COM(2001) 264.

([35]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew *dwar ir-reviżjoni tal-Istrateġija ta’ Żvilupp Sostenibbli – Pjattaforma għall-azzjoni*, COM(2005) 658 final.

([36]) Opinjoni tal-KESE dwar *Il-passi li jmiss għal futur Ewropew sostenibbli — Azzjoni Ewropea għas-sostenibbiltà*, ĠU C 345, 13.10.2017, p. 91.

6.4.2. Politika ta' sostenibbiltà ta' suċċess trid tkun ukoll vertikalment olistika. L-iżvilupp sostenibbli se jkollu bżonn appoġġ fil-livelli politiċi kollha rilevanti (lokali, reġjonali, nazzjonali, Ewropew u globali). Għalhekk, jeħtieġ li jiġi definit b'mod ċar f'liema livelli politiċi għandhom jittieħdu l-passi rilevanti stabbiliti fil-qafas strateġiku. Il-KESE jirrakkomanda l-introduzzjoni ta' qafas għal governanza u koordinazzjoni flimkien mal-istrateġija sabiex tiġi żgurata koerenza bejn il-miżuri ċentralizzati u deċentralizzati, kif ukoll sabiex is-soċjetà ċivili organizzata tiġi involuta fil-livelli nazzjonali u reġjonali. Is-Semestru Ewropew għandu jiġi żviluppat aktar sabiex jinkorpora mekkaniżmu għall-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tal-SDGs vertikalment.

6.5. Maniġġabbiltà

6.5.1. L-iżvilupp tas-sostenibbiltà jeħtieġ ġestjoni politika. Abbażi tal-għanijiet imkejla previsti għall-2050 (ara l-punt 6.2), għandhom jiġu stabbiliti miri intermedji li jservu bħala stadji importanti. Hija meħtieġa evalwazzjoni kontinwa sabiex jiġi mmonitorjat jekk il-katina ta' miżuri politiċi espliċiti (ara l-punt 6.3) hijiex qed tipproduċi r-riżultati maħsuba. F'każ li r-riżultati ma jilħqux l-objettivi u l-miri, ikun meħtieġ li jiġi żgurat l-allinjament immedjat tal-miżuri politiċi.

6.5.2. Sabiex jiġi vvalutat il-progress f'termini tal-qafas strateġiku fit-tul u x-xenarju tal-aħjar każ għall-2050, hija meħtieġa tabella ta' valutazzjoni (scorecard) estensiva li tkun tirrifletti l-approċċ multisettorjali u kumpless deskritt f'din l-Opinjoni. Din it-tabella ta' valutazzjoni għandha tinkludi indikaturi mis-sitt oqsma ta' politika kollha sabiex tkun tirrifletti l-interkonnettività tat-tliet problemi globali u l-megatendenza tad-diġitalizzazzjoni deskritti fit-taqsima 2. Approċċ strateġiku u ġenwin ta' sostenibbiltà se jkun possibbli biss jekk jitwettaq il-kompitu analitiku ħafna tal-iffissar ta' indikaturi xierqa u l-inklużjoni tagħhom f'"tabella ta' valutazzjoni olistika". Jeħtieġ li tiġi ġestita wkoll il-koordinazzjoni orizzontali u vertikali tal-politika dwar is-sostenibbiltà (ara l-punt 6.4). Dawn it-tliet kompiti (il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, l-allinjament tal-miżuri politiċi u l-koordinazzjoni tal-integrazzjoni orizzontali u vertikali), jirrikjedu korpi amministrattivi li jistgħu jinżammu responsabbli. Waħda mis-soluzzjonijiet tista' tkun direttorat ġenerali fil-livell tal-UE u korpi simili fil-livell nazzjonali.

6.5.3. Barra minn hekk, il-KESE jirrikonoxxi li f'dinja li qed tinbidel malajr, jeħtieġ li l-komunitajiet jiġu evalwati b'indikaturi differenti mit-tkabbir ekonomiku. Għalhekk, il-KESE ssuġġerixxa li jintuża punt ta' riferiment ġdid: "il-progress tas-soċjetajiet". Din il-miżura tqis fatturi oħra minbarra t-tkabbir ekonomiku biex tivvaluta l-progress tal-komunità. Il-progress tas-soċjetajiet għandu jitqies bħala punt ta' riferiment komplementarju għal dak tat-tkabbir ekonomiku, li jipprovdi stampa usa' tas-sitwazzjoni fi ħdan komunità ([37]).

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

([37]) Opinjoni tal-KESE dwar *Il-PDG u lil hinn minnu – l-involviment tas-soċjetà ċivili fl-għażla ta' indikaturi komplementari*, .ĠU C 181, 21.6.2012, p. 14.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Mudelli ekonomiċi sostenibbli ġodda"

(opinjoni esploratorja)

(2018/C 081/08)

Relatur: **Anne CHASSAGNETTE**

Korelatur: **Carlos TRIAS PINTÓ**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 7.2.2017
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Kummissjoni kompetenti	Sottokumitat "Mudelli ekonomiċi sostenibbli ġodda"
Adottata fis-sottokumitat	25.9.2017
Adottata fis-sessjoni plenarja	18.10.2017
Sessjoni plenarja Nru	529
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	187/3/4

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-mudell ekonomiku bbażat fuq l-iskema "estrazzjoni, produzzjoni, pussess, rimi" qed jiġi ddubitat minħabba żżieda fl-isfidi ekonomiċi, soċjali u ambjentali li jaffettwaw l-Ewropa.

1.2. Qegħdin nassistu għall-ħolqien ta' ekonomija ibrida fejn l-arkitettura tradizzjonali tas-suq qed taffaċċja l-kompetizzjoni mill-invażjoni ta' għadd kbir ta' mudelli ġodda li jbiddlu r-relazzjonijiet bejn il-produtturi, id-distributuri u l-konsumaturi.

1.3. Minbarra l-profittabbiltà ekonomika, uħud minn dawn il-mudelli ġodda bħall-ekonomija funzjonali, kollaborattiva jew finanzjarja responsabbli jfittxu li jwieġbu – jew jaħsbu li jwieġbu – għal kwistjonijiet importanti oħra għall-persuni u għad-dinja u li huma essenzjali għall-iżvilupp sostenibbli, bħal pereżempju:

— il-ġustizzja soċjali;

— il-governanza parteċipattiva;

— il-preservazzjoni tar-riżorsi u tal-kapital naturali.

1.4. Għall-Unjoni Ewropea (UE), is-sostenn ta' dawn l-innovaturi hija l-okkażjoni sabiex issir mexxejja ta' mudelli ekonomiċi innovattivi li permezz tagħhom il-kunċetti ta' prosperità ekonomika, ta' protezzjoni soċjali ta' kwalità u ta' sostenibbiltà ambjentali jsiru inseparabbli u jimponu "marka Ewropea". Għaldaqstant l-UE trid tkun ambizzjuża f'dak li jirrigwarda din il-kwistjoni.

1.5. Biex dan isir, din l-opinjoni tagħmel **l-10 rakkomandazzjonijiet** li ġejjin:

1.5.1. **Tiġi żgurata koordinazzjoni aħjar tal-ħidma fi ħdan l-UE fuq l-ekonomija sostenibbli permezz tal-ħolqien ta' struttura permanenti tal-ekonomija sostenibbli l-ġdida.** Din l-istruttura ser tkun mgħammra b'mezzi ta' valutazzjoni u ta' komunikazzjoni, sabiex issegwi l-iżvilupp tal-mudelli ekonomiċi l-ġodda li għandhom il-potenzjal ta' żvilupp sostenibbli u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet ifformulati f'dan id-dokument. Struttura bħal din tippromovi d-djalogu bejn id-diversi partijiet interessati fuq skala Ewropea. Il-KESE jista' jikkontribwixxi għal dan l-isforz billi joħloq fi ħdanu osservatorju tal-ekonomija l-ġdida, kif diġà ġie rrakkomandat f'diversi opinjonijiet.

1.5.2. **L-awtoritajiet pubbliċi tal-UE għandhom jappoġġjaw ir-riċerka, speċjalment ir-riċerka u l-innovazzjoni responsabbli** ([1]), **sabiex:**

— ikun hemm fehim akbar dwar l-impatti reali tas-sostenibbiltà tal-mudelli ekonomiċi l-ġodda, tul iċ-ċiklu ta' ħajja, u titkompla r-riċerka dwar l-ostakli għall-iżvilupp tal-mudelli l-ġodda;

— jiġu żviluppati indikaturi għall-monitoraġġ ta' tali mudelli ekonomiċi ġodda u tiġi msaħħa l-viżibbiltà tagħhom.

1.5.3. **Jenħtieġ li jiġi żgurat li l-mudelli l-ġodda jissodisfaw il-kriterji ta' sostenibbiltà.** Wara l-kunċetti tal-ekonomija sostenibbli l-ġdida, ċerti atturi jiżviluppaw mudelli li mhux bilfors ikunu sostenibbli fl-aspetti kollha. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra mhux biss l-opportunitajiet iżda wkoll ir-riskji potenzjali u l-pressjonijiet ta' ċerti mudelli ekonomiċi ġodda, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwistjonijiet soċjali, tar-regolazzjoni tax-xogħol u tal-kompetizzjoni fil-qasam tat-taxxa inġusta.

1.5.4. **L-UE għandha tinkoraġġixxi u tappoġġja l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-informazzjoni biex jitjieb l-għarfien tal-mudelli ekonomiċi sostenibbli ġodda u tar-rwol tal-finanzi sostenibbli fost l-atturi kollha.** Dan ifisser li ssir enfasi fuq il-kompatibbiltà u possibbilment kwalunkwe tensjoni u arbitraġġ li jeżistu bejn il-kwistjonijiet tas-sostenibbiltà, minn naħa, u l-profittabbiltà ekonomika, min-naħa l-oħra.

1.5.5. **Il-Kummissjoni trid tanalizza u tikkomplementa (mingħajr ma tissostitwixxi) l-inizjattivi privati li għandhom l-għan li jippromovu l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-esperjenzi bejn l-innovaturi**, permezz ta' netwerks, pjattaformi tal-Internet, konferenzi, eċċ. Il-KESE diġà jappoġġja dan it-tip ta' inizjattivi billi, flimkien mal-Kummissjoni Ewropea, imexxi pjattaforma ġdida dwar l-ekonomija ċirkolari.

1.5.6. **L-awtoritajiet pubbliċi tal-UE għandhom jiżguraw li l-imħuħ wara l-mudelli ekonomiċi sostenibbli ġodda jkollhom aċċess għall-finanzjament fl-ewwel stadji tal-iżvilupp u fil-monitoraġġ tal-iżvilupp tagħhom**. Huma għandhom bżonn għodod u definizzjonijiet biex jingħataw aċċess privileġġat għal mezzi ta' finanzjament pubbliku u/jew biex jiġi ffaċilitat l-iffinanzjar tagħhom permezz ta' investituri li huma soċjalment responsabbli.

1.5.7. **Il-Kummissjoni Ewropea tista' tiffavorixxi l-ittestjar tal-mudelli l-ġodda permezz ta' fond ta' finanzjament tal-innovazzjoni dedikat għall-mudelli sostenbbli** u miftuħ għal sħubiji pubbliċi-privati. Għal dan il-għan, il-KESE jirrakkomanda l-implimentazzjoni ta' proġetti pilota sabiex jinħoloq valur komuni u jiġu integrati n-netwerks tal-ekonomija l-ġdida.

1.5.8. **L-awtoritajiet pubbliċi tal-UE għandhom jintegraw lill-imħuħ wara dawn il-mudelli ekonomiċi ġodda fil-politiki settorjali diġà eżistenti tal-UE sabiex dawn jingħataw aktar viżibbiltà u jinħoloq "effett ta' lieva" adatt għall-iskjerament tagħhom.** B'hekk, fil-pakkett ta' mobbiltà li qed jitfassal, jista' jkun interessanti li jiġu appoġġjati l-mudelli ġodda ta' kondiviżjoni tal-użu tal-karozza (ta' car-pooling jew car-sharing) sabiex jikkomplementaw l-offerta tat-trasport pubbliku.

1.5.9. **B'mod ġenerali, l-UE għandha tistabbilixxi qafas politiku, fiskali u regolatorju sabiex tappoġġja l-iskjerament ta' dawn il-mudelli sostenibbli ġodda fuq skala kbira, u għandha wkoll:**

— tiftaħ is-suġġett fil-livell politiku u tfassal viżjoni ċara li tqis is-sostenibbiltà bħala l-pedament tal-immodernizzar tal-mudell soċjali u ekonomiku tagħha;

— tinkoraġġixxi l-integrazzjoni tal-esternalitajiet soċjoambjentali fil-loġika ekonomika u xxaqleb it-tassazzjoni tal-Istati Membri lejn tassazzjoni ambjentali. Sakemm dawn l-esternalitajiet ma jiġux integrati fil-prezzijiet, il-prodotti u s-servizzi tal-ekonomija lineari se jibqgħu jiddominaw l-ekonomija tagħna;

— tiżviluppa qafas regolatorju li jippromovi l-konsum u l-produzzjoni sostenibbli billi żżid it-trasparenza u r-responsabbiltà tas-setturi kemm eżistenti kif ukoll dawk ġodda sabiex l-impatti soċjali u ambjentali jitqiesu tul il-katina tal-valur kollha.

1.5.10. **Jenħtieġ li jitfassal mill-ġdid il-mod kif jaħdem is-settur finanzjarju biex isir sostenibbli u jiġi definit mill-ġdid il-kunċett ta' riskju b'mod li jkun jinkludi l-isfidi fit-tul, dawk ambjentali, soċjali u dawk ta' governanza, fil-livell mikro u makro.** L-atturi kollha tal-katina tal-valur finanzjarju (il-konsumaturi, il-banek, l-investituri, ir-regolaturi, il-gvernijiet) għandhom jieħdu sehem f'dan it-tfassil mill-ġdid. Dan ser iwassal biex ir-riżultati tal-investiment u tas-self jiġu

([1]) Pereżempju fil-kuntest tad-disa' Programm Qafas (FP9) għall-perjodu tal-2021-2027.

allinjati aħjar mal-preferenzi tal-konsumaturi kkonċernati. Il-KESE jipproponi l-ħolqien ta' pjattaforma ("hub") li tipprovdi informazzjoni oġġettiva lill-konsumaturi li tiggwidahom rigward dawn is-suġġetti.

2. Kummenti ġenerali: il-ħtieġa li jiġu favoriti l-innovaturi li jipproponu mudelli ekonomiċi sostenibbli ġodda fl-Ewropa

2.1. **Is-sostenibbiltà tal-mudell ekonomiku tagħna** – jiġifieri l-kapaċità tiegħu li jissodisfa l-ħtiġijiet tal-ġenerazzjonijiet attwali mingħajr ma jikkomprometti l-kapaċità tal-ġenerazzjonijiet futuri sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom stess – hija diskussa dejjem aktar ([2]).

2.2. Fuq livell ekonomiku, il-qgħad tal-massa li jippersisti f'ċerti pajjiżi jirrifletti d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom ċerti kategoriji tal-popolazzjoni biex jaċċessaw suq tax-xogħol li jevolvi b'ritmu mgħaġġel. It-tnaqqis fil-kapaċità tal-akkwist u t-tkabbir dgħajjef f'ċerti pajjiżi żviluppati jqajmu mistoqsijiet dwar l-għanijiet li l-mudell ekonomiku tagħna għandu jaspira għalihom.

2.3. **Fuq livell soċjali**, iż-żieda fl-inugwaljanza tqajjem il-kwistjoni tad-distribuzzjoni u l-kondiviżjoni ġusta tar-riżorsi (ekonomiċi u naturali). L-esklużjoni ta' parti mis-soċjetà mill-benefiċċji ta' tkabbir tħeġġeġ li **l-metodi ta' governanza** tagħna jiġu riveduti sabiex jitwaqqaf **mudell ekonomiku aktar inklużiv u parteċipattiv**.

2.4. **Fuq livell ambjentali**, ir-riskji marbutin mat-tibdil fil-klima jitfgħu dubji dwar id-dipendenza tagħna fuq l-enerġiji li jemettu l-aktar CO_2. Il-linearità tas-sistemi ta' produzzjoni u ta' konsum tagħna twassal għall-isfruttar żejjed tar-riżorsi naturali u għall-erożjoni tal-bijodiversità. It-tniġġis iġġenerat mill-attivitajiet ekonomiċi tagħna għandu impatti fuq l-ambjent kif ukoll fuq il-benesseri taċ-ċittadini.

2.5. **F'dan il-kuntest, il-mudell ekonomiku attwali huwa kkontestat bid-dehra ta' għadd ta' innovaturi li għandhom "mudelli ekonomiċi ġodda".**

2.5.1. Dawn il-mudelli ġodda, li jistgħu jistrieħu fuq it-teknoloġiji ġodda u speċjalment dik diġitali, qed ibiddlu r-relazzjonijiet bejn il-produtturi, id-distributuri u l-konsumaturi, li kultant isiru "prosumaturi". Qegħdin jaqilbu ċerti kunċetti tradizzjonali, bħal dak tal-impjegat, filwaqt li joffru forom ta' xogħol aktar flessibbli u kondiviżi. Għalkemm huma deskritti bħala "ġodda", fil-verità jistgħu jġeddu prattiki qodma.

2.5.2. Din l-opinjoni tirrigwarda l-mudelli ekonomiċi ġodda kollha li, minbarra li jfittxu l-profittabbiltà ekonomika, jfittxu wkoll **– jew jaħsbu li –** iwieġbu għal kwistjonijiet ċentrali oħrajn tal-iżvilupp sostenibbli li huma:

— **il-ġustizzja soċjali** (rispett għad-dinjità tal-bniedem, aċċess akbar għall-beni u s-servizzi, tqassim ġust tar-riżorsi, prezz ġust, solidarjetà);

— **metodu ta' governanza parteċipattiv** (parteċipazzjoni akbar tal-impjegati u tal-konsumaturi fil-funzjonament u l-linji gwida strateġiċi tal-kumpanija, metodu ta' produzzjoni u konsum aktar marbut mal-ħtiġijiet reali tal-popolazzjonijiet u mar-realtajiet tat-territorji);

— **il-preservazzjoni tar-riżorsi u tal-kapital naturali** (diżakkoppjar bejn il-prosperità ekonomika u l-użu tar-riżorsi u l-integrazzjoni tal-esternalitajiet negattivi ambjentali).

2.5.3. L-intraprendituri innovattivi li jipproponu **mudelli ekonomiċi ġodda** meqjusa aktar sostenibbli jingħaqdu flimkien fir-rigward ta' **bosta kunċetti** komuni għalihom bħall-ekonomija ċirkolari, l-ekonomija funzjonali, l-ekonomija ta' kondiviżjoni, l-ekonomija tal-ġid komuni, il-finanzi responsabbli. Huma jarrikkixxu ekosistema ta' intraprendituri diġà strutturata, l-ekonomija soċjali, li tpoġġi l-kwistjonijiet ta' governanza u ta' utilità soċjali u ekoloġika fil-qalba tal-azzjoni tagħha. L-ekonomija soċjali ma tistax titqies bħala mudell ekonomiku "sostenibbli" "ġdid", madankollu hi tiġġedded bl-impetu ta' dawn l-innovaturi. **Għalkemm dawn il-mudelli ġodda mhux dejjem isegwu l-istess għanijiet** (uħud huma ffukati fuq l-aspetti ambjentali, oħrajn fuq l-aspetti soċjali), **huma jimmiraw lejn produzzjonijiet ta' valur multipli** (ekonomiċi, soċjali, ambjentali) u **għalhekk ma għandhomx jiġu indirizzati separatament**.

2.6. Għall-UE, **li wieħed isir mexxej ta' mudell ekonomiku sostenibbli hija opportunità li mhux ta' min jitlifha**. **Il-mudell ekonomiku Ewropew irid ikompli jinħoloq mill-ġdid** biex jintegra l-isfidi fit-tul u jagħmel inseparabbli l-kunċetti ta' prosperità ekonomika u ta' sostenibbiltà.

([2]) SC/047: "It-tranżizzjoni lejn futur Ewropew iżjed sostenibbli – Strateġija għall-2050" (qed titħejja bħalissa) (ara l-paġna 44 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali)..

2.6.1. **Fl-Ewropa, il-konsumaturi huma dejjem aktar konxji mill-impatti soċjali u ambjentali tal-konsum tagħhom.** Il-ħolqien **tal-figura ta' "prosumatur"**, b'mod partikolari fil- qasam tal-enerġija rinnovabbli, tgħin sabiex jiġu modulati relazzjonijiet ġodda fil-katina tal-valur u bejn il-produtturi, id-distributuri u l-konsumaturi. **Dan huwa minnu wkoll fi ħdan l-atturi ekonomiċi. Fis-settur finanzjarju pereżempju, il-kunċett ta' riskju qed jikber sabiex jinkorpora l-kriterji "ekstrafinanzjarji", l-aktar għall-valutazzjoni tal-assi.** Ċerti amministraturi ta' assi b'hekk ifittxu li jniedu dinamika biex iħeġġu lill-intrapriżi jippreċiżaw – lil hinn mill-obbligi regolatorji tagħhom – ċerti elementi ta' responsabbiltà soċjali u ambjentali. Din id-dinamika, li llum għadha fi stat embrijoniku, għandha titkompla u tissaħħaħ fuq il-bażi ta' responsabbiltà vera ([3]). L-iżvilupp ta' finanzi sostenibbli huwa l-aħjar mod biex is-sistema finanzjarja Ewropea tiġi orjentata mill-ġdid minn loġika ta' stabilizzazzjoni fuq żmien qasir lejn loġika ta' impatt fit-tul.

2.6.2. L-Ewropa tista' tikseb bosta benefiċċji jekk issir il-mexxej ta' din l-ekonomija ġdida.

2.6.3. **Permezz ta' dawn il-mudelli ġodda l-UE tista' ssib soluzzjonijiet sabiex tindirizza problemi konkreti.** Il-kondiviżjoni tal-użu tal-karozzi (car-sharing), li biddlet il-metodi tagħna tat-trasport, tista' tippromovi mobbiltà aktar inklużiva u aktar ekoloġika. Il-mudelli ta' negozju mmirati lejn l-integrazzjoni mill-ġdid tal-persuni f'diffikultà jikkontribwixxu għat-titjib tal-aċċess għas-suq tax-xogħol għal parti mill-popolazzjoni.

2.6.4. **Għall-UE, din is-sostenibbiltà tal-mudell ekonomiku tista' ssir ukoll fattur differenzjat li jippermetti li tiġi imposta "marka" Ewropea.**

2.6.5. **L-UE għandha l-mezzi sabiex tiżviluppa "promoturi Ewropej" (European champions) f'dawn l-oqsma.** Għal ċerti intrapriżi Ewropej, il-kombinazzjoni tal-profittabbiltà ekonomika u l-kriterji tas-sostenibbiltà fi ħdan il-mudell tagħhom issir – jew diġà hi – vantaġġ komparattiv reali għall-akkwist ta' swieq ġodda.

2.6.6. **Bl-inklużjoni tal-kunċett ta' sostenibbiltà fil-qalba tal-proġett ta' modernizzazzjoni tal-ekonomija tagħha u tat-tħassib politiku tagħha**, l-UE tista' timmobilizza mill-ġdid lill-Istati Membri madwar proġett li jgħaqqad, wara x-xokk ta' Brexit, u tqiegħed lill-bniedem fil-qalba tal-proġett Ewropew.

3. **Għalkemm tfaċċaw mudelli ġodda b'wegħdiet ta' sostenibbiltà u li huma opportunità vera għall-UE, din l-"espansjoni" teħtieġ li tiġi mifhuma u titqies** sabiex jiġu identifikati u inkoraġġuti l-atturi li huma l-forza ta' din il-bidla.

3.1. L-ekonomija funzjonali tikkonsisti, pereżempju, fis-sostituzzjoni tal-kunċett ta' bejgħ tal-beni b'dak tal-bejgħ tal-użu tal-beni. Il-konsumatur individwali ma jixtrix aktar vettura iżda servizz ta' mobbiltà mingħand fornitur. Mill-aspett tas-sostenibbiltà, it-tranżizzjoni mis-sjieda għall-użu tippermetti a priori: li l-fornituri jiġu mħeġġa jipperfezzjonaw il-manutenzjoni tal-prodotti, li jittawwal iż-żmien ta' kemm idumu tajbin, u saħansitra li jiddisinjawhom b'mod ekoloġiku u li jirriċiklawhom; li diversi konsumaturi jaqsmu l-użu tal-istess oġġetti u b'hekk jiżdied l-użu tal-oġġetti diġà prodotti u xi drabi mhux użati biżżejjed; li jiġu proposti prezzijiet għall-aċċess ta' dawn il-prodotti orħos mill-prezz li wieħed ikollu jħallas biex jixtrihom.

3.2. **L-ekonomija ta' kondiviżjoni** huwa kunċett li d-definizzjoni tiegħu għadha ma ġietx stabbilizzata ([4]). Ġeneralment, huwa japplika għal intraprendituri li jiżviluppaw pjattaformi diġitali li jippermettu lil ċerti individwi jiskambjaw oġġetti jew servizzi: il-kondiviżjoni tal-użu tal-karozzi (carpooling), kiri ta' oġġetti, xiri ta' oġġetti użati, self, għoti, eċċ. Iżda din id-definizzjoni hija soġġetta għal diversi dibattiti, b'uħud jinkludu wkoll sistemi ta' skambju bejn individwi li ma jibbażawx fuq pjattaformi diġitali, oħrajn iżidu intrapriżi li jikru oġġetti li jibqgħu l-proprjetarji tagħhom, oħrajn saħansitra jeskludu kwalunkwe inizjattiva mnedija minn intrapriżi li jfittxu li jagħmlu qligħ.

3.3. **L-ekonomija ċirkolari, min-naħa tagħha,** inbniet b'mod kuntrarju għall-mudell lineari ([5]). Din hija bbażata fuq il-ħolqien ta' "ċirkwiti ta' valur pożittivi", li jintroduċu mill-ġdid prodotti jew materja li jkunu "fit-tmiem tal-ħajja" fiċ-ċirkwit tal-produzzjoni. F'mudell ċirkolari ideali, l-oġġetti huma ekodisinjati; manifatturati bl-użu ta' riżorsi rinnovabbli jew riċiklati jew bi skart ta' setturi oħrajn; użati mill-ġdid, imsewwija; "aġġornati"; u finalment riċiklati. Il-vantaġġi tal-ekonomija ċirkolari huma: it-tnaqqis tar-riskji, it-tnaqqis tal-ispejjeż, il-valur miżjud, il-lealtà tal-konsumaturi u l-motivazzjoni tal-impjegati.

3.4. **Il-mudelli ekonomiċi l-ġodda hekk imsejħa sostenibbli ma jinġabrux biss wara t-tliet kunċetti msemmija hawn fuq.** Madankollu dawn tal-aħħar jippermettu li jenfasizzaw **l-ambigwità ta' ċerti kunċetti** użati biex jiddeskrivu mudelli ekonomiċi ġodda, bħad-dibattiti dwar il-parametri tal-ekonomija ta' kondiviżjoni jew tal-kunċett simili tal-ekonomija kollaborattiva. Ċerti kunċetti jistgħu wkoll ikopru l-ekonomija funzjonali u l-ekonomija ta' kondiviżjoni li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala katina tal-ekonomija ċirkolari.

([3]) Rigward dan, ara ĠU C 21, 21.1.2011, p. 33, li jispjega fid-dettall l-iżvilupp ta' "prodotti finanzjarji soċjalment responsabbli".
([4]) ĠU C 303, 19.8.2016, p. 36.
([5]) ĠU C 264, 20.7.2016, p. 98.

3.5. Jaqbel ukoll li ssir enfasi dwar **id-diversità tal-intraprendituri li jiżviluppaw dawn il-mudelli ekonomiċi ġodda**: intrapriżi kbar li jiġġeddu jaħdmu flimkien ma' startups sabiex jilħqu tkabbir esponenzjali, intrapriżi soċjali li jistgħu jiffurmaw parti mill-ekonomija soċjali, assoċjazzjonijiet ta' voluntiera u inizjattivi taċ-ċittadini.

3.6. Barra minn hekk, filwaqt li ċerti intraprendituri jfittxu li jkunu ekonomikament vijabbli kif ukoll li jindirizzaw sfidi ambjentali, soċjali jew ta' governanza, jintegraw is-sostenibbiltà fil-qalba tal-proġett tagħhom u jevalwaw l-impatti tagħhom sabiex jtejbuhom, oħrajn ma għandhomx l-istess "intenzjoni" ta' sostenibbiltà. Huma jfittxu l-ewwel u qabel kollox ir-redditu u jikkunsidraw il-mudell ekonomiku tagħhom abbażi ta' esternalitajiet pożittivi fuq il-bqija tas-soċjetà, mingħajr ma jivverifikawhom u mingħajr ma jfittxu li jtejbuhom.

3.7. Dawn il-mudelli ġodda mhux neċessarjament ifittxu li jkunu sostenibbli fuq kull livell. **L-intrapriżi li jiżviluppaw mudelli ekonomiċi bbażati fuq l-ekonomija ċirkolari għandhom it-tendenza li, pereżempju, ipoġġu aktar il-kwistonijiet ambjentali fil-qalba tal-proġetti tagħhom u jimmassimizzaw l-użu effiċjenti tar-riżorsi.** Madankollu, sabiex is-sistema tkun sostenibbli wkoll fuq livell soċjali, l-għażla ċirkolari għandha tibqa' affordabbli u aċċessibbli għall-konsumatur. Barra minn hekk, jekk iċ-ċirkwiti ta' produzzjoni maħluqin jistgħu jkunu lokali – u b'hekk jiffavorixxu r-riżorsi u l-impjiegi lokali -, mhux eskluż li r-riżorsi użati bħall-materjal riċiklat jiġu trasportati għal distanzi twal. **Għall-kuntrarju, l-ekonomija ta' kondiviżjoni jista' jkollha bħala objettiv ewlieni ż-żieda tal-aċċess tal-utenti għal oġġett mingħajr madankollu ma jkollha eżiġenza ambjentali.**

3.8. **Barra minn hekk huwa wkoll essenzjali li wieħed iżomm f'moħħu li l-impatti reali tal-mudelli ekonomiċi ġodda hekk imsejħa sostenibbli huma suġġetti ta' tħassib.** Għalhekk, il-benefiċċji ambjentali tal-pjattaformi tal-ekonomija kollaborattiva għandhom jiġu diskussi. Il-bilanċ ekoloġiku tal-pjattaformi li jippermetti lil persuni jaċċessaw l-oġġetti ta' individwi oħrajn minflok ma jixtru oġġetti ġodda huma stess, spiss huwa aktar kumpless milli jidher [6]. Il-kondiviżjoni tal-użu tal-karozzi (car-pooling) fuq distanza twila pereżempju, spiss jidħol f'kompetizzjoni diretta mal-ferrovija aktar milli mal-użu individwali ta' karozza. Min-naħa l-oħra, il-persuni jakkwistaw l-oġġetti ta' individwi oħra mhux biex inaqqsu x-xiri tagħhom ta' oġġetti ġodda iżda biex iżidu l-konsum tagħhom. B'mod aktar ġenerali, **it-tranżizzjoni mill-pussess għall-użu mhix biżżejjed biex tiggarantixxi tnaqqis tal-impronta ekoloġika tal-konsum u tnaqqis tal-ispiża għall-konsumatur**. Għalhekk, l-intrapriżi li jipproponu l-kiri minflok il-bejgħ ta' smartphones għandhom it-tendenza li joffru lill-utenti tagħhom tiġdid aċċellerat tal-prodotti u mhux neċessarjament jistabbilixxu sistema ta' riċiklaġġ jew ta' użu mill-ġdid.

3.9. Fl-aħħar nett, ninnotaw li l-ekonomija ta' kondiviżjoni tqajjem mistoqsijiet importanti dwar il-monopolizzazzjoni, il-protezzjoni tad-data, id-dritt għax-xogħol, it-tassazzjoni tal-iskambji jew tal-kompetizzjoni mal-mudelli ekonomiċi tradizzjonali, fil-forma ta' dibattiti dwar il-pjattaformi tal-akkomodazzjoni privata.

3.10. **Jekk l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jappoġġjaw lill-intraprendituri li huma l-imħuħ wara dawn il-kunċetti, huma għandhom iżommu ħsieb kritiku dwar l-intenzjonijiet u l-impatti reali tagħhom,** u jkunu konxji dwar id-diversità ta' dawn l-intraprendituri u l-ambigwità tal-kunċetti li huma jħaddnu.

4. **F'din l-aħħar taqsima, din l-opinjoni tfassal il-lista tal-prinċipji "ta' lieva" li jippermettu lill-UE tħeġġeġ l-iskjerament ta' dawn il-mudelli ġodda u s-sostenibbiltà tagħhom.**

4.1. L-ewwel nett, jenħtieġ li jitqiesu l-inizjattivi li diġà ttieħdu f'livell Ewropew sabiex jiġu appoġġjati dawn il-mudelli ekonomiċi ġodda. **Din il-kwistjoni fil-fatt diġà ġibdet l-attenzjoni ta' dawk li jfasslu l-politika pubblika fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni.** Dawn tal-aħħar bdew jimmonitorjaw l-iżvilupp tagħhom, jagħmlu mistoqsijiet dwar il-kontribut effettiv ta' dawn il-mudelli ġodda għall-iżvilupp sostenibbli u jirriflettu dwar l-għodod ta' azzjoni pubblika li se jippermettu l-appoġġ tal-mudelli li għandhom l-ikbar impatt.

4.1.1. **Fil-livell tal-Kummissjoni Ewropea**, għaddejjin diversi proġetti fil-qafas tal-Komunikazzjoni tagħha dwar l-industrija intelliġenti, sostenibbli u innovattiva, li tipprevedi l-adozzjoni ta' strateġija komprensiva dwar il-kompetittività industrijali, filwaqt li jiġi inkluż ir-rwol attiv tal-partijiet interessati kollha, u l-individwi jingħataw is-setgħa:

— firxa ta' miżuri tal-pakkett "Ekonomija ċirkolari" [7], li jinkludi proposti għar-reviżjoni tal-leġislazzjoni dwar l-iskart kif ukoll pjan ta' azzjoni dettaljat għall-ekonomija ċirkolari, li jinkludi miżuri previsti sal-2018;

— pjattaforma tal-partijiet ikkonċernati Ewropej għall-ekonomija ċirkolari sabiex jiġi mħeġġeġ l-iskambju u l-viżibbiltà tal-aħjar prattiki bejn il-partijiet ikkonċernati, kif ukoll in-networking tagħhom;

[6] L-Istitut għall-Iżvilupp Sostenibbli u r-Relazzjonijiet Internazzjonali (IDDRI): "Économie du partage, enjeux et opportunités pour la transition écologique" (Ekonomija ta' kondiviżjoni, sfidi u opportunitajiet għat-tranżizzjoni ekoloġika).

[7] http://ec.europa.eu/environment/circular-economy/index_en.htm

— aġenda Ewropea dwar ir-regolamentazzjoni tal-ekonomija kollaborattiva ([8]) u tal-pjattaformi onlajn ([9]);

— studji dwar is-sostenibbiltà tal-ekonomija tal-kondiviżjoni jew dwar l-ekoloġija industrijali;

— l-iżvilupp ta' linji gwida volontarji dwar is-sejħiet għall-offerti fil-kuntest tal-akkwist pubbliku;

— l-iżvilupp ta' rakkomandazzjonijiet fl-2017 minn grupp ta' esperti ta' livell għoli dwar il-finanzjament sostenibbli sabiex il-finanzjament sostenibbli jiġi integrat b'mod ċar fl-istrateġija tal-UE kif ukoll fl-Unjoni tas-swieq kapitali.

4.1.2. **Il-KESE diġà adotta opinjonijiet differenti dwar l-ekonomija funzjonali** ([10])**, l-ekonomija ta' kondiviżjoni jew il-kunċett simili tagħha tal-ekonomija kollaborattiva** ([11])**, l-ekonomija ċirkolari** ([12])**, l-innovazzjoni bħala l-forza ta' mudelli ekonomiċi ġodda** ([13]) **u l-ekonomija tal-ġid komuni** ([14]). Dawn l-opinjonijiet jenfasizzaw:

— il-potenzjal ta' sostenibbiltà ta' dawn il-mudelli ġodda u l-importanza li l-impatti reali tagħhom jiġu analizzati aħjar;

— il-ħtieġa li jiġu privileġġjati l-intrapriżi li verament jadottaw mudelli territorjali, kooperattivi, ekoloġiċi u soċjali.

4.2. **Dawn l-opinjonijiet jipprovdu proposti għal azzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-awtoritajiet pubbliċi** sabiex jiġi appoġġjat l-iżvilupp ta' intrapriżi li jadottaw mudelli ekonomiċi kemm ġodda kif ukoll sostenibbli. **Aħna se nadottaw dawn l-istrateġiji fil-lista t'hawn taħt, u se ntejbuhom b'ideat oħra li ħarġu mis-seduti li saru bħala parti minn din l-opinjoni.**

4.2.1. L-ewwel nett, jenħtieġ li **tinħoloq struttura permanenti ddedikata għall-mudelli ekonomiċi l-ġodda** li jkollhom potenzjal ta' sostenibbiltà, inkarigata mill-monitoraġġ tal-iżvilupp tagħhom u mill-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet ifformulati f'din l-opinjoni. Din l-istruttura għandha tassoċja l-istituzzjonijiet Ewropej, bl-ewwel fosthom il-Kummissjoni u l-KESE, kif ukoll federazzjonijiet ta' intrapriżi innovattivi, trejdjunjins, assoċjazzjonijiet u riċerkaturi.

4.2.2. Imbagħad, **l-awtoritajiet pubbliċi Ewropej għandhom jgħinu sabiex ikun hemm fehim aqwa u monitoraġġ akbar ta' dawn l-iżviluppi**.

4.2.2.1. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tista' żżid il-kontribut tagħha għar-riċerka, speċjalment ir-riċerka responsabbli sabiex **tifhem aħjar l-impatti reali, soċjali u ambjentali tal-mudelli ekonomiċi ġodda** li jitfaċċaw u l-ostakli għall-iżvilupp tagħhom. Dan jippermetti wkoll li tiġi ċċarata l-ambigwità fl-għadd ta' kunċetti. Din il-ħidma għandha ssir mal-partijiet involuti fil-proċess ta' riċerka u ta' innovazzjoni sabiex nibdew mill-esperjenza tagħhom.

4.2.2.2. Huwa importanti, kemm fil-livell Ewropew bil-Eurostat kif ukoll fl-Istati Membri bil-korpi tal-istatistika rispettivi tagħhom, **li jiġu żviluppati indikaturi u statistika** li jippermettu l-monitoraġġ tal-iżvilupp ta' dawn il-mudelli u li **tissaħħaħ il-viżibbiltà tagħhom**.

4.2.2.3. **Mutur ewlieni li jista' jassigura l-iżvilupp tal-mudelli ekonomiċi l-ġodda huwa l-inkoraġġiment tal-edukazzjoni u t-taħriġ tad-diversi partijiet ikkonċernati, sabiex jiżdied l-għarfien tagħhom ta' dawn il-mudelli u jkunu aktar viżibbli.** Illum il-ġurnata, il-mudelli ekonomiċi sostenibbli ġodda għadhom jirrappreżentaw biss sehem żgħir tal-ekonomija Ewropea. Dawn spiss jaffaċċjaw loġika u mekkaniżmi stabbiliti sew, u nuqqas ta' għarfien tal-kwistjonijiet tagħhom. Għalhekk ikun utli li jiġi żviluppat taħriġ:

— **għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet pubbliċi u l-amministrazzjonijiet tagħhom**, sabiex iħejju sejħiet għall-offerti li x'aktarx jinkoraġġixxu lill-intrapriżi li jkollhom mudelli ekonomiċi sostenibbli ġodda;

([8]) COM(2016) 356 final.
([9]) COM(2016) 288 final.
([10]) ĠU C 75, 10.3.2017, p. 1.
([11]) ĠU C 75, 10.3.2017, p. 33, ĠU C 303, 19.8.2016, p. 36, u ĠU C 177, 11.6.2014, p. 1.
([12]) ĠU C 264, 20.7.2016, p. 98 u ĠU C 230, 14.7.2015, p. 91.
([13]) ĠU C 303, 19.8.2016, p. 28.
([14]) ĠU C 13, 15.1.2016, p. 26.

— **għall-intrapriżi innovattivi** billi jħeġġu lill-inkubaturi jipproponu taħriġ dwar it-tema tas-sostenibbiltà, pereżempju dwar l-użu mill-ġdid tal-oġġetti;

— **għall-intrapriżi kollha u b'mod partikolari l-SMEs,** sabiex isiru aktar sensittivi għall-mudelli ekonomiċi innovattivi u sostenibbli;

— **għall-ħaddiema u l-impjegati tas-setturi tal-attività fi żvilupp/rikonverżjoni**, sabiex jiġu mgħejuna jiksbu l-ħiliet meħtieġa għall-mudelli ekonomiċi ġodda u għall-kwistjonijiet ta' sostenibbiltà;

— **għaċ-ċittadini u l-konsumaturi**, permezz ta' programm ta' sensibilizzazzjoni dwar il-mudelli ekonomiċi ġodda u l-prodotti tagħhom.

4.2.3. **Minbarra monitoraġġ u fehim akbar ta' dawn il-mudelli, jenħtieġ ukoll li jiġu attivati lievi oħrajn:**

4.2.3.1. **Il-promozzjoni ta' prattiki u esperjenzi tajbin bejn l-innovaturi – kif ukoll mas-settur tar-riċerka –** permezz tan-netwerks u l-pjattaformi tal-Internet hija pass essenzjali. Diġà tnedew inizjattivi privati fuq ċerti mudelli ekonomiċi ġodda. Il-Kummissjoni għandha tanalizza kif tista' tappoġġjahom u tikkomplementahom mingħajr ma tissostitwixxihom, u tinvolvi ruħha aktar magħhom sabiex tifhem aktar dawn l-innovazzjonijiet u taqsam l-għarfien mal-innovaturi. Dawn l-inizjattivi fuq mudelli ekonomiċi oħrajn huma diffiċli, b'mod partikolari minħabba nuqqas ta' riżorsi umani u finanzjarji. Il-Kummissjoni għandha tipprovdilhom appoġġ akbar u wkoll tinvolvi ruħha fihom.

4.2.3.2. Wieħed mill-kompiti ta' dawn in-netwerks għandu jkunu ukoll **l-iffaċilitar tal-aċċess tal-innovaturi għall-mekkaniżmi ta' appoġġ Ewropej li għandhom dritt għalihom**. L-intrapriżi li jkollhom mudelli ekonomiċi ġodda sostenibbli spiss huma SMEs li jilmentaw mid-diffikultà biex jifhmu l-proċeduri kkumplikati tal-UE.

4.2.3.3. Il-Kummissjoni tista' **tippromovi l-aċċess għall-finanzjament għall-mudelli ekonomiċi sostenibbli permezz ta' sejħiet għall-offerti ddedikati għall-innovazzjoni**. Hija għandha tiżgura wkoll li r-regoli tal-akkwist pubbliku ma jkunux ta' ostaklu sproporzjonat għal min iġib mudelli ekonomiċi sostenibbli ġodda, u tippjana mekkaniżmu ta' deroga sabiex tħarishom minn kompetizzjoni li ma jkunux jifilħu għaliha. Barra minn hekk, il-finanzjaturi tradizzjonali tal-innovazzjoni, sew jekk privati jew pubbliċi, ftit li xejn jafu dwar dawn il-mudelli ġodda u għalhekk joqogħdu lura milli jappoġġjawhom, u ma jivvalorizzawx il-benefiċċji soċjali u ambjentali tagħhom. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tanalizza aħjar id-diffikultajiet tal-aċċess għall-finanzjament għall-mudelli ekonomiċi sostenibbli ġodda u toħloq rakkomandazzjonijiet dwar kif dawn jistgħu jingħelbu. Tista' wkoll tikkunsidra l-ħolqien ta' valuti alternattivi (virtwali, soċjali) u r-rwol li dawn jista' jkollhom fl-appoġġ lil dawn il-mudelli.

4.2.3.4. **Biex ikunu jistgħu jiżviluppaw, il-mudelli ekonomiċi sostenibbli ġodda jeħtieġu testijiet.** F'ċerti każijiet – bħal fil-qasam tal-mobbiltà jew tal-ekoloġija industrijali – dawn it-testijiet għandhom jitwettqu fi sħubija mal-awtoritajiet pubbliċi. Il-Kummissjoni tista' tagħti spinta lill-ittestjar ta' mudelli ġodda permezz ta' fond ta' finanzjament tal-innovazzjoni dedikat għall-mudelli sostenibbli u miftuħ għal sħubiji pubbliċi-privati. Il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari tiżgura li dawn it-testijiet jirrigwardaw żoni rurali u periurbani, u mhux biss ċentri urbani kbar.

4.2.3.5. Ir-riżultati mill-esperjenza għandhom jippermettu l-identifikazzjoni **tal-ħtiġijiet ġodda tal-istandardizzazzjoni, kif ukoll l-istandards u r-regolamenti li jimblukkaw l-iżvilupp ta' ċerti mudelli innovattivi u sostenibbli**. Dawn għandhom ikunu magħmula kompatibbli mal-innovazzjoni, bħall-proċessi ta' approvazzjoni tal-prodotti u s-servizzi ġodda fis-settur tal-bini. Il-biċċa l-kbira tal-intrapriżi wara l-oriġini tal-mudelli ekonomiċi ġodda huma SMEs, li mhux dejjem ikollhom il-mezzi biex ilaħħqu mal-ammont ta' xogħol li jirriżulta mill-istandards.

4.2.3.6. **L-integrazzjoni tal-mudelli l-ġodda fil-politiki settorjali tal-UE hija wkoll lieva importanti għall-iżvilupp tagħhom**. B'hekk, il-pjattaformi ġodda tal-iskambju ta' oġġetti bejn l-individwi u l-intrapriżi tal-ekonomija funzjonali għandhom jitqiesu bħala atturi tal-prevenzjoni tal-iskart u jiġu appoġġjati fil-qafas tal-politiki Ewropej favur ekonomija ċirkolari. F'dan il-każ, dan ma jinvolvix it-tnedija ta' inizjattivi ġodda jew regolamenti settorjali, iżda li l-mudelli ekonomiċi ġodda jiġu inklużi fil-qafas tal-istrateġija ġdida għall-industrija ([15]) u tal-politiki settorjali eżistenti.

4.2.3.7. **Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-abbużi potenzjali ta' ċerti mudelli ekonomiċi ġodda, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwistjonijiet soċjali, tar-regolazzjoni tax-xogħol u tal-kompetizzjoni fil-qasam tat-taxxa inġusta.** Fir-rigward tal-ekonomija kollaborattiva, l-Unjoni Ewropea għandha ssegwi l-isforzi ta' monitoraġġ u ta' armonizzazzjoni Ewropea.

([15]) COM(2017) 479 final.

4.2.4. B'mod ġenerali, il-mudelli ekonomiċi sostenibbli ġodda se jiġu żviluppati biss jekk l-intrapriżi u l-intraprendituri jkunu konvinti li dan huwa dak li se jagħmel sens ekonomikament fl-UE tal-2030 jew tal-2050. Għal din ir-raġuni, **is-sostenibbiltà għandha titqies bħala għan trasversali tal-UE. Il-qafas politiku, fiskali u regolatorju tal-UE għandu jagħti viżibbiltà sabiex jorjenta l-azzjonijiet tal-atturi ekonomiċi, tal-korpi pubbliċi u tas-soċjetà ċivili.** Għalhekk, din l-opinjoni tirrakkomanda:

— **jitħu s-suġġett fuq livell politiku b'kunsiderazzjoni tas-sostenibbiltà bħala kriterju trasversali li se jippermetti l-immodernizzar tal-ekonomija Ewropea;** Dan jirrigwarda l-allinjament tal-politiki Ewropej mal-kriterji tas-sostenibbiltà u l-integrazzjoni tagħhom fil-leġislazzjoni. Kull regolament ġdid jista' b'hekk ikun soġġett għal prova aktar stretta ta' sostenibbiltà. Fil-livell politiku, l-UE għandha tifformula messaġġ qawwi li juri appoġġ lill-iżvilupp sostenibbli u jixhed it-tmexxija tagħha. Dan għandu jintlaħaq billi l-objettivi tal-iżvilupp sostenibbli jiġu riflessi fi strateġija ġdida tal-Ewropa għall-orizzont 2030, permezz tal-adozzjoni ta' skeda ristretta ta' indikaturi tal-prestazzjoni tal-UE u ta' indikaturi li jmorru lil hinn mill-PDG, u l-integrazzjoni tagħhom fil-qafas tas-semestru Ewropew;

— **l-integrazzjoni tal-esternalitajiet soċjoambjentali fil-loġika ekonomika, b'inkoraġġiment tal-Istati Membri sabiex jintegraw aħjar t-taxxa ambjentali tagħhom** ([16]) **u jwaqqfu s-sussidji antiekoloġiċi.** Is-sinjal tal-prezz tal-karbonju għandu jissaħħaħ fil-livell Ewropew, l-aktar permezz tar-riforma tal-ETS jew miżuri komplementari fil-livell nazzjonali għas-settur tal-enerġija, li jirrappreżenta 60 % tal-emissjonijiet ta' CO_2. Din l-integrazzjoni tippermetti lill-prodotti u lit-teknoloġiji sostenibbli – li għandhom l-għan li jillimitaw esternalitajiet bħal dawn u li għalhekk kultant huma aktar għaljin biex jiġu manifatturati – isiru aktar kompetittivi;

— **l-iżvilupp ta' qafas regolatorju li jiffavorixxi l-konsum u l-produzzjoni sostenibbli** (standards ta' ekodisinn, żieda fid-durata tal-oġġetti, tikketti tal-enerġija, objettivi ta' prevenzjoni tal-iskart, il-ġlieda kontra t-tniġġis, standards ta' effiċjenza fl-enerġija fil-bini, eċċ.). Illum il-ġurnata, il-leġislazzjoni attwali dwar l-ekodisinn, pereżempju, mhijiex biżżejjed ([17]). L-istandards għandhom ikunu adattati għas-sitwazzjoni partikolari tal-SMEs ("test tal-SMEs").

4.2.4.1. **Fl-aħħar nett, jenħtieġ li jitfassal mill-ġdid il-mod kif jopera s-settur finanzjarju biex il-kwistjonijiet ambjentali u soċjali jkunu magħmula sostenibbli u jiġu integrati b'mod ċar fl-għażla tal-investimenti u fil-kunċett ta' riskju** fi ħdan il-qafas tal-istandards prudenzjali u ta' solvenza. Dan il-proċess diġà nbeda mill-investituri li huma soċjalment responsabbli u ċerti intrapriżi kbar, bil-kunċett ta' "ħsieb integrat" għat-teħid ta' deċiżjonijiet strateġiċi u operazzjonali ([18]). Fil-prattika, din ir-riflessjoni tista' twassal ukoll għal:

— it-tnaqqis taż-"żmien qasir", pereżempju b'aktar integrazzjoni ta' dawk li jfaddlu fl-akkwist tal-assi fit-tul,

— l-appoġġ lill-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet u softwer open source fis-settur finanzjarju biex tiġi promossa kompetizzjoni tajba,

— l-inkoraġġiment tal-allinjament tal-kriterji FinTech u tal-kriterji ta' sostenibbiltà,

— it-tisħiħ tar-rapportar dwar il-kwistjonijiet ta' sostenibbiltà (appoġġ għal klassifikazzjonijiet/ċertifikazzjonijiet ekoloġiċi) għall-intrapriżi u l-istituzzjonijiet finanzjarji (ara r-rakkomandazzjonijiet tat-Taskforce dwar id-Divulgazzjoni dwar il-Klima dwar dan is-suġġett),

— l-inklużjoni tal-kriterji ta' sostenibbiltà fid-dmir fiduċjarju,

— it-twettiq ta' testijiet ta' sostenibbiltà għar-regolamenti finanzjarji futuri Ewropej.

Brussell, it-18 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

([16]) ĠU C 226, 16.7.2014, p. 1.
([17]) Programm ta' ħidma dwar l-ekodisinn 2016-2019.
([18]) il-ħidma tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar finanzjament sostenibbli.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "It-tassazzjoni tal-ekonomija kollaborattiva — analiżi ta' politiki fiskali possibbli b'rabta mat-tkabbir tal-ekonomija kollaborattiva"

(opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Estonjana)

(2018/C 081/09)

Relatur: **Giuseppe GUERINI**

Korelatur: **Krister ANDERSSON**

Konsultazzjoni	Opinjoni esploratorja (mitluba mill-Presidenza Estonjana), 17.3.2017
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fis-sezzjoni	5.10.2017
Adottata fil-plenarja	19.10.2017
Sessjoni plenarja Nru	529
Riżultat tal-votazzjoni	168/0/1
(favur/kontra/astensjonijiet)	

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jqis li l-ekonomija kollaborattiva, bil-kapaċità tagħha li toħloq valur soċjali fil-kuntest tal-ekonomija diġitali, tista' tikkostitwixxi okkażjoni ġdida ta' tkabbir u żvilupp għall-pajjiżi tal-Unjoni Ewropa, peress li tippermetti l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi mhux sfruttati u tagħti bidu għall-inizjattiva taċ-ċittadini individwali. Il-KESE jiddistingwi b'mod ċar bejn l-ekonomija kollaborattiva u l-ekonomija diġitali jew tal-pjattaformi, fid-dawl tad-differenzi fl-importanza u l-firxa tad-dimensjoni inklużiva u kollaborattiva tagħhom.

1.2. Għalkemm it-tixrid tal-ekonomija kollaborattiva huwa inkoraġġit u mtejjeb mit-tixrid ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni ġodda, u jinstab b'mod partikolari fil-pjattaformi diġitali u fid-diffużjoni wiesgħa tal-ismartphones, il-KESE jqis importanti li jiġi evalwat il-fenomenu tal-ekonomija kollaborattiva fl-intier tagħha u li ma jiġix assimilat għalkollox mal-ekonomija diġitali.

1.3. Il-KESE huwa tal-fehma li l-UE ma tistax titlef l-opportunità offruta mill-ekonomija kollaborattiva biex tinnova s-sistema tar-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet, l-intrapriżi, iċ-ċittadini u s-swieq. Madankollu, fid-dawl tal-fluwidità u l-veloċità ta' evoluzzjoni ta' dan is-settur, huwa essenzjali li s-sistemi ta' regolazzjoni fiskali u s-sistemi ta' tassazzjoni jiġu adattati b'mod intelliġenti u flessibbli għall-kuntest il-ġdid tal-ekonomija kollaborattiva u, b'mod aktar ġenerali, tal-ekonomija diġitali.

1.4. Il-KESE ma jħossx li hemm bżonn ta' sistema tat-taxxa ġdida u speċifika għall-intrapriżi tal-ekonomija kollaborattiva. Iqis minflok essenzjali li jiżdiedu l-forom ta' kollaborazzjoni u koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u bejn l-amministrazzjonijiet differenti involuti fi ħdan id-diversi Stati Membri, biex b'hekk l-awtoritajiet pubbliċi jkunu jistgħu jlaħħqu mar-ritmu u d-dinamiżmu tal-ekonomija diġitali u tal-ekonomija kollaborattiva.

1.5. Il-KESE jirrakkomanda li s-sistema ta' tassazzjoni għall-ekonomija kollaborattiva tħares il-prinċipju tan-newtralità (jiġifieri li ma għandhiex tinterferixxi fl-iżvilupp tas-suq), filwaqt li jiġu identifikati mekkaniżmi ta' tassazzjoni adatti u ġusti għad-diversi forom ta' intrapriżi li joperaw fil-kuntest tal-ekonomija kollaborattiva fil-forom tradizzjonali.

1.6. Il-KESE jispera li tiġi ffurmata malajr sistema Ewropea omoġenja u integrata li tiggarantixxi regoli komuni bejn id-diversi Stati Membri fir-rigward tal-ekonomija kollaborattiva, fid-dawl tat-tendenza naturali tan-netwerks diġitali li joperaw f'kuntest transfruntier. Għalhekk ikun ta' ħsara jekk jiġu żviluppati forom differenti ta' regolamentazzjoni f'kull wieħed mill-Istati Membri u huwa meħtieġ approċċ Ewropew ġenwin.

1.7. Il-KESE jistieden lill-awtoritajiet Ewropej biex jagħmlu kull sforz possibbli biex iwaqqfu forom ta' kooperazzjoni internazzjonali mhux Ewropea bl-għan li jistabbilixxu ċerti regoli ta' bażi għall-ekonomija kollaborattiva, billi l-potenzjal tan-netwerks diġitali issa jippermetti l-ġestjoni ta' attivitajiet ta' servizz u l-kummerċ ta' oġġetti f'kull parti tad-dinja, permezz ta' pjattaforma diġitali li tinsab f'post wieħed fid-dinja.

1.8. Il-KESE jħoss ukoll il-ħtieġa li r-regoli u l-prinċipji eżistenti għandhom jiġu aġġustati f'konformità ma' sitwazzjonijiet ġodda li huma differenti mill-passat, parzjalment minħabba l-opportunitajiet li nħolqu mit-teknoloġiji l-ġodda, sabiex jiġi żgurat trattament uniformi u proporzjonat għall-operaturi ekonomiċi kollha li jwettqu attivitajiet f'forma tradizzjonali jew fi ħdan l-ekonomija kollaborattiva.

1.9. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaħdmu flimkien għall-adozzjoni ta' qafas legali ġenerali għall-ekonomija kollaborattiva li jkun jista' jikkoordina u jwassal għal uniformità fir-regoli tat-taxxa applikabbli għal dawn il-forom ta' ekonomija ġodda.

1.10. Anki bil-għan li jkun hemm ġestjoni aktar sempliċi tas-sistema tat-taxxa u b'mod partikolari biex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tal-VAT, il-KESE jqis li l-ittestjar ta' "organizzazzjoni permanenti virtwali" jista' jagħti l-frott tiegħu fil-kuntest dejjem aktar transfruntier u inqas territorjali li fih jiżviluppaw l-ekonomija diġitali u l-ekonomija kollaborattiva.

1.11. Il-KESE jqis ukoll importanti li jitfakkar li, minbarra sistema tat-taxxa xierqa, huwa importanti li jiġu żgurati l-protezzjoni u r-rispett: 1) tad-drittijiet tal-konsumatur, ii) tal-privatezza u tar-regoli dwar l-ipproċessar ta' data personali, iii) tal-ħaddiema u l-forornituri ta' servizzi involuti fil-mudelli tan-negozju ġodda u fl-attivitajiet tal-pjattaformi kollaborattivi.

2. **Introduzzjoni**

2.1. L-ekonomija kollaborattiva qed tiżdied fil-volum u tikber b'rata mgħaġġla, kif jidher minn data differenti. Huwa stmat li fl-2015, id-dħul relatat mal-ekonomija kollaborattiva fl-Unjoni Ewropea kien ta' xi EUR 28 biljun (fis-sena preċedenti, dan kien biss nofs dak l-ammont).

2.1.1. Mill-2015 'il quddiem, investiment sinifikanti minn pjattaformi ewlenin kompla jagħti spinta lill-iżvilupp tas-settur, tant li huwa stmat li fil-futur, l-ekonomija kollaborattiva tista' tiġġenera fatturat ta' bejn EUR 160 biljun u EUR 572 biljun madwar l-UE.

2.2. Kif muri miċ-ċifri, l-ekonomija kollaborattiva qed tinfirex għal aktar u aktar setturi u għandha l-potenzjal li tiġġenera valur miżjud, toħloq impjiegi f'livelli differenti u tiżgura servizzi effiċjenti fil-prezzijiet kompetittivi għall-konsumaturi Ewropej.

2.3. Fl-istess ħin, madankollu, is-settur tal-ekonomija kollaborattiva jirrappreżenta serje ta' sfidi għal-leġislatur Ewropew, li huwa mitlub jiżgura prinċipji u regoli mfassla biex jistabbilixxu qafas legali ċar u prevedibbli ([1]). Madankollu, l-azzjoni regolatorja tiegħu, ma għandhiex tikkomprometti l-potenzjal kbir għall-innovazzjoni li s-settur wera s'issa.

2.4. It-terminu "collaborative economy" (ekonomija kollaborattiva) ta' spiss jintuża minflok "sharing economy" (ekonomija ta' kondiviżjoni): fl-2015, l-Oxford English Dictionary inkluda "sharing economy" (ekonomija ta' kondiviżjoni) fost l-entrati l-ġodda tiegħu, filwaqt li ddefinixxiha bħala "sistema ekonomika li fiha l-oġġetti jew is-servizzi jinqasmu bejn l-individwi privati, jew mingħajr ħlas jew inkella b'miżata, ġeneralment permezz tal-Internet".

2.5. L-opinjoni attwali se tuża t-terminu "ekonomija kollaborattiva" kif adottat mill-Kummissjoni Ewropea fil-Komunikazzjoni tagħha tat-2 ta' Ġunju 2016 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Aġenda Ewropea għall-ekonomija kollaborattiva.

2.6. B'mod aktar speċifiku, "ekonomija kollaborattiva" tirreferi għall-mudelli kummerċjali fejn l-attivitajiet huma ffaċilitati minn pjattaformi kollaborattivi li jippermettu l-użu temporanju ta' oġġetti jew servizzi li ta' spiss jiġu pprovduti minn individwi privati.

([1]) ĠU C 303, 19.8.2016, p. 36 , punt 8.2.4.

2.6.1. L-ekonomija kollaborattiva tinvolvi tliet kategoriji ta' atturi: (i) il-fornituri ta' servizz li jikkondividu l-assi, ir-riżorsi, il-ħin u/jew il-ħiliet – dawn jistgħu jkunu individwi jew professjonisti privati; (ii) l-utenti ta' tali servizzi; (iii) intermedjarji li jikkollegaw lill-fornituri ta' servizz mal-utenti aħħarin permezz ta' pjattaforma onlajn (pjattaformi kollaborattivi). Ġeneralment, it-tranżazzjonijiet tal-ekonomija kollaborattiva ma jinvolvux bidla fis-sjieda u jistgħu jitwettqu għall-profitt jew mhux għall-profitt.

2.7. B'mod aktar speċifiku, meta mqabbel mal-passat, l-ekonomija kollaborattiva twitti t-triq għal aċċess aktar faċli u effiċjenti tal-oġġetti u s-servizzi permezz ta' pjattaformi ta' konnessjoni u dawk kooperattivi, filwaqt li tagħmilha aktar faċli li l-provvista tal-oġġetti u s-servizzi li jistgħu jiġu pprovduti minn professjonisti jew minn dawk mhux professjonisti tlaħħaq mad-domanda tal-konsumatur.

2.8. L-użu tat-teknoloġija u ta' pjattaformi ta' konnessjoni ttrasforma diversi setturi, bħal pereżempju t-trasport fuq distanza qasira u fit-tul, minbarra dak tas-settur tal-lukandi jew ta' ġestjoni tal-kiri tad-djar jew il-kmamar, li jippermettu l-organizzazzjoni ta' servizzi li jqabblu d-domanda mal-provvista, b'effiċjenza u rapidità kbira.

2.8.1. F'dan il-kuntest stabbilixxew ruħhom uħud mill-aqwa amministraturi, li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma bbażati barra mill-Unjoni Ewropea u huma eżempju ċar tas-suċċess dejjem jikber tal-ekonomija kollaborattiva. Dawn l-eżempji wrew il-potenzjal kbir ta' tkabbir ta' dan is-settur, iżda anki l-problemi li dan joħloq għal-leġislatur fejn jidħol l-aspett legali, fir-rigward tas-sistema tat-taxxa u b'referenza għall-forom ta' regolamentazzjoni tax-xogħol u ta' benefiċċji u assigurazzjoni tal-ħaddiema.

2.9. Minbarra dawn is-setturi, anke setturi oħrajn, bħalma huma ċerti servizzi finanzjarji, servizzi tal-kura personali u tas-saħħa, qed jaqgħu dejjem aktar fl-isfera tal-ekonomija kollaborattiva. Fis-snin li ġejjin se jingħaqdu magħhom setturi oħrajn, filwaqt li saħansitra, se jagħtu lill-ekonomija kollaborattiva pożizzjoni aktar prominenti: b'riżultat ta' dan, huwa ċar li attwalment, mhux biss huwa utli iżda huwa meħtieġ dibatittu sħiħ dwar l-aspetti regolatorji u fiskali tal-kwistjoni.

3. **L-ekonomija kollaborattiva u mudelli kummerċjali ġodda**

3.1. It-tixrid tal-għodod tat-Teknoloġija tal-Informatika u tal-Komunikazzjoni u tal-hekk imsejjaħ Internet tal-Oġġetti wassal għall-ħolqien ta' ħafna kumpaniji tat-teknoloġija ġodda. Illum hemm ħafna mudelli tan-negozju relatati mas-settur tal-ekonomija diġitali u kollaborattiva. Dawn il-mudelli huma identifikati skont l-istruttura tagħhom u d-daqs tal-intrpriża, minbarra r-relazzjoni mal-ambitu tas-swieq ta' referenza, mal-modi ta' użu tat-teknoloġiji u mal-mudell organizzattiv. Fir-rigward tat-trattament fiskali, madankollu nistgħu nidentifikaw tliet gruppi ta' sintesi:

— il-mudell tal-kumpaniji l-kbar li jwettqu diversi funzjonijiet fuq bażi diġitali permezz tal-web, fejn il-parti l-kbira tad-dħul huwa ġġenerat mill-bejgħ u l-ġestjoni tad-data miġbura u mir-reklami (eżempju Google);

— il-mudell tal-pjattaformi ta' ġestjoni u ta' tqabbil tad-domanda mal-provvista, ibbażat fuq il-kuntatt bejn il-konsumaturi u l-fornituri li jużaw il-pjattaformi diġitali bħala strutturi kollaborattivi u fejn it-tranżazzjonijiet jiġġeneraw dħul kemm għall-pjattaforma ta' konnessjoni kif ukoll għall-fornituri tas-servizzi finali (eżempju Airbnb, Uber);

— il-mudell tal-pjattaformi ta' kummerċ bejn il-pari fejn teoretikament m'hemm l-ebda tranżazzjoni ekonomika fi flus, iżda li jistgħu jiġġeneraw kummerċ ta' oġġetti u servizzi bejn l-utenti u l-fornituri fuq l-istess livell.

3.2. Fir-rigward tal-mudell tal-pjattaformi l-kbar ta' riċerka ġenerali fuq il-web, il-pjattaforma tippermetti l-ipproċessar tad-data u l-ħolqien ta' valur miżjud, li mbagħad jista' jiġi aġġustat skont id-domanda speċifika tal-konsumatur u jinbiegħ.

3.3. F'dan il-kuntest, il-KESE jixtieq jiġbed l-attenzjoni dwar il-valur speċifiku tad-data, li saħansitra ġie kklassifikat bħala "l-munita l-ġdida" ([2]). Il-valur miżjud huwa soġġett għall-VAT u jiġi applikat il-prinċipju tad-destinazzjoni. Madankollu, il-valutazzjoni tad-daqs tal-ħolqien tal-valur f'diversi stadji tista' tkun diffiċli u b'konsegwenza ta' dan anke l-allokazzjoni tal-obbligi tat-tassazzjoni.

([2]) Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ara l-artiklu tal-Forum Ekonomiku Dinji: https://www.weforum.org/agenda/2015/08/is-data-the-new-currency/

3.4. It-tkabbir mgħaġġel tal-mudelli kummerċjali ġodda jeħtieġ valutazzjoni globali tal-ħolqien tal-valur u l-obbligi tat-tassazzjoni.

3.5. Fir-rigward tal-pjattaformi li jagħmluha ta' intermedjarju bejn id-domanda u l-provvista, (il-Mudell tat-tip Uber), mistoqsija preliminari importanti tikkonċerna l-possibbiltà li jiġu stabbiliti regoli u rekwiżiti ta' aċċess għas-suq biex ikunu japplikaw għall-pjattaformi diġitali li joperaw fis-settur tal-ekonomija kollaborattiva u, fuq kollox, għall-fornituri ta' servizz li jużaw tali pjattaformi.

3.5.1. Ir-rekwiżiti ta' aċċess għas-suq jistgħu jinkludu l-ħtieġa għal awtorizzazzjoni uffiċjali sabiex tkun tista' titħaddem intrapriża, liċenzja jew obbligi minimi tal-kwalità (pereżempju d-daqs tal-bini jew it-tip ta' vettura, rekwiżiti ta' assigurazzjoni jew ta' depożiti, eċċ.). Id-dħul iġġenerat, ta' spiss huwa vvalutat u allokat lil individwu jew lil entità kummerċjali, soġġetti għal taxxa korporattiva ta' profitt.

3.6. Id-Direttiva dwar is-Servizzi tistipula li r-rekwiżiti ta' aċċess għas-suq previsti fl-Istati Membri differenti għandhom ikunu ġustifikati u proporzjonati, filwaqt li jitqiesu l-mudell kummerċjali partikolari u s-servizzi innovattivi involuti, mingħajr preferenza għal xi mudell ta' negozju jew ta' mmaniġġjar tas-servizzi partikolari fuq oħrajn (il-prinċipju tan-newtralità).

3.7. Il-KESE jaqbel mal-kumment tal-Kummissjoni fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2016, skont liema, regolamentazzjoni aktar flessibbli tas-swieq ta' servizzi, inklużi dawk fl-ekonomija kollaborattiva, twassal għal produttività ogħla, tiffaċilita d-dħul fis-suq ta' atturi ġodda, tnaqqas il-prezz għas-servizzi u tiżgura għażliet akbar għall-konsumaturi.

3.8. Għalhekk, huwa ttamat li r-rekwiżiti ta' aċċess għas-suq li japplikaw għall-ekonomija kollaborattiva, kif u meta dawn jeżistu fid-diversi sistemi legali nazzjonali, ikunu konformi mad-Direttiva dwar is-Servizzi u jiżguraw: (i) kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn id-diversi operaturi ekonomiċi fis-setturi fejn jikkoeżistu operaturi konvenzjonali u operaturi tal-ekonomija kollaborattiva; (ii) rekwiżiti regolatorji ċari, sempliċi u li jippromwovu l-potenzjal tal-innovazzjoni u l-opportunitajiet li l-ekonomija kollaborattiva tista' toffri lil numru dejjem jikber ta' persuni.

4. **Qafas istituzzjonali**

4.1. Peress li dan jikkonsisti minn servizzi online pprovduti minn pjattaformi diġitali, is-settur tal-ekonomija kollaborattiva jmur lil hinn, tal-inqas parzjalment, mill-kunċett tat-territorjalità li jikkaratterizza l-attività ekonomika konvenzjonali. Għalhekk, huwa importanti li jiġi żviluppat ukoll qafas regolatorju adegwat u ċar għall-ekonomija kollaborattiva, li jirrifletti l-għan ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, li tintaxxa l-profitti meta dawn isiru.

4.2. Il-KESE josserva li ċ-ċertezza tad-dritt tkun appoġġjata minn regoli sabiex il-kumpaniji li joffru u jippromovu servizzi relatati mal-ekonomija kollaborattiva jitqiesu li għandhom uffiċċju rreġistrat fl-Ewropa. F'dan ir-rigward, preċiżament fir-rigward tal-karatteristiċi speċifiċi tal-intrapriżi diġitali, qed tiġi diskussa l-possibbiltà li tigi identifikata formula ġdida ta' stabbiliment virtwali tal-intrapriżi, li ġiet iddefinita bħala "organizzazzjoni permanenti virtwali". Din hija formulazzjoni interessanti biex jingħelbu l-problemi tad-determinazzjoni tal-post ta' stabbiliment ta' din it-tip ta' attività, li madankollu tirrikjedi riflessjoni wiesgħa u studju xieraq li għandu jitwettaq fis-snin li ġejjin. Dan jippermetti li jiġi identifikat uffiċċju fl-UE għall-attivitajiet żviluppati permezz tas-suq diġitali, filwaqt li jiġi żgurat li l-valur ekonomiku tat-tranżazzjonijiet jiġi ntaxxat fl-Ewropa, u b'mod aktar ġenerali, fejn jinħoloq il-valur.

4.3. L-ekonomija kollaborattiva tista' tiffaċilita xi wħud mill-kompiti tal-awtoritajiet nazzjonali tat-taxxa, bħala riżultat tad-diġitalizzazzjoni tal-ħlasijiet li jsiru permezz tal-pjattaformi kollaborattivi u t-traċċabbiltà sħiħa ta' tali ħlasijiet. Id-disinn tas-sistemi tal-ħlasijiet jista' jagħmilha aktar faċli għall-operaturi fis-settur biex jissodisfaw l-obbligi tat-taxxa tagħhom, bħalma huwa l-każ fl-Estonja, fejn il-proċedura għas-sewwieqa u għal xi fornituri ta' servizz biex jiddikjaraw id-dħul tagħhom, ġiet issemplifikata f'kooperazzjoni mal-pjattaformi diġitali.

4.4. B'mod ġenerali, il-KESE jittama li l-iskambju ta' informazzjoni preċiża u traċċabbli bejn l-awtoritajiet tat-taxxa, l-operaturi u l-pjattaformi kollaborattivi se jgħin biex jitnaqqas il-piż amministrattiv fir-rigward tal-ħlas tat-taxxa fis-settur tal-ekonomija kollaborattiva kif ukoll il-piż tal-infurzar fuq l-awtoritajiet finanzjarji, filwaqt li l-kooperazzjoni ssir aktar sempliċi u aktar sigura permezz tal-ambjent teknoloġiku li fih isiru t-tranżazzjonijiet.

5. **It-tassazzjoni tal-ekonomija kollaborattiva**

5.1. Fir-rigward tat-tassazzjoni tal-ekonomija kollaborattiva, għandu jiġi rrimarkat li fir-rapport tiegħu tat-28 ta' Mejju 2014, il-Grupp ta' Esperti dwar it-Tassazzjoni tal-Ekonomija Diġitali mwaqqaf mill-Kummissjoni Ewropea kkonkluda li ma għandux ikun hemm sistema tat-taxxa speċjali għall-ekonomija jew għall-intrapriżi diġitali, u li jitqies aktar adatt li r-regolamenti u l-mudelli tat-taxxa fis-seħħ jiġu aġġustati għall-kuntesti l-ġodda, filwaqt li tintuża t-traċċabbiltà wiesgħa tat-tranżazzjonijiet li jseħħu fuq il-pjattaformi tal-ekonomija kollaborattiva għall-ġestjoni tal-obbligi tat-taxxa.

5.2. F'termini prattiċi, il-mudelli kummerċjali l-ġodda jeħtieġu attenzjoni partikolari mill-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet nazzjonali tat-taxxa, b'mod partikolari meta l-pjattaformi huma bbażati barra mill-UE, biex jippruvaw jagħmlu distribuzzjoni ġusta u proporzjonata tal-piż tat-taxxa fuq il-valur ekonomiku ġġenerat mid-diversi atturi: il-fornituri, il-benefiċjarji u l-pjattaformi ta' intermedjazzjoni.

5.3. Il-KESE jqis li hemm bżonn li jittieħed approċċ raġonevoli u proporzjonat fl-adattament tar-regoli ġenerali u l-prinċipji li jirregolaw il-kwistjonijiet tat-taxxa fis-settur tal-ekonomija kollaborattiva. Dan l-approċċ għandu jipprovdi regoli ċari u prevedibbli għall-operaturi tas-settur, sabiex ma jiġux iġġenerati spejjeż eċċessivi ta' konformità li jistgħu jipperikolaw it-tkabbir ta' settur żviluppat reċentement bi prospetti futuri li huma estensivi iżda li għadhom mhux prevedibbli għalkollox jew għadhom ma jistgħux jitkejlu kompletament.

5.4. Kwalunkwe inizjattiva Ewropea futura possibbli dwar it-tassazzjoni tal-mudelli ta' negozju tal-ekonomija kollaborattiva għandha tqis id-diversi inizjattivi kontra l-evitar li tnedew fis-snin reċenti mill-Kummissjoni Ewropea fil-qasam tat-taxxa b'tali mod li twassal biex id-diversi inizjattivi regolatorji jiġu kkoordinati b'mod reċiproku f'qafas ta' interventi organiku u koerenti.

5.5. Hemm bżonn ta' inizjattiva koordinata dwar it-tassazzjoni tal-ekonomija kollaborattiva sabiex jissaħħaħ is-suq intern Ewropew u jiżdied it-tkabbir tiegħu, peress li dan huwa settur li diġà jifforma parti sinifikanti mill-ekonomija Ewropea u saħansitra għandu jkollu rwol akbar fis-snin li ġejjin.

5.5.1. F'dan ir-rigward, l-Artikoli 113 u 115 tat-Trattat joffru bażi legali solida għat-tfassil ta' regoli diretti kif ukoll indiretti dwar it-tassazzjoni għall-ekonomija kollaborattiva, immirati lejn it-tisħiħ tas-suq intern u t-titjib tal-mod kif jaħdem.

5.6. Xi Stati Membri ddeċidew li jieħdu azzjoni biex jintaxxaw is-settur tal-ekonomija kollaborattiva permezz ta' leġislazzjoni ġdida, vinkolanti, filwaqt li oħrajn approvaw linji gwida indirizzati lill-operaturi tas-settur. Madankollu, kif diġà ntqal qabel, hija meħtieġa inizjattiva għat-tassazzjoni tal-ekonomija kollaborattiva fil-livell Ewropew.

5.7. Għalhekk, il-KESE jittama li jista' jsir intervent leġislattiv fil-livell Ewropew fuq it-tassazzjoni tal-ekonomija kollaborattiva, filwaqt li jiġu previsti koordinazzjoni u involviment adatti tal-Istati Membri bl-objettiv li jissaħħaħ is-suq intern u li jiġu sfruttati bis-sħiħ l-opportunitajiet li joriġinaw mill-ekonomija kollaborattiva.

5.8. Il-fornituri ta' servizzi tal-ekonomija kollaborattiva huma ċertament soġġetti għall-obbligi ta' taxxa, madankollu hemm xi diffikultajiet fl-identifikazzjoni tal-kontribwenti, anke minħabba l-fatt li dawn jistgħu joperaw kemm f'kapaċità professjonali (pereżempju joffru provvista kontinwa ta' servizz), kif ukoll b'mod okkażjonali (fil-forma ta' appoġġ għad-dħul mingħajr ma dan isir professjoni). Minbarra din id-diffikultà fl-identifikazzjoni tal-kontribwenti, il-kompitu tal-kejl tad-dħul taxxabbli b'mod preċiż huwa ta' spiss kumpless.

5.9. F'dan ir-rigward, il-KESE jqis l-iffissar ta' livelli limiti ta' dħul minimu bħala mezz potenzjalment utli sabiex tittieħed deċiżjoni dwar jekk attività partikolari għandhiex titqies bħala professjonali jew le. Madankollu, huwa jittama li l-għażla ta' tali livelli limiti tkun ġustifikata b'evidenza jew raġunijiet adatti.

5.10. Fir-rigward tal-mudelli kummerċjali l-ġodda, hemm bżonn ta' koordinazzjoni madwar l-UE kollha sabiex tiġi evitata t-tassazzjoni doppja jew l-abbuż tat-taxxa. L-aħjar prattiki ta' mudelli tat-tassazzjoni, b'mod partikolari għall-intrapriżi li jmexxu u jwettqu l-attivitajiet ta' tqabbil bejn id-domanda u l-provvista permezz ta' pjattaformi diġitali, għandhom jiġu introdotti u applikati mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tiżgura l-koordinazzjoni bejn ir-regoli billi tidentifika xi regoli komuni u kondiviżi permezz ta' direttiva.

5.11. Fl-istess ħin, il-KESE jħeġġeġ lill-amministrazzjonijiet finanzjarji nazzjonali jippubblikaw linji gwida sabiex jipprovdu indikazzjonijiet ċari għall-fornituri ta' servizz li joperaw fi ħdan l-ekonomija kollaborattiva. Peress li l-fornituri ta' servizz ta' spiss huma individwi privati, fil-prattika hemm bżonn li tiġi pprovduta informazzjoni dwar l-obbligi ta' tassazzjoni, peress li ta' spiss, dawn ma jkunux jafu jekk għandhomx iħallsu t-taxxa.

5.12. Il-KESE jittama li l-liġijiet Ewropej u nazzjonali jipprevedu mekkaniżmi li jrawmu l-kooperazzjoni bejn l-operaturi tal-ekonomija kollaborattiva u l-awtoritajiet tat-taxxa. Permezz tal-użu wiesgħa ta' data validata u traċċabbli, din il-kollaborazzjoni tista' twassal għas-semplifikazzjoni u t-trasparenza fiskali, sakemm ikun possibbli li, għal ċerti attivitajiet, il-pjattaformi diġitali jsiru "sostituti għall-ħlas dirett tat-taxxa" f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet fiskali.

5.12.1. F'dan ir-rigward, il-KESE jenfasizza li ċ-ċertezza dwar it-taxxa tirrikjedi attenzjoni partikolari dwar l-evoluzzjoni u t-tkabbir mgħaġġla tal-mudelli kummerċjali l-ġodda, li qed iżidu t-tħassib dwar l-inċertezza fil-qasam tat-taxxa u dwar l-impatt tagħhom fuq il-kummerċ u l-investiment transkonfinali, b'mod partikolari fil-kuntest tat-tassazzjoni internazzjonali ([3]).

5.13. Il-KESE jenfasizza li l-ekonomija kollaborattiva tista' potenzjalment tespandi l-bażi tat-taxxa nazzjonali filwaqt li toħloq impjiegi ġodda u twassal riżorsi ġodda għall-ekonomija. Bl-għan li jisfruttaw din il-bażi ġdida, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżviluppaw sistemi ta' skambju tal-informazzjoni fi ħdan l-awtorità li huma aktar effiċjenti. Din id-data flimkien ma' opportunitajiet teknoloġiċi ġodda tista' toħloq ċertezzi fiskali ikbar bi spejjeż iktar baxxi kemm għall-fornituri tas-servizz kif ukoll għall-awtoritajiet tat-taxxa. Peress li l-pjattaforma diġitali, il-fornitur tas-servizzi u l-klijent jistgħu jkunu fi Stati Membri differenti, il-kwistjoni għandha tiġi mistħarrġa aktar fil-livell komunitarju biex tingħata attenzjoni adatta għall-protezzjoni tad-data transfruntiera.

6. **VAT**

6.1. Fir-rigward tal-attivitajiet tal-ekonomija kollaborattiva u jekk dawn humiex soġġetti għall-VAT, qabel kollox għandha ssir distinzjoni bejn l-attivitajiet imwettqa minn mudelli kummerċjali ġodda differenti, pereżempju direttament minn pjattaformi kollaborattivi u dawk ta' fornituri ta' servizz individwali rreġistrati ma' tali pjattaformi, u l-mudelli li permezz ta' pjattaformi jiżviluppaw attivitajiet differenti, pereżempju l-bejgħ ta' spazji u data tal-utenti għal reklamar.

6.2. Fir-rigward ta' dawn l-aħħar każijiet, l-intrapriżi diġà huma soġġetti għal taxxa korporattiva. Dawn jiġbru l-informazzjoni mill-utenti – kull darba li utent jdaħħal tfittxija, il-kumpaniji jiġbru l-informazzjoni. Dawn jistgħu jbigħu dik l-informazzjoni lil min jirreklama u lil partijiet interessati oħra u, jekk jinħoloq il-valur, il-VAT għandha tiġi imposta fuq l-iskambju tad-data (il-ġbir u l-bejgħ tal-informazzjoni).

6.3. Fir-rigward tal-mudelli li jaħdmu fuq it-tqabbil bejn id-domanda u l-provvista, jista' jitqies li jinħoloq "valur miżjud" meta jiġi pprovdut servizz u meta titħalla ssir tranżazzjoni/skambju bejn il-klijenti u l-ġestjonarji; għalhekk dan għandu jkun soġġett għall-VAT.

6.4. F'termini ġenerali, għall-finijiet ta' VAT, għandha ssir distinzjoni bejn sitwazzjonijiet differenti li jikkonċernaw il-metodi ta' ħlas għal servizzi mogħtija fl-ekonomija kollaborattiva: (i) sitwazzjonijiet fejn is-servizzi jingħataw bi ħlas ta' somma flus; (ii) sitwazzjonijiet li fihom ir-remunerazzjoni għas-servizz ma ssirx bil-flus, iżda b'forma ta' servizz ieħor jew remunerazzjoni mhux monetarja; u (iii) sitwazzjonijiet li fihom is-servizz jingħata liberament mingħajr ebda ritorn.

6.5. Ir-regoli dwar il-VAT applikabbli għas-sitwazzjoni (i) t'hawn fuq jistgħu jinsiltu mir-regoli u l-prinċipji tal-liġi eżistenti kif stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, filwaqt li s-sitwazzjoni (ii) tista' ma taqax fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar il-VAT li jeżisti llum.

6.5.1. Fir-rigward taċ-ċirkostanzi prattiċi li possibbilment jaqgħu taħt il-punt (ii), il-KESE jitlob li ssir analiżi bir-reqqa ta' jekk l-attivitajiet tal-pjattaformi kollaborattivi humiex soġġetti għall-obbligi tal-VAT. Tabilħaqq, il-qafas legali f'dan il-qasam mhuwiex ċar attwalment, b'mod partikolari dwar servizzi li u, kif issemma qabel, ma jeħtiġux ħlas monetarju, iżda jużaw data dwar il-konsumaturi, il-preferenzi u d-drawwiet tagħhom għal skopijiet kummerċjali.

([3]) Għal aktar informazzjoni ara d-dokument "IMF/OECD Report for the G20 Finance Ministers Tax Certainty" (Rapport tal-IMF/OECD għat-Taxxa tal-Ministri tal-Finanzi tal-G20 dwar iċ-ċertezza tat-taxxa).

6.6. Fil-fehma tal-KESE, huwa importanti li l-Kummissjoni tindirizza u tirregola l-kwistjoni tal-VAT fl-ekonomija kollaborattiva bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni tagħha, possibbilment billi tapplika regoli u prinċipji semplifikati taħt ċerti livelli limiti tal-fatturat – kif diġà sar f'xi pajjiżi – sabiex jiġu limitati l-ispejjeż tal-konformità, b'mod partikolari għall-SMEs u l-fornituri ta' servizz okkażjonali.

6.7. Il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali għandhom jippromovu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fl-applikazzjoni tar-regoli dwar il-VAT għas-settur tal-ekonomija kollaborattiva.

7. **Kummenti finali**

7.1. Il-KESE jappoġġja l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-Aġenda Ewropea għall-ekonomija kollaborattiva, fejn il-PE jinnota li "l-intraprendituri Ewropej juru tendenza qawwija li joħolqu pjattaformi kollaborattivi għal skopijiet soċjali, u jagħraf li qed jikber dejjem aktar l-interess fl-ekonomija kollaborattiva abbażi ta' mudelli ta' negozju kooperattivi" ([4]).

7.2. Il-karatteristiċi speċifiċi tal-ekonomija kollaborattiva, il-potenzjal innovattiv tagħha u l-ħtieġa li r-regoli dwar it-taxxa jiġu adattati għat-tkabbir esponenzjali tas-settur jitolbu l-involviment tas-soċjetà ċivili organizzata fl-attivitajiet ta' konsultazzjoni u analiżi promossi mill-Kummissjoni Ewropa. L-għan ta' dan il-grupp għandu jkun dak li jlaqqa' flimkien il-partijiet interessati tas-settur, ir-rappreżentanti tal-istituzzjonijiet tal-UE/l-amministrazzjonijiet finanzjarji nazzjonali, u l-ispeċjalisti akkademiċi sabiex jitnieda dibatittu konġunt dwar kwistjonijiet relatati mat-tassazzjoni tal-ekonomija kollaborattiva.

7.3. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tipproponi aktar rakkomandazzjonijiet għal skambju aħjar tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tat-tassazzjoni u għal trattament ugwali tal-fornituri ta' servizz. Il-Kumitat iqis li jkun meħtieġ titfassal opinjoni ta' segwitu sabiex jiġu vvalutati aktar ir-rekwiżiti tal-politika dwar it-taxxa, kif ukoll l-impatt u l-eżiti tat-tassazzjoni tal-ekonomija diġitali.

7.4. Fir-rigward tad-drittijiet tal-ħaddiema u l-konsumaturi involuti fl-ekonomija kollaborattiva, il-KESE hawnhekk jirreferi għall-Opinjoni dwar *L-ekonomija kollaborattiva u l-awtoregolazzjoni* ([5]). Madankollu, f'dan il-kuntest, huwa importanti li wieħed jiftakar li l-impatt tal-ekonomija kollaborattiva fuq is-suq tax-xogħol għandu effetti sinifikanti ħafna, li jirrikjedu attenzjoni speċifika għall-protezzjoni tal-ħaddiema, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet għall-kura tas-saħħa u s-sistema tas-sigurtà soċjali.

7.4.1. F'dan ir-rigward, il-KESE jenfasizza għal darb'oħra l-bżonn li jitqies l-impatt tal-ekonomija kollaborattiva fuq is-suq tax-xogħol u jirrimarka li l-protezzjoni sħiħa tal-ħaddiema u l-fornituri ta' servizz hija għan li għandu dejjem jitqies mil-leġislaturi tal-UE u dawk nazzjonali.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

([4]) Rapport dwar aġenda Ewropea għall-ekonomija kollaborattiva (2017/2003(INI), 11 ta' Mejju 2017.
([5]) ĠU C 303, 19.8.2016, p. 36, punt 8.2.4.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-użu tal-art għall-produzzjoni tal-ikel sostenibbli u s-servizzi tal-ekosistema"

(opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Estonjana)

(2018/C 081/10)

Relatur: **Roomet SÕRMUS**

Konsultazzjoni	Ittra mill-Prim Ministru tar-Repubblika tal-Estonja bid-data tas-17.3.2017
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	28.3.2017
Sezzjoni responsabbli	Sezzjoni Speċjalizzatagħall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adottata fis-sezzjoni	3.10.2017
Data tal-adozzjoni fis-sessjoni plenarja	18.10.2017
Sessjoni tal-plenarja Nru	529
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	126/0/2

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Għall-użu sostenibbli u l-protezzjoni tal-ħamrija agrikola huwa essenzjali li jkun hemm qafas ta' referenza komuni tal-UE biex jimmonitorja l-progress fil-ġbir u l-użu tad-data; jista' jintuża wkoll għad-definizzjoni ta' kundizzjoni tajba tal-ħamrija, terminoloġija uniformi, kriterji uniformi għall-monitoraġġ kif ukoll il-prijoritajiet u l-miżuri ta' politika differenti biex tinkiseb kundizzjoni tajba tal-ħamrija.

1.2. Fl-Istati Membri kollha, it-telf tal-art agrikola hija problema sinifikanti minħabba d-degradazzjoni tal-ħamrija, l-abbandun tal-art, it-tibdil fil-klima u l-urbanizzazzjoni. Għalhekk il-KESE jipproponi li jiġġedded il-qafas eżistenti tal-UE sabiex jiġu protettti ż-żoni agrikoli u l-fertilità tagħhom fl-Istati Membri, li huma siewja għall-produzzjoni tal-ikel u l-provvista ta' servizzi oħra tal-ekosistema, filwaqt li jittejjeb il-monitoraġġ u tiġi pprovduta informazzjoni affidabbli.

1.3. Il-bdiewa, bħala s-sidien u l-utenti tal-art agrikola, għandhom kompitu speċjali fil-provvista tas-servizzi tal-ekosistema, li għandha tiġi rikonoxxuta u appoġġjata. Il-ħamrija tipprovdi l-aktar servizzi tal-ekosistema importanti. Il-ħamrija hija l-bażi tal-parti ewlenija tal-produzzjoni tal-ikel globali u hija meħtieġa għall-produzzjoni tal-bijomassa. Il-ħamrija taħżen il-karbonju u għalhekk tikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

1.4. Il-modernizzazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni (PAK), fost affarijiet oħra, għandha tibqa' tkun immirata lejn it-titjib tas-saħħa u l-fertilità tal-ħamrija u l-art agrikola, li huwa essenzjali għaż-żamma u biex ikomplu jissaħħu l-produttività u s-sostenibbiltà tas-settur agrikolu.

1.5. Skont il-Ftehim dwar il-Klima, l-inizjattivi eżistenti u ġodda għandhom jiġu promossi biex iċ-ċiklu tal-karbonju tal-ħamrija jinżamm f'bilanċ, b'mod li ma jheddidx il-produzzjoni tal-ikel. Sabiex jiżdied il-kontenut tal-karbonju tal-ħamrija, il-KESE jipproponi li l-prinċipji tal-ġestjoni tal-ħamrija sostenibbli jiġu inkorporati fil-miżuri politiċi tal-UE. Għandhom jiġu promossi, fost affarijiet oħra, il-produzzjoni tal-bijomassa permezz tat-titjib tal-aċċess għall-ilma u fatturi oħra tal-ħamrija

(l-istruttura u l-ventilazzjoni tal-ħamrija, id-disponibbiltà tan-nutrijenti, il-valur tal-pH, l-attività bijoloġika tal-ħamrija), ħdim tar-raba’ partikolarment konservattiv, l-agrikoltura tal-mergħat u l-ġestjoni sostenibbli tal-bwar, produzzjoni agrikola integrata, bl-użu ta’ metodi ppruvati u ttestjati minn agrikoltura organika u konvenzjonali, bħalma huma n-newba tal-uċuħ tar-raba’, il-kultivazzjoni tal-għelejjel tal-legumi, l-irkupru tal-iskart organiku u l-kompost, kif ukoll il-ħolqien ta’ kopertura ta’ pjanti għax-xitwa għall-għelieqi. Il-ħamrija u l-bwar b’livell għoli ta’ karbonju għandhom jiġu mmaniġġjati b’mod sostenibbli sabiex jippromovu s-sekwestru tal-karbonju fil-ħamrija u fil-pjanti.

1.6. L-Istati Membri għandhom jitħeġġu u jiġu motivati jadottaw miżuri xierqa għall-protezzjoni tal-ħamrija fil-qafas tat-tieni pilastru tal-PAK.

1.7. L-investimenti addizzjonali fit-teknoloġiji favur l-ambjent u l-klima u fis-sistemi ta’ titjib tal-art għandhom jiġu appoġġjati bil-ħsieb tal-użu sostenibbli tal-art u tal-ħamrija.

1.8. L-agrikoltura msejsa fuq l-għarfien (jiġifieri, l-agrikoltura ta’ preċiżjoni u l-approċċi agroekoloġiċi) għandha titħeġġeġ. Il-potenzjal tal-biedja ta’ preċiżjoni favur ir-riżorsi, il-ħamrija u l-ambjent jitwettaq permezz tal-integrazzjoni tad-data dwar il-ħamrija, il-fertilizzant, il-protezzjoni tal-pjanti, it-temp u r-rendiment, li fost l-oħrajn teħtieġ aċċess aħjar għad-data disponibbli fil-bażijiet tad-data nazzjonali, aktar mobbiltà u aktar faċilità biex tintuża, fejn japplika l-prinċipju li l-bdiewa huma s-sidien tad-data ġġenerata. Il-prerekwiżit għal dan huwa l-aċċess għall-Internet u l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni mill-bdiewa.

1.9. Id-data dwar il-ħamrija għandha tintuża aktar fit-tfassil tal-politika u fid-deċiżjonijiet tal-ippjanar relatati mal-użu tal-art. Fl-istess ħin, jeħtieġ li tittejjeb il-kwalità u d-disponibbiltà tad-data dwar il-ħamrija, b’mod speċjali f’żoni fejn sa issa għadha ma twettqitx biżżejjed riċerka. Fil-livell tal-UE, għandu jkun hemm qbil dwar monitoraġġ uniformi tal-ħamrija.

1.10. Għandha tissaħħaħ is-sensibilizzazzjoni dwar l-importanza tal-ħamrija fis-sistema edukattiva kollha. F’dan ir-rigward għandhom jintużaw riżorsi pedagoġiċi moderni u t-tema tal-ħamrija għandha tiġi inkluża fil-kurrikuli tad-diversi livelli edukattivi.

1.11. Anke l-miżuri għall-għoti ta’ informazzjoni lill-bdiewa dwar il-ħamrija u l-prattiki agrikoli tajbin għandhom rwol importanti. Għal dan il-għan, l-involviment ta’ servizzi konsultattivi huwa ta’ importanza partikolari.

2. **Introduzzjoni**

2.1. Din l-opinjoni tal-KESE qed titfassal fuq talba tal-presidenza Estonjana u għandha l-għan li tenfasizza l-importanza kruċjali tal-użu sostenibbli tal-art ([1]) u tal-ħamrija ([2]) għall-produzzjoni tal-ikel u għat-twettiq tas-servizzi tal-ekosistema.

2.2. Fuq talba tal-Presidenza Estonjana, il-Kumitat se janalizza kif il-kwistjoni tal-art agrikola se tiġi trattata fid-diversi oqsma ta’ politika tal-UE. Se jikkunsidra wkoll x’jistgħu jagħmlu dawk li jfasslu l-politika u n-negozji fl-UE biex jippromovu l-użu sostenibbli u effettiv tal-ħamrija, riżorsa li hija essenzjali għall-produzzjoni tal-ikel u l-provvista ta’ servizzi oħra tal-ekosistema.

2.3. Fil-livell tal-UE, f’dan l-istadju hemm varjetà ta’ regoli ta’ protezzjoni tal-ħamrija. Minkejja li d-diversi oqsma politiki tal-UE jikkontribwixxu għall-protezzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-art agrikola, il-protezzjoni tal-ħamrija fil-biċċa l-kbira mhijiex l-objettiv prinċipali tagħhom. Il-KESE jemmen li issa huwa ż-żmien propizju biex nibdew id-dibattitu dwar kif miżuri differenti jistgħu jiġu kkoordinati aħjar fil-livell tal-UE.

([1]) L-“art” tirreferi għall-parti tal-wiċċ tad-dinja li mhijiex mgħottija bl-ilma.

([2]) Il-“ħamrija” tista’ tiġi definita bħala s-saff ta’ fuq tal-qoxra tad-dinja, magħmul minn partiċelli ta’ minerali, materja organika, ilma, arja u organiżmi ħajjin. Hija l-interfaċċja bejn l-art, l-arja u l-ilma, u hija l-ħabitat tal-biċċa l-kbira tal-bijosfera. [http://eur-lex.europa.eu/legal-content/DE/TXT/?uri=CELEX:52006DC0231].

2.4. Kemm l-UE kif ukoll l-Istati Membri għandhom jibbażaw it-tfassil tal-politiki tagħhom fuq l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti għall-perjodu sal-2030 ([3]). Dawn l-għanijiet jinkludu l-promozzjoni tal-ekosistemi, il-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni, it-twaqqif u t-treġġigħ lura tad-deterjorament u d-degradazzjoni tal-ħamrija, il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-użu effiċjenti tagħhom, u l-integrazzjoni tal-miżuri dwar it-tibdil fil-klima fil-politiki, l-istrateġiji u l-ippjanar nazzjonali. Prekundizzjoni indispensabbli għall-agrikoltura sostenibbli u l-produzzjoni tal-ikel hija l-protezzjoni tal-art agrikola, kif ukoll l-użu sostenibbli tal-ħamrija, li hija riżorsa finita u fil-prinċipju mhux rinnovabbli.

2.5. Barra minn hekk, numru ta' inizjattivi ([4]) ġew imnedija biex jippromovu l-ġestjoni tal-ħamrija sostenibbli u biex jissensibilizzaw dwar ir-rwol importanti tal-art agrikola għas-sigurtà alimentari u għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

2.6. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni wkoll għal-limiti tal-pjaneta tagħna. Dawn jistgħu jintużaw biex jiġu determinati l-limiti ekoloġiċi li l-individwi ma jistgħux josbqu jekk ma jridux jagħmlu ħsara lill-ambjent.. Jinnota li diġà nqabżu tlieta mid-disa' limiti planetarji (it-tibdil fil-klima, it-telf ta' bijodiversità, iċ-ċiklu tan-nitroġenu) ([5]). Fl-istess ħin, il-Kumitat huwa konxju li l-iżgurar ta' fornimenti globali tal-ikel huwa sfida li l-Ewropa teħtieġ li tieħu b'mod serju bħala parti mir-responsabbiltajiet globali tagħha.

3. **Il-kwistjonijiet prinċipali dwar l-użu tal-art u tal-ħamrija għall-produzzjoni agrikola**

3.1. Id-domanda globali għall-prodotti tal-ikel se tiżdied fid-deċennji li ġejjin. Għaldaqstant, l-art agrikola f'xi reġjuni tad-dinja inevitabbilment ser ikollha tiġi ġestita b'mod aktar intensiv, li jista' jkollu impatt negattiv fuq il-ħamrija u l-ambjent f'sens usa', jekk il-ħamrija ma tinħadimx minn perspettiva ekoloġika. Sabiex tiġi żgurata provvista suffiċjenti tal-ikel, il-produttività taż-żoni agrikoli eżistenti għandha tinżamm u l-fertilità għandha tiġi preservata mil-lat bijoloġiku, kimiku u fiżiku.

3.2. L-Opinjoni tal-KESE dwar "Sistemi tal-ikel aktar sostenibbli" ([6]) tiddeskrivi l-konsegwenzi ta' ġesjoni tal-biedja mhux xierqa fil-produzzjoni tal-ikel: it-telf tal-bijodiversità, id-degradazzjoni tal-ħamrija, it-tniġġis tal-ilma u tal-arja u l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra. Għalhekk għandu jiġi żgurat li dawn ir-riżorsi jintużaw b'mod effiċjenti u sostenibbli sabiex jiġu ssalvagwardjati l-provvisti tal-ikel. Dan għandu jkun parti wkoll minn politika komprensiva tal-provvista tal-ikel, kif stabbilit fl-Opinjoni tal-KESE dwar "Il-kontribut tas-soċjetà ċivili għall-iżvilupp ta' politika komprensiva dwar l-ikel fl-UE".

3.3. It-tibdil fil-klima għandu konsegwenzi wkoll għad-disponibbiltà tar-riżorsi naturali bażiċi – l-ilma u l-ħamrija. Minkejja li ttieħdu numru ta' miżuri kontra t-tibdil fil-klima, il-kontenut tal-karbonju tal-ħamrija qed jonqos sena wara l-oħra, abbażi tad-data dwar il-ħamrija tal-wiċċ. Madankollu, aktar informazzjoni dwar l-aktar saffi fondi tirrifletti t-tendenza b'mod aktar realistiku.

3.4. Fir-rapport tagħha "The European environment – state and outlook 2015" (L-ambjent Ewropew – il-qagħda u l-perspettiva 2015) ([7]), l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) twissi li s-servizzi tal-ekosistema tal-ħamrija – inkluż il-produzzjoni tal-ikel, il-protezzjoni tal-bijodiversità, u l-ħżin tal-karbonju, l-ilma u n-nutrijenti fil-ħamrija – qegħdin dejjem aktar taħt theddida. Skont ir-reġjun, il-problemi prinċipali identifikati fir-rapport huma l-erożjoni tal-ħamrija, it-telf tal-materja organika fil-ħamrija, il-kontaminazzjoni u l-issiġillar tal-ħamrija, kif ukoll l-urbanizzazzjoni, l-abbandun tal-art u l-konsegwenzi ta' produzzjoni agrikola dejjem aktar intensiva fuq il-ħabitats naturali u seminaturali. It-tnaqqis tal-fertilità tal-ħamrija huwa wkoll fost it-theddidiet ġenerali rikonoxxuti għall-ħamrija.

([3]) http://www.un.org/sustainabledevelopment/sustainable-development-goals/
([4]) Dawn l-inizjattivi jinkludu, pereżempju, id-Deċennju Internazzjonali tal-Ħamrija, is-Sħubija Globali Favur il-Ħamrija tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO), l-inizjattiva Franċiża 4 ‰: Ħamrija għas-Sigurtà Alimentari u għall-Protezzjoni tal-Klima, l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "People4Soil" eċċ.
([5]) J. Rockström, et al., 2009, "Planetary Boundaries: Exploring the Safe Operating Space for Humanity, Ecology and Society [Il-limiti tal-pjaneta: nanalizzaw l-ispazju sigur li fih jistgħu joperaw l-umanità, l-ekoloġija u s-soċjetà]", Vol. 14, https://www.consecol.org/vol14/iss2/art32/main.html
([6]) ĠU C 303, 19.8.2016, p. 64.
([7]) https://www.eea.europa.eu/soer.

4. **Il-kwistjoni tal-art agrikola f'diversi oqsma tal-politika tal-UE**

4.1. Ir-rapport imfassal mill-Kummissjoni Ewropea analizza l-miżuri għall-protezzjoni tal-ħamrija tat-28 Stat Membru tal-UE ([8]). L-analiżi identifikat 35 miżura politika tal-UE u 671 miżura politika nazzjonali għall-protezzjoni tal-ħamrija. Il-miżuri tal-UE jinkludu dokumenti ta' strateġija, direttivi, regolamenti u diversi miżuri ta' akkumpanjament. Tliet kwarti mill-miżuri nazzjonali huma primarjament regoli vinkolanti.

4.2. Id-diversità tal-miżuri fl-Istati Membri toffri l-opportunità biex tindirizza l-problemi kumplessi tal-protezzjoni tal-ħamrija filwaqt li fl-istess ħin ittejjeb il-koordinazzjoni. Id-dritt tal-UE parzjalment jipprovdi regoli siewja u stretti dwar il-protezzjoni tal-ħamrija, imma s-sistema għandha xi dgħufijiet. Il-politiki nazzjonali mhumiex biżżejjed biex jagħlqu d-distakki fil-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tal-ħamrija u r-regoli dwar il-protezzjoni tal-ħamrija jvarjaw b'mod sinifikanti minn pajjiż għal ieħor.

4.3. Is-7 Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-UE, fis-seħħ sa mill-bidu tal-2014, jirrikonoxxi d-degradazzjoni tal-ħamrija bħala problema serja u jistabbilixxi l-mira li sal-2020 l-UE jkollha ġestjoni tal-ħamrija sostenibbli u protezzjoni adegwata tal-ħamrija u tagħmel progress dwar ir-riabilitazzjoni tal-art kontaminata. L-UE u l-Istati Membri tagħha impenjaw ruħhom ukoll li jżidu l-miżuri kontra l-erożjoni tal-ħamrija u jtejbu l-materja organika tal-ħamrija.

4.4. Il-miżuri tal-UE li ġejjin, fost l-oħrajn, jistgħu jiġu kkunsidrati bħala rilevanti għall-protezzjoni tal-ħamrija u relattivament effettivi: id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali u d-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà Ambjentali, ir-regoli dwar il-protezzjoni tal-ilma (id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma), id-Direttiva dwar in-Nitrati, is-sistema ta' kundizzjonalità tal-PAK, kif ukoll ir-regoli dwar il-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba. Sabiex tittejjeb is-sitwazzjoni tal-ħamrija, l-implimentazzjon ita' dawn il-miżuri jista' jkollha impatt akbar jekk iċ-ċirkustanzi lokali jiġu kkunsidrati b'mod flessibbli u l-miżuri jiġu kkoordinati aħjar bejniethom.

4.5. Il-kwistjonijiet tal-protezzjoni tal-ħamrija jistgħu jiġu indirizzati wkoll bl-użu ta' diversi tipi ta' appoġġ finanzjarju disponibbli permezz tal-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Life + u l-programm Orizzont 2020.

4.6. Il-pagamenti diretti taħt l-ewwel pilastru tal-PAK, li jkopru madwar 90 % tal-art agrikola utilizzata fl-UE, huma inċentiv ekonomiku importanti għal deċiżjonijiet dwar l-użu u l-ġestjoni tal-art mill-bdiewa. Il-pagamenti diretti huma strettament marbuta maż-żamma tal-art agrikola f'kundizzjoni agrikola u ekoloġika tajba u r-rispett tar-rekwiżiti dwar il-kundizzjonalità u l-ekoloġizzazzjoni skont ir-regolamenti bażiċi tal-PAK. L-Istati Membri għandhom ċertu marġni ta' diskrezzjoni. 30 % tal-pagamenti diretti huma suġġetti għal rekwiżiti ambjentali li għandhom l-għan li jtejbu l-kwalità tal-ħamrija, jipproteġu l-bijodiversità u jippromovu l-iffissar tal-karbonju ([9]). Huwa importanti li jiġi żgurat li l-benefiċċji tal-ekoloġizzazzjoni ma jiġux imxejna minn burokrazija żejda meta tiġi implimentata l-miżura.

4.7. Fi ħdan it-tieni pilastru tal-PAK, il-programmi ta' żvilupp rurali joffru wkoll l-opportunità lill-Istati Membrili biex jimplimentaw il-miżuri tal-UE dwar il-protezzjoni tal-ħamrija, li huma mfassla skont l-ispeċifikazzjonijiet lokali f'kull Stat Membru.

4.8. Il-perspettivi għall-protezzjoni tal-ħamrija, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għall-konsegwenzi tiegħu jistgħu jinkisbu wkoll permezz ta' għadd ta' inizjattivi leġislattivi ppjanati (bħall-Pakkett tal-Klima u l-Enerġija, ir-Regolament dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u l-assorbimenti mill-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF), ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi eċċ.).

4.9. Il-modernizzazzjoni tar-regolament tal-UE dwar il-fertilizzanti – li qed tiġi diskussa f'konnessjoni mal-Pakkett tal-Ekonomija Ċirkolari – li se tiżgura li l-fertilizzanti organiċi u bbażati fuq l-iskart ikunu jistgħu jintużaw b'mod aktar faċli, hija rilevanti ħafna wkoll għal kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-ħamrija. Il-materjal riċiklat li se jintuża bħala emenda jew fertilizzant tal-ħamrija m'għandux, madankollu, ikun fih sustanzi perikolużi (ksenobijotiċi). Għalkemm il-proposta tal-

([8]) L-Inventarju Aġġornat u l-Valutazzjoni tal-Istrumenti tal-Politika dwar il-Protezzjoni tal-Ħamrija fl-Istati Membri tal-UE http://ecologic.eu/14567

([9]) https://ec.europa.eu/agriculture/direct-support/greening_en

Kummissjoni tistabbilixi valuri ta' limitu għall-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi niġġiesa fil-fertilizzant minerali jew organiku, għad hemm bżonn ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi ġodda u nodfa sabiex jiġu prodotti fertilizzanti u emendi tal-ħamrija li jkunu siguri għall-użu tal-art, mingħajr ma tiġi affettwata l-produttività primarja. Fl-Opinjoni tiegħu l-KESE jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni, u jindika li l-fertilità u l-protezzjoni tal-ħamrija huma objettivi ewlenin għar-reviżjoni tar-Regolament ([10]).

5. **Proposti li jippromovu l-użu sostenibbli tal-ħamrija bħala riżorsa essenzjali għall-produzzjoni tal-ikel u t-twettiq ta' servizzi tal-ekosistema fl-Unjoni Ewropea**

5.1. Għall-użu sostenibbli u l-protezzjoni tal-ħamrija agrikola huwa essenzjali li jkun hemm qafas ta' referenza komuni tal-UE biex jimmonitorja l-progress fil-ġbir u l-użu tad-data; dan jista' jintuża wkoll għal terminoloġija komuni, id-definizzjoni ta' kundizzjoni tajba tal-ħamrija, il-prijoritajiet, il-kriterji għall-monitoraġġ b'kunsiderazzjoni tal-kundizzjonijiet differenti tal-ħamrija u tal-klima, u diversi miżuri ta' politika differenti biex tinkiseb kundizzjoni tajba tal-ħamrija. Dan huwa prerekwiżit biex jiġu vvalutati b'mod xieraq il-kundizzjonijiet tal-ħamrija u jittieħdu l-miżuri neċessarji.

5.2. Fl-Istati Membri kollha, it-telf tal-art agrikola minħabba d-degradazzjoni tal-ħamrija, l-abbandun tal-art, it-tibdil fil-klima u l-urbanizzazzjoni hija problema sinifikanti. Qed jisparixxu dejjem aktar żoni agrikoli biex jagħmlu l-wisa' għall-iżvilupp ta' uċuħ artifiċjali. Bejn l-2006 u l-2012, it-teħid tal-art annwali fil-pajjiżi Ewropej kien madwar 107 000 ettaru/sena. It-tipi ta' art li ttieħdu bl-aktar mod frekwenti għal żvilupp artifiċjali kienu l-art li tinħadem u r-raba' permanenti, segwiti mill-mergħat u minn żoni agrikoli mħallta ([11]). Għalhekk il-KESE jipproponi li jiġġedded il-qafas eżistenti tal-UE sabiex jiġu protetti ż-żoni agrikoli u l-fertilità tagħhom fl-Istati Membri, li huma siewja għall-produzzjoni tal-ikel u l-provvista ta' servizzi oħra tal-ekosistema. Għal dan il-għan għandhom jinħolqu aktar possibbiltajiet tekniċi għal monitoraġġ imtejjeb u l-provvista ta' informazzjoni affidabbli.

Il-Politika Agrikola Komuni tal-Unjoni Ewropea

5.3. Bil-ħsieb tal-modernizzazzjoni tal-PAK, il-ġestjoni effiċjenti u sostenibbli tal-art agrikola għandha tiġi żgurata fil-perjodu ta' programmazzjoni finanzjarja li jmiss. L-għan għandu jkun, fost affarijiet oħra, li jkomplu jiġu protetti s-saħħa u l-fertilità tal-art agrikola u l-ħamrija, li huwa essenzjali għaż-żamma u biex ikomplu jissaħħu l-produttività u s-sostenibbiltà tas-settur agrikolu.

5.4. Fil-qafas tal-miżuri tal-ekoloġizzazzjoni tal-ewwel pilastru tal-PAK, għandhom jinstabu soluzzjonijiet aħjar biex itejbu l-kundizzjoni tal-ħamrija. L-ewwel nett għandha tiġi promossa n-newba tal-uċuħ tar-raba' bl-użu ta' speċi leguminużi jew tal-ħaxix. Id-diskussjonijiet dwar l-effikaċja tal-ekoloġizzazzjoni jiffukaw l-aktar fuq il-kwistjoni tal-bijodiversità, imma l-impatt pożittiv tal-kultivazzjoni tal-uċuħ leguminużi fuq il-fertilità tal-ħamrija għandu jingħata aktar piż milli ngħata sa issa ([12]).

5.5. L-agrikoltura ma tipproduċix biss ikel ta' kwalità għolja. Hija responsabbli wkoll għall-bijodiversità u għall-pajsaġġi miftuħa. Għandha wkoll rwol importanti fl-adattament u fil-mitigazzjoni għat-tibdil fil-klima. Il-provvista ta' beni pubbliċi hija primarjament żgurata permezz ta' miżuri għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, li joħolqu valur miżjud u jindirizzaw l-impatt tal-agrikoltura fuq il-ħamrija, l-ilma u l-bijodiversità.

5.6. L-Istati Membri għandhom jitħeġġu u jiġu motivati sabiex, fil-qafas tat-tieni pilastru tal-PAK, jadottaw miżuri għall-protezzjoni tal-ħamrija, li jippermettulhom il-flessibilità massima biex jikkunsidraw iċ-ċirkostanzi lokali, il-kundizzjonijiet differenti (inklużi t-tipi ta' ħamrija) u l-problemi speċifiċi.

5.7. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tagħti attenzjoni akbar lill-proposti speċifiċi li saru mill-Istati Membri biex titjieb il-kwalità tal-ħamrija u l-użu sostenibbli tagħha (pereżempju bil-promozzjoni tat-trattament bil-ġir biex tiġi miġġielda l-aċidifikazzjoni tal-ħamrija, jew tal-irrigazzjoni u tad-drenaġġ biex tiġi miġġielda l-iskarsezza tal-ilma jew il-kontenut żejjed tal-ilma). Meta tiġi mmaniġġjata l-ħamrija organika, l-ebda għażla ta' ġestjoni m'għandha tiġi eskluża, imma għandhom jiġu pprovduti diversi miżuri għall-protezzjoni u l-kura tal-ħamrija.

([10]) Opinjoni tal-KESE dwar il-fertilizzanti, ĠU C 389, 21.10.2016, p. 80.
([11]) https://www.eea.europa.eu/data-and-maps/indicators/land-take-2/assessment-1.
([12]) Ir-rhizobia, batterji li huma attivi fin-noduli tal-għeruq ta' ħafna speċi ta' uċuħ leguminużi (xnien, trew, lupini, piżelli, fażola, eċċ.), huma l-aktar organiżmi importanti involuti fl-iffissar tan-nitroġenu, li huwa ta' importanza kbira għaż-żamma tal-fertilità tal-ħamrija.

5.8. L-investimenti addizzjonali fit-teknoloġiji favur l-ambjent u l-klima għandhom jiġu promossi bil-ħsieb tal-użu sostenibbli tal-art u tal-ħamrija. Għal produzzjoni sostenibbli tal-ikel għandha titħeġġeġ l-agrikoltura bbażata fuq l-għarfien (inkluża l-biedja bi preċiżjoni u l-approċċi agroekoloġiċi) li għandha tiżgura li l-inputs agrikoli jiġu applikati fil-kwantità t-tajba, fil-post it-tajjeb u fil-waqt it-tajjeb. Ta' importanza kbira huwa t-tijib tal-attività bijoloġika permezz tal-introduzzjoni tal-materja organika u l-ksib ta' bilanċ ta' nutrijenti fil-ħamrija – il-fertilizzazzjoni żejda toħloq riskji ambjentali minħabba l-iskular tan-nutrijenti, filwaqt li, min-naħa l-oħra, in-nuqqas ta' nutrijenti jnaqqas il-fertilità tal-ħamrija. Jeħtieġ ukoll li tiġi osservata l-liġi tal-minimu ([13]) peress li fin-nuqqas ta' ċerti nutrijenti (bħall-fosfru) jiżdied ir-riskju tal-iskular ta' nutrijenti oħra.

5.9. It-trobbija tal-bhejjem għandha rwol importanti u spiss kruċjali fl-użu tal-art minħabba ċ-ċiklu tan-nutrijenti, iż-żamma tal-fertilità tal-ħamrija ([14]) u l-assorbiment tal-karbonju. Fl-UE hemm ħafna art agrikola, inkluż il-bwar, li hija adattata biss għall-agrikoltura tal-mergħat jew għall-għelejjel tal-foraġġ, u għaldaqstant f'ċerti reġjuni t-trobbija tal-annimali għandha tkompli tiġi inkoraġġuta sabiex il-bdiewa ma jċedux din l-art. Il-prattika, li hija mifruxa f'xi partijiet tal-UE, taż-żamma tal-bur permanenti permezz tal-ħsad biss ma toffri l-ebda alternattiva għall-agrikoltura tal-mergħat, jew bil-ħsieb tal-produzzjoni tal-ikel jew għall-effiċjenza tar-riżorsi jew il-ħamrija. Għalhekk fil-PAK jeħtieġ li jinstabu miżuri li jiżguraw il-profitabbiltà tat-trobbija tal-bhejjem fid-diversi reġjuni tal-UE, u għandhom jinstabu soluzzjonijiet li jippermettu l-użu attiv u sostenibbli tal-art għall-produzzjoni tal-ikel.

5.10. F'xi reġjuni tal-UE, is-sistemi tad-drenaġġ agrikoli skaduti huma problema ewlenija; għalhekk, fir-rigward tat-tibdil fil-klima u aktar milli sar s'issa, l-investiment fit-tul fl-infrastruttura agrikola, bħall-modernizzazzjoni tas-sistemi tad-drenaġġ, għandu jintuża biex tiġi ppreservata l-art agrikola għall-produzzjoni tal-ikel u għaż-żamma tal-fertilità tal-ħamrija.

L-użu tal-art u s-servizzi tal-ekosistema

5.11. Il-Valutazzjoni tal-Ekosistema għall-Millenju tal-2005 ([15]) tiddefinixxi s-servizzi tal-ekosistema bħala l-prodotti ekoloġiċi, soċjali u ekonomiċi pprovduti mill-ekosistemi lill-bnedmin. Il-formazzjoni tal-ħamrija hija servizz tal-ekosistema u prerekwiżit għas-servizzi l-oħra kollha tal-ekosistema, bħall-produzzjoni tal-ikel. Il-produzzjoni sostenibbli tal-ikel hija għalhekk inkonċepibbli mingħajr il-protezzjoni tal-ħamrija.

5.12. Il-bdiewa għandhom rwol essenzjali fil-provvista ta' servizzi tal-ekosistema, li għandu jiġi rikonoxxut u appoġġjat. Il-ħamrija tipprovdi l-aktar servizzi tal-ekosistema importanti ([16]). Hija s-sors tal-ħajja għall-mikrobi, il-pjanti u l-annimali u riżerva importanti tal-bijodiversità; tiffiltra l-ilma u taħżen l-ilma meħtieġ għat-tkabbir tal-pjanti, tirregola l-għargħar, taħżen in-nutrijenti u tagħmilhom disponibbli għall-pjanti; hija kapaċi wkoll tittrasforma t-tossini. Il-ħamrija hija l-bażi tal-parti ewlenija tal-produzzjoni tal-ikel globali u hija meħtieġa għall-produzzjoni tal-bijomassa. Il-ħamrija taħżen il-karbonju u għalhekk tista' tikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

5.13. Għandha tingħata aktar attenzjoni għall-użu tal-art, li jinfluwenza l-funzjonament tal-ekosistemi u għalhekk it-twettiq tas-servizzi tal-ekosistema. Id-degradazzjoni tal-ħamrija, l-użu insostenibbli tal-art u l-frammentazzjoni tal-ħabitats minħabba l-urbanizzazzjoni u l-kostruzzjoni tad-djar u t-toroq qed jipperikolaw il-provvista ta' bosta servizzi tal-ekosistema ewlenin, jheddu l-bijodiversità u jnaqqsu r-reżiljenza tal-Ewropa għat-tibdil fil-klima u d-diżastri naturali. Qegħdin ukoll jiggravaw id-degradazzjoni tal-ħamrija u d-deżertifikazzjoni ([17]). Sabiex jiġu indirizzati dawn il-problemi, il-prinċipji stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea fil-Guidelines on best practice to limit, mitigate or compensate soil sealing [Linji Gwida dwar Prttiki Tajba għal-limitazzjoni, il-mitigazzjoni u l-kumpens tal-issiġillar tal-ħamrija] għandhom jiġu kkunsidrati aktar ([18]).

(13) https://en.wikipedia.org/wiki/Liebig%27s_law_of_the_minimum
(14) Opinjoni tal-KESE dwar "Sistemi tal-ikel aktar sostenibbli", ĠU C 303, 19.8.2016, p. 64.
(15) http://www.millenniumassessment.org/en/index.html
(16) http://www.iuss.org/index.php?article_id=588
(17) https://www.eea.europa.eu/soer-2015/synthesis/report/3-naturalcapital
(18) http://ec.europa.eu/environment/soil/pdf/guidelines/en%20-%20Sealing%20Guidelines.pdf

5.14. Il-funzjonijiet u s-servizzi tal-ekosistemi tal-ħamrija huma suġġetti li rari jiġu koperti mil-leġislazzjoni, peress li m'hemmx suq għal dawn is-servizzi u mhumiex rikonoxxuti biżżejjed mis-soċjetà. Pereżempju fir-Regolament bażiku tal-PAK dwar il-pagamenti diretti, isiru xi referenzi għall-kwalità tal-ħamrija, iżda ma ssir l-ebda indikazzjoni għall-bijodiversità tal-ħamrija u s-sinerġiji tagħha mal-produttività primarja. Barra mill-proprjetajiet fiżiċi u kimiċi tal-ħamrija, il-funzjonijiet ewlenin tal-ħamrija jiddependu mill-kundizzjoni tal-mikroorganiżmi u l-fauna fil-ħamrija, kif ukoll fuq il-proċessi bijoloġiċi inkluż l-iffissar tan-nitroġenu, is-sekwestru tal-karbonju, il-filtrazzjoni tal-ilma, u l-abbiltà ta' prevenzjoni tat-tnixxija tan-nutrijenti. Minbarra l-karatteristiċi tal-ħamrija, is-saħħa tal-għelejjel hija importanti wkoll biex il-potenzjal tal-ħamrija jkun jista' jintuża bis-sħiħ għall-produzzjoni tal-ikel u s-sekwestru tal-karbonju.

5.15. Fl-Opinjoni tal-KESE dwar Tfassil mill-ġdid possibbli tal-PAK ([19]), il-KESE stqarr li l-miżuri ambjentali, dwar it-tibdil fil-klima u tal-bijodiversità skont il-Pilastru 2 tal-PAK jistgħu jiġu mmirati aktar milli ġew sa issa lejn it-twettiq ta' servizzi tal-ekosistema msaħħa mill-bdiewa. Fir-rigward tal-ħamrija u l-użu tal-art, il-miżuri ta' appoġġ għandhom primarjament ikunu ffukati fuq il-ġestjoni tal-bwar u tal-ħamrija organika b'tali mod li jiġi promoss is-sekwestru tal-karbonju fil-ħamrija. Fl-interess ttal-ħamrija, il-ħart tal-wiċċ għandu jitnaqqas kemm jista' jkun. Madankollu, jinħtieġ ċertu grad ta' ħart tal-wiċċ minħabba l-arrikkament tan-nutrijenti ta' uċuħ tar-raba' mhux maħduma sabiex jiġu introdotti n-nutrijenti fiż-żona tal-għeruq u jitnaqqas ir-riskju tat-tnixxija tan-nutrijenti. Il-kompressjoni tal-ħamrija tnaqqas il-kapaċità tal-ħamrija biex tipprevjeni t-telf ta' nutrijenti.

5.16. F'xi reġjuni tal-UE, għandhom jiġu promossi l-konverżjoni tal-art li tinħadem f'bur, it-tnaqqis tad-densità ta' bhejjem fuq il-bur, filwaqt li tiġi rispettata densità ta' bhejjem minima, iż-żamma ta' torbiera umda tal-wiċċ u miżuri li jillimitaw l-erożjoni tal-ħamrija u jnaqqsu d-deżertifikazzjoni f'żoni nexfin.

5.17. F'xi reġjuni, l-isfidi ewlenin li tiffaċċja l-agrikoltura huma ż-żamma tal-bijodiversità fuq l-art agrikola, aktar promozzjoni tal-prattiki tal-biedja sostenibbli u ż-żieda fl-effiċjenza tal-produzzjoni mingħajr ma tiġi intensifikata aktar il-biedja. Reġjuni oħra huma ffaċċjati bil-kompitu ewlieni tat-tnaqqis fil-pressjoni fuq l-użu tal-art, il-ħamrija u l-ekosistemi naturali. Fir-reġjuni tan-Nofsinhar, l-iskarsezza tal-ilma hija wkoll sfida ewlenija.

5.18. Dawn l-aspetti tal-produzzjoni agrikola, li huma importanti ħafna għall-ekosistema, għandhom jitqiesu fit-tfassil u r-riforma tal-Politika Agrikola Komuni u oqsma oħra ta' politika.

Il-ħamrija u t-tibdil fil-klima

5.19. Billi l-ħamrija hija l-akbar riżerva ta' karbonju terrestri fid-dinja ([20]), għandha parti importanti fit-trattament tat-tibdil fil-klima u fis-sekwestru tal-karbonju. Fil-qafas internazzjonali tal-protezzjoni tal-klima, il-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija hija assenjata rwol ewlieni fl-istabbilizzar u fiż-żieda tal-kontenut tal-materjali organiċi li jgħinu biex jippreservaw il-funzjonijiet tal-ħamrija u jipprevjenu d-degradazzjoni tal-ħamrija. Skont il-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima (COP 21), l-inizjattivi eżistenti u ġodda għandhom jiġu promossi biex iċ-ċiklu tal-karbonju tal-ħamrija jinżamm f'bilanċ, b'mod li ma jheddidx il-produzzjoni tal-ikel, kif iddikjarat fl-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima.

5.20. Skont il-Prinċipju 9 tal-World Soil Charter (Karta dwar il-Ħamrija Dinjija) ([21]) tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO), il-ħamrija kollha tipprovdi servizzi tal-ekosistema essenzjali għar-regolazzjoni tal-klima globali. Sabiex jiżdied il-kontenut tal-karbonju tal-ħamrija, il-KESE jipproponi li l-prinċipji tal-Linji Gwida Volontarji għall-Ġestjoni tal-Ħamrija Sostenibbli ([22]) adottati fl-2016 mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) jiġu inkorporati fil-miżuri politiċi tal-UE. Għandu jingħata appoġġ, fost l-oħrajn, lill-produzzjoni tal-bijomassa billi jittejjeb l-aċċess għall-ilma (eż. bil-kostruzzjoni ta' sistemi ta' irrigazzjoni b'kunsiderazzjoni tal-kundizzjonijiet ambjentali lokali), jitnaqqas il-ħdim tar-raba' għall-minimu, l-agrikoltura tal-mergħat, il-produzzjoni integrata, il-bini ekoloġiku, in-newba tal-uċuħ tar-raba', il-kultivazzjoni ta' uċuħ leguminużi, l-irkupru tal-iskart organiku, il-kompostjar u l-ħolqien ta' kopertura ta' pjanti għax-xitwa għall-għelieqi. Il-ħamrija b'livell għoli ta' karbonju u l-bwar għandhom jiġu mmaniġġjati b'mod sostenibbli.

5.21. L-inizjattivi ewlenin dwar it-tibdil fil-klima jeħtieġ li jkunu appoġġjati fil-livell Ewropew. M'għandux jintnesa, madankollu, li s-sitwazzjoni tal-ħamrija tvarja bil-kbir bejn l-Istati Membri, u għaldaqstant id-differenzi reġjonali għandhom jitqiesu fil-kuntest tal-miżuri eżistenti u ġodda.

([19]) ĠU C 288, 31.08.2017, p.10.
([20]) Hemm darbtejn aktar karbonju fil-ħamrija milli hemm fl-atmosfera, u tliet darbiet aktar milli hemm fil-flora matul l-istaġun tat-tkabbir.
([21]) http://www.fao.org/soils-2015/news/news-detail/en/c/293552/
([22]) http://www.fao.org/documents/card/en/c/5544358d-f11f-4e9f-90ef-a37c3bf52db7/

Disponibbiltà ta' data relatata mal-ħamrija u l-użu tagħha

5.22. Għandu jsir aktar użu mid-data dwar il-ħamrija fit-tfassil tal-politika u fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-użu tal-art sabiex jiġu implimentati politiki bbażati fuq il-fatti u għall-finijiet tal-ippjanar tal-użu tal-art fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali. L-iskambju tad-data għandu jiġi kkoordinat filwaqt li tiġi rrispettata s-sjieda tad-data fi ħdan qafas regolatorju miftiehem.

5.23. Fl-istess ħin, jeħtieġ li jittejbu l-kwalità u d-disponibbiltà tad-data dwar il-ħamrija, b'mod speċjali f'oqsma fejn sa issa għadha ma twettqitx biżżejjed riċerka (pereżempju data dwar il-karbonju fil-ħamrija). Biex tittejjeb id-disponibbiltà tad-data jinħtieġu għanijiet ċari fuq perjodu qasir u twil ta' żmien.

5.24. Sabiex jittejjeb l-aċċess għad-data dwar il-ħamrija u biex jiġi promoss l-użu tagħha, il-mapep tal-ħamrija għandhom jiġu aġġornati u r-rekwiżiti minimi li għandhom jikkonformaw magħhom l-Istati Membri fir-rigward tal-iskala spazjali tal-mapep tal-ħamrija għandhom ikomplu jiżdiedu. Madankollu, għandhom jitqiesu l-isfidi tal-immappjar tal-ħamrija f'xi reġjuni tal-Unjoni Ewropea.

5.25. Il-monitoraġġ armonizzat u kontinwu tal-ħamrija għandu jiġi miftiehem fil-livell tal-UE, flimkien ma' numru limitat ta' indikaturi relatati mat-tibdil fl-istatus tal-ħamrija u mal-effikaċja tal-miżuri għall-protezzjoni tal-ħamrija.

5.26. Il-bdiewa jkollhom jieħdu deċiżjonijiet kumplessi dwar l-ippjanar tal-produzzjoni tagħhom fuq bażi ta' kuljum. Wieħed ma jistax jaħseb fil-biedja ta' preċiżjoni favur ir-riżorsi, il-ħamrija u l-ambjent mingħajr l-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni. L-użu ta' soluzzjonijiet diġitali mill-bdiewa hija prekundizzjoni għal dan, bl-għażliet u bil-flessibilità skont il-kundizzjonijiet rispettivi tal-ħamrija u tal-klima.

5.27. Il-potenzjal tal-biedja ta' preċiżjoni jista' jiġi realizzat permezz tal-integrazzjoni tad-data dwar il-ħamrija, il-fertilizzant, il-pestiċida, it-temp u l-produzzjoni, li teħtieġ, fost l-oħrajn, aċċess aħjar għad-data li tinsab fil-bażijiet tad-data nazzjonali, aktar mobbiltà u aktar faċilità biex tintuża mill-utent. Għandhom jiġu promossi soluzzjonijiet li jippermettu lill-bdiewa jkollhom aċċess għall-big data maħżuna fil-bażijiet tad-data nazzjonali matul il-ħidma tagħhom ta' kuljum, bl-użu ta' soluzzjonijiet tas-softwer minn fornituri pubbliċi jew privati, anke b'kooperazzjoni ma' servizzi ta' konsulenza. Il-fornituri tas-softwer għandhom, pereżempju, bil-kunsens ta' dawk affettwati, jingħataw aċċess aktar faċli għall-aktar data preċiża possibbli dwar il-ħamrija agrikola u kampjuni tal-ħamrija. Il-bdiewa għandhom iżommu s-sjieda tad-data li jipproduċu.

Żvilupp tal-bażi tal-għarfien u applikazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni

5.28. Ix-xjenza għandha rwol importanti fil-ħolqien ta' għarfien ġdid, fid-disseminazzjoni tal-innovazzjonijiet, fl-iżvilupp ta' teknoloġiji u fl-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għall-użu sostenibbli tal-art u tal-ħamrija. Il-KESE jaqbel mar-rakkomandazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Vjenna dwar il-Ħamrija ([23]) li "r-relazzjoni bejn l-attivitajiet tal-bniedem u l-ħamrija u l-effetti tagħhom fuq komponenti oħra tal-ambjent għandhom ikunu l-fokus ewlieni tax-xjenza tal-ħamrija". Il-kollaborazzjoni bejn ix-xjenza tal-ħamrija u x-xjenzi alleati hija importanti wkoll.

5.29. Inħolqu opportunitajiet ta' finanzjament relattivament tajbin għar-riċerka dwar il-ħamrija u l-produzzjoni tal-ikel fil-qafas tal-programm tal-UE Orizzont 2020, li għandhom jinżammu meta jitħejja d-9 Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni.

5.30. Għandha titqiegħed enfasi partikolari fuq it-trasferiment tar-riżultati tar-riċerka u l-iżvilupp lejn il-kumpaniji, li jiżguraw li l-art u l-ħamrija jintużaw għall-produzzjoni sostenibbli tal-ikel. Il-KESE jistieden lix-xjenzjati, lill-bdiewa, lill-konsulenti u lil partijiet ikkonċernati oħra jiżviluppaw kooperazzjoni f'dan il-qasam, billi jieħdu vantaġġ mill-possibbiltajiet offruti mis-Shubija Ewropea għall-Innovazzjoni (EIP-AGRI).

([23]) http://www.iuss.org/index.php?article_id=588

5.31. L-agrikoltura qed tagħmel użu dejjem akbar minn diversi bijostimulanti biex ittejjeb l-istruttura tal-ħamrija, l-effiċjenza nutrizzjonali tal-pjanti u l-provvista tal-ilma sabiex jitjiebu r-rendimenti u l-kwalità tal-uċuħ. Billi kull ħamrija hija unika u l-kompożizzjoni tagħha qed tinbidel b'mod kostanti, l-impatt tal-użu tal-bijostimulanti fuq il-bilanċ bijoloġiku tal-ħamrija mhuwiex riċerkat biżżejjed, u għandhom jitwettqu studji aktar indipendenti f'dan il-qasam.

Sensibilizzazzjoni

5.32. Sabiex ikun hemm sensibilizzazzjoni fost il-bdiewa, fost dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet politiċi u l-partijiet ikkonċernati oħra dwar l-importanza tal-ħamrija agrikola għall-produzzjoni sostenibbli tal-ikel u l-provvista ta' servizzi tal-ekosistema, jinħtieġ dibattitu wiesa', li jinvolvi firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, dwar il-qagħda tal-ħamrija u l-opportunitajiet għall-protezzjoni tal-ħamrija. Aktar sensibilizzazzjoni tgħin biex tiżgura li jiġi investit aktar fl-użu sostenibbli tal-ħamrija u fir-riċerka.

5.33. Is-sensibilizzazzjoni dwar ir-rwol tal-ħamrija għandha tiżdied fil-livelli kollha tas-sistema edukattiva, b'opportunitajiet li tingħabar l-esperjenza prattika. Meta jkunu qed jiġu trattati kwistjonijiet relatati mal-użu tal-art u l-protezzjoni tal-ħamrija għandhom jintużaw metodi ta' tagħlim moderni.

5.34. Il-miżuri li jissensibilizzaw lill-bdiewa dwar kompożizzjonijiet differenti tal-ħamrija, prattiki tal-biedja tajba, l-importanza tan-newba tal-uċuħ tar-raba', il-fertilizzanti eċċ. għandhom rwol partikolarment importanti. Il-parteċipazzjoni u l-involviment tas-servizzi konsultattivi huma kruċjali.

Brussell, it-18 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE"

(Eżami mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri)

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(2018/C 081/11)

Relaturi: **Bernd DITTMANN**; **Denis MEYNENT**; **Ronny LANNOO**

Deċiżjoni tal-Bureau	30.5.2017
Bażi legali	Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-KESE
Adottata fil-plenarja	18.10.2017
Sessjoni plenarja Nru	529
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	176/0/1

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Sabiex tiġi stabbilita leġislazzjoni adatta li tagħmel possibbli li jintlaħqu l-għanijiet tal-Artikolu 3 tat-TUE, il-KESE jfakkar fl-importanza tal-prinċipju tal-implimentazzjoni kif imiss u f'waqtha; il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità; il-prinċipji tal-prekawzjoni u tal-prevedibbiltà; il-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir"; u l-prinċipji tad-dimensjoni esterna tal-kompetittività u tat-test tas-suq intern.

1.2. L-għan tal-leġislazzjoni Ewropea għandu dejjem ikun li jinħoloq qafas legali li jippermetti lin-negozji u liċ-ċittadini jgawdu l-vantaġġi tas-suq intern u li jevitaw piżijiet amministrattivi bla bżonn. Huwa għalhekk li l-KESE jemmen li l-monitoraġġ tal-applikazzjoni fil-post huwa essenzjali. Huwa wkoll favur leġislazzjoni li tista' tiġi adattata. Huwa jinnota li mhuwiex biss il-kontenut tal-leġislazzjoni iżda l-proċess leġislattiv ukoll li għandhom ikunu jistgħu jiġu adattati biex jikkorrispondu mal-ħtiġijiet tan-negozji u taċ-ċittadini.

1.3. Għal din ir-raġuni, huwa tal-fehma li l-applikabbiltà tal-liġi tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi kkunsidrata sa mill-bidu ta' dan iċ-ċiklu leġislattiv, fil-mument tal-valutazzjonijiet tal-impatt, u li l-ekosistema Ewropea f'dan il-qasam għandha tkompli tiġi żviluppata.

1.4. Madankollu, il-KESE jenfasizza li t-titjib tar-regolamentazzjoni ma jiħux post id-deċiżjonijiet politiċi u m'għandu fl-ebda każ iwassal għal deregolamentazzjoni u lanqas ikollu l-effett li jnaqqas il-livell tal-protezzjoni soċjali, il-protezzjoni tal-ambjent u d-drittijiet fundamentali.

1.5. Il-biċċa l-kbira tad-diffikultajiet marbutin mal-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni Ewropea tiġi min-nuqqas ta' traspożizzjoni tad-direttivi. Għalhekk, il-KESE ġeneralment jirrakkomanda l-użu ta' regolamenti aktar milli direttivi fl-Opinjonijiet tiegħu.

1.6. Il-KESE huwa tal-fehma li t-titjib tal-mod li bih il-Kummissjoni tikkonsulta mal-partijiet interessati huwa kruċjali fl-iżvilupp ta' leġislazzjoni li tkun faċli biex tiġi implimentata mill-Istati Membri u l-partijiet interessati.

1.7. F'dan il-kuntest, il-KESE jemmen li jista' jaqdi rwol siewi bħala intermedjarju bejn il-leġislaturi u l-utenti tal-leġislazzjoni tal-UE. Min-naħa tiegħu, il-KESE jaġġusta kontinwament il-metodi ta' ħidma tiegħu. Għaldaqstant, dan l-aħħar iddeċieda li jieħu sehem attiv fil-valutazzjoni taċ-ċiklu leġislattiv bili jwettaq valutazzjonijiet ex-post tal-acquis tal-Unjoni.

2. **Introduzzjoni**

2.1. Fl-21 ta' Diċembru 2016, is-Sur Pietro Russo, Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), informa b'ittra lill-Viċi President tal-KESE, is-Sur Michael Smyth, li ser jiġu stabbiliti kuntatti fil-livell amministrattiv dwar analiżi panoramika mnedija mill-QEA dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE li jsir mill-Kummissjoni Ewropea, b'konformità mal-obbligi tagħha. L-eżami mitlub mill-Qorti jissejjes fuq l-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) li jipprevedi

li l-"Kummissjoni Ewropea għandha tippromwovi l-interess ġenerali tal-Unjoni u tieħu l-inizjattivi xierqa għal dan il-għan. Hija għandha tissorvelja l-applikazzjoni tat-Trattati kif ukoll tal-miżuri adottati mill-Istituzzjonijiet skont dawn it-Trattati. Hija għandha tissorvelja l-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni taħt il-kontroll tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea […]".

2.2. Fit-3 ta' Mejju 2017, is-Sur Leo Brincat, Membru tal-Qorti, ressaq quddiem is-Segretarju Ġenerali tal-KESE dokument bi tliet settijiet ta' mistoqsijiet.

2.3. Fid-dawl tal-importanza politika tad-dossier, is-Segretarju Ġenerali tal-KESE għarraf bih lill-Bureau, li ddeċieda li jwaqqaf grupp ad hoc magħmul minn tliet membri, inkarigat mit-tfassil ta' risposta fil-forma ta' Opinjoni fuq inizjattiva proprja abbażi tal-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-KESE. Il-QEA għandha tirċievi l-kontribut tal-KESE sabiex dan jiġi integrat fir-rapport tagħha, previst għal Mejju 2018.

2.4. Essenzjalment, il-Qorti tixtieq tisma' lill-KESE dwar il-kwistjoni ta' jekk l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni Ewropea biex tinforza l-liġi tal-UE jissodisfawx il-preokkupazzjonijiet taċ-ċittadini Ewropej. Il-Qorti tixtieq tkun taf dwar l-aspetti speċifiċi tal-monitoraġġ tal-applikazjoni tal-leġislazzjoni li jiġbdu l-attenzjoni tal-KESE b'mod partikolari.

3. Il-mistoqsijiet tal-Qorti

3.1. Il-QEA fasslet tliet settijiet ta' mistoqsijiet bil-għan li tkun taf il-pożizzjoni tal-KESE f'dak li jirrigwarda:

a. l-**inizjattivi ewlenin** imnedija mill-Kummissjoni bil-għan li l-liġi tal-UE tiġi applikata aħjar ("Tfassil Aħjar tal-Liġijiet" u "Id-dritt tal-UE: Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar"), b'mod partikolari fir-rigward tar-rilevanza tagħhom, ir-reazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-ewwel effetti pożittivi potenzjali tagħhom);

b. it-**temi ewlenin** marbuta ma' applikazzjoni aħjar tal-liġi tal-UE, b'mod partikolari dwar l-applikabbiltà, it-trasparenza u s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar il-liġi tal-UE;

c. ir-**responsabbiltajiet ewlenin** tal-Kummissjoni fir-rigward tal-applikazzjoni aħjar tal-liġi tal-UE, b'mod partikolari l-użu li jagħmel il-KESE mill-informazzjoni u r-rapporti prodotti mill-Kummissjoni ([1]), il-punti u s-suġġerimenti tal-KESE dwar kif jista' jittejjeb it-tfassil tar-rapporti dwar l-applikazzjoni tal-liġi.

3.2. It-tweġibiet ta' din l-Opinjoni, li bl-ebda mod ma tippretendi li hi eżawrjenti, huma bbażati fuq pożizzjonijiet espressi f'bosta Opinjonijiet tal-KESE ([2]).

4. Kummenti ġenerali

4.1. L-għanijiet tal-Unjoni huma stabbiliti fl-Artikolu 3 tat-TUE. B'mod partikolari: "Hija għandha taħdem għall-iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa mibni fuq tkabbir ekonomiku bilanċjat u stabbiltà tal-prezzijiet, ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna, intiża li twassal għal livell massimu ta' mpjieg u progress soċjali, u livell għoli ta' protezzjoni u ta' titjib tal-kwalità tal-ambjent. […] Hija għandha tippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri."

4.2. F'dan il-kuntest, il-KESE jfakkar fl-importanza tal-prinċipji diġà definiti biex tiġi stabbilita leġislazzjoni adatta sabiex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija hawn fuq. Dawn jinkludu, fost l-oħrajn, il-prinċipju tal-implimentazzjoni kif imiss u f'waqtha, il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, il-prinċipju tal-prekawzjoni, tal-prevedibbiltà, ta' "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir", tad-dimensjoni esterna tal-kompetittività u tat-test tas-suq intern ([3]).

([1]) Arar r-Rapport mill-Kummissjoni dwar "Il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni Ewropea – Rapport Annwali tal-2015" [COM(2016) 463 final].

([2]) ĠU C 132, 3.5.2011, p. 47; ĠU C 18, 19.1.2011, p. 100; ĠU C 277, 17.11.2009, p. 6; ĠU C 248, 25.8.2011, p. 87; ĠU C 24, 31.1.2006, p. 52 (INT/262) (mhux disponibbli bil-Malti); ĠU C 325, 30.12.2006, p. 3 (INT/311) (mhux disponibbli bil-Malti); ĠU C 43, 15.2.2012, p. 14; ĠU C 230, 14.7.2015, p. 66; ĠU C 383, 17.11.2015, p. 57; ĠU C 13, 15.1.2016, p. 192; ĠU C 303, 19.8.2016, p. 45; ĠU C 487, 28.12.2016, p. 51.

([3]) ĠU C 487, 28.12.2016, p. 51 (punt 2.14).

5. **Kummenti speċifiċi**

5.1. **Dwar l-inizjattivi ewlenin imnedija mill-Kummissjoni bil-għan li l-liġi tal-UE tiġi applikata aħjar** ("Tfassil aħjar tal-liġijiet" ([4]) u "Id-dritt tal-UE: Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar" ([5]))

5.1.1. Il-kwistjoni tat-"Tfassil aħjar tal-liġijiet" ilha żmien twil tokkupa lill-KESE, li ddedika għaliha għadd kbir ta' Opinjonijiet u rapporti ta' informazzjoni ([6]), kif ukoll bosta dibattiti, seminars, studji u seduti ([7]).

5.1.2. Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-prinċipji tal-programm "Tfassil aħjar tal-liġijiet", il-KESE huwa tal-fehma li r-regolamentazzjoni fiha nnifisha mhijiex ostaklu u li, għall-kuntrarju, hija essenzjali sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fit-Trattat. Il-Kumitat, għalhekk, jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Viċi President Timmermans fakkar kemm-il darba li l-programm REFIT ma setax iwassal għal deregolamentazzjoni tal-acquis tal-UE u lanqas ikollu l-effett li jnaqqas il-livell tal-protezzjoni soċjali, il-protezzjoni tal-ambjent u tad-drittijiet fundamentali ([8]).

5.1.3. Il-KESE huwa tal-fehma li t-tijib tar-regolamentazzjoni aħjar u intelliġenti hija kompitu komuni għall-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri kollha għall-benefiċċju taċ-ċittadini, in-negozji, il-konsumaturi u l-ħaddiema. Madankollu, il-KESE jenfasizza li t-titjib tar-regolamentazzjoni ma jiħux post id-deċiżjonijiet politiċi.

5.1.4. B'hekk, fl-Opinjoni tiegħu dwar il-Komunikazzjoni "Regolamentazzjoni aħjar għal riżultati aħjar – Aġenda tal-UE", il-KESE ([9]):

— laqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-miżuri marbutin mar-regolamentazzjoni aħjar ser ikopru ċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ ta' att legali u li ser jiġu koperti kemm il-miżuri ex-ante kif ukoll dawk ex-post;

— talab l-inklużjoni tal-korpi konsultattivi tal-UE fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar tfassil aħjar tal-liġijiet;

— kien favur involviment komprensiv tal-partijiet interessati permezz ta' konsultazzjonijiet matul iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ ta' inizjattiva politika;

— enfasizza l-ħtieġa li jintgħażlu l-partijiet interessati adatti u talab għall-indipendenza, l-imparzjalità u t-trasparenza fl-għażla tal-esperti għall-korpi differenti;

— talab għal iżjed trasparenza fir-rigward tat-trilogi informali u argumenta favur l-użu limitat ta' dan l-istrument;

— talab li l-Kummissjoni tiffoka iżjed fuq in-nuqqasijiet fit-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE fl-Istati Membri u rrakkomanda, għalhekk, li jintużaw ir-regolamenti pjuttost milli d-direttivi.

5.1.5. Min-naħa l-oħra, meta aċċetta l-istedina indirizzata lilu mill-Kummissjoni biex jieħu sehem fil-Pjattaforma REFIT u meta żviluppa proposti bil-għan li jittejjeb il-funzjonament ta' din il-pjattaforma ([10]), il-KESE ta xhieda tal-impenn tiegħu favur qafas legali tal-UE li jippermetti lin-negozji u liċ-ċittadini jgawdu l-vantaġġi tas-suq intern u li jevitaw piżijiet amministrattivi bla bżonn.

5.1.6. Fil-qafas tal-parteċipazzjoni tiegħu fil-grupp ta' riflessjoni tal-partijiet ikkonċernati tal-pjattaforma REFIT, il-KESE kkontribwixxa b'mod attiv fit-tfassil ta' għadd ta' Opinjonijiet tal-pjattaforma, li kkontribwixxew għall-programm ta' ħidma annwali tal-Kummissjoni u ser ikomplu jagħmlu dan fil-ġejjieni. Il-prijoritajiet tal-KESE ġew stabbiliti fuq il-bażi tal-elementi pprovduti mis-sezzjonijiet tiegħu u kienu jinkludu, fost l-oħrajn, proposta ta' semplifikazzjoni fir-rigward tal-problemi ta' duplikazzjoni u rekwiżiti ripetittivi li jirriżultaw minn atti legali differenti tal-Unjoni, kif ukoll il-bżonn ta' standards

([4]) COM(2016) 615 final.
([5]) ĠU C 18, 19.1.2017, p. 10.
([6]) Ara l-Opinjonijiet "Regolamentazzjoni aħjar għal riżultati aħjar – Aġenda tal-UE" (relatur: is-Sur Dittmann, ĠU C 13, 15.1.2016, p. 192); "Il-valutazzjoni tal-konsultazzjoni tal-partijiet interessati mill-Kummissjoni Ewropea" (relatur: is-Sur Lannoo, ĠU C 383, 17.11.2015, p. 57); "REFIT" (relatur: is-Sur Meynent, ĠU C 303, 19.8.2016, p. 45); "Regolamentazzjoni aħjar: atti ta' implimentazzjoni u atti ddelegati" (rapport ta' informazzjoni li ma ġiex ippubblikat fil-ĠU, relatur: is-Sur Pegado Liz).
([7]) Nistgħu nsemmu bħala eżempju l-Jum Ewropew tal-Konsumatur 2016 dwar it-tema "It-tfassil aħjar tal-liġijiet għall-konsumaturi?", id-dibattitu mal-Viċi President Frans Timmermans fis-sessjoni plenarja tat-18 ta' Marzu 2017, l-istudju "L-implimentazzjoni tal-għan ta' 'Tfassil aħjar tal-liġijiet'– L-effett tar-rapport Stoiber" u l-edizzjoni tal-2015 tal-Ġranet tas-Soċjetà Ċivili dwar it-tema "Id-djalogu ċivili: għodda għal leġislazzjoni aħjar fl-interess ġenerali".
([8]) ĠU C 303, 19.8.2016, p. 45 (punt 2.2).
([9]) ĠU C 13, 15.1.2016, p. 192.
([10]) ĠU C 303, 19.8.2016, p. 45 (punt 2.12.1).

Ewropej ċari u kompleti għall-prodotti tal-bini (ir-Regolament dwar il-Prodotti tal-Bini). Il-Kumitat kkontribwixxa wkoll għall-iżvilupp ta' lista komprensiva ta' suġġerimenti dwar kif jistgħu jittejbu l-mekkaniżmi ta' konsultazzjoni tal-partijiet interessati mill-Kummissjoni Ewropea, li ser jgħin fir-rieżami li għaddej bħalissa tal-linji gwida u tas-sett ta' għodod għal tfassil aħjar tal-liġijiet.

5.2. **Dwar it-temi ewlenin marbuta ma' applikazzjoni aħjar tal-liġi tal-UE** (l-applikabbiltà tal-leġislazzjoni, it-trasparenza u s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku)

5.2.1. **Applikabbiltà**

5.2.1.1. Il-KESE kontinwament jadatta l-metodi ta' ħidma tiegħu bil-għan li jikkontribwixxi biex tiġi vvalutata l-kwalità tal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE. Inqas minn sentejn ilu ddeċieda li jieħu sehem attiv fil-valutazzjoni taċ-ċiklu leġislattiv bili jwettaq valutazzjonijiet ex-post tal-acquis tal-Unjoni.

5.2.1.2. Il-KESE ([11]) huwa tal-fehma li l-applikabbiltà tal-liġi tal-UE għandha tiġi kkunsidrata sa mill-bidu ta' dan iċ-ċiklu leġislattiv, fil-mument tal-valutazzjonijiet tal-impatt. Minkejja l-progress li diġà sar, l-ekosistema Ewropea fil-qasam tal-valutazzjoni tal-impatt (VI) għad trid tiġi żviluppata iżjed. Il-KESE jipproponi numru ta' possibbiltajiet ta' titjib biex tissaħħaħ il-kwalità tal-VI, fosthom speċifikazzjonijiet għal studji fil-qasam tal-VI li jkunu trasparenti, aċċessibbli u pluralisti, l-estensjoni tar-reġistru Ewropew tal-VI, il-ħtieġa ta' approċċ kwalitattiv u approċċ metodoloġiku konverġenti fil-livell tal-matriċi ta' riċerka tal-VI bejn l-istituzzjonijiet Ewropej differenti. Il-KESE għandu wkoll, fil-futur, janalizza ċerti studji tal-impatt (dawk li jikkonċernaw temi fejn l-istituzzjoni għandha pożizzjoni b'saħħitha), jeżamina mill-ġdid l-aspetti metodoloġiċi u jagħti fehmtu dwar il-possibbiltà li jiġu kkunsidrati d-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali, ambjentali jew territorjali fl-aktar stadju avvanzat taċ-ċiklu leġislattiv. Din il-ħidma għandha wkoll tiffaċilita l-iżvilupp ta' kwalunkwe Opinjoni konsultattiva tal-KESE relatata mal-abbozzi ta' leġislazzjoni mħejjija minn dawn l-istess valutazzjonijiet tal-impatt.

5.2.1.3. Fil-fehma tal-KESE ([12]), l-għan tal-leġislazzjoni Ewropea għandu dejjem ikun li jinħoloq qafas legali li jippermetti lin-negozji u liċ-ċittadini jgawdu l-vantaġġi tas-suq intern u li jevitaw piżijiet amministrattivi bla bżonn. Għalhekk, il-KESE jemmen li l-monitoraġġ tal-applikazzjoni fil-post huwa essenzjali. Huwa wkoll favur leġislazzjoni li tista' tiġi adattata.

5.2.1.4. Il-leġislazzjoni Ewropea għandha tkun soda dwar l-objettivi tagħha, dejjem konformi mal-objettivi mħaddna fit-trattat u flessibbli fil-qafas tat-traspożizzjoni tagħha fil-liġi nazzjonali ([13]). F'dan il-kuntest, il-KESE huwa favur li ssir kjarifika tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

5.2.1.5. Il-KESE jinnota, barra minn hekk, li mhuwiex biss il-kontenut tal-leġislazzjoni iżda l-proċess leġislattiv innifsu li għandhom ikunu jistgħu jiġu adattati biex jikkorrispondu mal-ħtiġijiet tan-negozji u taċ-ċittadini ([14]). F'dan il-kuntest, il-KESE jirrakkomanda ([15]):

a. applikazzjoni iktar stretta tal-prinċipji tal-programm "tfassil aħjar tal-liġijiet";

b. it-trasparenza fil-livelli kollha tal-abbozzar tal-leġislazzjoni;

c. l-iżvilupp ta' sistema ta' monitoraġġ iktar sistematika għat-traspożizzjoni tad-direttivi fil-livell nazzjonali;

d. li jiġu kkunsidrati r-rwol u s-setgħat imsaħħa mogħtija mit-Trattati lill-parlamenti nazzjonali;

e. użu iktar frekwenti mill-Kummissjoni tal-komunikazzjonijiet interpretattivi tagħha;

f. sforz imsaħħaħ fil-livell tas-semplifikazzjoni tal-leġislazzjoni u tal-kodifikazzjoni.

5.2.1.6. Il-biċċa l-kbira tad-diffikultajiet marbutin mal-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE tiġi min-nuqqas ta' traspożizzjoni tad-direttivi. Għalhekk, il-KESE ġeneralment jirrakkomanda l-użu ta' regolamenti aktar milli direttivi fl-Opinjonijiet tiegħu ([16]).

([11]) ĠU C 434, 15.12.2017, p. 11, punt 4.6.1.
([12]) ĠU C 487, 28.12.2016, p. 51 (punt 1.7).
([13]) Idem (punt 1.11).
([14]) Idem (punt 2.7).
([15]) ĠU C 248, 25.8.2011, p. 87 (punt 3.6).
([16]) ĠU C 204, 9.8.2008, p. 9 (punt 2.1).

5.2.1.7. Barra minn hekk, fil-qafas tal-programm REFIT, il-Kummissjoni kienet ħabbret li kellhom isiru konsultazzjonijiet għall-valutazzjonijiet, ir-rapporti tal-kwalità u t-tħejjija ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha wkoll tikkunsidra aħjar il-fehmiet tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju tal-Kummissjoni Ewropea, li issa għandu wkoll kompetenza fir-rigward tal-evalwazzjonijiet ex-post.

5.2.1.8. Il-KESE huwa tal-fehma li t-titjib tal-mod li bih il-Kummissjoni tikkonsulta mal-partijiet interessati huwa kruċjali fl-iżvilupp ta' leġislazzjoni li faċilment tista' tiġi implimentata mill-Istati Membri u l-partijiet interessati. F'dan ir-rigward, huwa diġà ressaq proposti biex jittejjeb b'mod strutturat il-proċess ta' konsultazzjoni u biex jiġi żgurat il-monitoraġġ tiegħu ([17]).

5.2.1.9. Il-KESE esprima d-dispjaċir tiegħu li l-miżuri tal-programm "Tfassil aħjar tal-liġijiet" ma jikkunsidrawx biżżejjed ir-rwol, il-funzjoni u r-rappreżentattività tal-KESE kif stabbiliti fit-Trattati u, b'hekk, ikunu qed jitilfu l-opportunità li jagħmlu użu mill-għarfien espert u l-kompetenza tal-membri tiegħu u li jiġu apprezzati l-kompiti mogħtija lilu. Sfortunatament, il-fatt li l-KESE jipparteċipa fil-pjattaforma REFIT (il-fażi ex-post) ma jirriflettix b'mod adegwat il-kompiti u r-responsabbiltajiet tiegħu f'dak li jirrigwarda t-tisħiħ tal-leġittimità demokratika u l-effettività tal-istituzzjonijiet ([18]).

5.2.1.10. Il-KESE huwa tal-fehma li l-applikazzjoni tal-acquis tal-UE ta' spiss issofri minn nuqqas ta' rieda politika min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali li jirrispettaw u jiżguraw li jiġu rispettati r-regolamenti li ma jidhrux li "jidħlu" mal-korpus tal-liġijiet u t-tradizzjonijiet nazzjonali u t-tendenza persistenti li jiżdiedu mekkaniżmi regolatorji ġodda mhux meħtieġa mar-regolamenti tal-UE jew li jingħażlu ċerti partijiet biss ta' dawn ir-regolamenti u jiġu injorati oħrajn ([19]).

5.2.1.11. Fl-aħħar nett, il-KESE huwa tal-fehma li s-sistema "EU Pilot" (djalogu informali bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar il-ksur tal-liġi tal-UE qabel it-tnedija ta' proċedura ta' ksur formali) hija pass ieħor fid-direzzjoni t-tajba, iżda l-funzjonament tagħha għad irid jiġi vvalutat. Barra minn hekk, din is-sistema ma għandhiex tintuża biex tissostitwixxi l-proċeduri ta' ksur.

5.2.2. **Trasparenza**

5.2.2.1. Il-KESE ([20]) jemmen li kull leġislazzjoni għandha tkun ir-riżultat ta' deliberazzjonijiet politiċi pubbliċi. Huwa jemmen li l-proċess leġislattiv Ewropew jistħoqqlu jiġi rivedut fil-qafas tat-Trattat ta' Lisbona u, jekk meħtieġ, fil-kuntest ta' Trattat ġdid sabiex il-politiki Ewropej jagħtu riżultati aħjar. Il-KESE jixtieq jenfasizza l-kwalità, il-leġittimità, it-trasparenza u n-natura inklużiva tal-leġislazzjoni.

5.2.2.2. Il-laqgħat tal-formazzjonijiet tal-Kunsill li jaħdmu skont il-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata għandhom ikunu pubbliċi, għall-finijiet ta' trasparenza u demokrazija. Il-KESE huwa tal-fehma li l-proċedura leġislattiva aċċellerata fit-trilogu m'għandhiex tiġi applikata ħlief f'każi ta' emerġenza, li fil-fatt huwa konformi mal-kundizzjonijiet tat-Trattat ([21]).

5.2.2.3. Għall-kuntrarju tal-kumitati tal-Parlament Ewropew, il-laqgħat tat-trilogu la huma trasparenti u lanqas aċċessibbli. Il-limitazzjoni tal-proċedura leġislattiva għal qari wieħed biss twassal għal-limitazzjoni tal-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili ([22]).

5.2.2.4. Il-Parlament Ewropew, iżda wkoll il-korpi bħall-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (KtR) u l-KESE, għandhom jiġu integrati aħjar fiċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew ([23]).

5.2.2.5. Fir-rigward tal-atti delegati, il-Kummissjoni Ewropea għandha żżid aktar trasparenza għat-teħid tad-deċiżjonijiet (ara l-Artikolu 290 tat-TFUE), fatt li l-Kumitat enfasizza diversi drabi ([24]).

5.2.2.6. Bara minn hekk, inħolqot ċerta konfużjoni minħabba l-għadd varjat ta' ismijiet tal-aġendi u l-programmi ("Tfassil aħjar tal-liġijiet", "Regolamentazzjoni Intelliġenti", "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir", eċċ.). Għandha tiġi ċċarata l-klassifikazzjoni ta' dawn il-programmi u l-proġetti, kif ukoll ir-relazzjoni bejniethom, sabiex il-pubbliku jifhem lil min huma indirizzati ([25]).

([17]) ĠU C 383, 17.11.2015, p. 57
([18]) ĠU C 13, 15.1.2016, p. 192 (punt 2.6).
([19]) ĠU C 18, 19.1.2011, p. 100 (punt 3.5).
([20]) ĠU C 487, 28.12.2016, p. 51 (punti 1.9 u 2.6).
([21]) Idem (punt 3.11).
([22]) Idem (punt 3.15).
([23]) Idem (punt 3.16).
([24]) Idem (punt 3.17).
([25]) ĠU C 230, 14.7.2015, p. 66 (punt 5.2).

5.2.2.7. Barra minn hekk, fl-interess tat-trasparenza u l-leġittimità, il-Kumitat talab ([26]) li l-konsultazzjonijiet tal-Kummissjoni jsiru mingħajr preġudizzju għad-djalogu ċivili strutturat (l-Artikolu 11(2) tat-TFUE) jew għall-konsultazzjonijiet li jsiru f'kuntesti speċifiċi, bħall-konsultazzjoni tal-imsieħba soċjali fil-qafas tad-djalogu soċjali (l-Artikolu 154 tat-TFUE) jew il-konsultazzjoni tal-korpi konsultattivi bħall-KESE (l-Artikolu 304 tat-TFUE).

5.2.3. **Sensibilizzazzjoni tal-pubbliku**

5.2.3.1. Jeħtieġ li tissaħħaħ u tittejjeb il-komunikazzjoni mal-pubbliku. Il-komunikazzjoni tnibbet l-interess, li jġib miegħu l-fehim. L-hekk imsejħa narrattiva ġdida għall-Ewropa għandha tibda bi strateġija ta' komunikazzjoni u semplifikazzjoni kondiviża mill-Kummissjoni u l-Istati Membri. F'dan ir-rigward, jidher utli li ntennu dak li l-KESE kien saħaq dwaru fl-Opinjoni tiegħu dwar "L-Att dwar is-Suq Uniku", jiġifieri li l-partiti politiċi, il-mezzi tax-xandir, l-istituzzjonijiet edukattivi u l-partijiet interessati kollha għandhom responsabbiltà storika fir-rigward tal-kapaċità tal-UE li tiffaċċja b'suċċess l-isfidi tad-dinja globali fuq il-bażi tal-valuri li s'issa dejjem ikkaratterizzaw l-ekonomiji soċjali tagħna tas-suq ([27]).

5.2.3.2. In-netwerks ta' appoġġ stabbiliti mill-Kummissjoni ftit li xejn huma magħrufa; dan huwa partikolarment minnu għan-netwerk SOLVIT, li għandu l-għan li jgħin liċ-ċittadini jew lin-negozji tal-UE meta d-drittijiet tagħhom ma jiġux rispettati mill-amministrazzjoni pubblika ta' Stat Membru ieħor. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Kummissjoni bil-għan li jiġi promoss aħjar dan in-netwerk.

5.2.3.3. Possibbiltà waħda ([28]) tista' tkun li l-Kummissjoni tagħmel iktar enfasi fuq l-informazzjoni pubblika, għaliex fl-aħħar mill-aħħar huma l-gvernijiet tal-Istati Membri, li ma jittrasponux il-liġi, jew li jagħmlu dan b'mod żbaljat jew tardiv. Huma proprju dawn il-pajjiżi li approvaw ir-regolamentazzjoni fil-Kunsill. Huma għandhom jitqiesu responsabbli għall-applikazzjoni universalment difettuża tal-acquis tal-UE, liema ħaġa tiġi kkonfermata mill-ġdid kull sena fir-rapporti dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-UE. Il-Kummissjoni għandha teżamina wkoll b'mod sistematiku liema miżuri huma essenzjali biex titwettaq bidla radikali tas-sitwazzjoni attwali u għandha tikkunsidra l-proposti preċedenti tal-KESE ([29]) f'dan il-qasam.

5.3. **Dwar ir-responsabbiltajiet ewlenin tal-Kummissjoni dwar implimentazzjoni aħjar tal-liġi tal-UE** (monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE ([30]) u r-rispett ta' din l-istess liġi mill-Istati Membri)

5.3.1. Naturalment, il-kwistjoni tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE hija ta' tħassib, għall-KESE, li fassal Opinjonijiet speċifiċi dwar dan is-suġġett ([31]). Huwa indirizza wkoll din il-kwistjoni f'Opinjonijiet dwar suġġetti oħrajn ("Regolamentazzjoni Intelliġenti", "Tfassil aħjar tal-liġijiet", "REFIT", eċċ.) u f'seduti u seminars dwar is-suġġett (b'mod partikolari fil-qafas tal-Osservatorju tiegħu tas-Suq Uniku).

5.3.2. F'dan il-kuntest, il-KESE spiss talab lill-Kummissjoni biex tippreżenta r-rapport annwali tagħha għal Opinjoni sabiex jitqiesu l-fehmiet tas-soċjetà ċivili organizzata f'dak li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE u jappoġġa l-applikazzjoni tal- liġi fl-UE ([32]).

5.3.3. Fil-fatt, il-KESE jemmen li jista' jaqdi rwol siewi bħala intermedjarju bejn il-leġislaturi u l-utenti tal-leġislazzjoni tal-UE. Huwa jista', pereżempju, jagħmel kontribut speċifiku għar-rapport fuq inizjattiva proprja tal-Parlament Ewropew dwar ir-rapport annwali tal-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE mill-Istati Membri billi jimmira fuq iż-żidiet li saru mill-Istat Membri waqt it-traspożizzjoni ([33]).

5.3.4. Barra minn hekk, il-KESE ([34]) ssuġġerixxa miżuri għat-titjib tat-traspożizzjoni tad-direttivi, b'mod partikolari:

— tiġi antiċipata l-għażla tal-istrument normattiv tat-traspożizzjoni;

— jitħaffef il-pass tal-proċess tat-traspożizzjoni hekk kif id-direttiva tigi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali, billi l-koordinazzjoni interna tiġi assenjata lil punt ta' kuntatt intern li jżomm bażi tad-data stabbilita għal dan il-għan;

— tiġi ppreferuta t-traspożizzjoni permezz ta' transkrizzjoni mill-ġdid f'każ ta' dispożizzjonijiet preċiżi u inkundizzjonati jew ta' definizzjonijiet;

([26]) ĠU C 383, 17.11.2015, p. 57 (punt 2.1.2).
([27]) ĠU C 132, 3.5.2011, p. 47 (punt 1.7).
([28]) ĠU C 13, 15.1.2016, p. 192 (punt 4.4.9).
([29]) ĠU C 230, 14.7.2015, p. 66
([30]) COM(2016) 463 final.
([31]) ĠU C 204, 9.8.2008, p. 9 u ĠU C 347, 18.12.2010, p. 62
([32]) ĠU C 347, 18.12.2010, p. 62 (punt 1.10).
([33]) ĠU C 303, 19.8.2016, p. 45 (punt 3.2.4).
([34]) ĠU C 204, 9.8.2008, p. 9 (punt 5).

— tiġi konċessa traspożizzjoni permezz ta' referenza mmirata għad-dispożizzjonijiet normattivi/inkundizzjonati tad-direttiva bħalma huma l-listi, it-tabelli li juru l-prodotti, sustanzi u oġġetti previsti mid-direttiva, il-mudelli tad-dokumenti jew iċ-ċertifikati mehmużin fl-anness għad-direttiva;

— jiġu adottati proċeduri nazzjonali ta' traspożizzjoni skont l-iskop tad-direttiva billi wieħed jirrikorri għal proċeduri mgħaġġla mingħajr ma jiġu injorati l-konsultazzjonijiet interni obbligatorji marbuta mal-adozzjoni tat-testi normattivi.

5.3.5. Bl-istess mod, il-KESE huwa tal-fehma li monitoraġġ adegwat tal-affarijiet Ewropej fi ħdan l-Istati Membri jkun partikolarment utli għall-Kummissjoni u jikkontribwixxi għall-kwalità tal-ħidma tagħha ([35]).

Brussell, it-18 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

([35]) ĠU C 325, 30.12.2006, p. 3 (punt 6.1.13) (mhux disponibbli bil-Malti).

III

(Atti preparatorji)

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

IL-529 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE FIT-18 U D-19 TA' OTTUBRU 2017

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar a) Pakkett ta' konformità

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Pjan ta'Azzjoni dwar ir-rinfurzar ta' SOLVIT: inwasslu l-benefiċċji tas-suq uniku liċ-ċittadini u lin-negozji

[COM(2017) 255 final — SDW(2017) 210 final]

(b) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' portal diġitali uniku li jipprovdi informazzjoni, proċeduri, u servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012

[COM(2017) 256 final — 2017/0086 (COD)]

(c) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura li permezz tagħhom il-Kummissjoni tista' titlob lil impriżi u lil assoċjazzjonijiet ta' impriżi jipprovdu l-informazzjoni relatata mas-suq intern u ma' oqsma relatati

[COM(2017) 257 final — 2017/0087 (COD)]

(2018/C 081/12)

Relatur: **Bernardo HERNÁNDEZ BATALLER**

Konsultazzjoni	(a) Il-Kummissjoni Ewropea, 5.7.2017
	(b) Il-Parlament Ewropew, 12.6.2017
	Il-Kunsill, 14.6.2017
	(c) Il-Parlament Ewropew, 31.5.2017
	Il-Kunsill, 10.10.2017
Bażi legali	(a) Artikolu 304 tat-TFUE
	(b) Artikoli 21(2), 48 u 114(1) tat-TFUE
	(c) Artikoli 43(2), 91, 100, 114, 192, 194(2) u 337 tat-TFUE
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	4.10.2017

Adottata fis-sessjoni plenarja	18.10.2017
Sessjoni tal-plenarja Nru	529
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	184/0/5

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-pjani tal-Kummissjoni Ewropea biex toħloq kultura ta' twettiq u applikazzjoni intelliġenti tas-suq uniku, inkwantu dan joffri ħafna possibbiltajiet lill-persuni li jixtiequ jgħixu u jaħdmu fi Stat Membru ieħor u lill-impriżi li jixtiequ jkabbru s-swieq tagħhom.

1.2. Il-KESE jappoġġja l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni biex iżżid il-kwalità u l-effikaċja tan-netwerks SOLVIT. Bl-istess mod, jirrakkomanda lill-Kummissjoni biex, bil-kooperazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet kollha tas-soċjetà ċivili, iżżid l-għarfien ta' dawn in-netwerks sabiex wieħed ikun jista' jibbenefika aktar mis-servizzi ta' SOLVIT, li għandhom jintużaw aktar mill-intrapriżi fil-kuntest tal-libertajiet ekonomiċi tas-suq uniku, u għaldaqstant huwa importanti li din l-għodda tissaħħaħ.

1.3. Il-KESE jappoġġja l-inizjattiva li tinsab fil-proposta ta' Regolament dwar "portal diġitali uniku" li jippermetti liċ-ċittadini u lill-impriżi li jaċċedu faċilment għal informazzjoni eżawrjenti. Jidhirlu li hija xi ħaġa pożittiva li dak il-portal ikollu aċċess għall-informazzjoni, għall-proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u riżoluzzjoni tal-problemi b'mod effikaċi fuq il-bażi tal-applikazzjoni tal-prinċipji ta' *"darba biss"* u *"perspettiva tal-amministrazzjoni bħala ħaġa sħiħa"*.

1.4. Fir-rigward tal-Proposta għal Regolament li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura ta' talba għall-informazzjoni, jeżistu diverġenzi fid-diversi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili peress li xi entitajiet huma favur filwaqt li oħrajn, bħal dawk li jirrappreżentaw lill-intrapriżi, jesprimu tħassib serju. Fil-każ li l-Proposta għal Regolament tiġi adottata fiż-żmien previst, il-KESE jitlob li din l-għodda tintuża mill-Kummissjoni, bil-proporzjonalità massima, meta dan ikun meħtieġ, għal każijiet b'dimensjoni transkonfinali b'saħħitha u filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati, b'mod speċjali fir-rigward tal-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali. Fir-rigward tal-informazzjoni disponibbli għall-KE sabiex tindirizza l-ostakli għas-suq uniku diġà jeżistu kanali ta' informazzjoni wesgħin li jistgħu jintużaw aħjar u b'mod aktar sistematiku biex jiġu identifikati l-ostakli fis-suq uniku, inkluż in-nuqqas ta' konformità mal-leġislazzjoni tal-UE. Fi kwalunkwe każ, il-KESE jistenna li, b'mod imperattiv, ikun hemm valutazzjoni ta-funzjonament tar-Regolament fi żmien ħames snin.

1.5. Il-KESE jħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE biex jagħmlu aktar progress fil-qasam tal-governanza elettronika, b'mod speċjali fir-rigward tar-rikonoxximent tal-identità elettronika u d-dokumenti ta' identità barranin, peress li l-evalwazzjoni tas-servizzi pprovduti mhijiex l-aktar adegwata.

1.6. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tinvolvi lis-soċjetà ċivili fil-proċess billi tapprofitta mill-ħidma u r-riżultati tax-xogħol tagħha, bħala mezz biex tevalwa l-qagħda tas-suq intern tal-UE. Fi kwalunkwe każ, l-organizzazzjonijiet li jsawru l-KESE għandhom l-esperjenza, il-mezzi u l-kapaċità li jaħdmu flimkien fir-rigward tas-SOLVIT, bil-għan li jissaħħu l-attivitajiet għas-sensibilizzazzjoni dwaru u biex jissorveljaw il-kwalità tiegħu fil-proposta għal Portal Diġitali Uniku. Dan għandu jsir mingħajr ma jintemm il-kontribut għat-twettiq tal-valutazzjonijiet li jitqiesu xierqa.

2. **Il-proposti tal-Kummissjoni**

2.1. Fid-dikjarazzjoni konġunta dwar il-prijoritajiet leġislattivi tal-UE għall-2017, ippubblikata fit-13 ta' Diċembru 2016, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea tennew l-impenn tagħhom biex jippromovu l-applikazzjoni korretta tal-leġislazzjoni fis-seħħ. Fl-istess ġurnata, il-Kummissjoni ppreżentat il-Komunikazzjoni tagħha dwar "Id-Dritt tal-UE: Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar", li tistabbilixxi kif il-Kummissjoni ser tintensifika l-isforzi tagħha biex tiggarantixxi applikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE għall-benefiċċju ta' kulħadd. B'mod partikolari, fl-"Istrateġija tas-Suq Uniku" ġew stabbiliti l-10 prijoritajiet tal-Kummissjoni, bil-għan li tinħoloq kultura ta' konformità mar-regoli tas-suq uniku, b'enfasi speċjali fuq it-tisħiħ tas-SOLVIT.

2.2. Attwalment [1] teżisti SOLVIT bħala netwerk ta' ċentri stabbiliti mill-Istati Membri (+ ŻEE) fi ħdan l-amministrazzjonijiet nazzjonali tagħhom, sabiex jiġi offrut mezz rapidu u informali li permezz tiegħu jistgħu jissolvew il-problemi li l-individwi u l-intrapriżi jiffaċċjaw meta jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fis-suq intern.

2.2.1. Każ ta' "SOLVIT" huwa kwalunkwe problema transkonfinali li tinħoloq mill-possibbiltà ta' ksur, minn awtorità pubblika, tad-dritt tal-Unjoni applikabbli fis-suq intern, dejjem u meta dik il-problema ma tkunx soġġetta għal proċedura ġudizzjarja fil-livell nazzjonali jew tal-UE.

2.2.2. SOLVIT tifforma parti mill-amministrazzjoni nazzjonali u l-azzjoni tagħha hija ta' natura sempliċement informali. Ma tistax tintervjeni f'dawn il-każijiet:

— problemi bejn impriżi,

— drittijiet tal-konsumatur,

— kumpens għal danni u telf, jew

— azzjonijiet quddiem il-qrati.

2.3. L-hekk imsejjaħ "Pakkett ta' konformità" tal-Kummissjoni huwa magħmul mid-dokumenti li ġejjin:

2.4. Pjan ta' azzjoni għat-tisħiħ ta' SOLVIT [2].

2.4.1. Il-Kummissjoni tintrabat li tieħu miżuri ġodda, flimkien mal-Istati Membri, biex **jissaħħaħ ir-rwol strateġiku ta' SOLVIT** bil-għan li s-Suq Uniku jibda jiffunzjona aħjar fil-prattika għaċ-ċittadini u n-negozji.

2.4.2. Jikkomplementa l-għanijiet tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u inizjattivi oħrajn relatati, li jirriflettu l-prijorità tal-Kummissjoni li tippromovi l-ġustizzja soċjali u l-opportunitajiet indaqs fl-Unjoni.

2.4.3. L-għan tal-Komunikazzjoni hu li tippromovi SOLVIT bi tliet modi:

i. ittejjeb il-kwalità tiegħu;

ii. tintensifika l-attivitajiet biex isir magħruf; u

iii. ssaħħaħ ir-rwol tiegħu fl-osservanza tal-liġi tal-Unjoni.

2.4.4. B'mod ġenerali, permezz ta' attivitajiet aktar strateġiċi għall-promozzjoni ta' SOLVIT u l-iżvilupp ta' kooperazzjoni aktar strutturata mal-organizzazzjonijiet intermedjarji u n-networks rilevanti, **għandu jissaħħaħ ir-rwol ta' SOLVIT f'dak li jirrigwarda l-għoti ta' osservazzjonijiet u evidenza utli** dwar il-funzjonament tas-suq uniku fil-prattika: dan ikun jinvolvi "massa kritika" akbar ta' każijiet, li jfisser aktar negozji.

2.4.5. Fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-amministrazzjoni elettronika, **il-Kummissjoni se tevalwa l-vijabbiltà tal-prinċipju ta' "darba biss".** B'hekk jiġi evitat li ċ-ċittadini u n-negozji li jixtiequ jressqu lment quddiem il-Kummissjoni għall-ewwel darba, wara li ma jkunux kisbu soluzzjoni dwar il-każ tagħhom, ikollhom jibagħtu mill-ġdid l-informazzjoni kollha li diġà tinsab f'idejn SOLVIT.

2.5. Proposta ta' Regolament dwar il-ħolqien ta' portal diġitali uniku [3].

2.5.1. Il-Proposta għal Regolament tistabbilixxi regoli għall-ħolqien u l-funzjonament ta' portal diġitali uniku li jippermetti liċ-ċittadini u n-negozji aċċess faċli għal informazzjoni sħiħa u ta' kwalità għolja, għal servizzi effettivi ta' għajnuna u s-soluzzjoni ta' problemi u għal proċeduri effiċjenti fir-rigward tal-leġislazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli għaċ-ċittadini u n-negozji li jeżerċitaw jew biħsiebhom jeżerċitaw id-drittijiet imnissla mil-liġi tal-Unjoni fl-ambitu tas-suq intern.

2.5.2. Tipproponi wkoll li jiġi ffaċilitat l-użu tal-proċeduri mill-utenti ta' Stati Membri oħrajn, tappoġġja l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' "darba biss" u tistabbilixxi regoli biex ikunu nnotifikati l-ostakli tas-suq intern abbażi tal-ġabra tal-fehmiet tal-utenti, notifiki dwar il-funzjonament tas-suq intern u l-istatistika mis-servizzi inklużi fil-portal.

---

(1) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-17.9.2013 (ĠU L 249, 19.9.2013, p. 10).
(2) COM(2017) 255 final.
(3) COM(2017) 256 final.

2.5.3. Fl-Annessi ta' din il-proposta hemm lista' ta' tlettax-il proċedura bażika għaċ-ċittadini u l-impriżi li jittrasferixxu ruħhom fi Stat Membru ieħor u lista ta' servizzi ta' assistenza u riżoluzzjoni tal-problemi stabbiliti permezz ta' atti vinkolanti tal-Unjoni, aċċessibbli permezz tal-"portal".

2.5.4. Oqsma ta' informazzjoni relatati maċ-ċittadini: vjaġġi fi ħdan l-Unjoni; xogħol u rtirar fl-Unjoni; vetturi fl-Unjoni; residenza fi Stat Membru ieħor; edukazzjoni jew traineeship fi Stati Membri oħrajn; kura tas-saħħa; drittijiet; obbligi u regoli dwar kwistjonijiet li jinvolvu l-familji f'sitwazzjonijiet transkonfinali; u konsumaturi f'sitwazzjonijiet transkonfinali.

2.5.5. Oqsma ta' informazzjoni relatati man-negozji: l-istabbiliment, il-ġestjoni u l-għeluq ta' negozju; persunal, taxxi, prodotti, servizzi; l-iffinanzjar ta' negozju; akkwist pubbliku u saħħa u sigurtà fil-post tax-xogħol.

2.6. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura li permezz tagħhom il-Kummissjoni tista' titlob lill-impriżi u lill-assoċjazzjonijiet ta' impriżi jipprovdu l-informazzjoni relatata mas-suq intern u ma' oqsma relatati ([4]).

2.6.1. L-għan tal-Proposta għal Regolament hu li tgħin lill-Kummissjoni biex tissorvelja u tara li jiġu infurzati r-regoli tas-suq intern, billi tippermettilha tikseb informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva, fil-fond u affidabbli f'waqtha, li tiġi minn firxa ta' operaturi tas-suq permezz ta' talbiet għal informazzjoni mmirati sewwa.

2.6.2. Il-proposta, li teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha l-"mikroimpriżi", ma tistabbilixxi ebda piż amministrattiv addizzjonali, inkwantu tikkontempla proċedura eċċezzjonali u komplimentari għall-ksib tal-informazzjoni meħtieġa f'dawk il-każijiet fejn jista' jkun hemm ostakli li jfixklu l-ħidma tas-suq intern. L-għodda ta' informazzjon maħluqa permezz ta' din l-inizjattiva tikkostitwixxi l-aħħar rimedju meta l-mezzi l-oħrajn għall-ksib ta' informazzjoni jkunu fallew.

2.6.3. Il-proposta tistabbilixxi l-proċedura li għandha tiġi segwita sabiex tintalab l-informazzjoni, id-Deċiżjoni li tapprovahom, kif tiġi protetta l-informazzjoni kunfidenzjali u s-segretezza professjonali, kif ukoll il-possibbiltà li jiġu imposti multi f'każijiet ta' nuqqas ta' risposti b'mod deliberat jew ta' negliġenza gravi fil-provvista ta' informazzjoni inkorretta, mhux kompluta jew qarrieqa. Fi kwalunkwe każ, jiġu rregolati l-faċilitajiet ta' kontroll ġudizzjarju quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

2.6.4. Skont il-proposta, id-disponibbiltà ta' informazzjoni konkreta dwar in-nuqqas ta' funzjonament tajjeb tas-suq uniku tippermetti lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali jiggarantixxu osservanza akbar tar-regoli tas-suq uniku u tfassil aħjar tal-politiki tal-Unjoni. Skont il-Kummissjoni, dan isaħħaħ il-fiduċja tal-konsumaturi fis-suq uniku u jikkontribwixxi sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tiegħu.

3. **Kummenti ġenerali**

3.1. Il-Kumitat jenfasizza l-ħtieġa li jiddaħħlu ċerti elementi fil-"Pakkett ta' konformità" ippreżentat mill-Kummissjoni biex tissaħħaħ il-leġittimità tal-proposta regolatorja tagħha, jiġu ssodisfati l-aspettattivi tal-istituzzjonijiet u l-korpi kollha involuti fl-implimentazzjoni futura tagħha u jiġi żgurat li tiġi implimentata b'mod effiċjenti fl-Istati Membri kollha kkonċernati.

3.2. L-għan prinċipali tal-imsemmi "Pakkett", li huwa t-tisħiħ ta' SOLVIT, intalab kemm mill-Istati Membri permezz ta' talbiet espliċiti lill-Kummissjoni, magħmula mill-Kumitat dwar il-Kompetittività, kif ukoll mill-Parlament Ewropew, li tagħti bażi qawwija ta' leġittimità demokratika lill-proposta leġislattiva inkwistjoni.

3.2.1. Ikun utli li jiġu estiżi u speċifikati r-regoli u l-funzjonijiet tal-korpi u l-istituzzjonijiet responsabbli biex jissorveljaw l-applikazzjoni futura tal-qafas leġislattiv ikkonċernat u, b'mod aktar konkret, tar-Regolament li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura li permezz tagħhom il-Kummissjoni tista' titlob lill-impriżi u lill-assoċjazzjonijiet ta' impriżi jipprovdu informazzjoni dwar is-suq intern u oqsma oħrajn relatati.

3.2.2. F'dan ir-rigward, il-Kumitat jinnota l-ħtieġa li jinbidel il-fokus tal-proposta tal-Kummissjoni, għaliex, minn naħa waħda, ma tinkludi l-ebda referenza għar-rwol tal-Kumitat fil-fażi tal-applikazzjoni tar-regolament u, min-naħa l-oħra, jidher li l-iskop finali prinċipali tagħha huwa t-tisħiħ tar-rwol proprju tal-Kummissjoni fil-qafas tal-fażi amministrattiva qabel ma jitressaq rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

([4]) COM(2017) 257 final.

3.2.2.1. L-ewwel nett, il-proposta msemmija ddgħajjef il-leġittimità tas-sussidjarjetà funzjonali tal-Unjoni billi teskludi lill-Kumitat milli jwettaq kompiti assenjati lilu speċifikament mit-Trattati, u li għalihom huwa ddedika b'suċċess parti sostanzjali tal-ħidma tiegħu.

3.2.2.2. Il-KESE għandu l-esperjenza, il-mezzi u l-kapaċità biex jgħin fis-sensibilizzazzjoni wiesgħa dwar il-funzjonament tas-SOLVIT. Bl-istess mod, il-Kumitat jiġi eskluż minn kull tip ta' kooperazzjoni fil-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni tar-Regolamenti proposti.

3.2.2.3. Dan l-approċċ tal-proposta dwar il-"portal diġitali uniku" għandu jiġi emendat minħabba li, fil-verżjoni attwali tiegħu, ma jirriflettix id-dimensjoni istituzzjonali tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 11 tat-TUE, jillimita r-rwol tal-Kumitat bħala rappreżentant tal-interessi tas-soċjetà ċivili organizzata u jagħmel ħsara lill-prinċipju nnifsu tad-demokrazija parteċipattiva fid-dimensjoni funzjonali tagħha, u b'hekk inaqqas l-effiċjenza tal-implimentazzjoni futura tar-Regolament.

3.2.2.4. Il-"portal diġitali uniku" għandu jgħin biex tinkiseb aktar malajr amministrazzjoni elettronika effikaċi, interoperabbli u aċċessibbli għal kulħadd. Il-KESE jappoġġja l-applikazzjoni tal-prinċipju *"darba biss"* u jtenni [5] l-provenjenza tal-prinċipju ta' *"perspettiva tal-amministrazzjoni bħala ħaġa sħiħa"*, li jikkonsisti f'kollaborazzjoni bejn id-diversi korpi pubbliċi, lil hinn mil-limiti tal-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom, sabiex l-applikant jingħata proposta integrata minn korp wieħed.

3.2.3. Fit-tieni lok, il-punt III tal-Pjan ta' Azzjoni dwar it-tisħiħ ta' SOLVIT jinkludi miżuri importanti biex jittejjeb ir-rwol tas-SOLVIT bħala għodda għall-infurzar tal-liġi tal-UE, b'reazzjoni għat-talbiet ripetuti mill-Kunsill Kompetittività u l-Parlament Ewropew.

3.3. Jenħtieġ ukoll li jsiru diversi osservazzjonijiet bil-għan li tinkiseb l-iżjed applikazzjoni effiċjenti possibbli tal-proposta tal-Kummissjoni.

3.3.1. Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-intenzjoni li tiġi promossa SOLVIT, iridu jiġu indirizzati żewġ kwisjonijiet li ma jidhrux fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni.

3.3.2. Minn naħa waħda, minħabba l-ħrug tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, li mistenni jseħħ f'nofs l-2019, il-kunċett ta' "suq" imsemmi fil-punt II tal-Pjan imsemmi se jġarrab tnaqqis sostanzjali. Jekk, min-naħa l-oħra, sa dak iż-żmien ma jkunx ġie konkluż il-ftehim li jirregola r-relazzjoni bilaterali bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni Ewropea, u l-imsemmi Stat ma jiffurmax parti miż-Żona Ekonomika Ewropea, l-amministrazzjoni tiegħu tinħeles awtomatikament minn kwalunkwe obbligu relatat mal-implimentazzjoni tal-Pjan, u dan ikollu impatt negattiv fuq iċ-ċittadini tiegħu u ċ-ċittadini tal-Istati li fihom jopera n-netwerk taċ-ċentri SOLVIT.

3.3.3. Minn naħa l-oħra, peress li l-liġi tal-Unjoni u, b'mod aktar konkret, il-libertajiet ekonomiċi fundamentali tagħha għandhom kamp ta' applikazzjoni extraterritorjali li jibbenefika kif ukoll jobbliga liċ-ċittadini ta' Stati terzi u l-amministrazzjonijiet tagħhom, għandhom jikkunsidraw il-ħolqien ta' ċentri u l-applikazzjoni ta' SOLVIT fit-territorju tal-Istati li magħhom l-Unjoni Ewropea stabbilixxiet ftehimiet internazzjonali ta' rabta partikolari, bħal dawk previsti fl-ewwel tliet sottopunti tal-Artikolu 218(6)(a) tat-TFUE. Dan iwassal għal benefiċċju ċar għaċ-ċittadini, l-impriżi u ċ-ċittadini tal-imsemmija Stati terzi, u għal implimentazzjoni aħjar tar-regoli dwar is-suq intern.

3.4. Fit-tieni lok, jenħtieġ li jinħolqu inċentivi għall-amministrazzjonijiet pubbliċi ta' dawk l-Istati Membri li, bħala konsegwenza tad-distakk diġitali, jew għal raġunijiet oħrajn, ikunu jeħtieġu aktar riżorsi minn oħrajn biex japplikaw ir-Regolament dwar l-istabbiliment ta' "portal diġitali uniku".

3.4.1. Il-Kummissjoni tista' tikkunsidra li tipproponi l-approvazzjoni ta' azzjoni orjentata biex issaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali. Din l-azzjoni tidher li hi ġġustifikata biex tinċentiva lill-impriżi kkonċernati, fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta fil-punt III tal-imsemmi Pjan tal-Kummissjoni, li juru differenzi sproporzjonati fin-numru ta' każijiet għal kull ċentru SOLVIT, differenzi li mhumiex ġustifikati biss minħabba d-differenzi fil-piż demografiku u ekonomiku bejn l-Istati parteċipanti.

3.5. Fl-aħħar nett, jenħtieġ impenn fl-Istati kollha li fihom jopera n-netwerk SOLVIT biex l-għażla ta' persunal adatt u stabbli li jipproċessa l-każijiet ippreżentati fiċ-ċentri tan-netwerk issir fl-iqsar żmien possibbli u permezz ta' kompetizzjonijiet pubbliċi u trasparenti.

(5) ĠU C 487, 28.12.2016, p. 99.

4. **Kummenti speċifiċi**

4.1. **Dwar SOLVIT**

4.1.1. Il-KESE jappoġġja t-titjib konkret sabiex tittejjeb il-ħidma ta' SOLVIT. Dan jista' jkun għodda utli, peress li joffri pjattaforma għaċ-ċittadini u l-impriżi biex jingħata rimedju għal firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet marbuta mas-suq intern. Il-Kummissjoni għandha tkompli ttejjeb il-viżibbiltà globali ta' SOLVIT.

4.1.2. Applikazzjoni aħjar tal-liġi hija ta' benefiċċju kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għall-impriżi. Iċ-ċifri juru li matul is-snin żdied il-proporzjon ta' każijiet ta' ċittadini, speċjalment fil-kuntest tas-sigurtà soċjali, b'paragun mal-każijiet ta' negozji ppreżentati lil SOLVIT. Min-naħa l-oħra, ir-rata ta' riżoluzzjoni tal-każijiet ta' negozji, ta' 80 %, kienet inferjuri għall-medja tan-netwerk (89 %). Il-Kummissjoni għandha tadotta l-mezzi xierqa sabiex l-utenti kollha jkunu jistgħu japprofittaw mill-possibbiltajiet tan-netwerk. Huwa importanti li dan l-istrument jissaħħaħ u l-KESE jittama li jintlaħqu l-aspettativi tal-*"pjan direzzjonali għat-tisħiħ tas-SOLVIT"*, b'mod partikolari dwar l-introduzzjoni ta' proċess ta' rimedju għall-kumpaniji fil-qasam tar-rikonoxximent reċiproku tal-oġġetti u appoġġ legali b'mod iktar dirett u effikaċji għan-netwerk permezz ta' għodda mtejba ta' pariri legali informali u għodod ta' taħriġ interattiv, b'possibbiltà li jiġu ġestiti l-opinjonijiet diverġenti.

4.2. **Dwar il-proposta tar-Regolament dwar il-"portal diġitali uniku"**

4.2.1. Il-Kumitat jappoġġja l-inizjattiva ta' *"portal diġitali uniku"* li tinsab fil-proposta ta' Regolament. Il-portal għandu joffri liċ-ċittadini u lill-impriżi l-informazzjoni u l-assistenza kollha li jeħtieġu sabiex joperaw fis-suq intern kollu. B'disinn tajjeb, din l-għodda tista' tgħin kemm liċ-ċittadini li jgħixu u jaħdmu fi Stat ieħor tal-UE kif ukoll lill-impriżi li jixtiequ jużaw kwalunkwe mil-libertajiet ekonomiċi fi Stat Membru ieħor, speċjalment l-SMEs u l-impriżi ġodda.

4.2.2. Ta' sikwit, iċ-ċittadini u n-negozji ma jkunux konxji għalkollox mid-drittijiet tagħhom u l-opportunitajiet fis-suq intern. Il-*"portal diġitali uniku"* għandu jtejjeb u jikkollega l-istrumenti eżistenti u jgħin lill-impriżi biex jikkumplimentaw il-proċeduri u l-formalitajiet amministrattivi li jintużaw l-aktar fuq l-Internet. Il-portal għandu jwassal biex is-suq intern isir aktar trasparenti, kif ukoll aktar sigur u prevedibbli.

4.2.3. Huwa essenzjali li l-portal diġitali uniku jipprovdi kull informazzjoni u assistenza li n-negozji jeħtieġu biex jagħmlu n-negozju bejn il-fruntieri aktar faċli. Dan jinkludi informazzjoni ta' kwalità għolja u aġġornata dwar is-suq, is-soluzzjoni tal-problemi u l-mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni ta' tilwim, kif ukoll proċeduri elettroniċi għal dawk il-kumpaniji li jixtiequ jwettqu attivitajiet transkonfinali.

4.3. **Dwar il-proposta ta' Regolament SMIT**

4.3.1. Teżisti diverġenza fil-pożizzjonijiet adottati mid-diversi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, partikolarment l-organizzazzjonijiet tan-negozji, li jiffurmaw il-KESE fir-rigward tal-proposta ta' Regolament sabiex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet u l-proċeduri li jippermettu lill-Kummissjoni titlob lill-impriżi u l-assoċjazzjonijiet ta' impriżi sabiex jipprovdulha informazzjoni dwar is-suq intern.

4.3.2. L-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-kumpaniji jistaqsu dwar il-proposta fid-dawl tal-fatt li, fil-parti l-kbira tagħha, hija mmirata lejn in-negozji, iżda huma l-Istati Membri li huma responsabbli għall-ostakli persistenti għas-suq uniku:

(a) Infurzar aħjar tar-regoli miftiehma huwa essenzjali biex is-suq uniku jiffunzjona b'mod aktar effettiv. Dan jibda billi tingħata gwida u assistenza lill-Istati Membri fit-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tar-regoli. Il-Kummissjoni għandu jkollha rwol akbar fil-proċess ta' infurzar sabiex tiżgura li l-operaturi ekonomiċi kollha jkunu konformi mar-regoli, mingħajr ma żżomm lura milli tniedi proġetti pilota jew proċedimenti ta' ksur għal nuqqas ta' konformità;

(b) Fir-rigward tal-informazzjoni disponibbli għall-KE sabiex tindirizza l-ostakli għas-suq uniku diġà jeżistu kanali ta' informazzjoni wesgħin, bħal pereżempju n-Netwerk Enterprise Europe, il-pjattaforma tal-ODR, TRIS, is-sistema tal-IMI u l-Pjattaforma REFIT. Dawn il-kanali jistgħu jiġu analizzati aħjar u b'mod aktar sistematiku biex jiġu identifikati l-ostakoli u s-segmentazzjonijiet fis-suq uniku, inkluż in-nuqqas ta' konformità mal-leġislazzjoni tal-UE.

(c) In-negozji jibżgħu u jinkwetaw dwar il-piż amministrattiv akbar tal-obbligu ġdid biex jipprovdu informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali u data sensittiva tal-kumpaniji (il-politika tal-ipprezzar, l-istrateġija tan-negozju) b'riskju ta' multi u penali.

4.3.3. Min-naħa tagħhom, l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-entitajiet tas-soċjetà ċivili jikkunsidraw bħala pożittiva l-proposta ta' Regolament billi jikkunsidraw li huwa importanti:

(a) l-aċċess xieraq għal data affidabbli għaliex, minbarra li żżid it-trasparenza, ittejjeb il-ħidma tas-suq intern biex ikun jista' jipprovdi informazzjoni pertinenti, utli, koerenti u speċjalment sinifikanti għall-adozzjoni ta' miżuri speċifiċi mill-Kummissjoni,

(b) biex tinkiseb b'mod xieraq informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva, eżawrjenti u affidabbli, mingħand għażla ta' operaturi tas-suq permezz ta' talbiet għal informazzjoni ddelimitati sew, u

(c) li l-Kummissjoni tiġi megħjuna tiżgura li d-drittijiet taċ-ċittadini u tan-negozji jiġu rrispettati fis-suq uniku, u tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-Istati Membri.

4.3.4. Bħala konsegwenza, fl-ipoteżi li tiġi approvata l-proposta ta' Regolament skont it-termini kkontemplati, il-KESE jitlob li din l-għodda tintuża mill-Kummissjoni, bil-proporzjonalità massima, għall-każijiet b'dimensjoni transkonfinali b'saħħitha, meta dan jirriżulta li huwa meħtieġ u b'ħarsien tad-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati, b'mod speċjali fir-rigward tal-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali.

4.3.4.1. Barra minn hekk, il-proposta li ssir valutazzjoni msemmija fit-test spjegattiv tal-proposta għandha titqiegħed fit-test leġislattiv biex issir regola vinkolanti. Din il-valutazzjoni tar-regolamenti għandha sseħħ fi żmien ħames snin mill-adozzjoni tar-Regolament, sabiex issir analiżi tal-funzjonament ta' dawn l-attivitajiet ta' sorveljanza.

5. **Ir-rwol tal-KESE fil-proċess**

5.1. Il-kisba tas-suq uniku tal-UE u l-applikazzjoni korretta tar-regoli tiegħu jikkostitwixxu wieħed mill-prinċipji prijoritarji tal-KESE.

5.2. Ta' spiss, iċ-ċittadini u l-impriżi ma jkunux għalkollox konxji mid-drittijiet u l-opportunitajiet li joffri s-suq intern. Il-*"portal uniku diġitali"* għandu jtejjeb u jikkollega l-għodod eżistenti u jgħin lill-impriżi biex jikkumplimentaw il-proċeduri u l-formalitajiet amministrattivi użati l-aktar ta' spiss fuq l-Internet. Dan il-portal għandu jiżgura li s-suq intern ikun aktar trasparenti u, min-naħa l-oħra, aktar sigur u prevedibbli.

5.3. Il-KESE jinsab dispost li jikkontribwixxi għan din l-inizjattiva, bħala rappreżentant tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Għal dan il-għan, huwa joffri li jgħin fis-superviżjoni u l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-*"portal diġitali uniku"*.

5.4. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni biex tikkoopera mill-qrib miegħu sabiex b'hekk tapprofitta mill-għarfien u l-esperjenza tal-membri tiegħu, li jiġu mit-tmienja u għoxrin Stat Membru.

Brussell, it-18 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet tas-CO2 minn vetturi heavy-duty ġodda u l-konsum tal-fjuwil tagħhom"

[COM(2017) 279 final — 2017/0111 (COD)]

(2018/C 081/13)

Relatur: **Dirk BERGRATH**

Korelatur: **Mihai MANOLIU**

Konsultazzjoni	Il-Parlament Ewropew, 15.6.2017
	Il-Kunsill, 22/06/2017
Bażi legali	Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Suq Uniku, Produzzjoni u Konsum
Adottata fis-sezzjoni	4.10.2017
Adottata fil-plenarja	18.10.2017
Sessjoni plenarja Nru	529
Riżultat tal-votazzjoni	188/0/3
(favur/kontra/astensjonijiet)	

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Fil-fehma tal-KESE, il-ħolqien tal-impjiegi, kif ukoll l-investiment immirat lejn ir-reindustrijalizzazzjoni tal-Ewropa, it-tkabbir ekonomiku, it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, mudelli ġodda ta' negozju, teknoloġiji fl-avangwardja, il-ħarsien tal-ambjent u s-saħħa pubblika għandhom ikunu objettivi ewlenin tal-politika tal-UE.

1.2. Il-KESE jemmen li l-operaturi tat-trasport kellhom opportunitajiet mitlufa biex inaqqsu l-kontijiet tal-karburant, li jgħoddu għal kwart tal-ispejjeż operattivi tagħhom. L-effiċjenza fl-użu tal-karburant hija kriterju fundamentali f'deċiżjonijiet dwar xiri, u t-tnaqqis tal-konsum tal-karburant għandu jgħin biex jitnaqqas il-kont tal-importazzjoni tal-karburant. L-UE teħtieġ ċertifikazzjoni, valutazzjoni tal-konsum tal-karburant, u standards tal-emissjonijiet u tal-konsum, u dan għandu jmexxi l-innovazzjoni. Kompetizzjoni ħarxa bejn il-produtturi tal-vetturi nħolqot minn politiki u pjani għal vetturi elettriċi. Is-settur tat-trasport jeħtieġ jagħmel il-kontribut tiegħu biex jitnaqqsu l-emissjonijiet, flimkien ma' dawk tal-bini, l-agrikoltura u l-iskart.

1.3. L-azzjoni tal-UE hi ġġustifikata fid-dawl tal-impatt transfruntier tat-tibdil fil-klima u tal-ħtieġa li jiġu ssalvagradjati s-swieq uniċi tal-fjuwil, tal-vetturi u tas-servizzi tat-trasport. Il-frammentazzjoni tas-suq tat-trasport u t-telfien tat-trasparenza tas-suq, id-differenzi fil-leġislazzjoni u l-prattiki politiċi diverġenti dwar il-monitoraġġ, kif ukoll in-nuqqas ta' bażi ta' data komuni li fiha data ta' monitoraġġ, kollha għandhom effetti ekonomiċi u soċjali sinifikanti.

1.4. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-proposta għal Regolament tagħmilha eħfef biex jiġu monitorjati u mxerda kejl ta' CO_2 ta' HDVs (Vetturi Heavy-Duty) li jkunu għadhom kif ġew irreġistrati fl-UE, u tforni lill-klijenti – ħafna minnhom SMEs – b'informazzjoni ċara dwar il-konsum

1.5. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-għażla fil-proposta għal Regolament tat-tielet għażla ta' rappurtar ikkombinat, għax din tiggarantixxi l-fluss ta' informazzjoni diġitali, hija mezz sabiex id-data tinġabar kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE, u tinvolvi spejjeż amministrattivi baxxi.

1.6. Il-KESE jenfasizza li swieq sinifikanti bħal pereżempju l-Istati Uniti, il-Kanada, il-Ġappun u ċ-Ċina, tul dawn l-aħħar snin implimentaw miżuri għaċ-ċertifikazzjoni u għall-effiċjenza tal-karburant fil-forma ta' standards dwar il-konsum tal-karburant u/jew standards dwar l-emissjonijiet, biex jistimulaw l-innovazzjoni u jtejbu l-effiċjenza tal-vetturi b'mod mgħaġġel. Il-kompetittività tal-produtturi Ewropej ta' vetturi heavy-duty għalhekk tiddependi li jintlaħqu dawn l-istandards.

1.7. Filwaqt li huwa minnu li s-suq bażikament jitfa' pressjoni fuq il-produtturi biex ikomplu jnaqqsu l-konsum tal-karburant ta' trakkijiet fl-UE, il-kumpaniji tat-trasport iddominati mill-SMEs spiss iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet fil-finanzjament tal-prezz tax-xiri ogħla għall-HDVs li jwasslu għal użu aktar effiċjenti tal-karburant.

1.8. Il-KESE jirrakkomanda li, meta tkun qed tistabbilixxi l-limiti potenzjali tas-CO_2 għal vetturi heavy-duty, il-Kummissjoni għandha timmira li ssib bilanċ bejn il-miri li jistgħu jintlaħqu fi żmien qasir sa medju u l-mira aktar fit-tul ta' livell ta' emissjonijiet ta' żero għat-trasport bit-triq. Dan ifisser li l-innovazzjoni f'teknoloġiji eżistenti għandha tkun stimulata, mingħajr ma jiġu limitati l-investimenti f'vetturi b'emissjonijiet żero.

1.9. F'dan il-kuntest, il-KESE jemmen li r-rakkomandazzjonijiet li ressaq fl-Opinjoni tiegħu dwar ir-rapport finali tal-Grupp ta' Livell Għoli CARS 21 jistgħu jiġu applikati wkoll għal vetturi heavy-duty, speċjalment fil-perijodu ta' żmien tal-implimentazzjoni.

1.10. Il-KESE jisħaq fuq ir-rwol tal-investiment pubbliku u r-regolamentazzjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tat-trasport bit-triq, inklużi dawk prodotti mit-trasport ta' merkanzija tqila.

1.11. Il-KESE jenfasizza li kwalunkwe azzjoni regolatorja għandha timxi id f'id ma' aktar miżuri ta' politika biex titnaqqas id-domanda għat-trasport bit-triq – inkluż it-trasport ta' merkanzija tqila – billi ssir bidla għal mezzi oħra tat-trasport (ferroviji, passaġġi tal-ilma interni, eċċ.) li jipproduċu inqas emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra.

2. **Introduzzjoni**

2.1. Il-proposta għal Regolament għandha l-għan li tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet tas-CO_2 mill-vetturi heavy-duty ġodda rreġistrati fl-Unjoni Ewropea u l-konsum tal-karburant tagħhom. Dan japplika biss għal vetturi heavy-duty mfassla u mibnija għall-ġarr ta' passiġġieri jew ta' merkanzija u trejlers ([1]).

2.2. It-trasport u l-mobilità huma ta' importanza vitali għall-ekonomija Ewropea u l-kompetittività tagħha. Din l-importanza hija wkoll riflessa fil-varjetà wiesgħa ta' oqfsa ta' politika oħra li jinfluwenzaw b'mod qawwi lil dan is-settur. Jekk jitwettqu l-prijoritajiet tal-Unjoni tal-Enerġija, is-Suq Uniku Diġitali u l-Aġenda għall-Impjiegi, it-Tkabbir u l-Investiment f'kull każ dan ser jibbenefika l-mobilità u s-settur tat-trasport.

2.3. F'Ottubru 2014, il-kapijiet ta' Stat u ta' gvern tal-UE ([2]) stabbilixxew mira ta' tnaqqis vinkolanti tal-emissjonijiet prodotti madwar l-ekonomija kollha tal-UE b'mill-anqas 40 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990. Din il-mira hija bbażata fuq tbassir globali li jikkonforma ma' medda medja ta' żmien tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima (COP 21) ([3]). Il-Kummissjoni ħabbret li ser tintroduċi l-istandards tal-effiċjenza tal-karburant għal vetturi ġodda heavy duty.

2.4. Fl-2015, skont id-data tal-industrija, l-esportazzjonijiet tat-trakkijiet iġġeneraw bilanċ kummerċjali favorevoli ta' EUR 5,1 biljun. Dan is-settur jagħmel parti minn industrija awtomobilistika li tiġġenera 12,1 miljun impjieg dirett u indirett fl-Ewropa, ekwivalenti għal 5,6 % tal-impjiegi totali tal-UE.

([1]) Kategoriji ta' vetturi kif definiti fid-Direttiva 2007/46/KE kif l-aħħar emendata mir-Regolament (KE) Nru 385/2009: M1, M2, N1 u N2 b'massa ta' referenza li taqbeż 2 610 kg li ma jaqgħux fi ħdan l-iskop tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-vetturi kollha fil-kategoriji M3 u N3, vetturi fil-kategoriji O3 u O4.

([2]) Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2014, EUCO 169/14, p. 2..

([3]) FCCC/CP/2015/L.9/Rev.1.

2.5. Il-Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar il-Bidla fil-Klima li tħares 'il Quddiem (Frar 2015) identifika t-transizzjoni għal ekonomija b'użu effiċjenti tal-enerġija, mingħajr karbonju fis-settur tat-trasport, bħala qasam ewlieni għal azzjoni. B'impetu mill-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima, il-miżuri stabbiliti fl-Istrateġija Ewropea għal mobbiltà b'emissjonijiet baxxi (Lulju 2016) ([4]) issa qed jiġu implimentati. Investimenti infrastrutturali bħala parti mill-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa għandhom jistimolaw il-ħolqien ta' mobbiltà futura nadifa, kompetittiva u konnessa fl-Ewropa.

2.6. Bejn l-1990 u l-2014, l-emissjonijiet tas-CO_2 fl-UE minn vetturi kummerċjali żdiedu ferm aktar malajr minn dawk mill-karozzi. L-emissjonijiet tas-CO_2 minn vetturi kummerċjali żdiedu b'madwar 25 %; l-emissjonijiet mill-karozzi b'madwar 12 % biss. It-trakkijiet u x-xarabankijiet issa jammontaw għal madwar kwart tal-emissjonijiet tas-CO_2 relatati mat-trasport bit-triq fl-UE. Is-sehem tagħhom ta' emissjonijiet qed ikompli jikber, hekk kif iż-żieda kontinwa u stretta ta' limiti tas-CO_2 qed inaqqsu l-emissjonijiet mill-karozzi u l-vannijiet.

2.7. Bħalissa, unità ta' trattur 4×2 tipika Ewropea ta' 40 tunnellata f'"ċiklu ta' prova fuq distanzi twal" tikkonsma madwar 33,1 l ta' karburant għal kull 100 km fit-toroq u l-awtostradi. Trakk tad-distribuzzjoni 4×2 tipiku Ewropew ta' 12-il tunnellata f'"ċiklu ta' prova ta' kunsinna urbana" jikkonsma madwar 21,4 l ta' karburant għal kull 100 km ([5]).

2.8. Vetturi heavy-duty (HDVs) issoltu huma manifatturati f'diversi stadji; ġeneralment, prodotti magħmulin skont speċifikazzjonijiet partikolari biss huma disponibbli. Ix-xażi huwa prodott minn prodottur wieħed u mbagħad, fl-istadju li jmiss, jirċievi karozzerija minn produttur ieħor. Dan ifisser li għadd ta' produtturi differenti għandhom impatt fuq il-konsum tal-karburant tal-vettura kompluta u b'hekk fuq l-emissjonijiet tas-CO_2 tagħha.

2.9. Ix-xerrejja ta' vetturi heavy-duty huma fil-biċċa l-kbira tagħhom operaturi tat-trasport tal-merkanzija. Dawn jistgħu jesperjenzaw spejjeż tal-karburant ogħla iktar minn kwart tal-ispejjeż operazzjonali tagħhom, u jikklassifikaw l-effiċjenza tal-karburant bħala l-ogħla kriterju għax-xiri tagħhom. Filwaqt li l-effiċjenza tal-karburant tal-vetturi heavy-duty tjiebet f'deċennji reċenti, ħafna mill-iktar minn nofs miljun kumpanija ta' trasport, li huma fil-biċċa l-kbira SMEs, għad m'għandhomx aċċess għal informazzjoni standardizzata biex jevalwaw it-teknoloġiji tal-effiċjenza tal-karburant, biex iqabblu t-trakkijiet ħalli jagħmlu l-iktar deċiżjoni ta' xiri infurmata u biex inaqqsu l-ispejjeż tal-karburant tagħhom. Din is-sitwazzjoni tiġi aggravata minħabba n-nuqqas ta' metodoloġija miftehma b'mod komuni għall-kejl tal-konsum tal-karburant.

2.10. In-nuqqas ta' trasparenza fis-suq jissarraf f'inqas pressjoni għal produtturi tal-HDVs tal-UE biex jagħmlu aktar sforzi biex titjieb l-effiċjenza tal-vetturi u biex jinvestu fl-innovazzjoni f'suq globali tant kompetittiv. Hemm ir-riskju konsegwenti li s-settur tal-manifattura tal-UE jista' jitlef it-tmexxija attwali tiegħu fl-effiċjenza fl-użu tal-karburant ta' vetturi.

2.11. It-trasparenza fir-rendiment tal-karburant u tal-emissjonijiet tas-CO_2 ta' vetturi għandha tistimola wkoll kompetizzjoni fi ħdan is-suq tal-UE, fejn fl-2016 il-Kummissjoni identifikat kartel bejn il-produtturi ta' trakkijiet li kien ilu jopera bejn l-1997 u l-2011.

3. **Il-proposta għal Regolament**

3.1. Ir-Regolament propost huwa parti mill-pakkett *L-Ewropa Attiva*, li għandhom l-għan li: itejbu s-sikurezza fit-triq; jippromovu pedaġġ aktar ġust; inaqqsu l-emissjonijiet tas-CO_2, it-tniġġis tal-arja, il-konġestjoni tat-traffiku u l-burokrazija għan-negozji; jiġġieldu kontra l-impjieg illegali; u jiżguraw kundizzjonijiet deċenti u perjodi ta' mistrieħ għall-ħaddiema.

3.2. Fuq medda twila ta' żmien, dawn il-miżuri ser ikollhom effett pożittiv ferm lil hinn mis-settur tat-trasport: se jippromovu l-impjieg, it-tkabbir u l-investiment, isaħħu l-ġustizzja soċjali, iżidu l-għażla tal-konsumatur u jipprovdu lill-Ewropa bi triq ċara lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet.

([4]) COM(2016) 501 final.

([5]) Delgado, O., Rodríguez, F., Muncrief, R., *Fuel efficiency technology in European heavy-duty vehicles: Baseline and potential for the 2020–2030 timeframe*, International Council on Clean Transportation, ICCT White Paper, Berlin, Lulju 2017.

3.3. Matul it-12-il xahar li ġejjin li dan il-pakkett se jiġi supplimentat b'aktar proposti li jinkludu standards tal-emissjonijiet wara l-2020 għall-karozzi u l-vannijiet, kif ukoll – għall-ewwel darba – għal vetturi heavy-duty. Dawn il-proposti se jagħtu spinta ulterjuri lill-proċess tal-innovazzjoni, isaħħu l-kompetittività, inaqqsu l-emissjonijiet tas-CO_2, itejbu l-kwalità tal-arja, is-saħħa pubblika u s-sikurezza fit-toroq.

3.4. Il-lakuna fl-għarfien se titnaqqas permezz ta' softwer tas-simulazzjoni – għodda effiċjenti għall-kalkolu tal-konsum ta' karburant u tal-ispejjeż. Ir-regolazzjoni ġdida taċ-ċertifikazzjoni (l-approvazzjoni tat-tip) dwar id-determinazzjoni tal-emissjonijiet ta' CO_2 se tkun ibbażata fuq data tal-prestazzjoni individwali u l-proċess ċertifikat tas-sejbien ta' sorsi u l-ġestjoni tad-data użata.

3.5. Din il-proposta għal Regolament timplimenta l-Komunikazzjoni tal-2014 dwar Strateġija għat-tnaqqis tal-konsum tal-fjuwil u tal-emissjonijiet tas-CO_2 tal-Vetturi Heavy-Duty. L-istrateġija tal-HDVs ħabbret miżura ta' implimentazzjoni li tistabbilixxi l-proċedura għaċ-ċertifikazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 minn HDVs ġodda mqiegħda fis-suq tal-UE, ikkalkulati mill-għodda ta' simulazzjoni VECTO, u proposta leġislattiva dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' dawn l-emissjonijiet.

3.6. Peress li VECTO hija biss għodda ta' simulazzjoni, it-tieni pakkett għandu jinkludi testijiet dwar il-konsum ta' karburant fit-triq, kif il-Kummissjoni beħsiebha tagħmel għal karozzi u vetturi kummerċjali ħfief. Jeħtieġ li tiġi żviluppata metodoloġija biex tiddifferenzja l-imposti għall-użu tal-infrastruttura għal HDVs ġodda skont l-emissjonijiet tas-CO_2 (reviżjoni tad-Direttiva Eurovignette u d-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika).

3.7. Il-KESE jappella lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jaqblu li jiggarantixxu li l-partijiet terzi (istituti ta' riċerka, kumpaniji tat-trasport, NGOs) se jkollhom aċċess għad-data VECTO uffiċjali dwar il-konsum tal-karburant b'mod li ċ-ċifri jkunu jistgħu jiġu ċċekkjati u mqabbla permezz ta' ttestjar indipendenti. Jeħtieġ li jitwettqu kontroll tal-kwalità u verifika tad-data ppreżentata sabiex jiġu indirizzati kwalunkwe nuqqasijiet jew irregolaritajiet. Dawn l-ispezzjonijiet għandhom jitwettqu b'mod konformi mad-drittijiet fundamentali.

3.8. Il-proposta timplimenta wkoll l-Istrateġija Ewropea tal-2016 għal Mobbiltà b'Emissjonijiet Baxxi, li l-għanijiet tagħha jinkludu t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra fit-trasport tat-triq b'tal-inqas 60 % fl-2050 meta mqabbla mal-livelli tal-1990 u t-tnaqqis b'mod drastiku tal-emissjoni ta' sustanzi li jniġġsu l-arja. L-istrateġija tiddikjara wkoll li l-Kummissjoni se tħaffef il-ħidma analitika fuq l-għażliet ta' tfassil għall-istandards tal-emissjonijiet tas-CO_2 bil-ħsieb li tħejji proposta leġislattiva matul il-mandat ta' din il-Kummissjoni.

3.9. Għal finijiet ta' monitoraġġ, mill-2020 'l quddiem, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jridu jissottomettu data dwar vetturi ġodda rreġistrati fl-UE għall-ewwel darba matul is-sena ta' qabel, u produtturi ta' vetturi heavy-duty għandhom jissottomettu data dwar vetturi b'data ta' produzzjoni li taqa' matul is-sena kalendarja preċedenti. Dan ir-rapportar annwali huwa dovut sat-28 ta' Frar ta' kull sena. It-tip ta' data li għandha titressaq hija mniżżla fil-Parti A u B tal-Anness I għall-proposta għal Regolament.

3.10. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) se tamministra, f'isem il-Kummissjoni, bażi ta' data ċentrali tad-data li tiġi ppreżentata u li se tkun disponibbli għall-pubbliku (għajr għal ċertu data sensittiva).

3.11. L-awtoritajiet kompetenti u l-produtturi għandhom ikunu responsabbli għall-preċiżjoni u l-kwalità tad-data li jippreżentaw. Madankollu, il-Kummissjoni tista' twettaq il-verifika tagħha stess tal-kwalità tad-data ppreżentata u, fejn xieraq, tieħu l-miżuri meħtieġa biex tikkoreġi d-data ppubblikata fir-reġistru ċentrali. M'hemmx obbligi diretti ta' rapportar għall-SMEs u għall-mikrointrapriżi.

3.12. Il-Kummissjoni se tipproduċi rapport annwali li jinkludi l-analiżi tad-data mibgħuta mill-Istati Membri u l-produtturi għas-sena kalendarja preċedenti. L-analiżi għandha tinkludi, bħala minimu, ċifri dwar il-medja tal-konsum tal-karburant u l-emissjonijiet tas-CO_2 tal-flotta ta' vetturi heavy-duty tal-Unjoni kollha kemm hi, kif ukoll ta' kull produttur. Trid tqis ukoll, fejn disponibbli, id-data dwar it-teħid ta' teknoloġiji ġodda u avvanzati ta' tnaqqis tas-CO_2.

3.13. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa permezz ta' atti delegati biex temenda r-rekwiżiti tad-data stipulati fl-annessi għall-proposta għal Regolament, u li twettaq bidliet fil-proċess ta' monitoraġġ u rapportar.

4. **Kummenti ġenerali**

4.1. Bħal f'opinjonijiet preċedenti dwar proposti leġislattivi tal-Kummissjoni dwar it-tnaqqis ta' emissjonijiet tas-CO_2, il-KESE jikkonferma l-appoġġ tiegħu għall-inizjattivi kollha tal-UE li għandhom l-għan li jilħqu miri speċifiċi għat-tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra, billi din hija parti ewlenija fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Għal dan il-għan, l-ebda miżura raġonevoli sabiex jitnaqqsu wkoll l-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali ma tista' tiġi injorata, billi dawn il-vetturi jiffurmaw iktar minn 10 % tal-flotta.

4.2. Barra minn hekk, l-istrument magħżul – Regolament tal-UE – huwa l-iktar adatt biex tiġi żgurata konformità immedjata mad-dispożizzjonijiet adottati, u biex jiġu evitati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni li jista' jkollhom implikazzjonijiet għas-suq intern.

4.3. Id-data dwar l-emissjonijiet ta' CO_2 u l-konsum tal-karburant hija prodotta bl-użu ta' softwer tas-simulazzjoni msejħa VECTO (Għodda għall-kalkolu tal-Konsum tal-Enerġija tal-Vetturi).

4.3.1. Id-deċiżjoni li tiġi żviluppata din l-għodda saret wara li tqiesu għażliet oħra għal proċeduri tal-kalkolu, inklużi sodod tal-ittestjar tal-magna, tad-dinamometru tax-xażi, u testijiet abbord fi traffiku reali b'Sistemi Portabbli tal-Kejl tal-Emissjonijiet (PEMS). Ir-raġunijiet ewlenin għall-għażla ta' simulazzjoni minflok kwalunkwe proċedura ta' ttestjar oħra kienu:

1. kumparabbiltà: riżultati tat-testijiet għal tipi differenti ta' HDVs huwa direttament komparabbli;

2. effiċjenza tal-ispejjeż: l-ispiża għolja tal-faċilitajiet tal-ittestjar meta mqabbla mas-simulazzjoni;

3. il-kapaċità li tiġi trattata varjabilità għolja: sensiliet ta' produzzjoni HDV huma żgħar ħafna billi vetturi bħal dawn huma fil-biċċa l-kbira tagħhom prodotti skont speċifikazzjoni partikolari tal-utenti aħħarin;

4. riproduċibbiltà: is-simulazzjoni toffri l-ogħla punteġġi għar-riproduċibbiltà tat-testijiet;

5. preċiżjoni: jista' jiġi identifikat iffrankar żgħir mill-ottimizzazzjonijiet ta' komponent wieħed;

6. komprensività: is-simulazzjoni tista' tintuża biex tiġi ottimizzata l-konfigurazzjoni totali tal-vettura biex jintlaħaq konsum inqas ta' karburant, peress li din tinkludi l-komponenti kollha (kabina, tajers, magna, trażmissjoni, eċċ.). Dan l-approċċ ġie kkonfermat fl-istrateġija dwar l-HDVs tal-2014.

4.3.2. L-obbligu li d-data tal-VECTO tiġi pproċessata u tkun disponibbli għall-vetturi heavy-duty ġodda kollha jippermetti lix-xerreja kemm li jqabblu d-diversi mudelli ta' vetturi, it-teknoloġiji tal-konsum tal-karburant, u diversi karozzeriji ta' vetturi – pereżempju krejn, kompartiment refriġerat – kif ukoll li jqabblu diversi kombinazzjonijiet ta' komponenti individwali. Għall-kuntrarju tal-karozzi, huma użati mudelli differenti ta' vetturi heavy-duty f'modi differenti ħafna skont il-karozzeriji tagħhom, li jwassal għal differenza kbira fil-konsum tal-karburant u tal-emissjonijiet ta' CO_2. Barra minn hekk, il-kapaċità li jqabblu ser iżżid il-kompetizzjoni kemm bejn il-produtturi tal-vetturi kif ukoll bejn il-produtturi tal-karozzeriji tal-vetturi.

4.3.3. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-proposta għal Regolament tagħmilha eħfef biex jiġu monitorjati u mxerda kejl ta' CO_2 ta' HDVs li jkunu għadhom kif ġew irreġistrati fl-UE, u tforni lill-klijenti – ħafna minnhom SMEs – b'informazzjoni ċara dwar il-konsum

4.3.4. Il-KESE huwa konxju li l-kejl tal-emissjonijiet tas-sewqan reali (RDE – Real Driving Emissions) permezz ta' sistema ta' kejl tal-emissjonijiet portabbli (PEMS – Portable Emissions Measurement System) huwa ppreferut mill-kejl tal-emissjonijiet permezz ta' dinamometru tax-xażi jew – kif inhu propost hawnhekk – bl-użu ta' softwer tas-simulazzjoni. Wara perjodu ta' introduzzjoni, u wara li jittieħed kont tal-esperjenza bis-sistema VECTO, il-Kummissjoni għandha tanalizza jekk it-testijiet tal-RDE għall-vetturi heavy-duty huma fattibbli, u jekk iva, kif jistgħu jsiru.

4.4. Matul il-valutazzjoni tal-impatt, il-Kummissjoni ttestjat tliet għażliet għall-ġbir tad-data u r-rappurtar lill-EEA: 1) rappurtar minn awtoritajiet nazzjonali; 2) rappurtar minn produtturi ta' vetturi heavy-duty; u 3) rappurtar ikkombinat mill-awtoritajiet nazzjonali u l-produtturi.

4.4.1. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-għażla fil-proposta għal Regolament tat-tielet għażla ta' rappurtar ikkombinat, għax din tiggarantixxi l-fluss ta' informazzjoni diġitali, hija mezz sabiex id-data tinġabar kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE, u tinvolvi spejjeż amministrattivi baxxi.

4.4.2. Il-KESE jinnota bi pjaċir li d-data sottomessa lill-Kummissjoni mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-produtturi ta' vetturi heavy-duty se tkun disponibbli għall-pubbliku. Għal raġunijiet ta' protezzjoni tad-data u s-salvagwardja tal-kompetizzjoni, il-KESE jilqa' wkoll il-proposta li la n-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura (VIN) u lanqas id-data ta' produzzjoni relatata ma' ċerti partijiet forniti (trażmissjoni, fusien u tajers) jiġu ppubblikati.

4.5. Fil-fehma tal-KESE, ikun tajjeb nirriflettu fuq l-imposti bbażati fuq is-CO_2 għall-utenti tat-toroq għal vetturi heavy-duty. Biex dan ikun possibbli, id-data mir-reġistru ċentrali (numru ta' identifikazzjoni tal-vettura u l-kejl tal-emissjonijiet tas-CO_2) trid tiġi marbuta ma' data ta' reġistrazzjoni (in-numru tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni) u mbagħad kondiviża ma' dawk li jamministraw imposti għall-utenti tat-toroq.

4.5.1. Il-KESE f'diversi okkażjonijiet ([6]) approva l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tintroduċi sistema uniformi fil-livell Ewropew għal tariffi għall-użu tat-triq abbażi tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas. Sistema uniformi ġestita pubblikament ta' tariffi għall-użu tat-triq ikunu utli wkoll mill-perspettiva tal-protezzjoni tad-data.

4.6. Il-Kummissjoni tqis li l-proposta tagħha għal Regolament hija pass meħtieġ lejn l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-istandards tal-emissjonijiet futuri ta' CO_2 għal vetturi heavy-duty. Sistema ta' monitoraġġ u rapportar hi partikolarment neċessarja għall-valutazzjoni tal-konformità ma' tali standards futuri, bħalma hu l-każ diġà għall-karozzi u l-vannijiet.

4.6.1. Kien hemm limiti vinkolanti tas-CO_2 għall-karozzi tal-passiġġieri fl-UE mill-2009, u għall-vannijiet mill-2011 'l hawn. Sadanittant, vetturi heavy-duty s'issa ma kinux suġġetti għal limiti ta' CO_2 komparabbli. Madankollu, proposta leġislattiva tal-Kummissjoni hija mistennija fl-2018 li se tintroduċi limiti ta' CO_2 mandatorji għal dawn il-vetturi wkoll.

4.6.2. Swieq sinifikanti bħal pereżempju l-Istati Uniti, il-Kanada, il-Ġappun u ċ-Ċina, tul dawn l-aħħar snin implimentaw miżuri għaċ-ċertifikazzjoni u għall-effiċjenza tal-karburant fil-forma ta' standards dwar il-konsum tal-karburant u/jew standards dwar l-emissjonijiet, biex jistimulaw l-innovazzjoni u jtejbu l-effiċjenza tal-vetturi b'mod mgħaġġel. Il-kompetittività tal-produtturi Ewropej ta' vetturi heavy-duty għalhekk tiddependi li jintlaħqu dawn l-istandards.

4.7. Huwa minnu li s-suq bażikament jagħmel pressjoni fuq il-produtturi biex ikomplu jnaqqsu l-konsum tal-karburant tat-trakkijiet fl-UE: l-ispejjeż tal-karburant jirrappreżentaw bil-wisq l-akbar oġġett ta' spiża (madwar 30 %) fl-istruttura tal-ispejjeż tat-trasport bit-triq fuq distanzi twal. Il-kumpaniji tat-trasport, bħala xerrejja ta' vetturi heavy-duty, għalhekk għandhom interess fi trakkijiet li jikkunsmaw l-inqas karburant possibbli.

4.7.1. Min-naħa l-oħra, l-esperjenza wriet li miri mhux vinkolanti u l-forzi tas-suq waħedhom mhumiex biżżejjed biex jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-konsum tal-karburant ta' vetturi ġodda u, b'riżultat ta' dan, l-emissjonijiet ta' CO_2.

4.7.2. Is-settur tat-trasport huwa ddominat mill-SMEs. Waħda mill-kwistjonijiet l-aktar importanti li qed jiffaċċjaw l-SMEs hija d-diffikultà tagħhom biex jaċċessaw il-finanzi. Għalhekk, il-kumpaniji tat-trasport ta' spiss jiffaċċjaw diffikultajiet biex jiffinanzjaw il-prezz tax-xiri ogħla ta' HDVs aktar effiċjenti fl-użu tal-karburant.

4.7.3. Il-KESE jirrakkomanda li, meta tkun qed tistabbilixxi l-limiti potenzjali tas-CO_2 għal vetturi heavy-duty, il-Kummissjoni għandha timmira li ssib bilanċ bejn il-miri li jistgħu jintlaħqu fi żmien qasir sa medju u l-mira aktar fit-tul ta' livell ta' emissjonijiet ta' żero għat-trasport bit-triq. Dan ifisser li l-innovazzjoni f'teknoloġiji eżistenti għandha tkun stimulata, mingħajr ma jiġu limitati l-investimenti f'vetturi b'emissjonijiet żero.

4.7.4. F'dan il-kuntest, il-KESE jemmen li r-rakkomandazzjonijiet li ressaq fl-Opinjoni tiegħu dwar ir-rapport finali tal-Grupp ta' Livell Għoli CARS 21 ([7]) jistgħu jiġu applikati wkoll għal vetturi heavy-duty. Dawk ir-rakkomandazzjonijiet kienu jinkludu li l-atturi fl-industrija jingħataw iż-żmien sabiex jiżviluppaw bis-sħiħ it-teknoloġiji li huma meħtieġa sabiex jiġu ssodisfati esiġenzi aktar stretti mingħajr ma dan jirriżulta f'żieda sinifikanti fil-prezz tal-prodott u, finalment, fid-dewmien fit-tiġdid tal-flotta tal-vetturi;

([6]) EESC-2017-02887 (ara paġna 181 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali), EESC-2017-02888 (ara paġna 188 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali), EESC-2017-03231 (ara paġna 195 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([7]) ĠU L 10, 15.1.2008, p. 15.

4.7.5. F'dan il-kuntest, ir-regolament tal-Istati Uniti dwar HDVs, trakkijiet tratturi, trejlers, u magni ġodda jista' jitqies bħala eżempju pożittiv ta' implementazzjoni antiċipattiva. Hemmhekk, it-tieni fażi ta' regolamenti ser tiġi implimentata mis-sena ta' mudell 2018 sal-2027, b'kontinwazzjoni fuq l-istandards tal-ewwel fażi li jkopru s-snin 2014 sa 2018.

4.8. Il-KESE jisħaq fuq ir-rwol tal-investiment pubbliku u r-regolamentazzjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tat-trasport bit-triq, inklużi dawk prodotti mit-trasport ta' merkanzija tqila.

4.8.1. Għażla futura tista' tkun is-sistema "e-highway", fejn trakkijiet ibridi jimxu permezz ta' linji elettriċi fl-ajru fuq il-kurituri tal-merkanzija arterjali ewlenin b'mod simili għal trams, ferroviji u trolleybuses illum. Meta mqabbdin mal-linja tal-elettriku, it-trakkijiet jistgħu jimxu kompletament bl-elettriku. Ladarba s-sewqan isir lil hinn mit-triq imqabbda mal-elettriku, il-vettura tkun tista' timxi fuq diżil jew magna tal-elettriku permezz tal-kapaċità tal-batterija abbord.

4.8.2. Trakk "platooning" għandu l-potenzjal li jnaqqas l-emissjonijiet tas-CO_2 b'madwar 10 %. Trakkijiet isegwu lil xulxin b'distanza stabbilita bejniethom, bl-użu ta' teknoloġija ta' konnettività fl-avangwardja u sistemi ta' appoġġ tas-sewqan. Il-vettura li tmexxi l-konvoj taġixxi bħala mexxej. Jekk tibbrejka, it-trakkijiet l-oħrajn kollha fil-platoon ukoll jibbrejkjaw. Il-ħin tar-reazzjoni huwa prattikament ugwali għal kull trakk. Sistema ta' platooning tirriżulta f'konsum aktar baxx ta' karburant u sigurtà ogħla, iżda jistgħu jkunu meħtieġa bidliet regolatorji.

4.8.3. Id-Direttiva (UE) 2015/719 ([8]) fl-aħħar introduċiet emendi ġodda għar-regolamenti dwar vetturi heavy-duty li jippermettu disinji aktar ajrudinamiċi ta' vetturi b'effiċjenza enerġetika u mġiba tal-emissjonijiet imtejba li għandhom jiġu introdotti fuq it-toroq Ewropej. L-emendi jinkludu derogi dwar it-tul massimu totali ta' HDVs, biex b'hekk it-trakkijiet eżistenti ikunu jistgħu jiġu "retrofitted" bi flaps aerodinamiċi fuq wara u trakkijiet ġodda jkunu jinkludu dwar l-elementi ajrudinamiċi addizzjonali, kif ukoll kabini iktar tondi u itwal. Madankollu, il-produtturi ta' trejlers jirrapportaw problemi mal-awtoritajiet ta' reġistrazzjoni fl-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti l-ġodda.

4.9. Il-KESE jenfasizza li kwalunkwe azzjoni regolatorja għandha timxi id f'id ma' aktar miżuri ta' politika biex titnaqqas id-domanda għat-trasport bit-triq – inkluż it-trasport ta' merkanzija tqila – billi ssir bidla għal mezzi oħra tat-trasport (ferroviji, passaġġi tal-ilma interni, eċċ.) li jipproduċu inqas emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra.

Brussell, it-18 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

([8]) ĠU L 115, 6.5.2015, p. 1.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-analiżi ta' nofs it-terminu tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar is-Suq Uniku Diġitali — Suq Uniku Diġitali Konness għal kulħadd"

[COM(2017) 228 final]

(2018/C 081/14)

Relatur: **Antonio LONGO**

Konsultazzjoni	Il-Kummissjoni Ewropea, 5.7.2017
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa
Sezzjoni kompetenti	Is-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	4.10.2017
Adottata fis-sessjoni plenarja	18.10.2017
Sessjoni plenarja Nru	529
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	111/0/0

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jappoġġja l-proposta li tiġi riveduta *l-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali*, filwaqt li jirrikonoxxi l-isforzi li saru mill-Kummissjoni f'termini tal-inizjattiva leġislattiva sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-UE fil-qasam tat-tkabbir teknoloġiku, ekonomiku u soċjali.

1.2. Madankollu, il-KESE jesprimi t-tħassib tiegħu dwar id-dewmien fl-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-35 azzjoni u inizjattiva leġislattiva preżentati, li jista' jaggrava d-distakk teknoloġiku u l-kompetittività tal-UE fir-rigward tal-kompetituri globali.

1.3. Il-KESE jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni biex tikkompleta l-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali bi tliet inizjattivi leġislattivi ġodda dwar il-pjattaformi online, l-ekonomija Ewropea tad-data u ċ-ċibersigurtà. Il-Kumitat jirrakkomanda f'dan ir-rigward, approċċ olistiku li jieħu kont tal-bżonnijiet għat-tisħiħ tal-kompetittività u għall-protezzjoni tad-drittijiet diġitali kemm fis-suq intern kif ukoll f'pajjiżi terzi.

1.4. Il-Kumitat jinsisti fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ *id-dimensjoni soċjali* ([1]) tal-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali. Huwa biss permezz ta' governanza fil-livell Ewropew li tinvolvi lill-gvernijiet nazzjonali, l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili kollha kemm hi li jistgħu jiġu indirizzati l-isfidi u r-riskji tar-rivoluzzjoni diġitali, filwaqt li jiġu protetti l-individwi vulnerabbli u jiġu offruti aktar opportunitajiet liċ-ċittadini u n-negozji.

1.5. Il-KESE jittama li, filwaqt li tirrispetta l-kompetenzi nazzjonali f'dan ir-rigward, l-UE tippromovi pjan ewlieni għall-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali sabiex iċ-ċittadini kollha jiġu offruti strumenti tal-għarfien biex jiffaċċjaw aħjar it-tranżizzjoni. Il-pjan għandu jkopri t-tipi u l-livelli kollha tal-edukazzjoni, ibda mit-taħriġ tal-għalliema, u r-reviżjoni tal-programmi u t-tagħlim, u għandu jkun relatat mill-qrib ma' sistema ta' taħriġ kontinwu intiża li taġġorna jew tikkonverti l-ħiliet tal-ħaddiema. Għandha tingħata attenzjoni partikolari wkoll lill-maniġers permezz tat-tnedija ta' korsijiet ta' taħriġ ta' livell għoli f'kollaborazzjoni mal-universitajiet.

([1]) ĠU C 125, 21.4.2017, p. 10, punti 3.8 u 3.9.

1.6. Ir-rivoluzzjoni diġitali ser titrasforma x-xogħol fl-aspetti kollha tiegħu: l-organizzazzjoni, il-postijiet, il-kompiti, il-ħinijiet, il-kundizzjonijiet u l-kuntratti. Il-KESE jqis li d-djalogu soċjali jista' jaqdi rwol ewlieni f'dan il-kuntest, u jistieden lill-Kummissjoni twitti t-triq flimkien mal-imsieħba soċjali biex jikkunsidraw il-prospetti fuq perjodu ta' żmien medju u twil u jidentifikaw azzjonijiet reżiljenti biex jiżguraw pagi diċenti, impjiegi ta' kwalità, bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja u l-aċċess ġenerali għas-sigurtà soċjali.

1.7. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-kisbiet reċenti fis-settur diġitali, iżda jistieden lill-istituzzjonijiet Ewropej u nazzjonali jissorveljaw l-implimentazzjoni korretta u sħiħa tal-leġislazzjoni (pereżempju: *it-tneħħija tat-tariffi tar-roaming bl-imnut*) u jkomplu jaħdmu sabiex inaqqsu l-frammentazzjoni u d-distorsjonijiet. F'dan il-kuntest il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tippubblika mill-aktar fis possibbli regolament li jippermetti l-portabbiltà tal-kontenut onlajn.

1.8. Il-Kumitat jenfasizza l-importanza li, mill-aktar fis possibbli, jingħalaq id-distakk diġitali infrastrutturali, territorjali u kulturali li sal-lum huwa ta' ostaklu għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-UE u sors ta' inugwaljanza ta' kundizzjonijiet tal-għajxien u ta' opportunitajiet għaċ-ċittadini u għan-negozji. Il-finanzjamenti li ngħataw s'issa huma sinifikanti iżda mhux biżżejjed biex ikopru l-ħtiġijiet kollha ta' żvilupp tal-UE.

1.9. Il-KESE jtenni li l-aċċess għall-Internet jirrappreżenta dritt fundamentali ta' kull ċittadin u huwa strument indispensabbli ta' inklużjoni soċjali u tkabbir ekonomiku, u għalhekk ma jistax ikun hemm aktar dewmien fl-inklużjoni tiegħu fost is-servizzi universali.

1.10. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni biex tħaffef it-terminu tal-implimentazzjoni tal-Istrateġiji għal gvern elettroniku u s-saħħa elettronika, kemm minħabba li hija prerekwiżit essenzjali għall-iżvilupp diġitali Ewropew kif ukoll minħabba l-impatt pożittiv li jista' jkollhom l-istrateġiji fuq il-kwalità tas-servizzi u tal-ħajja taċ-ċittadini.

1.11. Il-Kumitat huwa tal-fehma li l-SMEs għandhom jiġu appoġġjati aktar peress li l-użu tat-teknoloġija diġitali diġà huwa prekundizzjoni indispensabbli biex jibqgħu fis-suq. Barra minn hekk, l-azzjoni ta' appoġġ lill-kumpaniji ma tistax teskludi strateġija ad hoc għan-negozji ġodda, ibbażata fuq tliet għanijiet ewlenin: is-simplifikazzjoni tar-regoli, il-bini ta' netwerks u aċċess iffaċilitat għall-finanzjament.

1.12. Il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet tal-konsumaturi diġitali fl-UE kollha, billi tevita li l-armonizzazzjoni bejn il-leġislazzjonijiet differenti tkun tfisser tnaqqis ta' protezzjoni fejn huma diġà stabbiliti u sodisfaċenti.

1.13. Il-KESE jikkunsidra ċ-ċibersigurtà bħala prijorità għas-sovranità u l-kompetittività Ewropea, peress li hija trasversali fl-oqsma kollha ta' applikazzjoni diġitali. Il-Kumitat jirrakkomanda li l-proposta tal-Kummissjoni tipprovdi għal titjib sinifikanti tal-istandards ta' prevenzjoni, deterrenza, reazzjoni u ġestjoni tal-kriżijiet u reżiljenza fir-rigward tad-drittijiet fundamentali tal-UE, u b'hekk jiġu stabbiliti l-pedamenti għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u mal-pajjiżi terzi.

2. L-iktar stat avvanzat tas-suq uniku diġitali

2.1. Minn Mejju 2015, il-Kummissjoni Ewropea ressqet 35 proposta leġislattiva stabbiliti fl-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali ([2]), li ħafna minnhom għadhom ma ġewx implimentati peress li għadhom qed jiġu nnegozjati bejn il-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill jew għadhom ma ġewx effettivament applikati fl-Istati Membri individwali. Il-Komunikazzjoni għar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali tipprovdi l-ewwel analiżi tal-inizjattivi meħuda u r-riżultati miksuba.

2.2. Fost l-aktar inizjattivi sensittivi implimentati jew li għandhom jiġu implimentati ta' min isemmi:

— it-*tneħħija tat-tariffi tar-roaming bl-imnut* ([3]) mill-15 ta' Ġunju 2017;

([2]) COM(2015) 192 final.
([3]) COM(2016) 399 final.

— il-*portabbiltà transkonfinali tas-servizzi tal-kontenut onlajn* ([4]) mill-ewwel xhur tal-2018;

— it-*tneħħija ta' mblukkar ġeografiku mhux ġustifikat* ([5]) li jagħmel ħsara lill-konsumaturi.

2.3. Il-Kummissjoni tikkunsidra li huwa essenzjali li jiġi implimentat il-*pakkett dwar il-konnettività* ([6]) li ser jippromovi t-twettiq ta' infrastruttura diġitali ta' kwalità għolja madwar l-UE, biex il-benefiċċji tar-rivoluzzjoni diġitali jaslu għand iċ-ċittadini u l-kumpaniji kollha.

2.4. Biex jitħeġġeġ il-kummerċ elettroniku transkonfinali ser ikun importanti li jiġu adottati l-proposti tal-Kummissjoni li jarmonizzaw ir-*regoli applikabbli għall-kuntratti diġitali* ([7]), isaħħu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali għall-ħarsien tal-konsumatur ([8]), jipprovdu servizzi ta' konsenja transkonfinali affordabbli ([9]), jissimplifikaw il-proċeduri ta' dikjarazzjoni tal-VAT ([10]), jiġġieldu l-prattiki kummerċjali żleali u jipproteġu l-proprjetà intellettwali, fosthom id-drittijiet tal-awtur ([11]).

2.5. Sabiex jintlaħqu standards ogħla ta' *protezzjoni tad-data* ([12]) u *ta' kunfidenzjalità tal-konversazzjonijiet elettroniċi* ([13]) il-Kummissjoni adottat żewġ regolamenti ad hoc li għandhom jiġu applikati fl-2018.

2.6. Il-qafas legali tas-settur awdjoviżiv ([14]) se jiġi adattat għall-ħtiġijiet tal-era diġitali b'reviżjoni tar-*regoli dwar id-drittijiet tal-awtur* ([15]), sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess transkonfinali għall-kontenut u jitwessgħu l-possibbiltajiet tal-użu ta' kontenut protett mid-drittijiet tal-awtur fil-qasam tal-edukazzjoni, ir-riċerka u l-kultura.

3. **Sommarju tal-proposti l-ġodda tal-Kummissjoni**

3.1. Fid-dawl tal-iżvilupp naturali tad-dinja diġitali, li se jkun ifisser aġġustamenti infrastrutturali u regolatorji kontinwi, huwa essenzjali li jiġi garantit li l-utenti kollha jkollhom ambjent diġitali sigur, miftuħ u ġust. Dawn il-kundizzjonijiet huma indispensabbli biex tissaħħaħ il-fiduċja li sal-lum għadha tillimita l-espansjoni tas-suq uniku diġitali ([16]).

3.2. Il-Kummissjoni identifikat tliet setturi fejn tenħtieġ azzjoni aktar determinata mill-UE u li għalihom tbassar li se tippreżenta fi żmien qasir inizjattivi leġislattivi: 1) **pjattaformi online,** 2) **l-ekonomija Ewropea tad-data,** 3) **is-sigurtà tal-informatika.**

3.3. Il-*pjattaformi online* ([17]) qed jiddefinixxu mill-ġdid is-suq uniku diġitali tant li qed jiksbu r-rwol ta' *"għassiesa tal-Internet"*, peress li jikkontrollaw l-aċċess għall-informazzjoni, għall-kontenut u għat-tranżazzjonijiet. Huwa għalhekk li, fl-2017, il-Kummissjoni se tiżviluppa inizjattiva biex tinvolvihom u tagħmilhom responsabbli għall-ġestjoni tan-netwerk. B'mod partikolari, se tiġi indirizzata l-problema tal-klawżoli kuntrattwali inġusti u tal-prattiki kummerċjali żleali fir-relazzjonijiet bejn il-pjattaformi u n-negozji. Barra minn hekk, it-tneħħija ta' kontenut illegali se ssir aktar rapida u aktar effiċjenti permezz tal-introduzzjoni ta' sistema formali ta' "rapportar u ta' tneħħija".

3.4. L-*ekonomija tad-data* x'aktarx se jkollha rwol dejjem akbar għan-negozji, iċ-ċittadini u s-servizzi pubbliċi. Fl-2017 il-Kummissjoni se tippubblika żewġ inizjattivi leġislattivi dwar *il-fluss ħieles tad-data mhux personali bejn il-fruntieri* u dwar l-aċċessibbiltà u *l-użu mill-ġdid tad-data* pubblika u ta' dik miġbura bl-użu ta' fondi pubbliċi. Fl-aħħar nett, biex is-suq diġitali jkun imħejji għall-iżvilupp tal-*Internet tal-oġġetti*, se jiġu stabbiliti prinċipji li jiddeterminaw ir-responsabbiltà f'każ ta' ħsara kkawżata minn prodotti intensivi tad-data.

([4]) COM(2015) 627 final.
([5]) COM(2016) 289 final.
([6]) COM(2016) 587, 588, 589, 590, 591, final.
([7]) COM(2015) 634 u 635 final.
([8]) COM(2016) 283 final.
([9]) COM(2016) 285 final.
([10]) COM(2016) 757 final.
([11]) COM(2016) 593 final.
([12]) Ir-Regolament (UE) 2016/679.
([13]) COM(2017) 10 final.
([14]) COM(2016) 287 final.
([15]) COM(2016) 593 u 594 final.
([16]) Ewrobarometru Speċjali 460.
([17]) COM(2016) 288 final.

3.5. Fl-2017 il-Kummissjoni se tirrevedi *l-istrateġija tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà* (18) kif ukoll il-mandat tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA) biex iġġibhom konformi mal-isfidi u r-riskji l-ġodda. Se jiġu proposti wkoll aktar miżuri dwar l-istandardizzazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni u t-tikkettar fil-qasam taċ-ċibersigurtà, biex l-oġġetti konnessi jiitharsu aktar kontra l-attakki ċibernetiċi. Dan il-proċess se jinvolvi t-tisħiħ tas-sħubija bejn il-pubbliku u l-privat.

3.6. Biex jittejbu l-ħiliet diġitali u l-impjegabbiltà, il-Kummissjoni tappella għall-implimentazzjoni fil-pront tal-*Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa* (19) u tal-*Koalizzjoni għall-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali* (20). Barra minn hekk, fl-2018 il-Kummissjoni se tniedi l-proġett *Digital Opportunity* (Opportunità Diġitali) bl-għan li tagħti lill-istudenti gradwati l-possibbiltà li jwettqu apprendistati transkonfinali fis-settur diġitali.

3.7. L-*istrateġija dwar id-diġitizzazzjoni tal-industrija Ewropea* (21) se tħeġġeġ il-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki. Din l-inizjattiva tikkomplementa r-riżorsi allokati għall-programm Orizzont 2020 (EUR 5,5 biljun) u l-investimenti privati u nazzjonali, billi tibbaża fuq is-sħubijiet bejn il-pubbliku u l-privat. Xi setturi ewlenin bħall-enerġija, it-trasport u l-finanzi se jinbidlu b'mod konsiderevoli skont kriterji ta' sostenibbiltà u effiċjenza.

3.8. Il-pjan għall-*Gvern elettroniku għall-2016–2020* (22) se jiffaċilita t-tranżizzjoni diġitali tas-servizzi pubbliċi fil-livell nazzjonali u Ewropew. Il-Kummissjoni tbassar li s-settur tas-saħħa se jesperjenza l-akbar bidliet minħabba d-dritt li wieħed jiġi ttrattat fi kwalunkwe pajjiż tal-UE (ir-rekords tas-saħħa u riċetti diġitali) u l-użu dejjem jikber tat-teknoloġija mit-tobba (għall-analiżijiet, l-operazzjonijiet, it-terapiji, eċċ.).

3.9. Biex issaħħaħ il-pożizzjoni tagħha fuq skala dinjija, l-UE żiedet il-fondi għar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) u nediet żewġ inizjattivi teknoloġiċi importanti: il-*cloud computing*, għall-kondiviżjoni u l-użu mill-ġdid tal-għarfien miksub, u l-*informatika kwantum*, għas-soluzzjoni ta' problemi komputazzjonali li huma aktar kumplessi minn dawk li jittrattaw attwalment is-superkompjuters.

3.10. Il-Kummissjoni tqis li l-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali se tkun dejjem aktar importanti fir-relazzjonijiet bejn l-UE u pajjiżi terzi. Din se tissalvagwardja d-drittijiet diġitali ġodda, tiġġieled il-protezzjoniżmu diġitali u tippromovi inizjattivi għall-ġlieda kontra d-distakk diġitali fuq skala globali.

4. **Kummenti ġenerali**

4.1. Il-KESE jirrikonoxxi l-impenn kbir tal-Kummissjoni f'termini ta' inizjattivi leġislattivi sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' tkabbir teknoloġiku, ekonomiku u soċjali tal-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali. B'mod partikolari, il-Kumitat iqis dan ir-rieżami ta' nofs it-terminu fundamentali għall-promozzjoni tal-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija billi jnaqqas il-frammentazzjoni u d-distorsjonijiet tagħha.

4.2. Il-KESE jilqa'b'mod pożittiv ir-riżultati reċenti miksuba, bħal pereżempju: it-tneħħija tat-tariffi tar-roaming bl-imnut (23), il-portabbiltà transkonfinali tal-prodotti online (24) u t-tneħħija tal-imblukkar ġeografiku mhux ġustifikat (25). Dawn l-inizjattivi se jgħinu biex jagħtu immaġni aktar pożittiva tal-UE, għalkemm għad hemm ħafna problemi li jridu jiġu solvuti biex jiġu ggarantiti d-drittijiet tal-konsumatur u kompetizzjoni ġusta bejn in-negozji.

4.2.1. Madankollu, il-Kumitat jinnota li f'bosta Stati Membri, it-tneħħija tat-tariffi tar-roaming hija frammentata u rregolari u qed tkun ta' dannu ċar għall-konsumaturi u għall-immaġni tal-UE. F'diversi pajjiżi, l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi qegħdin jirrapportaw tentattivi ta' evitar tat-tneħħija tar-roaming, l-aktar permezz tal-limitazzjoni tal-Giga disponibbli għan-navigazzjoni online. Għaldaqstant, il-KESE qed jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja b'mod strett dan il-proċess, billi ssaħħaħ u tħaffef l-iskadenzi u l-metodi ta' implimentazzjoni tiegħu.

(18) JOIN (2013) 1.
(19) COM(2016) 381 final.
(20) 2016/C484/01.
(21) COM(2016) 180 final.
(22) COM(2016) 179 final.
(23) ĠU C 24, 28.1.2012, p. 131; ĠU C 34, 2.2.2017, p. 162.
(24) ĠU C 264, 20.7.2016, p. 86.
(25) ĠU C 34, 2.2.2017, p. 93.

4.2.2. Fir-rigward tal-portabbiltà transkonfinali tal-kontenut onlajn, il-KESE jittama li dalwaqt se jkun implimentat fil-prattika il-ftehim proviżorju bejn il-Kunsill u l-Kummissjoni li ġie adottat mill-Parlament Ewropew fit-18 ta' Mejju. Il-ftehim jipprovdi għal regolament biex fl-Unjoni jiġi introdott approċċ komuni tal-Unjoni dwar il-portabilità tal-kontenut onlajn, sabiex jippermetti lill-abbonati tas-servizzi li jaċċessawhom u jużawhom meta jkunu temporanjament fi Stat Membru ieħor li mhuwiex l-Istat ta' residenza.

4.3. Il-KESE huwa mħasseb dwar il-fatt li wħud biss mill-proposti leġislattivi mressqa mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali ġew effettivament implimentati. Din hija limitazzjoni serja kemm għall-valutazzjoni tal-istrateġija kollha kemm hi, kif ukoll għall-prospetti realistiċi ta' tkabbir u ta' kompetittività tal-UE. Il-Kumitat iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet kollha involuti fil-proċess ta' *kodeċiżjoni* biex iqassru ż-żmien tan-negozjati u jittama li l-Istati Membri japplikaw il-leġislazzjoni fil-ħin u b'mod konsistenti.

4.4. Il-KESE jemmen li r-rivoluzzjoni diġitali se tbiddel b'mod drastiku l-ħajjiet taċ-ċittadini, kif ukoll il-mod ta' kif isir in-negozju, il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni, b'effetti fuq medda twila ta' żmien li diffiċli jitbassru minn issa, b'mod partikolari fuq is-suq tax-xogħol u fuq l-impjiegi. It-teknoloġiji diġitali se jbiddlu l-organizzazzjoni, il-kompiti, il-postijiet, it-termini, il-kundizzjonijiet u l-kuntratti tax-xogħol. Il-Kumitat jinsisti għaldaqstant fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ *id-dimensjoni soċjali* ([26]) tal-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali. B'hekk biss jistgħu jkunu previsti l-isfidi u r-riskji kollha relatati mar-rivoluzzjoni diġitali sabiex kulħadd jingħata l-opportunità li jisfrutta l-benefiċċji u l-opportunitajiet li toffri.

4.5. Il-KESE jemmen li huwa kruċjali li jitnieda malajr kemm jista' jkun programm Ewropew ġenerali għall-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini kollha jkollhom l-għodod biex jiffaċċjaw it-tranżizzjoni bl-aħjar mod. B'mod partikolari, il-KESE, filwaqt li huwa konxju tal-kompetenzi nazzjonali speċifiċi f'dan il-qasam, jittama li tali programm jibda mill-iskejjel, billi jiżdied l-għarfien tal-għalliema, jiġu adattati l-kurrikuli u t-tagħlim fir-rigward tat-teknoloġiji diġitali (inkluż it-tagħlim elettroniku), u jingħata taħriġ ta' kwalità għolja lill-istudenti kollha. Dan il-programm ser jitkompla b'mod naturali fit-tagħlim tul il-ħajja bil-għan li jiġu modifikati jew aġġornati l-ħiliet tal-impjegati kollha ([27]).

4.6. Il-Kumitat itenni li l-intrapriżi jridu jadattaw malajr kemm jista' jkun il-ħiliet diġitali tagħhom b'enfasi speċifika fuq iċ-ċibersigurtà. Fil-fatt, il-Kumitat jemmen li l-UE għandha tappoġġja lill-intrapriżi fil-proċessi ta' programmi ta' taħriġ ta' livell għoli intiżi għal maniġers bl-appoġġ tal-akkademja sabiex jitjiebu l-għarfien u l-kuxjenza dwar ir-riskji tas-serq tad-data u ċ-ċiberkriminalità. Il-KESE jemmen ukoll li huwa importanti li jiġi appoġġjat it-taħriġ tal-inġiniera informatiċi fil-qasam tas-sikurezza permezz ta' poligoni li jissimulaw attakki ċibernetiċi u jittestjaw il-kapaċità ta' reazzjoni tagħhom.

4.7. Il-KESE jinnota, minkejja dak li diġà kien irrakkomanda fl-2015 ([28]), li ċerti sfidi ewlenin għat-twettiq tas-suq uniku diġitali għadhom ma ġewx indirizzati b'mod adegwat. It-tixrid tal-ħiliet diġitali, il-litteriżmu diġitali, id-diġitalizzazzjoni tal-kumpaniji u l-gvern elettroniku għadhom jirrappreżentaw prekundizzjonijiet fundamentali għal żvilupp wiesa', kondiviż u bilanċjat.

4.8. L-UE investiet u għadha tinvesti ħafna biljuni fir-riċerka u l-innovazzjoni kif ukoll fis-settur diġitali. Madankollu, meta mqabbla mal-bżonnijiet stmati tal-Kummissjoni (madwar EUR 155 biljun), għadna 'l bogħod mil-livelli suffiċjenti ta' investiment li jiżguraw żvilupp b'saħħtu u bilanċjat fis-settur diġitali pari passu mal-kompetituri globali ewlenin tagħha. Ħafna drabi, għalhekk, il-Kummissjoni ddikjarat l-intenzjoni tagħha li tafda f'idejn is-Sħubijiet Pubbliċi-Privati (SPP) biex timla l-lakuna ta' investimenti.

4.8.1. Il-KESE jemmen li s-SPP huma ċertament lieva importanti għall-iżvilupp u l-innovazzjoni, iżda ma jistgħux jitqiesu bħala rimedju għal kull problema. Għalhekk, il-Kumitat jitlob lill-istituzzjonijiet Ewropej sabiex ikunu aktar preżenti f'termini ta' azzjonijiet u ta' finanzjament f'żoni*li huma anqas immirati lejn is-suq*, kif ukoll għal dawk l-inizjattivi kollha mmirati lejn il-ħolqien ta' infrastrutturi ta' valur miżjud għoli iżda li l-frott tagħhom jista' jinġabar biss fil-perjodu twil (il-programm Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF)).

([26]) ĠU C 125, 21.4.2017, p. 10, punti 3.8 u 3.9.
([27]) ĠU C 434, 15.12.2017, p. 30.
([28]) ĠU C 71, 24.2.2016, p. 65, Strateġija għal Suq Uniku Diġitali, punti 1.1, 1.2, 1.3 u 1.8.

4.9. It-tassazzjoni fuq il-kumpaniji diġitali multinazzjonali ilha s-suġġett ta' dibattitu intens u inizjattivi istituzzjonali b'saħħithom. B'mod partikolari s-sistemi tat-taxxa nazzjonali ma jidhrux li dejjem jimponu taxxi ġusti fuq il-profitti ġġenerati minn dawn il-kumpaniji fl-UE. Il-Kumitat jappella lill-Kummissjoni biex tidentifika soluzzjonijiet li jkunu kapaċi jiżguraw, fil-limiti tal-prinċipju ta' sussidjarjetà, bilanċ bejn il-ħtieġa ta' tassazzjoni ġusta fuq il-profitti mingħajr ma tfixkel l-innovazzjoni u l-iżvilupp.

4.10. Il-KESE jtenni l-importanza li jitnaqqas id-distakk diġitali, li jista' jsir wieħed mill-fatturi ewlenin ta' esklużjoni ekonomika, okkupazzjonali u soċjali. F'dan il-kuntest jeħtieġ li jiġu implimentati kemm jista' jkun malajr l-istrateġiji ppjanati mill-UE f'termini ta' edukazzjoni u taħriġ fil-qasam diġitali (*l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa* u *l-Koalizzjoni għall-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali*). Għal din ir-raġuni, il-KESE jirrakkomanda lill-Kummissjoni biex tissorvelja l-implimentazzjoni rapida u korretta ta' dan il-proċess mill-Istati Membri.

4.11. Il-Kumitat jafferma mill-ġdid il-prinċipju li l-aċċess għall-Internet huwa dritt fundamentali ta' kull ċittadin u li huwa strument indispensabbli ta' inklużjoni soċjali u tkabbir ekonomiku. Għaldaqstant, ma nistgħux inkomplu nipposponu l-inklużjoni tal-aċċess għall-Internet b'veloċità għolja fost is-servizzi universali ([29]). Il-KESE jaħseb ukoll li l-fenomenu tar-rivoluzzjoni diġitali jista' jiġi rregolat biss jekk ikun hemm l-involviment attiv taċ-ċittadini, li għandhom ikunu konxji tal-opportunitajiet u r-riskji li joffri l-Internet.

4.12. Għaldaqstant, huwa importanti li l-UE tappoġġja u tipparteċipa b'mod attiv fil-Forum annwali dwar il-Governanza tal-Internet, li fil-laqgħa li jmiss f'Ġinevra f'Diċembru 2017, se jkun jismu *Shape Your Digital Future!* (*Sawwar il-Futur Diġitali Tiegħek!*) u li fih se jiġi diskuss kif l-opportunitajiet offruti mill-Internet jistgħu jiġu massimizzati, filwaqt li jiġu indirizzati r-riskji u l-isfidi emerġenti.

4.13. Il-KESE jappoġġja l-*pakkett dwar il-konnettività* ([30]) u jilqa', b'mod partikolari, l-inizjattivi biex jitnaqqas id-distakk diġitali territorjali (il-WiFi4EU), u li jiżguraw il-kwalità tal-komunikazzjoni diġitali (5G). B'mod partikolari, il-Kumitat iqis il-WiFi4EU essenzjali biex niżguraw li s-suq uniku diġitali jkun"verament" konness għal kulħadd. Għaldaqstant, jittama li dan il-proġett pilota, li sal-lum jipprevedi l-allokazzjoni ta' EUR 125 miljun, jista' jsir strutturali fil-politiki tal-UE billi jiġi adattat il-baġit, sabiex tiġi żgurata konnessjoni tal-Internet ta' kwalità għaċ-ċittadini kollha, inklużi dawk li jgħixu f'żoni fejn hemm livell baxx ta' kummerċ (gżejjer, żoni muntanjużi u ultraperiferiċi…).

4.14. Il-KESE jaqbel mal-proposta li jiġu involuti l-**pjattaformi online** fi proġett wiesa', biex isiru atturi responsabbli għal ekosistema tal-Internet ġusta u trasparenti. Madankollu, dan il-proċess ma jistax jinfired mill-ħtieġa li titnaqqas il-frammentazzjoni leġislattiva, filwaqt li jitqies l-impatt fuq in-negozji (kompetizzjoni żleali), il-ħaddiema (kuntratti) u l-konsumaturi ([31]) (it-tilwim transkonfinali) u tiġi ggarantita ż-żamma tal-istandards miksuba.

4.15. Il-KESE jemmen li **l-ekonomija Ewropea tad-data** hija wieħed mis-setturi fejn id-differenza bejn l-UE u l-mexxejja tal-innovazzjoni diġitali globali hija l-aktar ċara. Il-Kumitat jappoġġja l-proposta li jiġi stabbilit qafas regolatorju, sakemm jiġi applikat b'mod korrett anke fil-kuntest tal-*cloud computing* ([32]), *l-intelliġenza artifiċjali,* u l-*Internet tal-oġġetti, u li jqis il-libertà kuntrattwali għat-tneħħija tal-ostakli għall-innovazzjoni* u jkun rifless b'mod xieraq fil-finanzjamenti allokati mill-UE.

4.16. Il-KESE iqis **iċ-ċibersigurtà** bħala prijorità peress li hija kwistjoni trasversali li tikkonċerna l-oqsma kollha ta' applikazzjoni diġitali u hija essenzjali biex tiġi garantita s-sovranità Ewropea, li ma tistax tinfired mill-*awtonomija diġitali* kemm fir-rigward tal-ġbir u l-ġestjoni tad-data kif ukoll fir-rigward tat-tagħmir li jikkontrolla u jimmonitorja l-proċess. Fid-dawl tad-diversità tal-oqsma kkonċernati, il-Kumitat iqis li l-fondi allokati għaċ-ċibersigurtà għandhom jiżdiedu b'mod sinifikanti, filwaqt li mmorru lil hinn mir-riċerka, u ninvolvu s-setturi sensittivi tal-industrija (it-trasport, il-produzzjoni industrijali ta' valur miżjud għoli, eċċ.) u nappoġġjaw l-Istati Membri biex isaħħu d-difiżi diġitali.

([29]) ĠU C 161, 6.6.2013, p. 8.
([30]) Il-KESE fassal opinjoni fuq kull proposta, iżda b'direzzjoni waħda, sabiex jiżgura l-konsistenza fil-viżjoni u fil-kontenut: ĠU C 125, 21.4.2017, p. 51; ĠU C 125, 21.4.2017, p. 56; ĠU C 125, 21.4.2017, p. 65; ĠU C 125, 21.4.2017, p. 69; ĠU C 125, 21.4.2017, p. 74.
([31]) ĠU C 75, 10.3.2017, p. 119.
([32]) ĠU C 487, 28.12.2016, p. 86.

4.17. Iċ-ċiberterroriżmu u ċ-ċiberkriminalità saru jirrappreżentaw theddidiet għall-ekonomiji u l-gvernijiet kollha. Il-Kumitat jirrakkomanda li l-proposta għar-reviżjoni tal-istrateġija dwar iċ-ċibersigurtà tipprovdi għal titjib sinifikanti tal-istandards ta' prevenzjoni, deterrenza, reazzjoni u ġestjoni tal-kriżijiet u reżiljenza fir-rigward tad-drittijiet fundamentali tal-UE, u b'hekk jiġu stabbiliti l-pedamenti għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u mal-pajjiżi terzi.

4.17.1. Il-KESE jaqbel mal-approċċ tal-Kummissjoni li tikkunsidra li l-prodotti diġitali kollha u s-sistemi relatati għandhom ikunu siguri sa mit-tqegħid tagħhom fis-suq u jittama li l-miżuri mħabbra jiġu adottati malajr.

4.17.2. Il-Kumitat jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni li twessa' l-mandat tal-ENISA ([33]) billi tadattah għat-theddidiet globali ġodda. B'mod partikolari, il-KESE jqis li r-reviżjoni tal-istrateġiji Ewropej dwar iċ-ċibersigurtà għandha sseħħ ukoll permezz ta' ftuħ, djalogu u trasparenza akbar tal-ENISA lejn iċ-ċittadini u s-soċjetà ċivili organizzata, b'tali mod li jiġu valorizzati l-inizjattivi u l-attivitajiet tagħha.

5. **Kummenti speċifiċi**

5.1. Għalkemm 90 % tan-negozji Ewropej jirrikjedu ħiliet diġitali, fl-2016, 44 % biss taċ-ċittadini Ewropej u 37 % tal-ħaddiema kellhom livell tal-inqas suffiċjenti. Barra minn hekk, kważi nofs in-negozji Ewropej ma jħarrġux mill-ġdid lill-impjegati, u b'hekk jagħmlu ħsara kemm lill-ħaddiema kif ukoll lill-kompetittività tal-intrapriża nfisha ([34]). Għalhekk, il-KESE jtenni l-ħtieġa urġenti li tiġi ffinanzjata strateġija kbira fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali ([35]) b'riżorsi ad hoc u li tingħata attenzjoni partikolari lid-distakk bejn *"in-nattivi diġitali"* u l-anzjani ([36]) u, b'mod aktar ġenerali, li jiġu appoġġjati u akkumpanjati dawk l-individwi kollha "mhux diġitalizzati" ta' kwalunkwe età u kundizzjoni.

5.2. Fir-rigward tal-implikazzjonijiet fuq l-impjiegi, hemm ukoll possibbiltà reali li r-robotizzazzjoni twassal għal tnaqqis globali tal-postijiet tax-xogħol billi tassorbi gradwalment kull xogħol ripetittiv u "inqas" kreattiv ([37]). Għalhekk, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni sabiex, permezz tad-djalogu soċjali Ewropew, tniedi pjan sabiex jiġu żgurati pagi deċenti, bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja, impjiegi ta' kwalità u aċċess ġenerali għas-sigurtà soċjali ([38]).

5.2.1. Biex tiġi indirizzata l-isfida tad-diġitalizzazzjoni jenħtieġ intervent essenzjali fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, bi pjani ad hoc fuq skala Ewropea għar-rilokazzjoni tal-ħaddiema li xogħlhom se jiġi fdat lill-magni jew se jispiċċa għalkollox minħabba r-robotizzazzjoni, filwaqt li jiġu allokati kumpensi soċjali adegwati li jiżgurawlhom ħajja dinjituża sakemm jitħarrġu mill-ġdid. Huwa wkoll essenzjali li dawn il-miżuri jkunu inklużi fi strateġija komprensiva, flessibbli u reżiljenti, li tkun kapaċi twieġeb malajr u b'mod effiċjenti għall-bidliet ikkawżati mir-rivoluzzjoni diġitali, b'mod li tkun tista' timmaniġġjaha u ma tħossx l-effetti tagħha.

5.3. Il-KESE jtenni l-appoġġ tiegħu għall-pjan ta' azzjoni għall-*gvern elettroniku* li joffri servizzi diġitali faċli għall-utent, personalizzati u transkonfinali. Madankollu, il-Kumitat jemmen li sal-lum dawn l-għanijiet ma jistgħux jintlaħqu fid-dawl tad-dewmien fl-implimentazzjoni tal-istrateġija fil-livell nazzjonali u n-nuqqas ta' infrastruttura diġitali *interkonnessa* u mifruxa mal-Ewropa. Il-Kumitat jinnota l-persistenza tal-problemi relatati mal-prinċipju ta' darba biss u d-dewmien fil-ħolqien ta' *gateway diġitali unika*. Il-KESE jtenni wkoll il-ħtieġa li jiġi żgurat *aġġornament* f'konformità mal-aħħar teknoloġiji u l-ħtieġa għal attitudni aktar miftuħa lejn l-utenti b'rabta mal-possibbiltà li jeditjaw jew iħassru d-data personali tagħhom (*id-dritt li wieħed ikun minsi*) ([39]).

([33]) ĠU C 75, 10.3.2017, p. 124.
([34]) Il-Kummissjoni Ewropea, Tabella ta' Valutazzjoni Diġitali, 2017.
([35]) ĠU C 173, 31.5.2017, p. 1, ĠU C 173, 31.5.2017, p. 45.
([36]) ĠU C 389, 21.10.2016, p. 28.
([37]) "The Risk of Automation for Jobs in OECD Countries: A Comparative Analysis" (Ir-Riskju tal-Awtomazzjoni għall-Impjiegi fil-Pajjiżi tal-OECD: Analiżi Komparattiva), OECD, 2016. Għaddej dibattitu mqanqal dwar l-impatt tar-rivoluzzjoni diġitali fuq ir-rati ta' impjieg. L-OECD qed tistma tnaqqis ta' 9 % fin-numru ta' impjiegi (dawk meqjusa bħala l-aktar ripetittivi), iżda studji oħra bħal dawk, tal-Bank Dinji u istituzzjonijiet oħra jipprevedu żieda fin-numru ta' impjiegi jew kumpens bejn l-impjiegi mitlufa u l-impjiegi ġodda. Li hu żgur huwa li l-istudji kollha jaqblu dwar il-prinċipju li d-dinja tax-xogħol se tgħaddi minn tibdil kbir u dwar il-ħtieġa li jiġu adottati kontromiżuri f'waqthom u reżiljenti.
([38]) ĠU C 13, 15.1.2016, p. 161.
([39]) ĠU C 487, 28.12.2016, p. 99.

5.4. Il-Kumitat jinnota problemi simili għal dawk tal-gvern elettroniku fil-qasam tas-saħħa elettronika. Għalhekk, il-KESE jipproponi li jitħeġġeġ il-ħolqien ta' infrastrutturi diġitali avvanzati, tissaħħaħ il-kollaborazzjoni mal-oqsma tar-riċerka u l-innovazzjoni u li jiġu involuti b'mod aktar attiv l-utenti u l-professjonisti tal-kura tas-saħħa ([40]).

5.5. Il-KESE jappoġġja l-Komunikazzjoni *dwar Id-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea* u jtenni li l-ebda Stat Membru mhuwa kapaċi jaħtaf l-opportunitajiet kollha li toffri t-teknoloġija diġitali waħdu. Iżda l-UE tista' tħabbatha mal-kompetituri dinjija ewlenin diment li titfassal strateġija komuni li ssaħħaħ il-bażi industrijali Ewropea (*Industrija 4.0*) bħala fattur awtonomu ta' kompettività b'kapaċità li jattira l-investimenti, iżid l-impjiegi u jiffoka fuq l-għan ta' produzzjoni industrijali għal 20 % tal-PDG Ewropew sal-2020 ([41]).

5.6. Il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġja l-innovazzjoni diġitali fil-kumpaniji kollha, b'attenzjoni partikolari għall-SMEs, li jistgħu jibbenefikaw ħafna mid-diġitalizzazzjoni (simplifikazzjoni u tnaqqis fil-burokrazija), iżda li mingħajr appoġġ u sostenn adegwati jirriskjaw li jitkeċċew mis-suq. Fil-fatt id-diġitalizzazzjoni ta' kull kumpanija diġà hija kundizzjoni meħtieġa iżda mhux suffiċjenti sabiex jibqgħu fis-suq u l-SMEs, li għandhom inqas għodod u riżorsi, jistgħu jsibuha aktar diffiċli jadattaw għall-bidla.

5.7. Il-KESE jqis li huwa essenzjali li jingħata appoġġ lin-negozji ġodda billi jitħeġġu l-iżvilupp u l-espansjoni tagħhom peress li dawn huma fl-aħjar pożizzjoni għall-innovazzjoni diġitali, it-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien ta' impjiegi. B'mod partikolari huwa rrakkomandat approċċ trasversali għat-tipi differenti ta' negozji bbażat fuq tliet għanijiet ewlenin: is-semplifikazzjoni tar-regoli, il-bini ta' netwerks u aċċess iffaċilitat għall-finanzjamenti ([42]).

5.8. Il-KESE jqis li l-kummerċ elettroniku transkonfinali huwa wieħed mill-oqsma ewlenin għall-iżvilupp tas-suq uniku diġitali. Il-Kumitat itenni t-talba għal azzjoni aktar deċiżiva biex l-ispiża tal-konsenja tal-pakketti tkun aċċessibbli għal kulħadd ([43]). Huwa wkoll irrakkomandat li jiġu armonizzati aħjar ir-regoli applikabbli għall-kuntratti diġitali minħabba l-istrument leġislattiv magħżul (żewġ direttivi), li jista' joħloq konfużjoni jekk il-qafas regolatorju ma jiġix issemplifikat ([44]).

5.9. Il-KESE jilqa' b'mod pożittiv l-informazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni dwar ir-riżultati miksuba fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumaturi permezz tal-pjattaforma għassoluzzjoni online tat-tilwim ([45]), iżda jikkunsidra li għad fadal ħafna xi jsir għal għarfien aktar mifrux dwar il-pjattaforma u biex tissaħħaħ il-fiduċja tal-konsumatur fir-rigward tal-kummerċ online. B'mod partikolari, il-Kumitat jittama li jissaħħu l-istrumenti stragudizzjarji ta' soluzzjoni tat-tilwim, b'mod partikolari dawk transkonfinali. Jitlob, barra minn hekk, azzjoni fuq il-protezzjoni tad-data ([46]), is-servizzi tal-midja awdjoviżiva ([47]), il-ġlieda kontra l-frodi u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur ([48]), billi tingħata attenzjoni lill-ħarsien tal-utenti, speċjalment dawk l-iktar vulnerabbli, mis-cyberbullying, l-aħbarijiet foloz u l-forom kollha ta' inċitament għall-vjolenza.

5.10. Il-KESE huwa wkoll favur il-proċess li bdiet il-Kummissjoni sabiex tarmonizza l-protezzjoni tal-konsumatur fil-livell Ewropew, diment li dan ma jbiddilx l-istandards għall-ħarsien tal-konsumaturi meta dawn ikunu ogħla, filwaqt li jimmira lejn titjib ġenerali tal-protezzjoni tal-konsumaturi diġitali fl-UE.

5.11. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tagħmel l-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali aktar trasversali, billi tintegraha ma' setturi/strateġiji ewlenin oħrajn għall-iżvilupp tal-Ewropa, bħall-enerġija, l-ekonomija ċirkolari ([49]) u t-trasport ([50]) fil-kuntest usa' tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli identifikati min-Nazzjonijiet Uniti. Dan jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex jintlaħqu l-għanijiet tas-sostenibbiltà, is-simplifikazzjoni u l-effiċjenza.

([40]) ĠU C 13, 15.1.2016, p. 14.
([41]) ĠU C 389, 21.10.2016, p. 50.
([42]) ĠU C 288, 31.8.2017, p. 20.
([43]) ĠU C 34, 2.2.2017, p. 106.
([44]) ĠU C 264, 20.7.2016, p. 57.
([45]) Hemm aktar minn 24 000 każ li ġew riżolti fl-ewwel sena skont kif ikkomunikat mill-Kummisarju Jourova. http://europa.eu/rapid/press-release_IP-17-727_mt.htm
([46]) ĠU C 288, 31.8.2017, p. 107.
([47]) ĠU C 34, 2.2.2017, p. 157.
([48]) ĠU C 125, 21.4.2017, p. 27.
([49]) ĠU C 264, 20.7.2016, p. 98.
([50]) GU C 288, 31.8.2017, pag. 85; GU C 345, 13.10.2017, p. 52.

5.12. Il-KESE jemmen li l-UE għandha żżid l-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni sabiex tkun tista' tikkompeti mal-mexxejja tal-innovazzjoni diġitali. L-inizjattivi biex tissaħħaħ il-bażi tal-infrastruttura huma importanti, iżda mhux deċiżivi. B'mod partikolari, l-Ewropa se jkollha timplimenta kemm jista' jkun malajr il-*cloud computing* ([51]), f'konformità mal-istrateġija *Open Innovation, Open Science, Open to the World* (Innovazzjoni Miftuħa, Xjenza Miftuħa u Approċċ Miftuħ għad-Dinja). Il-Kumitat iqis ukoll li huwa xieraq li jkompli l-istudju fl-oqsma tal-informatika kwantum u tal-intelliġenza artifiċjali ([52]).

5.13. Il-KESE jaqbel mal-approċċ tal-Kummissjoni dwar it-tisħiħ tal-projezzjoni esterna tal-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali, madankollu jemmen li s'issa ftit li xejn sar progress f'dan il-qasam. B'mod partikolari, il-Kumitat jixtieq jara żewġ livelli ta' azzjoni:

— *id-definizzjoni ta' relazzjonijiet ġodda mal-kompetituri diġitali*. L-UE se jkollha tipproteġi d-drittijiet diġitali, twaqqaf il-protezzjoniżmu diġitali u tippromovi alleanza globali għaċ-cibersigurtà. Dan il-proċess se jkollu rwol ewlieni fid-definizzjoni ta' governanza globali ġdida;

— *il-promozzjoni tal-iżvilupp diġitali*. It-teknoloġija diġitali tista' tkun xprun importanti tat-tkabbir li jista' jegħleb il-kawżi tal-gwerra, tal-faqar u tal-migrazzjoni. Il-Kumitat iqis ukoll li biex tintlaħaq il-parti l-kbira tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tan-NU jenħtieġ użu usa' u mifrux tat-teknoloġija diġitali, li jinvolvi b'mod attiv lill-pajjiżi u liċ-ċittadini, u mhux biss dawk l-aktar sinjuri u avvanzati. It-tnaqqis tad-distakk teknoloġiku, għalhekk, għandu jkun prijorità tal-UE fuq skala globali u mhux biss f'kuntest ta' kooperazzjoni transkonfinali.

Brussell, it-18 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

([51]) ĠU C 487, 28.12.2016, p. 86.
([52]) ĠU C 288, 31.8.2017, p. 1.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar ir-"Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Rapport tal-2016 dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni"

(COM(2017) 285 final)

(2018/C 081/15)

Relatur: **Paulo BARROS VALE**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 5.7.2017
Bażi legali	Artikolu 304 tat-TFUE
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	4.10.2017
Adottata fil-plenarja	18.10.2017
Sessjoni plenarja Nru	529
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	177/1/3

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-kontenut tar-Rapport tal-2016 dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni [1], u jappoġġjah b'mod ġenerali. Madankollu, huwa jesprimi xi tħassib dwar il-kuntest attwali u dwar dak li jaħseb li tista' tkun il-politika tal-kompetizzjoni Ewropea.

1.2. Il-KESE jilqa' l-isforzi li saru mill-Kummissjoni biex tiżgura l-ħarsien tar-regoli, li jikkontribwixxu għal ambjent ta' kompetizzjoni leali u ħielsa, kif ukoll għall-iżvilupp ta' kooperazzjoni internazzjonali.

1.3. Il-KESE jemmen li l-politika tal-kompetizzjoni jisthoqqilha definizzjoni aħjar u f'ħafna każijiet tkun maqtugħa mill-politiki l-oħrajn tal-Unjoni li jinfluwenzawha. Hemm għadd ta' problemi li jiltaqgħu magħhom in-negozji u l-konsumaturi li jmorru lil hinn mill-kwistjonijiet trattati mill-Kummissjoni b'rabta mal-politika tal-kompetizzjoni, u li jaffettwaw is-suq intern, pereżempju dawk relatati mat-tassazzjoni.

1.4. Il-Kummissjoni għandha setgħat limitati, iżda għandha s-setgħa tal-inizjattiva u tista' tkun aktar ambizzjuża fl-implimentazzjoni tagħha, kemm fir-relazzjoni bejn il-qasam tal-kompetizzjoni u d-diversi politiki Ewropej kif ukoll b'rabta mal-attivitajiet tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni (ANK). Il-politika Ewropea kif ukoll il-politiki nazzjonali tal-kompetizzjoni għandhom ikunu allinjati perfettament sabiex il-Kummissjoni u l-ANK ikunu jistgħu jwettqu ħidma aktar siewja.

1.5. Kuljum naraw li ċerti gruppi jintlaqtu b'mod negattiv mill-kompetizzjoni, b'mod speċjali l-SMEs u l-konsumaturi: il-prattiki kummerċjali tal-gruppi ta' distribuzzjoni kbar, li jeqirdu kumpaniji iżgħar bħala riżultat ta' negozjati aggressivi, u li jillimitaw l-għazla tal-konsumatur; il-formuli mhux ċari tal-iffissar tal-prezzijiet, pereżempju fir-rigward tal-prezzijiet tal-enerġija u tal-fjuwil, li jaffettwaw lin-negozji u lill-konsumaturi; il-prattiki ta' dumping li nkomplu naraw, b'mod partikolari fis-settur tad-distribuzzjoni u tat-trasport, huma kwistjonijiet li għandhom jiġu mmonitorjati u miġġielda b'mod kostanti mill-ANK kompetenti u mill-Kummissjoni.

1.6. Waqt li jista' jkun hemm il-perċezzjoni li s-setgħa tal-gruppi l-kbar tista' twassal għal distorsjonijiet fil-kompetizzjoni, il-Kummissjoni ħadet passi biex tappoġġja l-fużjonijiet u l-konċentrazzjonijiet, li tabilħaqq ħolqu ġganti industrijali. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi rimedji tassew effettivi f'dawn il-każijiet u biex tissorvelja mill-qrib l-attivitajiet tal-gruppi l-kbar, sabiex tiżgura l-ħarsien tar-regoli u l-interessi tal-konsumaturi u l-SMEs.

[1] COM(2017) 285 final.

1.7. Fid-dawl tat-Trattat, mhuwiex possibbli li ssir armonizzazzjoni tal-politiki tat-tassazzjoni. Id-differenzi fit-tassazzjoni, kemm dik diretta kif ukoll indiretta, xi kultant jaffettwaw lill-intrapriżi u lill-konsumaturi u jaggravaw l-assimetriji. Il-KESE jtenni li l-politika tal-kompetizzjoni għandha tiżgura li jittaffew id-distorsjonijiet li jirriżultaw mit-tassazzjoni, sakemm l-Ewropa żżomm it-tassazzjoni bħala kompetenza nazzjonali.

1.8. Il-kooperazzjoni internazzjonali ġiet żviluppata bin-negozjar ta' diversi ftehimiet. Il-KESE jsejjaħ biex jiġu segwiti alleanzi reali u biex il-ftehimiet konklużi jirriflettu d-diskussjonijiet profondi li diġà jeżistu dwar il-kontenut tal-ftehimiet kummerċjali.

2. **Kontenut tar-Rapport tal-2016 dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni**

2.1. Ir-rapport jippreżenta, b'mod ġenerali, il-miżuri adottati mill-Kummissjoni fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni, bħala sinteżi ta' dokument ta' ħidma aktar wiesa' dwar l-azzjoni mwettqa fl-2016 ([2]).

2.2. Il-President tal-Kummissjoni Ewropea, Jean-Claude Juncker, għamel referenza għall-importanza tal-politika tal-kompetizzjoni fid-diskors tiegħu tal-2016 dwar l-istat tal-Unjoni: "Li jkun hemm kundizzjonijiet ugwali jfisser li fl-Ewropa, il-konsumaturi huma protetti kontra l-kartelli u l-abbużi minn kumpaniji b'saħħithom. [...] Il-Kummissjoni tissorvelja din il-korrettezza. Dan huwa l-aspett soċjali tal-liġi tal-kompetizzjoni."

2.3. Ir-rapport jitqassam f'6 partijiet: Introduzzjoni; L-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għal kulħadd: kif il-kontroll tal-għajnuna mill-Istat jgħin sabiex jindirizza l-isfida; It-tisħiħ tal-kompetizzjoni u l-innovazzjoni tul is-Suq Uniku Diġitali; It-twassil ta' Suq Uniku li jsaħħaħ liċ-ċittadini u n-negozji tal-UE; L-isfruttar tal-potenzjal tal-Unjoni tal-Enerġija Ewropea u l-Ekonomija Ċirkolari; u L-iffurmar ta' kultura ta' kompetizzjoni Ewropea u globali.

2.4. Il-KESE jappoġġja b'mod ġenerali l-kontenut tar-rapport. Madankollu, huwa jikkritika l-affermazzjoni, fit-taqsima intitolata "Iż-żamma ta' djalogu interistituzzjonali produttiv": "Ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat jippreservaw ukoll kundizzjonijiet ekwi bejn banek li jirċievu għajnuna mill-Istat u banek li ma jirċevux". Ġew imposti xi kundizzjonijiet fuq il-banek li rċevew l-għajnuna mill-Istat, iżda ma jistax jingħad li ġew ippreservati kundizzjonijiet ekwi bejn dawk li rċevew l-għajnuna mill-Istat u l-oħrajn. Id-distorsjoni fil-kompetizzjoni teżisti u l-miżuri korrettivi ftit li xejn jgħinu biex tinstab soluzzjoni għaliha.

3. **Kummenti ġenerali**

3.1. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon ir-Rapport tal-2016 dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni, li jiffoka fuq suġġetti ta' importanza kbira fil-ħajja tal-intrapriżi u taċ-ċittadini.

3.2. In-nisġa intraprenditorjali Ewropea hija msawra fil-biċċa l-kbira minn SMEs. Dawn huma l-pilastru tal-ekonomija Ewropea u, minħabba d-daqs tagħhom, huma l-aktar vulnerabbli għall-kompetizzjoni inġusta.

3.3. Fis-settur tal-bejgħ bl-imnut, l-SMEs b'mod partikolari jintlaqtu mill-abbużi ta' pożizzjoni dominanti min-naħa tal-gruppi l-kbar tad-distribuzzjoni li, bl-użu tas-setgħa ta' negozjar qawwija tagħhom u kontra kull regola tal-kompetizzjoni, jużaw prattiki abbużivi fin-negozjati tagħhom li jkomplu jeqirdu lill-produtturi ż-żgħar u lin-negozji ż-żgħar u jinfluwenzaw ukoll l-għażliet u l-interessi tal-konsumaturi. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tinkludi f'rapporti futuri dwar il-kompetizzjoni l-analiżi dwar il-funzjonament tal-ktajjen tal-provvista tal-ikel.

3.4. L-azzjoni tal-ANK hija ta' importanza kbira sabiex jiġu indirizzati l-abbużi ta' pożizzjoni dominanti u prattiki oħrajn antikompetittivi. Il-kapaċità mil-lat ta' riżorsi, ħiliet u indipendenza tal-attivitajiet tal-ANK ġiet analizzata mill-Kummissjoni u huwa mistenni li jiġu adottati miżuri b'risposta għall-konstatazzjoni li huwa possibbli li tissaħħaħ l-effettività tagħhom. Il-KESE jtenni li l-ANK jistgħu u jeħtieġ li jieħdu attitudni aktar preventiva milli reattiva wara lmenti mill-operaturi jew konsumaturi, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna prattiki ta' abbuż ta' pożizzjoni dominanti, li jseħħu b'mod kostanti fil-laqgħat marbutin man-negozjati. Il-monitoraġġ tan-negozjati jista' jikkontribwixxi sabiex jiġu evitati ċerti abbużi ta' pożizzjoni dominanti, sabiex b'hekk jiġu protetti l-operaturi ż-żgħar u l-konsumaturi.

3.5. Huwa partikolarment f'dan il-qasam li huwa importanti li jiġi żgurat infurzar effettiv tad-dritt tad-danni għall-vittmi ta' prattiki antikompetittivi, peress li la d-Direttiva 2014/104/UE tas-26 ta' Novembru 2014 u lanqas ir-Rakkomandazzjoni

([2]) SWD(2017) 175 final.

dwar il-prinċipji komuni għal mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv f'tilwim li jikkonċerna ksur tal-liġijiet tal-kompetizzjoni ma kienu kapaċi jipprovdu r-rimedju kollettiv meħtieġ għad-drittijiet tal-vittmi ta' ksur bħal dan.

3.6. Kien hemm fużjonijiet u konċentrazzjonijiet f'diversi setturi, li ħolqu "ġganti", li jistgħu jikkundizzjonaw il-mod kif jaħdem is-suq u jjxekklu r-regoli tal-kompetizzjoni. Il-Kummissjoni ntalbet tieħu pożizzjoni dwar uħud minn dawn il-proċeduri. Fil-prattika, ftit ġew blukkati u l-miżuri korrettivi imposti, bħala kumpens għall-awtorizzazzjoni, ma ssodisfawx l-aspettativi. Minn naħa waħda, il-Kummissjoni ġustament tieħu azzjoni kontra l-kartelli, iżda minn naħa oħra tawtorizza fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet mingħajr miżuri ta' kumpens. Il-KESE jesprimi tħassib dwar il-periklu potenzjali tal-ħolqien ta' gruppi kbar f'xi setturi, li jista' jirriżulta f'distorsjonijiet serji tal-kompetizzjoni, il-qerda ta' għadd ta' SMEs, u l-ikkundizzjonar tal-għażliet tal-konsumaturi. Il-Kumitat iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkun viġilanti.

3.7. Id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni li jirriżultaw mir-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni jolqtu kemm l-importazzjonijiet kif ukoll l-esportazzjonijiet. Fil-fatt, rajna d-dħul fis-suq ta' prodotti minn pajjiżi fejn jippersistu prattiki ta' dumping soċjali, prattiki ambjentali abbużivi u saħansitra għajnuna mill-Istat li skont ir-regoli Ewropej titqies bħala illegali. Barra minn hekk, l-intrapriżi Ewropej li jikkonformaw mal-istandards isibuha diffiċli biex ikollhom aċċess għal swieq oħrajn peress li huwa impossibbli biċ-ċar li jlaħħqu mal-prezzijiet tal-kompetituri minn pajjiżi b'leġislazzjoni aktar favorevoli jew b'kontrolli ineffettivi b'rabta mar-rispett ta' din il-leġislazzjoni.

3.8. Madankollu, id-distorsjoni tal-kompetizzjoni tista' tirriżulta wkoll mir-regoli tal-Unjoni stess. Eżempju ta' dan huwa r-Regolament REACH (Registration, Evaluation, Authorization and Restriction of Chemicals – Ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi) li ser japplika, sa mill-31 ta' Mejju 2018, għal intrapriżi li jimmanifatturaw jew iqiegħdu fis-suq sustanzi kimiċi waħedhom jew f'taħlitiet jew artikli fi kwantitajiet li jaqbżu t-tunnellata fis-sena. Dan ir-Regolament jobbliga lill-intrapriżi jressqu reġistru ta' sustanzi kimiċi waħedhom jew f'taħlitiet jew artikli fi kwantitajiet li jaqbżu t-tunnellata fis-sena quddiem l-ECHA (Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi), flimkien mal-ħlas tat-tariffa rispettiva. Ir-reġistrant jitqies bħala d-detentur leġittimu tar-rapport, li b'hekk jippermetti li l-informazzjoni li tinsab fih tinqeleb fi prodott li jiġi kkummerċjalizzat fis-suq mill-ewwel reġistranti, ġeneralment l-akbar kumpaniji li jkunu l-aktar b'saħħithom ekonomikament. Fil-prattika, meta kumpanija tipprova tirreġistra mal-ECHA, tiġi infurmata li għandha tikkuntattja lir-reġistrant prinċipali li sussegwentement jagħti informazzjoni dwar kemm tiswa l-awtorizzazzjoni biex tiġi aċċessata l-informazzjoni ddepożitata u li tista' tilħaq għexieren jew mijiet ta' eluf ta' euro għal kull sustanza. Huwa stabbilit li r-reġistrazzjonijiet li jitressqu skont ir-Regolament għal mill-inqas 12-il sena jistgħu jintużaw minn manifatturi jew importaturi oħrajn għal skopijiet ta' reġistrazzjoni. Madankollu, fil-prattika, malli r-Regolament REACH jiġi applikat bis-sħiħ għas-sustanzi kollha prodotti jew imqiegħda fis-suq fi kwantitajiet ta' aktar minn tunnellata fis-sena, l-ewwel reġistranti jitolbu lill-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju l-ħlas ta' somom kbar jew saħansitra perċentwali mill-bejgħ, sabiex jagħtuhom l-hekk imsejħa "ittra ta' aċċess" għall-informazzjoni li pprovdew lill-ECHA, li għandha tkun pubblika u aċċessibbli mingħajr ħlas għaċ-ċittadini u n-negozji kollha tal-UE, sabiex b'hekk jintlaħaq l-għan tal-ħolqien tagħha, il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. F'dan il-każ, ir-regolamentazzjoni maħsuba bil-għan li tittejjeb il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent fil-konfront ta' riskji li jistgħu jirriżultaw mill-użu ta' prodotti kimiċi, tista' toħloq ostakli għad-dħul fis-suq ta' intrapriżi ġodda u għall-moviment liberu tas-sustanzi kimiċi, bir-riżultat li tiġi ristretta l-kompetizzjoni u jkun hemm abbuż ta' pożizzjoni dominanti minn intrpriżi akbar. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jsiru evalwazzjoni u rieżami tar-Regolament REACH sabiex jitneħħew l-ostakli potenzjali għall-kompetizzjoni li jseħħu meta jiġi applikat dan ir-regolament.

3.9. Il-kwistjoni tal-konċentrazzjonijiet tal-banek u tal-għajnuna mill-Istat lill-banek għadha fuq l-aġenda. Il-kriżi finanzjarja reċenti u l-impatt tagħha fuq l-ekonomija reali u fuq il-fiduċja fis-suq ipoġġu taħt skrutinju kostanti l-prattiki tal-industrija fis-settur, minħabba biża' leġittima ta' sitwazzjonijiet ġodda gravi. L-għajnuna temporanja mill-Istat lill-banek salvat lis-settur finanzjarju minn kollass. Il-banek ġarrbu telf sostanzjali matul il-kriżi finanzjarja u issa l-marġnijiet tal-profitti tagħhom naqsu, minħabba l-livell tal-ispreads ipprattikati attwalment. Bir-ristrutturar tas-settur, rajna l-għejbien ta' xi istituzzjonijiet iżda wkoll konċentrazzjonijiet li jistgħu jkunu ta' tħassib, mhux biss għall-istabbiltà tas-settur finanzjarju f'każ ta' kundizzjonijiet ta' kriżi, iżda b'mod speċjali għall-possibbiltà ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni minħabba d-daqs ta' dawn il-gruppi ġodda. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex toqgħod attenta u tkun viġilanti fir-rigward ta' abbużi ta' pożizzjoni dominanti li jistgħu jagħmlu ħsara lill-interessi tal-konsumaturi u lill-finanzjament tal-intrapriżi, b'mod speċjali l-SMEs.

4. **Kummenti speċifiċi**

4.1. L-għajnuna mill-Istat

4.1.1. L-għajnuna mill-Istat hija għodda importanti għall-iżvilupp, peress li tippermetti l-konverġenza tar-reġjuni żvantaġġati, u l-promozzjoni tal-impjieg u tal-ekonomija. Ir-riżorsi skarsi għandhom jintużaw sew mingħajr ma jmorru kontra l-prattiki tajbin tal-kompetizzjoni.

4.1.2. Il-KESE jtenni l-fehma tiegħu li l-immodernizzar li jinsab għaddej tal-għajnuna mill-Istat għandu jkun illimitat għall-proposti tal-Istrateġija Ewropa 2020, tal-politika ta' koeżjoni u tal-politika tal-kompetizzjoni, sabiex tiġi mħarsa l-importanza tal-għajnuna mill-Istat f'setturi li jgħinu fl-iżvilupp tal-Ewropa u s-servizzi pubbliċi li jissodisfawu bżonnijiet soċjali.

4.1.3. L-immodernizzar tal-għajnuna mill-Istat diġà ġie appoġġjat mill-KESE fil-passat. Il-KESE issa jilqa' b'mod favorevoli l-obbligu tal-awtoritajiet responsabbli għall-għoti ta' għajnuna li jagħtu informazzjoni dwar l-għajnuna mogħtija li tkun taqbeż l-ammont ta' EUR 500 000 ([3]).

4.1.4. Din l-informazzjoni tagħti tweġiba għad-diffikultajiet li jjkollhom iċ-ċittadini tal-UE li jqisu li mhumiex infurmati biżżejjed dwar l-għajnuna mill-Istat mogħtija ([4]). Issa għandha tiġi żvelata din il-possibbiltà ta' konsultazzjoni u kull informazzjoni oħra dwar ir-regoli tal-għoti u l-irkupru tal-għajnuna, sabiex tiġi promossa t-trasparenza fl-użu tal-fondi pubbliċi.

4.1.5. Il-KESE jappoġġja l-azzjoni tal-Kummissjoni f'dak li jirrigwarda l-ġlieda kontra l-għajnuna mill-Istat mogħtija permezz ta' deċiżjonijiet tat-taxxa antiċipati u li jagħtu benefiċċji tat-taxxa illegali, kif ukoll l-adozzjoni ta' pakkett kontra l-evitar tat-taxxa bil-għan li jiġi ggarantit li l-intrapriżi jħallsu t-taxxi fil-post fejn jagħmlu l-profitti tagħhom u li jiġi evitat ippjanar aggressiv tat-taxxa ([5]).

4.2. Suq Uniku Diġitali

4.2.1. Biż-żieda tan-netwerk tal-broadband, is-suq tas-servizzi diġitali jassumi importanza akbar fil-ħajja tal-intrapriżi u ċ-ċittadini Ewropej. Il-kummerċ elettroniku qiegħed jintuża dejjem aktar u l-politika tal-kompetizzjoni taħdem sabiex tiżgura li s-suq jaħdem, filwaqt li tipproteġi lill-konsumaturi u tiggarantixxi li l-aktar intrapriżi b'saħħithom ma jdurux mar-regoli.

4.2.2. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli taħdem dwar l-imblokki ġeografiċi għall-kummerċ elettroniku peress li jistgħu jikkostitwixxu ostaklu għall-ħolqien ta' suq uniku diġitali ġenwin. Fis-suq globali ma jista' jkun hemm l-ebda forma ta' trattament diskriminatorju tal-klijenti abbażi tal-lokalità tagħhom.

4.2.3. Is-suq diġitali huwa ddominat minn ċerti ġganti teknoloġiċi. Li jiġi żgurat l-aċċess tal-konsumaturi għall-aqwa prodotti u l-aqwa prezzijiet, u li jiġi żgurat id-dħul fis-suq ta' prodotti ġodda u intrapriżi kompetituri ġodda, hija sfida.

4.2.4. Ċerti pjattaformi tal-prenotazzjonijiet onlajn bħalissa huma preokkupazzjoni kbira għal-lukandiera, minħabba l-abbuż ta' pożizzjoni dominanti li għandhom fuq il-prenotazzjonijiet tal-ivvjaġġar. Dawn il-pjattaformi jimponu tariffi li huma konsiderevolment ogħla minn dawk tal-aġenziji tal-ivvjaġġar u saħansitra jobbligaw lil-lukandiera jiċċarġjaw l-istess prezzijiet għall-istess tip ta' kamra f'kull mezz ta' bejgħ. Il-KESE jitlob lill-Kummissjoni tinvestiga l-klawżoli ta' parità u t-tariffi applikati li huma ta' theddida għall-kompetizzjoni ħielsa fis-settur.

4.2.5. Il-Kummissjoni ssoktat bil-ħidma tagħha ta' investigazzjoni tal-prattiki ta' Google (il-funzjonament tal-magna tat-tiftix, ir-restrizzjonijiet li l-intrapriża timponi fuq il-kapaċità ta' ċerti siti web ta' partijiet terzi li juru reklami assoċjati ma' tiftix għall-kompetituri ta' Google, l-impożizzjoni ta' kundizzjonijiet restrittivi fuq manifatturi ta' apparat Android u fuq l-operaturi ta' netwerks ċellulari) u Amazon (ftehimiet mal-edituri) li jistgħu jikkostitwixxu ksur tar-regoli tal-antitrust. Dan l-aħħar Google weħlet multa rekord ta' EUR 2,4 biljun, minħabba abbuż tal-pożizzjoni dominanti tagħha fis-suq tal-magni tat-tiftix, billi tat vantaġġ illegali lil prodott ieħor ta' Google, is-servizz tagħha stess ta' tqabbil tal-prezzijiet.

([3]) https://webgate.ec.europa.eu/competition/transparency/public/search/home?lang=mt

([4]) "Perception and Awareness about transparency of State Aid" [Il-perċezzjoni u l-għarfien dwar it-trasparenza tal-għajnuna mill-Istat]. Ewrobarometru, Lulju 2016.

([5]) http://ec.europa.eu/taxation_customs/business/company-tax/anti-tax-avoidance-package_en

4.2.6. Google għandha pożizzjoni dominanti bħala magna tat-tiftix u l-Kummissjoni għandha tiżgura li r-riżultati tat-tiftix ma jippreżentawx riżultati parzjali li jistgħu jillimitaw l-għażliet tal-utenti tal-informazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tinvestiga wkoll l-prattiki tas-sit web Booking.com, li jabbuża mill-pożizzjoni dominanti tiegħu u jippreġudika r-riżultati tat-tiftix b'rabta mat-turiżmu Ewropew, li b'mod partikolari jagħmel impatt negattiv fuq is-swieq u l-intrapriżi ta' daqs żgħir.

4.2.7. Is-settur tat-telekomunikazzjoni huwa ta' importanza speċjali fil-ħajja tal-konsumaturi u l-intrpriżi. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għall-fatt li għad m'hemmx suq miftuħ u kompetittiv f'dan il-qasam. Konsegwentement, l-operaturi fis-settur tat-telekomunikazzjoni għadhom jadottaw prattiki li jmorru kontra l-kompetizzjoni ħielsa, billi jżidu l-prezzijiet waqt li jkun hemm kuntratt fis-seħħ mingħajr ma tingħata l-ebda informazzjoni minn qabel lill-konsumatur li tippermettilu joħroġ minn dak il-kuntratt, skont kif huwa previst mil-liġi. Din iż-żieda fil-prezzijiet inħasset b'mod speċjali bit-tmiem tas-servizzi tar-roaming li, fil-prattika, wasslet għal żieda ġenerali tat-tariffi, li taffettwa b'mod negattiv lil dawk kollha li ma jivvjaġġawx.

4.3. Suq tal-enerġija u tal-ekonomija ċirkolari

4.3.1. Minkejja l-ħidma li saret f'dawn l-aħħar snin, għadu ma ġiex ikkompletat is-suq uniku tal-enerġija. Il-prezz għoli tal-enerġija, b'mod speċjali f'ċerti pajjiżi, għandu piż konsiderevoli fuq il-baġit tal-familji u l-intrapriżi, filwaqt li l-liberalizzazzjoni tas-swieq ma wasslitx għal tnaqqis sinifikanti tat-tariffi. Dawn il-prezzijiet iżommu lill-Ewropa f'sitwazzjoni ta' żvantaġġ mil-lat tal-ispejjeż tal-enerġija, meta mqabbla mal-biċċa l-kbira tal-kompetituri globali tagħha.

4.3.2. Iż-żieda fl-effiċjenza enerġetika u l-investiment fl-enerġiji rinnovabbli għandhom ikomplu jkunu ideat ċentrali għal Ewropa aktar kompetittiva u sostenibbli, minkejja l-preokkupazzjonijiet ambjentali li jqumu fir-rigward tat-trattament tal-iskart involut fl-użu ta' din it-teknoloġija (pereżempju, il-batteriji u ċ-ċelloli fotovoltajċi). L-enerġiji rinnovabbli, minkejja l-avvanzi teknoloġiċi, għadhom ma jinsabux fi stat ta' żvilupp li jippermettilhom jikkompetu mal-enerġiji fossili u nukleari, iżda jistħoqqilhom li jkomplu jingħataw appoġġ sabiex jikkompetu f'suq aktar ġust.

4.3.3. L-enerġiji rinnovabbli mhumiex biss sors ta' enerġija nadifa. Għandhom jitqiesu wkoll bħala opportunità ta' żvilupp għall-komunitajiet lokali li fl-istess ħin isiru konsumaturi u produtturi tal-enerġija, permezz ta' mudell deċentralizzat ta' produzzjoni tal-enerġija li jkun ta' benefiċċju għall-komuniajiet lokali.

4.3.4. It-teknoloġija evolviet u l-produzzjoni tal-enerġija solari fotovoltajka saret aktar aċċessibbli għall-kumpaniji u l-familji li jixtiequ jinstallaw l-impjanti tal-enerġija tagħhom, iżda l-għoti tal-liċenzji għall-installazzjoni tal-enerġija huwa limitat għal ċertu livell ta' enerġija, li jista' jillimita l-attraenza ta' dak l-investiment għal operaturi ta' ċertu daqs li l-kont tagħhom tal-enerġija jista' jitnaqqas ħafna jew kważi jiġi eliminat fix-xhur meta jkun hemm l-aktar espożizzjoni għax-xemx.

4.3.5. Min-naħa l-oħra, l-Ewropa għandha tkompli tissalvagwardja l-indipendenza enerġetika tagħha, billi ssaħħaħ il-konnessjonijiet biex tnaqqas l-espożizzjoni tagħha u żżid il-kompetizzjoni.

4.3.6. Il-KESE jtenni li għandha tingħata enfasi speċjali lill-isfidi ewlenin li tiffaċċja l-UE:

— it-tnaqqis tal-ispejjeż tal-enerġija għall-familji u l-intrapriżi, b'benefiċċji ċari fil-livell soċjali, ekonomiku u ta' kompetittività esterna għall-intrapriżi Ewropej;

— il-promozzjoni tal-ħolqien ta' politika Ewropea ġenwina fir-rigward tal-enerġija;

— it-titjib tal-integrazzjoni tas-swieq tal-enerġija bil-promozzjoni tal-konnessjonijiet Ewropej;

— li taqdi rwol ta' tmexxija fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet bveffett ta' serra fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli.

4.4. Kooperazzjoni internazzjonali

4.4.1. Fis-suq globali, l-Ewropa għadha ssofri minn kompetizzjoni inġusta minn pajjiżi bi prattiki soċjali u ambjentali abbużivi. Minbarra l-aspett soċjali importanti, id-distorsjoni tal-kompetizzjoni li tirriżulta mir-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni tiġġustifika sforz qawwi lta' diplomazija internazzjonali sabiex il-kumpaniji u l-konsumaturi jiġu protetti mid-distorsjonijiet li jeżistu fl-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

4.4.2. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn tal-Kummissjoni biex tipparteċipa b'mod attiv f'korpi internazzjonali fil-qasam tal-kompetizzjoni, bħall-Kumitat tal-Kompetizzjoni tal-OECD, il-Bank Dinji, il-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp u n-Netwerk Internazzjonali tal-Kompetizzjoni.

4.4.3. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon ukoll l-impenn tal-Kummissjoni biex tinnegozja ftehimiet ta' kummerċ ħieles mal-Armenja, il-Messiku, l-Indoneżja, il-Filippini u l-Ġappun, kif ukoll kooperazzjoni teknika ma' ekonomiji emerġenti. Jiġbed ukoll l-attenzjoni għall-ħtieġa li dawn il-ftehimiet jippermettu mhux biss li tiġi bbilanċjata l-kompetizzjoni, biex b'hekk jiġu protetti l-intrapriżi u l-konsumaturi, iżda jikkontribwixxu wkoll għall-koeżjoni ekonomika u soċjali Ewropea.

Brussell, it-18 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar ir-Rieżami ta' nofs it-Terminu tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali"

[COM(2017) 292 final]

(2018/C 081/16)

Rapporteur: **Daniel MAREELS**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 5.7.2017
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Unjoni Ekonomika u Monetarja u Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fis-Sezzjoni Speċjalizzata	5.10.2017
Adottata fis-sessjoni plenarja	19.10.2017
Sessjoni Plenarja Nru	529
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	136/0/3

Preambolu

Din l-Opinjoni tagħmel parti minn pakkett usa' ta' erba' opinjonijiet tal-KESE dwar il-ġejjieni tal-ekonomija Ewropea (L-Approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-politika ekonomika taż-żona tal-euro, L-Unjoni tas-Swieq Kapitali u Il-ġejjieni tal-finanzi tal-UE) ([1]). Il-pakkett qiegħed fil-kuntest tal-proċess tal-White Paper dwar il-ġejjieni tal-Ewropa mniedi reċentement mill-Kummissjoni Ewropea u jqis id-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2017 tal-President Juncker. F'konformità mar-riżoluzzjoni tal-KESE dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa ([2]) u opinjonijiet preċedenti dwar l-ikkompletar tal-UEM ([3]), dan il-pakkett ta' opinjonijiet jenfasizza l-ħtieġa għal sens ta' skop komuni fil-governanza tal-Unjoni, li tmur ferm lil hinn minn approċċi u miżuri tekniċi, u hija l-ewwel u qabel kollox kwistjoni ta' rieda politika u perspettiva komuni.

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Peress li l-Unjoni tas-Swieq Kapitali hija kruċjali kemm biex jinkisbu kif ukoll biex jissaħħu l-integrazzjoni Ewropea u l-progress f'kull Stat Membru, u peress li l-ħtieġa li jitqies il-kuntest internazzjonali li qed jinbidel, il-KESE huwa favur ħafna ta' din l-Unjoni u huwa ambizzjuż li din titwettaq. Il-Kumitat jemmen li l-isfida hija biex isir kull sforz biex jagħmlu suċċess. Huwa importanti li jsir progress rapidu u li jinkisbu riżultati malajr sabiex jiġi pprovdut impetu ġdid lill-ekonomija tal-UE fuq perjodu qasir u sabiex tingħata dinamiżmu ġdid.

1.2. Fil-fatt, il-Kumitat minn dejjem kien favur ħafna u b'mod espliċitu sejjaħ għal aktar tisħiħ u l-ikkompletar tal-UEM. Illum, il-Kumitat jagħmel dan għal darb' oħra, bil-ħruġ ta' sejħa urġenti għall-istess fl-interessi tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Flimkien mal-unjoni bankarja, l-Unjoni tas-Swieq Kapitali għandha tiżgura unjoni finanzjarja u l-implimentazzjoni tagħha għalhekk għandha tikkontribwixxi wkoll sabiex tiżgura l-ħolqien tal-Unjoni Ekonomka u Monetarja peress li tikkostitwixxi waħda mill-bażijiet tagħha. Diġà nkisbu l-ewwel riżultati fil-ħolqien ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali u l-unjoni bankarja għaddiet ukoll minn diversi stadji, bl-elaborazzjoni tal-ewwel u t-tieni pilastru u l-proposti li saru għat-tielet wieħed. Issa l-

([1]) Il-pakkett jinkludi l-opinjonijiet tal-KESE "Il-politika ekonomika taż-żona tal-euro 2017" (opinjoni addizzjonali) (ara paġna 216 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali), "Unjoni tas-Swieq Kapitali: rieżami ta' nofs it-terminu, L-approfondiment tal-UEM sal-2025" (ara paġna 124 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali) u "Il-Finanzi tal-UE sal-2025" (ara paġna 131 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) Riżoluzzjoni tal-KESE dwar Il-White Paper tal-Kummissjoni dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa u lil hinn, 6 ta' Lulju 2017. ĠU C 345, 13.10.2017, p. 11.

([3]) ĠU C 451, 16.12.2014, p. 10 u ĠU C 332, 8.10.2015, p. 8.

isfida hija li titkompla l-ħidma fiż-żewġ oqsma u li b'mod effettiv u mill-aktar fis possibbli jinkisbu dawk li huma l-għanijiet finali.

1.3. Barra minn hekk, l-unjoni tas-swieq kapitali tista' tikkontribwixxi b'mod sostanzjali biex isaħħaħ l-irkupru ekonomiku u tkun wieħed mill-fatturi li jwasslu għat-tkabbir, l-investiment u l-impjiegi. Dan għall-benefiċċju kemm tal-Istati Membri kollha individwali kif ukoll għall-UE kollha kemm hi. Strutturalment, it-tkabbir u d-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament għandhom jassiguraw integrazzjoni iktar b'saħħitha, li min-naħa tagħha tikkontribwixxi biex tiżgura t-tisħiħ mixtieq tal-istabbiltà, tas-sigurtà u tar-reżiljenza tas-sistema kemm ekonomika kif ukoll finanzjarja. Mhuwiex konċepibbli li nagħżlu li nibqgħu nippersistu fis-sitwazzjoni attwali ta' frammentazzjoni, għaliex din iżżommna lura milli nisfruttaw l-opportunitajiet.

1.4. Bl-istess mod, waqt li jitqiesu ċ-ċaqliq tas-setgħat u tal-bilanċ tal-poter fis-seħħ fil-livell internazzjonali u globali, kif ukoll il-proċess li jolqotna mill-viċin tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, huwa importanti li l-UE tadotta profil deċiż u ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha fil-livell ekonomiku. L-Ewropa tista' ssegwi l-eżempju tar-reżiljenza u tad-dinamiżmu murija mill-ekonomija tal-Istati Uniti wara li l-kriżi.

1.5. Għall-KESE, huwa ċar li l-Unjoni tas-Swieq Kapitali m'għandhiex tkun għażla volontarju għall-benefiċċju ta' ftit persuni, iżda għandha tkun realtà fl-Istati Membri kollha tal-UE. Din hija neċessità assoluta. Kemm fil-livell Ewropew kif ukoll fl-Istati Membri, hemm bżonn li jkun hemm ir-rieda politika biex isiru l-isforzi kollha meħtieġa u jinħolqu l-kundizzjonijiet xierqa li huma meħtieġa. Ir-riżultat għandu jkun li tinkiseb Unjoni tas-Swieq Kapitali li filwaqt li titrawwem l-integrazzjoni fl-Unjoni kollha, tingħata wkoll l-attenzjoni għall-ħtiġijiet, in-neċessitajiet u l-ambizzjonijiet eżistenti, b'mod partikolari f'ċerti reġjuni u żoni. Huwa essenzjali li tiġi segwita politika konsistenti u koerenti fil-livelli kollha u joqogħdu lura minn kwalunkwe inizjattiva li ma taqax fil-loġika tal-għanijiet assenjati.

1.6. Il-KESE jemmen li huwa ta' importanza kbira li jinżammu f'livell massimu l-possibiltajiet ta' suċċess tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Għal dan l-għan, huwa propost b'mod espliċitu jiġu previsti l-għodod essenzjali biex ikunu jistgħu jiġu indikati u jitkejlu fl-Istati Membri kollha, l-isforzi ġenwini li saru għal din l-unjoni u l-progress irrekordjat. B'mod aktar konkret, il-Kumitat huwa deċiżament favur l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni regolari tal-progress miksub u tas-sitwazzjoni ta' implimentazzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali fl-Istati Membri, abbażi ta' kriterji kemm kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi u li r-riżultati jkunu pubbliċi, akkumpanjati minn miżuri u azzjonijiet adegwati li għandhom jiġu implimentati f'każ ta' nuqqas ta' konformità

1.7. Is-suċċess finali tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali ser jiddependi fuq il-punt sa fejn il-komponenti proposti jistgħu jiġu trasposti effettivament fir-realtà u li jirriżulta suq uniku u li jintuża sew mill-partijiet interessati kollha u, b'mod partikolari, il-fornituri tas-servizzi finanzjarji, il-kumpaniji, l-investituri u dawk li jfaddlu. Għaldaqstant, il-Kumitat huwa sodisfatt bl-evalwazzjoni attwali ta' nofs it-terminu, li seħħet f'perjodu qasir, u jirrakkomanda li fil-futur għandhom ikomplu jsiru eżerċizzji simili fuq bażi regolari, bl-involviment ukoll, b'mod attiv u mill-qrib, tad-diversi partijiet interessati msemmija hawn fuq.

1.8. Il-passi ulterjuri neċessarji biex jitqiegħdu s-sisien ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali jeħtieġu li jsiru l-għażliet. Fil-fehma tal-Kumitat, għandha tingħata preferenza lill-miżuri u l-azzjonijiet li jiġġeneraw l-ogħla livell possibbli ta' konverġenza u jħallu lill-Istati Membri l-inqas marġini possibbli biex imorru lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ. Ikun neċessarju li wieħed iżomm f'moħħu l-approċċ REFIT, sabiex l-affarijiet jibqgħu kemm jista' jkun sempliċi, mingħajr burokrazija bla bżonn u b'inqas spejjeż.

1.9. Skont id-dokument tal-Kummissjoni, 38 komponent tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali jeħtieġu li (jibqgħu) jiġu stabbiliti għall-2019. Jekk dan l-għadd kbir ta' miżuri li għandhom jitwettqu fi żmien qasir jista' jqajjem mistoqsijiet dwar l-approċċ li għandu jiġu adottat, il-Kumitat iqis li huwa importanti li l-fondazzjonijiet tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali għandhom, kemm jista' jkun malajr, jiġu stabbiliti b'mod irrevokabbli u irriversibbli.

1.10. F'dan ir-rigward, il-KESE jitlob b'mod partikolari biex tingħata l-attenzjoni kollha dovuta lill-finanzjament tal-SMEs, li għalihom il-finanzjament bankarju jibqa' kwistjoni importanti ħafna. Barra l-miżuri eżistenti, previsti fil-Pjan ta' Azzjoni oriġinali favur tagħhom (pereżempju t-tolizzazzjonijiet sempliċi, trasparenti u standardizzata u d-Direttiva dwar il-Prospett), għandhom isiru sforzi biex jiġu żviluppati l-inizjattivi kollha msemmija f'din il-Komunikazzjoni li għandhom l-għan li jkomplu jtejbu s-sitwazzjoni għal dawn l-intrapriżi. Barra minn hekk, jeħtieġ li għall-SMEs jiġu żviluppati u mħeġġa possibilitajiet oħra bħall-finanzjament alternattiv u l-promozzjoni ta' strumenti ta' politika oħra.

1.11. Barra minn hekk, il-KESE jilqa' l-iffukar fuq it-tisħiħ ta' investimenti sostenibbli u r-rwol ewlieni li għandha taqdi l-UE f'dan il-qasam. Il-Kumitat jappoġġja l-idea li l-kunsiderazzjonijiet tas-sostenibbiltà għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fir-reviżjonijiet leġislattivi futuri tal-leġislazzjoni fiannzjarja (azzjoni prijoritarja 6).

1.12. Fl-aħħar nett, il-Kumitat huwa kuntent li s-superviżjoni ser tkun ċentrali għall-isforzi li għandhom l-għan li tiġi żviluppata l-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Din is-sorveljanza eżerċitata fuq livell Ewropew għandha rwol ewlieni x'taqdi, kemm fir-rigward tas-sigurtà u l-istabbiltà kif ukoll biex tinkiseb l-integrazzjoni tas-swieq kif mixtieq u jiġu eliminati kwalunkwe tip ta' ostaklu, u l-inugwaljanzi fi ħdan l-Unjoni tas-Swieq Kapitali.

2. **Kuntest**

2.1. Waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-Kummissjoni Juncker li ingħatat meta bdiet il-ħidma tagħha hija l-promozzjoni tat-tkabbir, l-investiment u l-impjiegi. Huwa sabiex jintlaħaq dan l-għan li ħadmet sa mill-bidu nett sabiex jiġi żviluppat *Pjan ta' Investiment għall-Ewropa*, li jinkludi bosta elementi.

2.2. Dan il-pjan jipprevedi, b'mod partikolari, li nimxu lejn unjoni omoġenja tas-swieq kapitali. L-ewwel passi f'din id-direzzjoni ġew meħuda fl-aħħar ta' Settembru 2015 meta l-Kummissjoni ppubblikat il-Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar il-Bini ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali ([4]), li jistabbilixxi l-elementi importanti għat-twaqqif ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali integrata u li tiffunzjona sew, li tkopri lill-Istati Membri kollha, fis-seħħ sal-2019.

2.3. Anqas minn sena wara, il-Kunsill Ewropew appella għal "progress rapidu u determinat" fuq il-pjan, "biex jiġi żgurat aċċess aktar faċli għall-finanzjament għan-negozji u jingħata appoġġ għall-investiment fl-ekonomija reali billi tiġi promossa l-aġenda tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali" ([5]), u ftit wara li l-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni li titlob ukoll li r-riformi jiġu aċċellerati ([6]).

2.4. Barra minn hekk, l-integrazzjoni finanzjarja kienet għadha qed tħabbat wiċċha ma' għadd ta' sfidi ġodda, bħat-tluq imminenti tal-akbar ċentru finanzjarju tal-UE (Brexit).

2.5. Dawn l-iżviluppi ([7]) kollha wasslu lill-Kummissjoni biex tippubblika, riċentement, il-"Komunikazzjoni tagħha dwar Rieżami ta' Nofs it-Terminu tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali" ([8]). Barra minn hekk (a) biex tipprovdi valutazzjoni tal-qagħda attwali fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni oriġinali u (b) tħabbar sett ta' inizjattivi leġislattivi ġodda marbuta ma' dispożizzjonijiet li għadhom pendenti, din l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tindika (c) diversi azzjonijiet prijoritarji ġodda.

2.5.1. Dan ir-rieżami ta' nofs it-terminu għandu b'mod partikolari jirrispondi għall-isfidi li tfaċċaw, ta' natura li dejjem tinbidel, u kif ukoll jikkunsidra r-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika li saret fil-bidu tal-2017.

2.5.2. Skont l-iskeda ta' żmien oriġinali, il-Kummissjoni ħadet aktar minn nofs (20 f'dan il-każ) tal-miżuri, mit-33 b'kollox, li kien jipprevedi l-pjan oriġinali ([9]). L-għan tal-proposti li saru, jikkonsisti b'mod partikolari fl-iżvilupp ta' swieq ta' kapital ta' riskju, li jippermetti lin-negozji aċċess irħas u iktar faċli għas-swieq tal-ishma billi tiġi riveduta l-leġislazzjoni dwar il-prospetti, jitħassar it-trattament fiskali preferenzjali tad-dejn fuq l-ekwità, tiġi promossa s-sigurtà u l-likwidità tas-suq tat-titolizzazzjoni u l-intraprendituri onesti jingħataw il-possibbiltà li jirristrutturaw jew jingħataw ċans ieħor fil-każ ta' falliment.

2.5.3. Fir-rigward tal-miżuri pendenti ([10]), il-Kummissjoni beħsiebha, fost affarijiet oħra, tagħmel progress fuq *tliet proposti leġislattivi* li huma meqjusin ewlenin sabiex tiġi implimentata l-Unjoni tas-Swieq Kapitali: proposta dwar Prodott ta' Pensjoni Personali Pan-Ewropew (PEPP) (ippubblikata fid-29 ta' Ġunju 2017), proposta li tispeċifika r-regoli dwar il-konflitti ta' liġijiet għall-effetti tal-partijiet terzi fuq it-tranżazzjonijiet tat-titoli u tat-talbiet (ir-raba' trimestru tal-2017) u proposta għal qafas tal-UE għal bonds koperti (l-ewwel trimestru tal-2018).

([4]) COM(2015) 468 final.
([5]) http://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2016/06/28-euco-conclusions/
([6]) COM(2016) 601 final.
([7]) Nhar it-8 ta' Ġunju 2017.
([8]) COM(2017) 292 final.
([9]) COM(2017) 292 final, punt 2.
([10]) Ibid, nota 9 f'qiegħ il-paġna.

2.5.4. Sabiex twieġeb għall-isfidi tal-iżviluppi, tniedu disa' azzjonijiet prijoritarji ġodda [11], għat-tisħiħ tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali:

— tingħata aktar setgħat lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA), sabiex titrawwem l-effiċjenza ta' superviżjoni koerenti madwar l-UE u lil hinn mill-fruntieri tagħha,

— tittejjeb il-proporzjonalità fil-qafas regolatorju dwar id-dħul fil-borża tal-SMEs,

— jiġi rivedut it-trattament prudenzjali tad-ditti ta' investiment,

— tiġi eżaminata l-ipoteżi ta' qafas Ewropew għall-approvazzjonijiet u l-passaporti tal-attivitajiet ta' teknoloġija finanzjarja,

— jittieħdu miżuri ta' appoġġ għas-swieq sekondarji ta' self mhux produttiv u tiġi analizzata l-possibilità li jiġu ppreżentati inizjattivi leġislattivi bl-għan li l-kredituri garantiti ikunu f'pożizzjoni aħjar biex jirkupraw il-valur fuq l-għotjiet ta' self garantiti lid-ditti u lill-intraprendituri,

— jingħata segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar finanzjament sostenibbli,

— tiġi faċilitata l-kummerċjalizzazzjoni transkonfinali u s-superviżjoni ta' ditti ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) u fondi ta' investiment alternattivi (AIFs),

— tiġi pprovduta gwida dwar ir-regoli tal-UE dwar it-trattament ta' investimenti transkonfinali fit-territorju tagħha u qafas adegwat ta' riżoluzzjoni bonarja tat-tilwim dwar l-investiment,

— tiġi proposta strateġija komprensiva tal-UE dwar miżuri possibbli ta' appoġġ għall-iżvilupp ta' swieq lokali u reġjonali ta' kapital.

2.6. Il-mira għadha u tibqa' li jingħata kontribut deċiżiv u sostenibbli fuq lill-istabbiliment tas-sisien ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali reali sal-2019. Dan l-għan ser jiġi tradott fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2018.

3. **Osservazzjonijiet u kummenti**

3.1. L-ewwel nett, il-Kumitat itenni [12] l-appoġġ tiegħu ta' prinċipju u jfakkar fl-opinjoni preċedenti tiegħu favur Unjoni tas-Swieq Kapitali, li t-twettiq tagħha huwa ta' importanza vitali sabiex tiġi approfondita l-integrazzjoni finanzjarja u ekonomika fi ħdan l-Unjoni. Wieħed ma jistax joqgħod lura milli jieħu vantaġġ mill-momentum attwali, b'mod partikolari meta jitqies li sensiela ta' tibdil fil-poter u movimenti fis-setgħat qed iseħħu llum bejn il-Lvant u l-Punent. L-UE għandha tippożizzjona lilha nnifisha b'mod sħiħ.

3.2. L-Unjoni tas-Swieq Kapitali hija parti indispensabbli minn programm aktar wiesa' li għandu jgħin biex jiżdiedu t-tkabbir, l-investiment u l-impjiegi. Ir-rilanċ ekonomiku sod u sostenibbli għandu jibqa' prijorità li għandha tiġi segwita mingħajr dewmien. Tabilħaqq jeħtieġ li jiġi kkonsolidat l-irkupru ekonomiku u li aktar nies jistgħu jidħlu u jibqgħu fis-suq tax-xogħol.

3.3. Barra minn hekk, permezz tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, għandu jkun possibbli, f'ambjent aktar omoġenu, li jiġi mobilizzat fuq skala kbira l-kapital fl-Ewropa u jiġi dirett lejn id-ditti, il-proġetti ta' infrastruttura u l-inizjattivi sostenibbli kollha fuq medda twila ta' żmien. L-ekonomija għandha ssir aktar dinamika u b'saħħitha permezz tat-tkabbir u d-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament, li huma r-raġunijiet ta' din l-unjoni u li għalihom il-finanzjament kemm mill-banek kif ukoll mis-swieq jista' jiżvolġi b'mod sħiħ ir-rwol tiegħu. Il-mudell Amerikan, li wera li huwa aktar flessibbli għal wara l-kriżi, jista' jservi bħala sors ta' ispirazzjoni dwar dan il-punt, b'mod parallel ma' innovazzjonijiet oħra, fosthom dawk li jsellfu mhux mill-bank ser jassumu rwol aktar importanti.

[11] COM(2017) 292 final, punt 4.
[12] ĠU C 133, 14.4.2016, p. 17.

3.4. Fl-istess ħin, l-isfida hija li wieħed jistinka biex isir progress lejn il-konverġenza ekonomika u soċjali u b'hekk tiżdied l-istabbiltà interna tal-UE fil-qasam tal-finanzi u l-ekonomija. Jeħtieġ li jiġi privileġġat approċċ kwalitattiv, abbażi tat-tkabbir b'saħħtu u sostenibbli u tal-prosperità. In-negozji, l-investituri u dawk li jfaddlu wkoll għandhom ikunu jistgħu japprofittaw mill-Unjoni tas-Swieq Kapitali iżda mhuwiex aċċettabbli li dawn ikollhom ibatu minħabba riskji eċċessivi.

3.5. L-Unjoni tas-Swieq Kapitali għandha wkoll importanza kruċjali għall-appofondiment u l-kisba tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) u huwa indispensabbli li din titwettaq ([13]). Il-Kumitat jafferma mill-ġdid il-pożizzjoni tradizzjonali tiegħu f'dan ir-rigward ([14]). Flimkien ma' unjoni bankarja kompluta, dan għandu jwassal għal unjoni finanzjarja, li tikkostitwixxi wieħed mill-erba' pilastri ([15]) tal-UEM ([16]). Diversi stadji diġà ġew stabbiliti f'dawn l-oqsma, u hemm lok li jitkomplew bla heda l-isforzi kollha li saru.

3.6. Il-kisba ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali hija, barra minn hekk, fl-interessi tal-Istati Membri kollha. Kif seta' jiġi affermat aktar riċentement, "l-Unjoni tas-Swieq Kapitali timplika vantaġġ kbir ieħor, jiġifieri li tikkontribwixxi biex iġġib magħha t-tkabbir bejn id-diversi Stati Membri, minħabba t-titjib fiċ-ċirkolazzjoni u l-allokazzjoni ta' tfaddil madwar l-Unjoni. B'konsegwenza, l-ekonomiji aktar dgħajfa għandhom ikunu kapaċi jlaħħqu aktar malajr mal-ekonomiji aktar b'saħħithom ([17]). F'din il-perspettiva, il-Brexit tagħmilha aktar kruċjali li l-Unjoni tas-Swieq Kapitali tiġi effettivament implimentata u li t-tkabbir Ewropew ikun jista' jibbenefika mis-servizzi ta' sistema finanzjarja integrata ([18]).

3.7. Minħabba f'hekk il-Kumitat jemmen li hu mixtieq ħafna li jiġi rrekordjat malajr il-progress. Huwa japprova d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2016 ([19]) u oħrajn ([20]) ukoll li jmorru fl-istess direzzjoni.

3.8. Fi żmien qasir ([21]), ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Pjan ta' Azzjoni jżomm l-attenzjoni dwar is-suġġett u jippermetti li jkun hemm reazzjoni malajr. Il-Kumitat jinsab sodisfatt, peress li dan joffri l-opportunità li jkun hemm rispons aktar qawwi u mmirat aħjar għall-isfidi varji, li jinkludi l-futur, li jinsab f'kuntest politiku u ekonomiku li qed jinbidel b'rata mgħaġġla. Inċidentalment, huwa mixtieq li jiġi previst fil-futur ukoll, li evalwazzjonijiet intermedji simili jiġu organizzati fuq bażi regolari. Il-Kumitat jemmen li d-diversi partijiet interessati għandu jkollhom rwol attiv u għandhom jiġu involuti mill-qrib f'dan. Dan il-punt huwa b'hekk aktar importanti għaliex ma jistax jintesa li s-suċċess finali tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali ser jiddependi fuq il-punt sa fejn l-elementi proposti jiġu trasposti f'realtà vera, u kif ukoll li jinħoloq verament suq uniku u jkun żgurat li jiġi użat mill-akbar numru possibbli ta' provdituri tas-servizzi finanzjarji, ditti, investituri u dawk li jfaddlu.

3.9. Sabiex tiġi implimentata l-Unjoni tas-Swieq Kapitali, għandha tingħata preferenza lill-miżuri li jagħtu l-akbar kontribut għall-konverġenza ([22]) u li jħallu lill-Istati Membri l-inqas marġini possibbli biex imorru lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ. Jeħtieġ li jiġu evitati d-differenzi dwar it-traspożizzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE fil-liġijiet nazzjonali, kif ukoll l-applikazzjoni konkreta tagħha. Għandna wkoll niddependu kemm jista' jkun fuq l-approċċ REFIT.

3.10. Għall-Kumitat, l-Unjoni tas-Swieq Kapitali ma tistax tikkostitwixxi għodda fakultattiva, li tkun ta' benefiċċju għal ċerti pajjiżi biss, jeħtieġ li sin issir realtà fl-Istati Membri kollha tal-UE. Din hija neċessità assoluta. Għal dan l-għan, huwa ta' importanza kbira li fil-livell Ewropew u f'kull wieħed mill-Istati Membri wieħed ikun jista' jiddependi fuq ir-rieda (politika) li jinħolqu kundizzjonijiet adegwati u li jiġu stabbiliti l-inċentivi meħtieġa li se jagħmlu dan is-suċċess possibbli u jiġi konkretizzat.

([13]) ĠU C 451, 16.12.2014, p. 10, punt I.
([14]) Ara wkoll l-opinjoni tal-KESE dwar "L-Approfondiment tal-UEM sal-2025" (ara paġna 124 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali). Għadha ma ġietx ippubblikata.
([15]) Minbarra l-ħolqien ta' unjoni fiskali, issa jeħtieġ li tinkiseb unjoni ekonomika reali, jiġu stabbiliti unjoni fiskali u unjoni politika. Ir-Rapport tal-Ħames Presidenti "L-ikkompletar tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa", Ġunju 2015.
([16]) Ara wkoll "L-ikkompletar tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa", Rapport tal-Ħames Presidenti, Ġunju 2015.
([17]) B'hekk, l-effetti asimettriċi tal-kriżi ekonomika jkunu jistgħu jiġu assorbiti aħjar.
([18]) Ara fost oħrajn Vítor Constâncio, Viċi President, Bank Ċentrali Ewropew, "Effectiveness of Monetary Union and the Capital Markets Union", Malta, 6 ta' April 2017. http://malta2017.eurofi.net/highlights-eurofi-high-level-seminar-2017/vitor-constancio-vice-president-european-central-bank/
([19]) Ara l-punt 2.3 ta' din l-Opinjoni.
([20]) Ara nota 13 f'qiegħ il-paġna.
([21]) F'dan il-każ, inqas minn sentejn wara l-pubblikazzjoni tal-pjan ta' azzjoni.
([22]) B'hekk, pereżempju, jeħtieġ li, kull darba li jkun possibbli, għandna nirrikorru għar-Regolament minflok id-Direttiva.

3.11. L-ebda konċessjoni mhija possibbli jekk mhux għan-neċessità imperattiva li l-Unjoni tas-Swieq Kapitali tiġi implimentata fl-Istati Membri kollha (ara l-punt 3.10 iktar 'il fuq). Huwa essenzjali li jkun hemm strumenti li jippermettu li fl-Istati Membri kollha tiġi evalwata l-kisba effettiva tal-għanijiet imsemmija u l-progress reali li sar. F'dak ir-rigward, il-Kumitat huwa deċiżament favur l-istabbiliment ta' sistema ta' evalwazzjoni regolari tal-progress miksub u tas-sitwazzjoni ta' implimentazzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali fl-Istati Membri, abbażi ta' kriterji kemm kwalitattivi kif ukoll kwantitattivi. Is-sejbiet ta' din l-evalwazzjoni għandhom jiġu ppubblikati. Jekk jinstabu l-lakuni fil-leġislazzjoni, iridu jiġu stabbiliti azzjonijiet u miżuri xierqa.

3.12. Ir-riżultat għandu jkun li tinkiseb Unjoni tas-Swieq Kapitali li tappoġġja l-integrazzjoni madwar l-UE, li filwaqt tingħata wkoll l-attenzjoni għall-ħtiġijiet, in-neċessitajiet u l-ambizzjonijiet eżistenti fi Stati Membri individwali, mingħajr ma dan iwassal għal frammentazzjoni mill-ġdid. F'dan il-kuntest, huwa ċar li l-iżvilupp ta' swieq reġjonali tal-kapital għal ċerti reġjuni u l-intraprendituri li jkunu stabbiliti fiż-żona (miżura prijoritarja 9) huwa ta' importanza kbira. Din il-miżura tista' tgħin ukoll biex tingħata spinta lill-kummerċ u l-forniment ta' servizzi fil-livell transkonfinali, li ħafna drabi jibqgħu aktar għaljin u kkumplikati milli fil-livell lokali.

3.13. Mill-bqija, sabiex l-implimentazzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali tirnexxi, huwa imperattiv li tiġi segwita politika konsistenti u koerenti fil-livelli kollha – u l-isfida issa ser tkun li tiġi evitata kwalunkwe inizjattiva li ma taqax fil-loġika ta' din l-Unjoni jew tkun ta' natura ta' frammentazzjoni, li titfa' l-ostakli quddiemha jew timponi ostakli oħrajn.

3.14. Illum, ma hemmx inqas minn 38 miżura u azzjoni fil-ħarsa ġenerali komprensiva tal-komponenti tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali li (għad iridu) jiġu implimentati għall-2019, kif jinsabu fid-dokument tal-Kummissjoni ([23]). Jekk il-possibbiltajiet ta' suċċess imsemmija hawn fuq għandhom jinżammu f'livell massimu, huwa leġittimu li wieħed jistaqsi jekk iridx jagħmel iż-żejjed f'perjodu ta' żmien qasir wisq u minflok jikkonċentra fuq numru limitat ta' prijoritajiet ([24]). Tkun xi tkun ir-risposta għal din id-domanda, l-importanti jkun li ssir ħidma, fit-termini stabbiliti, bil-għan li wieħed jiffoka aktar fuq ir-riżultati u biex jinbnew bażijiet irriversibbli tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali.

3.15. Kif il-KESE diġà indika fl-opinjoni oriġinali tiegħu dwar il-pjan ta' azzjoni, suġġett li huwa tassew għall-qalbu huwa l-finanzjament tal-SMEs li huma ta' importanza kruċjali għall-ekonomija Ewropea u ta' importanza kruċjali għall-impjiegi. Fi tmiem ta' dan ir-rieżami ta' nofs it-terminu, huwa jkompli jagħmel il-mistoqsijiet ([25]) dwar ir-rilevanza u l-effiċjenza tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali għall-SMEs.

3.16. B'mod partikolari, fil-każ tal-SMEs, speċjalment dawk ta' daqs żgħir, huwa xieraq li jsir kull sforz biex ikun żgurat li l-finanzjament bankarju jsir jew jibqa' faċilment aċċessibbli u attraenti għal dan it-tip ta' intrapriża, fil-livell kemm lokali kif ukoll transkonfinali ([26]). Għandhom jitħeġġu u jissaħħu anke l-possibbiltajiet ta' finanzjament alternattiv għall-SMEs. Il-proposti dwar it-titolizzazzjoni (titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata), li dwarhom il-KESE kien diġà esprima ruħu favur ([27]), bla dubju jirrappreżentaw pass fid-direzzjoni t-tajba imma ma nistgħux sempliċement nikkuntentaw ruħna u nieqfu hemm. Li jiġi żviluppat suq għal self mhux produttiv (miżura prijoritarja 4) u skema għal bonds koperti jista' wkoll ikollu rwol importanti f'dan ir-rigward, bħall-promozzjoni tal-istrumenti li jeżistu fil-qasam tal-politika favur l-SMEs.

4. **Osservazzjonijiet u kummenti speċifiċi**

4.1. Mingħajr ebda pretensjoni ta' lista eżawrjenti, il-Kumitat hawn jippreżenta sensiela ta' osservazzjonijiet u kummenti dwar xi wħud mill-miżuri prijoritarji ([28]) elenkati fid-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni li ġibdu l-attenzjoni tiegħu.

([23]) Ara l-Anness għad-dokument tal-Kummissjoni, COM(2017) 292 final.

([24]) Saru diversi stħarriġiet fost il-parteċipanti għas-seminar ta' livell għoli EUROFI organizzat fil-5, is-6 u s-7 ta' April 2017 f'Malta. Waħda mill-mistoqsijiet kienet: "Kif tista' titħaffef l-Unjoni tas-Swieq Kapitali?" Għal 37 % tal-parteċipanti, ir-risposta kienet "billi ssir enfasi fuq ftit prijoritajiet prinċipali", filwaqt li 29 % irrispondew "jinbena momentum politiku sabiex jitneħħew l-ostakli interni". 12 % tal-parteċipanti rrispondew "jinbena ċentru finanzjarju wieħed fl-UE 27" u l-istess perċentwali għażlu "mhux possibbli li l-Unjoni tas-Swieq Kapitali titħaffef". L-għażliet li ġew fir-raba' u l-ħames post kienu li "tiżdied il-konverġenza fl-qasam ta' sorveljanza" (8 %) u "ikun hemm aktar regolamentazzjoni bankarja fuq l-ispeċifiċitajiet tas-swieq finanzjarji tal-UE" (3 %).
Mistoqsija oħra kienet din: "Fl-UE27, liema huma iż-żewġ prijoritajiet essenzjali sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali?" Dwar dan il-punt, it-tliet risposti prinċipali kienu: "tittejjeb il-koerenza tal-leġislazzjoni dwar l-insolvenza u t-titolu trasferibbli" (21 %), "jiġi żviluppat il-finanzjament mill-bejgħ ta' ishma" (16 %) u "jintlaħqu l-prijoritajiet fuq perjodu qasir (titolizzazzjoni, prospett, eċċ.)" (15 %).
Dwar is-seminar ta' livell għoli EUROFI (u b'mod partikolari r-riżultati ta' dan l-istħarriġ), ara https://www.ecb.europa.eu/press/key/date/2017/html/sp170406_2.en.html.

([25]) ĠU C 133, 14.4.2016, p. 17, punt 1.6.

([26]) Is-sitwazzjoni tvarja skont l-Istati Membri.

([27]) ĠU C 82, 3.3.2016, p. 1.

([28]) Sakemm dawn ma ġewx imsemmija f'partijiet oħra ta' din l-Opinjoni.

4.2. Il-Kumitat jinsab kuntent ħafna li s-sorveljanza ser ikollha rwol ċentrali fl-isforzi maħsuba biex tiġi żviluppata l-Unjoni tas-Swieq Kapitali (azzjoni prijoritarja 1) u jittama li dan l-aspett ser ikompli jingħata attenzjoni prijoritarja. Din is-sorveljanza eżerċitata fuq livell Ewropew għandha rwol ewlieni x'taqdi, kemm fir-rigward tas-sigurtà u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja u ekonomika u għall-kisba tal-integrazzjoni tas-swieq kif mixtieq u kif ukoll biex jiġu eliminati l-inugwaljanzi, u ostakli oħra, tkun xi tkun in-natura tagħhom, fi ħdan is-suq uniku.

4.3. Din hija azzjoni ta' min wieħed ifaħħarha ħafna u jixraqilha l-attenzjoni ta' aktar proporzjonalità fir-regoli li jappoġġaw l-offerti pubbliċi inizjali u d-ditti ta' investiment (azzjoni prijoritarja 2), iżda fl-istess ħin, għandhom jiġu difiżi l-interessi ta' dawk li jfaddlu u l-investituri żgħar u jiġu protetti.

4.4. B'mod ġustifikat ħafna hija l-importanza li jissaħħaħ ir-rwol ta' tmexxija tal-UE fl-investimenti sostenibbli (azzjoni prijoritarja 6). Fil-fatt, huwa importanti li l-Ewropa tkun tista' taqdi rwol minn ta' quddiem nett fir-rigward ta' tkabbir "tajjeb" u sostenibbli. F'dan il-qasam, huwa approċċ kwalitattiv li għandu jipprevali. Punt importanti huwa li dawk li jfaddlu u l-investituri jkollhom informazzjoni xierqa, li tkopri pereżempju perjodu twil biżżejjed. B'hekk, l-ebda informazzjoni ma tinżamm għal iktar minn tliet snin, rigward l-impatt ta' investiment. Għandu jiġi eżaminat jekk dan il-limitu ta' żmien ikunx jista' jiġi mtawwal.

4.5. Barra minn hekk, il-KESE jappoġġja l-KE ([29]) meta jqis li l-kapital privat, il-finanzjament tal-FEIS u fondi oħrajn tal-UE għandhom jiġu kkombinati b'mod effiċjenti biex l-investimenti jiċċaqalqu lejn dawk l-SMEs li juru esternalitajiet soċjali u ambjentali pożittivi u, b'hekk, jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti (SDGs) u b'mod partikolari l-objettivi reċenti tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

([29]) COM(2017) 292 final, punt 4.5.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Dokument ta' Riflessjoni dwar l-Approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja"

[COM(2017) 291 final]

(2018/C 081/17)

Relatur: **David CROUGHAN**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 5.7.2017
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Unjoni Ekonomika u Monetarja u Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fis-sezzjoni	5.10.2017
Adottata fil-plenarja	19.10.2017
Sessjoni plenarja Nru	529
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	138/3/8

Preambolu

Din l-opinjoni tagħmel parti minn pakkett usa' ta' erba' opinjonijiet tal-KESE dwar il-futur tal-ekonomija Ewropea (Approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-politika ekonomika taż-żona tal-euro, l-Unjoni tas-Swieq Kapitali u l-Futur tal-finanzi tal-UE) ([1]). *Il-pakkett jasal fil-kuntest tal-proċess tal-White Paper dwar il-ġejjieni tal-Ewropa mniedi reċentement mill-Kummissjoni Ewropea u jqis id-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni 2017 tal-President Juncker. F'konformità mar-riżoluzzjoni tal-KESE dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa* ([2]) *u opinjonijiet preċedenti dwar l-ikkompletar tal-UEM* ([3])*, dan il-pakkett ta' opinjonijiet jenfasizza l-ħtieġa għal sens ta' skop komuni fil-governanza tal-Unjoni, li jmur ferm lil hinn minn approċċi u miżuri tekniċi, u li huwa l-ewwel u qabel kollox kwistjoni ta' rieda politika u perspettiva komuni.*

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-munita komuni u l-istituzzjonijiet tagħha pprovdew element ta' stabbilizzazzjoni fil-kriżi finanzjarja globali, u qabel dan, kienu offrew benefiċċji lin-negozji u liċ-ċittadini fil-forma ta' inflazzjoni u rati tal-imgħax baxxi, u ffaċilitaw il-kummerċ transkonfinali u l-ivvjaġġar.

1.2. Madankollu, id-dokument ta' riflessjoni juri b'mod ċar li l-UEM mhix kompluta u l-komponent "Ekonomiku" baqa' lura meta mqabbel mal-pilastru "Monetarju" fir-rigward tal-integrazzjoni fil-livell tal-UE, li jfixkel l-abbiltà tiegħu li jappoġġja l-politika monetarja u l-politiki ekonomiċi nazzjonali. Ma jistgħux jiġu posposti b'mod indefinit deċiżjonijiet biex jiġu kkoreġuti n-nuqqasijiet istituzzjonali u ta' governanza, li sa ċertu punt huma parti mir-raġuni għalfejn hemm din il-fraġilità kontinwa taż-żona tal-euro. Hemm bżonn li tissaħħaħ ir-rieda politika sabiex il-parti "Unjoni" tal-UEM tiġi kkonsolidata.

1.3. It-tendenza lejn protezzjoniżmu u t-tnaqqis eventwali ta' rati tal-imgħax eċċezzjonalment baxxi u t-tnaqqis kwantitattiv joħolqu flimkien dinja iktar inċerta, bi żmien limitat biex isir progress. Il-KESE jtenni lill-mexxejja politiċi li huwa saħansitra aktar importanti li l-Ewropej jimpenjaw ruħhom għal sens ta' skop komuni billi jsaħħu l-influwenza u s-

([1]) Il-pakkett jinkludi l-opinjonijiet tal-KESE "Il-politika ekonomika taż-żona tal-euro 2017" (opinjoni addizzjonali) (EESC-2017-02837-00-00-AC-TRA-EN) (ara paġna 216 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali), "Unjoni tas-Swieq Kapitali: rieżami ta' nofs it-terminu" (EESC-2017-03251-00-00-AC-TRA) (ara paġna 117 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali), "L-approfondiment tal-UEM sal-2025" u "Il-Finanzi tal-UE sal-2025" (EESC-2017-03447-00-00-AC-TRA-EN) (ara paġna 131 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) Riżoluzzjoni tal-KESE dwar *"Il-White Paper tal-Kummissjoni dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa u lil hinn"*, 6 ta' Lulju 2017.

([3]) Ara pereżempju l-Opinjonijiet tal-KESE dwar *"L-ikkompletar tal-UEM – il-leġislatura Ewropea li jmiss"*, ĠU C 451, 16.12.2014, p. 10 u "L-ikkompletar tal-UEM: il-pilastru politiku", ĠU C 332, 8.10.2015 p. 8.

setgħa tagħhom permezz ta' aktar integrazzjoni. Il-Kumitat iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill Ewropew biex jieħdu deċiżjonijiet kuraġġużi qabel tmiem dan il-mandat biex imexxu 'l quddiem l-elementi neċessarji ta' governanza madwar l-UE.

1.4. Fost l-aktar elementi importanti għall-istabbiltà nsibu l-konverġenza 'l fuq tal-ekonomiji eteroġeni. Dan se jirrikjedi lill-politiċi nazzjonali u lill-imsieħba soċjali jakkomodaw dimensjoni Ewropea fid-deliberazzjonijiet nazzjonali tagħhom dwar il-politiki ekonomiċi u fiskali. Il-KESE jitlob li jkun hemm aktar "parlamentarizzazzjoni" taż-żona tal-euro, b'kumitat kbir tal-PE li jikkonsisti fil-membri parlamentari kollha taż-żona tal-euro u ta' dawk il-pajjiżi li jixtiequ jissieħbu fiha, flimkien ma' koordinazzjoni aktar b'saħħitha tal-membri parlamentari taż-żona tal-euro dwar kwistjonijiet tal-UEM.

1.5. Għal finijiet ta' effikaċja, bilanċ u ġustizzja, il-politiki għat-tkabbir ekonomiku u l-benesseri għandhom jitfasslu u jiġu kkoordinati wkoll b'kunsiderazzjoni tal-interess ġenerali taż-żona tal-euro; għal raġunijiet ta' responsabbiltà u sjieda demokratika, il-proċess tas-Semestru Ewropew għandu jinvolvi lill-Parlament Ewropew, lill-parlamenti nazzjonali, lill-imsieħba soċjali u lis-soċjetà ċivili. Id-dimensjoni soċjali għandha tiġi inkluża fuq l-istess livell mad-dimensjoni ekonomika.

1.6. Il-KESE jirrikonoxxi n-nuqqasijiet fil-governanza tas-settur finanzjarju u jappoġġja bis-sħiħ il-passi biex titlesta l-Unjoni Finanzjarja, inklużi l-Unjoni Bankarja u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali.

1.7. Soluzzjonijiet immedjati huma meħtieġa sabiex jiġi indirizzat is-self improduttiv, li huwa ta' xkiel għar-riżorsi finanzjarji u umani tal-banek li jipprovdu finanzjament għall-investimenti u huwa deterrent għall-investituri li jibżgħu li l-qligħ minn investimenti ġodda se jitqiegħed fi ħlas lura ta' self improduttiv.

1.8. Il-Kumitat jappoġġja l-ħolqien ta' qafas ta' abilitazzjoni sal-2018 għall-introduzzjoni ta' titoli garantiti b'bonds sovrana (SBBSs – sovereign bond-backed securities) kif propost fid-dokument ta' riflessjoni. Fil-perjodu medju u twil il-ħolqien ta' assi sikur Ewropew ikun meħtieġ biex titnaqqas il-volatilità tas-suq finanzjarju u tiġi żgurata l-istabbiltà tal-ekonomiji tal-Istati Membri f'każ ta' skoss asimmetriku.

1.9. Huwa meħtieġ baġit tar-riżorsi proprji ikbar mill-1 % tal-PDG fil-QFP biex jiffinanzja l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, li għandu jinbidel f'Fond Monetarju Ewropew kapaċi joffri riżorsi lill-Istati Membri li jinsabu fi kriżi u jkun ukoll garanzija ta' kontinġenza lis-settur bankarju. Baġit akbar għandu jkun ukoll riżors għaż-żamma ta' livelli ta' investiment essenzjali fiż-żona tal-euro f'infrastruttura produttiva ta' benefiċċju madwar l-Ewropa. L-aċċess għal tali fondi għandu jkun marbuta mal-ksib ta' progress maqbul fir-rigward tal-istandards ekonomiċi u soċjali.

1.10. Hemm bżonn ta' politika fiskali li kapaċi tistimola l-ekonomija taż-żona tal-euro fi żminijiet ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku. Fil-forma attwali tagħhom, ir-regoli fiskali u r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż (CSRs) jaġixxu b'mod proċikliku, u b'hekk ikomplu jxekklu l-ekonomiji dgħajfa. L-MIP (proċedura ta' żbilanċ makroekonomiku) hijaa parti importanti tal-proċess tas-Semestru, li għandha tkun minn tal-ewwel biex tevita l-iżbilanċ makroekonomiku fuq bażi madwar l-Ewropa. Għandu jkun hemm aktar enfasi fuq l-impatt negattiv taż-żona tal-euro tal-Istati Membri li jiġġeneraw eċċessi kroniċi fil-bilanċ tal-pagamenti.

1.11. Il-Kumitat jirrakkomanda l-esplorazzjoni ta' għodod li jtejbu l-governanza ekonomika fl-UEM, pereżempju billi jinħatar Ministru tal-Finanzi tal-Euro permanenti, filwaqt li tiġi żgurata responsabbiltà demokratika sħiħa. Il-ġbir flimkien ta' kompetenzi jsaħħaħ il-koerenza tal-politiki tal-UEM li attwalment huma frammentati minħabba għadd ta' istituzzjonijiet differenti.

2. **Sfond**

2.1. Fl-1 ta' Marzu 2017 il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat White Paper dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa, li kienet segwita minn diversi dokumenti ta' riflessjoni fl-oqsma differenti tat-teħid ta' deċiżjonijiet fl-Ewropa. Din l-Opinjoni tikkonċerna t-tielet *Dokument ta' Riflessjoni*: ***L-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja***.

2.2. Il-munita komuni u l-istituzzjonijiet tagħha pprovdew element ta' stabbilizzazzjoni fil-kriżi finanzjarja globali, u qabel dan, kienu offrew benefiċċji lin-negozji u liċ-ċittadini fil-forma ta' inflazzjoni u rati tal-imgħax baxxi, u ffaċilitaw il-kummerċ transkonfinali u l-ivvjaġġar.

2.3. Madankollu, id-dokument juri b'mod ċar li l-UEM mhix kompluta u l-komponent "Ekonomiku" baqa' lura meta mqabbel mal-pilastru "Monetarju" fir-rigward tal-integrazzjoni fil-livell tal-UE, li jfixkel l-abbiltà tiegħu li jappoġġja bis-sħiħ il-politika monetarja u l-politiki ekonomiċi nazzjonali. Id-dokument ma jikkritika bl-ebda mod il-politiki segwiti jew id-deċiżjonijiet meħuda jew imblukkati. Hemm bżonn li tissaħħaħ ir-rieda politika sabiex il-parti "Unjoni" tal-UEM tiġi kkonsolidata.

2.4. L-Unjoni Ewropea trid tindirizza l-kwistjoni sistemika verament importanti: kif nistgħu noħolqu munita unika u noperaw politika monetarja waħda u nibqgħu naghmlu l-għażla **politika** li nħallu l-politika ekonomika u fiskali fil-livell nazzjonali.

2.5. Il-kriżi wriet b'mod ċar kemm dan mhuwiex plawżibbli. In-nuqqas ta' ġbir tal-elementi neċessarji ta' sovranità u n-nuqqas ta' ħolqien ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri rriżulta f'nuqqas ta' solidarjetà. L-ekonomiji eteroġeni taż-żona tal-euro tbiegħdu minn xulxin taħt il-koordinazzjoni dgħajfa u totalment inkompleta tal-politiki ekonomiċi u fiskali li jirrikjedu l-introduzzjoni ta' miżuri kontra l-kriżi permezz tal-proċess intergovernattiv. Għalhekk mhijiex ħaġa sorprendenti li ż-żona tal-euro nqasmet bl-Istati Kredituri jiddettaw it-termini lill-Istati Debituri, u ma tfaċċa l-ebda Ministru tal-finanzi taż-żona tal-euro.

3. **Il-każ għall-Approfondiment tal-UEM**

3.1. Matul dawn l-aħħar numru ta' snin, il-KESE talab f'diversi opinjonijiet biex jiġi stabbilit l-approfondiment tal-UEM [4]. Għalhekk, il-Kumitat jilqa' u jaqbel mal-każ li l-Kummissjoni tibni għall-ikkompletar tal-unjoni ekonomika u monetarja u jinnota li r-realtajiet ekonomiċi jvarjaw minn stat għal stat filwaqt li jagħtu lok għal perspettivi pjuttost differenti tal-isfidi li taffaċċja ż-żona tal-euro. UEM aktar b'saħħitha tirrikjedi aktar konverġenza.

3.2. Il-KESE huwa konxju dwar id-diversità tal-opinjonijiet fi ħdan l-Istati Membri fir-rigward tal-Ġejjieni tal-Ewropa, li tirrifletti l-istorja tagħhom u l-eteroġenità tagħhom. Iżda d-deċiżjonijiet biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet istituzzjonali u ta' governanza, li minn naħa jagħtu lok għall-fraġilità kontinwa taż-żona tal-euro, żbilanċi persistenti u l-eżiti ekonomiċi u soċjali ferm diverġenti għall-Istati Membri, ma jistgħux jitħallew għal wara indefinittivament [5].

3.3. Ma rnexxilniex niksbu l-konverġenza 'l fuq tal-Istati Membri, li xi wħud ħasbu li se ġġib magħha politika monetarja waħda. In-nuqqas ta' indirizzar tal-aspetti kollha ta' kompetittività fl-ekonomija reali, irriżulta f'diverġenza, li wasslet għal politika monetarja waħda mhux xierqa għal bosta Stati Membri, li ta bidu għall-frażi "soluzzjoni waħda li m'hi tajba għal ħadd". Il-KESE diġà esprima r-riżervi tiegħu li r-*Rapport tal-Ħames Presidenti* segwit minn White Paper se jwassal għal telf ta' impetu u urġenza.

3.4. Bħalissa hemm il-bżonn li nimxu 'l quddiem fl-oqsma kollha, dak ekonomiku u soċjali, finanzjarju, fiskali u politiku, sabiex jinbnew il-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex b'hekk jinġabru l-elementi essenzjali ta' sovranità, mingħajr il-biża' ta' periklu morali, u sabiex jiġi żgurat li l-UE taħdem għall-benesseri ta' kulħadd. Dan se jissostitwixxi l-istrutturi subottimali tal-governanza attwali, u se jippermetti lill-UE, u b'mod partikolari, liż-żona tal-euro, tikseb mill-ġdid il-fiduċja taċ-ċittadini kif ukoll tal-investituri, u taqdi r-rwol tagħha fil-kwistjonijiet globali.

3.5. Il-Kumitat huwa mħasseb li, wara l-kriżi, ir-Rapport tal-Erba' Presidenti tal-2012 u r-Rapport tal-Ħames Presidenti tal-2015, ma sarx biżżejjed progress tanġibbli sabiex l-UEM tiġi approfondita tassew. Tħassib kbir huwa n-nuqqas ta' urġenza fit-tfassil ta' riformi istituzzjonali ewlenin sabiex tingħata leġittimità demokratika sabiex ikunu jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet eżekuttivi, u jiġu infurzati l-implimentazzjoni u l-konformità. Dan il-vojt fil-governanza qed iżid it-tendenza lejn il-populiżmu u soluzzjonijiet nazzjonali u protezzjonisti f'ċerti Stati Membri.

3.6. Id-dinja globali li fiha noperaw hija dejjem iktar inċerta, b'pajjiżi li qed jagħtu daharhom lejn il-kummerċ ħieles u jduru lura għall-protezzjoniżmu; ir-rati tal-imgħax eċċezzjonalment baxxi u t-tnaqqis kwantitattiv li sostnew l-irkupru f'ħafna mid-dinja żviluppata jridu jonqsu dalwaqt b'konsegwenzi mhux prevedibbli u x'aktarx negattivi. Issa hemm biss żmien limitat li joffri l-opportunità li jsir progress.

---

(4) Opinjoni tal-KESE dwar *L-ikkompletar tal-UEM – Il-leġiżlatura Ewropea li jmiss*, ĠU C 451, 16.12.2014, p. 10; Opinjoni tal-KESE dwar *Il-Metodu Komunitarju għal UEM demokratika u soċjali*, ĠU C 13, 15.1.2016, p. 33; Opinjoni tal-KESE dwar *L-ikkompletar tal-UEM: il-pilastru politiku*, ĠU C 332, 8.10.2015, p. 8; Opinjoni tal-KESE dwar *Passi lejn l-ikkompletar tal-UEM* ĠU C 177, 18.5.2016, p. 28.

(5) Opinjoni tal-KESE dwar *L-ikkompletar tal-UEM: il-pilastru politiku*, ĠU C 332, 8.10.2015, p. 8.

3.7. Unjoni fiskali u politika kompleta tista' tkun ideali għal proġetti fuq perjodu medju sa twil iżda hemm miżuri essenzjali f'din id-direzzjoni meħtieġa fi żmien qasir sabiex tissaħħaħ l-UEM u tiġi pprovduta aktar stabbiltà. Il-KESE jtenni lill-mexxejja politiċi li huwa saħansitra aktar importanti li l-Ewropej jimpenjaw ruħhom għal sens ta' skop komuni billi jsaħħu l-influwenza u s-setgħa tagħhom permezz ta' aktar integrazzjoni.

3.8. Il-Kumitat iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill Ewropew biex jieħdu deċiżjonijiet sodi bl-involviment meħtieġ u sħiħ tal-Parlament Ewropew, qabel it-tmiem ta' dan il-mandat sabiex javvanzaw l-elementi neċessarji għal governanza madwar l-UE. Jekk din il-problema diffiċli ta' riforma essenzjali f'mandat sussegwenti ddum biex tiġi indirizzata minħabba apatija, jista' jagħti l-każ li s-swieq u ċ-ċittadini jitilfu l-paċenzja.

4. **Unjoni Finanzjarja: Tnaqqis tar-riskju u kondiviżjoni tar-riskju**

4.1. Il-KESE jirrikonoxxi n-nuqqasijiet fil-governanza tas-settur finanzjarju u jappoġġja bis-sħiħ il-passi biex titlesta l-Unjoni Finanzjarja, inklużi l-Unjoni Bankarja u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali.

4.2. L-ikkompletar tal-Unjoni Bankarja huwa fundamentali għall-approfondiment tal-UEM. Is-suq frammentat u r-regolamenti kienu fatturi sinifikanti li marru kontra riżoluzzjoni tal-kriżi finanzjarja. Il-KESE jirrikonoxxi li sar ħafna xogħol sabiex is-settur jiġi kkoordinat, iżda jistieden lill-atturi kollha biex jipprogressaw, malajr kemm jista' jkun, bl-ikkompletar tal-unjoni bankarja.

4.3. B'mod partikolari, huwa importanti li titlesta l-ħidma fuq l-Unjoni Bankarja sabiex tissaħħaħ l-integrazzjoni finanzjarja u l-qsim tar-riskju permezz tas-swieq finanzjarji. Hemm ħtieġa urġenti li sal-2019 tiġi stabbilita garanzija ta' kontinġenza komuni permezz tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni sabiex tiġi żgurata operazzjoni adegwata, rapida u effiċjenti. Din se tneħħi wkoll il-possibbiltà ta' preġudizzji politiċi. Il-KESE jappoġġja l-idea li l-MES jieħu wkoll ir-rwol ta' Fond Monetarju Ewropew u li jkollu aċċess għal faċilità baġitarja ta' riżorsi proprji, wara li tkun iddaħħlet fil-liġi tal-UE.

4.4. L-Iskema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (EDIS), filwaqt li diġà qed jittieħed kont tas-sistemi nazzjonali, għandha tiġi segwita mingħajr dewmien [6] sabiex jiġi żgurat li l-iffrankar fil-kontijiet ta' depożitu jkollu l-istess protezzjoni aħjar madwar l-Unjoni Ewropea.

4.5. Sabiex jiġi żgurat progress f'dawn l-oqsma kollha, hemm bżonn li s-self improduttiv (NPL) [7], li żdied ħafna matul il-kriżi, jiġi indirizzat b'mod komprensiv. L-NPL jaġixxi bħala xkiel għar-riżorsi finanzjarji u umani tal-banek li jipprovdu finanzjament għal investimenti ġodda, li huma kruċjali għat-tkabbir. Il-BĊE, il-Kummissjoni u l-gvernijiet għandhom jingħaqdu flimkien biex jindirizzaw din il-kwistjoni ta' legat, abbażi tal-prinċipju gwida li jibqa' jingħata servizz għal dejn vijabbli filwaqt li d-dejn mhux vijabbli jiġi solvut malajr. In-nuqqas ta' proċess tas-soluzzjoni rapidu jiskoraġġixxi lill-investituri milli jagħmlu investimenti ġodda minħabba l-biża' li d-dħul il-ġdid li jakkumula jintuża sabiex ikopri self preċedenti.

4.6. Qafas aħjar għar-ristrutturar u l-insolvenza fuq bażi madwar l-Ewropa huwa parti fundamentali tal-irkupru mill-kriżi, li jirrikjedi l-użu ta' swieq sekondarji b'għarfien espert speċjali. Il-KESE jirrakkomanda t-tagħlim minn eżempji tal-istabbiliment ta' banek ħżiena. L-UEM teħtieġ soluzzjonijiet intelliġenti u sostenibbli għal NPLs li bħalissa għadhom jagħtu raġuni għal tħassib.

4.7. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli tirsisti biex tiġi stabbilita Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU), li se tkun sors importanti ta' finanzjament addizzjonali għal negozji kbar u se jkollha rwol importanti fil-kondiviżjoni tar-riskju. Il-Kumitat jirrikonoxxi li dan mhux se jitqies bħala sors addizzjonali ta' finanzjament għall-SMEs, b'mod partikolari għan-negozji żgħar u mikro. Għalhekk, is-settur bankarju se jibqa' jkollu rwol kruċjali billi jitlob lill-banek jiffukaw mill-ġdid fuq l-għoti ta' servizzi għall-ħtiġijiet tal-ekonomija reali, li jirrikjedi finanzjament bankarju aċċessibbli b'mod ġust u sostenibbli madwar l-Istati Membri kollha [8].

([6]) Opinjoni tal-KESE dwar l-*Iskema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti*, ĠU C 177, 18.5.2016, p. 21, b'mod partikolari l-punti 1.1 sa 1.3.

([7]) Opinjoni tal-KESE dwar *Pjan ta' Azzjoni dwar l-Unjoni tas-Swieq Kapitali*, ĠU C 133, 14.4.2016, p. 17, b'mod partikolari l-punt 3.3.1.

([8]) Opinjoni tal-KESE dwar *"Pjan ta' Azzjoni dwar l-Unjoni tas-Swieq Kapitali"*, ĠU C 133, 14.4.2016, p. 17, u l-opinjoni tal-KESE dwar "L-Unjoni tas-Swieq Kapitali: rieżami ta' nofs it-terminu", (EESC-2017-03251-00-00-AC-TRA) (ara paġna 117 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

4.8. Fuq medda qasira ta' żmien (sal-2018) il-Kumitat jappoġġja l-ħolqien ta' qafas ta' abilitanti għall-introduzzjoni ta' titoli garantiti b'bonds sovrana (SBBSs – sovereign bond-backed securities) kif propost fid-dokument ta' riflessjoni u l-abbozz tal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2018. L-SBBSs għandhom il-potenzjal li jħollu r-rabta bejn il-banek u s-sovrani billi jonqos il-privileġġ tal-bonds sovrani nazzjonali u permezz tad-diversifikazzjoni tal-karti bilanċjali tal-banek, filwaqt li fl-istess ħin tiġi evitata mutwalizzazzjoni tad-dejn. Konsultazzjoni ma' fornituri finanzjarji hija meħtieġa sabiex jiġi żgurat trattament regolatorju xieraq u titrawwem il-kondiviżjoni tar-riskju privat.

4.9. Fil-perjodu medju u twil (sal-2025) il-ħolqien ta' assi sikur Ewropew, simili għall-Bonds tat-Teżor tal-Istati Uniti, ikun meħtieġ biex titnaqqas il-volatilità tas-suq finanzjarju u tiġi żgurata l-istabbiltà tal-ekonomiji tal-Istati Membri f'każ ta' skoss sasimmetriku. Il-KESE ilu li rrakkomanda l-użu tal-Bonds tal-Unjoni u tal-Bonds tal-Euro ([9]). Proposti oħra simili, bħalma huma l-Fond ta' Tifdija tad-Dejn u l-Fond Eurobill, ġew diskussi wkoll. B'segwitu għall-konklużjonijiet tal-grupp ta' esperti stabbilit sabiex janalizza l-merti u r-riskji tal-alternattivi differenti ta' ħruġ ta' dejn konġunt, il-Kummissjoni issa għandha tfassal proposta konkreta dwar liema strument għandu jintuża u f'liema perjodu ta' żmien ([10]). Sabiex jiġi evitat periklu morali, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw minn dan l-istrument, soġġett għal konformità mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi ta' pajjiżhom.

5. **Il-ksib ta' rikonverġenza f'Unjoni Ekonomika u Fiskali aktar integrata**

5.1. Il-Kumitat jilqa' r-rikonoxximent espliċitu tad-dokument li l-konverġenza 'l fuq lejn strutturi ekonomiċi u soċjali aktar reżiljenti hija element essenzjali għal UEM aktar b'saħħitha. B'rikonoxximent tan-natura eteroġena tal-Istati Membri ma jistax ikun hemm politiki ta' "soluzzjoni waħda tajba għal kulħadd" li jirrikjedu armonizzazzjoni kullimkien, madankollu dan jirrikjedi approċċ komuni lejn ċerti riżultati.

5.2. Id-dgħufija fil-politika ekonomika u fiskali fl-UEM hija fundamentalment minħabba n-nuqqas ta' rieda politika fl-Ewropa kollha li tippermetti l-involviment tal-UE fil-politiki ekonomiċi u fiskali nazzjonali. Il-KESE diġà saħaq li huwa neċessarju djalogu makroekonomiku aġġornat u msaħħaħ, b'mod speċjali mal-pajjiżi taż-żona tal-euro, li jista' jgħin biex jirrifletti aktar bil-qawwa d-dimensjoni taż-żona tal-euro fil-livell nazzjonali. Għandu jkun hemm ukoll sistema aktar demokratika ta' teħid ta' deċiżjonijiet eżekuttivi mill-Kunsill tal-Ministri, li l-membri individwali tiegħu huma responsabbli biss għall-parlamenti nazzjonali tagħhom u mhux għaż-żona tal-euro kollha kemm hi.

5.3. Il-KESE jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni biex tkompli tirrinforza s-semestru Ewropew. Għal finijiet ta' effikaċja, bilanċ u ġustizzja, il-politiki għat-tkabbir ekonomiku u l-benesseri għandhom jitfasslu u jiġu kkoordinati wkoll b'kunsiderazzjoni tal-interess ġenerali taż-żona tal-euro; għal raġunijiet ta' responsabbiltà u sjieda demokratika, il-proċessi tas-Semestru Ewropew, li jinvolvu kemm politiki nazzjonali kif ukioll Ewropej, għandhom jinvolvu lill-Kummissjoni, il-Kunsill Ewropew, il-Parlament Ewropew, il-parlamenti nazzjonali, l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili. B'mod limitat ħafna dan il-proċess beda, iżda jirrikjedi ħafna aktar parteċipazzjoni fil-livell nazzjonali u ftehim bejn il-partijiet kollha involuti. Dan għandu jsaħħaħ l-euro u jekk ikun semplifikat u aktar trasparenti, is-Semestru għandu jinkoraġġixxi implimentazzjoni aħjar tar-riforma li hi tant meħtieġa.

5.4. It-tnaqqis fl-iżbilanċi makroekonomiċi huwa kruċjali għall-istabbilizzazzjoni Ewropea. Preċedentement, tali żbilanċi ngħataw għajnuna temporanja permezz ta' żvalutar tal-munita. Issa mingħajr din l-għodda, qegħdin isiru żvalutazzjonijiet interni b'effetti negattivi li qegħdin jikkawżaw diffikultajiet kbar permezz ta' qgħad għoli u tkabbir negattiv. Għall-istabbiltà taż-żona tal-euro u l-evitar ta' tali aġġustamenti kbar, għandha tiġi evitata l-akkumulazzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi.

5.5. Għalhekk, id-djalogu makroekonomiku fil-livell nazzjonali għandu jqis din id-dimensjoni Ewropea. Id-detezzjoni bikrija u l-evitar ta' żbilanċi makroekonomiċi, li jirriflettu livelli differenti ta' kompetittività, definiti b'mod wiesa' (ara 5.6), huma element ewlieni tal-proċess tas-Semestru. Il-politika nazzjonali għandha tkun infurmata sew dwar l-impatt li l-politiki proposti se jkollhom fuq il-kompetittività tagħhom fiż-żona tal-euro, u għandhom iqisu wkoll l-iżviluppi fiż-żona tal-euro li jistgħu jirrikjedu rispons kompetittiv. L-input tal-uffiċjali lokali tas-semestru tal-euro tal-Kummissjoni u l-Bordijiet Nazzjonali tal-Produttività indipendenti, marbuta ma' netwerk taż-żona tal-euro, jistgħu jgħinu billi jaġixxu bħala mera għall-politika ekonomika u soċjali ([11]).

([9]) Opinjoni tal-KESE dwar *X'direzzjoni għall-euro?*, ĠU C 271, 19.9.2013, p. 8; Opinjoni tal-KESE dwar *It-tkabbir u d-dejn sovran fl-UE: żewġ approċċi innovattivi*, ĠU C 143, 22.5.2012, p. 10.

([10]) Opinjoni tal-KESE dwar *L-ikkompletar tal-UEM – il-leġislatura Ewropea li jmiss*, ĠU C 451, 16.12.2014, p. 10.

([11]) Opinjoni tal-KESE dwar *L-istabbiliment ta' Bordijiet Nazzjonali tal-Kompetittività fiż-Żona tal-Euro*, ĠU C 177, 18.5.2016, p. 35.

5.6. Element importanti f'dawn id-diskussjonijiet huwa d-dimensjoni soċjali, li s'issa ġie traskurat fil-proċess tas-Semestru, u jżid id-defiċit soċjali fl-UE billi jaffettwa b'mod negattiv il-ħajja ta' miljuni ta' ċittadini tal-UE. Dan iheġġeġ ukoll ix-xejra lejn il-populiżmu kontra l-UE u ġeneralment nuqqas ta' sodisfazzjon bl-UE. Definizzjoni riveduta ta' kompetittività ("kompetittività 2.0") ([12]) li għandha tinkludi "il-kapaċità ta' pajjiż li jilħaq" għanijiet "Lil hinn mill-PDG" u mkejla fuq il-bażi ta' tliet pilastri: l-introjtu, il-fatturi soċjali; u s-sostenibbiltà, tista' tirriżulta fi proċess tas-Semestru aktar komprensiv.

5.7. Il-KESE jaqbel li l-implimentazzjoni tal-politiki nazzjonali, fejn il-kompetenzi jibqgħu fil-livell nazzjonali, tista' tiġi kkoordinata permezz tal-proċess tas-Semestru Ewropew ([13]).

5.8. Il-Kumitat jappoġġja li l-aċċess għall-fondi tal-UE u l-possibbiltà ta' strument ta' stabbilizzazzjoni jintrabtu mal-kisba tal-progress miftiehem dwar standards ekonomiċi u soċjali, kif ukoll it-tranżizzjonijiet neċessarji minħabba d-diġitalizzazzjoni, kollha mmirati lejn il-ġid taċ-ċittadini. Dan għandu jkun immonitorjat permezz tas-Semestru Ewropew ([14]). Ekonomiji li waqgħu lura serjament, li qegħdin jagħmlu l-almu tagħhom biex jissodisfaw is-CSRs tagħhom, għandhom ikunu eliġibbli għal assistenza mill-Fond ta' Koeżjoni għal investiment produttiv, li għandu jgħin biex tintlaħaq jew tingħata infrastruttura essenzjali ta' benefiċċju ġenerali Ewropew.

5.9. Il-KESE jaqbel li l-baġit attwali tal-UE ta' 1 % biss tal-PDG huwa żgħir wisq u mhuwiex maħsub li jopera funzjoni ta' stabbilizzazzjoni u se jkun bil-wisq aktar inadegwat wara l-Brexit. Il-Kumitat jappoġġja l-idea li ż-żona tal-euro tibbenefika b'mod sinifikanti minn kapaċità ta' stabbilizzazzjoni b'saħħitha fil-każ ta' skossi asimmetriċi severi ([15]). Il-Kumitat jirrikonoxxi li din il-funzjoni ma għandhiex twassal għal trasferimenti permanenti u lanqas għal periklu morali.

5.10. Il-KESE jappoġġja l-proposta li jesplora l-possibbiltajiet li jibni kapaċità fiskali għaż-żona tal-euro, li l-għan tagħha huwa li żżomm livelli ta' investiment essenzjali fiż-żona tal-euro f'infrastruttura produttiva bħat-trasport, it-tiġdid urban, l-edukazzjoni, ir-riċerka, u t-trasformazzjoni ekoloġika ([16]). Din il-kapaċità fiskali tista' tkun ukoll sors ta' finanzjament għall-MES, li biż-żmien għandu jinbidel f'Fond Monetarju Ewropew (EMF) biex jiffinanzja fondi għall-immaniġġjar tal-kriżi.

5.11. Pjan ta' investiment effettiv li jiġġenera l-qligħ permezz tat-tkabbir, il-koeżjoni soċjali u s-solidarjetà huwa meħtieġ għall-integrazzjoni ekonomika u l-prosperità tal-Ewropa kif ukoll għall-prevenzjoni ta' disparitajiet soċjali li qed jiżdiedu. Il-KESE jappoġġja l-fatt li tkun permessa Regola tad-Deheb sħiħa għal investimenti pubbliċi produttivi, li għandhom jiġu inkorporati fit-tibdil tar-regoli fiskali.

5.12. L-approċċ ibbażat fuq ir-regoli fiskali, għandu jittejjeb u jiġi żviluppat qabel il-mandat li jmiss sabiex jiġu evitati politiki proċikliċi. Il-kundizzjonijiet lokali prevalenti għandhom jitqiesu. Il-bilanċ strutturali wera li huwa varjabbli, mhux osservabbli u mhux affidabbli biex fuqu jiġi bbażat it-tibdil fil-politika infurzabbli permezz tal-proċess tas-CSR.

5.13. Xi drabi titpoġġa wisq enfasi fuq it-tnaqqis tad-dejn permezz ta' konsolidazzjoni fiskali kontroproduttiva minflok il-miżura aktar siewja li jiżdied it-tkabbir tal-PDG. Fil-proċess tas-Semestru, it-tnaqqis tad-defiċit annwali tal-gvern jingħata ħafna aktar importanza bħala rimedju għall-proporzjon ta' dejn għoli/PDG minn miżuri aktar siewja li jiżdied it-tkabbir fil-PDG ([17]).

([12]) Opinjoni tal-KESE dwar *L-istabbiliment ta' Bordijiet Nazzjonali tal-Kompetittività fiż-Żona tal-Euro*, ĠU C 177, 18.5.2016, p. 35.

([13]) Opinjoni tal-KESE dwar *L-ikkompletar tal-UEM – Il-leġiżlatura Ewropea li jmiss*, ĠU C 451, 16.12.2014, p. 10; Opinjoni tal-KESE dwar *Il-Metodu Komunitarju għal UEM demokratika u soċjali*,ĠU C 13, 15.1.2016, p. 33; Opinjoni tal-KESE dwar *Passi lejn l-ikkompletar tal-UEM*, ĠU C 177, 18.5.2016, p. 28; Opinjoni tal-KESE dwar *Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali*, ĠU C 125, 21.4.2017, p. 10.

([14]) Opinjoni tal-KESE dwar *Rieżami tal-Governanza Ekonomika*, ĠU C 268, 14.8.2015, p. 33; Opinjoni tal-KESE dwar *L-ikkompletar tal-UEM – Ir-rwol tal-politika tat-tassazzjoni*, ĠU C 230, 14.7.2015, p. 24.

([15]) L-opinjoni tal-KESE dwar *"Il-finanzi tal-UE sal-2025"*, (EESC-2017-03447-00-00-PA-TRA) (ara paġna 131 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([16]) Opinjoni tal-KESE dwar *Rieżami tal-Governanza Ekonomika*, ĠU C 268, 14.8.2015, p. 33; Opinjoni tal-KESE dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, ĠU C 177, 18.5.2016, p. 41; Opinjoni tal-KESE dwar *Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali*, ĠU C 177, 18.5.2016, p. 47; Opinjoni tal-KESE dwar reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020, ĠU C 75, 10.3.2017, p. 63.

([17]) Opinjoni tal-KESE dwar *Rieżami tal-Governanza Ekonomika*, ĠU C 268, 14.8.2015, p. 33.

5.14. Il-KESE jemmen li sal-2019 għandhom isiru bidliet biex titranġa l-“qagħda fiskali attwali [li] qiegħda taħbi ripartizzjoni bla dubju subottimali tal-aġġustament fiskali bejn il-pajjiżi f'dan il-mument partikolari” ([18]).

5.15. L-MIP (proċedura ta' żbilanċ makroekonomiku) hijaa parti importanti tal-proċess tas-Semestru, li għandha tkun minn tal-ewwel biex tevita l-iżbilanċ makroekonomiku fuq bażi madwar l-Ewropa. Hemm bżonn li titneħħa l-asimmetrija inerenti fejn l-iżbilanċi pożittivi persistenti jitqiesu mingħajr ċensura u l-iżbilanċi negattivi jkunu soġġetti għal penali ([19]). Penali finanzjarja mhux biss taggrava sitwazzjoni ħażina, iżda l-eċċessi kroniċi f'xi Stati Membri jistgħu jagħmlu l-pożizzjoni tad-defiċit agħar fi stat ġar.

6. **It-tisħiħ tal-Arkitettura tal-UEM u l-ankraġġ tar-Responsabbiltà Demokratika**

6.1. L-UEM mhijiex għan fiha nfisha. Hija mezz biex jiġu ottimizzati l-possibilitajiet li jinkiseb: tkabbir sostenibbli, impjiegi tajbin, konverġenza 'l fuq ekonomika u soċjali; stabbiltà u prosperità għall-Istati Membri **kollha** billi joperaw flimkien; responsabbiltà ekonomika li timxi id f'id mas-solidarjetà; u tnaqqis tar-riskju li jimxi id f'id mal-kondiviżjoni tar-riskju. Filwaqt li ż-żona tal-euro għandha tagħmel dawn l-avvanzi meħtieġa, hija għandha tkun ukoll miftuħa għal Stati Membri oħrajn. Il-KESE jaqbel li aktar trasparenza, komunikazzjoni tajba u aktar involviment tal-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili huma meħtieġa u – flimkien ma' rwol imsaħħaħ tal-parlamenti nazzjonali fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet – għandhom jgħinu r-responsabbiltà demokratika.

6.2. Il-KESE jitlob li jkun hemm aktar “parlamentarizzazzjoni” taż-żona tal-euro, b'kumitat kbir tal-PE li jikkonsisti fil-membri parlamentari kollha taż-żona tal-euro u ta' dawk il-pajjiżi li jixtiequ jissieħbu fiha, flimkien ma' koordinazzjoni aktar b'saħħitha tal-membri parlamentari taż-żona tal-euro dwar kwistjonijiet tal-UEM (COSAC +) ([20]). Kif imsemmi fil-punti 5.2 u 5.3, b'mod partikolari, il-Parlament Ewropew, kif ukoll il-parlamenti nazzjonali, l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili ġenerali, għandu jkollhom rwol ewlieni fid-demokratizzazzjoni tal-proċess tas-Semestru.

6.3. Il-Kumitat jirrakkomanda l-esplorazzjoni ta' għodod li jtejbu l-governanza ekonomika fl-UEM, pereżempju billi jinħatar Ministru tal-Finanzi tal-Euro permanenti, filwaqt li tiġi żgurata responsabbiltà demokratika sħiħa. Il-ġbir flimkien ta' kompetenzi jsaħħaħ il-koerenza tal-politiki tal-UEM li attwalment huma frammentati minħabba għadd ta' istituzzjonijiet differenti. Mill-bidu għandha tiġi stabbilita pożizzjoni fiskali taż-żona tal-euro, bil-Ministru tal-Finanzi jiddefinixxi kif din għandha tinkiseb. Il-pożizzjoni fiskali attwali hija s-somma tal-bilanċi baġitarji kollha tal-Istati Membri u d-direzzjoni tal-pożizzjoni fiskali għaż-żona tal-euro hija aċċidentali.

6.4. Il-KESE jilqa' t-tisħiħ propost tal-MES biex jiżviluppah fi strument kompletament funzjonali għall-immaniġġjar tal-kriżi. Meta jiġi żviluppat f'Fond Monetarju Ewropew (EMF) fi ħdan it-trattati Ewropej, bi rwol b'saħħtu għall-Parlament Ewropew, il-leġittimità demokratika se tittejjeb u se jitħaffef it-teħid ta' deċiżjonijet.

6.5. L-użu ta' intergovernanza bħala metodu ta' governanza għall-Unjoni Ewropea għandu jiġi abbandunat u r-regoli fiskali għandhom jiġu riveduti qabel ma jiġu integrati fid-dritt tal-Unjoni.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

([18]) COM(2016) 727 final.
([19]) Opinjoni tal-KESE dwar *Rieżami tal-Governanza Ekonomika*, ĠU C 268, 14.8.2015, p. 33.
([20]) Opinjoni tal-KESE dwar *Il-Metodu Komunitarju għal UEM demokratika u soċjali*, ĠU C 13, 15.1.2016, p. 33.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Dokument ta' Riflessjoni dwar il-Futur tal-Finanzi tal-UE"

[COM(2017) 358 final]

(2018/C 081/18)

Relatur: **Stefano PALMIERI**

Korelatur: **Petr ZAHRADNÍK**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 4.8.2017
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa
Sezzjoni responsabbli	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fis-sezzjoni	5.10.2017
Adottata fil-plenarja	19.10.2017
Sessjoni plenarja Nru	529
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	138/8/14

Preambolu

Din l-opinjoni tagħmel parti minn pakkett usa' ta' erba' opinjonijiet tal-KESE dwar il-futur tal-ekonomija Ewropea (Approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Politika ekonomika taż-żona tal-euro, Unjoni tas-Swieq Kapitali u L-futur tal-finanzi tal-UE) (1)*. Il-pakkett jasal fil-kuntest tal-proċess tal-White Paper dwar il-ġejjieni tal-Ewropa mniedi reċentement mill-Kummissjoni Ewropea u jqis id-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni 2017 tal-President Juncker. F'konformità mar-riżoluzzjoni tal-KESE dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa* (2) *u opinjonijiet preċedenti dwar l-ikkompletar tal-UEM* (3)*, dan il-pakkett ta' opinjonijiet jenfasizza l-ħtieġa għal sens ta' skop komuni fil-governanza tal-Unjoni, li jmur ferm lil hinn minn approċċi u miżuri tekniċi, u li huwa l-ewwel u qabel kollox kwistjoni ta' rieda politika u perspettiva komuni.*

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jqis li filwaqt li l-istruttura tad-*Dokument ta' Riflessjoni dwar il-futur tal-finanzi tal-UE* tiddeskrivi wħud mill-isfidi li l-UE se tħabbat wiċċha magħhom fis-snin li ġejjin, torbot ukoll b'mod ċar soluzzjonijiet baġitarji potenzjali mal-ħames xenarji identifikati mill-Kummissjoni Ewropea fil-*White Paper dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa* tagħha.

1.2. Il-KESE jtenni li biex iċ-ċittadini Ewropej jegħlbu l-kriżi politika tal-UE li hija riżultat tan-nuqqas ta' viżjoni strateġika tal-ġejjieni u nuqqas ta' kapaċità li nirrispondu b'mod adatt għall-kriżi ekonomika u finanzjarja, hemm bżonn tal-kunċett ta' aktar Ewropa (u ta' kwalità aħjar) u mhux inqas Ewropa. Qed jikbru d-differenzi bejn it-tħassib u l-aspettattivi taċ-ċittadini Ewropej, li qed jitolbu benefiċċji konkreti għall-ħajja ta' kuljum tagħhom, u l-ftit setgħat u r-riżorsi finanzjarji mogħtija attwalment mill-UE. Il-proġett Ewropew u l-Unjoni nnifisha qed joffru anqas kredibbiltà u qed jixħtu dubji kbar, u b'hekk bħalissa qed naraw każijiet ta' nazzjonaliżmu u populiżmu.

(1) Il-pakkett jinkludi l-opinjonijiet tal-KESE dwar Il-politika ekonomika taż-żona tal-euro 2017 (opinjoni addizzjonali) (ara paġna 216 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali), *Unjoni tas-Swieq Kapitali: rieżami ta' nofs it-terminu* (ara paġna 117 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali). *L-approfondiment tal-UEM sal-2025* (ara paġna 124 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali) u *Il-Finanzi tal-UE sal-2025*.

(2) Riżoluzzjoni tal-KESE tas-6 ta' Lulju 2017: *Il-White Paper tal-Kummissjoni dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa u lil hinn* OJ C 345, 13.10.2017, p. 11.

(3) ĠU C 451,16.12.2014, p. 10 u ĠU C 332, 8.10.2015, p. 8.

1.3. Il-KESE jaqbel mal-approċċ li jieħu d-Dokument ta' Riflessjoni skont liema l-prinċipju fundamentali relatat mal-baġit tal-UE għandu jkun l-insegwiment tal-valur miżjud Ewropew, billi jinkisbu riżultati aħjar fir-rigward tal-baġits nazzjonali individwali mhux ikkoordinati. Dan jirrikjedi li noħorġu mil-loġika ta' "qligħ ġust", id-diviżjoni bejn l-Istati Membri kontributuri jew benefiċjarji netti u l-korrezzjonijiet ad hoc għall-Istati Membri individwali.

1.4. Qabelxejn l-UE għandha tidentifika l-prijoritajiet politiċi b'valur miżjud Ewropew għoli u mbagħad tiddefinixxi r-riżorsi meħtieġa sabiex tiksibhom u tistabbilixxi r-riforma tal-baġit komunitarju. F'dan ix-xenarju l-KESE huwa xettiku li l-baġit tal-UE għandu jibqa' anqas minn 1 % tad-dħul u 2 % biss tan-nefqa pubblika tat-28 pajjiż, peress li dan huwa livell li mhuwiex xieraq meta mqabbel mal-isfidi, ix-xokkijiet u l-kriżijiet li l-UE trid tiffaċċja.

1.5. Ir-riforma tal-baġit tal-UE neċessarjament għandha tirrigwarda titjib kwalitattiv, billi tiġi ddeterminata mill-ġdid l-istruttura tiegħu kemm fin-nefqa kapitali kif ukoll fir-riżorsi proprji, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-kriterji xierqa ta' razzjonalizzazzjoni, effiċjenza u effettività, u li jkun hemm komunikazzjoni diretta u trasparenti maċ-ċittadini.

1.6. L-aġġustament kwantitattiv u kwalitattiv tal-baġit jitlob konsultazzjoni serja u fil-fond tas-soċjetà ċivili, kif inhi rrappreżentata fl-ambitu tal-KESE, b'tali mod li jiġu riflessi l-ħtiġijiet reali tat-territorji u jiġi żgurat impatt pożittiv għaċ-ċittadini kollha u għall-interess pubbliku.

1.7. Mil-lat tal-ispejjeż, il-KESE jaħseb li dawn il-programmi li ġejjin huma b'valur miżjud Ewropew ta' livell għoli: investimenti fi żmien medju u fit-tul għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali, l-impjiegi, l-innovazzjoni u l-kompetittività; il-protezzjoni tar-reġjuni l-iktar żvantaġġati u l-gruppi soċjali l-aktar vulnerabbli; it-tweġiba flessibbli u fil-ħin għax-xokkijiet asimmetriċi u għall-kriżijiet f'daqqa, anke permezz ta' baġit awtonomu taż-żona tal-euro.

1.8. B'mod partikolari, il-KESE jqis rilevanti l-funzjoni tal-istabbilizzazzjoni makroekonomika taż-żona tal-euro, billi l-impatt negattiv fuq il-klassijiet soċjali u s-setturi produttivi "telliefa" fil-globalizzazzjoni u fir-rivoluzzjoni teknoloġika huwa waħda mill-kawżi tal-kriżi strateġika tal-UE u t-tfaċċar tal-populiżmu.

1.9. Mil-lat tad-dħul, il-KESE jaqbel mal-analiżi li saret fir-rapport *Finanzjament futur tal-UE* tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-Riżorsi Proprji (HLGOR), sabiex jinkiseb baġit ġdid bi prevalenza ta' riżorsi proprji awtonomi, trasparenti u ġusti, fuq l-istess livell tal-obbligazzjonijiet għaċ-ċittadini l-aktar żvantaġġati u għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju.

1.9.1. Il-KESE jtenni l-fehma favorevoli tiegħu dwar bażi komuni konsolidata għat-taxxa korporattiva (BKKTK) kif ukoll tranżazzjonijiet finanzjarji, il-karburanti u l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju, li jekk miġbura fil-livell Ewropew, ikunu jistgħu jisfruttaw bażi għat-taxxa transnazzjonali, sabiex jiġu miġġielda l-effetti globali fuq l-ambjent.

1.10. Il-KESE jqis li minn naħa waħda l-konsegwenzi ta' Brexit fuq il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) ta' wara l-2020 jistgħu jirrappreżentaw theddida għall-"proġett" tal-UE – wara negozjar li sar mill-Istati Membri abbażi tal-prinċipju tar-"ritorn ġust" – min-naħa l-oħra jistgħu madankollu jirrappreżentaw opportunità importanti, billi, permezz tat-tennija tal-prinċipju tal-"valur miżjud Ewropew" jistgħu jwasslu għal titjib kwalitattiv u kwantitattiv tal-baġit tal-UE.

1.10.1. Għal din ir-raġuni l-KESE jqis li huwa xieraq li malajr kemm jista' jkun:

— il-Kummissjoni Ewropea tikkwantifika l-impatt tal-Brexit – skont diversi xenarji ta' "hard Brexit" jew "soft Brexit" – fuq is-sistema tad-dħul u tal-ispejjeż tal-UE u l-konsegwenzi fuq il-QFP ta' wara l-2020;

— tinbeda diskussjoni trasparenti u pubblika dwar il-QFP ta' wara l-2020 mal-atturi istituzzjonali, ekonomiċi, soċjali kollha, ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini tal-UE.

— madankollu, m'għandhomx jitnaqqsu r-riżorsi assenjati għall-politiki ta' koeżjoni u l-għanijiet soċjali.

B'dan il-mod se jkun possibbli li tinħoloq mill-ġdid is-sistema tal-interessi diverġenti u kunflittwali bejn il-partijiet filwaqt li tiġi identifikata soluzzjoni komuni għall-QFP ta' wara l-2020.

2. **Kummenti ġenerali**

2.1. L-approċċ segwit fid-*Dokument ta' Riflessjoni dwar il-Futur tal-finanzi tal-UE* jorbot flimkien is-soluzzjonijiet possibbli f'termini ta' baġit għall-isfidi tal-Unjoni fir-rigward tal-ħames xenarji differenti identifikati mill-Kummissjoni Ewropea fil-*White Paper dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa*. Il-KESE kkritika dan l-approċċ fir-Riżoluzzjoni riċenti dwar il-White Paper ([4]), billi ddefinixxa l-ħames xenarji bħala "artifiċjali" peress li huma indirizzati b'mod esklussiv lill-Istati Membri (SM) mingħajr ma għandhom ebda rilevanza diretta għaċ-ċittadini Ewropej, li qed jistennew strateġija komuni u ċara.

2.1.1. Dan ifisser li tintilef okkażjoni importanti, peress li parti sostanzjali mid-dokument, li tirrigwarda l-valur miżjud tal-finanzi Ewropej, l-identifikazzjoni tat-tendenzi u tal-isfidi, l-għażliet differenti għall-futur tal-finanzi tal-UE, hija appoġġjata bis-sħiħ fl-analiżi tiegħu, minkejja d-difetti ta' proposta politika komuni, effiċjenti u effikaċi.

2.2. Matul l-aħħar snin, il-KESE identifika ([5]) l-problemi attwali għall-ekonomija u s-soċjetà Ewropea, il-prinċipji bażi li għandhom jiġu rrispettati, it-toroq li għandhom jiġu segwiti sabiex terġa' tingħata spinta lill-azzjoni tal-istituzzjonijiet komunitarji u biex din issir aktar effikaċi. Il-KESE tenna f'diversi okkażjonijiet li ċ-ċittadini Ewropej jeħtieġu aktar Ewropa (u ta' kwalità aħjar) u mhux inqas Ewropa ([6]), għall-fatt li l-kriżi politika tal-UE hija riżultat tan-nuqqas ta' viżjoni strateġika tal-ġejjieni u nuqqas ta' kapaċità li nirrispondu b'mod adatt għall-kriżi ekonomika u finanzjarja.

2.3. Fl-2016, fir-rigward tar-Reviżjoni ta' Nofs it-Terminu tal-QFP 2014-2020 ([7]), il-KESE ddikjara li għandhom jiġu rikonoxxuti l-isforzi li saru mill-Kummissjoni, u speċjalment il-forom ta' flessibbiltà introdotti sabiex jiġu indirizzati l-kriżijiet mhux mistennija, kif ukoll l-approċċ orjentat lejn ir-riżultati u lejn il-prestazzjoni. Madankollu l-proposti konkreti u r-riżorsi allokati kienu diġà jidhru dak iż-żmien li mhumiex biżżejjed sabiex jiġu indirizzati l-isfidi u l-prijoritajiet tal-UE, peress li l-QFP huwa r-riżultat ta' kompromess ftit li xejn ambizzjuż bejn l-Istati Membri kkonċernati mill-"bilanċ nett" tagħhom u mill-benefiċċji għal gruppi speċifiċi ta' interess, pjuttost milli huwa l-għodda għall-insegwiment tal-interessi tal-UE kollha kemm hi.

2.4. F'dan il-kuntest l-approċċ li jittieħed fid-Dokument ta' Riflessjoni huwa aċċettabbli għaliex skontu "l-essenza ta' baġit tal-UE mmodernizzat" tinkludi "(i)l-valur miżjud li jirriżulta mill-ġbir flimkien tar-riżorsi u l-għoti ta' riżultati li l-infiq nazzjonali mhux koordinat ma jistax jilħaqhom" ([8]).

2.5. Sabiex ikollna aktar Ewropa u ta' kwalità aħjar, qabelxejn għandna nidentifikaw il-prijoritajiet politiċi b'valur miżjud Ewropew għoli, u wara niddefinixxu r-riżorsi meħtieġa sabiex niksbuhom, fuq liema nistabbilixxu r-riforma tal-baġit tal-UE. F'dan l-isfond ma jkunx aktar kredibbli li f'dak li għandu x'jaqsam mal-baġit tagħha l-Unjoni talloka anqas minn 1 % tad-dħul u 2 % biss tan-nefqa pubblika tat-28 pajjiż, b'dinamika li, barra minn hekk, hija f'rigressjoni kontinwa ([9]). Dan il-livell jidher li huwa kompletament inadegwat meta mqabbel mal-isfidi l-ġodda li l-UE trid tiffaċċja, u meta mqabbel max-xokkijiet u l-kriżijiet li hi għandha twieġeb għalihom.

2.5.1. Iż-żieda kwantitattiva fil-baġit tal-Unjoni għandha tkun akkumpanjata minn titjib kwalitattiv sinifikanti b'valutazzjoni mill-ġdid tal-istruttura tagħha, kemm fejn tidħol in-nefqa kapitali kif ukoll ir-riżorsi proprji. Għal dan l-għan huwa meħtieġ li wieħed iqis il-kriterji xierqa ta' razzjonalizzazzjoni, effiċjenza u effettività tal-baġit, u li jiġu implimentati tipi ta' komunikazzjoni diretti u trasparenti maċ-ċittadini.

2.5.2. It-titjib kwantitattiv u kwalitattiv tal-baġit tal-UE għandu jgħaddi anke minn konsultazzjoni serja u fil-fond tas-soċjetà ċivili, kif inhi rrappreżentata fl-ambitu tal-KESE, sabiex jiġi garantit li l-kategoriji ta' nfiq jirriflettu b'mod effettiv il-ħtiġijiet reali tat-territorji u jkun hemm impatt pożittiv fuq il-benesseri taċ-ċittadini, fl-interess pubbliku.

([4]) Ir-Riżoluzzjoni tal-KESE tas-6 ta' Lulju 2017: *Il-White Paper tal-Kummissjoni dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa u lil hinn*: "Il-KESE ma jemminx li għażla bejn xenarji huwa metodu ta' suċċess għall-promozzjoni ta' sens ta' għan komuni jew sabiex tiġi definita t-triq għall-ġejjieni". OJ C 345, 13.10.2017, p. 11.

([5]) ĠU C 248, 25.8.2011, p. 75, ĠU C 229, 31.7.2012, p. 32, ĠU C 451, 16.12.2014, p. 10 *u* ĠU C 487, 28.12.2016, p. 62.

([6]) "… billi tmexxi l-labra fuq il-kejl tas-sussidjarjetà lejn aktar Ewropa u Ewropa aħjar …", ĠU C 351, 15.11.2012, p. 36.

([7]) ĠU L 75, 10.3.2017, p. 63, punt 1.1.

([8]) COM(2017) 358 final, p. 6.

([9]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (2014/335/UE, Euratom) stabbiliet il-limitu massimu tal-baġit għal 1,2 % tad-dħul nazzjonali gross (DNG), iżda r-raġunament indikat f'din l-opinjoni (jiġifieri li l-ewwel għandhom jiġu identifikati l-prijoritajiet politiċi u mbagħad jiġu definiti r-riżorsi meħtieġa sabiex jinkisbu) jimplika li l-baġit tal-UE m'għandux ikun limitat għal limitu massimu stabbilit minn qabel.

2.6. Mhux b'kumbinazzjoni li, bl-isfidi l-ġodda li qed jinqalgħu, u li huma marbuta mat-tibdil fix-xenarji ġeopolitiċi u mal-aġġustament meħtieġ għall-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, l-UE qed turi l-inadegwatezza totali tal-baġit tagħha, u qed tidħol fi kriżi li fil-bidu hija ekonomika u finanzjarja, sabiex imbagħad issir soċjali u fl-aħħar politika.

2.6.1. Din hija kriżi politika li tirriżulta mid-differenzi bejn it-tħassib dejjem jikber u l-aspettattivi li jirriżultaw fir-rigward tal-Unjoni, min-naħa taċ-ċittadini Ewropej li jitolbu benefiċċji konkreti għall-ħajja ta' kuljum tagħhom, u s-setgħat u r-riżorsi finanzjarji attwali attribwiti għall-Unjoni nnifisha. Huwa f'dawn id-differenzi li tibda t-tbatija dejjem tikber u l-każijiet ta' nazzjonaliżmu u populiżmu, li jixħtu f'dubju l-proġett Ewropew u l-Unjoni nnifisha.

2.7. Id-diskussjoni dwar il-futur tal-UE fil-fatt qed issir f'fażi storika fejn l-inkwiet u l-inċertezzi ta' natura ekonomika, soċjali, politika u istituzzjonali fost iċ-ċittadini Ewropej huma ħafna ([10]). L-ewwel nett, il-konsegwenzi tal-kriżi finanzjarja u ekonomika li għadhom b'saħħithom, speċjalment fl-Istati Membri li ntlaqtu l-aktar jiġifieri f'xi żoni ġeografiċi u, b'mod partikolari, fir-rigward ta' dawk bi dħul medju u baxx. It-tieni, bħala riżultat, ix-xettiżmu mifrux tal-Istati Membri u tal-UE dwar il-kapaċità tal-politika, sabiex iżommu l-benesseri ekonomiku u l-koeżjoni soċjali fl-era tal-globalizzazzjoni u tal-kompetizzjoni internazzjonali ([11]). It-tielet, l-influss dejjem jikber tal-migranti u r-rifuġjati li qed jaħarbu mill-gwerer u l-faqar fl-Afrika u l-Lvant Nofsani. Ir-raba', aktar reċentement, il-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE, li joħroġ fil-beraħ kif l-Unjoni mhijiex għażla ċerta u irreversibbli, u li tista' tinfirex fost Stati Membri oħra.

3. **Kummenti speċifiċi**

3.1. Mil-lat tal-infiq, l-element prinċipali huwa rappreżentat mill-prinċipju tal-valur miżjud Ewropew, li jista' jidher paradossali fi żmien storiku meta – minn naħa – qed jiżdiedu l-ilħna li jappellaw biex jingħata aktar spazju lill-gvernijiet nazzjonali, sal-każ estrem ta' ħruġ mill-UE, filwaqt li – min-naħa l-oħra – issa ma tantx tista' tiġi difiża l-loġika ta' "qligħ ġust", id-diviżjoni bejn l-Istati Membri kontributuri jew benefiċjarji netti u l-korrezzjonijiet *ad hoc* imposti fuq l-Istati Membri individwali.

3.1.1. Madankollu, il-Kummissjoni għamlet sew li tenniet dan il-prinċipju, għaliex kunsens politiku wiesa' bħala appoġġ tal-azzjoni tal-UE jista' jippermetti li jkun hemm enfasi fuq il-baġit tal-UE dwar il-kisba ta' benefiċċji reali fil-livell komunitarju għaċ-ċittadini Ewropej u li l-Istati Membri individwali ma jkunux jistgħu jiksbu waħedhom.

3.1.2. Għal din ir-raġuni, il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni li l-prinċipju tal-valur miżjud Ewropew għandu jkun fiċ-ċentru tad-dibattitu dwar il-futur tal-finanzi Ewropej, u għandu jinkludi ([12]):

— il-kisba tal-għanijiet stabbiliti mill-prinċipji bażiċi tal-ordni legali tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 3 tat-Trattatdwar l-UE, li l-għan tiegħu huwa li jiżgura kundizzjonijiet ta' ħajja dinjituża għaċ-ċittadini favur il-benesseri tagħhom ([13]);

— fid-definizzjoni ta' baġit li tipprevedi l-formazzjoni ta' beni pubbliċi Ewropej, li jistgħu jikkontribwixxu għad-difiża tal-libertajiet fundamentali Ewropej, is-suq uniku, l-unjoni ekonomika u monetarja ([14]).

3.1.3. Huwa f'dan il-kuntest li huwa fundamentali li jitħares bis-sħiħ l-Artikolu 311 tat-TFUE, li fih jingħad li "… l-Unjoni trid tipprovdi lilha nnifisha l-mezzi meħtieġa biex tilħaq l-objettivi tagħha u twettaq il-politika tagħha".

3.2. Fid-Dokument ta' Riflessjoni evidenza wiesgħa turi li s-soluzzjoni għall-isfidi u l-kriżijiet ta' natura globali għandha neċessarjament issib tweġiba ta' natura Ewropea, filwaqt li tiffoka b'mod xieraq fuq ir-riżorsi tal-baġit tal-UE, u tisfrutta s-sinerġiji mal-baġits nazzjonali u favur dawk il-programmi b'valur miżjud Ewropew għoli, li jistgħu:

— jerġgħu jqajmu l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali, l-impjiegi, l-innovazzjoni u l-kompetittività permezz ta' investimenti fuq perjodu medju jew twil, biex jiġu indirizzati l-produttività u l-investimenti staġnati, it-tixjiħ demografiku u t-tibdil fil-klima;

([10]) ĠU C 75, 10.3.2017, p. 63, punt 2.3.
([11]) Terz biss taċ-ċittadini Ewropej jafdaw l-UE u l-istituzzjonijiet tagħha. Kummissjoni Ewropea, *Public Opinion in the European Union – Standard Eurobarometer 85* (Opinjoni Pubblika fl-Unjoni Ewropea – Ewrobarometru Standard 85), Mejju 2016,
([12]) COM(2017) 358 final, p. 9.
([13]) "Il-mira tal-Unjoni hija li tippromwovi l-paċi, il-valuri tagħha u l-benessri tal-popli tagħha…"
([14]) "L-Unjoni għandha tistabbilixxi suq intern. Hija għandha taħdem għall-iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa mibni fuq tkabbir ekonomiku bilanċjat u stabbiltà tal-prezzijiet, ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna, intiża li twassal għal livell massimu ta' mpjieg u progress soċjali …" (Artikolu 3.3 TUE).

— jipproteġu l-aktar reġjuni żvantaġġati u l-gruppi soċjali l-aktar vulnerabbli, kemm mill-kriżi ekonomika persistenti kif ukoll mill-effetti negattivi tal-globalizzazzjoni ([15]).

— iwieġbu b'mod flessibbli u fil-ħin, kemm għad-dħul kif ukoll għall-ħruġ, għax-xokkijiet asimmetriċi li jolqtu wħud mill-Istati Membri, għall-kriżi migratorja u tar-rifuġjati, għat-tħassib b'rabta mas-sigurtà interna, għall-emerġenzi esterni u għad-difiża komuni.

3.3. Fost l-elementi b'valur miżjud Ewropew għoli, il-miżuri li diġà ġew identifikati mill-KESE dwar il-QFP jintegraw ruħhom mal-aspetti previsti fir-Riżoluzzjoni tal-KESE nnifsu dwar il-White Paper ([16]):

— politika industrijali Ewropea kkoordinata sabiex iżżid l-impjiegi u tistimola l-kompetittività f'ekonomija soċjali tas-suq, filwaqt li tiffaċilita d-djalogu bejn il-partijiet interessati kollha, l-investimenti u l-appoġġ għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs);

— il-konverġenza soċjali 'l fuq f'parallel mal-konverġenza ekonomika, f'termini ta' impjieg u eżiti soċjali, permezz tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet u l-estensjoni tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE);

— politika migratorja li tiżgura l-protezzjoni prevista mid-dritt internazzjonali għar-rifuġjati u l-integrazzjoni tagħhom fl-UE, sistema komuni ta' asil, il-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali u kontra t-traffikar tal-bnedmin, il-promozzjoni ta' toroq ta' aċċess legali;

— il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima abbażi tal-Ftehim ta' Pariġi u t-tranżizzjoni ekoloġika, filwaqt li tiġi integrata l-promozzjoni tal-Aġenda 2030 għall-iżvilupp sostenibbli fil-politiki kollha tal-UE;

— ir-riforma tal-Politika Agrikola Komuni (PAK), b'mod li jintlaħqu l-għanijiet tal-kwalità tal-ambjent, tal-iżvilupp rurali, tas-sikurezza tal-ikel, tal-appoġġ għad-dħul tal-bdiewa;

— ir-riforma tal-politika ta' koeżjoni, b'identifikazzjoni ċara tar-riżultati, il-verifika sistematika tagħhom matul l-implimentazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatti ex-post, filwaqt li tingħata preferenza lit-trasparenza u tiġi promossa l-mobilizzazzjoni tas-sħubija;

— il-finanzjament tal-investimenti l-kbar fl-infrastrutturi, in-netwerks trans-Ewropej, ir-riċerka u l-innovazzjoni, li jibdew mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) u mill-Orizzont 2020;

— baġit awtonomu taż-żona tal-euro li hu kapaċi jittrasferixxi riżorsi fuq bażi temporanja iżda sinifikanti f'każ ta' xokk reġjonali, il-ġlieda kontra riċessjonijiet severi fiż-żona kollha u l-iżgurar tal-istabbiltà finanzjarja meħtieġa ([17]), b'funzjoni ta' stabbilizzazzjoni makroekonomika, sabiex jiġu protetti l-investimenti u l-ġlieda kontra l-qgħad u l-prekarjat.

3.3.1. Il-funzjoni ta' stabbilizzazzjoni makroekonomika tidher partikolarment rilevanti, billi fost il-kawżi tal-kriżi strateġika tal-UE u l-ħolqien tal-populiżmu hemm l-impatti negattivi fuq il-klassijiet soċjali u s-setturi produttivi "telliefa" fil-globalizzazzjoni u fit-trasformazzjonijiet tat-teknoloġija u l-informatika. Jekk, minn naħa, l-Istati Membri għandhom ftit kapaċità li jiċċaqalqu b'mod awtonomu u li jinfluwenzaw is-suq tax-xogħol u s-sistema ta' protezzjoni soċjali, min-naħa l-oħra għadhom ma nħolqux in-netwerks ta' protezzjoni soċjali fil-livell Ewropew u li jippermettu liċ-ċittadini kollha jibbenefikaw mit-tkabbir u mill-kompetizzjoni globali ([18]).

3.4. Għalhekk il-baġit tal-UE għandu jaħdem sabiex jipprovdi l-mezzi meħtieġa għall-kisba tal-prijoritajiet strateġiċi, filwaqt li jintużaw kriterji xierqa ta' razzjonalizzazzjoni, effiċjenza u effikaċja fl-istruttura tiegħu u fil-mod li jiġi vvalutat u aġġornat ([19]):

— l-adozzjoni ta' orjentazzjoni aktar b'saħħitha tal-prestazzjonijiet u r-riżultati;

([15]) COM(2017) 240 final; Growing unequal? Income distribution and poverty in OECD countries, OECD, 2008; Divided we stand: why inequality keeps rising, OECD, 2011; In it together. Why less inequality benefits all, *OECD, 2015*.

([16]) Ir-Riżoluzzjoni tal-KESE tas-6 ta' Lulju 2017 *Il-White Paper tal-Kummissjoni dwar il-Futur tal-Ewropa u lil hinn*, punt 13.OJ C 345, 13.10.2017, p. 11.

([17]) ĠU C 177, 18.05.2016, p.41, punt 3.5.

([18]) ĠU C 75, 10.3.2017, p. 63, punt 4. P. De Grauwe, What Future for the EU After Brexit?, CEPS, Ottubru 2016.

([19]) ĠU C 75, 10.3.2017, p. 63.

— evalwazzjoni tal-kwalità tal-qafas regolatorju għall-allokazzjoni tal-infiq tal-baġit tal-UE;

— l-analiżi tal-evoluzzjoni tal-infiq bħala proċess kontinwu fuq żmien medju li fih kull eżerċizzju jfassal trajettorja tal-iżvilupp meħtieġ għall-kisba tar-riżultati relatati;

— il-ħtieġa li tiġi kkunsidrata r-rabta stretta ħafna li teżisti bejn il-baġit tal-UE, il-governanza tal-politika ekonomika u d-dinamika attwali tal-ekonomija Ewropea;

— il-ħtieġa li tiġi żgurata l-kontinwità tal-politika baġitarja tal-UE u li jiġu implimentati u evalwati l-objettivi tagħha.

3.4.1. B'mod partikolari, ir-regola ta' baġit bilanċjat għandha tkun akkumpanjata minn indikaturi oħra li jkejlu l-prestazzjoni tan-nefqa u r-riżultati dwar il-benesseri taċ-ċittadini, u li dawn għandhom jiġi definiti fis-Semestru Ewropew, b'modi u forom xierqa skont il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali.

3.5. Barra minn hekk, il-galassja ta' riżorsi disponibbli fil-livell komunitarju issa hija aktar kumplessa u anqas trasparenti. Minbarra l-għotjiet u s-sussidji tradizzjonali, din fiha wkoll għodod finanzjarji sabiex jiġu attivati riżorsi privati permezz tal-effett ta' ingranaġġ, permezz tal-FEISu l-Fondi Strutturali, u diversi għodod bħall-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) magħmula mill-pajjiżi taż-żona tal-euro, iżda barra mill-UE, bl-għan li jkun hemm stabbilizzazzjoni finanzjarja ([20]).

3.6. Mil-lat tad-dħul, il-KESE jaqbel mal-analiżi li saret fir-rapportFinanzjament futur tal-UE tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-riżorsi proprji (HLGOR) ippresedut minn Mario Monti ([21]). Huwa partikolarment importanti li jintlaħaq ftehim dwar baġit ġdid bi prevalenza ta' riżorsi proprji li huma awtonomi, trasparenti u ugwali. Dawn kieku jmorru direttament fil-baġit tal-UE mingħajr ma jgħaddu għand l-Istati Membri, iżda mingħajr ma tiżdied il-pressjoni fiskali u tiggrava aktar minn qatt qabel is-sitwazzjoni għaċ-ċittadini l-aktar żvantaġġati u għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju.

3.6.1. B'mod partikolari, uħud mir-riżorsi ġodda proposti f'dan ir-rapport għandu jkollhom valur miżjud Ewropew mil-lat tad-dħul, billi jinġabru fil-livell l-iżjed adatt, kemm biex jiġu interċettati l-bażijiet taxxabbli transnazzjonali, kif ukoll sabiex jiġu miġġielda l-effetti globali fuq l-ambjent: il-bażi komuni konsolidata għat-taxxa korporattiva (BKKTK) ([22]), u b'mod partikolari l-kumpaniji multinazzjonali, it-tranżazzjonijiet finanzjarji, il-karburanti u l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju.

3.6.2. Barra minn hekk, f'dan il-kuntest il-KESE jtenni l-importanza tal-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa anke permezz ta' trasparenza akbar ([23]), u kontra kull forma ta' kompetizzjoni fiskali inġusta bejn l-Istati Membri.

3.7. Brexit se jġib miegħu konsegwenzi inevitabbli għall-istabbiliment tal-baġit tal-UE wara l-2020. Lil hinn mill-kwantifikazzjoni tiegħu, li għadha ma ġietx uffiċjalment stabbilita minn ebda istituzzjoni tal-UE ([24]), il-konsegwenzi possibbli alternattivi sabiex jiġi kkumpensat id-defiċit tal-baġit, li huwa riżultat ta' Brexit, jistgħu jiġu rrappreżentati mit-tliet għażliet li ġejjin: i) żieda fil-kontributi nazzjonali min-naħa tal-Istati Membri tal-UE; ii) tnaqqis fl-ispejjeż tal-UE; iii) kombinazzjoni taż-żewġ alternattivi preċedenti. Huwa f'dan il-kuntest li Brexit jirrappreżenta, fl-istess waqt, theddida u opportunità għall-baġit tal-UE.

([20]) Future financing of the EU. Final report and recommendations of the High Level Group on Own Resources, Diċembru 2016, p. 82-84.

([21]) Future financing of the EU. Final report and recommendations of the High Level Group on Own Resources, Diċembru 2016.

([22]) Dan kien milqugħ sa mill-2011 mill-KESE fl-opinjoni tiegħu dwar *Bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva,* ĠU C 24, 28.1.2012, p. 63 u l-opinjoni tal-KESE tal-2017 dwar *Bażi Komuni Konsolidata ta' Taxxa Korporattiva*. Għadhom ma ġewx ippubblikati.

([23]) ĠU C 487, 28.12.2016, p. 62.

([24]) L-istima tal-kontribuzzjoni netta medja annwali tar-Renju Unit għall-baġit tal-UE, li saret minn xi istituti ta' riċerka, għandha firxa ta' bejn EUR 8 biljun (Istitut għall-Istudji Fiskali; Ċentru għall-Istudji Politiċi Ewropej) u EUR 10 biljun (J.Delors Institute Berlin – Bertelsman Stiftung) u EUR 20-27 biljun (Ċentru ta' Politika Ewropea). Ara Institute for Fiscal Studies, 2016, The Budget of the EU: a guide. IFS Briefing Note BN 181. Browne, J., Johnson, P., Phillips, D.; CEPS, 2016, The impact of Brexit on the EU Budget: A non-catastrophic event (L-Impatt ta' Brexit fuq il-Baġit tal-UE: Avveniment mhux katastrofiku). J.Nunez Ferrer; D. Rinaldi, Policy Brief 347; J.Delors Institute Berlin – Bertelmans Stiftung, 2017, *Brexit and the EU Budget: Threat or Opportunity?* J. Haas- E. Rubio; EPC, 2017, *EU Budget post-Brexit – Confronting reality, exploring viable solutions*. E. Chonicz. Discussion Paper.

3.7.1. Dan jirrappreżenta theddida għaliex jekk in-negozjar li jmiss tal-QFP wara l-2020 ikun iddominat mill-prinċipju tar-"ritorn ġust", dan iżid id-diviżjonijiet attwali bejn l-Istati Membri kontribwenti u benefiċjarji netti, filwaqt li jbiegħed il-prinċipju tal-"valur miżjud Ewropew" u b'hekk jiggrava s-sitwazzjoni ta' inċertezza li qed tolqot il-proġett tal-UE.

3.7.2. Fl-istess waqt, Brexit jirrappreżenta opportunità importanti sabiex jiġi ffurmat mill-ġdid il-baġit tal-UE, filwaqt li jittejjeb mil-lat kwantitattiv u kwalitattiv, billi ssir reviżjoni sostanzjali tal-mekkaniżmi ta' nefqa tiegħu u, filwaqt li tintlaqa' l-proposta tar-Rapport Monti li tiġi implimentata sistema importanti tar-riżorsi proprji għall-Unjoni. Permezz ta' dan, se jkun possibbli li jiġi deskritt baġit tal-UE eżemplari, effiċjenti, effikaċi u trasparenti, li jkun kapaċi jikseb il-kredibbiltà f'għajnejn iċ-ċittadini Ewropej u juri biċ-ċar il-vantaġġi tal-Ewropa kif ukoll l-ispejjeż marbuta man-non-Ewropa.

3.7.3. Għal din ir-raġuni huwa xieraq li:

(a) min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea u abbażi ta' diversi xenarji ta' Brexit "hard" jew Brexit "soft" – kemm jista' jkun malajr għandu jiġi kkwantifikat l-impatt ta' Brexit fuq id-dħul u l-ħruġ tal-baġit komunitarju, li suppost diġà kellu jiġi indikat fid-Dokument ta' Riflessjoni, anke fid-dawl tal-proposta tal-QFP wara l-2020;

(b) tinbeda diskussjoni serja, trasparenti u pubblika dwar il-baġit tal-UE mal-atturi istituzzjonali, politiċi, soċjali, is-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini Ewropej kollha;

(c) madankollu, m'għandhomx jitnaqqsu r-riżorsi assenjati għall-politiki ta' koeżjoni u l-għanijiet soċjali, billi huma strumenti essenzjali għall-iżvilupp tal-UE.

B'dan il-mod, meta jiġi stabbilit il-baġit tal-UE, f'każ ta' interessi diverġenti u kunflittwali, se jkun possibbli li jiġi identifikat b'mod trasparenti u permezz ta' proċess demokratiku dawk l-għażliet li jistgħu jirrikonċiljaw dawk l-istess interessi, li jwasslu għal soluzzjonijiet kondiviżi b'mod wiesa' bejn il-partijiet.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Appendiċi

għall-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

L-emendi li ġejjin inċaħdu waqt id-diskussjoni iżda rċevew aktar minn kwart tal-voti.

Punt 1.9.1.

Ħassar il-punt:

> ~~*Il-KESE jtenni l-fehma favorevoli tiegħu dwar bażi komuni konsolidata għat-taxxa korporattiva (BKKTK) kif ukoll tranżazzjonijiet finanzjarji, il-karburanti u l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju, li jekk miġbura fil-livell Ewropew, ikunu jistgħu jisfruttaw bażi għat-taxxa transnazzjonali, sabiex jiġu miġġielda l-effetti globali fuq l-ambjent.*~~

Raġuni

Din it-taqsima hija relatata ma' riżorsi proprji possibbli tal-UE. Ir-referenza għal taxxa korporattiva hija irrilevanti f'dan il-kuntest, peress li taqa' fi ħdan il-kompetenza tal-Istati Membri, mhux tal-UE. Fir-rigward tat-tassazzjoni tal-karburanti u l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju, għadu kmieni wisq biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni hawnhekk. Għad ma kien hemm l-ebda diskussjoni fil-Kumitat dwar il-possibbiltà ta' bażi tat-taxxa Ewropea komuni għal karburanti u l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju.

L-emenda ġiet ivvotata u rrifjutata bi 76 vot favur, 62 vot kontra u 16-il astensjoni.

Punt 3.6.1.

Ibdel it-test kif ġej:

> *B'mod partikolari, uħud mir-riżorsi ġodda proposti f'dan ir-rapport għandu jkollhom valur miżjud Ewropew mil-lat tad-dħul, billi jinġabru fil-livell l-iżjed adatt, kemm biex jiġu interċettati l-bażijiet taxxabbli transnazzjonali, kif ukoll sabiex jiġu miġġielda l-effetti globali fuq l-ambjent*~~*: il-bażi komuni konsolidata għat-taxxa korporattiva (BKKTK), u b'mod partikolari l-kumpaniji multinazzjonali, it-tranżazzjonijiet finanzjarji, il-karburanti u l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju*~~*.*

Raġuni

Sabiex jiġi evitat kull nuqqas ta' ftehim, għandna nżommu ma' affermazzjonijiet ġenerali. Għad ma kienx hemm diskussjonijiet fil-Kumitat kemm dwar it-tassazzjoni tal-korporazzjonijiet multinazzjonali bħala sors ta' riżorsi proprji, kif ukoll fir-rigward ta' bażi tat-taxxa Ewropea komuni għal, u t-tassazzjoni ta', il-karburanti u l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju.

L-emenda ġiet ivvotata u rrifjutata bi 76 vot favur, 62 vot kontra u 16-il astensjoni.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (PEPP)"

(COM(2017) 343 final — 2017/0143 (COD))

(2018/C 081/19)

Relatur: **Philip VON BROCKDORFF**

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 4.9.2017
	Il-Parlament Ewropew, 11.9.2017
Bażi legali	Artikoli 114 u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Unjoni Ekonomika u Monetarja u Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fis-sezzjoni	5.10.2017
Adottata fil-plenarja	19.10.2017
Sessjoni plenarja Nru	529
Riżultat tal-votazzjoni	132/4/4
(favur/kontra/astensjonijiet)	

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jaqbel ma' din il-proposta għal Regolament u mal-għan tagħha li tagħti spinta lill-investiment fl-UE kollha iżda mhux ċar dwar jekk l-investiment li jirriżulta minn din l-inizjattiva hux se jibqa' fi ħdan l-UE.

1.2. Il-KESE jilqa' kull sforz biex jinkoraġġixxi liċ-ċittadini tal-UE jagħmlu provvediment adegwat għas-snin ta' rtirar tagħhom. Madankollu, għall-KESE mhuwiex ċar lanqas l-impatt fuq il-mobilità tax-xogħol madwar l-UE li jirriżulta mill-forniment ta' prodotti tal-pensjoni personali pan-Ewropew (PEPPs).

1.3. Il-KESE jirrikonoxxi li l-PEPPs huma l-aktar probabbli li jappellaw għal numru limitat ta' gruppi, b'mod partikolari, il-professjonisti mobbli li jaħdmu f'għadd ta' Stati Membri differenti matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom, u dawk li jaħdmu għal rashom. Għandu jingħata kull sforz sabiex l-Istati Membri jitħeġġu jipprovdu tassazzjoni ekwa fuq dan it-tip ta' prodott. Barra minn hekk, jenfasizza li din l-inizjattiva m'għandha fl-ebda każ tiġi interpretata li tnaqqas l-importanza tal-pensjonijiet tal-Istat jew professjonali.

1.4. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa tal-protezzjoni tal-konsumatur u l-mitigazzjoni tar-riskju għal dawk li jfaddlu matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom u meta jirtiraw. Hija wkoll ferm rakkomandabbli iktar ċarezza fir-rigward ta' x'qed jiġi ggarantit madwar l-għażla awtomatika. Preferibbilment, din il-kwistjoni għandha tiġi indirizzata mill-aktar fis possibbli mill-Kummissjoni.

1.5. Il-KESE jenfasizza wkoll ir-rwol ta' EIOPA ([1]) fil-monitoraġġ tas-suq u r-reġimi superviżorji nazzjonali bl-għan li tintlaħaq konverġenza u konsistenza madwar l-UE speċjalment dwar l-istruttura tal-governanza għal PEPPs fi ħdan kwalunkwe fornitur.

1.6. Minħabba li l-interazzjonijiet bejn l-iskemi tal-pensjonijiet statutorji, okkupazzjonali u personali huma uniċi għal kull Stat Membru, il-KESE jirrakkomanda li l-fornituri jkunu jistgħu jaddattaw il-PEPPs tagħhom għas-swieq nazzjonali filwaqt li jirrispettaw il-ħtieġa għal konverġenza u konsistenza, kif iddikjarat hawn fuq. Fl-istess ħin, l-istruttura tas-sistemi tal-pensjoni nazzjonali għandha tiġi kkunsidrata sew sabiex jiġu evitati t-tfixkil u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni.

([1]) Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol.

1.7. Il-KESE mhux ċert jekk il-PEPPs hux se jagħmlu differenza fi Stati Membri li jiddependu ħafna fuq pensjonijiet statutorji u fejn it-tradizzjonijiet ta' tfaddil privat għall-irtirar huma dgħajfa. Ir-rwol tal-Istati Membri fil-promozzjoni tal-PEPPs, għalhekk, jitqies bħala kruċjali biex jappoġġja din l-inizjattiva.

1.8. Il-KESE jikkonkludi li l-PEPPs m'għandhomx jidhru bħala sempliċi estensjoni ta' dak li hu attwalment disponibbli għal dawk li jagħżlu pjani ta' tfaddil privati u volontarji.

1.9. Biex il-prodotti ta' pensjoni personali jkunu aktar attraenti, il-KESE jenfasizza l-importanza tal-protezzjoni tal-konsumatur. F'dan ir-rigward, il-KESE ifittex ċarezza dwar jekk il-1,5 % proposti hux se jiġu applikata bħala perċentwali fissa jew soġġetta għal limitu massimu fuq valuri assoluti. Il-Kummissjoni għandha teżamina wkoll ir-rinunzja tal-miżata għal tibdil tal-fornitur wara perjodu ta' żmien definit, għall-vantaġġ ta' min ifaddal u l-prospett futur tal-PEPPs. Barra minn hekk, ir -regolament għandu wkoll jistabbilixxi regoli bażiċi dwar l-aċċess għal fondi akkumulati mill-eredi ta' min ifaddal, fil-każ tal-mewt ta' min ifaddal.

2. **Il-proposta tal-Kummissjoni**

2.1. Huwa stmat li madwar 27 % biss mill-243 miljun ċittadin tal-UE fl-età ta' bejn 25 u 59 sena bħalissa qed iġġemmgħu għall-pensjoni. Il-Kummissjoni Ewropea tikkunsidra li l-offerta ta' prodott tal-pensjoni personali pan-Ewropew se tinkoraġġixxi aktar tfaddil. Biex jintlaħaq dan l-għan, fid-29 ta' Ġunju 2017 il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat il-proposta tagħha għal Regolament li jistabbilixxi qafas għal prodott tal-pensjoni personali pan-Ewropew ġdid (PEPP). Din il-proposta hi kompletament f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-2015 tal-UE dwar il-Bini ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU) u għandha l-għan li tespandi s-suq tal-pensjoni personali għal EUR 2,1 triljun sal-2030.

2.2. Ladarba jiġi adottat, ir-Regolament ser jippermetti li prodotti tal-pensjoni personali pan-Ewropej jiġu offruti madwar l-Istati Membri. Ir-Regolament propost jipprovdi l-qafas għal sistema volontarja fl-UE kollha b'mod parallel ma' skemi eżistenti tal-pensjoni personali. Il-PEPPs mhux se jieħdu post l-istrutturi nazzjonali eżistenti tal-pensjonijiet. Minflok, huma ser jikkumplimentaw l-iskemi eżistenti tal-pensjonijiet personali. Madankollu, il-PEPPs se jkunu offruti minn tipi differenti ta' fornituri, fosthom assiguraturi, maniġers tal-assi u banek. Dawn ikunu disponibbli għal tqassim u xiri onlajn madwar l-Istati Membri kollha.

2.3. Bħala komponent ewlieni tal-Pjan tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, il-PEPPs ser joffru investiment fit-tul u opportunitajiet ta' tkabbir f'suq kapitali madwar l-UE bi flussi kapitali fl-UE kollha. Dan għandu l-għan li jżid l-investiment kummerċjali u jipprovdi kapital għal proġetti ta' infrastruttura. Żieda kemm fl-investiment privat kif ukoll f'dak pubbliku tista' tgħin biex jiżdied il-ħolqien ta' impjiegi madwar l-UE.

2.4. Il-proposta tal-Kummissjoni ser tiffaċilita l-ġbir tal-assi tal-pensjoni minn fornituri li jwassal għal ekonomiji ta' skala akbar u spejjeż aktar baxxi għall-fornituri barra miż-żieda fil-kompetizzjoni hekk kif fornituri ġodda jidħlu fis-suq tal-pensjonijiet. B'aktar fornituri milli hemm bħalissa, dawk li jfaddlu ser jibbenefikaw minn prezzijiet aktar baxxi minħabba ż-żieda fil-kompetizzjoni bejn il-fornituri, u possibbilment prospetti aħjar għal min ifaddal. Madankollu, huwa ta' importanza kruċjali li dawk li jfaddlu jkunu kompletament konxji tar-riskji li jġarrbu u l-kundizzjonijiet marbuta mal-PEPP tagħhom.

2.5. It-taħlita ta' għażla akbar, is-semplifikazzjoni, il-prezzijiet aktar baxxi u, possibbilment, prospetti ta' qligħ aħjar għal min ifaddal jistgħu jinkoraġġixxu lil aktar individwi jixtru dawn il-prodotti jew jissupplementaw l-intitolamenti tal-pensjoni jekk id-dħul tal-irtirar huwa mistenni li jkun inadegwat jew li jipprovdi dħul tal-irtirar f'każijiet fejn l-individwi ma jkunux koperti minn skema tal-pensjoni statutorja jew skema ta' pensjoni okkupazzjonali.

2.6. Il-Kummissjoni temmen li l-PEPPs x'aktarx li jkunu partikolarment attraenti għal ħaddiema mobbli li jaħdmu f'pajjiżi differenti tul il-ħajja tax-xogħol tagħhom u individwi li jaħdmu għal rashom. Jistgħu wkoll joħolqu aktar għażliet ta' dħul tal-irtirar alternattivi f'dawk l-Istati Membri fejn l-introduzzjoni tal-prodotti tal-pensjoni personali bħalissa hija limitata.

2.7. Billi r-Regolament propost jipprovdi għal karatteristiċi standardizzati tal-prodott immirati biex joffru protezzjoni lill-konsumaturi, il-qafas propost jippermetti flessibbiltà akbar fit-tfassil ta' prodotti tal-pensjoni.

2.8. Il-karatteristiċi ewlenin tar-Regolament propost jistipulaw li:

— Il-fornituri għandhom ikunu awtorizzati mill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) u ser jiġu rreġistrati f'reġistru ċentrali, filwaqt li l-awtoritajiet nazzjonali ser ikomplu jissorveljaw il-fornituri. L-EIOPA ser tissorvelja s-suq u r-reġimi superviżorji nazzjonali bl-għan li tintlaħaq konverġenza. Dan se jobbliga lill-awtoritajiet nazzjonali biex jissorveljaw il-fornituri li joperaw taħt oqfsa nazzjonali differenti (jiġifieri kompartimenti). Madankollu, mhuwiex ċar kif dan ser jaħdem fil-prattika, meta wieħed jikkunsidra b'mod partikolari li, fil-biċċa l-kbira, il-prodotti tal-pensjoni personali huma definiti fil-livell nazzjonali u li jista' jkun meħtieġ għarfien speċifiku ta' kull suq nazzjonali għal sorveljanza adegwata.

— Il-fornituri għandhom josservaw it-trasparenza fl-ispejjeż u t-tariffi u jissodisfaw rekwiżiti oħrajn tad-divulgazzjoni fil-forma ta' Dokument bit-Tagħrif Ewlieni (qabel jiġi konkluż kuntratt) u jipprovdu dikjarazzjonijiet standardizzati u perjodiċi tal-benefiċċji.

— Il-PEPPs ser joffru sa ħames għażliet ta' tfaddil b'għażla ta' investiment b'riskju baxx ta' inadempjenza b'garanzija limitata biex jiġi żgurat l-irkupru tal-investiment ta' kapital. Il-konsumaturi jistgħu jirrinunzjaw ir-rekwiżit ta' parir relatat ma' dan tal-aħħar soġġett għal fornituri li jistaqsu dwar l-għarfien u l-esperjenza ta' min ifaddal.

— L-individwi se jkollhom id-dritt li jibdlu l-fornituri fis-suq domestiku u dak transfruntier kull ħames snin bi spiża limitata.

— Il-fornituri jkunu jistgħu jinvestu f'firxa ta' għażliet soġġetti għall-prinċipju tal-"persuna prudenti" u l-aħjar interess fit-tul ta' min ifaddal.

— Il-PEPPs ser jippermettu kontributi kontinwi meta l-membri jiċċaqilqu bejn l-Istati Membri u jippermettu t-trasferiment ta' assi akkumulati mingħajr likwidazzjoni.

— Se tkun disponibbli firxa ta' għażliet. Il-PEPP għandhom jipprivileġġjaw annwalitajiet fejn il-ħlasijiet lid-detentur ta' polza jkunu fissi u garantiti..

— Għandhom jiġu pprovduti proċeduri tar-riżoluzzjoni tat-tilwim u l-ilmenti faċli għall-utent.

2.9. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni temmen li ambjent fiskali favorevoli għall-PEPPs huwa essenzjali għall-kompetittività u l-attraenza ta' dan il-prodott ġdid, u tirrakkomanda li fil-każ tal-PEPPs, l-Istati Membri għandhom joffru trattament fiskali ugwali għal dak prodotti domestiċi komparabbli. Alternattivament, dawn għandhom joffru l-aktar trattament favorevoli fejn pjani ta' pensjoni personali differenti huma ntaxxati b'mod differenti ([2]).

3. **Kummenti ġenerali**

3.1. Il-prodotti tal-pensjoni personali mhumiex żviluppati kompletament madwar l-UE. Ir-rwol tagħhom, madankollu, jista' jkun fundamentali biex jiggarantixxi dħul tal-irtirar adegwat għal dawk il-ħaddiema fejn il-pensjonijiet statutorji u okkupazzjonali huma dgħajfa jew mhux żviluppati biżżejjed. Barra minn hekk, huwa rikonoxxut b'mod ġenerali li sistemi tal-pensjoni fuq diversi pilastri huma l-aktar mod effikaċi biex jiżgura s-sostenibbiltà u l-adegwatezza ta' dħul tal-irtirar.

3.2. Għalhekk, il-KESE jilqa' kull sforz biex jinkoraġġixxi liċ-ċittadini tal-UE jagħmlu provvedimenti adegwati għas-snin tal-irtirar tagħhom. It-taħlita ta' popolazzjoni li qed tixjieħ u rati ta' twelid li qed jonqsu tista' twassal biex ġenerazzjonijiet futuri jkollhom iħallsu huma, ħlief jekk in-nies jaħdmu għal żmien itwal. Fl-Istati Membri kollha, iżda speċjalment f'dawk fejn is-sistema b'diversi pilastri tal-pensjonijiet għadha mhijiex żviluppata bis-sħiħ u fejn skema tal-pensjoni statutorja hija l-fornitur prinċipali, li n-nies jiġu mħeġġa jagħmlu tfaddil personali għall-irtirar tagħhom jagħmel ħafna sens.

3.3. Barra minn hekk, il-KESE jilqa' l-għan tal-introduzzjoni tal-PEPPs bħala mod kif iżżid kemm il-kopertura tal-pensjonijiet privati kif ukoll l-allokazzjoni ta' fondi għal investimenti fuq terminu twil. Iż-żieda fit-tfaddil fit-tul jista' jkollha wkoll impatt pożittiv fuq l-ekonomiji nazzjonali.

3.4. Il-KESE huwa konxju li x-xenarju tal-pensjoni tal-Ewropa bħalissa huwa frammentat. F'uħud mill-pajjiżi, iċ-ċittadini għandhom diversi prodotti tal-pensjoni personali minn fejn jagħżlu; f'oħrajn hemm veru ftit. It-traqqigħ tar-regoli Ewropej u nazzjonali u d-differenzi fit-trattament fiskali rriżultaw fi trasferiment limitat ta' assi finanzjarji madwar l-UE, parzjalment minħabba n-nuqqas ta' portabbiltà tal-prodotti tal-pensjoni madwar l-UE matul il-ħajja tax-xogħol tal-individwu. Jekk

([2]) C(2017) 4393 final.

wieħed jassumi li dawn il-projezzjonijiet tal-Kummissjoni huma korretti, il-PEPPs, flimkien ma' miżuri oħra li jiffurmaw parti minn pakkett usa' ta' riformi, jistgħu jgħinu biex it-tfaddil jiżdied minn EUR 700 biljun għal aktar minn EUR 2 triljun sal-2030. Dan jagħti spinta kbira għall-investiment madwar l-UE.

3.5. Barra minn hekk, il-KESE jinnota li l-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan li żżid in-numru ta' fornituri. Iktar kompetizzjoni madwar l-UE għandha tgħin biex tbaxxi l-prezzijiet filwaqt li tipprovdi livell ta' serħan il-moħħ dwar il-kwalità ta' prodotti tal-pensjoni li qed tiġi offruta mill-assiguraturi, ditti ta' investiment, fondi tal-pensjonijiet, maniġers tal-assi u banek fl-UE kollha. Iż-żieda fil-kompetizzjoni transkonfinali hija importanti ħafna u għandha ġġib vantaġġi ovvji għaċ-ċittadini permezz ta' spejjeż imnaqqsa, għażla tal-prodott u portabbiltà tal-pensjonijiet.

3.6. L-importanza marbuta ma' salvagwardji kif ukoll sorveljanza minn awtorità superviżorja madwar l-UE hija wkoll milqugħa. Il-KESE jistenna li l-EIOPA jkollha rwol ċentrali fis-superviżjoni tal-fornituri u s-sorveljanza tas-suq.

3.7. Il-KESE jenfasizza wkoll l-importanza tal-protezzjoni tal-konsumatur permezz tal-għoti ta' informazzjoni ċara lil dawk li jfaddlu kif ukoll il-protezzjoni tal-kapital taħt l-għażla prestabbilita ta' riskju baxx; informazzjoni dwar tfaddil akkumulat; proċeduri amministrattivi ssemplifikati u proċeduri faċli għall-utent ta' lmenti u rimedju barra l-qorti f'każijiet ta' tilwim bejn dawk li jfaddlu u l-fornituri; spiża raġonevoli ta' bidla minn fornitur għal ieħor; u protezzjoni lil dawk li jfaddlu fil-każ ta' rtirar minħabba, pereżempju, diżabilità jew mard.

3.8. Billi l-PEPPs se jkunu portabbli, il-KESE jemmen li l-faċilità li wieħed jaqleb minn fornitur għall-ieħor bejn il-fruntieri tista' tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-mobbiltà tal-ħaddiema, għalkemm il-punt sa fejn dan iżid il-mobbiltà tas-suq tax-xogħol mhuwiex ċar.

3.9. Il-KESE jaqbel li din il-proposta tista' tkun importarnti fir-rigward tal-ħolqien ta' gruppi ġodda ta' kapital. Sa issa, l-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU) b'inizjattivi – bħalma huma l-liberalizzazzjoni ta' regoli għal fondi ta' kapital tar-riskju u l-iffaċilitar għall-kumpaniji ż-żgħar biex jiġu elenkati fil-boroż – kellhom suċċess limitat. Il-KESE jemmen li l-PEPPs jikkontribwixxu ferm għall-ħolqien ta' sors ġdid ta' fondi li jistgħu jiġu orjentati lejn l-investiment.

3.10. Barra minn hekk, il-KESE jinnota li din l-inizjattiva hija rilevanti wkoll f'xenarju ta' wara l-Brexit. L-Unjoni tas-Swieq Kapitali kienet maħsuba, tal-inqas parzjalment, biex torbot is-swieq tal-Ewropa kontinentali aktar viċin mar-Renju Unit. Peress li l-ħruġ tal-Brittanja qed joqrob, il-ħtieġa li jiġi żviluppat suq kapitali pan-Ewropew assumiet importanza akbar minn qatt qabel. L-introduzzjoni tal-PEPPs ser isseħħ fi żmien opportun ħafna, speċjalment meta l-aqwa istituzzjonijiet finanzjarji kummerċjali ser jibdlu mir-Renju Unit lejn Stati Membri oħra. Dan kollu jista' jgħin biex jiffaċilita l-fluss tal-kapital madwar l-UE b'inqas dipendenza fuq il-finanzjament bankarju.

3.11. Il-KESE jirrikonoxxi li l-PEPPs huma l-aktar probabbli li jappellaw għal numru limitat ta' gruppi, b'mod partikolari l-professjonisti mobbli li jaħdmu f'għadd ta' Stati Membri differenti tul il-ħajja tax-xogħol tagħhom, dawk li jaħdmu għal rashom u dawk li jgħixu fi swieq fejn il-prodotti tal-pensjoni personali mhumiex żviluppati. Madankollu, il-KESE jifhem li l-Kummissjoni tagħti l-istess importanza lill-pensjonijiet professjonali, kif inhu enfasizzat fid-Direttiva riveduta dwar l-Istituzzjonijiet għall-Provvista ta' Rtirar Okkupazzjonali (IORP) li tistipula r-rekwiżiti bażiċi ta' governanza għal fondi ta' pensjoni okkupazzjonali. Kif kien il-każ tad-direttiva riveduta dwar l-IORP, l-għan ta' dan ir-Regolament propost huwa wkoll li jtejjeb il-governanza u t-trasparenza, biex tiġi promossa l-attività transkonfinali u jiġu żviluppati aktar fornituri tal-PEPPs bħala investituri fuq terminu twil.

4. **Kummenti speċifiċi**

4.1. Il-KESE huwa tal-fehma li l-PEPPs m'għandhomx jidhru bħala sempliċi estensjoni ta' dak li hu disponibbli għal dawk li jagħżlu pjani ta' tfaddil privati u volontarji. Bħala tali, ir-rwol tal-Istati Membri fil-promozzjoni tal-PEPPs u l-benefiċċji ta' tfaddil f'wieħed minnhom huwa kruċjali. Fuq il-bażi tal-prinċipju tat-trattament nazzjonali, il-Kummissjoni tista' titlob li l-PEPPs jingħataw l-istess trattament fiskali favorevoli li l-Istati Membri jagħtu lil prodotti nazzjonali simili tagħhom stess. F'dawk il-każijiet fejn il-karatteristiċi tal-prodott ta' PEPPs ma jaqblux il-kriterji kollha meħtieġa biex jagħtu eżenzjoni mit-taxxa lil prodotti tal-pensjoni nazzjonali eżistenti, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri biex jipprovdu l-istess eżenzjoni mit-taxxa bħal dik mogħtija lil dawn il-prodotti tal-pensjoni nazzjonali.

4.2. Il-KESE mhux ċert jekk il-PEPPs hux se jagħmlu differenza fi Stati Membri li jiddependu ħafna fuq pensjonijiet statutorji u fejn it-tradizzjonijiet ta' tfaddil privat għall-irtirar huma dgħajfa. Kif intqal qabel, il-PEPPs huma aktar probabbli li jinteressaw lil dawk li jaħdmu għal rashom, u professjonisti mobbli, mentri dawk bi dħul baxx, ħaddiema b'kuntratti ta' impjieg mhux stabbli u intermittenti jew ħaddiema staġjonali probabbli ma jaffordjawx prodott tal-pensjoni personali.

4.3. Għal din ir-raġuni, il-KESE jenfasizza l-importanza li jiġu inċentivati ċ-ċittadini biex jibdew ifaddlu minn kmieni matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom permezz tal-għoti mill-Istati Membri ta' krediti ta' taxxa. Il-KESE jirrakkomanda wkoll li ċ-ċittadini jiġu pprovduti bi gwida professjonali dwar l-iffissar ta' perjodi minimi ta' investiment biex ikunu jistgħu jaħsdu l-benefiċċji ta' investiment fuq terminu twil.

4.4. Il-KESE jaqbel mal-proposti tal-Kummissjoni li għandhom l-għan li jipprovdu lil min ifaddal b'sa ħames għażliet ta' investiment, kollha bi tnaqqis tar-riskju. L-isfida ewlenija hawnhekk hija d-diverġenza fost l-Istati Membri. L-awtoritajiet nazzjonali se jkomplu jissorveljaw il-fornituri li joperaw fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom, u għalhekk ir-rwol tal-EIOPA fil-monitoraġġ tas-suq u r-reġimi superviżorji nazzjonali bl-għan li tintlaħaq konverġenza huwa meqjus kritiku biex jipprovdi ċertu livell ta' konsistenza fost l-Istati Membri.

4.5. Il-KESE jaqbel ukoll mal-fehma tal-Kummissjoni li tissuġġetta l-fornituri tal-PEPP għal regolamentazzjoni xierqa li tinkludi n-natura fit-tul tal-prodotti u l-ispeċifikazzjonijiet rilevanti tagħhom. Il-KESE jfakkar li d-Direttiva dwar is-Solvenza II (2009/138/KE), ir-reġim regolatorju tal-assigurazzjoni fl-UE kollha, għandha l-għan li tgħaqqad suq uniku tal-assigurazzjoni tal-UE u ssaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumatur billi tistabbilixxi "passaport tal-UE" (liċenzja waħdanija) għall-assiguraturi biex joperaw fl-Istati Membri kollha jekk dawn jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-UE. Is-Solvenza II kienet partikolarment immirata biex tipproteġi l-klijenti fejn l-assiguraturi huma l-fornituri ewlenin ta' pensjonijiet personali. Il-KESE huwa tal-fehma li istituzzjonijiet finanzjarji oħra għandhom ikunu soġġetti għall-istess rekwiżiti stretti li jipprovdu l-istess livell ta' protezzjoni.

4.6. Il-KESE huwa tal-fehma li jeħtieġ li tingħata aktar attenzjoni għal dekumulazzjoni. L-individwi li jfaddlu u jixtru PEPPs ser jeħtieġu appoġġ sinifikanti biex iwieġbu mistoqsijiet dwar kemm huwa meħtieġ biex jirtiraw fil-kumdità u l-aħjar mod biex jiġbdu l-assi tal-irtirar. Jeħtieġ li wieħed jislet mill-esperjenza ta' approċċi ta' dekumulazzjoni tal-irtirar minn pensjonijiet okkupazzjonali li jippermettu parir dwar l-aħjar strateġiji ta' dekumulazzjoni. Il-KESE jaħseb li strateġiji bħal dawn huma intrinsiċi għall-prodotti tal-pensjoni u dawk li waslu biex jirtiraw għandhom isiru konxji ta' prattiki u regoli dwar id-dekumulazzjoni u l-mekkaniżmi ta' protezzjoni.

4.7. L-importanza tal-litteriżmu finanzjarju ma tistax tiġi enfasizzata biżżejjed [3]. Il-KESE huwa tal-fehma li l-introduzzjoni b'suċċess tal-PEPPs ser tiddependi fil-parti l-kbira fuq jekk l-informazzjoni mogħtija hijiex ċara biżżejjed biex tippermetti lil dawk li jfaddlu li jqabblu u jikkuntrastaw prodotti u fl-aħħar jagħżlu l-prodott li jaqdi l-bżonnijiet tagħhom bl-aħjar mod. Barra minn hekk, dan jeħtieġ li jiġi standardizzat madwar l-UE minħabba l-importanza tal-portabbiltà.

4.8. Informazzjoni prekuntrattwali dwar il-fażi tad-dekumulazzjoni u t-trattament tat-taxxa rilevanti hija meqjusa bħala rilevanti ħafna. Għalkemm il-KESE jaqbel li r-responsabbiltà diretta għall-forniment ta' informazzjoni ta' kwalità għolja taqa' fuq il-fornituri, ir-rwol tal-awtoritajiet nazzjonali jibqa' kritiku. Il-prodotti tal-pensjoni huma intrinsikament marbuta mal-politiki soċjali u r-reġim fiskali tal-Istati Membri. Dan jeħtieġ approċċ ta' informazzjoni li jkun speċifiku għall-Istat Membru u għaldaqstant l-awtoritajiet nazzjonali għandhom rwol sabiex jiżguraw li l-informazzjoni li tilħaq klijenti prospettivi tkun fattwali, tista' tintuża u speċifika.

4.9. Il-KESE huwa tal-fehma li d-dispożizzjonijiet dwar il-bidla minn fornitur għal ieħor għandha tkun aktar attraenti għall-konsumaturi, u fl-istess ħin toffri iktar protezzjoni. Klijent ta' PEPP għandu jkun jista' jbiddel il-fornitur fi kwalunkwe ħin. Kwistjoni oħra hija dik tat-tariffi f'dawn iċ-ċirkustanzi. Il-KESE, għalhekk, ifittex ċarezza dwar kif se japplika l-limitu propost ta' 1,5 % tal-bilanċ pożittiv. Għalkemm il-limitu ta' 1,5 % jista' jidher bħala xi ħaġa raġonevoli fuq il-karta, sakemm ma jkunx hemm ukoll limitu massimu f'termini assoluti, perċentwali fissa tista' twassal lil dawk li jfaddlu biex jiġu ċċarġjati b'mod relattiv għall-valur assolut tal-iffrankar. Il-KESE jqis li dan huwa inġust u se jirriżulta effettivament fil-limitazzjoni tal-għażliet ta' bdil ta' dawk li jfaddlu. Il-Kummissjoni għandha teżamina wkoll ir-rinunzja tal-miżata għal tibdil tal-fornitur wara perjodu ta' żmien definit, għall-vantaġġ ta' min ifaddal u l-prospett futur tal-PEPPs.

(3) ĠU C 318, 29.10.2011, p. 24.

4.10. Il-KESE jemmen li hemm bżonn ta' regoli ċari dwar l-aċċess għal fondi akkumulati f'PEPP f'każ ta' mewt ta' min ifaddal. Dawk li huma intitolati għal dawn il-fondi għandhom jirċevuhom sa mhux aktar tard minn xahrejn wara li jissottomettu d-dokumenti meħtieġa, u l-fornitur tal-prodott m'għandux ikun jista' jiċċarġja kwalunkwe tip ta' tariffa.

4.11. Kif intqal qabel, l-inċentivi tat-taxxa għandhom rwol importanti fid-deċiżjoni ta' individwu biex jiddifferixxi l-konsum u jfaddal għal meta jirtira. Il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni dwar ir-rwol li l-inċentivi tat-taxxa jista' jkollhom sabiex jiġi determinat is-suċċess jew tal-PEPPs. Madankollu, il-KESE jinnota li huwa f'idejn l-Istati Membri biex jipprovdu liċ-ċittadini tagħhom b'aċċess għall-inċentivi fiskali possibbli kollha.

4.12. Peress li l-PEPPs huma prinċipalment immirati lejn professjonisti mobbli u dawk li jaħdmu għal rashom li jistgħu jaffordjaw li jikkontribwixxu għal PEPP, il-KESE huwa tal-fehma li l-forniment mill-Istati Membri ta' inċentivi fiskali jiddiskrimina kontra dawk bi dħul aktar baxx li m'għandhomx il-possibilità li jieħdu kuntratt ta' PEPP. Fid-dawl ta' dan, l-Istati Membri għalhekk għandhom jikkunsidraw b'attenzjoni jekk jipprovdux inċentivi fiskali bħal dawn.

4.13. Il-KESE jirrikonoxxi li prodotti tal-pensjoni fihom xi riskju minħabba n-natura fit-tul tagħhom. Madankollu, ċertu livell ta' sofistikazzjoni tal-prodott ikun pass importanti biex jitnaqqsu r-riskji u l-inċertezzi, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet u l-preferenzi ta' dawk li jfaddlu. Li jitnaqqas ir-riskju f'każ ta' individwi li ma kellhom l-ebda esperjenza preċedenti ta' prodotti tal-pensjoni huwa meqjus bħala partikolarment importanti, u l-KESE jaqbel ma' firxa ta' alternattivi li jkunu disponibbli għal min ifaddal b'għażla prestabbilita obbligatorja waħda ta' investiment fejn dak li jfaddal jitħalla jirkupra mill-inqas il-kapital investit nominali tiegħu jew tagħha.

4.14. Is-sitwazzjoni fejn il-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur ivarjawskont il-fornitur tal-PEPP għandha tiġi evitata wkoll. Il-KESE huwa tal-fehma li l-istituzzjonijiet finanzjarji li joffru prodotti fit-tul għall-irtirar għandhom ikunu soġġetti għall-prinċipju "tal-istess riskji, l-istess regoli".

4.15. Il-KESE juri wkoll li, kif enfasizzat fl-istqarrija għall-istampa ta' *Better Finance* (il-Federazzjoni Ewropea ta' dawk li jfaddlu u ta' dawk li jużaw is-servizzi finanzjarji) [4] tad-9 ta' Ottubru 2017, il-prodotti tal-pensjoni personali fit-tul "qegħdin jonqsu milli jipprovdu dħul adegwat ta' sostituzzjoni minħabba li r-rendimenti tagħhom fit-tul jistgħu ma jkunux biżżejjed jew xi kultant anke negattivi (wara li titnaqqas l-inflazzjoni)". Ir-responsabbiltà tal-fornituri biex jipprovdu lil dawk li jfaddlu bil-protezzjoni kollha meħtieġa u bl-aħjar rendimenti hija kruċjali għas-suċċess tal-Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew. Madankollu, peress li l-parti l-kbira tal-fondi Ewropej tal-pensjoni attwalment hija investita f'bonds, il-prospetti ta' titjib fir-rendimenti, għall-inqas fuq perjodu qasir u medju ta' żmien, ma jidhrux li huma tajbin ħafna.

4.16. Fl-aħħar nett, il-KESE josserva li r-rwoli u l-interazzjoni bejn l-iskemi tal-pensjoni statutorji, okkupazzjonali u personali huma uniċi għal kull Stat Membru. Dawn fasslu s-swieq nazzjonali tal-pensjoni għal għexieren ta' snin u mhijiex sorpriża li nsibu diversi prodotti tal-pensjoni madwar l-UE. F'dan l-isfond, huwa meħtieġ li l-fornituri jkunu jistgħu jadattaw il-PEPPs tagħhom għas-swieq nazzjonali.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2017

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

---

[4] Pension Savings: The Real Return, A Research Report by BETTER FINANCE, 2017.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Dokument ta' Riflessjoni dwar id-dimensjoni soċjali tal-Ewropa"

[COM(2017) 206]

"Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — L-istabbiliment tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali"

[COM(2017) 250 final]

"Proposta għal Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali"

[COM(2017) 251 final]

(2018/C 081/20)

Relatur: **Gabriele BISCHOFF**

Korelatur: **Jukka AHTELA**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 5.7.2017
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adottata fis-sezzjoni	27.9.2017
Adottata fil-plenarja	19.10.2017
Sessjoni plenarja Nru	529
Riżultat tal-votazzjoni	229/4/2
(favur/kontra/astensjonijiet)	

1. **Konklużjonijiet**

1.1. Quddiem sfidi bħall-ġejjieni tax-xogħol, iż-żieda fl-inugwaljanzi u l-faqar, il-globalizzazzjoni u l-migrazzjoni, iċ-ċittadini qegħdin jiddubitaw dejjem aktar li l-UE, flimkien mal-Istati Membri, humiex kapaċi jagħtu sigurtà, progress soċjali u ekonomiku u impjiegi ta' kwalità jew li jdgħajfu l-protezzjoni nazzjonali fl-Istati Membri. Id-dibattitu dwar id-dimensjoni soċjali tal-Ewropa u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR) jista' jkun instrumentali biex jintlaħaq kunsens ġdid dwar dawn il-kwistjonijiet urġenti u jista' jgħin jiżblokka l-UE.

1.2. Il-KESE jenfasizza bil-qawwa li d-deċiżjonijiet meħuda fir-rigward ta' liema xenarji jew deċiżjonijiet għandhom jiġu segwiti fir-rigward tad-dimensjoni soċjali mhumiex għażla akkademika iżda se jkollhom impatt fundamentali fuq il-ħajja tan-nies. Il-KESE jemmen li futur realistiku għall-Unjoni Ewropea huwa possibbli biss jekk bażi ekonomika soda tingħaqad ma' dimensjoni soċjali b'saħħitha. B'mod partikolari, is-servizzi soċjali moderni u l-oppportunitajiet tal-ħajja ugwali jgħinu biex jippromovu l-għoti ta' setgħa lin-nies, il-paċi soċjali u l-iżvilupp ekonomiku. Il-KESE jtenni li t-tilħiq tal-objettivi tat-Trattat ta' tkabbir ekonomiku bbilanċjat u progress soċjali li jwasslu għal titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol għandu jkun il-prinċipju ta' gwida fid-determinazzjoni tal-orjentament futur tad-dimensjoni soċjali tal-UE.

1.3. Il-Kumitat jifhem li l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR) huwa maħsub bħala dikjarazzjoni politika ta' intenzjoni u, fih innifsu, ma joħloq l-ebda drittijiet legali ta' azzjonijiet ġodda. Għalhekk, il-Kumitat jemmen li dan ikun sinjal importanti li l-Kunsill huwa kapaċi jappoġġja l-Proklamazzjoni tiegħu waqt is-Summit Soċjali ta' Gothenburg f'Novembru 2017. Il-KESE jemmen li pjan direzzjonali ċar għall-implimentazzjoni tal-Pilastru jgħin ikattar il-konverġenza u jikseb l-objettivi tiegħu.

1.4. Madankollu, il-Kumitat jirrikonoxxi wkoll li fil-kuntest politiku attwali, hemm differenzi ta' opinjoni dwar kif l-UE għandha timxi 'l quddiem. Il-KESE jemmen bil-qawwa li t-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali jitwettaq aħjar ma' kull wieħed mis-27 Stat Membru, b'enfasi fuq proġetti ewlenin li jwasslu għal progress soċjali u ekonomiku. Madankollu, jekk dan ma jkunx possibbli, toroq alternattivi għandhom jiġu kkunsidrati, pereżempju xi pajjiżi jibqgħu għaddejjin u jistiednu lill-oħrajn kollha biex isegwuhom. Il-Kumitat jenfasizza wkoll li hemm bżonn ta' aktar ċarezza dwar liema miżuri għandhom japplikaw għall-UE 27 u li għandhom ikopru ż-żona tal-euro.

1.5. L-inugwaljanza, il-faqar u l-esklużjoni soċjali li qegħdin jiżdiedu għandhom ikunu miġġielda fil-livelli kollha mill-partijiet interessati kollha. Minħabba dan, il-KESE jemmen li huma meħtieġa aktar sforzi mmirati lejn id-definizzjoni ta' prinċipji komuni, standards, politiki u strateġiji fil-livelli xierqa fir-rigward ta' konverġenza mtejba tal-pagi u l-istabbiliment jew iż-żieda tal-pagi minimi għal livelli adegwati, b'rispett sħiħ għall-awtonomija tal-imsieħba soċjali. Il-KESE enfasizza wkoll fl-ewwel opinjoni tiegħu dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali [1] li l-istudju tal-ILO [2] huwa punt ta' referenza utli. Dan jenfasizza li firxa ta' indikaturi jistgħu jintużaw biex jitqabblu l-livelli tal-paga minima, li jqisu ċ-ċirkostanzi nazzjonali, iżda l-iktar popolari huwa l-proporzjon bejn il-paga minima u paga medja. Barra minn hekk, huwa importanti li jiġi żgurat li ċ-ċittadini kollha huma koperti minn dħul minimu. Il-KESE jenfasizza li l-flus allokat għall-koeżjoni soċjali u l-investiment soċjali għandu jiżdied biex jiġu ffaċċjati l-isfidi futuri.

1.6. Il-politika soċjali hija kompetenza kondiviża fil-qafas legali tal-UE. Ser ikun importanti li jintlaħaq kunsens dwar <u>min</u> għandu jagħmel <u>xiex</u> fil-qasam tal-politika soċjali, u b'mod partikolari f'liema oqsma l-UE għandha taġixxi u kif, flimkien ma' aktar trasparenza u responsabbiltà għall-azzjonijiet meħuda jew, tabilħaqq, in-nuqqas ta' azzjoni. F'dan il-kuntest, riformi u inizjattivi politiċi għandhom jiġu segwiti li jindirizzaw sfidi multipli u jagħmlu s-soċjetajiet u l-ekonomiji addatti għall-futur. Jekk wara żmien xieraq l-impenn politiku għall-implimentazzjoni ta' pinċipji komuni jidher li huwa inadegwat, għandhom jiġu kkunsidrati miżuri adatti ġodda, inklużi inizjattivi legali u mhux legali.

1.7. L-organizzazzjonijiet rilevanti kollha rappreżentattivi tas-soċjetà ċivili jridu jiġu involuti b'mod xieraq fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki rilevanti, filwaqt li jiġi rikonoxxut ir-rwol speċifiku tal-imsieħba soċjali u r-rispett tal-awtonomija tagħhom. Il-promozzjoni tan-negozjar kollettiv u d-djalogu soċjali fil-livelli kollha se tkun ukoll importanti biex tipprovdi swieq tax-xogħol li jiffunzjonaw sew, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti għal kulħadd, aktar produttività u sigurtà soċjali sostenibbli.

1.8. Fil-qalba ta' dan il-proġett politiku huma l-valuri komuni tal-UE, imħaddna fid-drittijiet fundamentali. Il-KESE jibqa' mħasseb ħafna dwar in-nuqqas ta' infurzar tad-drittijiet soċjali eżistenti u d-"dinjiet ta' konformità differenti" mal-liġi tal-UE. Il-Kummissjoni, bħala l-gwardjan tat-Trattati, hi responsabbli għall-infurzar iżda l-Istati Membri għandhom id-dmir li jimplimentaw kif suppost u jikkonformaw mar-regoli tal-UE. Il-KESE jemmen li jista' jaqdi rwol aktar attiv fil-promozzjoni, is-sensibilizzazzjoni u l-monitoraġġ tas-sitwazzjoni attwali billi jinħoloq forum permanenti dwar id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt.

1.9. Id-diskussjoni dwar id-dimensjoni soċjali tal-Ewropa ma tistax issir b'mod iżolat u għandha tkun konnessa mad-dibattiti dwar l-approfondiment tal-UEM, dwar kif nistgħu nisfruttaw il-globalizzazzjoni waqt li jiġu indirizzati l-isfidi tagħha u kif dawn l-għanijiet ikunu mgħammra b'mod adegwat u effettiv.

1.10. Biex tittejjeb id-dimensjoni soċjali, hija speċjalment meħtieġa azzjoni f'żewġ oqsma ewlenin – l-UEM u s-suq uniku. Il-politika soċjali trid tkun inkorporata f'politiki ekonomiċi tal-UE differenti, b'taħlita ta' politika makroekonomika tajba u bi progress lejn l-approfondament tal-UEM. Fir-rigward tal-UEM, is-<u>Semestru Ewropew</u> se jaqdi rwol essenzjali fl-ibbilanċjar mill-ġdid tal-politika ekonomika u soċjali kif ukoll il-faċilitazzjoni ta' riformi mfassla tajjeb fl-Istati Membri kkonċernati. Il-Kumitat jenfasizza l-ħtieġa għal Semestru Ewropew ekonomiku u soċjali. Il-Pilastru huwa maħsub ukoll li jkollu impatt fuq il-governanza ekonomika Ewropea. It-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali għall-EPSR jeħtieġ li titjieb b'indikaturi aktar adegwati u xierqa.

(1) ĠU C 125, 21.4.2017, p. 10.
(2) Building a Social Pillar for European Convergence, ILO 18 ta' Lulju 2016.

1.11. Il-Kumitat jibqa' konvint li futur tajjeb huwa possibbli u li UE aktar b'saħħitha tista' tgħin biex jjisawwru aħjar il-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni sabiex jipprovdu prospetti ġodda għaċ-ċittadini kollha. Kulħadd għandu, madankollu, jifhem dak li hemm fin-nofs – x'jista' jintilef jekk immorru lura jew dak li nistgħu niksbu jekk nimxu 'l quddiem.

2. **Introduzzjoni (Sfond, sfidi u kuntest)**

2.1. Għaxar snin wara l-kriżi finanzjarja, l-effetti ekonomiċi, soċjali u politiċi tagħha jkomplu jidhru u kellhom impatt profond fuq l-UE u ċ-ċittadini tagħha. L-UE teħtieġ viżjoni għall-futur u li ssib direzzjoni ġdida, li tgħinha tindirizza l-isfidi ewlenin bħall-ġejjieni tax-xogħol, il-globalizzazzjoni, il-migrazzjoni, iż-żieda fl-inugwaljanzi u l-faqar.

2.2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jemmen li futur realistiku għall-Unjoni Ewropea huwa possibbli biss jekk bażi ekonomika soda tingħaqad ma' dimensjoni soċjali b'saħħitha. Huwa konvint li l-Unjoni Ewropea teħtieġ kunsens imġedded dwar strateġija ekonomika u soċjali sostenibbli biex twassal il-wegħda tagħha li taħdem għal tkabbir ekonomiku bbilanċjat u progress soċjali li jwasslu sabiex tikber il-benesseri taċ-ċittadini tagħha. Għalhekk jilqa' b'sodisfazzjon id-dibattitu dwar id-dimensjoni soċjali tal-Ewropa, ankrat f'diskussjoni usa' dwar il-ġejjieni tal-Ewropa, kif ukoll il-proposta tal-Kummissjoni għal proklamazzjoni interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR).

2.3. Id-dokument ta' riflessjoni dwar id-dimensjoni soċjali tal-Ewropa, ippubblikat fis-26 ta' April 2017, hu wieħed mill-ħames dokumenti ppreżentati fid-dibattitu wiesa' bejn il-mexxejja tas-27 Stat Membru, l-istituzzjonijiet tal-UE, l-imsieħba soċjali u ċ-ċittadini, li ngħata bidu mill-White Paper tal-Kummissjoni dwar il-futur tal-Ewropa ([3]). Id-dokument dwar id-dimensjoni soċjali huwa l-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni għad-diskussjoni dwar kif il-mudelli soċjali Ewropej għandhom jadattaw għall-isfidi attwali u futuri, u dwar ir-rwol li suppost ikollha l-Unjoni Ewropea f'dan u sa liema punt.

2.4. Id-dokument jesplora l-mistoqsija dwar jekk, u jekk hu hekk, kif id-dimensjoni soċjali tista' tiġi appoġġjata fid-dawl tax-xenarji differenti żviluppati fil-White Paper. Filwaqt li l-White Paper tistabbilixxi ħames xenarji mhux eżawrjenti jew preskrittivi, id-dokument ta' riflessjoni jiddeskrivi biss tliet perkorsi possibbli għad-dimensjoni soċjali tal-Ewropa. Dan iqis ukoll l-erba' għodod ewlenin li l-UE għandha bħalissa biex tgħin twassal l-objettiv ta' tkabbir inklużiv: leġislazzjoni, gwida, finanzjament u kooperazzjoni.

2.5. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ l-inizjattiva tal-White Paper tal-Kummissjoni: huwa ż-żmien biex l-Unjoni Ewropea tibda riflessjoni serja dwar it-triq 'il quddiem għall-Unjoni Ewropea, li dalwaqt se tonqos għal 27 Stat Membru. Id-dimensjoni soċjali hija parti integrali minn din id-diskussjoni.

2.6. Fl-istess ħin tad-dokument ta' riflessjoni dwar id-dimensjoni soċjali, il-Kummissjoni ppreżentat ukoll Rakkomandazzjoni u proposta għal Proklamazzjoni interistituzzjonali tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR/il-Pilastru) ([4]). Wara dawn segwiet konsultazzjoni estensiva fl-2016 dwar sommarju preliminari għall-Pilastru. Il-KESE stabbilixxa l-opinjonijiet inizjali tiegħu dwar il-Pilastru f'opinjoni ([5]) li adotta f'Jannar 2017, fejn ibbaża ruħu fuq ir-riżultati ewlenin tad-dibattiti organizzati fit-28 Stat Membru.

2.7. F'din l-opinjoni, il-KESE qed jirrispondi għall-mistoqsija mill-Kummissjoni Ewropea biex ifassal opinjoni dwar id-Dokument ta' Riflessjoni dwar id-dimensjoni soċjali tal-Ewropa. B'dan, il-Kumitat jgħaqqad ukoll din l-inizjattiva mar-Rakkomandazzjoni u l-Proklamazzjoni tal-Pilastru proposta.

2.8. "Ewropa Soċjali" huwa kunċett wiesa' ħafna u, kif imsemmi fid-dokument ta' riflessjoni, il-fehim ta' xi jfisser dan jinbidel ħafna. Xi wħud jistgħu anke jikkontestaw il-bżonn ta' dimensjoni soċjali tal-UE minħabba li jħossu li l-politika soċjali tal-UE hija theddida għall-kompetittività dinjija Ewropea. Madankollu, oħrajn jaraw l-"Ewropa soċjali" bħala l-bażi għall-kontribuzzjoni tal-UE għad-demokrazija, il-koeżjoni, id-diversità kulturali u soċjetajiet prosperużi.

2.9. Id-dimensjoni soċjali minn dejjem kienet ċentrali għall-Unjoni Ewropea, iżda filwaqt li hemm acquis soċjali tal-UE pjuttost sostanzjali – li żviluppa maż-żmien b'mod parallel mas-Suq Uniku, l-Unjoni Ekonomika u Monetarja, id-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema u ċ-ċittadini – xi drabi nħass li kien inviżibbli u assenti meta mqabbel mal-politiki nazzjonali tal-Istati Membri. Madankollu r-realtajiet soċjali fi ħdan l-Ewropa huma differenti ħafna. Ir-riskju hu ta' ħafna aktar diverġenza, b'mod partikolari f'xenarju fejn l-UE tiddeċiedi attivament li tieħu pass lura fl-integrazzjoni tagħha. Id-Dokument ta'

([3]) https://ec.europa.eu/commission/white-paper-future-europe-reflections-and-scenarios-eu27_mt
([4]) https://ec.europa.eu/commission/priorities/deeper-and-fairer-economic-and-monetary-union/european-pillar-social-rights_mt
([5]) ĠU C 125, 21.4.2017, p. 10.

Riflessjoni jidentifika wkoll bosta katalisti tal-bidla b'konsegwenzi fuq il-mudelli soċjali tal-Istati Membri, inkluża bidla demografika għal popolazzjoni li qed tixjieħ, soċjetà aktar differenti u kumplessa u bidliet fl-istil tal-ħajja u t-trasformazzjoni tax-xogħol, li jwasslu għal mudelli tax-xogħol u kundizzjonijiet tax-xogħol dejjem aktar differenti u irregolari.

2.10. Il-KESE jemmen li futur realistiku għall-Unjoni Ewropea huwa possibbli biss jekk bażi ekonomika soda tingħaqad ma' dimensjoni soċjali b'saħħitha. L-UE taqsam il-kompetenzi mal-Istati Membri fil-qasam tal-politika soċjali, għalkemm ir-responsabbiltà taqa' primarjament fil-livell nazzjonali mal-gvernijiet, l-imsieħba soċjali u l-atturi tas-soċjetà ċivili. 'Il quddiem, u fil-kuntest ġenerali tal-kunsens li ntlaħaq dwar il-futur tal-Ewropa, se jkun ukoll importanti li jintlaħaq kunsens dwar min għandu jagħmel xiex fil-qasam tal-politika soċjali, u b'mod partikolari f'liema qasam għandha taġixxi l-UE u kif.

2.11. Il-KESE ssottolinja wkoll il-problema tan-nuqqas ta' infurzar tad-drittijiet soċjali eżistenti. Il-Kummissjoni, fir-rwol tagħha bħala "gwardjan tat-Trattati" għandha r-responsabbiltà ewlenija tal-infurzar. Madankollu, hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri biex jimplimentaw b'mod tajjeb il-leġislazzjoni tal-UE u jikkonformaw magħha. Hemm "dinjiet ta' konformità differenti ([6])" mad-dritt tal-Unjoni fl-Istati Membri u ċertu nuqqas ta' rieda mill-Kummissjoni biex tindirizza din il-kwistjoni b'mod tajjeb. Dan huwa wkoll ostaklu għal aktar konverġenza li għandha tiġi indirizzata. Il-Kumitat diġà enfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi u infurzati d-drittijiet fundamentali u soċjali eżistenti u li jiġi sorveljat il-ksur ta' dawn id-drittijiet ([7]). Il-KESE irid ikollu rwol iktar attiv hawnhekk u joħloq forum permanenti dwar id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt biex tiġi monitorjata l-qagħda attwali. It-trasparenza u ċ-ċarezza dwar min jagħmel xiex huma essenzjali, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jifhmu fejn jaqgħu r-responsabilitajiet u min għandu jkun responsabbli.

2.12. F'ħafna opinjonijiet ([8]), il-KESE enfasizza l-bżonn ta' taħlita ta' politika makroekonomika li tappoġġja, aktar milli taħdem biex taffronta, l-objettivi tal-politika soċjali. Il-Premessa 11 tar-Rakkomandazzjoni tal-EPSR li tiddikjara li "l-progress ekonomiku u soċjali huma minsuġa flimkien u […] l-istabbiliment ta' EPSR għandu jkun parti minn sforzi akbar biex jinbena mudell ta' tkabbir aktar inklużiv u sostenibbli bit-titjib ta' kompetittività Ewropea u billi jsir post aħjar ta' investiment, ta' ħolqien ta' xogħlijiet u biex ikattar l-inklużjoni soċjali", hija għalhekk xierqa. Id-diskussjoni dwar id-dimensjoni soċjali għandha għalhekk tkun evidenza ta' rabta mad-diskussjoni dwar il-futur tal-arkitettura tal-UEM, u s-suġġett ta' dokument ta' riflessjoni separat dwar il-Futur tal-Ewropa.

2.13. Il-mistoqsija ewlenija hija: x'impatt se jkollu l-EPSR? Hemm ħafna aspettativi u mistoqsijiet bħal pereżempju, se tindirizza l-iżbilanċi soċjali tas-suq komuni jew tgħin biex jintemm l-iżbilanċ bejn il-libertajiet ekonomiċi u d-drittijiet soċjali ([9])? Il-verità hija li meta jinħolqu aspettattivi għoljin dan jista' jkollu effett boomerang. Għalhekk, il-KESE jirrakkomanda approċċ realistiku iżda xorta waħda ambizzjuż.

2.14. Preċedentement, il-KESE enfasizza, fil-kuntest tad-diskussjoni dwar l-EPSR, li l-UE għandha bżonn twassal proġett pożittiv biex kulhadd jindirizza ż-żieda fil-populiżmu, in-nazzjonaliżmu u x-xettiċiżmu fost iċ-ċittadini Ewropej u li juri li l-UE għadha kapaċi twassal il-wegħda li toħloq tkabbir ekonomiku u impjiegi, li ttejbilhom ħajjithom u l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Tenna wkoll li dan għandu jkun prinċipju ta' gwida biex jiddetermina l-orjentazzjoni tal-futur tad-dimensjoni soċjali tal-Ewropa.

3. **Id-dokument ta' riflessjoni dwar id-dimensjoni soċjali tal-Ewropa**

3.1. Fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-"White Paper dwar il-Futur tal-Ewropa", il-KESE diġà ssottolinja li d-dibattiti previsti mal-gvernijiet u s-soċjetà ċivili fl-Istati Membri m'għandhomx ikunu dwar għażla bejn il-ħames xenarji differenti msemmija fil-White Paper, imma għandhom ikunu użati biex juru l-konsegwenzi potenzjali tal-għażliet u d-deċiżjonijiet differenti. Għalhekk, id-deċiżjonijiet fi ħdan ix-xenarji deskritti ma jitqisux bħala l-uniċi għażliet possibbli jew bħala "mudelli" li

([6]) Complying with Europe: EU Harmonisation and Soft Law in the Member States (Konformità mal-Ewropa: Armonizzazzjoni mal-UE u Liġi mhux Vinkolanti fl-Istati Membri), Gerda Falkner, Oliver Treib, Miriam Hartlapp, 2007.

([7]) Pereżempju ĠU C 376, 22.12.2011, p. 74.

([8]) ĠU C 271, 19.9.2013, p. 1.
ĠU C 451, 16.12.2014, p.10.
ĠU C 13, 15.1.2016, p. 33.

([9]) ĠU C 143, 22.5.2012, p. 23.
ĠU C 271, 19.9.2013, p. 1.

jiddeskrivu deċiżjonijiet iżolati differenti. L-istess approċċ għandu japplika għad-dokument ta' riflessjoni dwar id-dimensjoni soċjali.

3.2. Id-dokument ta' riflessjoni jirreferi għar-realtajiet soċjali differenti fi ħdan l-UE, jidentifika katalisti tal-bidla possibbli u jipproponi tliet deċiżjonijiet possibbli 'l quddiem:

— Il-limitazzjoni tad-"dimensjoni soċjali" għall-moviment liberu (moviment liberu biss),

— Dawk li jixtiequ jagħmlu aktar fil-qasam soċjali jistgħu jagħmlu aktar (kooperazzjoni msaħħa),

— L-UE-27 tista' tapprofondixxi d-dimensjoni soċjali tal-Ewropa flimkien (tapprofondixxi d-dimensjoni soċjali mas-27).

3.3. Sabiex jiġu mifhuma aħjar l-implikazzjonijiet possibbli, il-KESE kkunsidra t-tliet deċiżjonijiet f'termini tal-isfidi u l-katalisti tal-bidla deskritti fid-dokument ta' riflessjoni, u l-isfidi li l-KESE indirizza fl-opinjoni inizjali tiegħu dwar l-EPSR. Dawn huma spjegati permezz ta' eżempji indikattivi fl-Appendiċi għal skopijiet illustrattivi biss.

3.4. "Moviment liberu biss" – l-ewwel deċiżjoni – tirrappreżenta l-akbar bidla rigward l-istatus quo u taf tidher bħala pass kbir lura. Dan jista' jsir il-mutur għal dejjem aktar diverġenza fl-UE, b'konsegwenzi kunsiderevoli għall-ħajja taċ-ċittadini tal-UE u li jistgħu jwasslu għal forzi ċentrifugali li fl-aħħar mill-aħħar jistgħu jwasslu għad-diżintegrazzjoni tal-UE. Min-naħa l-oħra, il-moviment liberu u r-regolament dwar il-mobilità fl-UE jistgħu jkunu ta' kwalità ogħla u b'kamp ta' applikazzjoni akbar, u jiffaċilitaw wkoll l-infurzar u l-monitoraġġ tal-Kummissjoni (jiġifieri anqas imma aħjar).

3.5. "Kooperazzjoni mtejba" – it-tieni deċiżjoni – tista' almenu tirriżulta f'aktar konverġenza bejn xi wħud mill-Istati Membri, imma tista' toħloq ukoll lakuni usa' ma' oħrajn (semi-konverġenza). Ikun pass 'il quddiem fir-rigward tal-istatus quo u ħruġ mill-problema attwali li dejjem jinstab id-denominatur komuni l-aktar baxx jew li jiġu inklużi wisq nonparteċipazzjonijiet li jagħmlu l-infurzar ta' dawn ir-regoli wisq ikkumplikat. Dan jista', madankollu, iwassal għal livelli differenti ta' drittijiet għaċ-ċittadini, skont f'liema Stat Membru jgħixu. Jista' joħloq ukoll sfidi ġodda u inċertezzi għan-negozji li joperaw fl-UE u l-ħtieġa ta' kundizzjonijiet ekwi, u li ser ikunu ikkonfrontati wkoll b'żewġ dinjiet differenti ta' konformità. Din taf twassal ukoll għal nuqqas ta' appoġġ tas-suq komuni jekk iċ-ċittadini f'pajjiżi mhux involuti jħossuhom dejjem aktar minsija.

3.6. "'L-approfondiment tad-dimensjoni soċjali mas-27'" – it-tielet deċiżjoni – iġib miegħu bidla fis-sitwazzjoni attwali u jkun katalist ewlieni għall-konverġenza mal-UE kollha. Dan jaf jinkludi miżuri vinkolanti u punti ta' riferiment għall-UE27 u finanzjament mill-UE marbut mal-prestazzjoni fir-rigward il-punti ta' riferiment u l-għanijiet konġunti. Madankollu, anke jekk il-KESE jemmen li l-approfondiment tad-dimensjoni soċjali l-aħjar li jsir bejn is-27 Stat Membru, filwaqt jiġu meqjusa n-negozjati diġà kumplessi dwar il-kunċett xejn ċar tal-EPSR, ma tidhirx realistika li nantiċipaw li din id-deċiżjoni tkun appoġġjata, speċjalment minn dawk l-Istati Membri li jridu jżommu l-vantaġġ komparattiv prinċipali tagħhom f'termini ta' pagi u livelli soċjali aktar baxxi jew minn dawk li jibżgħu li l-mudelli nazzjonali u l-istandards għoljin tagħhom ikunu affettwati negattivament.

3.7. Il-KESE huwa tal-fehma li approċċ ta' "tisħiħ tad-dimensjoni soċjali fejn possibbli u ssir aktar enfasi fuq ir-riżultati" se jappoġġja wkoll xprun ewlieni għal aktar konverġenza. Għalhekk huwa jappoġġja aktar miżuri vinkolanti bbażati fis-Semestru Ewropew ([10]) – b'benchmarks, mill-inqas għaż-Żona tal-Euro iżda preferibbilment għall-UE-27, marbuta mal-impjieg, l-edukazzjoni u l-ħarsien soċjali (pereżempju b'qafas ta' referenza komuni għal appoġġ ta' dħul għal dawk fil-bżonn). Dan għandu jkun akkumpanjat bi pjan li jistabbilixxi inizjattivi konġunti f'oqsma ewlenin li fihom l-azzjonijiet tal-UE jipprovdu valur miżjud ċar, u fejn possibbli, iffokat fuq ir-riżultati minflok. Il-flus allokat għall-koeżjoni soċjali u l-investiment soċjali għandu jiżdied sabiex jiġu ffaċċjati l-isfidi tal-ħiliet u l-kompetenzi, id-diġitalizzazzjoni u t-tibdil demografiku fl-Unjoni Ewropea.

([10]) Din hija l-proposta mill-Kummissjoni fir-rigward tal-"Approfondiment tal-UEM".

4. **Proklamazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali**

4.1. Il-KESE diġà stqarr li l-EPSR għandu jikkontribwixxi għal bilanċ ġust bejn id-dimensjonijiet ekonomiċi u soċjali tal-Unjoni Ewropea. Il-kwistjoni tal-ibbilanċjar tal-objettivi ekonomiċi u soċjali tiżboq il-bini ta' pilastru waħdieni u tindirizza l-pedamenti orizzontali tal-Unjoni Ewropea.

4.2. L-objettivi msemmija tal-Pilastru li jjikkontribwixxi għal "suq tax-xogħol tabilħaqq pan-Ewropew u ġust" u li "jservi bħala kumpass għal konverġenza mġedda fi ħdan iż-żona tal-euro" imorru lil hinn mill-kompetenzi tal-qasam tat-Titolu X tal-Politika Soċjali tat-TFUE. Dawn jiksbu pożizzjoni fil-qalba tal-politiki ekonomiċi u monetarji, kif ukoll fl-istrateġija tal-impjieg skont it-Titoli VIII u IX tat-TFUE.

4.3. Il-Pilastru jiddeskrivi 20 "prinċipju u dritt" li l-Kummissjoni tqis essenzjali għas-swieq tax-xogħol ġusti u li jiffunzjonaw sew u għas-sistema tal-għajnuna soċjali tas-Seklu 21, miġbura taħt tliet kategoriji: 1) opportunitajiet u aċċess għas-suq tax-xogħol indaqs, 2) kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u 3) protezzjoni u inklużjoni soċjali.

4.4. L-istabbiliment tal-EPSR għandu karattru kemm retrospettiv kif ukoll li jħares 'il quddiem. Jipprova jirrifletti l-acquis tal-UE tad-drittijiet soċjali eżistenti, u jindika jekk u kif dan għandu jiġi implimentat, fejn neċessarju, biex iqis il-bidliet ewlenin fid-dinja tax-xogħol u fis-soċjetà, u jgħin ukoll fil-kisba ta' swieq tax-xogħol u sistemi tal-għajnuna soċjali li jiffunzjonaw sew f'Ewropa tas-seklu 21.

4.5. Hija meħtieġa ċarezza dwar in-natura legali tal-Pilastru, li huwa ppreżentat fil-forma ta' żewġ strumenti separati, iżda kważi identiċi: Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ([11]) u proposta għal Proklamazzjoni Interistituzzjonali ([12]). Skont il-Komunikazzjoni ta' akkumpanjament, l-għażla tal-istrumenti tqis il-kunsiderazzjonijiet politiċi usa' u l-limitazzjonijiet legali, b'mod partikolari r-restrizzjonijiet fuq il-kompetenzi tal-UE fl-isfera politika soċjali.

4.6. Ir-Rakkomandazzjoni, fl-eżerċizzju tal-kompetenza tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 292 tat-TFUE, tidħol fis-seħħ immedjatament. Din ma tindikax b'mod espliċitu lil min tindirizza, iżda l-premessi 17-20 jiċċaraw li "it-twettiq tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali hu impenn u responsabbiltà kondiviża bejn l-Unjoni, l-Istati Membri tagħha u s-sħab soċjali… u għandha tiġi implimentata kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak tal-Istati Membri, fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom u skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà". F'dan il-kuntest, il-KESE jixtieq jenfasizza wkoll li l-awtonomija tal-imsieħba soċjali għandha tiġi rispettata.

4.7. B'mod parallel, il-Kummissjoni Ewropea tipproponi wkoll li l-EPSR għandu "jkun ipproklamat solennement b'mod konġunt mill-Istituzzjonijiet Ewropej". M'hemmx bażi legali fit-Trattati tal-UE għall-Proklamazzjoni, għalkemm dan l-istrument diġà ntuża darba qabel, mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (CFREU), li ġiet ipproklamata għall-ewwel darba fil-Kunsill Ewropew ta' Nizza fis-7 ta' Diċembru 2000. Għandha ssir distinzjoni bejn il-Proklamazzjoni u ftehim interistituzzjonali fis-sens tal-Artikolu 295 TFUE, u, skont il-valutazzjoni legali tal-Kunsill, il-proklamazzjoni "tikkostitwixxi att atipiku, li mhuwiex legalment vinkolanti u ma joħloqx drittijiet direttament infurzabbli".

4.8. Il-proċess ta' Proklamazzjoni tal-EPSR huwa wkoll differenti mill-Karta tal-Komunità tad-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema adottata fid-9 ta' Diċembru 1989. Barra minn hekk, din tal-aħħar għandha karattru purament dikjaratorju, iżda ġiet iffirmata mill-Istati Membri kollha barra mir-Renju Unit. Din ma kinitx dikjarazzjoni konġunta adottata flimkien ma' istituzzjonijiet Ewropej oħra, għalkemm il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat Programm ta' Azzjoni Soċjali biex timplimenta l-Karta (COM(89) 568 final). Barra minn hekk, din tinkludi dispożizzjonijiet dwar l-infurzar tagħha.

4.9. Rigward "it-twassil tal-Pilastru Soċjali Ewropew", dan huwa sforz u responsabbiltà kondiviżi bejn l-Unjoni, l-Istati Membri tagħha u l-imsieħba soċjali, u huwa konsistenti għall-Kunsill u l-Parlament Ewropew li jingħaqdu mal-Kummissjoni fil-proklamazzjoni solenni tal-Pilastru. L-EPSR għandu wkoll l-għan li jkollu impatt fuq il-governanza ekonomika tal-UE (is-Semestru Ewropew, it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali) u għalhekk ikun sinjal importanti li l-Kunsill jilħaq kunsens sabiex jappoġġja l-Proklamazzjoni. Minkejja r-rikonoxximent li l-imsieħba soċjali huma kompetenti f'ħafna oqsma, il-Kumitat jinnota li s'issa ma ġewx inklużi formalment fil-proċess tal-proklamazzjoni ([13]).

([11]) ĠU L 113, 29.4.2017, p. 56.

([12]) Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni u l-Proklamazzjoni kienu akkumpanjati minn Komunikazzjoni ewlenija u numru ta' inizjattivi mhux leġislattivi ta' akkumpanjament oħra, inkluża Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali għall-monitoraġġ tal-progress, żewġ konsultazzjonijiet tal-imsieħba soċjali u proposta leġislattiva għal Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, li hija soġġetta għal opinjoni separata mill-KESE.

([13]) Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tistabbilixxi l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, p. 6 COM(2017) 250 final.

4.10. Il-Kumitat jifhem li l-Pilastru huwa maħsub bħala dikjarazzjoni politika ta' intenzjoni u, fih innifsu, ma joħloq l-ebda drittijiet legali ta' azzjonijiet ġodda. Il-Kummissjoni tagħmel distinzjoni bejn id-drittijiet u l-prinċipji: tal-ewwel jerġgħu jaffermaw uħud mid-drittijiet diġà preżenti fl-acquis tal-Unjoni, filwaqt li l-prinċipji jintqal li huma ġodda u għandhom l-intenzjoni li jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw mill-iżviluppi tas-soċjetà, tat-teknoloġija u tal-ekonomija. Tabilħaqq, skont il-Komunikazzjoni, la l-prinċipji u lanqas id-drittijiet mhuma direttament infurzati.

4.11. Minkejja n-nuqqas ta' karattru legalment vinkolanti, tali Proklamazzjoni tinvolvi sforz politiku min-naħa tal-Istituzzjonijiet tal-UE, u tal-Kunsill u tal-Istati Membri, biex iwasslu riżultati b'rabta mal-EPSR, filwaqt li jirrispettaw id-diviżjoni tal-kompetenzi u l-principju tas-sussidjarjetà.

4.12. Is-CFREU, b'differenza mill-EPSR, għandha l-istess valur tat-Trattati u għalhekk hija parti mil-liġi primarja, għalkemm ma toħloqx kompetenzi ġodda fil-livell tal-UE u, filwaqt li vinkolanti għall-istituzzjonijiet tal-UE, mhijiex direttament infurzabbli miċ-ċittadini tal-UE. Din għandha approċċ usa' għal drittijiet ekonomiċi u soċjali simili. Jekk wara żmien xieraq l-impenn politiku msemmi hawn fuq ma jkunx wasal fl-Istati Membri kollha għal inizjattivi konkreti li jimplimentaw il-pilastru, għandhom jiġu kkunsidrati miżuri adatti ġodda, inklużi inizjattivi legali u mhux legali. Il-KESE diġà talab għal direttiva qafas dwar introjtu minimu ([14]). Opinjonijiet legali ġodda, pereżempju kkummissjonati għall-Ministeru tax-Xogħol fil-Ġermanja, jesploraw kif dan jista' jsir ([15]).

4.13. Il-KESE diġà enfasizza f'opinjoni tal-2011 ([16]) li d-drittijiet soċjali fundamentali huma "indiviżibbli" mid-drittijiet ċivili u politiċi u għalhekk jirrikjedu attenzjoni strateġika speċjali. Ippropona aktar miżuri u attivitajiet promozzjonali biex titjieb l-effettività tal-istrateġija ta' implimentazzjoni tad-drittijiet fundamentali. Il-Kummissjoni ma tindirizzax biżżejjed il-problema tan-nuqqas ta' infurzar tad-drittijiet soċjali eżistenti u l-KESE jemmen li hemm ċertu riskju li l-EPRS iwassal biex ir-rwol speċifiku li l-Kummissjoni għandha bħala "gwardjan tat-Trattati" ikun anqas ċar.

5. **Relazzjoni bejn id-Dokument ta' Riflessjoni dwar id-dimensjoni soċjali u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali**

5.1. Ir-relazzjoni bejn l-EPRS u d-dokument ta' riflessjoni dwar id-dimensjoni soċjali, kif ukoll id-dokumenti ta' riflessjoni oħra fil-futur usa' tad-dibattitu dwar l-Ewropa, għandha wkoll tiġi kkunsidrata. Analiżi tal-EPRS turi li bosta xenarji mill-White Paper/id-dokument ta' riflessjoni dwar id-dimensjoni soċjali jistgħu tabilħaqq ikunu magħquda fl-implimentazzjoni tal-Pilastru.

5.2. L-EPSR huwa mmirat primarjament għall-Istati Membri fiż-żona tal-euro. F'dan ir-rigward, il-filosofija tal-EPRS tersaq qrib xenarju li fih "min irid jagħmel iżjed, jagħmel iżjed". Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Pilastru permezz tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, b'indikaturi aktar adegwati u xierqa u li għandu jkun integrat fis-Semestru Ewropew, jista' joffri possibbilment xi progress f'din id-direzzjoni. Is-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali għandhom jiġu kkonsultati dwar dawn l-indikaturi billi l-proposta attwali mhijiex biżżejjed.

5.3. Xi wħud mill-miżuri ta' "segwitu" kienu ssuġġeriti fil-Komunikazzjoni dwar il-qbil tal-EPSR max-xenarju tal-UE-27, filwaqt li oħrajn jaf jidhru mmirati primarjament għax-xenarju ta' "dawk li jkunu jridu jagħmlu aktar". Għalhekk, il-miżuri, bħall-inizjattiva għall-promozzjoni tal-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata tal-Ġenituri li Jaħdmu u tal-Persuni li Jindokraw, ippreżentati bħala parti mill-pakkett tal-Pilastru Soċjali, għandhom l-intenzjoni li japplikaw għall-UE-27. Bl-istess mod, il-miżuri relatati mal-infurzar tal-leġislazzjoni eżistenti u d-djalogu soċjali huma wkoll maħsuba biex japplikaw għall-UE-27. Il-ħtieġa li taħdem f'livell ġeografiku iktar ristrett tista' wkoll toħloq sfidi ġodda għall-imsieħba soċjali, li huma rrappreżentati fil-livell tal-UE.

5.4. Miżuri oħra proposti fir-Rakkomandazzjoni, bħal dawk relatati mas-Semestru Ewropew u t-tlestija tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja Ewropea, huma applikabbli u intiżi biss għaż-żona tal-euro. Dawn huma aktar adattati f'xenarju ta' "dawk li jridu jagħmlu aktar". Fil-fatt, id-Dokument ta' Riflessjoni jsemmi, bħala eżempju ta' tali xenarju, konverġenza aktar b'saħħitha lejn swieq tax-xogħol aktar integrati u lejn is-sistemi soċjali l-aktar effettivi u l-aktar sistemi b'saħħithom tal-edukazzjoni u tas-saħħa.

([14]) ĠU C 170, 5.6.2014, p. 23 (din l-opinjoni ma ngħatatx l-appoġġ tal-Grupp ta' Min Iħaddem; ara www.eesc.europa.eu/resources/docs/statement-minimum-income.pdf).

([15]) "Ein verbindlicher EU-Rechtsrahmen für soziale Sicherungssysteme in den Mitgliedstaaten", Opinjoni legali tal-Prof. Dr. Thorsten Kingreen, Settembru 2017.

([16]) ĠU C 376, 22.12.2011, p. 74.

5.5. L-appoġġ finanzjarju tal-UE permezz tal-Fond Soċjali Ewropew huwa aktar adatt b'approċċ tal-UE-27. L-idea li jkun hemm finanzjament ikbar huwa fil-fatt imsemmi fid-Dokument ta' Riflessjoni bħala eżempju tal-UE-27 li tapprofondixxi d-dimensjoni soċjali.

6. **Relazzjoni mad-dokumenti ta' riflessjoni l-oħra dwar il-Futur tal-Ewropa**

6.1. Id-diskussjoni dwar id-dimensjoni soċjali tal-Ewropa ma tistax issir waħedha u għalhekk huwa wkoll importanti li tiġi kkunsidrata r-relazzjoni mad-dokumenti ta' riflessjoni l-oħra dwar il-Futur tal-Ewropa u l-messaġġi ewlenin tagħhom dwar id-dimensjoni soċjali u t-triq 'il quddiem, anke jekk il-KESE se jipproduċi opinjonijiet separati dwar uħud minn dawn id-dokumenti ([17]).

6.2. Id-dokument ta' riflessjoni dwar "**L-Approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja"** jiddeskrivi l-impjiegi, it-tkabbir, il-ġustizzja soċjali, il-konverġenza ekonomika u l-istabbiltà finanzjarja bħala parti mill-prinċipji ta' gwida għall-approfondiment tal-UEM. Dan pjuttost jidher bħala kunċett kemm xejn limitat tad-dimensjoni soċjali tal-UEM. Qabel xejn dan mhuwiex konsistenti mal-konverġenza ekonomika u soċjali jew speċjalment mal-konverġenza 'l fuq u jirreferi prinċipalment għall-"ġustizzja soċjali". M'hemm l-ebda spjegazzjoni dwar il-kunċett jew il-perċezzjoni ta' "ġustizzja soċjali", u r-raġuni għala ma tirreferix minflok għal "ġustizzja soċjali" skont l-Artikolu 3 tat-TFUE.

6.3. Id-dokument ta' riflessjoni tal-UEM jirreferi għat-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi fi ħdan is-Semestru tal-UE, bħala għodda ewlenija. Fi ħdan is-Semestru, l-EPSR jaħdem bħala "kumpass imġedded għal ħafna politiki bħal dawn għal kundizzjonijiet ta' xogħol u ħajja aħjar". Dan ikun neċessarju biex "titkattar aktar kooperazzjoni u djalogu mal-Istati Membri, billi jiġu involuti l-parlamenti nazzjonali, l-imsieħba soċjali, il-bord nazzjonali tal-produttività u partijiet kkonċernati oħra" bil-għan li tiġi żgurata "responsabbiltà domestika aktar b'saħħitha u tiġi inkoraġġita implimentazzjoni tar-riforma aħjar." Fid-dokument ta' riflessjoni, il-Kummissjoni tenfasizza wkoll ir-rabta bejn ir-riformi nazzjonali u l-finanzjament mill-UE eżistenti. Essenzjalment, id-diskors dwar il-bżonn ta' aktar responsabbiltà, l-involviment tal-imsieħba soċjali u l-kundizzjonalitajiet għall-finanzjament mill-UE mhumiex xi ħaġa ġdida u jenfasizza biss il-bżonn ta' governanza aħjar u tat-twettiq tas-Semestru Ewropew.

6.4. Il-proposti rigward proċess ta' konverġenza mġedded fid-dokument ta' riflessjoni tal-UEM huma ċentrali fl-użu tal-qafas fil-livell tal-UE għal konverġenza, għat-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika u għat-tisħiħ mill-ġdid tar-rabtiet bejn ir-riformi nazzjonali u l-finanzjament mill-UE eżistenti. Hemm opinjonijiet differenti jekk fir-riformi, il-finanzjament mill-UE għandux ikun kundizzjonali u l-KESE rrakkomanda li dan għandu jkun possibbli biss jekk ikun hemm involviment bis-sħiħ tal-Parlament Ewropew fil-proċess kollu, fuq termini ugwali u bi rwol ċar għall-parlamenti nazzjonali. Mistenni li jkun hemm konverġenza u stabbiltà akbar **bit-twettiq tar-riformi strutturali tajbin.** Filwaqt li l-KESE jaqbel mal-fehma li riformi mfassla tajjeb fl-Istati Membri kkonċernati jistgħu jkunu essenzjali sabiex tinkiseb aktar konverġenza 'l fuq u s-sistemi soċjali jsiru aktar adegwati u reżiljenti, jenfasizza wkoll il-ħtieġa ta' taħlita ta' politika makroekonomika mtejba u involviment aħjar tal-imsieħba soċjali fi ħdan id-djalogu makroekonomiku, it-tfassil tal-proċess tas-Semestru Ewropew u r-riformi konnessi.

6.5. Fil-kaxxa tal-għodod tal-UEM, it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali fil-kuntest tal-EPSR tidher bħala element wieħed tal-Unjoni Ekonomika, flimkien mal-Bordijiet Nazzjonali, biex tagħmel monitoraġġ tal-iżviluppi tal-produttività. Dan jindika r-rabta bejn l-approfondiment tal-UEM u l-EPSR. L-EPSR huwa maħsub biex ikun **kumpass għall-ksib ta' ċerti riformi strutturali** f'oqsma li huma deskritti mill-20 prinċipju.

6.6. L-Anness 2 tad-dokument tal-UEM isemmi l-importanza ta' bidu ġdid għad-djalogu soċjali u jikkwalifika t-tentattiv tal-Kummissjoni Ewropea biex tistabbilixxi l-EPSR bħala "pass importanti" (pp. 32-33). F'dan ir-rigward, huwa kruċjali li jkun hemm għarfien usa' tad-djalogu soċjali, li ma jistax jiġi limitat biss għall-qafas tat-Titolu tal-Politika Soċjali. Għalkemm l-obbligu tal-Unjoni Ewropea li tippromwovi r-rwol tal-imsieħba soċjali huwa msemmi fit-Titolu dwar il-Politika Soċjali, dan l-obbligu jrid ikollu implikazzjonijiet, fejn applikabbli, lil hinn minn din il-politika waħdanija.

6.7. Fid-dokument ta' riflessjoni dwar "il-Kontroll tal-Globalizzazzjoni", il-Kummissjoni Ewropea tipprova tindirizza l-biżgħat li dejjem qed jikbru u l-kritika dwar il-politiki u r-riżultati tal-globalizzazzjoni attwali. Għalhekk il-Kummissjoni tenfasizza li l-globalizzazzjoni tista' tkun ta' benefiċċju meta jkun hemm kontroll tajjeb, sabiex ftit nies iħossuhom minsija.

([17]) L-Approfondiment tal-UEM sal-2025 (ECO/438) (ara paġna 124 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali), il-finanzi tal-UE sal-2025 (ECO/439) (ara paġna 131 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

6.8. Skont il-Kummissjoni, politiki soċjali b'saħħithom għandhom rwol importanti biex iħarsu u jagħtu setgħa liċ-ċittadini f'dan il-proċess. Iqisu dan bħala prerekwiżit għat-tkattir tal-fiduċja u l-kunfidenza taċ-ċittadini fir-rigward tal-isfidi u l-benefiċċji tal-globalizzazzjoni.

6.9. Id-dokument ta' riflessjoni tal-**Kontroll tal-Globalizzazzjoni** jirreferi speċifikament għal dak dwar id-dimensjoni soċjali. Il-KESE jappoġġja l-opinjoni li "distribuzzjoni aħjar tal-benefiċċji tal-globalizzazzjoni, flimkien ma' ħarsien soċjali effettiv, jgħin in-nies isibu impjieg deċenti u jadattaw għall-bidla. B'mod aktar ġenerali, distribuzzjoni mill-ġdid ġusta u ekwitabbli tal-ġid, u investimenti ffukati li jkattru l-inklużjoni soċjali ta' kategoriji ta' nies aktar vulnerabbli inklużi l-migranti, se tgħin issaħħaħ il-koeżjoni soċjali". Din hija konformi ħafna mal-enfasi tal-KESE fuq il-ħtieġa ta' tranżizzjonijiet aktar ġusti fil-kuntest tad-diġitalizzazzjoni u l-globalizzazzjoni. Il-Kummissjoni tenfasizza wkoll li l-UE għandha wkoll tkun ekonomija innovattiva u kompetittiva mal-aqwa kumpaniji u ċittadini li jistgħu jadattaw għall-bidla u huma kapaċi jiġġeneraw il-ġid meħtieġ biex jinżamm il-mudell soċjali tagħna.

6.10. Barra minn hekk, il-KESE jappoġġja l-fehma li huwa essenzjali li jkun hemm titjib fl-istandards u l-prattiki globali soċjali u tax-xogħol, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ILO, l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili involuti partikularment f'din l-aġenda, bħal organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali.

6.11. Il-KESE jaqbel li l-UE tista' ssawwar il-ġabra tar-regoli globali mhux biss għax hija l-akbar suq uniku fid-dinja u l-akbar negozjant u investitur, iżda wkoll għax temmen f'soluzzjonijiet dinjija għal sfidi globali. Għalhekk il-mudell soċjali Ewropew, il-valuri ewlenin tagħna u d-drittijiet fundamentali għandhom ikunu "l-kumpass u l-mudell ta' referenza tagħna għal globalizzazzjoni ġusta".

6.12. Għalkemm id-dokument ta' riflessjoni dwar il-**Futur tal-Finanzi tal-UE** kien l-aħħar wieħed li ġie ppubblikat, il-baġit tal-UE se jkun fundamentali imma, ovvjament, se jkun iddeterminat mill-għażliet li saru dwar il-Futur tal-Ewropa. Id-dokument ta' riflessjoni dwar il-finanzi tal-UE jivvaluta l-implikazzjonijiet għall-infiq tal-UE skont il-ħames xenarji deskritti fil-White Paper, li se jkollu impatt kbir fuq iċ-ċittadini, ir-reġjuni u l-gruppi ta' nies li l-aktar għandhom bżonn appoġġ. Huwa biss fil-ħames xenarju – meta l-Istati Membri jaqblu li jagħmlu ħafna aktar flimkien – illi se jintefaq ammont ħafna akbar fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.

6.13. It-tluq tar-Renju Unit mill-UE se jkollu konsegwenzi kbar fuq il-baġit tal-UE. Il-KESE huwa konxju tar-riskju li dan jista' jirriżulta fi tnaqqis tal-fondi soċjali. Il-KESE jenfasizza li l-Fond Soċjali Ewropew huwa katalist importanti għal aktar konverġenza u ma għandux jitnaqqas jekk se jintlaħqu l-isfidi futuri.

7. **L-oqsma ta' prijorità u l-azzjoni tal-KESE fuq livelli differenti, mill-atturi rilevanti**

7.1. Fl-opinjoni inizjali tiegħu dwar l-EPRS, il-KESE kien diġà identifika l-oqsma prinċipali li ġejjin li fihom jemmen li teħtieġ azzjoni fil-livell tal-UE u/jew nazzjonali, skont il-kompetenzi rispettivi, jekk hemm bżonn:

— l-investiment u l-innovazzjoni,

— l-impjieg u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità,

— miżura kontra l-faqar, inkluż id-dħul minimu,

— tranżizzjonijiet ġusti u bla xkiel appoġġjati minn politiki attivi tas-suq tax-xogħol,

— kundizzjonijiet ta' qafas fis-swieq tax-xogħol għall-appoġġ ta' karrieri ġodda u aktar varjati u li jappoġġjaw kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti għal kulħadd,

— protezzjoni soċjali għal kulħadd (forom ġodda ta' xogħol eż. pjattaformi, eċċ.),

— investiment soċjali (ħiliet, tranżizzjoni, eċċ.),

— servizzi soċjali ta' interess ġenerali.

7.2. Wara l-ksib ta' kunsens dwar kif wieħed għandu jipproċedi, għandhom jiġu identifikati l-proġetti ewlenin. L-UE għandha tibda l-proġetti li għandhom impatt pożittiv dirett u li se jkunu appoġġjati minn kulħadd.

8. Il-passi li jmiss mis-Summit Soċjali ta' Gothenburg (2017) u lil hinn minnu: triq minn prinċipji għal drittijiet ([18])?

8.1. Ilu tliet snin li l-President Juncker stqarr għall-ewwel darba li huwa xtaq iwassal "Social Triple A" għall-UE ([19]). Il-Kummissjoni ta' Juncker bdiet pjuttost tard bl-inizjattivi tagħha u kellha bżonn żmien konsiderevoli għall-konsultazzjonijiet dwar l-EPSR (sena waħda). Għadda aktar ħin bit-tnedija tad-dibattitu dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa, mingħajr kwalunkwe rakkomandazzjonijiet prattiċi mill-Kummissjoni dwar kif nipproċedu. L-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew se jsiru fl-2019 u se jkun hemm ukoll Kummissjoni ġdida. Għal ħafna, dan il-paradoss fiż-żmien – min-naħa qed titlef iż-żmien biex tiġi stabilizzata l-UEM u l-mudell(i) soċjali Ewropew qabel l-2019, u min-naħa l-oħra tipprova tirbaħ il-ħin qabel ma jkun hemm l-elezzjonijiet ġenerali fil-Ħarifa tal-2017 – sfortunatament iwaqqaf lill-UE milli terġa' ssib it-triq it-tajba.

8.2. Il-proposta tal-Kummissjoni f'April 2017 għal Proklamazzjoni Interistituzzjonali konġunta dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali rċeviet reazzjonijiet differenti. Uħud jaħsbu li dan hu progress importanti, oħrajn jarawh prinċipalment bħala att simboliku li mhuwiex tanġibbli biżżejjed biex jindirizza l-kriżi soċjali, u hemm ukoll min jibża' li jista' jmur wisq lil hinn. Wara s-Summit Soċjali ta' Gothenburg (Novembru 2017), abbażi tal-Proklamazzjoni tal-EPSR u d-diskussjonijiet dwar id-dokument ta' riflessjoni dwar id-dimensjoni soċjali tal-Ewropa, il-KESE jħeġġeġ lit-tliet istituzzjonijiet tal-UE biex jiżviluppaw aġenda pożittiva għaċ-ċittadini tal-UE bil-għan li jissaħħaħ mudell ekonomiku u soċjali Ewropew adatt għall-futur, bil-promozzjoni tat-tkabbir ekonomiku, l-impjiegi, il-benessri taċ-ċittadini u l-konverġenza 'l fuq fir-riżultati tal-impjiegi u dawk soċjali.

8.3. Għad fadal ħafna inċertezzi dwar il-Pilastru, fosthom jekk hux se jiġi pproklamat mill-Istati Membri. Jekk iva, mistoqsija ewlenija għall-KESE hi jekk hux se jkun jista' jiddetermina x'passi għandhom jittieħdu biex jiżgura li dan jista' jkun strument effettiv. Il-KESE jemmen li hemm bżonn jittieħdu aktar passi fil-livell l-aktar xieraq, inklużi inizjattivi konġunti f'oqsma ewlenin fejn l-azzjoni tal-UE tipprovdi valur miżjud ċar u, fejn possibbli, għandha tiffoka fuq ir-riżultati. Il-KESE jemmen li pjan direzzjonali ċar għall-implimentazzjoni tal-EPSR jgħin ikattar il-konverġenza u jikseb l-objettivi tiegħu.

8.4. Il-KESE jipproponi wkoll li l-valutazzjonijiet tal-impatt għandhom jinkludu wkoll evalwazzjoni ta' kompatabbiltà mal-EPSR. Fi ħdan l-aġenda għal regolamentazzjoni aħjar, għandu jkun hemm aktar enfasi fuq jekk u kif inizjattivi li jiffaċilitaw il-progress soċjali għaċ-ċittadini jkunu jistgħu faċilment jiġu osservati u infurzati.

8.5. Il-KESE jara r-rwol tiegħu bħala li jissorvelja dan il-proċess, jappoġġjah permezz ta' dibattiti fil-livell nazzjonali u bħala dak li jinsisti li hemm bżonn ta' aktar trasparenza u parteċipazzjoni fis-soċjetà ċivili. Huwa jwissi wkoll kontra proċessi kumplessi jew li jkun hemm approċċ lejn il-futur tal-UE permezz ta' perspettiva istituzzjonali.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

([18]) Nota: dan huwa kapitolu importanti relatat mal-kwistjonijiet ta' governanza u ta' implimentazzjoni, bħas-Semestru Ewropew u r-rwol tal-imsieħba soċjali, u r-rwol li għandu l-KESE. Għandu jkun żviluppat bis-sħiħ. It-test li ġej jipprovdi deskrizzjoni tal-passi (politiċi) li ttieħdu b'rabta mal-EPSR.

([19]) 22 ta' Ottubru 2014, il-Parlament Ewropew.

Appendiċi

Taqsira tad-Dimensjoni Soċjali

Sfidi	Xenarju 1 “Moviment Liberu Biss”	Xenarju 2 “Kooperazzjoni Msaħħa”	Xenarju 3 “L-Approfondiment tad-Dimensjoni Soċjali ma’ kulħadd”	Xenarju 4 tal-KESE “L-Approfondiment tad-Dimensjoni Soċjali fejn possibbli u aktar iffokar fuq ir-riżultati”
L-iżvilupp demografiku u mudelli ta’ familji ġodda	Jistgħu joħolqu fatturi ġodda ta’ spinta u ta’ ġibda speċjalment għaċ-ċittadini kkwalifikati biex jitilqu mill-pajjiż, isibu paga aħjar. 27 soluzzjoni/anqas konverġenza għal mudelli ġodda ta’ familji/rwoli tas-sessi fis-soċjetà	Jistgħu joħolqu fatturi ġodda ta’ spinta u ta’ ġibda speċjalment għaċ-ċittadini kkwalifikati biex jemigraw fi Stati Membri “avant-garde”. Soluzzjonijiet innovattivi għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, l-ugwaljanza bejn is-sessi/parteċipazzjoni aħjar tan-nisa fis-suq tax-xogħol, eċċ. f’pajjiżi avant-garde.	Użu u tfassil aħjar tas-suq tax-xogħol tal-UE permezz ta’ livelli komuni, aktar konverġenza. L-istess età tal-irtirar fl-UE, b’rabta mall-istennija tal-ħajja (iżda bi protesti kbar f’ħafna pajjiżi).	— Punti ta’ riferiment qawwija għar-riżultati tas-suq tax-xogħol (parteċipazzjoni tan-nisa/gruppi vulnerabbli/nies akbar fl-età, xogħol deċenti) — Punti ta’ riferiment għall-ħarsien soċjali (benefiċċji u servizzi) — Miżuri leġislattivi u mhux leġislattivi għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata biex jittejbu l-kundizzjonijiet tal-ħajja u x-xogħol

Sfidi	Xenarju 1 “Moviment Liberu Biss”	Xenarju 2 “Kooperazzjoni Msaħħa”	Xenarju 3 “L-Approfondiment tad-Dimensjoni Soċjali ma’ kulħadd”	Xenarju 4 tal-KESE “L-Approfondiment tad-Dimensjoni Soċjali fejn possibbli u aktar iffokar fuq ir-riżultati”
Diġitalizzazzjoni/ **Bidla tax-xogħol**	Minflok regolament tal-UE wieħed, se jkollna 27 soluzzjoni marbuta mal-pjattaforma, il-ħin tax-xogħol, AI, eċċ. iżda t-tweġibiet nazzjonali se jkunu limitati	Jistgħu jinstabu soluzzjonijiet ġodda biex iħarsu u jagħtu s-setgħa liċ-ċittadini b’mod aħjar u biex jagħtu bidu għall-bidliet billi jillimitaw ir-riskji. Stati Membri oħra jafu jimxu fuq dawn il-passi ’l quddiem. Huwa aktar faċli li jinstabu ħaddiema kkwalifikati permezz ta’ livelli komuni u numru tas-sigurtà soċjali wieħed.	1 standard/regoli għall-istatus ta’ impjieg tal-ħaddiema tal-pjattaforma, soluzzjonijiet innovattivi ġodda u proġetti. Sistemi tal-IT tal-UE	— Jagħmel Il-futur tax-xogħol proġett pożittiv — Punt ta’ riferiment politiki attivi tas-suq tax-xogħol (ALMP) effettivi u mmirati għal riżultati ta’ impjiegi tajba — It-tranżizzjoni għal Work 4.0 trid tkun akkumpanjata minn tranżizzjoni parallela għal Welfare 4.0 — Il-kundizzjonijiet qafas fis-swieq tax-xogħol jeħtieġ li jappoġġjaw karrieri ġodda u iżjed varjati — Il-bżonn ta’ qafas għal kundizzjonijiet tax-xogħol għal kulħadd — Jippermetti liċ-ċittadini jagħmlu t-tranżizzjonijiet neċessarji (ħiliet u xogħlijiet ġodda)
Globalizzazzjoni	Il-mudell soċjali tal-UE m’għandux mudell ta’ referenza għal globalizzazzjoni ġusta u hu aktar diffiċli biex jistabbilixxi livelli dinjija	Il-mudell ta’ referenza avant-garde huwa limitat għall-globalizzazzjoni. L-avant-garde permezz ta’ għodod u fondi konġunti jipprovdi tranżizzjoni/ħiliet aħjar	Il-mudell soċjali tal-UE jista’ jkun mudell ta’ referenza aktar b’saħħtu għal globalizzazzjoni ġusta, jgħin jistabbilixxi livelli dinjija billi jistipula livelli għall-akbar suq komuni fid-dinja.	— Il-mudell ekonomiku u soċjali tal-UE ibbażat fuq l-impjiegi, il-progress soċjali u l-produttività dejjem jiżdiedu — L-implimentazzjoni tal-SDGs, speċjalment l-1 (Xejn Faqar), it-3 (Saħħa Tajba u Benesseri), il-5 (Ugwaljanza bejn is-Sessi) u t-8 (Xogħol Deċenti u Tkabbir Ekonomiku)

Sfidi	**Xenarju 1** **"Moviment Liberu Biss"**	**Xenarju 2** **"Kooperazzjoni Msaħħa"**	**Xenarju 3** **"L-Approfondiment tad-Dimensjoni Soċjali ma' kulħadd"**	**Xenarju 4 tal-KESE** **"L-Approfondiment tad-Dimensjoni Soċjali fejn possibbli u aktar iffokar fuq ir-riżultati"**
L-Inugwaljanzi bejn l-Istati Membri u fi ħdan l-Istati Membri	Żieda fl-inugwaljanzi, ebda finanzjament mill-UE għall-ħolqien ta' aktar konverġenza. L-Istati Membri għandhom joħolqu l-fondi tagħhom stess, dan se jżied aktar l-inugwaljanzi	Żieda fl-inugwaljanzi bejn pajjiżi avant-garde u l-bqija tal-Membri Stati. Jistgħu jwasslu għal "mudelli ta' negozju" differenti u fatturi ġodda ta' spinta u ta' ġibda għall-kumpaniji	Dan jonqos sinifikament permezz ta' konverġenza 'l fuq. Monitoraġġ speċjali/azzjoni permezz ta' punti ta' riferiment u inċentivi finanzjarji	— Punti ta' riferiment fil-ħarsien soċjali (kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà, durata tal-benefiċċji u livelli) — Fond Ewropew tal-Investiment Strateġiku u l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) biex joħolqu impjiegi u jippromwovu l-koeżjoni territorjali u soċjali
Żieda fl-inugwaljanzi u l-faqar	Se tkompli b'rata saħansitra aktar mgħaġġla f'xi wħud mill-Istati Membri, oħrajn se jkunu jistgħu jipproteġu liċ-ċittadini tagħhom aħjar billi jillimitaw l-intervent tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja eċċ. Se jiżdiedu l-inugwaljanzi b'aktar dumping soċjali u tal-pagi	Tnaqqis fl-inugwaljanzi permezz ta' kumpensi aħjar permezz ta' politiki soċjali f'pajjiżi avant-garde, probabbilment b'aktar inugwaljanzi f'oħrajn	Jistgħu jkunu mnaqqsa permezz ta' standards u politiki komuni.	— Ħaddiema koperti minn standards tax-xogħol fundamentali u protezzjoni soċjali adegwata — Aktar sforzi lejn il-konverġenza tal-pagi u l-istabbiliment ta' pagi minimi fl-Istati Membri — Tiġi eżaminata l-idea ta' introjtu minimu Ewropew — Inizjattivi tal-UE u nazzjonali biex tittejjeb il-protezzjoni soċjali (sigurtà soċjali, assistenza soċjali, servizz soċjali, kura tas-saħħa, settur tal-abitazzjoni)

Sfidi	Xenarju 1 **“Moviment Liberu Biss”**	Xenarju 2 **“Kooperazzjoni Msaħħa”**	Xenarju 3 **“L-Approfondiment tad-Dimensjoni Soċjali ma’ kulħadd”**	Xenarju 4 tal-KESE **“L-Approfondiment tad-Dimensjoni Soċjali fejn possibbli u aktar iffokar fuq ir-riżultati”**
Kompetittività tal-kumpaniji	Anqas regolamentazzni tal-UE iżda spiża akbar biex ikun hemm konformità mas-27 regolament differenti dwar is-saħħa u s-sigurtà, il-ħin tax-xogħol, eċċ.	B’mod ġenerali, aktar kumplessità fil-monitoraġġ u l-infurzar rar-regoli. Il-kompetittività tista’ titjieb ukoll b’aktar konverġenza u soluzzjonijiet innovattivi ġodda f’pajjiżi avant-garde iżda ukoll b’xi mudelli ta’ negozju b’anqas regolamentazzjoni f’“pajjiżi li tħallew barra”	Kundizzjonijiet ekwi, anqas burokrazija bi standard wieħed u użu aħjar tas-suq tax-xogħol tal-UE u politiki ta’ ħiliet (eż. Erasmus+ imtejjeb eċċ.) Tnaqqis fl-ispejjeż permezz ta’ soluzzjonijiet tal-IT konġunti, kif ukoll permezz ta’ rikonoxximent sempliċi tad-diplomi eċċ.	— Politiki makroekonomiċi b’saħħithom li jkattru ambjent tan-negozju favorevoli għat-tkabbir tal-impjiegi — L-aġenda għall-ħiliet ġodda u l-impjiegi tkun imsejsa fuq il-kunċett ta’ flessigurtà bbilanċjata — Djalogu soċjali orjentat lejn soluzzjoni li jikkontribwixxi għall-kompetittività
Aċċettazzjoni tal-integrazzjoni tal-UE miċ-ċittadini	Ir-regolamentazzjoni soċjali tista’ ssir aktar qrib iċ-ċittadini, iżda l-aċċettazzjoni għall-integrazzjoni tista’ tonqos jekk il-ġirja lejn l-iktar livell baxx tiżdied	L-aċċettazzjoni f’pajjiżi li tħallew barra, probabbilment tonqos, jekk ir-realtajiet soċjali jsiru agħar minħabba li l-Istati Membri jaf inaqqsu l-livelli soċjali biex jiġbdu n-negozju. F’sitwazzjoni avant-garde din taf tiżdied		— L-EPSR se jkun proġett pożittiv għal kulħadd li se jgħin fil-kisba tal-fiduċja fil-ħiliet tal-UE għattitjib tal-prospetti tal-ħajja, opportunitajiet ta’ xogħol suffiċenti u kundizzjonijiet tax-xogħol għal kulħadd — Governanza ekonomika aktar effettiva u demokratika, speċjalment fiż-żona tal-euro, biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi

Sfidi	**Xenarju 1** **"Moviment Liberu Biss"**	**Xenarju 2** **"Kooperazzjoni Msaħħa"**	**Xenarju 3** **"L-Approfondiment tad-Dimensjoni Soċjali ma' kulħadd"**	**Xenarju 4 tal-KESE** **"L-Approfondiment tad-Dimensjoni Soċjali fejn possibbli u aktar iffokar fuq ir-riżultati"**
Konklużjonijiet	— Katalist ta' diverġenza — Bidla kbira/pass lura — Konsegwenzi konsiderevoli għall-ħajja taċ-ċittadini — "Xenarju simili għal Soft-Brexit" għal kulħadd — Riskju ta' "ġirja lejn l-iktar livell baxx" — Ir-regolament dwar il-moviment liberu jista' jkun ta' kwalità ogħla (inqas imma aħjar), kif ukoll implimentat/ikkontrollat aħjar mill-Kummissjoni	— Aktar konverġenza bejn xi Stati Membri, iżda lakuni usa' ma' oħrajn (żieda ta' semi-diverġenza) — Politika mhux b'denominatur l-aktar baxx — Id-drittijiet taċ-ċittadini jvarjaw fl-Istati Membri — Riskju ta' erożjoni tas-suq uniku	— Katalist tal-konverġenza, bidla ewlenija — Valuri konġunti/drittijiet imsaħħa — Miżuri vinkolanti, punti ta' riferiment għas-27 Stat Membru (impjiegi, edukazzjoni, sistemi ta' għajnuna soċjali) — Finanzjament mill-UE marbut mal-punti ta' riferiment tal-prestazzjoni (kundizzjonalitajiet)	— Katalist tal-konverġenza, bidla ewlenija — Valuri/drittijiet komuni promossi u infurzati — Qafas ta' referenza komuni għal appoġġ tal-introjtu għal dawk fil-bżonn — Miżuri vinkolanti fis-Semestru Ewropew, punti ta' riferiment għas-27 Stat Membru (impjiegi, edukazzjoni, sistemi ta' għajnuna soċjali) — Żieda fil-finanzjament tal-UE għall-koeżjoni soċjali u l-investiment (waqt li jiġi rrispettat il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, l-ebda kundizzjonalitajiet)

Għodod għall-ksib ta' għanijiet fix-Xenarji 1-4

— Is-semestru tal-UE

— Tabella ta' valutazzjoni soċjali bħala parti mis-Semestru tal-UE

— Inċentivi finanzjarji permezz tal-QFP

— EPSR, drittijiet ta' gwida u prinċipji

— Pjan direzzjonali biex jiġi implimentat l-EPSR (inklużi miżuri leġislattivi u mhux leġislattivi).

— Id-djalogu soċjali

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistipola l-qafas legali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li temenda r-Regolamenti (UE) Nru 1288/2013, (UE) Nru 1293/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE"

[COM(2017) 262 final — 2017/0102(COD)]

(2018/C 081/21)

Relatur: **Pavel TRANTINA (CZ/III)**

Korelatur: **Antonello PEZZINI (IT/I)**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew 20.6.2017
	Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 20.6.2017
Bażi legali	L-Artikoli 165(4) u 166(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adottata fis-sezzjoni	27.9.2017
Adottata fil-plenarja	19.10.2017
Sessjoni plenarja Nru	529
Riżultat tal-votazzjoni	124/0/1
(favur/kontra/astensjonijiet)	

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea, jirrikonoxxiha bħala bidu tajjeb għal diskussjoni aktar wiesgħa, iżda b'ħafna elementi li għandhom jiġu ċċarati u mtejba. Aħna kuntenti li wħud mill-prijoritajiet li ġew enfasizzati mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili f'diversi konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati organizzati mill-Kummissjoni kienu inklużi fil-bażi legali (jiġifieri aktar fondi, volontarjat lokali, enfasi fuq it-titjib tal-aċċess għal żgħażagħ minn sfondi żvantaġġati jew bi bżonnijiet speċifiċi, enfasi fuq l-assigurazzjoni tal-kwalità ta' kollokamenti, semplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi).

1.2. Il-KESE jqis li l-valur miżjud ta' proġetti ffinanzjati mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà (ESC) jinsab fil-messaġġ tagħhom ta' solidarjetà Ewropea. Meta mqabbla ma' inizjattivi preċedenti, il-proġetti tal-ESC ifittxu li jistabbilixxu fost il-parteċipanti u l-komunitajiet li qed jilqgħuhom, għarfien sħiħ ta' ċittadinanza Ewropea u ta' sens ta' appartenenza f'Unjoni waħda. Fil-fehma tal-Kumitat, l-aspett innovattiv tal-ESC– li jikkonsisti mill-fatt li huwa stabbilit fuq valuri marbutin mal-identità Ewropea u li dawn il-valuri huma minsuġin fit-tfassil tal-proġetti u msarrfa f'kisbiet prattiċi, huwa ta' importanza ewlenija. Dawn il-valuri huma stabbiliti b'mod ċar fit-Trattat tal-UE: dawn huma l-valuri tal-paċi, ir-rispett għad-dinjità umana, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, id-drittijiet tal-bniedem – inklużi dawk tal-minoranzi – it-tolleranza, in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, l-istat tad-dritt, u r-rispett għal u l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' ekonomija tas-suq soċjali.

1.3. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon it-tħabbir ta' dan l-investiment ġdid fiż-żgħażagħ, iżda jinsab mħasseb li dan inkiseb fil-biċċa l-kbira permezz tar-riallokazzjoni tal-baġit tas-Servizz Volontarju Ewropew minn Erasmus+ mill-2018 'il quddiem. Huwa jemmen li l-investiment fil-baġit tal-ESC ma għandux ikun għad-detriment tal-programmi ta' suċċess li diġà joffru l-opportunitajiet siewja liż-żgħażagħ, b'mod partikolari Erasmus + li diġà huwa nieqes mill-fondi. Għaldaqstant nitolbu biex jiġu investiti aktar "flejjes ġodda" fil-programm.

1.4. Il-KESE huwa mħasseb ħafna dwar l-amalgamazzjoni tal-għanijiet tal-ESC mal-politiki tal-impjieg taż-żgħażagħ. Huwa għalhekk jissuġġerixxi li l-inklużjoni tal-kollokamenti f'impjiegi u l-apprendistati fil-programm għandha tiġi kkunsidrata mill-ġdid. Il-KESE jissuġġerixxi li l-parti tal-impjiegi u tal-kollokament fi traineeships għandha tiġi offerta permezz ta' programmi tal-UE oħrajn diġà eżistenti li jiffukaw fuq l-impjieg ut-traineeships, u li l-aspett ta' solidarjetà tagħhom għandu jissaħħaħ. Il-konċentrazzjoni tal-ESC fuq l-element tal-volontarjat biss għandha tippermetti aktar ċarezza u konċentrazzjoni u tkun tgħin biex tiġi evitata l-konfużjoni mal-programmi oħra tal-UE disponibbli għaż-żgħażagħ.

1.5. Wara konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet interessati ewlenin, il-KESE ħareġ b'dawn is-suġġerimenti għat-titjib tal-abbozz ta' bażi legali (ara r-raba' taqsima għal aktar dettall):

— id-definizzjoni tal-azzjonijiet ta' volontarjat u ta' solidarjetà għandha tinbidel,

— il-provvediment ta' kollokamenti għandu jkun limitat għal organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, fondazzjonijiet u intrapriżi soċjali;

— il-portal tal-Internet għar-reġistrazzjoni irid isir strument ta' ġestjoni ġenwinament effettiv u interattiv

— għandhom jingħataw aktar appoġġ u tħejjija liż-żgħażagħ, inklużi dawk inqas żvantaġġati, qabel il-kollokament tagħhom u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ għandhom jiġu appoġġati biex jagħtu dawn it-tħejjijiet,

— l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u l-imsieħba soċjali għandhom jiġu involuti fil-ġestjoni konġunta tal-ESC,

— għall-kuntrarju tal-approċċ attwali ta' Erasmus +, l-aċċessibbiltà għandha tissaħħaħ, il-piżijiet amministrattivi jitnaqqsu u l-approċċ ta' aġenziji nazzjonali jinbidel b'mod li jagħmilhom aktar faċli biex jintużaw.

Id-dettalji tal-proposti tal-KESE, kif ukoll suġġerimenti oħra, huma elenkati hawn taħt.

2. Sinteżi tal-inizjattiva tal-Kummissjoni

2.1. L-istabbiliment tal-inizjattiva issa magħrufa bħala l- Korp Ewropew ta' Solidarjetà (ESC) tħabbar mill-president tal-Kummissjoni Ewropea, Jean-Claude Juncker fid-diskors tiegħu "L-Istat tal-Unjoni" f'Settembru 2016. Huwa identifika s-solidarjetà bħala waħda mill-elementi kostitwenti tal-Unjoni Ewropea u esprima r-rieda tiegħu li jimpenja aktar żgħażagħ f'azzjonijiet ta' solidarjetà u volontarjat.

2.2. L-ESC tnieda uffiċjalment fis-7 ta' Diċembru 2016 bl-għan li jilqa' l-ewwel 100 000 parteċipant sal-2020. L-għan ewlieni tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea huwa li tissaħħaħ il-koeżjoni u titrawwem is-solidarjetà fis-soċjetà Ewropea billi ż-żgħażagħ ikunu jistgħu jipparteċipaw f'firxa wiesgħa ta' attivitajiet ibbażati fuq is-solidarjetà, eż. għajnuna biex jiġu ffaċċjati l-emerġenzi bħall-kriżi tar-refuġjati, iżda wkoll meta tkun meħtieġa azzjoni ad hoc (pereżempju, fil-każ ta' diżastri naturali).

2.3. Jekk jiġi approvat, l-ESC ser jitnieda (mill-ġdid) fl-1 ta' Jannar 2018 b'baġit ta' EUR 341 miljun li għandu jinqasam bejn tliet attivitajiet ewlenin:

— Il-kollokamenti ta' solidarjetà, li ser jappoġġjaw liż-żgħażagħ li jwettqu attivitajiet ta' volontarjat sa 12-il xahar, kollokamenti f'apprendistati disponibbli għal xahrejn sa sitt xhur bħala medja, u kollokamenti f'impjieg, f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali rilevanti, għal xahrejn sa tnax-il xahar. Kollokamenti tat-timijiet ta' volontarjat fi gruppi ta' 10-40 voluntiera żgħażagħ minn pajjiżi differenti għal perjodu ta' bejn ġimagħtejn u xahrejn se jiġu appoġġati wkoll.

— Proġetti ta' solidarjetà se jippermettu gruppi żgħar ta' mill-anqas ħames parteċipanti rreġistrati biex jistabbilixxu u jimplimentaw proġetti ta' solidarjetà fil-livell lokali fuq l-inizjattiva tagħhom stess, għal xahrejn sa tnax-il xahar.

— Attivitajiet ta' netwerking se jippermettu l-iskambju ta' prattiki tajbin bejn il-parteċipanti rreġistrati u l-organizzazzjonijiet parteċipanti, jipprovdu appoġġ wara l-kollokament u jistabbilixxu netwerks tal-alumni.

Dawn il-kollokamenti se jkunu disponibbli għaż-żgħażagħ ta' età bejn it-18 u t-30 sena. Bħalissa, il-programm huwa ristrett għal UE28 biss.

2.4. Il-programm se jdum tliet snin, mill-2018 sal-2020. 80 % tal-baġit tal-ESC ser jiġi allokat għall-kollokamenti ta' volontarjat u 20 % għal kollokamenti f'impjieg (jiġifieri impjiegi u apprendistati), mill-EUR 341 miljun li ġew allokati għal dan il-programm, kważi 58 % (madwar EUR 197,7 miljun) se jiġu minn Erasmus+. Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-flus (EUR 191 miljun) se jiġu mis-Servizz Volontarju Ewropew (SVE).

2.5. Il-parteċipanti rreġistrati huma mitluba joħolqu profil fuq il-portal tal-Internet b'indikazzjoni dwar il-preferenzi tagħhom għall-oqsma ta' ħidma/tip ta' kollokament u se jirċievu offerti minn entitajiet pubbliċi jew privati jew organizzazzjonijiet internazzjonali li jkunu ngħataw it-tikketta tal-kwalità tal-ESC. Biex jirċievu t-tikketta tal-ESC u taċċessa l-bażi ta' data, l-organizzazzjoni se jkollha tgħaddi minn proċess ta' akkreditament (simili għal dak tas-SVE) bħala prova tal-konformità mar-rekwiżiti tal-Karta tal-ESC ([1]) (jiġifieri ikunu żgurati, fost l-oħrajn, l-iżvilupp ta' ħiliet, kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u deċenti u taħriġ adegwat).

2.6. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA) se jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-ESC fil-livell tal-UE, u l-Aġenziji Nazzjonali ta' Erasmus+ se jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tiegħu fil-livell nazzjonali.

2.7. Għall-kollokamenti ta' volontarjat, l-ispejjeż tal-għajxien (ikel, akkomodazzjoni), l-ivvjaġġar, l-assigurazzjoni u madwar EUR 155 fix-xahar ser jiġu pprovduti lill-parteċipanti kollha. Għal kollokamenti f'impjieg u apprendistati, il-kuntratt ta' impjieg, il-pagi u l-ftehim bil-miktub ta' apprendistat u r-remunerazzjoni se jiġu stabbiliti skont il-liġi nazzjonali. L-appoġġ finanzjarju għall-ivjaġġar huwa antiċipat għal dawn il-kollokamenti.

2.8. Żieda finanzjarja għal żgħażagħ żvantaġġati hija maħsuba u xi spejjeż għall-organizzazzjonijiet ospitanti (jiġifieri, amministrazzjoni, ġestjoni, appoġġ) jistgħu jiġu koperti wkoll. Appoġġ ta' qabel il-kollokament (jiġifieri t-tagħlim tal-lingwi) fil-parti l-kbira se jiġi pprovdut onlajn iżda l-organizzazzjonijiet huma liberi li dan jikkumplimentawh bis-sistemi ta' appoġġ tagħhom stess. Iċ-ċentri ta' riżorsi tal-ESC se jiġu stabbiliti f'aġenziji nazzjonali tal-Erasmus + sabiex jipprovdu appoġġ lill-organizzazzjonijiet parteċipanti.

3. **Kummenti ġenerali dwar il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà**

3.1. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-ħolqien ta' programm ġdid li jiffoka fuq iż-żgħażagħ, u partikolarment fuq il-volontarjat taż-żgħażagħ, li huwa nieqes fl-istruttura attwali tal-UE. Huwa jilqa' b'sodisfazzjon ukoll il-varjetà tat-tipi ta' kollokamenti li joffri l-ESC, bħall-"proġetti ta' solidarjetà" fil-livell lokali, irkupru ta' element tal-Inizjattiva taż-Żgħażagħ preċedenti, li kellha suċċess kbir.

3.2. Il-KESE jittama li permezz ta' dan il-programm, strateġija ta' volontarjat usa' fil-livell tal-UE tista' tiġi żviluppata mhux biss għal 100 000 żgħażugħ/a fil-programm, iżda għal madwar 100 miljun ċittadin żgħażugħ u adult tal-UE li bħalissa huma impenjati fil-volontarjat madwar l-Ewropa. Kif il-KESE diġà enfasizza fl-opinjoni tiegħu dwar il-politiki tal-UE u l-volontarjat ([2]), approċċ aktar ikkoordinat lejn il-politika tal-volontarjat huwa meħtieġ mill-istituzzjonijiet tal-UE. Il-volontarjat għandu jiġi rikonoxxut bħala qasam ta' politika trasversali u kkoordinat minn unità speċjali fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea, imsaħħa mill-istrutturi politiċi meħtieġa f'istituzzjonijiet oħra tal-UE. Għal dan l-għan, l-Aġenda Politika għall-Volontarjat fl-Ewropa (PAVE) toffri numru ta' proposti interessanti għall-iżvilupp ulterjuri tal-volontarjat fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, kif ukoll għall-imsieħba soċjali u l-NGOs. L-ESC jista' wkoll issaħħaħ u jrawwem il-ħolqien ta' strutturi nazzjonali tal-volontarjat u jegħleb il-ħafna ostakli li għadhom jeżistu għall-volontarjat transkonfinali.

3.3. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandu jikkontribwixxi għall-valuri soċjali Ewropej. Il-KESE huwa mħasseb ħafna dwar l-amalgamazzjoni tal-għanijiet tal-ESC mal-politiki tal-impjieg taż-żgħażagħ. Approċċ bħal dan jirriskja li jieħu post l-impjieg imħallas b'xogħol mhux imħallas għaż-żgħażagħ tal-Ewropa. F'dan ir-rigward, il-KESE huwa mħasseb li d-definizzjoni ta' "volontarjat" imressqa mid-dokument ta' bażi legali dokument tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà (full-time, servizz volontarju bla ħlas imwettaq kontinwament, ħamest ijiem fil-ġimgħa għal seba' sigħat kuljum) huwa qrib ħafna għad-deskrizzjoni ta' kollokament f'impjieg. Madankollu, il-volontarjat normalment mhuwiex xogħol full-time, iżda minflok iseħħ fil-ħin liberu tal-voluntiera.

([1]) https://europa.eu/youth/solidarity/charter_mt

([2]) Opinjoni tal-KESE dwar *Il-Komunikazzjoni dwar il-Politiki tal-UE u l-Volontarjat: Ir-Rikonoxximent u l-Promozzjoni fl-UE tal-Ħidmiet Volontarji Transkonfinali*, ĠU C 181/150, 21.6.2012, p. 150.

3.4. Il-KESE jissuġġerixxi li l-parti tal-impjiegi u tal-kollokament għandha tiġi offerta permezz ta’ programmi tal-UE oħrajn diġà eżistenti li jiffukaw fuq l-impjieg u l-apprendistati, l-aspett ta’ solidarjetà tagħhom għandu jissaħħaħ. Il-konċentrazzjoni tal-ESC fuq l-element tal-volontarjat biss għandha tippermetti aktar ċarezza u konċentrazzjoni u tkun tgħin biex tiġi evitata l-konfużjoni mal-programmi oħra tal-UE disponibbli għaż-żgħażagħ.

3.5. Jekk madankollu, il-kollokamenti f’impjieg u l-apprendistati jinżammu fl-ESC, il-KESE jixtieq li l-istandards ta’ kwalità (Il-Karta Ewropea ta’ Kwalità dwar l-Internships u l-Apprendistati, il-Qafas ta’ Azzjonijiet għall-Apprendistati li jmiss, maqbul b’mod konġunt mill-imsieħba soċjali Ewropej) jiġu osservati u li r-rimunerazzjoni tkun totalment konformi mal-leġislazzjoni nazzjonali dwar il-pagi u/jew il-ftehimiet kollettivi applikabbli. bl-istess mod, il-provvediment ta’ kollokamenti għandu jkun limitat għal organizzazzjonijiet mingħajr skop ta’ qligħ, fondazzjonijiet u intrapriżi soċjali; Se jkun meħtieġ ukoll li jiġi pprovdut taħriġ dwar l-impjieg għal apprendisti u trainees, kuntratti li jkopru l-assigurazzjoni medika u soċjali u objettivi ċari fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

3.6. L-implimentazzjoni tal-ESC għandha tiġi mmonitorjata bil-parteċipazzjoni ta’ organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u l-imsieħba soċjali, li t-tnejn li huma għandhom jaqdu rwol speċjali biex jiżguraw li ssir distinzjoni ċara bejn l-attivitajiet ta’ volontarjat u ta’ kollokamenti f’impjieg possibbli.

3.7. Il-KESE huwa konvint li l-ESC għandu jiġi implimentat b’mod sħiħ taħt Erasmus+, aktar milli billi jiġi stabbilit programm kompletament ġdid, amministrat mill-korpi ta’ Erasmus+. Dan jista’ jgħin ukoll biex jiġu allinjati bis-sħiħ il-kundizzjonijiet għall-parti li jifdal tal-SVE mal-ESC. Barra minn hekk, dan ikun ifisser li l-programm mhux se jkun mhedded wara l-2020. Fi kwalunkwe każ, madankollu, finanzjament u appoġġ addizzjonali huma meħtieġa.

3.8. Fid-dawl tal-esperjenza li kiseb fil-passat, il-KESE jqis li huwa importanti li:

— jiżgura li l-inizjattivi kollha li jappoġġaw attivitajiet ta’ solidarjetà bla skop ta’ qligħ għandhom jaqblu mal-ħtiġijiet reali identifikati b’mod ċar fil-komunità fil-mira;

— tiġi evitata d-duplikazzjoni, il-piżijiet amministrattivi u l-ostakli għal sistemi li jiffunzjonaw tajjeb bħalma hu s-Servizz Volontarju Ewropew (SVE);

— tingħata prijorità lil inizjattivi popolari li jirrispondu għall-ħtiġijiet ta’ komunitajiet lokali, pjuttost milli dawk transnazzjonali li jsejħu għal aktar tħejjija u taħriġ u perjodu itwal biex jidraw;

— jiġi kkunsidrat li titnaqqas għal sittax-il sena l-età minima għall-parteċipanti f’dawn l-inizjattivi, kif ukoll f’attivitajiet oħra;

— jiġu approvati l-attivitajiet ta’ volontarjat biss jekk ikunu konformi mal-kriterji ta’ kwalità stabbiliti permezz tal-Aġenda Politika dwar il-Volontarjat fl-Ewropa (PAVE) u l-Karta Ewropea għad-Drittijiet u r-Responsabbiltajiet tal-Voluntiera;

— jinħarġu ċertifikati hekk kif jitlestew l-attivitajiet imwettqa, kif stipulat fir-Rakkomandazzjoni tal-20 ta’ Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali, biex tiġi promossa l-impjegabilità;

— jiġu pprovduti miżuri ta’ appoġġ għall-organizzazzjonijiet u l-individwi sabiex ikunu jistgħu jiżviluppaw il-kapaċità tagħhom fit-termini tal-organizzazzjoni ta’ attivitajiet ta’ volontarjat;

— tiġi salvagwardjata l-flessibbiltà permezz tal-ESC billi jiġu offerti attivitajiet part-time biex jippermettu lill-voluntiera b’diżabilità jew dawk b’inqas opportunitajiet biex jivvjaġġaw biex jipparteċipaw fi proġetti lokali;

— jiġu identifikati sinerġiji possibbli bejn proġetti tal-ESC u programmi lokali/nazzjonali;

— jiġu involuti l-partijiet interessati fit-tħejjija, it-twettiq u l-evalwazzjoni tal-programm.

— jiġi faċilitat l-aċċess għall-programm minn dawk bi żvantaġġi soċjali u tas-saħħa (inklużi żgħażagħ li jitilqu mid-djar tat-tfal, li jgħixu f’żoni remoti, eċċ.);

— tingħata attenzjoni partikolari għall-istandards ta’ sikurezza fi programmi li jinvolvu l-ħidma diretta mat-tfal;

— il-programm jingħata appoġġ wiesa' u effettiv biex b'hekk jilħaq lil dawk li f'każ ieħor ma jkunux fittxewh huma stess.

4. **Kummenti speċifiċi dwar il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà**

4.1. Id-definizzjoni tal-azzjonijiet ta' volontarjat u ta' solidarjetà

Id-definizzjoni tal-volontarjat f'dan id-dokument hija restrittiva u ma tirriflettix id-diversità tal-volontarjat fl-Ewropa. Bħalissa din tiddefinixxi l-volontarjat bħala "servizz ta' volontarjat full-time (jiġifieri attività mwettqa kontinwament, ħamest ijiem fil-ġimgħa għal seba' sigħat kuljum) bla ħlas, servizz volontarju għal perjodu ta' mhux iktar minn tnax-il xahar". Mod wieħed ta' kif tissolva din il-kwistjoni jista' jkun li tintuża l-kelma "volontarjat" biex tiddeskrivi l-azzjonijiet kollha fejn iż-żgħażagħ qed jaġixxu bħala voluntiera (pereżempju kollokamenti ta' volontarjat, volontarjat fi gruppi, jew inizjattivi ta' volontarjat fil-ħin liberu).

Id-definizzjoni ta' azzjonijiet ta' solidarjetà hija wkoll vaga u wiesgħa ħafna, u din tqajjem dubji dwar it-tipi ta' proġetti li se jiġu ospitati taħt l-ESC.

4.2. Il-provvediment ta' kollokamenti

Il-proposta attwali ma tagħmilx distinzjoni b'mod formali bejn il-volontarjat u l-kollokamenti f'impjieg jew apprendistat, u b'hekk tinħoloq konfużjoni bla bżonn bejn żewġ realtajiet distinti, jiġifieri l-volontarjat u x-xogħol. L-istess kriterji ta' kwalità li jiġu applikati għall-attivitajiet kollha u l-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha jqajmu wkoll mistoqsijiet dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-offerti, peress li l-istess kriterji se jintużaw biex jakkreditaw lil kumpaniji li jagħmlu profitt, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati oħrajn. Għalhekk, il-KESE huwa konvint li l-provvediment ta' kollokamenti għandhom jiġu limitati għal organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, fondazzjonijiet u intrapriżi soċjali.

4.3. L-impatt tal-ESC fuq Erasmus+

Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon it-tħabbir ta' dan l-investiment ġdid fiż-żgħażagħ, iżda jinsab mħasseb li dan inkiseb fil-biċċa l-kbira permezz tar-riallokazzjoni tal-baġit tal-EVS minn Erasmus+ mill-2018 'il quddiem. Dan iwassalna biex nistaqsu fejn il-prijoritajiet tal-Kummissjoni jinsabu fi żmien meta r-rati ta' suċċess tal-applikanti f'partijiet oħra tal-Kapitolu taż-Żgħażagħ ta' Erasmus + qed jonqsu b'mod rapidu u ħafna proġetti ta' kwalità jibqgħu mhux iffinanzjati (kif ġie skopert ukoll fir-rapport ta' informazzjoni tal-KESE dwar Erasmus+ ([3])). Il-KESE jemmen li l-investiment fil-baġit tal-ESC ma għandux jiġi għad-detriment tal-programmi li diġà joffru l-opportunitajiet siewja liż-żgħażagħ, b'mod partikolari Erasmus + li diġà huwa nieqes mill-fondi. Barra minn hekk, il-futur tal-programm Erasmus +, bid-dimesnjoni wiesa' tiegħu ta' tagħlim tul il-ħajja li ġġib flimkien l-edukazzjoni formali u dik mhux formali, jista' jkun fil-periklu.

4.4. Portal tal-Internet għar-reġistrazzjoni bħala strument ta' ġestjoni ġenwinament effettiv u interattiv

Il-KESE jemmen li portal tal-Internet għar-reġistrazzjoni jista' tabilħaqq jissemplifika l-proċeduri u jagħmel l-ESC aktar faċli biex jiġi aċċessat minn aktar żgħażagħ. Madankollu, id-dipendenza żejda fuq il-portal għar-reġistrazzjoni, l-għażla ta' parteċipanti u l-appoġġ ta' qabel il-kollokament mhumiex biżżejjed biex tkun żgurata l-kwalità u l-ekwità tal-għażla u l-proċeduri ta' segwitu. In-natura passiva tal-proċess tal-għażla (jiġifieri li l-parteċipanti jkollhom bżonn jistennew biex jiġu kkuntattjati minn organizzazzjonijiet akkreditati) tfittex li tneħħi s-setgħa ta' dak li jkun, toħloq relazzjoni żbilanċjata bejn il-parteċipanti u l-organizzazzjonijiet ospitanti, u hija sors potenzjali ta' frustrazzjoni lejn i-programm tal-ESC.

Għaldaqstant, il-KESE jissuġġerixxi li jinbidel b'mod sinifikanti l-portal b'tali mod li jsir interattiv għaż-żewġ naħat u jkun jista' jappoġġja s-semplifikazzjoni tal-amministrazzjoni matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett – mir-reġistrazzjoni inizjali ta' interess, permezz ta' tfittxija attiva għall-organizzazzjonijiet ospitanti, l-applikazzjoni, l-għażla, it-tħejjija, il-prestazzjoni u l-evalwazzjoni, u anke opportunitajiet ta' netwerking għall-alumni. L-ebda data ma għandha bżonn tiddaħħal darbtejn.

L-opportunitajiet indaqs jeħtieġ li jiġu żgurati għal kulħadd, inklużi dawk li ma għandhomx aċċess faċli għall-Internet. Għal dawn, l-appoġġ offline għandu jkun disponibbli.

(3) SOC/552: Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Erasmus+ , adottata fil-31 ta' Mejju 2017.

4.5. Il-preparazzjoni ta' qabel il-kollokament, inkluż l-appoġġ għaż-żgħażagħ minn sfondi żvantaġġati

Li jiġi pprovdut sempliċiment taħriġ onlajn qabel il-kollokament tagħhom mhuwiex suffiċjenti biex tkun garantita esperjenza ta' suċċess. Il-KESE jemmen li aktar appoġġ u tħejjija għandhom ikunu pprovduti liż-żgħażagħ, speċjalment dawk żvantaġġati fi kwalunkwe mod, qabel il-kollokament tagħhom għandhom jiġu pprovduti u li l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, bl-għarfien espert tagħhom, huma kapaċi jaġixxu bħala organizzazzjonijiet li joffru appoġġ fl-istadji kollha tal-programm u għandhom jirċievu l-inċentivi xierqa biex jagħmlu dan.

4.6. L-involviment tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u l-imsieħba soċjali fil-ġestjoni konġunta tal-ESC

Sabiex il-programm ikun ta' suċċess, il-partijiet interessati ewlenin għandhom ikunu involuti fit-tfassil tiegħu mill-bidu nett. Attwalment il-proposta ma tistipulax l-involviment ta' organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u organizzazzjonijiet volontarji oħrajn, jew l-imsieħba soċjali, fl-implimentazzjoni, il-ġestjoni konġunta u l-monitoraġġ tal-ESC. Il-proposta tagħti prijorità lill-aġenziji nazzjonali ta' Erasmus+ fil-ġestjoni tal-programm bi struttura simili ħafna għal dik tal-programm tas-SVE. L-allokazzjoni tal-baġit skont l-attivitajiet ewlenin se tiġi deċiża wkoll mill-programmi ta' ħidma annwali tal-Kummissjoni bil-kriterji tagħhom stess. Il-KESE għadu jemmen li l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili, inklużi l-imsieħba soċjali, għandhom jiġu kkonsultati regolarment fl-ipprogrammar, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-inizjattiva, permezz ta' gruppi konsultattivi u mezzi formali u informali oħrajn. Iż-żgħażagħ għandhom ikunu involuti wkoll fil-proċess ta' monitoraġġ u evalwazzjoni fil-livelli kollha (tal-UE, dak nazzjonali u dak lokali), pereżempju permezz ta' għodda għall-klassifikazzjoni tal-esperjenza tagħhom.

4.7. L-aċċessibbiltà, il-piż amministrattiv u l-aġenziji nazzjonali

Kif il-KESE diġà indika fir-rapport ta' informazzjoni tiegħu dwar l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu ta' Erasmus+ ([4]), "li tapplika għal u tipparteċipa f'Erasmus+ għadha sfida għal organizzazzjonijiet ibbażati fuq il-volontorjat li mhumiex kompletament professjonalizzati. L-ammont assolut ta' xogħol involut jista' mhux dejjem ikun eċċessiv, iżda r-riżorsi umani u finanzjarji limitati jfissru li dawn l-organizzazzjonijiet ma jippruvawx jew li jfittxu approċċi alternattivi li huma inqas onerużi". Għalhekk huwa ta' importanza assoluta li l-Aġenziji Nazzjonali jibdlu l-approċċ tagħhom bl-iktar mod faċli għall-utent sabiex jiġu attirati u appoġġati l-applikanti potenzjali tal-ESC u l-organizzazzjonijiet ospitanti potenzjali tagħhom fl-isforzi tagħhom. Kontrolli inqas formali u aktar gwida informali se jgħinu ħafna biex il-programm ikun wieħed ta' suċċess. L-Aġenziji Nazzjonali għandhom jiġu appoġġjati b'mod xieraq għal dan l-għan u jingħataw finanzjament addizzjonali għall-persunal bl-għan li jappoġġjaw lill-applikanti.

4.8. Kwistjonijiet oħra għall-kunsiderazzjoni

(a) Kif nistgħu niggarantixxu li l-informazzjoni dwar l-inizjattiva tilħaq liż-żgħażagħ kollha, ir-reġjuni kollha u l-organizzazzjonijiet kollha għan-nies ġodda, b'mod partikolari dawk f'sitwazzjonijiet aktar vulnerabbli? Jew dan se jkun tip ta' "closed shop" għal dawk il-ftit fortunati?

(b) Kif nistgħu niżguraw li ż-żgħażagħ b'inqas opportunitajiet verament se jkunu jistgħu jaċċessaw il-programm? Huwa kruċjali li jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju għal attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn l-organizzazzjonijiet involuti fil-programm. Ir-rwol tal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ se jkun importanti biex jinżammu l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u jiġi appoġġat impenn sussegwenti. Il-programm għandu jtejjeb ukoll l-involviment taż-żgħażagħ f'li jagħtu servizz lis-soċjetà lil hinn mill-attività tal-ESC.

(c) Il-kwalità tal-programm għall-parteċipanti għandha tiġi żgurata, iżda kif se nevalwaw il-kwalità tas-solidarjetà (l-eżiti tal-proġetti individwali)?

(d) Għandna nintegraw l-ESC ma' programmi Ewropej oħrajn? Dimensjoni ta' volontarjat lokali tista' wkoll tiġi inkluża fil-programmi ta' mobilità għall-istudenti Erasmus+ u tista' tkun marbuta mal-ESC.

(e) Liema kriterji oġġettivi se jintużaw mill-Kummissjoni biex kull sena jiġi aġġustat il-baġit disponibbli għal kull azzjoni speċifika? Aġġustamenti bbażati fuq il-livell tad-domanda għal kull attività jgħinu biex tiġi evitata l-pressjoni fuq xi attivitajiet fuq naħa waħda u jassistu fil-prevenzjoni tan-nuqqas ta' impenn miż-żgħażagħ u l-organizzazzjonijiet parteċipanti min-naħa l-oħra.

([4]) SOC/552: Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Erasmus+: l-aħħar paragrafu tat-taqsima "Naqas il-piż amministrattiv tal-ġestjoni ta' proġetti ta' Erasmus+ fil-qasam tiegħek?" fl-appendiċi tekniku.

(f) Kif nistgħu niżguraw li l-applikazzjonijiet tal-fondi se jkunu flessibbli biżżejjed għall-organizzazzjonijiet tal-volontarjat u l-gruppi taż-żgħażagħ? Proċess semplifikat ikun ta' għajnuna sabiex ikun żgurat li l-għotjiet mikro (taħt EUR 5 000) jistgħu jiġu ppreżentati fi kwalunkwe ħin mingħajr ebda limiti ta' żmien fissi u b'formola tal-applikazzjoni semplifikata.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Aġenda mġedda tal-UE għall-edukazzjoni għolja

[COM(2017) 247 final]

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — L-iżvilupp tal-iskejjel u t-tagħlim eċċellenti għal bidu tajjeb fil-ħajja

[COM(2017) 248 final]

(2018/C 081/22)

Relatur: **Pavel TRANTINA (CZ/III)**

Korelatur: **Antonello PEZZINI (IT/I)**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 5.7.2017
Bażi legali	L-Artikoli 165(4) u 166(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adottata fis-sezzjoni	27.9.2017
Adottata fil-plenarja	19.10.2017
Sessjoni plenarja Nru	529
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	148/1/3

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Filwaqt li l-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattivi u jaqbel mal-prinċipji tagħhom, jixtieq juża din l-opportunità biex jesprimi l-fehmiet tiegħu dwar l-importanza li jiġu provduti l-mezzi meħtieġa biex jiġi appoġġjat it-titjib tas-sistemi edukattivi fl-Ewropa biex tinkiseb edukazzjoni ta' kwalità għolja għal kulħadd, kif ukoll dwar l-importanza li tittejjeb il-kapaċità tal-edukazzjoni biex jintlaħqu l-isfidi soċjetali u l-istudenti jithejjew b'mod effettiv għal ħajja ta' kwalità u għal impjieg. Bl-użu tal-effett ta' lieva mill-valuri tagħha, l-Ewropa tista' u għandha taqdi rwol innovattiv ta' tmexxija fil-ħolqien ta' ekonomija sostenibbli u inklużiva. Ekonomija ta' dan it-tip għandha tkun kapaċi ttejjeb il-kompetittività u tissalvagwardja l-futur tal-mudell soċjali partikolari tagħha. Il-kooperazzjoni fl-edukazzjoni tagħti tifsira reali għall-kunċett proprju tal-UE, u tippromovi l-immaġini tal-"komunità", jiġifieri l-UE, bħala xi ħaġa kostruttiva.

1.2. Minħabba l-klima politika attwali fl-Ewropa, il-KESE jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkludu l-ħtieġa li jgħożżu d-diversità kulturali u t-tolleranza fil-politiki tal-edukazzjoni bħala qasam ieħor sabiex titrawwem iċ-ċittadinanza attiva fi ħdan l-ambitu tal-għanijiet tal-UE mmirati lejn il-promozzjoni tal-valuri fundamentali tal-UE. Aħna lkoll responsabbli sabiex in-nies jiġu edukati u jsiru verament konxji tal-istorja u l-valuri komuni Ewropej, kif ukoll tal-importanza tat-tolleranza u tad-drittijiet tal-bniedem.

1.3. Il-KESE jemmen li sabiex ikun jista' jingħata rispons għall-isfidi ta' llum li dejjem jiżdiedu, tinħtieġ inizjattiva aktar ambizzjuża, waħda li twassal għal strateġija aktar olistika dwar l-edukazzjoni li tibdel il-paradigma attwali, sabiex it-tfal u ż-żgħażagħ tagħna jiġu appoġġjati u jinstabu soluzzjonijiet rapidi għall-isfidi eżistenti.

1.4. It-titjib tal-istatus tal-għalliema u l-kapijiet tal-iskejjel u l-appoġġ għalihom huma fundamentali biex tittejjeb l-edukazzjoni. Jeħtieġ li jingħata taħriġ mhux biss lill-għalliema u 'l-kapijiet tal-iskejjel iżda wkoll lill-edukaturi ta' tfal u żgħażagħ fil-ħajja tagħhom ta' kuljum barra mill-isfond edukattiv, pereżempju l-ġenituri tagħhom, il-komunità u l-fornituri tal-edukazzjoni mhux formali. Huwa importanti li wieħed jibni alleanzi ma' dawn il-gruppi.

1.5. Aktar suġġerimenti speċifiċi għandhom jinħarġu lill-Istati Membri fir-rigward tal-edukazzjoni u l-appoġġ għall-għalliema, fosthom dwar it-titjib tal-ambjent tal-iskola bħala komponent tal-kundizzjonijiet ta' xogħol tagħhom u l-kundizzjonijiet ta' tagħlim tal-istudenti. Xi suġġerimenti jistgħu jiġu fformulati fil-kuntest tas-semestru Ewropew, bħala parti mir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.

1.6. Fid-dawl tas-summit ta' livell għoli li jmiss dwar l-edukazzjoni ppjanat għal kmieni fl-2018, u li ser ikun ospitat mill-Kummissjoni, il-KESE jħeġġeġ bil-qawwa lill-Istati Membri biex jieħdu pass sinifikanti 'l quddiem u jistabbilixxu – anke bl-użu ta' djalogi soċjali u ċivili effettivi – sistemi ta' edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja li jipprovdu lill-istudenti b'futur promettenti fl-Ewropa.

1.7. Il-KESE jemmen li ż-żewġ elementi li ġejjin huma l-pedament għat-titjib u l-immodernizzar tas-sistemi edukattivi: id-disponibbiltà ta' biżżejjed finanzjament allokat b'mod ekwitabbli, u governanza koordinata fil-qafas ta' djalogu soċjali ta' kwalità għolja u effettiv. Dan għandu jingħata rikonoxximent ikbar f'dibattiti futuri. Ir-riżorsi fl-edukazzjoni m'għandhomx jiffokaw biss fuq il-prestazzjoni, iżda wkoll fuq l-inklużjoni, għal studenti minn ambjenti żvantaġġati u għar-refuġjati.

1.8. L-UE trid tinvesti aktar fl-edukazzjoni u t-taħriġ, ir-riċerka u l-innovazzjoni billi jiżdiedu l-fondi allokati lil Erasmus+ u l-programmi Orizzont 2020 u s-suċċessuri tagħhom ippjanati. Dan jista' jżid in-numru ta' impjiegi fil-futur u jiftaħ opportunitajiet ġodda.

1.9. Barra minn hekk, il-KESE jixtieq jenfasizza l-importanza li jiġu involuti l-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili b'mod effettiv f'dan il-proċess.

1.10. Għalkemm l-enfasi tal-Kummissjoni hija fuq l-iskejjel u l-edukazzjoni għolja, għandhom jiġu indirizzati wkoll il-kooperazzjoni u r-rabtiet bejn it-tagħlim formali, mhux formali u informali u l-validazzjoni tar-riżultati tagħhom.

1.11. Il-KESE jenfasizza l-importanza li jiġi adottat approċċ komprensiv għall-intraprenditorija. Jinħtieġu riżultati ddefiniti tat-tagħlim tal-intraprendenditorija għall-edukaturi kollha, sabiex jiddaħħlu metodoloġiji effettivi tat-tagħlim dwar l-intraprenditorija fil-klassi. L-iżvilupp ta' proġetti soċjali ġewwa jew barra mill-iskejjel hija opportunità ideali biex jinkisbu dawn il-ħiliet u l-mod ta' ħsieb meħtieġa, u jgħin ukoll biex jiġu żviluppati konnessjonijiet aħjar ma' ambjenti ta' tagħlim oħrajn.

1.12. Il-KESE jemmen li l-għan usa' tal-edukazzjoni huwa fil-bilanċ u l-kooperazzjoni mill-qrib bejn is-suġġetti STEM u x-xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi. Għalhekk, il-KESE jappella għal approċċ aktar interdixxiplinari għall-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja li jkun ċċentrat fuq sħubijiet u rotot flessibbli li jmorru lil hinn minn livell wieħed ta' edukazzjoni u qasam ta' studju partikolari.

2. Sommarju tal-inizjattivi tal-Kummissjoni

2.1. Wara l-Komunikazzjoni tagħha dwar it-titjib u l-immodernizzar tal-edukazzjoni (7 ta' Diċembru 2016), fit-30 ta' Mejju 2017 il-Kummissjoni Ewropea nediet inizjattiva taż-żgħażagħ ġdida dwar l-iskejjel u l-edukazzjoni għolja intitolata "Strateġija għal edukazzjoni ta' kwalità għolja, inklużiva u orjentata lejn il-futur". Il-pakkett jinkludi żewġ aġendi tal-UE mġedda biex jimmodernizzaw l-edukazzjoni, waħda fl-iskejjel u l-oħra fl-edukazzjoni għolja.

2.2. Fir-rigward tal-iskejjel, l-evidenza mill-Istati Membri indentifikat tliet oqsma fejn hija meħtieġa azzjoni u fejn l-appoġġ tal-UE jista' jgħin biex jindirizza sfidi importanti:

— żieda fil-kwalità u l-inklużività tal-iskejjel;

— appoġġ lil għalliema u mexxejja tal-iskejjel eċċellenti;

— titjib fil-governanza tas-sistemi tal-edukazzjoni skolastika.

2.3. Il-Kummissjoni qed tipproponi li tikkomplementa il-miżuri meħudin mill-Istati Membri f'dawn it-tliet oqsma permezz ta' appoġġ għat-tagħlim reċiproku, tisħiħ tal-evidenza ta' x'inhu effettiv fl-edukazzjoni u l-għoti ta' assistenza għar-riformi nazzjonali f'dawk l-Istati Membri li jixtiequ dan. Eżempji ta' appoġġ ta' dan it-tip jinkludu: it-tisħiħ tal-iżvilupp tal-kompetenzi u t-tagħlim interkulturali permezz tas-sħubiji tal-iskejjel, il-mobilità u l-proġetti ta' Ġemellaġġ elettroniku taħt l-Erasmus+; it-tisħiħ tat-tagħlim bejn il-pari fl-iżvilupp tal-karriera u professjonali tal-għalliema u l-kapijiet tal-iskejjel; u l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' appoġġ ġdid sabiex jgħin lill-Istati Membri li jfittxu għajnuna fit-tfassil u l-implimentazzjoni tar-riformi tal-edukazzjoni.

2.4. L-istrateġija mġedda għall-edukazzjoni għolja hija bbażata fuq l-aġenda għall-immodernizzar tal-2011. F'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni tistabbilixxi l-pjani tagħha għal erba' oqsma ewlenin:

— jiġi żgurat li l-gradwati jħallu l-edukazzjoni għolja b'settijiet ta' ħiliet li huma kif ukoll l-ekonomija moderna jkollhom bżonn;

— l-iżvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni għolja inklużiva;

— jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jikkontribwixxu għall-innovazzjoni fil-bqija tal-ekonomija;

— appoġġ lill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u 'l-gvernijiet sabiex jisfruttaw ir-riżorsi umani u finanzjarji disponibbli.

2.5. Fl-aħħar nett, sabiex jiġi żgurat li l-edukazzjoni għolja tista' tgħin biex tingħata spinta lit-tkabbir u lill-ħolqien tal-impjiegi, jeħtieġ li l-universitajiet jadattaw il-kurrikula għall-ħtiġijiet attwali u previsti tal-ekonomija u s-soċjetà, u l-istudenti prospettivi jeħtieġu informazzjoni aġġornata u robusta li tgħinhom jiddeċiedu liema korsijiet jagħżlu. Din hija r-raġuni għaliex il-Kummissjoni ppreżentat ukoll proposta parallela għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-monitoraġġ tal-gradwati, bħala parti mill-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa, li ser tkopri wkoll lill-gradwati minn programmi ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali flimkien mal-gradwati tal-edukazzjoni għolja. B'hekk l-awtoritajiet tal-Istati Membri jitheġġu u jiġu appoġġjati fit-titjib tal-kwalità u d-disponibbiltà tal-informazzjoni dwar kif il-gradwati jimxu 'l quddiem fil-karriera tagħhom jew f'edukazzjoni ulterjuri, wara li jispiċċaw l-istudji tagħhom.

3. **Kummenti ġenerali dwar l-istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-edukazzjoni**

3.1. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattivi u jixtieq jesprimi l-fehmiet tiegħu dwar l-importanza li jiġu provduti l-mezzi meħtieġa biex jiġi appoġġjat it-titjib tas-sistemi edukattivi fl-Ewropa biex tinkiseb edukazzjoni ta' kwalità għolja għal kulħadd, kif ukoll dwar l-importanza li tittejjeb il-kapaċità tal-edukazzjoni biex jintlaħqu l-isfidi soċjetali u l-istudenti jitħejjew b'mod effettiv għal ħajja ta' kwalità u għal impjieg. Huwa jaqbel mal-enfasi mogħtija għall-edukazzjoni bikrija tat-tfal, l-investiment fl-edukazzjoni tal-għalliema, il-promozzjoni tal-kooperazzjoni fost il-partijiet interessati differenti, it-titjib fil-governanza tal-iskejjel, is-sinerġiji mar-riċerka, u l-enfasi ġenerali fuq l-inklużjoni soċjali.

3.2. Filwaqt li saret enfasi ġenerali li l-edukazzjoni hija l-mezz ewlieni biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi u għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali [1], fiż-żewġ rakkomandazzjonijiet reċenti tal-Kummissjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fid-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tal-2015 [2], ġie nnotat li l-inugwaljanzi qed ikomplu jiżdiedu f'ħafna mill-pajjiżi tal-UE. Il-bidliet li qed isehħu madwar id-dinja u li jaffettwaw ix-xogħol, id-domanda għall-ħiliet u s-soċjetajiet, qatt ma kienu daqshekk mgħaġġla; l-UE għandha għalhekk tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jadattaw is-sistemi edukattivi tagħhom għal din ir-realtà ġdida. Għandha tgħin f'dan ir-rigward evalwazzjoni kontinwa dwar in-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet u dwar l-eżiti tas-suq tax-xogħol. Biex tinbena soċjetà b'opportunitajiet tassew ekwi, huwa meħtieġ ukoll li jsiru kurrikula u prattiki ta' tagħlim aktar flessibbli, innovattivi u olistiċi billi jittieħed rendikont tal-bosta eżempji tal-aħjar prattiki li ġew enfasizzati f'dawn l-aħħar snin.

(1) L-edukazzjoni hija komponent ewlieni tad-dikjarazzjonijiet reċenti tal-UE: Il-Pilastru Soċjali tal-UE (April 2017); Aġenda ġdida għall-ħiliet għall-Ewropa (Ġunju 2016); Id-Dokument ta' riflessjoni dwar id-dimensjoni soċjali tal-Ewropa (April 2017); Id-Dikjarazzjoni ta' Ruma (Marzu 2017).

(2) Laqgħa informali tal-Ministri tal-edukazzjoni f'Marzu 2015 f'Pariġi adottat id-Dikjarazzjoni "Promoting citizenship and common values of freedom, tolerance and non-discrimination in education" (Il-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni fl-edukazzjoni).

3.3. Il-KESE huwa ħerqan jinnota li l-edukazzjoni hija ġid komuni, u għandha tibqa' strument ewlieni għall-promozzjoni tal-interess pubbliku bl-investiment jiġi mmirat biex inaqqas l-ispejjeż privati u pubbliċi ta' nuqqas ta' edukazzjoni f'diversi oqsma bħalma huma l-prevenzjoni tal-vjolenza, it-titjib tas-saħħa permezz tal-isport u l-promozzjoni tal-benesseri, is-sensibilizzazzjoni dwar it-tibdil fil-klima u l-iżgurar tal-paċi soċjali f'soċjetajiet dejjem aktar diversi. B'rabta ma' dan, ir-riformi fl-edukazzjoni m'għandhomx jimmiraw biss li jwasslu s-settijiet ta' ħiliet, il-kompetenzi u l-għarfien tal-ġejjieni li żgħażagħ jeħtieġu biex ikollhom aċċess għas-suq tax-xogħol, iżda għandhom ikunu mmirati wkoll biex itejbu l-kapaċità tal-istudenti biex jirrispondu għal kwistjonijiet soċjetali urġenti li jolqtu l-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej.

3.4. It-tranżizzjoni minn livell edukattiv għal ieħor u l-kooperazzjoni bejn fornituri tal-edukazzjoni differenti, kemm f'ambjenti formali kif ukoll mhux formali, tirrikjedi attenzjoni partikolari fi ħdan l-istrateġija ppjanata tal-Kummissjoni. Filwaqt li l-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-enfasi fuq il-bini ta' sistemi tal-edukazzjoni għolja inklużivi u konnessi u l-iskejjel u l-enfasi biex l-iskejjel jitħeġġu jiżviluppaw rabtiet u kooperazzjoni aktar b'saħħithom mal-edukazzjoni ogħla fil-qasam tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika ((STEM), il-Kumitat jemmen li bħala l-bażi tal-għan aktar komprensiv tal-edukazzjoni hemm il-bilanċ u l-kooperazzjoni mill-qrib bejn is-suġġetti tas-STEM u x-xjenza soċjali u l-istudji umanistiċi. Għalhekk, il-KESE jappella għal approċċ aktar interdixxiplinari għall-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja li jkun ċċentrat fuq sħubijiet u rotot flessibbli li jmorru lil hinn minn livell wieħed ta' edukazzjoni u qasam ta' studju partikolari. Approċċ bħal dan jgħin ukoll fil-ġlieda kontra diversi inugwaljanzi, eż. l-inugwaljanza bejn il-ġeneri fis-suġġetti STEM u fix-xjenza b'mod ġenerali, minħabba li jelimina l-opinjonijiet sterjotipiċi dwar dak li hu aktar adatt u/jew komuni abbażi ta' ġeneru, razza u karatteristiċi personali oħrajn.

3.5. Għal darb'oħra ([3]) l-Kumitat jappella lill-Kummissjoni tieħu rwol proattiv biex jiġu introdotti aktar soluzzjonijiet innovattivi fl-oqsma tal-edukazzjoni u l-iżvilupp ta' ħiliet, kif ukoll fil-monitoraġġ u l-promozzjoni ta' prattiki u approċċi innovattivi li diġà jeżistu fost l-Istati Membri. Il-KESE jemmen bis-sħiħ li issa wasal iż-żmien għal bidla radikali ġenwina fl-għanijiet u l-funzjonament tas-settur tal-edukazzjoni u t-taħriġ, kif ukoll fil-fehim dwar ir-relevanza u r-rwol tas-settur fis-soċjetà, u għar-rikonoxximent tal-fatt li l-edukazzjoni hija minnha stess fattur fil-produttività. Hawnhekk, approċċ proattiv fil-livell tal-UE huwa element ewlieni biex titfassal edukazzjoni aħjar għall-futur.

3.6. Kif diġà qal il-KESE f'Opinjonijiet preċedenti tiegħu, "il-mobilizzazzjoni tal-atturi kollha u l-appoġġ għall-ħolqien ta' 'sħubijiet ta' apprendistat' fi ħdan is-soċjetà, li jinvolvu l-iskejjel, in-negozji, il-kunsilli lokali, l-imsieħba soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-NGOs li jaħdmu maż-żgħażagħ, il-ġenituri u l-istudenti fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-'kurrikula', huma essenzjali [għal] bidla fil-paradigma edukattiva" ([4]).

3.7. Sa mis-snin bikrija tal-iskola tagħhom, iż-żgħażagħ għandhom jiġu megħjuna jiżviluppaw portafolli ta' kompetenzi li ma jikkonċernawx biss l-għarfien tagħhom, iżda wkoll il-ħiliet, il-kapaċità għall-innovazzjoni u l-kreattività, l-ispirtu kritiku u l-għarfien tagħhom dwar l-istorja Ewropea komuni. Dawn il-profili ta' kompetenza għandhom ukoll ikopru kwalitajiet oħrajn tagħhom bħall-ħiliet diġitali, il-ħidma f'tim, l-esperjenzi interpersonali u ta' ħidma f'tim, u l-kapaċità li jirrikonoxxu kulturi differenti. Dan għandu jsir bl-appoġġ tal-edukaturi tagħhom u ta' dawk li jaħdmu maż-żgħażagħ.

3.8. L-isem oriġinali tal-inizjattivi ("inizjattiva taż-żgħażagħ") kien qed jibgħat messaġġ ħażin, peress li kien qed jidher li l-inizjattiva hija biss immirata lejn iż-żgħażagħ mentri sistemi ta' edukazzjoni formali qed jirċievu aktar studenti adulti. Huwa ta' dispjaċir li "l-adulti" huma ftit jew xejn imsemmija fil-komunikazzjoni dwar l-Edukazzjoni Għolja, filwaqt li l-edukazzjoni għolja jista' jkollha rwol ewlieni fit-tagħlim tul il-ħajja fl-etajiet kollha, kif ukoll sabiex jiġu aġġornati l-ħiliet, il-kompetenzi u l-għarfien ta' impjegati u persuni qiegħda.

3.9. Il-pedament għat-titjib u l-immodernizzar tas-sistemi edukattivi huwa li jiġu żgurati kemm id-disponibbiltà ta' finanzjament suffiċjenti allokat b'mod ekwu, kif ukoll governanza koordinata fil-qafas ta' djalogu soċjali ta' kwalità għolja u efffettiv. Dan ma tirrikonoxxihx biżżejjed il-Kummissjoni fid-dokumenti ta' ħidma tagħha, u ma tpoġġix biżżejjed enfasi fuq il-fatt li r-riżorsi fl-edukazzjoni m'għandhomx jiffokaw biss fuq il-prestazzjoni, iżda wkoll fuq l-inklużjoni ta' studenti individwali minn ambjenti żvantaġġjati u fuq l-integrazzjoni tar-refuġjati. Barra minn hekk, bilkemm tirrikonoxxi l-importanza li l-partijiet interessati differenti jiġu kkonsultati u involuti f'dan il-proċess, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

([3]) ĠU C 173, 31.5.2017, p. 45.
([4]) ĠU C 214, 8.7.2014, p. 31.

4. **Kummenti speċifiċi dwar l-istrateġija l-ġdida tal-UE għall-edukazzjoni**

B'reazzjoni għaż-żewġ inizjattivi tal-KE, u għall-politiki tal-UE u tal-Istati Membri b'mod aktar ġenerali, hawnhekk il-KESE ser jiffoka fuq dawn it-tliet prijoritajiet trasversali għall-iskejjel u l-edukazzjoni għolja.

4.1. Il-ħiliet tekniċi bażiċi huma neċessarji, iżda l-istess huma l-ħiliet personali u trasversali, il-kompetenzi u l-għarfien.

4.1.1. Il-KESE jisħaq fuq l-importanza li l-Kummissjoni tiżgura li l-Istati Membri jadottaw definizzjoni olistika tal-ħtiġijiet tal-istudenti, jiġifieri li tinkludi l-ħiliet tekniċi u personali kif ukoll kompetenzi u l-għarfien interdixxiplinari. Dawn it-tliet aspetti m'għandhomx ikopru biss il-kapaċitajiet meħtieġa għax-xogħol, iżda jħaddnu wkoll l-għan aktar ġenerali ta' tkomplija tal-iżvilupp personali tal-individwi kollha tul ħajjithom. Għalhekk, i-titjib fl-edukazzjoni, speċjalment fis-sistemi tal-edukazzjoni għolja, jeħtieġ jiffukaw ukoll fuq kif l-aħjar irawmu ċ-ċittadinanza attiva, ir-responsabilizzazzjoni taż-żgħażagħ, it-tagħlim tul il-ħajja u l-għarfien dwar kif taħdem l-UE u l-benefiċċji li tipprovdi. Huwa tajjeb li niftakru li l-edukazzjoni waħidha ma tistax tindirizza d-disparitajiet soċjoekonomiċi, peress li s-sinerġiji ma' politiki komplementari soċjali u dwar l-impjieg huma prerekwiżit għal soluzzjoni aktar sostenibbli.

4.1.2. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-iżvilupp tal-hekk imsejħa ħiliet personali (soft skills), minħabba li l-impjegaturi qed japprezzawhom dejjem aktar u minħabba li huma utli wkoll f'kuntesti barra mix-xogħol. Il-KESE għalhekk jinkoraġġixxi miżuri bħal dawk speċifikati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: proġetti li jivvalutaw il-kreattività, is-soluzzjoni tal-problemi, il-kollaborazzjoni ([5]), il-ħidma f'tim u l-ħsieb kritiku. Dawk li jfasslu l-politika jeħtieġ li jingħataw appoġġ u taħriġ adatti biex jifhmu d-dimensjoni globali ta' dawn il-ħiliet.

4.1.3. Filwaqt li l-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-appoġġ għall-kooperazzjoni bejn l-universitajiet u l-ambjent tax-xogħol, dan tal-aħħar m'għandux ikunu limitat għas-settur tan-negozju biss. Il-bini ta' sħubijiet bejn in-negozji u l-istituzzjonijiet edukattivi m'għandux jiġi ġġustifikat biss permezz tal-kriterju dwar jekk iż-żgħażagħ humiex "direttament impjegabbli". L-intrapriżi għandhom ikunu f'pożizzjoni biex jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal uman, billi jimmobilizzaw il-ħiliet it-tajba, u billi l-opportunitajiet ġodda pprovduti mir-rivoluzzjoni diġitali jagħmluhom disponibbli għal kull grupp ta' età. In-negozji wkoll għandhom jappoġġjaw iż-żgħażagħ biex ikomplu t-taħriġ ladarba jidħlu fid-dinja tax-xogħol: l-edukazzjoni hija proċess kontinwu li ma tistax taqdi kull bżonn fin-numru ta' snin limitat ta' edukazzjoni formali.

4.1.4. Madankollu, kif diġà rrimarka l-KESE, hemm bżonn li tiġi mħeġġa "l-integrazzjoni min-naħa tal-iskejjel ta' sistemi doppji ta' edukazzjoni u ta' taħriġ li jikkombinaw it-tagħlim fil-klassi u l-esperjenza fil-post tax-xogħol, u b'hekk jiżguraw li l-awtoritajiet edukattivi u l-intrapriżi jkunu konxji mill-importanza ta' dawn l-inizjattivi" ([6]). L-esperjenza tax-xogħol għall-istudenti tal-iskola u r-rabtiet aktar mill-qrib bejn l-iskejjel, l-industrija, l-universitajiet u r-riċerka huma kruċjali biex jinħoloq impjieg sostenibbli għaż-żgħażagħ bi kwalifiki għoljin.

4.1.5. Minkejja l-ħtieġa għal "ħiliet tekniċi", l-ekonomija ma tistax tiddetta d-direzzjoni tal-edukazzjoni (għolja). Fi kliem ieħor, inizjattivi bħall-monitoraġġ tal-livell tal-gradwati fis-sistema għandhom jiżguraw li l-programmi ta' edukazzjoni għolja u kurrikula ma jkunux ibbażati fuq eżiti edukattivi strumentalizzati, bħalma huma l-pagi jew il-livelli ta' impjieg tal-gradwati. Xi Stati Membri diġà għandhom is-sistema ta' monitoraġġ tagħhom stess, u għalhekk is-sistema ġdida potenzjali mifruxa mal-UE kollha għandha tgħaqqadhom u fi kwalunkwe każ trid tevita li tintuża biex tiġġustifika l-miżuri ta' awsterità fil-kurrikula tal-istudji umanistiċi u x-xjenzi soċjali.

4.2. Apoġġ lill-għalliema għal tagħlim ta' kwalità għolja u tagħlim tul il-ħajja

4.2.1. Fl-"era diġitali tal-edukazzjoni", l-użu tat-teknoloġija fl-edukazzjoni għandu jkun ta' benefiċċju għall-proċess tat-tagħlim: pereżempju, filwaqt li t-tagħlim tal-ikkowdjar mhuwiex għan fih innifsu, l-istudenti jeħtieġ jifhmu l-loġika tal-ikkowdjar u jiksbu s-sett ta' ħiliet meħtieġa biex jużaw il-mezzi teknoloġiċi dejjem jevolvu fl-ambjenti tat-tagħlim u tal-ħajja.

([5]) Improving the quality of teaching and learning in Europe's higher education institutions, Rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Immodernizzar tal-Edukazzjoni Għolja, Kummissjoni Ewropea, Ġunju 2013 [mhux disponibbli bil-Malti].
([6]) ĠU C 327, 12.11.2013, p. 58.

4.2.2. Għalkemm l-ICT joffru opportunitajiet f'ħafna oqsma, jiftħu wkoll il-bieb għal perikli reali, bħalma huma iċ-ċiberkriminalità, il-kontenut perikoluż u ta' ħsara, aktar kummerċjalizzazzjoni tas-servizzi, kif ukoll jippermettu s-sorveljanza teknoloġika u l-użu ħażin tad-data personali. Għalhekk, il-litteriżmu diġitali għandu bżonn jissaħħaħ, biex b'hekk kull persuna tingħata l-għodod adatti biex tintegra fid-dinja tax-xogħol tal-ġejjieni. L-ICT infrixu fil-livelli kollha tal-industrija u tas-servizzi u għalhekk għandhom jifformaw parti integrali mit-tagħlim tul il-ħajja.

4.2.3. It-titjib fl-edukazzjoni diġitali jgħin ukoll liż-żgħażagħ biex jagħmlu distinzjoni aktar ċara bejn l-informazzjoni u l-għarfien, jiżviluppaw ħsieb kritiku u litteriżmu medjatiku adatt u jkunu kapaċi, pereżempju, jirrikonoxxu aħbarijiet foloz jew jipproteġu l-privatezza tagħhom fuq l-Internet.

4.2.4. Għalkemm l-enfasi tal-komunikazzjoni hija fuq l-iskejjel u l-edukazzjoni għolja, il-kooperazzjoni u r-rabtiet bejn it-tagħlim formali, mhux formali u informali u l-validazzjoni tal-eżiti tagħhom ma ġewx indirizzati b'mod suffiċjenti, kif sottolinjat fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2012 ([7]) dwar "Sħubija u mogħdijiet flessibbli għall-iżvilupp tal-ħiliet tul il-ħajja". Anke llum, huma biss nofs l-Istati Membri tal-UE li stabbilixxew strateġija komprensiva ta' tagħlim tul il-ħajja ([8]). F'dan ir-rigward, it-teknoloġiji jistgħu wkoll ikunu ta' benefiċċju fir-rigward ta' diversifikazzjoni tal-approċċi għall-edukazzjoni.

4.2.5. Il-Kummissjoni ilha numru ta' snin tiffoka fuq l-iżvilupp ta' netwerks tal-UE u fuq il-promozzjoni tal-kooperazzjoni għall-iskambju tal-aħjar prattiki u t-tagħlim bejn il-pari. Madankollu, ikun ukoll interessanti li jitkejjel sa liema punt l-edukaturi fil-fatt japprovaw dawn l-għodod u l-mekkaniżmi. Huwa probabbli ħafna li bosta għalliema u edukaturi għadhom mhumiex konxji dwar l-appoġġ, u r-riżorsi finanzjarji u ta' taħriġ kollha disponibbli għalihom fil-livell tal-UE. Il-bini tal-kapaċitajiet u t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, inklużi l-pagi tal-għalliema, għandhom ikunu prijorità għall-Istati Membri.

4.2.6. Skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni, l-Istati Membri jeħtieġ li jiffaċilitaw it-tagħlim tul il-ħajja għall-edukaturi u l-għalliema, kif ukoll isaħħu l-mobbiltà tagħhom, pereżempju, permezz tal-programmi tal-Erasmus+. Trid tingħata attenzjoni speċifika għat-titjib tal-aspetti parteċipatorji tat-tagħlim peress li rriżulta li dan huwa prassi pedagoġika tajba ħafna li tippermetti lill-istudenti jiksbu għarfien u jiżviluppaw ċerti kompetenzi trasversali, bħalma huma l-ħiliet ta' komunikazzjoni. Dan ikun ifisser tranżizzjoni notevoli minn edukazzjoni ċċentrata fuq l-għalliem lejn it-tagħlim ibbażat fuq min jitgħallem, fejn l-edukatur isir faċilitatur tat-tagħlim.

4.3. It-tagħlim intraprenditorjali permezz ta' proġetti soċjali

4.3.1. L-edukazzjoni għandha ttejjeb il-kompetenzi ewlenin, il-ħiliet u l-attitudnijiet li huma meħtieġa sabiex wieħed jirnexxi fil-ħajja wara li jlesti l-edukazzjoni formali, pereżempju xogħol f'tim u ġestjoni tal-proġetti. Dan is-sett ġdid ta' ħiliet mhux biss ikun ta' għajnuna biex tiżdied l-impjegabbiltà, iżda jista' jtejjeb ukoll il-kapaċità tal-adulti futuri biex joħolqu l-impjiegi tagħhom stess individwalment u b'mod kollettiv. It-tagħlim permezz tal-azzjoni u t-tagħlim ibbażat fuq l-esperjenza huma approċċi alternattivi għat-tagħlim li jistgħu jżidu l-kapaċità biex jinżamm l-għarfien u huma aktar utli għall-iżvilupp ta' ħiliet prattiċi, għall-kuntrarju ta' għarfien speċjalizzat f'suġġett partikolari.

4.3.2. Il-KESE jenfasizza l-importanza li jiġi adottat, permezz ta' użu tajjeb tal-qafas ġdid EntreComp ([9]) approċċ komprensiv għall-intraprenditorija. L-iżvilupp ta' proġetti soċjali ġewwa jew barra mill-iskejjel huwa opportunità ideali biex jinkisbu dawn il-ħiliet u l-mod ta' ħsieb meħtieġa, u jgħin ukoll biex jiġu żviluppati konnessjonijiet aħjar ma' ambjenti ta' tagħlim oħrajn. F'dan ir-rigward, l-appoġġ għall-inizjattiva tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għaż-żgħażagħ fl-iskejjel u fl-edukazzjoni għolja għandu jkun azzjoni ewlenija għall-Istati Membri. Barra minn hekk, hemm interess dejjem akbar fl-intraprenditorija soċjali, li hija mod wieħed kif jintlaħqu l-aspirazzjonijiet taż-żgħażagħ għal impjieg aktar sinifikanti.

([7]) Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar "Partnership and flexible pathways for lifelong learning skills development, accompanying the Communication from the Commission on Rethinking Education: Investing in skills for better socioeconomic outcomes", Novembru 2012 (mhux disponibbli bil-Malti).

([8]) Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, li jakkumpanja l-Abbozz tar-Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Qafas Strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u fit-taħriġ (ET2020) – Prijoritajiet ġodda għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u fit-taħriġ, Awwissu 2015.

([9]) Qafas Ewropew għall-Kompetenza Intraprenditorjali https://ec.europa.eu/jrc/en/publication/eur-scientific-and-technical-research-reports/entrecomp-entrepreneurship-competence-framework.

4.3.3. L-intraprenditorija hija xprun qawwi tat-tkabbir ekonomiku u tal-ħolqien ta' impjiegi Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-iżvilupp tal-ħiliet intraprenditorjali. Kif diġà ġie nnotat mill-KESE, l-edukazzjoni intraprenditorjali madwar l-Ewropa, fi ħdan il-kurrikulu kollu u bħala parti mit-tagħlim tul il-ħajja, għadha teħtieġ impenn reali min-naħa ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet. L-ambizzjoni, il-kreattività u l-intraprenditorija jridu jiġu apprezzati bħala tali u jiġu promossi, u ma għandhomx jiġu mfixkla mal-attività kummerċjali jew mal-ġenerazzjoni ta' profitt. Il-kreattività tiżviluppa permezz tat-tagħlim f'sistemi formali u informali. L-edukaturi jeħtieġ ikunu involuti bis-sħiħ biex jiżguraw li jitwassal il-messaġġ it-tajjeb. L-għalliema jistgħu jkunu kontra definizzjoni restrittiva tal-intraprenditorija, fejn tinftiehem bħala t-twaqqif ta' negozji ġodda, iżda jistgħu jkunu aktar favur kunċett wiesa' li jirrappreżenta kompetenza ewlenija għall-ħajja. "Taraġ intraprenditorjali" biex jiġu żviluppati l-attivitajiet u t-tagħlim jista' jgħin biex jiddaħħal l-"ispirtu" intraprenditorjali fil-klassi ([10]).

4.3.4. Iż-żgħażagħ li jibbenefikaw mit-tagħlim tal-intraprendenditorija jiżviluppaw tagħrif kummerċjali u ħiliet u attitudnijiet essenzjali li jinkludu l-kreattività, l-inizjattiva, it-tenaċja, l-abbiltà li jaħdmu f'tim, il-fehim tar-riskju u sens ta' responsabbiltà, kemm jekk jistabbilixxu xi kummerċ jew intrapriża soċjali, kif ukoll jekk le. Dan huwa t-tip ta' ħsieb intraprenditorjali li jgħin lill-imprendituri jittrasformaw l-ideat f'azzjoni u li jżid l-impjegabbiltà b'mod sinifikanti. Jinħtieġu riżultati ddefiniti tat-tagħlim tal-intraprendenditorija għall-edukaturi kollha, sabiex jiddaħħlu metodoloġiji effettivi tat-tagħlim intraprendenti fil-klassi. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom irawmu l-ħiliet intraprenditorjali permezz ta' modi ġodda u kreattivi għat-tagħlim, kif jingħata mill-edukaturi u kif jinkiseb mill-istudenti, mill-iskola primarja 'l quddiem, minbarra li jiffokaw fuq l-edukazzjoni mis-sekondarja sal-edukazzjoni għolja dwar il-possibbiltà ta' twaqqif ta' negozju bħala għażla ta' karriera. L-esperjenza fid-dinja reali, permezz ta' tagħlim ibbażat fuq il-problemi u r-rabtiet mal-intrapriża, għandha tikun inkorporata fid-dixxiplini kollha u mfassla apposta għal kull livell tal-edukazzjoni.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

([10]) ĠU C 48, 15.2.2011, p. 45.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd"

(COM(2017) 0424 final — 2017/0190(COD))

(2018/C 081/23)

Relatur: **Gabriel SARRÓ IPARRAGUIRRE**

Konsultazzjoni	Il-Kunsill, 14.9.2017
	Il-Parlament Ewropew, 11.9.2017
Bażi legali	Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Deċiżjoni tal-Bureau	19.9.2017
Sezzjoni kompetenti	Agrikoltura, Żvilupp Rurali u Ambjent
Adottata fis-sezzjoni	3.10.2017
Adottata fis-sessjoni plenarja	18.10.2017
Sessjoni tal-plenarja Nru	529
Riżultat tal-votazzjoni	179/2/2
(favur/kontra/astensjonijiet)	

1. **Il-pożizzjoni tal-KESE**

1.1. F'konformità mal-Opinjoni preċedenti tiegħu dwar "L-obbligu tal-ħatt" ([1]), fejn talab għall-miżuri neċessarji ta' flessibilità biex tiġi ffaċilitata l-introduzzjoni gradwali tal-obbligu ta' ħatt l-art, il-KESE jappoġġja l-proposta biex tiġi estiża s-setgħa tal-Kummissjoni Ewropea biex tadotta pjani għall-iskartar permezz ta' atti delegati għal perjodu addizzjonali ta' tliet snin.

1.2. Madankollu, hemm il-biża' li t-tliet snin proposti mhumiex biżżejjed biex jiġu adottati l-pjani multiannwali reġjonali kollha u li fl-aħħar tal-2020 ser insibu ruħna f'sitwazzjoni simili għal dik attwali. Il-KESE kien jippreferi estensjoni itwal.

2. **Kummenti**

2.1. L-implimentazzjoni gradwali tal-obbligu ta' ħatt l-art (l-ewwel Regolamenti delegati tal-Kummissjoni li jistabbilixxu l-pjani ta' skartar daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2015) ħarġet fid-dieher għadd ta' problemi.

2.1.1. L-aktar problema serja kienet mingħajr dubju ta' xejn, u ser tibqa' tkun dejjem aktar, dik li tinħoloq minħabba l-hekk imsejħin speċijiet bi kwota limitanti ("choke species"), jiġifieri dawk l-ispeċijiet li minnhom operatur ikollu kwota żgħira jew xejn, iżda li madankollu jidħlu fix-xbieki u tagħmir ieħor tas-sajd. Il-mekkaniżmi ta' flessibbiltà inklużi fir-Regolament huma għalkollox insuffiċjenti biex tiġi indirizzata din ir-realtà. Meta fl-2019 jidħol fis-seħħ b'mod sħiħ l-obbligu ta' ħatt l-art, ser ikunu ħafna dawk il-bastimenti tas-sajd li, għalkemm ikollhom kwota mhux milħuqa tal-ispeċijiet fil-mira tagħhom, ser ikollhom jibqgħu marbutin fil-port mingħajr ma jkunu jistgħu joħorġu għas-sajd peress li jkunu eżawrew il-kwota żgħira ta' speċijiet aċċessorji.

2.1.2. Kwistjoni oħra mhux riżolta hija l-adegwatezza tal-portijiet tas-sajd u l-pixkeriji tagħhom għall-bejgħ ta' speċijiet li tradizzjonalment kienu jiġu skartati u li issa għandhom jinħattu l-art. Bl-istess mod, il-limitazzjoni tal-bejgħ ta' ħut żgħir mhux maħsub għall-konsum mill-bniedem toħloq problemi addizzjonali peress li f'ħafna portijiet tal-UE la jeżistu infrastrutturi u lanqas intrapriżi li jbiegħu dan it-tip ta' materja prima.

([1]) ĠU C 311, 12.9.2014, p. 68

2.1.3. Fl-aħħar nett, qiegħed jiżdied il-bżonn għall-ispazju għall-ħżin abbord u fuq kollox qed jiżdied l-ammont ta’ xogħol tal-persunal, li huwa obbligat jikklassifika aktar speċijiet u daqsijiet, u b’hekk jiżdiedu l-istress u r-riskji.

Brussell, it-18 ta’ Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà — Strateġija għall-implimentazzjoni"

(COM(2017) 134 final)

(2018/C 081/24)

Relatur: **Brian CURTIS**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 31.5.2017
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	It-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	2.10.2017
Adottata fil-plenarja	18.10.2017
Sessjoni plenarja Nru	529
Riżultat tal-votazzjoni	180/2/0
(favur/kontra/astensjonijiet)	

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Konklużjonijiet

1.1. L-ekonomija diġitali, b'mod speċjali l-qafas tas-servizz pubbliku assoċjat u ta' appoġġ tagħha, hija vitali għall-funzjonament bla xkiel u effiċjenti tas-soċjetà ċivili fl-UE. Il-Kumitat jilqa' l-progress kontinwu u l-appoġġ mogħti mill-Kummissjoni Ewropea f'dan l-iżvilupp ulterjuri tal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà (EIF).

1.2. Il-Komunikazzjoni tindika aktar avvanzi fir-rwol ta' konsulenza u dak koeżiv li d-DĠ DIGIT għandu biex jinkoraġġixxi lill-Istati Membri u lill-amministrazzjonijiet pubbliċi tagħhom fil-livelli kollha biex jikkollegaw bla xkiel.

1.3. Il-Kumitat madankollu jinnota li l-kapaċità tal-interoperabbiltà tvarja b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri u fihom stess. Il-kunsens attwali huwa li r-regolamentazzjoni jew il-proċeduri ta' governanza obbligatorji jibqgħu lil hinn mil-limiti imma dan jitfa' responsabbiltà akbar fuq l-Istati Membri biex b'mod volontarju jinvolvu ruħhom b'kull mod possibbli fl-ispirtu u s-sustanza tal-EIF u l-programmi ta' implimentazzjoni tiegħu. Is-sigurtà u l-privatezza jkomplu bħala wieħed mit-12-il prinċipju tal-EIF u l-KESE jinnota b'mod pożittiv li dawn il-prinċipji huma elaborati f'ċertu dettall u huma s-suġġett ta' żewġ rakkomandazzjonijiet ċari fil-Pjan ta' Implimentazzjoni dwar l-Interoperabbiltà. Min-natura tiegħu l-EIF joffri qafas wiesa' li fih l-Istati Membri jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tas-sussidjarjetà tagħhom imma bla dubju huwa l-każ li t-tħassib tal-pubbliku dwar is-sjieda, l-użu u s-sigurtà tad-data personali huwa mifrux u dan it-tħassib huwa komuni madwar l-Ewropa. Dawn il-kwistjonijiet huma marbuta mad-drittijiet fundamentali minquxa fit-Trattati tal-UE.

Rakkomandazzjonijiet

1.4. Il-KESE jilqa' l-involviment sħiħ tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea biex jimplimentaw l-EIF.

1.5. Għalkemm iċ-ċibersigurtà ma taqax taħt il-kompetenzi ta' din il-Komunikazzjoni huwa ċar li jeħtieġ li jingħataw assigurazzjonijiet fi strumenti leġislattivi oħra tal-UE biex jiġi żgurat li ż-żieda fl-interoperabbiltà u fl-aċċess pubbliku ma jkunux ifissru vulnerabbiltà akbar minħabba l-penetrazzjoni mit-theddid akbar ta' attakk ċibernetiku.

1.6. Tħassib komuni ieħor huwa kif se jiġu appoġġjati dawk li għal diversi raġuni ma jistgħux jinvolvu ruħhom, fid-dinja pervażiva tas-servizzi diġitali li qed tespandi b'mod rapidu. Il-KESE jheġġeġ lill-Istati Membri biex jilqgħu r-rakkomandazzjonijiet tal-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà relatati mal-iffukar fuq l-utent, b'mod partikolari dik li titlob għal twassil b'ħafna mezzi, fiżiċi u diġitali, ta' servizzi pubbliċi diġitali.

1.7. Il-KESE għandu xi tħassib li l-punti ta' azzjoni ma jiddefinixxux l-għanijiet u jidhru li huma responsabbiltà komuni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Dikjarazzjoni ta' responsabbiltajiet aktar ċari u indikazzjoni tal-prijoritajiet għandhom jgħinu fl-allokazzjoni tar-riżorsi.

1.8. Hija meħtieġa aktar ċarezza dwar kif ir-rekwiżit li jkun hemm konċentrazzjoni fuq il-bżonnijiet tan-negozji u taċ-ċittadini (servizzi orjentati lejn l-utent) jista' jiġi implimentat.

1.9. Il-Kumitat jirrakkomanda li ċ-ċittadini u l-avvenimenti kummerċjali u l-proċeduri relatati, inklużi fl-Anness II tal-proposta adottata tal-Kummissjoni COM(2017) 256, jingħataw prijorità f'dak li huwa l-kejl tal-livell ta' implimentazzjoni tal-EIF.

1.10. Il-Kumitat jinnota li l-ħidma attiva tal-Osservatorju tal-Qafas tal-Interoperabbiltà Nazzjonali (NIFO) qed tipprovdi bażi soda għal rakkomandazzjonijiet futuri. Dan jista' jkun il-bażi għal possibbiltà ta' strument statutorju fi żmien sentejn sa tliet snin li jista' jsolvi kwistjonijiet pendenti.

2. **Introduzzjoni**

2.1. It-tlestija tas-Suq Uniku Diġitali (DSM) hija waħda mill-10 prijoritajiet politiċi tal-Kummissjoni Ewropea u tista' tikkontribwixxi EUR 415 biljun fis-sena għall-ekonomija tal-Ewropa, toħloq l-impjiegi u tittrasforma s-servizzi pubbliċi. Il-ħtieġa li l-amministrazzjonijiet pubbliċi jikkollaboraw b'mod diġitali hija element vitali tad-DSM. Is-settur pubbliku jirrappreżenta aktar minn 25 % tal-impjiegi totali u jirrappreżenta wieħed minn kull ħamsa tal-PDG tal-UE permezz tal-akkwist pubbliku. It-tkabbir tal-iskambju tal-istudenti, it-turiżmu, il-migrazzjoni, l-iżvilupp kummerċjali transfruntier u x-xiri online kollha jirrinfurzaw il-ħtieġa għal interoperabbiltà f'ħafna oqsma.

2.2. Il-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà (EIF) ġie adottat l-ewwel darba fl-2010. Dan kien jagħti gwida speċifika lill-amministrazzjonijiet pubbliċi dwar kif jistabbilixxu servizzi pubbliċi interoperabbli permezz ta' rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq il-prinċipji tal-interoperabbiltà sottostanti u l-mudelli kunċettwali.

2.3. Il-programm tas-Soluzzjonijiet ta' Interoperabbiltà fl-Amministrazzjonijiet Pubbliċi Ewropej (ISA) (2010-2015), u s-suċċessur tiegħu l-programm ISA^2 (2016-2020), huma l-istrumenti prinċipali li permezz tagħhom l-EIF tal-2010 ġie implimentat.

2.4. Sa mill-2010, il-politiki u l-inizjattivi Ewropej li jagħmlu impatt fuq is-settur pubbliku jew evolvew, bħad-Direttiva riveduta dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku, ir-Regolament eIDAS ([1]) u l-Pjan ta' azzjoni dwar il-Gvern elettroniku 2016-2020, jew qegħdin jitħejjew attwalment, bħall-Portal Diġitali Uniku u l-Fluss Liberu ta' Data (mhux personali) bejn il-fruntieri.

2.5. It-teknoloġija tal-informatika hija qasam li jevolvi b'rata mgħaġġla bħad-data miftuħa u l-cloud computing.

2.6. Il-punti t'hawn fuq relatati mal-politika u t-teknoloġija flimkien mal-ħtieġa għal reviżjoni tal-effettivita tal-EIF irriżultaw f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati fl-2016 li analizzat il-ħtiġijiet u l-problemi ffaċċjati mill-partijiet ikkonċernati fir-rigward tal-interoperabbiltà u l-implimentazzjoni tal-EIF, identifikat l-impatti li jistgħu jirriżultaw minn reviżjonijiet mistennija, u ġabret il-feedback dwar il-valur miżjud.

2.7. Bħala riżultat il-qafas il-ġdid jagħmel aktar enfasi fuq kif il-prinċipji u l-mudelli tal-interoperabbiltà għandhom japplikaw fil-prattika u jiċċara ċ-ċentralità tal-EIF fir-rabta ta' bejn l-oqfsa nazzjonali u speċifiċi għad-dominju. In-numru ta' rakkomandazzjonijiet żdied minn 25 għal 47 b'mod li r-rakkomandazzjonijiet aġġornati u introdotti ġodda dwar l-interoperabbiltà jsiru aktar speċifiċi biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tagħhom, b'fokus aktar b'saħħtu fuq il-ftuħ u l-ġestjoni tal-informazzjoni, il-portabbiltà tad-data, il-governanza tal-interoperabbiltà, u l-għoti ta' servizz integrat.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73) dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern jipprovdi ambjent regolatorju prevedibbli li jippermetti interazzjonijiet elettroniċi sikuri u bla intoppi bejn in-negozji, iċ-ċittadini u l-awtoritajiet pubbliċi.

3. **Il-kontenut essenzjali tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni**

3.1. Il-Komunikazzjoni toffri ħarsa ġenerali, reviżjoni u analiżi tal-progress sal-lum u l-prijoritajiet għall-ġejjieni. L-Anness I tal-Komunikazzjoni jistabbilixxi 22 azzjoni fuq ħames oqsma ta' prijorità. Dan huwa appoġġjat mill-Anness II li jistabbilixxi l-prinċipji tal-EIF il-ġdid u d-dettalji tas-47 rakkomandazzjoni. L-għan huwa li jiġu pprovduti servizzi bla xkiel u flussi tad-data għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej permezz tal-aderenza għall-qafas ġeneriku tal-EIF, li huwa bbażat fuq il-Mudell Kunċettwali tal-EIF.

3.2. Sabiex in-nies ikunu liberi li jaħdmu u jirrilokaw u sabiex in-negozji jgawdu l-benefiċċji tal-flussi tal-kummerċ u tal-kapital bla xkiel madwar l-Istati Membri kollha, l-implimentazzjoni ta' servizzi pubbliċi diġitali effiċjenti hija vitali. L-Istati Membri qed jimmodernizzaw l-amministrazzjonijiet pubbliċi tagħhom billi jintroduċu diġitalizzazzjoni mifruxa imma, biex jevitaw ir-riskju tal-ħolqien ta' ambjenti diġitali iżolati u konsegwentement ostakli elettroniċi għall-erba' libertajiet, l-interoperabbiltà hija essenzjali.

3.3. Il-qafas jipproponi li interoperabbiltà tajba teħtieġ li l-ostakli attwali u potenzjali jiġu indirizzati fi kwistjonijiet legali, f'aspetti organizzazzjonali, fit-tħassib dwar id-data u t-tħassib semantiku u fl-isfidi tekniċi. L-implimentazzjoni u r-reviżjoni tal-programmi tal-ISA u tal-ISA^2 għamlu passi kbar biex jidentifikaw u jittrattaw dawk l-aspetti imma għad fadal ħafna xi jsir.

3.4. L-aħħar data disponibbli tivvaluta l-allinjament tal-oqfsa nazzjonali tal-interoperabbiltà mal-EIF bħala 76 % imma l-implimentazzjoni tal-qafas tal-interoperabbiltà nazzjonali fi proġetti nazzjonali speċifiċi kienet ta' 56 % fl-2016 ([2]), li juri li għad hemm diffikultajiet fl-implimentazzjoni prattika tar-rakkomandazzjonijiet attwali. Għalhekk huwa ċar li hemm il-ħtieġa għal aktar gwida speċifika u din tinsab stabbilita fl-Anness II.

3.5. It-12-il prinċipju jibqgħu prattikament l-istess bħal fl-EIF preċedenti imma jirriflettu l-iżvilupp politiku u tekniku reċenti. Dawn huma raggruppati f'erba' kategoriji li huma:

Stabbiliment tal-kuntest għall-azzjonijiet tal-UE dwar l-interoperabbiltà

1: Sussidjarjetà u proporzjonalità

Interoperabbiltà ewlenija

2: Ftuħ

3: Trasparenza

4: Użu mill-ġdid

5: Newtralità teknoloġika u portabbiltà tad-data

Ħtiġijiet u aspettattivi ġeneriċi tal-utent

6: Iffukar fuq l-utent

7: Inklużjoni u aċċessibbiltà

8: Sigurtà u privatezza

9: Multilingwiżmu

Kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi

10: Semplifikazzjoni amministrattiva

11: Preservazzjoni tal-informazzjoni

12: Valutazzjoni tal-Effettività u tal-Effiċjenza.

([2]) https://ec.europa.eu/isa2/sites/isa/files/docs/publications/report_2016_rev9_single_pages.pdf

3.6. Il-Komunikazzjoni titlob lill-amministrazzjonijiet pubbliċi jtejbu l-governanza nazzjonali tagħhom tal-attivitajiet tal-interoperabbiltà, jużaw mudelli operazzjonali komuni biex jiżviluppaw servizzi pubbliċi diġitali aħjar u jinkludu l-ħtiġijiet taċ-ċittadini u tan-negozji minn Stati Membri oħra tal-UE, jimmaniġġjaw id-data li għandhom f'formati semantiċi u sintattiċi komuni biex jagħmluha aktar faċli biex tiġi ppubblikata fuq portali, u biex tiġi aggregata, kondiviża u użata mill-ġdid.

3.7. Il-Komunikazzjoni tippreżenta mudell kunċettwali konsolidat tal-EIF ibbażat fuq is-sinteżi ta' mudell tal-interoperabbiltà u mudell għas-servizzi pubbliċi integrati. Dan huwa applikabbli għas-servizzi pubbliċi diġitali kollha, b'fokus speċjali fuq l-aspetti ta' governanza. L-ispjegazzjoni kritika kemm tal-prinċipji kif ukoll tal-mudelli qed tintwera b'47 rakkomandazzjoni speċifika. Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Interoperabbiltà ta' akkumpanjament jipprovdi aktar suġġerimenti speċifiċi dwar l-implimentazzjoni. Dawn iżidu ċ-ċarezza għall-mudell kunċettwali u anke jindirizzaw kwistjonijiet operazzjonali speċifiċi li tqajmu fil-konsultazzjoni tal-2016.

3.8. Pereżempju, il-problema komuni tas-sistemi ta' legat imfassla biex isolvu l-kwistjonijiet lokali u speċifiċi għad-dominju ħolqot gżejjer frammentati tal-ICT. Waħda mir-rakkomandazzjoni li tindirizza dan hija "L-użu ta' speċifikazzjonijiet miftuħa, fejn disponibbli, biex jiżguraw l-interoperabbiltà teknika meta jiġu stabbiliti s-servizzi pubbliċi Ewropej" (Rakkomandazzjoni 33). Il-Pjan ta' Azzjoni jappoġġja dan billi jelabora seba' oqsma ta' azzjoni (12-18) u jissuġġerixxi miżuri speċifiċi.

4. **Kummenti ġenerali**

4.1. Il-Kumitat jilqa' l-iżvilupp ulterjuri tal-EIF u jinnota li aktarx f'Ottubru 2017 taħt il-Presidenza Estonjana se jkun hemm dikjarazzjoni ministerjali dwar il-Gvern elettroniku li jimpenja ruħu, fost affarijiet oħra, għall-implimentazzjoni tal-EIF. Il-KESE jirrikonoxxi l-importanza tal-ekonomija diġitali għas-soċjetà ċivili fl-UE u permezz tal-opinjonijiet tiegħu fis-snin reċenti offra fehmiet kostruttivi dwar l-Aġenda Diġitali u l-programm suċċessur tagħha, id-DSM ([3]).

4.2. Matul l-aħħar deċennju l-Pjani ta' Azzjoni tal-Gvern elettroniku ([4]) kienu strumenti politiċi effettivi biex javvanzaw il-modernizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi madwar l-UE. Dawn appoġġjaw il-koordinazzjoni u l-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni u wasslu għal azzjonijiet konġunti dwar il-Gvern elettroniku li l-EIF huwa parti vitali minnu.

4.3. L-Istrateġija ta' Implimentazzjoni għall-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà ġdid tirrifletti ħafna mir-rakkomandazzjonijiet li saru f'opinjonijiet preċedenti tal-Kumitat u tenfasizza l-ħtieġa dejjem tikber għal azzjoni urġenti u koerenti mill-amministrazzjonijiet pubbliċi madwar l-UE. Xi riżervi preċedenti mill-Istati Membri dwar l-EIF issa ġew fil-biċċa l-kbira solvuti u għalkemm għad fadal ħafna xi jsir id-diffikultajiet prinċipali fl-implimentazzjoni huma marbuta mar-riżorsi u l-kwistjonijiet ta' legat aktar milli kwistjonijiet ta' prinċipju.

4.4. Fl-opinjoni preċedenti tagħna dwar l-Interoperabbiltà bħala mezz għall-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku ([5]) aħna nnutajna li ċ-ċittadini kienu dejjem aktar konxji ta', u kkonċernati mill-ġbir u l-użu mill-amministrazzjonijiet pubbliċi ta' data personali jew data miġbura b'mod aktar mifrux. Huma konxji wkoll li interoperabbiltà akbar għandha implikazzjonijiet dwar kif id-data tista' tiġi kondiviża u użata. Din is-sensibilizzazzjoni issa tinsab f'livell saħansitra ogħla u għalhekk huwa ta' kuraġġ li wieħed jara li l-kwistjonijiet tas-sigurtà u l-privatezza ġew innutati u li saru rakkomandazzjonijiet (Numri 46-47) biex din l-azzjoni tiġi prijoritizzata.

4.5. F'qasam mgħaġġel bħall-ICT spiss huwa l-każ li l-iżviluppi tekniċi u tas-suq jaqbżu l-ħsieb politiku u l-mandat legali u regolatorju u l-kapaċità ta' monitoraġġ. Għalhekk il-Kumitat jaqbel bis-sħiħ mal-approċċ tar-reviżjoni u tal-aġġustament regolari mill-Kummissjoni rappreżentat f'din il-proposta. F'dan ir-rigward in-NIFO jipprovdi servizz essenzjali għall-partijiet interessati involuti. Permezz tan-NIFO ħafna dettall prattiku u tekniku jissupplimenta l-oqfsa kunċettwali u legali. Pereżempju, 32 skeda informattiva online aġġornati reċentement jikkonsolidaw l-aħħar informazzjoni dwar l-istatus tal-interoperabbiltà nazzjonali tal-pajjiżi parteċipanti ([6]).

([3]) ĠU C 12, 15.1.2015, p. 99; ĠU C 487, 28.12.2016, p. 92; ĠU C 487, 28.12.2016, p. 99; ĠU C 218, 11.9.2009, p. 36.
([4]) i2010 Pjan ta' Azzjoni dwar il-Gvern elettroniku għall-2006-2010 u l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Gvern Elettroniku għall-2011-2015.
([5]) ĠU C 12, 15.1.2015, p. 99.
([6]) https://joinup.ec.europa.eu/community/nifo/og_page/nifo-factsheets

5. **Kummenti speċifiċi**

5.1. Il-mudell kunċettwali tal-EIF għas-servizzi pubbliċi jkopri d-disinn, l-ippjanar, l-iżvilupp, l-operazzjoni u l-manutenzjoni ta' servizzi pubbliċi integrati fil-livelli kollha tal-gvern mil-livell lokali għal dak tal-UE. Il-prinċipji stabbiliti hawn jiggwidaw it-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-istabbiliment ta' servizzi pubbliċi Ewropej interoperabbli b'għodod prattiċi fil-forma ta' sett ta' oġġetti azzjonabbli li jinsabu fil-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Interoperabbiltà. Madankollu, it-22 punt ta' azzjoni ma jiddefinixxux l-għanijiet u jidhru li huma r-responsabbiltà komuni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Din mhijiex riċetta għal azzjoni deċiżiva u titlob aktar ċarezza. Huwa wkoll il-każ li xi indikazzjoni tal-prijorità tista' tassisti fid-determinazzjoni ta' kif jintużaw ir-riżorsi, b'mod speċjali billi dawn ir-riżorsi aktarx li jkunu limitati.

5.2. Il-Komunikazzjoni u d-dokumenti ta' prova tagħha jenfasizzaw ir-rekwiżit għal servizzi ffukati fuq l-utenti imma tkun milqugħa ftit aktar ċarezza dwar kif dawn jistgħu jinkisbu. Qed jiġi propost li l-programm ISA^2 jinkludi azzjoni li ser telabora dwar din il-kwistjoni, jiġifieri permezz tal-iżvilupp ta' qafas u linji gwida dwar kif jiġi implimentat l-iffukar fuq l-utent fil-prattika.

5.3. L-EIF fih definizzjoni tas-servizzi pubbliċi fl-ambitu tiegħu. Dawn huma kważi kwalunkwe tip ta' servizzi pubbliċi transfruntiera, li jistgħu jirriżultaw f'diffikultà biex tiġi vvalutata u mmonitorjata b'mod preċiż l-implimentazzjoni tal-EIF min-NIFO. Il-Kumitat jirrakkomanda li ċ-ċittadini u l-avvenimenti kummerċjali u l-proċeduri relatati, inklużi fl-Anness II tal-proposta adottata tal-Kummissjoni COM(2017) 256, jingħataw prijorità f'dak li huwa l-kejl tal-livell ta' implimentazzjoni tal-EIF.

5.4. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà ġie applikat relattivament b'mod effettiv f'dan il-qasam sal-lum. Din il-Komunikazzjoni timmarka pass ieħor fl-inkoraġġiment tal-interoperabbiltà imma għad fadal ħafna xi jsir. Il-Kumitat jissuġġerixxi li x-xogħol attiv tan-NIFO qed jipprovdi bażi soda għal rakkomandazzjonijiet futuri u se jipprovdi l-bażi għal strument statutorju possibbli fi żmien sentejn jew tlieta li jista' jsolvi l-kwistjonijiet pendenti.

Brussell, it-18 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-interoperabilità tas-sistemi elettroniċi ta' pedaġġ u l-faċilitazzjoni tal-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar in-nuqqas ta' ħlas ta' tariffi tat-triq fl-Unjoni (tfassil mill-ġdid)"

[COM(2017) 280 final — 2017/0128 (COD)]

(2018/C 081/25)

Relatur: **Vitas MAČIULIS**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 15.6.2017
	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 20.6.2017
Bażi legali	Artikolu 91 tat-TFUE
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	2.10.2017
Adottata fil-plenarja	18.10.2017
Sessjoni plenarja Nru	529
Riżultat tal-votazzjoni	183/1/1
(favur/kontra/astensjonijiet)	

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea tal-31 ta' Mejju 2017 dwar l-interoperabbiltà tas-sistemi elettroniċi ta' pedaġġ tat-toroq, li għandha l-għan li ttejjeb id-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004. L-użu prattiku ta' dawn id-dispożizzjonijiet matul dawn l-aħħar snin wera li ħafna minnhom jonqsu milli jissodisfaw ir-rekwiżiti moderni.

1.2. Is-sistemi elettroniċi ta' pedaġġ tat-toroq ġew introdotti fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali f'20 Stat Membru. Madankollu, l-interoperabbiltà ħażina tas-sistemi fil-livell internazzjonali twassal għal telf konsiderevoli fid-dħul għall-Istati Membri, kif ukoll għal spejjeż addizzjonali għall-utenti diretti tat-triq. Il-KESE jħeġġeġ lill-Istati Membri biex ifittxu kooperazzjoni transkonfinali waqt l-iżvilupp ta' mekkaniżmu ta' pedaġġ tat-toroq avvanzat. Nuqqas ta' kooperazzjoni jfisser li l-Istati Membri ma għandhom l-ebda mod biex jidentifikaw trasgressuri speċifiċi jekk il-vetturi tagħhom ikunu rreġistrati barra 'l pajjiż.

1.3. Il-KESE huwa konvint bis-sħiħ li għandu jsir kull sforz possibbli biex tiġi introdotta sistema elettronika uniformi ta' pedaġġ tat-toroq madwar l-Ewropa kollha, fuq il-bażi ta' teknoloġija avvanzata. Il-KESE huwa favur sistema sempliċi, flessibbli u bi prezzijiet baxxi li tista' tiġi estiża malajr biex tkopri firxa wiesgħa ta' utenti u netwerks tat-toroq. Sistema ta' din ix-xorta toħloq bażi favorevoli għall-implimentazzjoni tal-prattiki ta' pedaġġ nondiskriminatorji stabbiliti bid-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni dwar l-Eurovignette.

1.4. L-unità abbord (OBU), li hija l-komponent ewlieni f'sistema elettronika ta' pedaġġ, ma għandhiex għalfejn tkun apparat fiżiku uniku. Tista' tkun numru ta' apparati kollegati b'mod fiżiku jew remot, inklużi smart phones u tablets, li flimkien jwettqu l-funzjonijiet ta' OBU. Il-KESE jirrakkomanda li jiġi mħeġġeġ l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tal-IT speċjali għal dawn il-finijiet, li jnaqqsu b'mod konsiderevoli l-ispejjeż għall-utenti tat-triq.

1.5. Xi Stati Membri diġà qed jużaw teknoloġiji differenti għall-ġbir tal-pedaġġ tat-toroq, u jkun jiswihom ħafna flus biex jaqilbu għal sistema uniformi. Għalhekk, il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea tfittex strumenti finanzjarji, tekniċi u legali flessibbli biex tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jipprovaw jintegraw id-diversi soluzzjonijiet eżistenti f'sistema waħda interoperabbli. L-inklużjoni ta' lista ta' teknoloġiji użati f'sistemi b'OBU fl-anness għad-Direttiva, tiffaċilita wkoll rispons aktar rapidu għall-iżvilupp teknoloġiku u tgħin biex tintlaħaq l-uniformità.

1.6. Il-KESE jappoġġja l-inizjattiva tal-Kummisjsoni Ewropea biex tintroduċi kuntratt uniku mal-Fornitur ta' Servizz Ewropew ta' Pedaġġ Elettroniku (EETS) għall-utenti tal-UE kollha. Dan se jgħin biex jimplimenta prattiki aktar trasparenti u faċli għall-utent.

1.7. Dan jippermetti mod aktar faċli u effettiv biex jinstabu tariffi għall-użu tat-triq mhux imħallsa minn utenti tat-triq diżonesti u qarrieqa, indipendentement mill-pajjiż tar-reġistrazzjoni tagħhom. Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni tikkunsidra li testendi t-trattati li jirregolaw l-użu tas-sistema EUCARIS (is-Sistema ta' Informazzjoni Ewropea tal-Liċenzji tal-Vetturi u tas-Sewqan). Din is-sistema diġà tipprovdi infrastruttura u softwer lill-pajjiżi u tippermettilhom li jaqsmu l-informazzjoni ta' reġistrazzjoni tal-karozza u tal-liċenzja tas-sewqan tagħhom, u b'hekk tgħin fil-ġlieda kontra s-serq tal-karozzi u l-frodi fir-reġistrazzjoni.

1.8. L-aspetti soċjali tal-proposta tal-Kummissjoni Ewropea huma wkoll ta' importanza kruċjali. L-SMEs u l-mikrointrapriżi jippredominaw fis-settur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq madwar l-UE kollha. Il-pedaġġ elettroniku għall-karozzi privati hija kwistjoni sensittiva ħafna. Għalhekk, is-soluzzjonijiet f'dan il-każ għandhom jiġu evalwati b'attenzjoni kbira.

2. **Kuntest u ħarsa ġenerali lejn l-iskemi ta' pedaġġ eżistenti**

2.1. Fl-2012, tariffi għall-użu tat-triq kienu imposti fuq vetturi tqal tal-merkanzija f'20 Stat Membru, u fuq karozzi privati fi 12-il Stat Membru. In-netwerk tal-pedaġġ tat-toroq kien twil madwar 72 000 kilometru, 60 % minnhom kienu mgħammra b'sistemi tal-ġbir tal-pedaġġ elettroniku (ETC) li kienu introdotti fuq livell nazzjonali jew lokali mill-bidu tas-snin desgħin u li kienu abbonaw għalihom aktar minn 20 miljun utent tat-triq. Sistemi ta' komunikazzjonijiet fuq medda qasira dedikati (DSRC) huma l-aktar soluzzjoni adottata b'mod frekwenti għall-ġbir tal-pedaġġ elettroniku. Teknoloġiji ġodda, inklużi dawk ibbażati fuq is-satellita, ġew adottati wkoll matul dawn l-aħħar 10 snin. B'riżultat ta' dan, fi ħdan l-Unjoni Ewropea jinstabu għadd ta' teknoloġiji differenti u, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, mhux interoperabbli.

2.2. Id-Direttiva 2004/52/KE kienet adottata biex tirrettifika din il-frammentazzjoni tas-suq billi toħloq Servizz Ewropew ta' Pedaġġ Elettroniku (EETS). Skont l-imsemmija Direttiva, l-EETS kellu jkun disponibbli għal vetturi tqal tal-merkanzija sa mhux aktar tard minn Ottubru 2012 u kellu jkun offrut għat-tipi l-oħrajn kollha ta' vetturi sa Ottubru 2014.

2.3. Sabiex jiġi żgurat li d-diversi sistemi ta' pedaġġ ikunu teknoloġikament kompatibbli u b'hekk jistgħu jiġu kollegati ma' dan is-servizz ta' pedaġġ uniku, id-Direttiva speċifikat tliet teknoloġiji li jistgħu jintużaw biex jinġabru pedaġġi permezz ta' mezzi elettroniċi: komunikazzjonijiet DSCR bil-majkrowejv, bis-satellita (GNSS) u bil-mowbajl (GSM).

2.4. Fil-preżent, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/52/KE għandhom ma ġewx implimentanti bis-sħiħ fis-suq Ewropew tal-pedaġġ. L-iskemi ta' pedaġġ xorta waħda għadhom mhux omoġenji – kull Stat Membru u kollettur tal-pedaġġ għandu l-kuntest leġislattiv, l-objettivi għall-istabbiliment ta' skema, il-kuntest lokali u l-kundizzjonijiet tat-traffiku tiegħu.

2.5. Fir-rakkomandazzjonijiet li ressaq f'bosta opinjonijiet preċedenti, il-KESE enfasizza l-importanza kemm ta' standards komuni u interoperabilità transkonfinali bħala mezz biex jiġi żgurat trasport transkonfinali effiċjenti kif ukoll tal-iżvilupp effettiv tal-EETS ([1]).

2.6. L-iskemi ta' tariffi tat-toroq ewlenin fl-UE huma:

2.6.1. L-iskemi ta' tariffi tat-toroq ibbażati fuq id-distanza: it-tariffa hija kkalkulata fuq il-bażi tad-distanza li tivvjaġġa l-vettura u mbagħad aġġustata minn parametri oħra li jikkaratterizzaw il-vettura (piż totali, numru ta' fusien, klassi ta' emissjonijiet, eċċ.). Din hija l-iktar tip komuni ta' skema fl-UE u tuża diversi mezzi tekniċi biex timponi ħlas fuq vettura b'mod proporzjonali, abbażi tal-użu attwali tagħha tal-infrastruttura tat-toroq.

2.6.2. Skemi ta' tariffi tat-toroq ibbażati fuq iż-żmien jew il-vinjetta: it-tariffa hija kkalkulata abbażi ta' perjodu ta' żmien partikolari u hija wkoll aġġustata skont il-karatteristiċi tal-istess vettura kif intqal hawn fuq. Tali skemi jinvolvu x-xiri ta' vinjetta li tawtorizza l-użu ta' ċertu netwerk tat-toroq għal ammont speċifiku ta' żmien (jum, xahar jew sena sħiħa). It-tariffa li trid titħallas hija indipendenti mill-użu attwali tal-infrastruttura tat-toroq.

([1]) ĠU C 32, 5.2.2004, p. 36 (mhux disponibbli bil-Malti).
ĠU C 277, 17.11.2009, p. 85.
ĠU C 291, 4.9.2015, p. 14.
ĠU C 173, 31.5.2017, p. 55.
ĠU C 288, 31.8.2017, p. 85.

2.6.3. Skemi ta' tariffi tat-toroq ibbażati fuq l-aċċess: it-tariffa hija prinċipalment applikata għal żoni urbani u infrastruttura speċifika, fejn l-utent irid iħallas pedaġġ talli jsuq fiż-żona rilevanti. Tali skemi jagħmluha possibbli li jitnaqqas it-traffiku u t-tniġġis b'mod partikolari partijiet sensittivi tal-belt jew żoni urbani mibnija ħafna.

2.7. Jeżistu żewġ teknoloġiji ewlenin li jintużaw għat-tranżazzjonijiet tal-pedaġġ elettroniku tal-UE fi skemi "ibbażati fuq id-distanza": lokalizzazzjoni bis-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) u Komunikazzjonijiet Fuq Medda Qasira Dedikati (DSRC), li hija teknoloġija bil-majkrowejvs 5,8 GHz u li ġiet adottata mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN):

2.7.1. It-teknoloġija GNSS tuża d-data tal-pożizzjoni tal-vettura minn netwerk ta' satelliti u tkejjel id-distanza koperta fuq it-triq sabiex tiġi stabbilita t-tariffa. L-unità abbord (OBU) tidentifika l-pożizzjoni tagħha u tiġbor u tipproċessa l-informazzjoni meħtieġa mingħajr l-għajnuna ta' unitajiet mal-ġenb tat-triq. Din hija s-sistema l-aktar konvenjenti, iżda wkoll l-iktar waħda li tqum flus.

2.7.2. It-teknoloġija tat-komunikazzjonijiet fuq medda qasira dedikati (DSRC) hija bbażata fuq komunikazzjoni tar-radju bidirezzjonali bejn tagħmir mal-ġenb tat-triq (RSE) fiss u apparat mobbli (OBU) installat f'vettura. Permezz ta' komunikazzjoni bħal din, utent tat-triq (u l-vettura tiegħu) jiġi identifikat minn infrastruttura mal-ġenb tat-triq sabiex toriġina t-talba għall-pagament.

2.8. Is-sistema ta' Rikonoxximent Awtomatiku tal-Pjanċi (ANPR) tintuża fi skemi ta' tariffi tat-toroq ibbażati fuq l-aċċess. Din it-teknoloġija tuża vidjowkameras biex jinqaraw il-pjanċi tar-reġistrazzjoni ta' vetturi. Ma tirrikjedix OBUs u tinvolvi tagħmir mal-ġenb tat-triq li jiswa inqas flus.

2.9. Ħarsa ġenerali lejn id-diversi sistemi ta' pedaġġ li qegħdin jintużaw f'pajjiżi differenti tal-UE hija ppreżentata fit-tabelli ta' hawn taħt:

2.9.1. Sistemi ta' pedaġġ ibbażati fuq id-distanza għal vetturi heavy-duty:

Skemi ta' pedaġġ	**Teknoloġija użata**	**Pajjiż**
Fluss liberu	GNSS b'ANPR u/jew DSRC	l-Ungerija, is-Slovakkja, il-Belġju
Fluss liberu	GNSS b'infra-aħmar u/jew DSRC	il-Ġermanja
Fluss liberu	DSRC	l-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, il-Polonja, il-Portugal, ir-Renju Unit (Dartford Crossing)
Fluss liberu	ANPR	ir-Renju Unit (Dartford Crossing)
Fluss liberu	ANPR u OBU tad-DSRC	il-Portugall (A22, …, A25)
Netwerk bi plazas fejn jitħall-su l-pedaġġi	DSRC	il-Kroazja, Franza, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Polonja, il-Portugall, Spanja, ir-Renju Unit

2.9.2. Sistemi ta' pedaġġ ibbażati fuq id-distanza għal vetturi ħfief:

Skemi ta' pedaġġ	**Teknoloġija użata**	**Pajjiż**
Fluss liberu	DSCR/ANPR	il-Portugall

Skemi ta' pedaġġ	Teknoloġija użata	Pajjiż
Sezzjonijiet individwali bi plazas fejn jitħallsu l-pedaġġi	DSCR/ANPR	l-Awstrija (A9, A10 Tauern, A11 Karawanken, A13, Brenner and S16 Arlberg)
Netwerk bi plazas fejn jitħall-su l-pedaġġi	DSCR	il-Kroazja, id-Danimarka, Franza, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Polonja, il-Portugall, Spanja

2.9.3. Sistemi ta' pedaġġ ibbażati fuq iż-żmien għal vetturi heavy-duty:

Skemi ta' pedaġġ	Teknoloġija użata	Pajjiż
Vinjetta	Eurovignette elettronika	id-Danimarka, il-Lussemburgu, in-Netherlands, l-Iżvezja
Vinjetta	Vinjetta elettronika	ir-Renju Unit, il-Latvja
Vinjetta	Stiker	il-Bulgarija, il-Litwanja, ir-Rumanija

2.9.4. Sistemi ta' pedaġġ ibbażati fuq iż-żmien għal vetturi ħfief:

Skemi ta' pedaġġ	Teknoloġija użata	Pajjiż
Vinjetta	Stiker	l-Awstrija, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija (vin-jetta elettronika), ir-Rumanija (vinjetta stampata), is-Slo-venja, is-Slovakkja
Pedaġġ b'ostaklu fiżiku, jew bi fluss liberu	DSRC, ANPR – tvarja skont l-iskema	ir-Renju Unit

2.9.5. Sistemi ta' pedaġġ ibbażati fuq l-aċċess għall-vetturi kollha [2]:

Skemi ta' pedaġġ	Teknoloġija użata	Pajjiż
Tariffa għall-aċċess (tariffa fuq iż-żona delimitata)	ANPR	l-Iżvezja (Stokkolma)
Tariffa għall-aċċess (vinjetta)	ANPR	ir-Renju Unit (Tariffa fuq il-Konġestjoni f'Londra), Milan (Tariffa fuq iż-Zona C)

3. **Deskrizzjoni tal-problemi ewlenin**

3.1. Fil-komunikazzjoni tagħha ta' Awwissu 2012 dwar l-implimentazzjoni tas-Servizz Ewropew ta' Pedaġġ Elettroniku (COM(2012) 474 final), il-Kummissjoni Ewropea ddikjarat b'mod ċar li "in-nuqqas li l-EETS tiġi implimentata u ssir fi żmien l-iskeda prevista mhuwiex dovut għal raġunijiet tekniċi", iżda pjuttost minħabba li l-implimentazzjoni kienet "(i)mfixkla minn nuqqas ta' kooperazzjoni bejn il-gruppi ta' partijiet interessati differenti" u l-isforzi limitati tal-Istati Membri. Fir-rapport tagħha ta' April 2013 dwar strateġija għal servizz ta' pedaġġ elettroniku u sistema ta' vinjetti għall-vetturi ħfief privati fl-Ewropa (A7-0142/2013), il-Parlament Ewropew adotta l-istess pożizzjoni u "qabel mal-Kummissjoni li t-teknoloġija għal sistemi interoperabbli diġà teżisti".

(2) Studju dwar "State of the Art of Electronic Road Tolling" [L-Ogħla Livell ta' Żvilupp Tekniku tas-Sistema ta' Pedaġġ Elettroniku] MOVE/D3/2014-259.

3.2. Il-biċċa l-kbira tas-sistemi ta' pedaġġ jirrikjedu lill-utenti tat-triq jinstallaw OBUs fil-vetturi tagħhom. Filwaqt li xi whud joffru l-interoperabbiltà transkonfinali, ħafna minnhom dan ma jagħmluhx. Dan iwassal għal spejjeż u piżijiet għall-utenti tat-triq, li jkollhom jarmaw il-vetturi tagħhom b'diversi OBUs sabiex ikunu jistgħu jsuqu mingħajr xkiel f'pajjiżi differenti. L-ispejjeż huma stmati għal EUR 334 miljun fis-sena bħalissa u mistennija li jonqsu għal ftit anqas minn EUR 300 miljun fis-sena sal-2025.

3.3. Inkiseb ċertu livell ta' interoperabbiltà transkonfinali, iżda fil-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Polonja, is-Slovakkja, is-Slovenja u r-Renju Unit, għadu l-każ li OBUs nazzjonali biss jistgħu jintużaw biex jitħallsu l-pedaġġi. Wieħed mill-għanijiet tal-leġislazzjoni dwar l-EETS kien li tippermetti l-integrazzjoni tal-OBUs ma' apparati oħra ġewwa l-vetturi, speċjalment takografi diġitali. L-integrazzjoni mat-takografi ma tantx irriżultat promettenti.

3.4. In-nuqqas ta' interoperabbiltà transkonfinali jfisser ukoll spejjeż għall-awtoritajiet, li jkollhom jakkwistaw u jmantnu l-OBUs mingħajr użu li jaħdmu fuq livell nazzjonali iżda ma jistgħux jintużaw barra mill-pajjiż. F'sistema nazzjonali waħda biss, fejn il-pożizzjonijiet tal-vetturi huma stabbiliti permezz ta' lokalizzazzjoni satellitari, il-kost ta' darba għall-akkwist tal-OBUs jammonta għal EUR 120 miljun u l-ispejjeż tal-manutenzjoni għal EUR 14,5 miljun fis-sena ([3]).

3.5. Għad m'hemm l-ebda EETS fuq skala sħiħa, u sar progress żgħir ħafna lejn l-interoperabbiltà. Il-fornituri jiffaċċjaw ostakli għad-dħul konsiderevoli, bħal trattament diskriminatorju mill-awtoritajiet, proċeduri ta' aċċettazzjoni twal u li jinbidlu, u speċifiċitajiet tekniċi fis-sistemi lokali li ma jikkonformawx mal-istandards stabbiliti. Ġew iffirmati biss ftit ftehimiet limitati li jinvolvu aktar minn pajjiż wieħed tal-UE. Ir-raġunijiet ewlenin huma:

3.5.1. L-operatur attwali tas-sistema ta' pedaġġ għandu pożizzjoni privileġġjata f'xi swieq nazzjonali. Dan joħloq ostakli għall-implimentazzjoni ta' prattiki ta' pedaġġ armonizzati u mingħajr diskriminazzjoni fl-UE.

3.5.2. Il-leġislazzjoni dwar l-EETS timponi ostakli: b'mod partikolari, jeżisti rekwiżit li l-fornituri EETS għandhom ikunu jistgħu joffru servizzi madwar l-Ewropa kollha fi żmien 24 xahar;

3.5.3. L-iskemi ta' pedaġġ nazzjonali japplikaw it-tliet teknoloġiji permessi skont il-leġislazzjoni dwar l-EETS b'mod konsiderevolment differenti, u dan jagħmilha diffiċli u jqum il-flus biex tintlaħaq interoperabbiltà transkonfinali.

3.6. Il-leġislazzjoni dwar l-EETS hija nieqsa minn dispożizzjonijiet effettivi dwar l-infurzar ta' pedaġġi fuq vetturi rreġistrati f'pajjiż tal-UE ieħor. F'xi postijiet, it-traffiku internazzjonali jirrappreżanta sehem sinifikanti mid-dħul totali mis-sistema tal-pedaġġi, b'hekk il-limitazzjoni tal-evitar tal-ħlas tal-pedaġġ mill-utenti barranin hija sfida sinifikanti. Stat Membru li jikxef reat ta' ħlasijiet ta' pedaġġ permezz ta' tagħmir awtomatiku tal-infurzar ma jistax jidentifika min wettaq ir-reat abbażi tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni meta l-vettura tkun irreġistrata barra mill-pajjiż. M'hemm l-ebda bażi legali fil-livell tal-UE għall-iskambju ta' data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi bejn l-Istati Membri għall-finijiet tal-infurzar tal-pedaġġi. Id-dħul li jispiċċa jintilef minħabba f'dan, mill-iskemi nazzjonali, reġjonali u lokali tal-pedaġġi jammonta għal madwar EUR 300 miljun fis-sena ([4]).

3.7. Hemm bżonn kbir li jiġi promoss l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-evitar tal-ħlas tal-pedaġġ fil-livell tal-UE u li jingħataw aktar setgħat lid-diversi awtoritajiet tal-pedaġġ biex jiġi identifikat min jikser il-liġi u jitnedew proċeduri ta' infurzar. F'termini ta' infurzar, l-Istati Membri għandhom responsabbiltà biex juru li l-utenti tat-triq qegħdin jiġu trattati b'mod ugwali u biex tiġi ggarantita l-applikazzjoni xierqa tal-penali.

3.8. Ir-rekwiżit obbligatorju għall-fornituri EETS kollha biex ikopru t-tipi ta' vetturi kollha u kull qasam ta' pedaġġ fl-Ewropa huwa kkunsidrat eċċessiv. Ikun iktar effiċjenti kieku l-fornituri EETS kellhom il-libertà li jirrispondu għar-rekwiżiti tal-klijenti tagħhom, minflok li jiġi impost fuqhom servizz sħiħ iżda li jiswa l-flus.

([3]) Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-interoperabilità tas-sistemi elettroniċi ta' pedaġġ u l-faċilitazzjoni tal-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar in-nuqqas ta' ħlas ta' tariffi tat-triq fl-Unjoni(tfassil mill-ġdid) COM(2017) 0280 final.

([4]) Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-interoperabilità tas-sistemi elettroniċi ta' pedaġġ u l-faċilitazzjoni tal-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar in-nuqqas ta' ħlas ta' tariffi tat-triq fl-Unjoni (tfassil mill-ġdid) COM(2017) 0280 final.

3.9. Il-bidliet għad-Direttiva dwar l-Interoperabbiltà u d-Deċiżjoni dwar l-EETS proposti mill-Kummissjoni se jġibu magħhom iffrankar għall-utenti tat-triq li jammonta għal EUR 370 miljun (valur preżenti nett – VPN, 2016-2025). Il-biċċa l-kbira ta' dan l-ffrankar se tibbenefika minnu l-industrija tat-trakkijiet, li hija magħmula prinċipalment minn SMEs. Il-maniġers tan-netwerks tat-toroq se jibbenefikaw minn iffrankar mill-fatt li ma jakkwistawx OBUs bla użu (VPN ta' EUR 48 miljun) u dħul addizzjonali mill-pedaġġi li jirriżulta minn regoli aħjar dwar l-infurzar transkonfinali (EUR 150 miljun fis-sena). Il-fornituri EETS se jesperjenzaw tnaqqis fil-piż regolatorju marbut mad-dħul fis-swieq nazzjonali (VPN ta' EUR 10 miljuni, għal grupp mistenni ta' 12-il fornitur EETS). Barra minn hekk, se jaraw is-suq tagħhom jespandi bi dħul addizzjonali ta' EUR 700 miljun fis-sena ([5]).

4. **Elementi ewlenin tal-proposta tal-Kummissjoni dwar Direttiva 2004/52/KE riformulata**

4.1. Infurzar transkonfinali xieraq ikun implimentat kif ġej:

4.1.1. Irid jiġi introdott mekkaniżmu awtomatiku sempliċi għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri. Ser jiġu implimentati mekkaniżmi u ftehimiet legali ġodda biex jindirizzaw il-problema ta' infurzar transkonfinali tal-evitar tal-pedaġġ. Din l-informazzjoni tippermetti lill-Istati Membri jsegwu każijiet fejn ma jitħallsux il-pedaġġi minn sewwieqa mhux residenti.

4.1.2. Is-sistema tinkludi t-tipi kollha ta' vetturi u t-tipi kollha ta' sistemi ta' pedaġġ elettroniku, inklużi s-sistemi ta' pedaġġ bil-vidjow.

4.2. Il-proposti ewlenin f'termini ta' teknoloġiji użati u t-trattament tal-vetturi ħfief huma kif ġejjin:

4.2.1. Il-lista ta' teknoloġiji ġiet trasferita fl-Anness tad-Direttiva. Din se tagħmilha possibbli li jkun hemm rispons għall-progress teknoloġiku b'mod aktar rapidu u effettiv;

4.2.2. Il-lista ta' teknoloġiji tibqa' l-istess u tista' tiġi emendata biss fil-futur wara ttestjar bir-reqqa, xogħol ta' standardizzazzjoni, eċċ.;

4.2.3. Il-Kummissjoni tipproponi s-separazzjoni tal-EETS għall-Vetturi Heavy-Duty (HDV) u l-Vetturi Ħfief (LV), b'tali mod li wieħed jista' jiġi pprovdut indipendentement mill-ieħor;

4.2.4. Se jkun hemm eżenzjoni li tippermetti lill-fornituri EETS għall-vetturi ħfief jipprovdu lill-klijenti b'OBUs tad-DSRC.

4.3. Id-definizzjonijiet tal-EETS se jkunu unifikati, u huma proposti ċerti klassifikazzjonijiet:

4.3.1. Huwa ċċarat li l-EETS għandu jiġi pprovdut minn fornituri EETS, mhux mill-kolletturi tal-pedaġġ. Il-fornituri tal-EETS se jiġu ggarantiti aċċess ugwali għas-suq fuq l-istess livell ma' fornituri ta' servizzi ta' pedaġġ nazzjonali. Dan se jżid l-għażla tal-konsumatur ta' fornituri ta' servizz ta' pedaġġ. L-Istati Membri mhux se jkunu obbligati li jiżguraw l-użu ta' EETS sa ċertu żmien;

4.3.2. L-unitajiet abbord (OBU) ma jridux ikunu apparat fiżiku uniku, u jistgħu jinkludu diversi gadgets kollegati b'mod fiżiku jew remot, inkluż tagħmir diġà installat fi-vettura bil-mutur bħal sistemi ta' navigazzjoni, li jipprovdu l-funzjonijiet OBU kollha. L-istess OBU għandha tkun applikabbli għas-sistemi ta' pedaġġ tat-toroq kollha, u apparat portabbli bħal smart phones jista' jintuża flimkien ma' OBUs fissi.

5. **Ostakli possibbli għall-implimentazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni**

5.1. Biex tintlaħaq interoperabbiltà transkonfinali jistgħu jkunu meħtieġa sforzi amministrattivi konsiderevoli bi spejjeż sinifikanti minħabba differenzi legali, tekniċi u operazzjonali fl-iskemi ta' pedaġġ nazzjonali individwali, minħabba l-użu ta' teknoloġiji differenti.

5.2. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-possibbiltà li toħloq mekkaniżmu ta' finanzjament biex tegħleb dawn id-diffikultajiet. L-allokazzjoni ta' fondi neċessarji tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jagħmlu s-sistemi nazzjonali tagħhom interoperabbli fil-livell tal-UE.

5.3. Huwa importanti li s-servizzi EETS ikunu jistgħu jiġi żviluppati b'mod parallel ma' dawk nazzjonali, iżda huwa possibbli li l-fornituri tal-EETS jiffaċċjaw xi forma ta' trattament diskriminatorju mill-awtoritajiet lokali fl-Istati Membri.

([5]) Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni: Sommarju eżekuttiv tal-Valutazzjoni tal-Impatt (SWD(2017) 191 final).

5.4. L-aspetti soċjali ta' din il-proposta huma wkoll ta' importanza kruċjali. L-SMEs u l-mikrointrapriżi jippredominaw fis-settur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq madwar l-UE kollha u l-impatt fuqhom huwa mistenni li jkun pożittiv. L-estensjoni tal-applikazzjoni b'tali mod li proporzjon ikbar tan-netwerk tat-toroq ikun soġġett għal pedaġġ elettroniku għall-karozzi privati tista' ma tintlaqax tajjeb mill-pubbliku ġenerali, u għalhekk is-soluzzjonijiet f'dan il-każ iridu jiġu bbilanċjati b'attenzjoni kbira.

5.5. L-ispejjeż għall-utenti jistgħu jitnaqqsu billi tiżdied ir-riċerka u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tekniċi u tal-informatika f'sistemi ta' pedaġġ elettroniku. It-trawwim tal-innovazzjoni f'dan il-qasam huwa fattur kruċjali li l-Kummissjoni Ewropea għandha tiffoka fuqu.

Brussell, it-18 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi"

[COM(2017) 275 final — 2017/0114 (COD)]

u

"Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet dwar taxxi fuq vetturi bil-mutur"

[COM(2017) 276 final — 2017/0115 (CNS)]

(2018/C 081/26)

Relatur: **Alberto MAZZOLA**

Konsultazzjoni	Kunsill Ewropew, 12.6.2017 u 23.6.2017
	Parlament Ewropew, 15.6.2017
Bażi legali	L-Artikoli 91 u 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	2.10.2017
Adottata fil-plenarja	18.10.2017
Sessjoni plenarja Nru	529
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	121/2/6

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jemmen li l-implimentazzjoni fl-UE ta' sistema ta' tariffi marbuta mat-toroq li tkun ġusta, trasparenti, nondiskriminatorja u mhux burokratika, proporzjonata għall-użu tat-toroq u l-ispejjeż esterni kkawżati mit-trakkijiet, il-karozzi tal-linja u l-karozzi, mingħajr il-frammentazzjoni tas-sistemi tat-tariffi u li tkun konformi mal-prinċipji "min juża jħallas" u "min iniġġes iħallas", jista' jkollha effett pożittiv fl-indirizzar tad-deterjorament tal-infrastruttura tat-toroq, il-konġestjoni tat-traffiku u t-tniġġis. Taħt il-kundizzjonijiet elenkati hawn taħt, din is-sistema tista' tiġi implimentata gradwalment għall-HDVs u l-LDVs fin-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew kollu, u l-punt tat-tluq ikun in-netwerk prijoritarju.

1.2. Il-KESE jisħaq fuq l-importanza li jiġi aġġornat il-qafas legali komuni biex jiġi żgurat kamp ta' applikazzjoni uniformi għal dawk kollha li jużaw it-toroq, b'mod partikolari fir-rigward tas-sistema tat-tariffi fil-livell tal-UE relatata mal-użu tal-infrastruttura tat-toroq ta' importanza fil-livell tal-UE abbażi tad-distanza li ssir, bħalma huma toroq TEN-T, l-awtostradi u t-toroq nazzjonali b'livell sinifikanti ta' traffiku internazzjonali.

1.3. Is-settur tat-trasport jaqdi rwol essenzjali biex jiġu żgurati l-mobbiltà u l-iżvilupp soċjoekonomiku tal-UE, u l-KESE jargumenta li biex jiġu indirizzati kif imiss l-isfidi tat-tkabbir u s-sostenibbiltà jeħtieġ li jkun hemm l-aqwa netwerks tal-infrastruttura tat-trasport possibbli. L-investiment fl-infrastruttura huwa kruċjali għat-tkabbir u l-impjieg, meta wieħed iqis li żieda ta' 1 % tal-infiq marbut mal-infrastruttura jiġġenera żieda fil-livell tar-riżultati ta'0,4 % fl-istess sena u 1,5 % erba' snin wara [1].

1.4. Il-KESE jinsab imħasseb dwar il-fatt li għalkemm il-ħtiġijiet tal-infrastruttura tat-trasport huma stmati għal madwar EUR 130 biljun fis-sena fil-livell Ewropew, l-investiment medju fl-UE huwa ferm inqas mill-EUR 100 biljun sa mill-bidu tal-kriżi [2]. Fl-UE, kien hemm tnaqqis tan-nefqa għall-manutenzjoni tal-infrastruttura tat-toroq, minkejja l-qafas il-ġdid tal-UE

(1) IMF, World Economic Outlook, Ottubru 2014.
(2) ITF (2015), ITF Transport Outlook 2015, OECD Publishing, Pariġi.

għall-iżvilupp tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport, li tnieda fi tmiem l-2013 ([3]) u l-interventi appoġġjati mill-Fondi Strutturali tal-UE ([4]). Ftit li xejn huwa probabbli li l-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 jipprevedi żieda fir-riżorsi meħtieġa.

1.5. Fil-fehma tal-KESE, huwa kruċjali li d-dħul għall-użu tal-infrastruttura tat-toroq jintefaq b'dan il-mod: dak marbut mal-użu tal-infrastruttura biex ikopri l-ispejjeż tal-bini, l-iżvilupp, il-funzjonament u l-manutenzjoni tal-infrastruttura tat-toroq, mentri d-dħul immirat għall-ispejjeż esterni għandu jintefaq fuq operazzjonijiet biex jittaffa l-impatt negattiv tat-trasport bit-triq u t-titjib tal-prestazzjonijiet permezz ta' infrastruttura alternattiva, sistemi innovattivi għall-ġestjoni tat-traffiku, sewqan awtomatizzat, l-elettrifikazzjoni, b'mod partikolari punti għall-iċċarġjar rapidu, u sistemi ta' enerġija alternattiva.

1.6. Il-KESE jemmen li dħul addizzjonali miksub b'dan il-mod, li jista' jammonta fl-alternattiva magħżula mill-KE għal EUR 10 biljun fis-sena ([5]), u EUR 20 biljun f'każ ta' applikazzjoni obbligatorja għall-HDVs kollha, u saħansitra iżjed jekk dan jiġi estiż għal-LDVs, jista' jagħti spinta sinifikanti lill-ikkompletar u l-funzjonament tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport, inklużi l-komponenti teknoloġiċi. Madankollu, il-kontribuzzjoni pubblika għall-finanzjament tal-infrastruttura għadha fundamentali u prevalenti.

1.7. Il-KESE huwa tal-fehma li r-reviżjoni tal-leġislazzjoni dwar l-Eurovignette hija opportunità biex jiġu żviluppati standards komuni u armonizzati, biex tiġi ssorveljata u tittejjeb l-implimentazzjoni kif imiss ta' din il-leġislazzjoni, bil-ħolqien ta' reġistru speċjali tal-UE u l-ġbir ta' informazzjoni dwar Stati Membri individwali tal-UE.

1.8. Fil-fehma tal-KESE, huwa essenzjali li s-suq intern tat-trasport jiġi eżentat mill-prattiki diskriminatorji u jitlob lill-KE tintervjeni biex tiżgura fi żmien opportun ir-rispett tal-qafas leġislattiv tal-UE. B'mod partikolari, it-tariffi applikati u l-iskontijiet għall-utenti abitwali u/jew nazzjonali m'għandhomx jiddiskriminaw kontra l-utenti okkażjonali u/jew mhux nazzjonali.

1.9. Preokkupazzjoni qawwija oħra għall-KESE tirrigwarda l-impatt tat-tibdil fil-klima u l-livelli tal-ħarsien u l-protezzjoni tal-ambjent u tal-aspetti kollha marbuta mas-saħħa u l-benessri soċjali, b'relazzjoni mal-użu raġonevoli tat-trasport. Kif diġà ġie enfasizzat "Fir-rigward tat-trasport, l-objettiv ta' tnaqqis ta' 60 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra meta mqabbla mal-livell ta' emissjonijiet tal-1990 jibqa' ambizzjuż wisq u jeħtieġ sforzi kbar" ([6]).

1.10. Il-KESE jtenni li l-prinċipji "min juża jħallas" u "min iniġġes iħallas" għandhom jiġu applikati b'mod flessibbli fil-kuntest ta' reġjuni periferiċi u żoni rurali, muntanjużi u gżejjer remoti, sabiex jiġu evitati effetti li huma proporzjonali b'mod invers għall-ispejjeż u sabiex jiġi żgurat li jkompli jżomm l-utilità tiegħu bħala mezz li jinfluwenza l-għażliet dwar l-organizzazzjoni tal-operazzjonijiet tat-trasport, filwaqt li titneħħa kwalunkwe kompetizzjoni inġusta bejn il-modi differenti tat-trasport (TEN/582 L-impatt tal-konklużjonijiet tal-COP 21 fuq il-politika tat-trasport tal-UE).

1.11. Barra minn hekk, il-KESE jqis li huwa essenzjali li jiġu analizzati l-effetti tad-Direttiva wara sentejn mid-dħul fis-seħħ, b'mod partikolari l-effetti f'termini ta' benefiċċji li ġejjin minn investiment ġdid, kif ukoll spejjeż għat-trasport tal-merkanzija bl-għan li tiġi evitata deterjorazzjoni tal-kompetittività globali tal-industrija Ewropej.

1.12. Il-KESE jemmen li għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-miżuri biex dawn ikunu aċċettabbli għall-utenti, il-konsumaturi u ċ-ċittadini inġenerali f'dak li jirrigwarda t-trasparenza u ċ-ċarezza tal-qafas il-ġdid tat-tariffi, filwaqt li jiġi żgurat – anke b'pannelli multilingwi fl-awtostradi – li l-utenti japprezzaw mill-ewwel u b'mod ċar l-iskop tal-ammonti miġburin u d-distribuzzjoni u l-allokazzjoni ġusti tagħhom, kif ukoll in-nuqqas ta' tariffi eċċessivi u doppji, inkluż bl-użu ta' żewġ indikaturi sintetiċi tal-kwalità tat-toroq, il-livell ta' konġestjoni u kemm jiġi ffrankat f'emissjonijiet għal kull km ta' infrastruttura.

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-PE u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).

([4]) Fl-2014 u l-2015, l-investiment totali mill-istituzzjonijiet tal-UE fl-infrastrutturi tan-netwerk ċentrali u komprensiv tat-TEN-T, minn sorsi finanzjarji proprji (TEN-T/CEF, il-FEŻR/FK u self mill-BEI) kien jammonta għal EUR 30,670 biljun fl-UE-28.

([5]) Valutazzjoni tal-Impatt tad-Direttiva dwar l-Eurovignette.

([6]) ĠU C 303, 19.8.2016, p. 10.

1.13. Il-KESE huwa konvint li l-allokazzjoni tad-dħul li jirriżulta mill-implimentazzjoni tal-leġisazzjoni l-ġdida, b'konformità mat-tqassim indikat hawn fuq, tista' tiġġenera impjieg addizzjonali għal aktar minn nofs miljun ħaddiem.

1.14. Il-KESE jemmen li l-Kummissjoni għandha tissorvelja u żżid l-għodod għal applikazzjoni korretta u uniformi tal-leġislazzjoni l-ġdida – inkluż kontroll regolari, fuq bażi xjentifika, tal-valuri marbutin mal-ispejjeż esterni u dwar kemm is-sistemi tariffarji adottati jikkorrispondu mal-emissjonijiet reali tal-vetturi, li bħalissa mhumiex favorevoli għall-vetturi aktar b'saħħithom. Għandha wkoll tfassal rapport annwali dettaljat dwar il-progress fl-implimentazzjoni tad-Direttiva emendata li għandha tintbagħat lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-KtR u l-KESE nnifsu.

2. **Introduzzjoni**

2.1. It-trasport jirrappreżenta pilastru essenzjali taż-Żona Unika Ewropea u jagħmel possibbli li tinkiseb fil-prattika l-libertà tal-moviment taċ-ċittadini, il-ħaddiema, il-beni u s-servizzi fi ħdan l-Unjoni. L-effiċjenza u l-kwalità tan-netwerks tat-trasport għandhom impatt dirett fuq l-iżvilupp sostenibbli, il-kwalità tal-għajxien u tax-xogħol u l-kompetittività tal-Ewropa.

2.2. L-ekonomija tat-trasport bit-triq fl-UE tipprovdi 5 miljun impjieg dirett u tikkontribwixxi għal kważi 2 % tal-PDG tal-UE, b'344 000 intrapriża tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq u aktar minn 560 000 intrapriża tat-trasport tal-merkanzija bit-triq ([7]), li huwa kontribut importanti għat-tkabbir u għall-impjieg fl-UE, u għalhekk jirrikjedi politiki proattivi.

2.3. It-trasport huwa l-kawża prinċipali tat-tniġġis tal-arja u llum il-ġurnata jirrappreżenta kwart tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra fl-Ewropa. It-trakkijiet u l-karozzi tal-linja huma responsabbli għal bejn wieħed u ieħor kwart tat-tniġġis ikkawżat mit-trasport bit-triq, perċentwal li, bejn l-2010 u l-2030, għandu jiżdied b'madwar 10 % (Xenarju bażi tal-UE fl-2016: enerġija, trasport u emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra – xejriet sal-2050). Bħala l-ewwel pass, il-Kummissjoni Ewropea ffukat fuq żewġ proposti: waħda dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju u tal-konsum tal-fjuwil għal-vetturi bħal dawn u l-oħra dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar tad-data li tiġi ċċertifikata.

2.4. L-istrateġija adottata, li dwarha l-KESE ħareġ Opinjoni ([8]), stabbilixxiet pjan direzzjonali lejn mobilità b'livell baxx ta' emissjonijiet li ser jagħti spinta lil din it-tranżizzjoni anke fid-dawl tal-għanijiet stabbiliti b'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima.

2.5. L-istrateġija tfittex li tilħaq tliet għanijiet: l-iżgurar ta' sistema iżjed effettiva tat-trasport; il-promozzjoni ta' enerġija alternattiva, u b'livell baxx ta' karbonju fis-settur tat-trasport, u l-promozzjoni tal-vetturi b'livell baxx ta' emissjonijiet jew mingħajrhom.

2.6. L-għan prinċipali tagħha huwa t-trasport bit-triq, li huwa responsabbli għal aktar minn 70 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mit-trasport u għall-biċċa l-kbira tat-tniġġis tal-arja, iżda wkoll is-setturi l-oħra tat-trasport huma obbligati jagħtu l-kontribut tagħhom.

2.7. Sabiex jiġi żgurat trasport iżjed effiċjenti f'dak li jirrigwarda l-ispejjeż tal-enerġija u l-emissjonijiet, huwa importanti li jiġu previsti s-sinjali adatti ta' pprezzar u jitqiesu l-aspetti esterni: f'dan ir-rigward, il-KE beħsiebha tilħaq sistemi ta' pedaġġ tat-toroq, fuq il-bażi tad-distanza f'kilometri effettivi magħmula, b'mod li jiġi rifless aħjar il-prinċipji "min iniġġes iħallas" u "min juża jħallas".

2.8. L-erba' kwistjonijiet huma indirizzati permezz ta' applikazzjoni aktar estiża tal-prinċipji "min juża jħallas" u "min iniġġes iħallas", u s-soluzzjoni tista' tinstab f'li jinkiseb "ipprezzar ġust u effiċjenti tat-toroq":

— it-trasport bit-triq huwa responsabbli għal 17 % tal-emissjonijiet tas-CO_2 fl-UE u l-użu ta' vetturi mingħajr emissjonijiet jew b'emissjonijiet baxxi mhuwiex biżżejjed biex jintlaħqu l-għanijiet tal-enerġija u l-klima sal-2030;

([7]) EU Transport in Figures, Kummissjoni Ewropea, 2016, abbażi ta' data tal-Eurostat.
([8]) ĠU C 383, 17.11.2015, p. 84.

— il-kwalità tat-toroq tal-UE qiegħda tiddeterjora minħabba tnaqqis fl-investiment u minħabba li l-manutenzjoni tal-infrastruttura tiġi differita mingħajr ma jitqiesu l-impatti ekonomiċi fit-tul;

— ċerti Stati Membri introduċew tariffi temporanji (vignettes), li jiddiskriminaw kontra l-operaturi barranin okkażjonali;

— it-tniġġis tal-arja u l-konġestjoni kkaġunati mill-vetturi fuq it-toroq jirrappreżentaw spejjeż sinifikanti għas-soċjetà.

2.9. Il-valutazzjoni tal-**impatt ekonomiku** turi differenzi kbar bejn iż-żidiet fl-ispejjeż għall-utenti tat-trasport, l-awtoritajiet u l-korpi superviżorji, ibbilanċjati bi dħul ogħla u tnaqqis fl-ispejjeż ta' konġestjoni u spejjeż esterni oħrajn, filwaqt li joħorġu fid-dieher impatti negattivi potenzjali mil-lat tad-distribuzzjoni, u l-impatt fuq l-SMEs, minħabba spejjeż akbar ([9]).

2.10. It-teknoloġiji diġitali jistgħu jtejbu s-sikurezza, l-effiċjenza u l-inklużività tat-trasport, u b'hekk ikun hemm mobilità minn bieb sa bieb bla intoppi, loġistika integrata u servizzi ta' valur miżjud bit-tixrid ta' sistemi intelliġenti tat-trasport fil-mezzi kollha tat-trasport bħala parti integrali mill-iżvilupp tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport multimodali.

2.11. L-azzjonijiet żviluppati f'livell Ewropew b'rabta mat-trasport b'livell baxx ta' emissjonijiet jista' jkollhom biss **impatt** kbir **fuq ir-reġjuni** li minnhom tgħaddi l-infrastruttura tat-trasport, b'konsegwenzi diretti għall-ippjanar enerġetiku, territorjali, ambjentali u tat-trasport u b'effetti sinifikanti fil-livell ekonomiku u mil-lat tal-impjieg.

2.12. Fir-rigward tal-**aċċettazzjoni ta' tali miżuri mill-utenti, il-konsumaturi** u ċ-ċittadini inġenerali, jeħtieġ li jsir aktar mil-lat tat-trasparenza u ċ-ċarezza biex jinħoloq suq tal-vetturi b'emissjonijiet baxxi u mingħajr emissjonijiet. Jeħtieġ li jittejjeb it-tagħrif lill-konsumatur permezz tal-ittikkettar tal-karozzi tal-passiġġieri u li jkun hemm appoġġ permezz tar-regoli fil-qasam tal-akkwist pubbliku. Fl-istess ħin, jeħtieġ li jittieħdu miżuri fir-rigward tat-trasparenza tal-qafas il-ġdid tat-tariffi, sabiex jiġi żgurat li l-utenti japprezzaw mill-ewwel u b'mod ċar l-iskop tal-ammonti miġburin u t-tqassim ġust tagħhom, u tan-nuqqas ta' tariffi eċċessivi jew doppji.

3. Il-proposti tal-**KE** fil-qosor

3.1. Fil-proposti tal-KE, il-pedaġġ jirrigwarda l-infrastruttura tat-toroq, huwa proporzjonali għad-distanza li ssir – ħlief għall-iskema ta' pprezzar ta' somma fissa, bħal dawk previsti bħalissa f'xi pajjiżi tal-UE – u jkopri t-tipi kollha tal-vetturi, mhux biss il-vetturi tqal użati għall-ġarr tal-merkanzija, iżda wkoll kowċis, karozzi tal-linja, vannijiet u karozzi tal-passiġġieri, u, għaldaqstant, kemm it-trasport tal-merkanzija kif ukoll tal-passiġġieri, u jipprevedi kalkolu tat-tariffi abbażi tal-"potenzjal tat-tniġġis" u l-użu ta' kuljum tal-infrastruttura. L-emendi regolatorji jikkonċernaw b'mod partikolari:

— dispożizzjonijiet marbutin mal-pedaġġi u d-drittijiet tal-usufrutt, b'referenza għal kull vettura u mhux biss għal dawk li jiżnu aktar minn 3,5 tunnellati: aġġornament tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva u l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha għall-vetturi tqal kollha sa mill-1/1/2020 u dawk ħfief bit-tneħħija tal-eżenzjonijiet, il-valuri massimi għall-ispejjeż esterni u s-semplifikazzjoni tar-rekwiżiti għat-tassazzjoni tagħhom;

— it-tneħħija gradwali tat-tariffi għall-vetturi tqal sal-31/12/2023, u għal vetturi ħfief sal-31/12/2027, u l-ħolqien ta' sistema ġdida ta' tariffi abbażi tad-distanza b'metodoloġija għall-kalkolu u l-valutazzjoni tal-ispejjeż li fuqhom jissejsu t-tariffi;

— il-modulazzjoni tat-tariffi tal-infrastruttura abbażi tal-emissjonijiet tas-CO_2 tal-vetturi tqal u t-tneħħija gradwali tal-modulazzjonijiet attwali tat-tariffi abbażi tal-klassijiet ta' emissjonijiet Euro b'effett mill-1.1.2022;

([9]) *Support Study for the Impact Assessment Accompanying the Revision of the Eurovignette Directive (1999/62/EC)* – Kuntratt għall-Istudju Nru MOVE/A3/119-2013 – 05.2017.

— miżuri addizzjonali għall-vetturi ħfief, rigward il-konġestjoni fit-toroq interurbani u l-emissjonijiet li jniġġsu u dawk tas-CO_2 minn kull tip ta' vettura;

— talba għall-iċċarġjar obbligatorju ta' spejjeż esterni, tal-inqas għal parti tan-netwerk, għall-HDVs b'effett mill-1.1.2021.

3.2. B'konformità mal-prinċipji “min iniġġes iħallas” u “min juża jħallas”, l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 1999/62/KE għandha tgħin biex tnaqqas id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni minħabba l-eżenzjoni attwali tal-karozzi tal-linja u tal-kowċis mill-ħlas għall-użu tal-infrastruttura.

3.3. Proposta addizzjonali tipprevedi emendi għal tnaqqis gradwali tal-livelli minimi tat-taxxi fuq il-vetturi bil-mutur tqal użati għall-merkanzija bit-triq sakemm jiġu żero, li għandu jseħħ f'5 fażijiet (li kull waħda minnhom tirrappreżenta 20 % tar-rati minimi attwali) matul perjodu ta' 5 snin konsekuttivi.

4. **Kummenti ġenerali**

4.1. Il-KESE jemmen li l-implimentazzjoni fl-UE ta' sistema ta' tariffi tat-toroq ġusta, trasparenti, nondiskriminatorja u mhux burokratika, proporzjonata għall-użu tat-toroq u l-ispejjeż esterni, li jistgħu jitkejlu b'mod xjentifiku, ikkawżati mit-trakkijiet, il-karozzi tal-linja u l-karozzi, mingħajr il-frammentazzjoni tas-sistemi ta' tariffi iżda b'limitu f'dak li jirrigwarda l-ispejjeż esterni u li tkun konformi mal-prinċipji “min juża jħallas” u “min iniġġes iħallas”, jista' jkollha effett pożittiv fl-indirizzar tad-deterjorament tal-infrastruttura tat-toroq, il-konġestjoni tat-traffiku u t-tniġġis.

4.2. Il-KESE jenfasizza l-importanza li terġa' tiġi vvalutata, u tiġi emendata u tissaħħaħ l-implimentazzjoni uniformi tar-regoli tal-UE u b'hekk jinħoloq qafas legali komuni li jiżgura livell wieħed ta' kundizzjonijiet għall-utenti kollha tat-toroq fis-settur tat-trasport bit-triq. L-għażla ta' Direttiva bħala strument tħalli lok wiesa' għal diverġenzi fl-implimentazzjoni u l-KESE jemmen li jeħtieġ li ssir riflessjoni dwar il-ħtieġa potenzjali – wara li ssir verifika tal-implimentazzjoni kull tliet snin – għal strumenti leġislattivi iżjed vinkolanti li jiżguraw applikazzjoni uniformi.

4.3. Il-KESE jirrakkomanda bil-qawwa li l-qafas komuni tat-tariffi jkun ċar, trasparenti, sempliċi, verifikabbli u spjegat fi kliem li jiftiehem faċilment f'dak li jirrigwarda kif ikun ser jintuża d-dħul iġġenerat, kemm fl-irċevuti elettroniċi kif ukoll dawk stampati, kif ukoll fil-pannelli tal-awtostradi, bil-għan li tittejjeb l-aċċettabbiltà soċjali tal-kontribuzzjoni li kull utent jagħmel għall-ġid komuni.

4.4. Aktar armonizzazzjoni tar-regoli u l-ħolqien ta' qafas legali komuni fil-livell tal-UE għas-sistema tal-pedaġġ konnessa mal-użu tal-infrastruttura tat-toroq ta' importanza fil-livell tal-UE, bħat-toroq tan-netwerk TEN-T, l-awtostradi u t-toroq nazzjonali b'livell sinifikanti ta' traffiku internazzjonali, huma essenzjali biex jinkiseb suq uniku ġenwin tal-UE ġenwin tat-trasport bit-triq mingħajr diskriminazzjoni u distorsjonijiet tal-kompetizzjoni.

4.5. Is-sistemi tat-tariffi jħallu impatt differenti fuq ir-reġjuni ċentrali u periferiċi: ir-reġjuni ċentrali b'ħafna traffiku jġarrbu impatti negattivi iżjed mir-reġjuni periferiċi, filwaqt li dawn tal-aħħar jirċievu kumpens għall-impatt ambjentali u fondi għall-infrastruttura ferm iżjed baxxi milli jirċievu r-reġjuni ċentrali. Il-KESE huwa tal-fehma li l-fondi strutturali u ambjentali u l-BEI għandhom jintervjenu sabiex jiġi żgurat żvilupp bilanċjat.

4.6. In-nuqqas ta' armonizzazzjoni tas-sistemi tal-ħlas, sew jekk permezz tal-vinjetti jew il-pedaġġi, jirrigwarda wkoll teknoloġiji ta' ġbir b'mudelli differenti tas-sistemi tat-tariffi tat-toroq li spiss mhumiex interoperabbli, li jfisser aktar piż amministrattiv u spejjeż addizzjonali għall-azjendi tat-trasport u tal-loġistika fil-konfront ta' domanda dejjem tikber għal trasport bit-triq innovattiv bl-iżvilupp ta' infrastruttura ġdida u intelliġenti, inklużi s-sewqan awtomatizzat u intelliġenti u d-distribuzzjoni ta' fjuwils ġodda, u l-manutenzjoni adatta ta' netwerks eżistenti li kapaċi jsostnu l-flussi tagħhom.

4.7. Jinħtieġ, fil-fehma tal-KESE, investiment adegwat fl-infrastrutturi eżistenti u futuri sabiex ikun hemm interoperabbiltà funzjonali aħjar – fosthom it-teknoloġiji satellitari – tan-netwerks tat-trasport nazzjonali. L-aċċess għalihom madwar is-suq uniku għandu jiġi ffaċilitat billi jrawwem titjib fl-applikazzjoni ta' loġistika intelliġenti [10] u soluzzjonijiet tal-ICT biex ittejjeb is-sigurtà fit-toroq u tagħti spinta l-effikaċja tas-sistema kollha kemm hi permezz ta' użu aktar wiesa' ta' sistemi intelliġenti tat-trasport u biex tiġi żgurata aktar effiċjenti, moderni u sostenibbli, konnessa aħjar tan-netwerks tat-trasport fit-toroq madwar l-Ewropa. Il-mira għandha tkun li, mill-2019 'il quddiem, jiġu installati biss fil-vetturi unitajiet abbord li jkunu interoperabbli fil-livell tal-UE (ara l-istrateġija dwar id-diġitalizzazzjoni tat-trasport).

4.8. Il-KESE jemmen li, minħabba n-nuqqas ta' investiment fl-infrastruttura tat-trasport u l-livelli insuffiċjenti tal-manutenzjoni tal-infrastruttura, huwa essenzjali li jiġu applikati l-prinċipji "min iniġġes iħallas" u "min juża jħallas" sabiex tiġi ffinanzjata l-infrastruttura tat-toroq, bil-kundizzjoni li:

— il-kumpensi li jirriżultaw mill-iċċarġjar għall-użu tal-infrastruttura jintrabtu mal-istess infrastruttura tat-toroq; filwaqt

— li l-kumpensi li jirriżultaw mll-iċċarġjar għall-ispejjeż esterni għandhom jiġu allokati għall-mitigazzjoni tal-effetti negattivi tat-trasport bit-triq, inkluż il-bini ta' infrastruttura alternattiva, id-distribuzzjoni ta' fjuwils alternattivi, sistemi alternattivi ta' sewqan, modi alternattivi ta' trasport u ta' provvista ta' enerġija u l-appoġġ lin-netwerk trans-Ewropew tat-trasport;

— L-Artikolu 9 tad-Direttiva jiġi emendat biex jirrifletti dan.

4.9. Il-KESE huwa tal-fehma li huwa daqstant importanti l-investiment biex jitnaqqas il-livell tal-emissjonijiet tas-CO_2 tat-trasport bit-triq (ara punt 2.12), li għandu impatt qawwi fuq il-kwalità ambjentali u l-ispejjeż esterni li jirrappreżentaw 1,8-2,4 % tal-PDG. Huwa jitlob għal approċċ integrat għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2: l-impożizzjoni ta' limiti fuq l-emissjonijiet tal-HDVs ġodda li jitqiegħdu fis-suq tal-UE huwa wieħed mill-aktar modi effettivi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet fir-rigward ta' tariffi, iżda mhuwiex biżżejjed biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti

4.10. Minħabba l-persistenza tal-problema tal-konġestjoni tat-traffiku, fi ħdan u barra ż-żoni urbani, għandu jkun hemm appoġġ finanzjarju min-naħa tal-UE favur sistemi avvanzati għall-ġestjoni tat-traffiku u proċessi effiċjenti ta' loġistika satellitari sabiex jiġu eliminati l-ispejjeż addizzjonali li jġarrbu attwalment l-utenti. Fi kwalunkwe każ, id-dħul iġġenerat permezz tal-adozzjoni ta' tali miżuri għandu jintuża direttament biex jiġu ffinanzjati soluzzjonijiet alternattivi b'impatt newtrali.

4.11. It-trasport pubbliku għandu jiġi promoss u t-tariffi stradali għandhom ikunu definiti biex jirrispettaw u jilħqu dan l-għan, kemm għall-prinċipju "min juża jħallas" kif ukoll għall-prinċipju "min iniġġes iħallas".

5. **Kummenti speċifiċi**

5.1. Il-KESE jappoġġja l-għan tas-Servizz Ewropew ta' Pedaġġ Elettroniku (EETS), li jipprevedi "sistema interoperabbli ta' unità abbord, b'kuntratt wieħed u b'fattura waħda" madwar l-UE, li toħloq suq waħdieni u tiżgura li l-operaturi tat-trasport kummerċjali bit-triq ikollhom fornitur wieħed biss, kuntratt wieħed u fattura waħda.

5.2. L-esperiment ta' Brennero li implimenta żieda fil-pedaġġ, b'konformità mal-prinċipji u l-limiti stabbiliti fid-Direttiva, sabiex tinħoloq infrastruttura alternattiva, qed jagħti xhieda tas-siwi tiegħu u ġie aċċettat mill-popolazzjoni lokali. Għalhekk, il-KESE huwa tal-fehma li din il-possibbiltà tiġi estiża għal oqsma sensittivi oħra.

5.3. Fil-fehma tal-KESE, l-iskema ta' skontijiet għall-HDVs taħt l-Artikolu 7, wara diskussjonijiet u analiżi estensivi, tidher ġusta u nondiskriminatorja, u tista' tiġi estiża wkoll għall-LDVs, u b'hekk jitnaqqsu d-differenzi eżistenti bejn l-utenti okkażjonali/barranin u l-utenti abitwali/nazzjonali osservati f'ċerti pajjiżi. Għalhekk, l-Artikolu 7a għandu jiġi emendat kif indikat.

5.4. L-ipparagunar tat-tariffi relatati mal-ispejjeż esterni għal ċerti kategoriji ta' vetturi, pereżempju bejn it-trakkijiet Euro V u Euro VI, maż-żmien juri penalizzazzjoni sostanzjali tal-vetturi li jniġġsu inqas, li l-KESE jħoss li mhuwiex iġġustifikat. Il-KESE jappella għar-reviżjoni tat-tariffi marbutin mal-ispejjeż esterni stabbiliti fl-Annessi tad-Direttiva għall-benefiċċju tal-vetturi b'emissjonijiet aktar baxxi. Fil-każ tal-vetturi mingħajr emissjonijiet, naqblu li jitnaqqsu temporanjament il-pedaġġi marbutin mal-użu tal-infrastruttura.

[10] COM(2016) 766 final.

5.5. Il-KESE jitlob lill-KE taġġorna regolarment il-valutazzjoni **xjentifika** tal-pedaġġi, inklużi l-kundizzjonijiet lokali, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkustanzi speċifiċi lokali, filwaqt li tiġi evitata kwalunkwe diskriminazzjoni mhux ġustifikata minn bażijiet xjentifiċi validi.

Brussell, it-18 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-"Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — L-Ewropa attiva: Aġenda għal tranżizzjoni soċjalment ġusta lejn mobilità kompetittiva, konnessa u mingħajr ħsara għall-ambjent għal kulħadd"

(COM(2017) 283 final)

(2018/C 081/27)

Relatur: **Ulrich SAMM**

Korelatur: **Brian CURTIS**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 5.7.2017
Bażi legali	Artikolu 304 tat-TFUE
Sezzjoni kompetenti	It-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	2.10.2017
Adottata fis-sessjoni plenarja	18.10.2017
Sessjoni plenarja Nru	529
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	111/0/0

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. L-aġenda għall-mobilità stabbilita fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-Ewropa attiva" [COM (2017) 283 final] (il-komunikazzjoni) tirrifletti l-ambizzjoni tal-Ewropa li sal-2025 tagħmel progress rapidu lejn l-istabbiliment ta' sistema ta' mobilità nadifa, kompetittiva u konnessa li tintegra l-mezzi kollha tat-trasport madwar l-Unjoni kollha. It-trasport bit-triq fl-Ewropa, il-punt fokali ta' din il-komunikazzjoni, jiddependi fuq industrija li hija fuq quddiem nett fil-manifattura u l-provvista ta' servizzi. Il-parti tal-produzzjoni ta' dan is-settur timpjega 11 % tal-ħaddiema kollha fil-manifattura fl-UE kollha u tiġġenera 7 % tal-PDG tal-UE.

1.2. Il-Komunikazzjoni tenfasizza r-rabta mal-prijoritajiet ġenerali tal-Unjoni tal-Enerġija, is-Suq Uniku Diġitali u l-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa. B'mod partikolari, din tipprova ssolvi xi kwistjonijiet pendenti tas-suq uniku tat-trasport filwaqt li tinżamm perspettiva bilanċjata dwar id-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol u l-aspetti ambjentali.

1.3. **Żona Ewropea Unika tat-Trasport** li tiffunzjona tajjeb tiddependi fuq qafas regolatorju adegwat. Il-KESE huwa tal-fehma li l-bidliet proposti fil-leġislazzjoni dwar l-aċċess għall-professjoni, l-aċċess għas-suq – inkluż il-kabotaġġ – u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, bħall-ħin għas-sewqan u għall-mistrieħ u regoli speċifiċi dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema fit-trasport bit-triq ġeneralment jonqsu milli jsolvu b'mod effettiv il-problemi li jindirizzaw. Il-proposti speċifiċi dwar dawn il-kwistjonijiet huma koperti f'iktar dettall f'opinjonijiet separati tal-Kumitat. Il-KESE jenfasizza l-urġenza li jinstabu soluzzjonijiet adegwati u li jaħdmu bla xkiel, minħabba l-importanza vitali ta' qafas regolatorju adatt għall-iskop sabiex ikun żgurat suq intern li jiffunzjona tajjeb. Il-KESE f'dan il-kuntest jenfasizza li huwa jistenna li l-proposta li jmiss dwar it-trasport ikkombinat ser tindirizza wkoll kwistjonijiet ta' aċċess għas-suq.

1.4. It-teknoloġija tat-trasport bl-art x'aktarx ser tkun rivoluzzjonata minn **diġitalizzazzjoni** u awtomatizzazzjoni. Dawn it-teknoloġiji joffru għadd kbir ta' karatteristiċi ġodda għall-konsumaturi u n-negozji li jridu kwalità, konvenjenza, flessibbiltà, affordabbiltà u sikurezza aħjar fis-servizzi li jużaw u fit-tagħmir ta' kull tip. Il-KESE jinnota li din it-teknoloġija ġdida għandha l-kapaċità li ttejjeb l-effiċjenza tas-suq tat-trasport u kif ukoll li tipprovdi data analitika biex tassisti l-kontroll u l-infurzar tal-leġislazzjoni eżistenti u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet soċjali.

1.5. Is-sewqan awtomatiku issa għandu l-potenzjal li jwassal għal tibdil sinifikanti li, minbarra li jipprovdi servizzi ġodda u opportunitajiet ta' negozju, jista' jtejjeb b'mod sostanzjali s-sigurtà tal-vetturi u l-imwiet jitnaqqsu b'mod sinifikanti. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex issegwi aktar il-proġett **Viżjoni Żero sal-2050**, minħabba li l-għanijiet tiegħu huma ta' importanza kbira għas-soċjetà u għaċ-ċittadini kollha tagħna.

1.6. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ il-proposta tal-Kummissjoni sabiex tingħeleb l-interoperabbiltà dgħajfa bejn id-diversi sistemi tal-**pedaġġ tat-triq** elettroniċi eżistenti fl-Istati Membri u jiġi implimentat qafas ta' interoperabbiltà komuni. Il-KESE jikkunsidra wkoll li sistema tal-pedaġġ tat-triq flessibbli, ġusta u trasparenti u mhux diskriminatorja li tkun konformi mal-prinċipji "min juża jħallas" u "min iniġġes iħallas" ikollha effett pożittiv ladarba d-dħul ikun allokat. L-allokazzjoni sħiħa tad-dħul tista' ġġib magħha aktar minn 500 000 opportunità ta' impjieg addizzjonali fl-Ewropa.

1.7. Il-KESE jinnota diskrepanza bejn it-**tnaqqis tal-emissjonijiet** antiċipat (13 %) fit-trasport bit-triq taħt dan il-pakkett u t-18-19 % neċessarju li s-settur tat-trasport jeħtieġ li jikkontribwixxi lejn il-kisba tal-miri dwar il-klima u l-enerġija għall-2030. Dan id-distakk jista' jingħeleb biss jekk l-Istati Membri jagħmlu sforzi sostanzjali biex jistimolaw l-introduzzjoni ta' inizjattivi għal trasport bit-triq "nadif".

1.8. Il-KESE jixtieq jenfasizza li l-produzzjoni ta' elettriku nadif hija kundizzjoni indispensabbli għal introduzzjoni b'suċċess tal-**vetturi elettriċi** (EV) għas-suq tal-massa. Madankollu, irrispettivament mit-tip ta' sors partikolari ta' elettriku, il-vetturi elettriċi, jistgħu jgħinu biex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja lokali, filwaqt li l-objettivi globali tal-UE fir-rigward tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra jistgħu jinkisbu biss permezz ta' politika ta' ġenerazzjoni tal-elettriku nadif.

1.9. Il-fiduċja tal-konsumaturi fl-industrija tal-karozzi u s-sistema regolatorja ġiet reċentement serjament kompromessa. Il-bini mill-ġdid tal-fiduċja permezz ta' **standards ta' emissjonijiet** realistiċi u proċeduri ta' ttestjar adegwati huma essenzjali u l-Kumitat jiddispjaċih li l-awtorità indipendenti ta' sorveljanza għall-ittestjar tal-emissjonijiet tal-vetturi fl-UE kollha proposta mill-Kummissjoni twaqfet kmieni fl-2017 wara oppożizzjoni minn uħud mill-Istati Membri.

1.10. Jeħtieġ li jiġu stabbiliti miri ċari u ta' sfida fl-Ewropa għal vetturi li jaħdmu bl-enerġija nadifa sabiex jiġi stimulat is-settur tal-manifattura fl-oqsma tar-**riċerka**, l-introduzzjoni fis-suq u l-produzzjoni. Il-limitazzjonijiet tekniċi li għadhom ixekklu l-introduzzjoni aktar rapida ta' sistemi alternattivi ta' trazzjoni jistgħu jingħelbu biss permezz ta' programm ta' riċerka robust (fil-Programm Qafas li jmiss) li jkopri l-firxa sħiħa bejn ir-riċerka fundamentali, l-innovazzjoni u l-introduzzjoni fis-suq.

1.11. Il-Kumitat jixtieq rikonoxximent ikbar tal-importanza li jingħata appoġġ għal tranżizzjoni modali b'aktar inċentivi favur it-trasport pubbliku u biex il-merkanzija tgħaddi mit-triq għall-ferrovija. L-istrateġija ġenerali tista' tgħin għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bit-triq iżda mhux neċessarjament ser tindirizza l-konġestjoni u t-tniġġis, b'mod partikolari hekk kif id-domanda għat-trasport bit-triq mistennija tkompli tikber.

2. **Introduzzjoni**

2.1. Il-komunikazzjoni hija l-ewwel fażi sostanzjali tal-Pakkett ta' Mobbiltà, b'aktar proposti li se jiġu segwiti aktar tard matul is-sena. Din tpoġġi l-proposti speċifiċi, li huma koperti f'opinjonijiet separati tal-Kumitat, f'kuntest politiku, tistabbilixxi miżuri ta' sostenn bħall-pedaġġ tat-triq (inkluża l-infrastruttura meħtieġa), fjuwils alternattivi u konnettività, informazzjoni aħjar għall-konsumaturi, suq intern aktar b'saħħtu u kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba fis-settur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq, u tipproponi passi biex "titħejja t-triq" għall-mobilità kooperattiva, konnessa u awtomatizzata. Fil-prattika, il-proposta tal-Kummissjoni tinvolvi prinċipalment lis-settur tat-trasport bit-triq.

2.2. Il-komunikazzjoni tenfasizza wkoll ir-rabta mal-prijoritajiet ġenerali tal-Unjoni tal-Enerġija (l-effiċjenza enerġetika u d-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport, inkluż l-użu tal-fjuwils b'livell baxx ta' karbonju u l-promozzjoni tal-elettromobbiltà), is-Suq Uniku Diġitali, l-impjiegi, it-tkabbir u l-aġenda għall-investiment u l-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa sabiex jappoġġjaw l-implimentazzjoni tagħha, u l-għanijiet sabiex titjieb il-ġustizzja u tissaħħaħ id-dimensjoni soċjali stabbilita fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Din tipprova ssolvi xi kwistjonijiet pendenti tas-suq uniku tat-trasport filwaqt li tinżamm fehma bilanċjata tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol u l-aspetti ambjentali, għalkemm ċerti tensjonijiet jibqgħu.

2.3. L-aġenda għall-mobilità tirrifletti l-ambizzjoni tal-Ewropa li tagħmel progress rapidu lejn l-istabbiliment ta' sistema ta' mobilità kompetittiva, konnessa u mingħajr ħsara għall-ambjent li tintegra l-mezzi kollha tat-trasport, madwar l-Unjoni kollha u li tgħaqqadha mal-ġirien tagħha u mad-dinja, sal-2025. Il-kisba ta' dan l-objettiv ambizzjuż ħafna tiddependi kemm fuq industrija li hija fuq quddiem nett fil-manifattura u l-provvista tas-servizz u fuq rieda politika b'saħħitha u effettiva min-naħa tal-Istati Membri.

2.4. Wieħed irid iżomm f'moħħu li l-pajjiżi tal-UE jiksbu aktar minn EUR 500 biljun fi dħul fiskali mill-vettura mis-settur tat-trasport. Il-parti tal-produzzjoni ta' dan is-settur timpjega 11 % tal-ħaddiema kollha fil-manifattura fl-UE kollha u tiġġenera 7 % tal-PDG tal-UE u EUR 90 biljun f'bilanċi kummerċjali favorevoli. Huwa settur tant b'saħħtu u importanti, fil-fatt, li l-progress f'ħafna oqsma ta' regolamentazzjoni u t-titjib fl-UE kollha mexa bil-mod preċiżament minħabba l-fatt li diversi Stati Membri jqisu s-settur bħala li huwa ta' importanza strateġika nazzjonali. Il-bidliet li jaffettwaw is-sistemi nazzjonali u l-prijoritajiet, bħall-ftuħ tas-suq u l-pedaġġ tat-triq, spiss jieħdu żmien twil biex jiġu adottati u implimentati.

2.5. L-Ewropa mhijiex tibda mill-bidu. L-implimentazzjoni tas-suq intern u l-objettivi ta' sostenibbiltà taw riżultati sinifikanti. Il-KESE diġà esprima l-opinjonijiet tiegħu f'għadd ta' opinjonijiet, bħal dawk li jindirizzaw iż-żona unika Ewropea tat-trasport ([1]) bħala s-sinsla tas-suq intern ħieles, tal-ivvjaġġar multimodali ([2]) u tas-suq intern tal-merkanzija bit-triq internazzjonali ([3]). L-iżvilupp sostenibbli tal-politika tat-trasport tal-UE ([4]) għandu rwol ewlieni, b'mod partikolari d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport ([5]) u l-impatt tal-konklużjonijiet tal-COP21 fuq il-politika Ewropea tat-trasport ([6]). L-implikazzjonijiet tad-diġitalizzazzjoni u r-robotizzazzjoni tat-trasport għat-tfassil tal-politika tal-UE ([7]), kif ukoll il-prospetti għal Sistemi tat-Trasport Intelliġenti u Kooperattivi ([8]), se jkunu elementi dejjem aktar importanti tal-politika tat-trasport tal-UE, indirizzati wkoll mill-KESE.

2.6. Madankollu, għad baqa' ħafna xi jsir. L-aġenda għall-mobilità teħtieġ li twitti t-triq għal sistema Ewropea tat-trasport li tista' tlaħħaq mal-isfidi ewlenin immexxija mid-diġitalizzazzjoni u mill-impatt ambjentali.

3. **Diġitalizzazzjoni**

3.1. Id-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni bbażati fuq Internet li jgħaġġel u affidabbli joffru għadd kbir ta' karatteristiċi ġodda għall-konsumaturi u n-negozji li jridu kwalità, konvenjenza, flessibbiltà, affordabbiltà u sikurezza aħjar fis-servizzi li jużaw u fit-tagħmir ta' kull tip. Huma joffru wkoll tekniki ġodda effettivi għall-analiżi, il-kontroll u l-infurzar tal-leġislazzjoni eżistenti u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u dawk soċjali. It-teknoloġija tat-trasport fuq l-art, b'mod partikolari, x'aktarx li se tiġi rivoluzzjonata mid-diġitalizzazzjoni. Wieħed mill-għanijiet ġenerali għandu jkun li jiġu armonizzati s-sistemi jew li jinstabu soluzzjonijiet tekniċi sabiex ikunu jistgħu joperaw b'mod transkonfinali, peress li dan huwa vitali għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern. Eżempju ta' dan hija l-introduzzjoni imminenti ta' takografi intelliġenti. Madankollu, hemm skeda ta' 15-il sena għall-modifika proposta tal-vetturi eżistenti. Dan il-limitu taż-żmien għandu jitnaqqas b'mod sostanzjali.

3.2. L-istrateġija tal-UE għal **mobilità kooperattiva, konnessa u awtomatizzata** (C-ITS) u l-implimentazzjoni tagħha tiddeskrivi l-ewwel passi lejn sewqan awtomatizzat (ara wkoll TEN/621). Il-**konnettività** bejn il-vetturi u bejn il-vetturi u l-infrastruttura stazzjonata hija karatteristika ewlenija li se tkun meħtieġa biex isir użu sħiħ mit-teknoloġija diġitali. Għalhekk, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-għanijiet strateġiċi għas-sena 2025 ippreżentati f'komunikazzjoni reċenti dwar "Soċjetà Ewropea tal-Gigabits" ([9]). Dan stabbilixxa skeda ta' żmien għall-iżvilupp ta' infrastruttura Ewropea tal-broadband b'kapaċità għolja li tkun tipprovdi kopertura tal-5G mingħajr interruzzjonijiet b'kapaċità għolja ħafna ta' konnettività tal-Internet tul ir-rotot ewlenin kollha tat-trasport terrestri.

3.3. Id-diġitalizzazzjoni se tkun ukoll kruċjali għall-iżvilupp ta' mudelli ġodda tas-suq, inklużi diversi tipi ta' pjattaformi u kunċetti ta' **ekonomija kondiviża** li għandhom il-potenzjal li jtejbu l-effiċjenza fir-riżorsi, iżda li jqajmu wkoll għadd ta' kwistjonijiet soċjali u relatati mal-konsumatur, bħar-rwol u l-istatus tal-pjattaformi tal-Internet u l-bidliet fuq is-suq tax-xogħol.

3.4. Il-potenzjal ta' **sewqan awtomatizzat**, inkluż fir-rigward ta' karozzi mingħajr sewwieq, jitqies prinċipalment bħala opportunità għal mudelli ġodda ta' negozju. Madankollu, il-kwistjonijiet ta' responsabbiltà huma importanti wkoll u jeħtieġ li jiġu ċċarati fl-UE b'mod armonizzat. Konsegwenza oħra ta' sewqan awtomatiku jew semiawtomatiku hija li dan jista' jtejjeb is-sikurezza attiva tal-vetturi tal-art b'mod sinifikanti. Il-fatalitajiet fit-toroq naqsu b'fattur ta' erbgħa sa mis-snin

([1]) ĠU C 291, 4.9.2015, p. 14.
([2]) ĠU C 12, 15.1.2015, p. 81.
([3]) ĠU C 13, 15.1.2016, p. 176.
([4]) ĠU C 248, 25.8.2011, p. 31.
([5]) ĠU C 173, 31.5.2017, p. 55.
([6]) ĠU C 303, 19.8.2016, p. 10.
([7]) ĠU C 345, 13.10.2017, p. 52.
([8]) ĠU C 288, 31.8.2017, p. 85.
([9]) ĠU C 125, 21.4.2017, p. 51.

1970, primarjament minħabba l-introduzzjoni ta' elementi ta' sikurezza passivi fil-karozzi. Madankollu, sfortunatament għad hemm 25 500 persuna li tilfu ħajjithom f'inċidenti fit-toroq tal-UE fl-2016. Issa, billi jiġu żviluppati u introdotti karatteristiċi ta' sikurezza attiva avvanzati (sewqan semiawtomatiku, karozzi konnessi), għandu jkun possibbli li l-imwiet jitnaqqsu b'mod sinifikanti, jew anki jiġu eliminati għal kollox, kif stipulat fil-proġett ta' sikurezza Viżjoni Żero. Dan il-proġett, li beda fl-Iżvezja fl-1997, aktar tard ittieħed f'idejn l-UE iżda qatt ma kiseb ir-riżultati antiċipati. Is-sewqan awtomatiku issa għandu l-potenzjal li jwassal għal tibdil sinifikanti. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex issegwi aktar il-proġett **Viżjoni Żero sal-2050**, minħabba li dan l-għan huwa ta' importanza kbira għas-soċjetà u għaċ-ċittadini kollha tagħna.

4. Iż-Żona Unika Ewropea tat-Trasport

4.1. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni ħadet l-inizjattiva biex tiċċara l-qafas regolatorju dwar is-suq tat-trasport bit-triq u biex tiżgura infurzar aħjar, filwaqt li ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tiġġieled id-dumping soċjali, sabiex b'hekk tiżgura suq intern li jiffunzjona tajjeb fis-settur. Il-bidliet proposti jindirizzaw l-aċċess għall-professjoni, l-aċċess għas-suq – inkluż il-kabotaġġ – u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, bħall-ħin għas-sewqan u għall-mistrieħ, u regoli speċifiċi dwar il-kollokament ta' ħaddiema fit-trasport bit-triq.

Madankollu, il-KESE jaħseb li l-bidliet proposti fil-leġislazzjoni, minkejja li juru ambizzjoni biex ir-regolamenti jkunu jistgħu jiġu infurzati faċilment u li tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta, ħafna minnhom ma jirnexxilhomx isolvu l-problemi li jindirizzaw inklużi dawk li tfaċċaw waqt l-implimentazzjoni tal-qafas attwali. Il-KESE jinnota li l-inizjattiva ġġenerat perspettivi diverġenti fost l-Istati Membri, is-sħab soċjali u l-operaturi. Huwa jsostni li l-uniku mod sostenibbli 'l quddiem huwa permezz ta' leġislazzjoni ċara u li tista' tiġi infurzata faċilment, li toffri sigurtà legali fir-rigward tal-aċċess għas-suq u protezzjoni adegwata tad-drittijiet soċjali. Barra minn hekk, il-KESE jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jintuża IT modern (takografi, eċċ.) u infrastruttura effiċjenti (spazji ta' parkeġġ sikuri) biex jgħinu l-implimentazzjoni u l-infurzar. Element sorprendenti tal-komunikazzjoni huwa li t-trasport ikkombinat huwa indirizzat mhux bħala kwistjoni ta' aċċess għas-suq, iżda biss bħala kwistjoni biex tiġi ottimizzata s-sostenibbiltà. (Għal dettalji dwar il-pożizzjoni tal-KESE fuq dawn il-proposti, ara opinjonijiet separati adottati).

4.2. Il-KESE jilqa' l-intenzjoni li tiġi emendata d-direttiva dwar l-użu ta' **vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq** għat-trasport ta' merkanzija bit-triq, iżda jixtieq jesprimi xi riżervi dwar il-konsegwenzi possibbli. Dawn jaqgħu f'żewġ kategoriji: l-ewwel waħda tikkonċerna t-tkabbir possibbli tal-kumpaniji tal-isem (LBCs), filwaqt li t-tieni hija relatata mal-possibbiltà li operatur iwettaq kabotaġġ illegali mingħajr ma jinqabad.

4.3. Il-KESE jikkunsidra li l-implimentazzjoni ta' sistema ta' **pedaġġ tat-triq** flessibbli, ġusta, trasparenti, mhux diskriminatorja u mingħajr burokrazija, li hija konformi mal-prinċipju ta' "min juża jħallas" u "min iniġġes iħallas", ikollha effett pożittiv jekk id-dħul għall-użu tal-infrastruttura tat-toroq diġà jkun ġie assenjat u s-suq intern tat-trasport ikun inżamm ħieles minn prattiki diskriminatorji. L-allokazzjoni sħiħa tad-dħul tista' ġġib magħha aktar minn 500 000 opportunità ta' impjieg addizzjonali fl-Ewropa. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ il-proposta tal-Kummissjoni sabiex tingħeleb l-interoperabbiltà dgħajfa bejn id-diversi **sistemi tal-pedaġġ tat-triq elettroniċi** eżistenti fl-Istati Membri u sabiex tiġi introdotta sistema tal-pedaġġ tat-triq elettronika uniformi madwar l-UE fuq il-bażi ta' teknoloġija avvanzata. (Għal aktar dettalji ta' dawn il-pożizzjonijiet ara l-opinjoniet tal-KESE adottati dwar dawn il-kwistjonijiet speċifiċi).

5. Lejn sistema tat-trasport sostenibbli

5.1. It-trasport jikkontribwixxi għal madwar 20 % tal-**emissjonijiet ta' gassijiet serra** fl-Ewropa. Filwaqt li l-attività tat-trasport qiegħda tikber, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra jeħtieġ li jissodisfaw l-objettivi tal-enerġija u tal-klima tal-UE għall-2030. Għaldaqstant, il-pakkett ta' Novembru 2016 intitolat "Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha" kien jinkludi azzjoni sabiex jiġi aċċellerat l-użu tal-fjuwils tat-trasport b'livell baxx ta' karbonju u sabiex tiġi appoġġjata l-elettromobbiltà, li ntlaqgħet mill-KESE ([10]).

5.2. B'mod ġenerali, it-tendenza ta' tnaqqis fl-emissjonijiet totali tat-trasport hija mistennija li tkompli taħt it-tendenzi attwali u l-politiki adottati, u dan iwassal għal 13 % inqas emissjonijiet sal-2030 meta mqabbla mal-2005 (u 15 % sal-2050). Dan, madankollu, mhuwiex konformi mat-tnaqqis ta' 18-19 % fl-emissjonijiet kosteffettivi, li s-settur tat-trasport ikun jeħtieġ li jikkontribwixxi lejn l-ilħuq tal-miri tal-klima u tal-enerġija tal-2030. Il-KESE jaqbel li l-istabbiliment ta' limiti għall-

([10]) ĠU C 246, 28.7.2017, p. 64.

emissjonijiet ta' vetturi ġodda huwa għodda effettiva biex jitnaqqsu l-emissjonijiet iżda mhuwiex biżżejjed biex jintlaħqu l-miri stabbiliti. Għalhekk dawn għandhom jiġu kkumplimentati b'miżuri biex itejbu iktar l-effiċjenza tal-enerġija u jippromwovu l-użu ta' fjuwils alternattivi u sistemi ta' propulsjoni, inklużi l-LNG u l-elettriku permezz ta' sistemi abbord jew toroq elettrifikati, kif ukoll **pedaġġi tat-triq**.

5.3. L-aspettattivi tal-**vetturi elettriċi** (EVs) huma għoljin, kif intwera mid-dikjarazzjonijiet tal-Istati Membri li dawn se jkunu qegħdin isegwu lin-Norveġja (2025), Franza u r-Renju Unit (2040) fil-projbizzjoni tal-karozzi ġodda kollha (li jaħdmu bil-petrol u bid-diżil) b'magna b'kombustjoni interna. L-EVs qegħdin juru tkabbir rapidu tas-suq mad-dinja kollha. Fl-2016, l-għadd ta' vetturi elettriċi fit-triq globalment laħaq iż-żewġ miljuni, iżda xorta jammonta għal 0,2 % biss tal-karozzi tal-passiġġieri kollha (IEA 2017). L-aktar tkabbir assolut b'saħħtu qiegħed iseħħ fiċ-Ċina u huwa mmexxi prinċipalment mill-problemi tat-tniġġis tal-arja u miri ta' tnaqqis. Fl-Ewropa, jeħtieġ li jiġu stabbiliti miri ċari u ta' sfida għal vetturi li jaħdmu bl-enerġija nadifa sabiex jiġi stimulat is-settur tal-manifattura fl-oqsma tar-riċerka u l-produzzjoni.

5.4. L-introduzzjoni aktar rapida tal-EVs ġiet imxekkla minn **limitazzjonijiet tekniċi** relatati mal-prestazzjoni tal-batteriji. Filwaqt li l-ispiża tal-batteriji qiegħda tonqos aktar malajr milli kien mistenni, xorta għad hemm xi problemi miftuħa (f'xi każijiet konfliġġenti) b'parametri li jillimitaw il-prestazzjoni tal-EVs: il-piż, il-kapaċità tal-iċċarġjar (il-limitu tal-firxa), il-veloċità tal-iċċarġjar u l-kwistjonijiet ta' tul tal-ħajja/deterjorament. Madankollu, il-vetturi elettriċi qed isiru rikonoxxuti bħala l-qasam ta' tkabbir ewlieni fil-futur fil-karozzi u l-vetturi kummerċjali ħfief.

5.5. Il-limitazzjonijiet tekniċi jistgħu jingħelbu biss permezz ta' programm ta' **riċerka** robust li jkopri l-firxa sħiħa bejn ir-riċerka fundamentali u l-innovazzjoni. Il-programmi ta' riċerka tal-Ewropa, b'mod partikolari Orizzont 2020, huma ffokati sew u r-riċerka hija attiva f'diversi oqsma alternattivi, bħat-tipi ġodda ta' batteriji jew ċelloli tal-fjuwil u l-idroġenu. L-għanijiet huma promettenti, iżda proporzjon kbir ta' din ir-riċerka għadu fi stadju bikri. Madankollu, aħna diġà għandna xi riżultati inizjali, kif muri mill-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (www.fch.europa.eu).

5.6. Sabiex jingħelbu l-inċertezzi dwar il-futur tas-sistemi ta' trazzjoni għall-vetturi, l-Unjoni Ewropea teħtieġ li tkompli bi **prijorità ta' riċerka** relatata mat-trasport iddedikata fil-Programm Qafas li jmiss, li għaliha l-Istrateġiji ta' Riċerka u Innovazzjoni tat-Trasport Ewropew kif definiti mill-Kummissjoni Ewropea u l-Pjattaformi Teknoloġiċi Ewropej bħall-Kunsill Konsultattiv għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Avjazzjoni fl-Ewropa jiffurmaw bażi soda. Barra minn hekk, kollaborazzjoni li tkopri l-katina kollha tal-Livelli ta' Tħejjija Teknoloġika mir-riċerka bażika sal-applikazzjoni hija l-aktar triq effettiva lejn l-introduzzjoni fis-suq.

5.7. Il-KESE jixtieq itenni ([11]) l-fatt li hemm nuqqas ta' **armonizzazzjoni** bejn il-finanzjament tar-riċerka nazzjonali u tal-UE. Pereżempju, il-kunċett ta' Power-to-X – jiġifieri, il-konverżjoni elettrokimika ta' fwar u diossidu tal-karbonju bl-użu ta' elettriku ġġenerat b'mod rinnovabbli għall-produzzjoni ta' "synfuels" – hija appoġġjata b'mod qawwi mill-programm ta' finanzjament Ġermaniż ([12]), mingħajr ebda approċċ komplimentari min-naħa tal-UE.

5.8. Abbażi tat-teknoloġija eżistenti, l-Ewropa attwalment għandha domanda dejjem tikber għall-batteriji. Il-maġġoranza tal-kapaċità tal-produzzjoni taċ-ċelloli globali tibqa' fl-Asja u fl-Istati Uniti. Il-KESE għandu l-istess tħassib tal-Kummissjoni li l-industrija tal-karozzi se tiddependi fil-biċċa l-kbira fuq l-importazzjonijiet ta' ċelloli tal-batteriji, u b'hekk tesponi l-provenjenza tagħhom għal diversi riskji. **Industrija Ewropea tal-batteriji** lokali li kapaċi tissodisfa d-domanda hija fl-interess tal-manifatturi tal-karozzi Ewropej.

5.9. L-appoġġ għall-elettromobilità mhuwiex limitat għall-iżvilupp tal-batteriji. Għall-vetturi tqal tal-merkanzija, b'mod partikolari, is-soluzzjonijiet alternattivi jinkludu l-għażla ta' **toroq elettrifikati** bi propulsjoni elettrika permezz ta' kejbils fl-għoli jew binarji fil-wiċċ tat-triq (Awtostrada elettronika eċċ.) Kwistjoni komuni għal sistemi ta' propulsjoni alternattivi hija l-importanza tal-iżvilupp ta' standards komuni sabiex ikun permess it-traffiku transkonfinali u sabiex jinħoloq mill-inqas suq madwar l-UE u preferibbilment suq dinji. In-netwerk TEN-T, speċjalment il-Kurituri tan-Netwerk Ewlieni, jista' jkun għodda għal dan.

([11]) ĠU C 34, 2.2.2017, p. 66.
([12]) https://www.kopernikus-projekte.de/projekte/power-to-x

5.10. Il-**magna b'kombustjoni interna**, li tirrappreżenta s-sinsla tal-mobilità tagħna fit-toroq, qed ikollha dejjem aktar oppożizzjoni. Il-kumpaniji u s-sistema regolatorja relatata mal-emissjonijiet tal-vetturi qed jonqsu fil-fiduċja li tingħatalhom, b'mod partikolari issa li ġiet żvelata l-eżistenza ta' apparat ta' manipulazzjoni illegali. Dawn jinterferixxu mal-kontrolli tal-emissjonijiet jew iwaqqfuhom taħt il-kundizzjonijiet tas-sewqan fid-dinja reali. Madankollu, anke mingħajr prattiki illegali, huwa fatt magħruf li l-vetturi li jgħaddu mit-testijiet tal-emissjonijiet formali normalment jipproduċu livelli ferm ogħla ta' tniġġis fil-kundizzjonijiet tas-sewqan fid-dinja reali. Ir-raġuni ewlenija għall-problemi tal-lum huwa l-fatt li matul dawn l-aħħar deċennji din id-diskrepanza kibret. Hemm ħtieġa urġenti li terġa' tinkiseb il-fiduċja tal-konsumatur fl-industrija tal-karozzi u terġa' tinbena fiduċja fis-sistema regolatorja, permezz ta' standards tal-emissjonijiet realistiċi u proċeduri ta' testijiet adegwati. Il-Kumitat jiddispjaċih li l-awtorità indipendenti ta' sorveljanza għall-ittestjar tal-emissjonijiet tal-vetturi fl-UE kollha proposta mill-Kummissjoni twaqfet kmieni fl-2017, wara oppożizzjoni minn uħud mill-Istati Membri.

5.11. Madankollu, id-dibattitu dwar il-magni tal-kombustjoni kontra t-trazzjoni elettrika għandu jmur lil hinn mill-istandards tal-emissjonijiet. B'mod partikolari, hemm bżonn li ssir distinzjoni bejn l-effetti fuq it-tisħin **globali** u dawk fuq it-tniġġis tal-arja **lokali**. Biex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja lokali, l-ewwel għażla huma l-vetturi elettriċi b'żero emissjonijiet lokali. Madankollu, l-EVs normalment mhumiex ħielsa mill-emissjonijiet meta kkunsidrati globalment. Il-livell tal-emissjonijiet jiddependi fuq il-metodu tal-ġenerazzjoni tal-elettriku għall-iċċarġjar tal-batteriji u l-proċessi ta' manifattura għall-batteriji. Peress li s-sehem tal-ġenerazzjoni tal-elettriku mingħajr karbonju juri diskrepanzi kbar fl-Istati Membri, huwa evidenti li s-suċċess tal-EVs fir-rigward tal-ilħuq tal-objettivi tal-klima tal-UE jiddependi fuq il-pajjiż li fih topera l-EV. L-appoġġ tal-UE għall-**elettromobilità** għandu jqis il-fatt li din il-kwistjoni hija konnessa mill-qrib mal-qasam tal-ġenerazzjoni tal-elettriku kif diskuss fil-kuntest tal-**Unjoni Ewropea għall-Enerġija**.

5.12. Il-magni tal-kombustjoni fit-triq huma attwalment superjuri għas-sewqan fit-tul u xogħol heavy-duty. Fir-rigward ta' kemm it-trazzjoni elettrika tista' tlaħħaq, għandna nkunu ippreparati għal **ħin twil ta' tranżizzjoni** bil-koeżistenza taż-żewġ sistemi ta' trazzjoni. Il-karozzi ibridi, pereżempju, li jistgħu jaqilbu bejn kombustjoni għal sewqan fit-tul u trazzjoni elettrika fi ħdan belt, jistgħu jipprovdu soluzzjoni li għaliha l-industrija Ewropea tal-karozzi hija mħejja sew. Għal uħud mill-użi (bħall-merkanzija fuq distanzi twal), il-vetturi tal-elettriku tal-batterija mhumiex adatti. Hemm firxa wiesgħa ta' teknoloġiji alternattivi li jistgħu jintużaw, bħal ċelloli tal-fjuwil li jaħdmu bl-idroġenu u l-awtostradi elettrifikati. L-Ewropa teħtieġ li tinvesti fl-iżvilupp tagħhom biex tinbena t-tmexxija industrijali fit-trasport ekoloġiku.

5.13. Il-KESE jappoġġja l-iżvilupp ta' taħriġ professjonali dwar il-loġistika madwar l-Istati Membri kollha biex jiġu provduti ħiliet ġodda b'appoġġ għall-inizjattivi f'dan il-pakkett.

5.14. Ta' min jinnota li l-bliet il-kbar madwar l-UE stabilixxew b'mod indipendenti firxa wiesgħa ta' inizjattivi biex jindirizzaw il-konġestjoni u t-tniġġis. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex twessa' il-ħidma eżistenti tagħha mal-awtoritajiet muniċipali dwar l-aħjar prattika u d-disseminazzjoni tal-informazzjoni.

Brussell, it-18 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Korea — il-Kapitolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli"

(2018/C 081/28)

Relatur: **Dumitru FORNEA**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 22.6.2016
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa
Sezzjoni responsabbli	Sezzjoni Speċjalizzata għar-Relazzjonijiet Esterni
Adottata fis-sezzjoni	28.9.2017
Adottata fil-plenarja	18.10.2017
Sessjoni plenarja Nru	529
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	127/0/2

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-KESE jappoġġja l-isforzi internazzjonali biex tinżamm il-paċi, inkluż bil-promozzjoni ta' inizjattivi immirati għad-dimilitarizzazzjoni u d-denuklearizzazzjoni tal-peniżola Koreana. Fil-kuntest attwali, il-Kumitat jixtieq l-ewwel nett jesprimi s-solidarjetà kollha tiegħu u mhux kundizzjonata mar-Repubblika tal-Korea fir-rigward tat-theddid min-naħa tal-Korea ta' Fuq.

1.2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jirrikonoxxi li, b'mod ġenerali, il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles (Free Trade Agreement – FTA) bejn l-Unjoni Ewropea (UE) u r-Repubblika tal-Korea ([1]) pproduċa riżultati ekonomiċi u soċjali inkoraġġanti.

1.3. Madankollu, l-implimentazzjoni tal-aspetti tal-FTA marbutin mal-iżvilupp sostenibbli, partikolarment il-kwistjonijiet relatati max-xogħol, għadha mhix sodisfaċenti. Il-Kumitat itenni l-pożizzjonijiet meħuda mill-Grupp Konsultattiv Domestiku tal-UE ([2]), jiġifieri li l-Kummissjoni Ewropea għandha tiftaħ konsultazzjonijiet mal-Gvern Korean dwar l-implimentazzjoni tal-impenji tiegħu dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni u n-negozjar kollettiv.

1.4. Il-mekkaniżmi tas-soċjetà ċivili fil-Kapitolu tal-FTA bejn il-Korea u l-UE dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli ssaħħu kontinwament f'dawn l-aħħar ħames snin; ir-rappreżentattività u r-rappreżentanza bbilanċjata tal-partijiet interessati tjiebu b'mod sinifikanti, il-Gruppi Konsultattivi Domestiċi kemm fl-UE kif ukoll fil-Korea ltaqgħu regolarment, u fi Frar ta' din is-sena, il-Forum annwali tas-Soċjetà Ċivili UE-Korea, li jlaqqa' flimkien il-Grupp Konsultattiv Domestiku tal-UE u dak tal-Korea, sar għall-ħames darba.

1.5. S'issa, erba' temi prinċipali ddominaw id-diskussjonijiet u l-attivitajiet tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi: id-drittijiet fundamentali tax-xogħol, ir-responsabbiltà soċjali korporattiva, l-ekonomija ekoloġika u l-kummerċ fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli u l-politika dwar it-tibdil fil-klima, inklużi l-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fl-UE u l-Korea. Sabiex ikompli jissaħħaħ ir-rwol ta' dawn il-mekkaniżmi konsultattivi u sabiex jiġu indirizzati firxa usa' ta' tħassib ta' diversi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-KESE jirrakkomanda li l-Gruppi Konsultattivi Domestiċi għandhom ikunu jistgħu jiddiskutu kwistjonijiet rilevanti għas-soċjetà ċivili jew l-iżvilupp sostenibbli u jesprimu ruħhom dwar kwalunkwe kwistjoni koperta mill-FTA kollu.

([1]) Ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, ĠU L 127, 14.5.2011 – http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=OJ:L:2011:127:FULL&from=MT

([2]) Il-Grupp(i) Konsultattiv(i) Domestiku (Domestiċi) dwar l-iżvilupp sostenibbli (l-ambjent u x-xogħol) huma stabbiliti skont l-Artikolu 13.12 bil-kompitu li jagħtu pariri dwar l-implimentazzjoni tal-Kapitolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli.

1.6. Il-Kumitat iħeġġeġ li, minħabba l-għadd dejjem jiżdied ta' ftehimiet kummerċjali tal-UE li qegħdin jidħlu fis-seħħ u ż-żieda konsegwenti fl-għadd ta' mekkaniżmi fis-seħħ biex tiġi monitorjata s-soċjetà ċivili, il-Kummissjoni issa għandha b'mod urġenti tiżgura li jkunu disponibbli l-fondi meħtieġa biex dawk il-mekkaniżmi jkunu jistgħu jaħdmu b'mod effettiv. B'mod speċifiku għall-FTA bejn l-UE u l-Korea, dan għandu jinkludi fondi għal attivitajiet ġustifikati, inklużi ħidma analitika jew workshops li jakkumpanjaw il-laqgħat annwali konġunti mal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi tal-Korea.

1.7. L-esperjenza tal-imgħoddi wriet li fil-kuntest tal-FTA bejn l-UE u l-Korea, il-konsistenza u l-kwalità tad-djalogu bejn l-UE u l-Korea tjiebu b'mod sinifikanti permezz ta' koordinazzjoni aħjar tal-attivitajiet bejn il-Grupp Konsultattiv Domestiku tal-UE u l-istituzzjonijiet tal-UE, kif ukoll permezz tal-koordinazzjoni bejniethom u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra bħall-ILO u l-OECD. Il-KESE jirrakkomanda li l-metodi ta' ħidma żviluppati permezz ta' din il-kooperazzjoni interistituzzjonali għandhom jintużaw fil-perjodu li jmiss, inkluż bl-iżvilupp ta' sħubijiet ġodda għal attivitajiet u proġetti rilevanti.

1.8. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Kapitolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, il-KESE jemmen li huwa ta' importanza fundamentali li l-Partijiet iqisu u jsegwu r-rakkomandazzjonijiet tas-soċjetà ċivili pprovduti mill-Gruppi Konsultattivi Domestiċi u l-Forum tas-Soċjetà Ċivili. Il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandu jindirizza l-kwistjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet relatati mal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli li saru mill-Gruppi Konsultattivi Domestiċi, fi żmien raġonevoli.

1.9. Il-KESE jappella lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Parlament Ewropew biex jippromovu diskussjonijiet bilaterali mal-imsieħba Koreani dwar inizjattivi u miżuri politiċi biex tiġi infurzata l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni, u wkoll billi jikkapitalizzaw fuq id-diversità kulturali billi jħeġġu kummerċ bilanċjat bi prodotti u servizzi minn industriji kulturali u kreattivi mill-UE u mill-Korea.

1.10. Il-KESE jenfasizza l-importanza li jkompli jkun hemm sensibilizzazzjoni fost in-negozji Ewropej, b'mod partikolari l-SMEs, dwar l-opportunitajiet offruti minn dan il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles. Ir-rata ta' użu ta' preferenzi tariffarji (71 % fl-2016, żieda minn 68 % fl-2015) tista' titjieb billi jinħolqu miżuri li jiffaċilitaw il-kummerċ u ostakli tariffarji u mhux tariffarji mnaqqsa, iżda wkoll billi jinħolqu aktar opportunitajiet għall-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni fost l-imsieħba rilevanti Ewropej u Koreani.

1.11. Il-FTA bejn l-UE u l-Korea kien importanti ħafna għas-settur agroalimentari. Il-kummerċ agroalimentari bejn l-UE u l-Korea żdied b'mod rapidu f'dawn l-aħħar snin. Minħabba l-problemi li tqajmu għas-settur agrikolu tal-UE wara l-projbizzjoni Russa u r-restrizzjonijiet imposti min-naħa taċ-Ċina fuq l-esportazzjonijiet Koreani, kemm l-UE kif ukoll il-Korea jeħtieġu aċċess għal swieq ġodda. Il-Kummissjoni Ewropea għandha taħdem aktar biex ikun hemm aċċess semplifikat tal-prodotti agrikoli u alimentari Ewropej fis-suq Korean.

1.12. Il-Kumitat jenfasizza l-importanza tal-mekkaniżmi konsultattivi stabbiliti mill-FTA bejn l-UE u l-Korea (il-Grupp Konsultattiv Domestiku u l-Forum għas-Soċjetà Ċivili) bħala għodod effettivi u rappreżentattivi li jistgħu jappoġġjaw lill-istituzzjonijiet Ewropej bl-azzjonijiet tagħhom relatati mal-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-Ftehim ta' Pariġi, u sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali dwar l-iżvilupp sostenibbli, il-ħarsien tal-ambjent u t-tibdil fil-klima.

2. **Kuntest**

2.1. L-FTA bejn l-UE u l-Korea daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2011. Dan kien l-ewwel FTA bilaterali tal-UE tal-"ġenerazzjoni l-ġdida" li ġie implimentat. L-evalwazzjoni tiegħu hija għalhekk opportunità sabiex jiġi analizzat il-progress miksub, mhux biss għal dan l-FTA, iżda wkoll għal ftehimiet sussegwenti oħra. Madankollu, peress li l-mandat għan-negozjar tal-FTA huwa datat qabel it-Trattat ta' Lisbona, ma jkoprix l-investiment.

2.2. B'mod ġenerali, l-FTA ġġenera riżultati kummerċjali pożittivi għall-UE, kif irrappurtat mill-Kummissjoni Ewropea. Id-data tal-Kummissjoni turi li f'termini statistiċi, ħames snin wara l-implimentazzjoni tal-FTA, l-esportazzjonijiet tal-UE ta' prodotti lejn il-Korea żdiedu b'59 % minn EUR 28 biljun fl-2010 (l-aħħar sena qabel l-applikazzjoni provviżorja) għal EUR 44,5 biljun fl-2016. Għalhekk, id-defiċit kummerċjali tal-UE mal-Korea ta' EUR 11,6 biljun fl-2010 nbidel f'bilanċ kummerċjali favorevoli għall-UE ta' EUR 3,1 biljun fl-2016.L-esportazzjonijiet tal-UE tas-servizzi lejn il-Korea żdiedu b'49 % meta mqabbla mat-32 % għall-importazzjonijiet tal-UE mill-Korea mill-2010 sal-2015. L-UE kellha bilanċ favorevoli

ta' EUR 4,8 biljun f'servizzi fl-2015. Fl-istess perijodu, l-istokk ta' investiment dirett barrani eżoġenu tal-UE żdied b'59 % filwaqt li l-istokk ta' investiment dirett barrani endoġenu tal-UE (l-investimenti tal-UE fil-Korea) żdied bi 33 % ([3]).

2.3. Il-Kummissjoni Ewropea qed twettaq evalwazzjoni ta' dan l-FTA ([4]). Hija talbet lill-KESE biex tikkontribwixxi permezz ta' valutazzjoni min-naħa tiegħu tal-implimentazzjoni tal-FTA u b'mod partikolari tal-Kapitolu tiegħu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli. Il-konklużjonijiet ta' din l-Opinjoni ġew ifformulati waqt li jqisu, fost oħrajn, id-dokumenti u l-pożizzjonijiet tal-Grupp Konsultattiv Domestiku tal-UE u t-tliet workshops rilevanti li saru f'Seoul u Brussell ([5]).

3. **Kummenti ġenerali**

3.1. L-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-Korea matul l-aħħar ħamsin sena huwa meqjus bħala storja ta' suċċess. Il-PDG tal-pajjiż żdied minn USD 2,36 biljun fl-1961, biex laħaq, fl-aqwa tiegħu, iċ-ċifra ta' USD 1 411,3 biljun fl-2014 ([6]). Matul dan il-perjodu, il-Korea rnexxielha tibni bażi industrijali u teknoloġika formidabbli li tista' tikkompeti ma' kwalunkwe setgħa industrijali oħra fid-dinja.

3.2. Madankollu, minkejja dan il-progress, f'dawn l-aħħar ħames snin, fis-soċjetà Koreana bdiet tinfirex mewġa ta' talbiet soċjali miċ-ċittadini u s-soċjetà ċivili organizzata għal distribuzzjoni aktar ġusta tal-benefiċċji ekonomiċi fost il-klassijiet soċjali kollha. Minbarra d-drittijiet tal-ħaddiema, il-partijiet interessati tal-UE u dawk Koreani esprimew it-tħassib tagħhom dwar in-nuqqas ta' djalogu ċiviku u soċjali reali fil-pajjiż. Il-protesti tal-massa li saru f'Seoul lejn tmiem l-2016 u l-bidu tal-2017 ikkonfermaw din is-sitwazzjoni.

3.3. L-elezzjoni tal-President Moon Jae-in ([7]) hija meqjusa bħala l-bidu ta' era ġdida għall-ħaddiema, il-bdiewa, il-konsumaturi u l-impjegaturi Koreani u bosta organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili laqgħu l-impenji mill-President li għadu kif ġie elett dwar il-konsolidazzjoni tal-ġustizzja soċjali, speċifikament fir-rigward tad-drittijiet tal-ħaddiema, pagi deċenti u sigurtà tax-xogħol, kif ukoll l-intenzjoni tiegħu li jeżamina l-każ ta' mexxejja tat-trejdjunjins li jinsabu l-ħabs ([8]).

4. **Il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ tas-soċjetà ċivili taħt il-Kapitolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli tal-FTA bejn l-UE u l-Korea**

4.1. Id-dispożizzjonijiet tal-ġenerazzjoni l-ġdida ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles jipprovdu għal mekkaniżmu ta' konsultazzjoni tas-soċjetà ċivili. Għall-FTA bejn l-UE u l-Korea, dan jikkonsisti f'żewġ Gruppi Konsultattivi Domestiċi, wieħed fuq in-naħa tal-UE u l-ieħor fuq in-naħa Koreana, li jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-ftehim u jipprovdu rakkomandazzjonijiet lill-Partijiet ([9]).

4.2. Apparti l-Grupp Konsultattiv Domestiku stabbilit minn kull Parti, l-FTA bejn l-UE u l-Korea jipprevedi wkoll li kull sena jinżamm forum tas-soċjetà ċivili ([10]), fejn iż-żewġ Gruppi Konsultattivi Domestiċi jiltaqgħu sabiex jaħdmu flimkien matul laqgħa konġunta u jkollhom l-għażla li jippreparaw l-opinjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet.

4.3. Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon l-fatt li dan joħloq valur miżjud meta mqabbel ma' ftehimiet oħra ta' kummerċ ħieles. Dawn il-laqgħat konġunti huma speċifikament imniżżla fil-Ftehim, li jiddispjaċina li għadhom ma sarux prattika standard.

([3]) Sors: il-Kummissjoni Ewropea.
([4]) Evalwazzjoni tal-Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Korea – Rapport Tekniku Interim – http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2017/june/tradoc_155673.pdf
([5]) Workshops tal-Partijiet Interessati f'Seoul (30 ta' Novembru 2016) u fi Brussell (23 ta' Marzu 2017) fil-qafas tal-"Korea EU ILO 111 Project" (proġett dwar il-Konvenzjoni 111 tal-ILO) u s-seminar tal-ILO fi Brussell (6 ta' Diċembru 2016) dwar "Analiżi tad-Dispożizzjonijiet tax-Xogħol fil-Ftehimiet Kummerċjali: disinn, implimentazzjoni u involviment tal-partijiet interessati".
([6]) http://www.tradingeconomics.com/south-korea/gdp
([7]) Il-President il-ġdid tar-Repubblika tal-Korea ġie elett f'Mejju 2017 biex jieħu post il-President Park-Geun-hye, li ġie denunzjat f'Diċembru 2016 fuq akkużi ta' korruzzjoni u abbuż ta' poter.
([8]) https://www.ituc-csi.org/korea-president-moon-and-a-new-era?lang=en
([9]) Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Korea, Artikolu 13.12.
([10]) Idem, Artikolu 13.13.

4.4. L-FTA bejn l-UE u l-Korea, maqbul fl-2010, kien l-ewwel FTA tal-UE li kien jinkludi Kapitolu speċifiku dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, u wieħed li inkluda wkoll mekkaniżmu ta' monitoraġġ tas-soċjetà ċivili. Dan kien konsegwenza diretta tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Ewropa Globali" ([11]), ippubblikata f'Ottubru 2006. Din kienet iddikjarat "Hekk kif nimxu fit-triq tal-ġustizzja soċjali u l-koeżjoni f'pajjiżna, għandna nfittxu wkoll li nippromwovu l-valuri tagħna, fosthom dawk soċjali u ambjentali, madwar id-dinja" ([12]).

4.5. Fl-Opinjoni tiegħu dwar dik il-Komunikazzjoni, il-KESE appella speċifikament li jiġi inkluż kapitolu dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli f'kull FTA sussegwenti, flimkien ma' rwol attiv ta' monitoraġġ għas-soċjetà ċivili ([13]).

4.6. Bil-Ftehim UE-Korea jkun l-ewwel wieħed, kien hemm seba' ftehimiet kummerċjali tal-UE li jinkludu kapitolu prominenti dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, u hemm ħafna oħrajn imħejjija li qegħdin jistennew li jiġu ratifikati, inklużi dawk mal-Kanada, il-Vjetnam, Singapor u l-Ġappun. Minn dak iż-żmien 'l hawn il-Kumitat talab biex jiddaħħlu kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli anke fi ftehimiet ta' investiment awtonomi ([14]). Il-Kumitat jemmen li l-ħolqien ta' dawn il-mekkaniżmi huwa eżempju tajjeb ta' kif il-valuri tal-UE jitpoġġew fil-prattika, minkejja li wasal iż-żmien għal evalwazzjoni kumplessiva ([15]) abbażi tal-esperjenza miksuba s'issa.

4.7. Ħafna drabi, dawn il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ offrew l-ewwel kuntatt dirett għas-soċjetà ċivili lokali mal-UE, u b'hekk ħafna drabi jingħataw is-setgħa sa livell li qatt qabel ma kien immaġinat. Madankollu, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, inkluż għall-Korea, hemm differenzi soċjali u kulturali kbar, li għandhom bżonn iż-żmien u l-isforz biex jiġu adattati u jingħaqdu flimkien, u biex jiġu stabbiliti u żviluppati l-fiduċja u l-kunfidenza reċiproċi. Għalhekk, dawn il-mekkaniżmi jistgħu jieħdu żmien konsiderevoli qabel ma jkunu totalment stabbiliti u effettivi, u f'bosta każijiet ser jeħtieġu miżuri speċifiċi ta' bini tal-kapaċità.

4.8. Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li huwa stess qeda rwol kbir u kien involut sew fil-ħolqien ta' dawn il-mekkaniżmi, kemm fil-livell tal-Istati Membri kif ukoll permezz tas-segretarjat tagħha. Huwa għandu rwol ċentrali x'jaqdi f'dan l-aspett ta' relazzjonijiet internazzjonali tal-Unjoni.

4.9. Id-diskussjonijiet fil-Grupp Konsultattiv Domestiku tal-UE fi tmiem l-ewwel mandat tiegħu fl-2015 ikkonkludew li l-mekkaniżmu pprovda mezz addizzjonali għal djalogu u kooperazzjoni mal-imsieħba tas-soċjetà ċivili dwar kwistjonijiet marbuta mar-relazzjonijiet ta' kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli. Dawn id-diskussjonijiet ikkontribwixxew għad-djalogu mill-Kummissjoni Ewropea u r-rappreżentanti tal-gvern tal-pajjiż imsieħeb, filwaqt li ma eskludewx jew illimitaw l-iskambji permezz ta' mezzi eżistenti oħra. Madankollu, il-kapaċità tal-mekkaniżmu biex jinkisbu riżultati tanġibbli fil-prattika għad trid tiġi vverifikata.

4.10. Il-KESE jerġa' jisħaq li l-mekkaniżmu jeħtieġ il-ħin u l-isforz biex isir kompletament operattiv. Il-ħidma inizjali ffukat fuq il-ħolqien ta' Grupp Konsultattiv Domestiku u ta' Forum tas-Soċjetà Ċivili u kienet tinvolvi l-ħolqien tal-istruttura istituzzjonali u t-tisħiħ tal-kapaċità. Huwa biss wara dan l-istadju li l-membri tal-Grupp Konsultattiv Domestiku miż-żewġ naħat setgħu jifhmu l-mandat tal-mekkaniżmu, ir-rappreżentattività tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, is-sħubija tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi, ir-relazzjonijiet mal-korp intergovernattiv (jiġifieri l-parteċipazzjoni mill-presidenti tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi fil-laqgħat tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli) u l-kwistjonijiet li jridu jiġu diskussi, eċċ.

4.11. Id-djalogu żviluppa gradwalment biex ikopri firxa ta' kwistjonijiet u ġew inklużi aspetti ġodda, bħalma huma l-parteċipazzjoni tar-rappreżentant tal-ILO fid-diskussjonijiet dwar l-istandards tax-xogħol. Ġew introdotti proġetti konġunti dwar kwistjonijiet ta' interess komuni (bħal pereżempju l-proġett immexxi mill-KE dwar it-tibdil fil-klima u l-iskema tal-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet mal-Korea u proġett ieħor dwar il-Konvenzjoni tal-ILO Nru 111) u ġew organizzati avvenimenti sekondarji, bħal workshops, biex jiġu skambjati l-informazzjoni u l-prattiki komuni bil-possibbiltà li jiġu inklużi rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet rilevanti oħra li jmorru lil hinn mill-Gruppi Konsultattivi Domestiċi u s-soċjetà ċivili. Fuq talba min-naħa Koreana, ġie organizzat workshop fi Frar 2017 li kopra l-Pjani Nazzjonali ta' Azzjoni dwar ir-responsabbiltà soċjali korporattiva, in-negozji u d-drittijiet tal-bniedem. Ġew stabbiliti punti nazzjonali ta' kuntatt skont il-linji gwida tal-OECD għall-intrapriżi multinazzjonali.

([11]) COM(2006) 567 final.
([12]) Ibid punt 3.1 iii.
([13]) ĠU C 211, 19.8.2008, p. 82.
([14]) ĠU C 268, 14.8.2015, p. 19.
([15]) ĠU C 264, 20.7.2016, p. 123.

4.12. Il-kooperazzjoni u d-djalogu tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi tal-UE jinżammu mal-Parlament Ewropew, kif ukoll ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE, b'mod partikolari l-Kummissjoni u s-SEAE, li jaġġorna regolarment lill-Grupp Konsultattiv Domestiku tal-UE dwar l-implimentazzjoni tal-Kapitolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli tal-FTA bejn l-UE u l-Korea.

4.13. Inżammu r-relazzjonijiet mad-Delegazzjoni tal-UE f'Seoul u kien importanti li d-Delegazzjoni jkollha l-kapaċità u l-għarfien espert biex issegwi kwistjonijiet relatati mal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli. Għalhekk, il-KESE jirrakkomanda bil-qawwa li tinħoloq pożizzjoni partikolari fid-Delegazzjoni biex tindirizza l-kwistjonijiet dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli.

4.14. Fir-rigward tar-riżultati, il-KESE jemmen li għad hemm il-bżonn li jiġi żgurat li r-rakkomandazzjonijiet ipprovduti mill-mekkaniżmu tas-soċjetà ċivili jitqiesu b'mod serju u jiġu segwiti minn kull parti. Bl-istess mod, hemm bżonn urġenti li jkun hemm dibattitu u jintlaħaq fehim konġunt dwar iċ-ċirkostanzi li jistgħu jwasslu għall-użu tal-proċedura ta' konsultazzjonijiet tal-gvern prevista fl-Artikolu 13.14 (1) tal-FTA bejn l-UE u l-Korea ([16]).

4.15. Skont it-termini tal-FTA, il-Grupp Konsultattiv Domestiku għandu jkun magħmul minn organizzazzjonijiet rappreżentattivi indipendenti fi sħubija bbilanċjata mill-partijiet interessati li jirrappreżentaw it-tliet dimensjonijiet kollha tal-iżvilupp sostenibbli.

4.16. Sħubija bħal din min-naħa tal-UE għandha tinkludi l-organizzazzjonijiet umbrella tal-UE, kif ukoll organizzazzjonijiet b'interess partikolari jew esperjenza fil-kummerċ, l-investiment u l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-parti terza speċifika, jew li għandhom organizzazzjonijiet imsieħba, fergħat jew uffiċċji lokali f'dak il-pajjiż imsieħeb. Għandu wkoll isir użu aħjar tal-għarfien espert u tal-informazzjoni disponibbli permezz ta' organizzazzjonijiet parteċipanti tal-UE jew l-organizzazzjonijiet membri tagħhom.

4.17. Il-Kumitat jirrakkomanda bil-qawwa li kull Grupp Konsultattiv Domestiku għandu jkun jista' jiddiskuti kwistjonijiet rilevanti għas-soċjetà ċivili u l-iżvilupp sostenibbli (jiġifieri l-iżvilupp ekonomiku, l-iżvilupp soċjali u l-protezzjoni ambjentali, jew rekwiżiti sanitarji u fitosanitarji, jew kwistjonijiet relatati mal-SMEs), inklużi impatti kbar li jirriżultaw minn miżuri ta' implimentazzjoni.

4.18. Il-Kumitat iħeġġeġ li, minħabba l-għadd dejjem jiżdied ta' ftehimiet kummerċjali tal-UE li qegħdin jidħlu fis-seħħ u ż-żieda konsegwenti fl-għadd ta' mekkaniżmi fis-seħħ biex tiġi monitorjata s-soċjetà ċivili, il-Kummissjoni issa għandha b'mod urġenti tiżgura li jkunu disponibbli l-fondi meħtieġa biex dawk il-mekkaniżmi jkunu jistgħu jaħdmu b'mod effettiv. B'mod speċifiku għall-FTA bejn l-UE u l-Korea, dan għandu jinkludi fondi għal attivitajiet ġustifikati, inklużi ħidma analitika jew workshops li jakkumpanjaw il-laqgħat annwali konġunti mal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi tal-Korea.

4.19. Fl-istess ħin, il-Kumitat iħeġġeġ li l-prattika stabbilita li l-Forum tas-Soċjetà Ċivili jinżamm eżatt wara l-laqgħa annwali tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli għandha ssir karatteristika permanenti aċċettata mill-partijiet kollha. Din għandha tinkludi l-parteċipazzjoni taż-żewġ presidenti tal-Grupp Konsultattiv Domestiku fil-laqgħat bejn l-UE u l-Korea dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli.

4.20. Il-Kumitat jilqa' l-appoġġ qawwi mid-DĠ Kummerċ meta l-Grupp Konsultattiv Domestiku tal-UE insista li jkun hemm sħubija bilanċjata tal-Grupp Konsultattiv Domestiku tal-Korea, li tirrifletti d-dispożizzjonijiet tal-ftehim. B'riżultat ta' dan, il-Grupp Konsultattiv Domestiku tal-Korea bidel is-sħubija tiegħu fl-2014, biex jirrifletti bilanċ aħjar mit-tliet sottogruppi, iżda għad hemm diffikultajiet fir-rigward ta' nuqqas ta' għarfien espert tan-negozju u rappreżentanza fil-Grupp Konsultattiv Domestiku Korean.

4.21. Il-Kumitat jemmen ukoll li għandha titqies aktar il-komunikazzjoni effettiva tal-attivitajiet tal-Grupp Konsultattiv Domestiku, mhux biss ma' organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili, iżda wkoll ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE (notevolment il-Parlament Ewropew), mhux l-inqas biex jitħeġġeġ aktar interess fil-ħidma tal-Grupp Konsultattiv Domestiku tal-UE u sabiex fil-ġejjieni jkunu involuti aktar organizzazzjonijiet oħra.

([16]) Parti tista' titlob konsultazzjonijiet mal-Parti l-oħra dwar kwalunkwe kwistjoni ta' interess reċiproku li tinqala' taħt dan il-Kapitolu, inklużi l-komunikazzjonijiet tal-Grupp(i) Konsultattiv(i) Domestiku(/ċi) li saret referenza għalih(om) fl-Artikolu 13.12, billi tibgħat talba bil-miktub lill-punt ta' kuntatt tal-Parti l-oħra.

5. **Opportunitajiet u sfidi għal negozju skont l-FTA bejn l-UE u l-Korea**

5.1. Stħarriġ dwar il-Fiduċja fin-Negozju mwettaq fl-2016 mill-Kamra Ewropea tal-Kummerċ fil-Korea juri li għan-negozji Ewropej, il-Korea hija u ser tkompli tkun suq importanti. L-industrija tistenna li r-reviżjonijiet tar-regoli u r-regolamenti ser twassal għal aktar libertà operazzjonali kif ukoll għal inqas kumplessità meta jsir negozju fil-Korea. L-infurzar diskrezzjonali tar-regoli u l-ambjent leġislattiv imprevedibbli jitqiesu bħala l-kwistjonijiet prinċipali li jxekklu l-mod ġust ta' kif isir negozju fil-Korea ([17]).

5.2. L-organizzazzjonijiet tan-negozju Ewropej ([18]) jikkunsidraw li r-rata ta' użu ta' preferenzi tariffarji tista' tittejjeb billi jkun hemm aktar għarfien fost il-kumpaniji (b'mod partikolari l-SMEs) dwar l-opportunitajiet offruti minn dan l-FTA u minn

— ostakli mnaqqsa relatati mat-tariffi u dawk mhux relatati mat-tariffi għall-esportazzjonijiet agroalimentari tal-UE;

— tħaffif tal-kummerċ inklużi l-clearance mid-dwana, il-kompetizzjoni u l-akkwist pubbliku;

— kopertura sħiħa, reċiproċità sħiħa u aċċess effettiv għas-suq għall-prodotti industrijali;

— il-ħolqien ta' aktar opportunitajiet għall-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni fost l-imsieħba rilevanti Ewropej u Koreani.

5.3. L-SMEs tal-UE (b'mod partikolari dawk li mhumiex inklużi fil-katini ta' valur globali) qed jitolbu sabiex l-istatistika kummerċjali tiġi evalwata mill-ġdid minħabba li s-settijiet ta' data eżistenti ma jipprovdux stampa ċara ta' esportazzjonijiet indiretti u ma jkunux jistgħu jgħinu sabiex jiġu identifikati opportunitajiet ġodda ta' negozju u sabiex jiġu vvalutati l-iżviluppi kummerċjali f'bosta setturi. Huma jipproponu li jkun hemm ċaqliqa mill-istatistika dwar il-kummerċ gross għall-kummerċ fil-valur miżjud.

5.4. Il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni huma wkoll kwistjoni ewlenija għall-UE u l-Korea, primarjament fil-qasam tal-industriji kulturali u kreattivi: iċ-ċinema, il-moda, il-logħob bil-vidjos, it-tessuti intelliġenti, il-mużika, eċċ. Għalhekk huwa importanti li tingħata attenzjoni mill-qrib lill-infurzar tal-FTA dwar il-kwistjonijiet marbutin ma' dan il-qasam. Xi organizzazzjonijiet Ewropej u globali rrappurtaw diffikultajiet fil-Korea rigward il-protezzjoni effettiva u l-isfruttament tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Speċifikament, kien hemm rapporti dwar in-nuqqasijiet li jiġu żgurati d-drittijiet tal-proprjetà intelletwali għall-kumpaniji tal-moda u tal-lussu, jew id-drittijiet kompluti għall-eżibizzjoni pubblika tal-produtturi tal-mużika, l-artisti u l-awturi ([19]).

5.5. Il-protokoll tal-Unesco tal-2005 huwa inkorporat f'dan l-FTA u għandu jipprovdi biżżejjed garanziji biex issir kapitalizzazzjoni fuq id-diversità kulturali billi jiġu protetti d-drittijiet tal-awtur b'mod effettiv u jitħeġġeġ kummerċ bilanċjat ma' prodotti u servizzi minn industriji kulturali u kreattivi mill-UE u mill-Korea. Xi kumpaniji Ewropej iqisu li hemm bżonn li titjieb il-kooperazzjoni u d-djalogu f'dan il-qasam sabiex jiġu evitati kwalunkwe miżuri protezzjonisti imposti unilateralment, fil-kuntest ta' kompetizzjoni globali dejjem aktar b'saħħitha għall-promozzjoni tal-kontenut proprju (b'mod speċjali fil-midja u ċ-ċinema).

5.6. Il-prodotti agrikoli u tal-ikel ipproċessat Ewropej għandhom reputazzjoni tajba mal-konsumaturi Koreani u għalhekk l-UE għandha esportazzjonijiet agrikoli u tal-ikel sostanzjali għas-suq Korean. Il-Kummissjoni Ewropea għamlet xi sforzi biex jiġu promossi l-prodotti tal-UE fil-Korea iżda jista' jsir ħafna iktar sabiex jiġi massimizzat il-potenzjal ta' din ir-relazzjoni kummerċjali privileġġjata.

([17]) European Business in Korea: Business Confidence Survey 2016, European Chamber.; https://ecck.eu/wp-content/uploads/2017/01/Business-Confidence-Survey-2016.pdf

([18]) Il-pożizzjoni ta' Business Europe dwar l-FTA bejn l-UE u l-Korea: https://www.businesseurope.eu/sites/buseur/files/media/imported/2007-01113-EN.pdf

([19]) Il-kummenti mill-IFPI dwar l-emenda parzjali tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur fil-Korea t'Isfel:https://opennet.or.kr/wp-content/uploads/2013/04/IFPI-Comments-on-Partial-Amendment-of-Copyright-Act-in-South-Korea-March-20131.pdf

5.7. L-esportazzjonijiet agroalimentari tal-UE lejn il-Korea żdiedu b'ħeffa kbira f'dawn l-aħħar snin u laħqu EUR 2,6 biljun fl-2016. Il-Korea hija kklassifikata fit-13-il post fost l-imsieħba agroalimentari l-aktar importanti għall-UE ([20]). L-FTA bejn l-UE u l-Korea elimina d-dazji fuq kważi l-prodotti agrikoli kollha tal-UE. Għal ċerti prodotti ġew introdotti l-kwoti tariffarji. Ir-rikonoxximent reċiproku ta' ċerti indikazzjonijiet ġeografiċi (IĠ) huwa wkoll importanti sabiex jissaħħu l-esportazzjoni agroalimentari bejn l-UE u l-Korea.

5.8. Minħabba l-problemi li nqalgħu għas-settur agrikolu tal-UE wara l-projbizzjoni Russa u minħabba r-restrizzjonijiet imposti miċ-Ċina fuq l-esportazzjonijiet Koreani bħala sanzjonijiet kontra l-użu tas-sistemi ta' difiża THAAD (Terminal High Altitude Area Defense), kemm l-UE kif ukoll il-Korea jeħtieġu aċċess għal swieq ġodda u f'dan il-kuntest, l-FTA bejn l-UE u l-Korea diġà wera li hu ta' benefiċċju reċiproku.

6. L-impatt tal-FTA bejn l-UE u l-Korea fuq l-istandards tax-xogħol, ir-relazzjonijiet industrijali u, b'mod ġenerali, fuq il-kwalità tad-djalogu soċjali u ċivili

6.1. Il-Kapitolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli jtenni l-impenji tal-Partijiet fir-rigward tal-Konvenzjonijiet tal-ILO, jistabbilixxi mekkaniżmu konsultattiv u ta' monitoraġġ tas-soċjetà ċivili li jissorvelja l-implimentazzjoni tal-FTA u jipprovdi rakkomandazzjonijiet. L-Istati Membri tal-UE rratifikaw it-tmien konvenzjonijiet fundamentali kollha tal-ILO u r-Repubblika tal-Korea rratifikat erbgħa. Globalment, il-pajjiżi li ma rratifikawx dawn il-Konvenzjonijiet tal-ILO huma f'minoranza ([21]).

6.2. Hemm diversi Żoni Ekonomiċi Ħielsa ([22]) u Żoni ta' Kummerċ Ħieles fil-Korea ([23]). Fost inċentivi oħra, iż-żoni joffru ċerti eżenzjonijiet mil-liġijiet nazzjonali tax-xogħol u dawk ambjentali. Pereżempju, il-kumpaniji li jimpjegaw iżjed minn 300 impjegat huma eżentati mill-obbligu li jirreklutaw persuni b'diżabbiltà li jkunu jgħoddu għal tal-inqas 2 % tal-forza tax-xogħol tagħhom jew li jipprovdu għal-liv bil-ħlas, li normalment nirreferu għalih bħala "il-mistrieħ ta' kull ġimgħa".

6.3. Il-KESE jqis li dawn l-eżenzjonijiet, kemm fin-natura tagħhom kif ukoll fl-intenzjoni tagħhom, jirrappreżentaw ksur tal-Artikolu 13.7 tal-FTA bejn l-UE u l-Korea li jgħid: "Parti m'għandhiex iddgħajjef jew tnaqqas il-protezzjonijiet ambjentali jew tax-xogħol mogħtija fil-liġijiet tagħha sabiex tinkoraġġixxi l-kummerċ jew l-investiment, billi tirrinunzja jew tidderoga mod ieħor, jew billi toffri li tirrinunzja jew li tidderoga mod ieħor, mil-liġijiet, ir-regolamenti jew l-istandards tagħha, b'mod li jaffettwa l-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet".

6.4. Il-Grupp Konsultattiv Domestiku tal-UE u l-Forum tas-Soċjetà Ċivili qajmu dawn il-kwistjonijiet diversi drabi fil-perjodu 2012-2017 u appellaw b'mod ripetut sabiex titħaffef ir-ratifika tal-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO. Wara l-inizjattiva tad-DAG tal-UE, il-Forum tas-Soċjetà Ċivili UE-Korea fittex li jissorvelja l-implimentazzjoni tad-dispożizzjoni tal-Artikolu 13.4.3 li tgħid li: "Il-Partijiet se jagħmlu sforzi kontinwi u sostnuti" sabiex jirratifikaw il-Konvenzjonijiet fundamentali u aġġornati tal-ILO. Il-Kummissjoni Ewropea qajmet din il-kwistjoni mal-Gvern tal-Korea.

6.5. F'Ġunju 2015, il-Gvern Korean wieġeb li fil-każ tal-konvenzjonijiet fundamentali mhux ratifikati, xi wħud mid-dispożizzjonijiet tagħhom ma jikkonformawx mal-liġijiet domestiċi u s-sitwazzjoni attwali, u dan jagħmilha diffiċli li jinħolqu l-kundizzjonijiet għar-ratifika fil-Korea. It-tweġiba tal-Gvern tissokta tgħid li peress li l-liġijiet u s-sistemi ta' pajjiż speċifiku, b'mod partikolari l-liġijiet tax-xogħol, għandhom jirriflettu l-karatteristiċi soċjalment u ekonomikament uniċi tiegħu u jkunu bbażati fuq ftehimiet bejn tliet partijiet, mhuwiex faċli li l-liġijiet u s-sistemi domestiċi jittejbu fi żmien qasir. Dan ma jikkonformax mal-istipulazzjonijiet tal-Artikolu 13.4.3 u l-Kapitolu inġenerali dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli.

6.6. Fil-15 ta' Settembru 2015, il-Forum tas-Soċjetà Ċivili ħareġ dikjarazzjoni li tesprimi d-diżappunt tiegħu bin-nuqqas ta' progress u passi konkreti, b'mod partikolari rigward ir-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva tal-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO u ħeġġeġ lill-Partijiet iġeddu l-isforzi tagħhom f'dik id-direzzjoni.

(20) https://ec.europa.eu/agriculture/sites/agriculture/files/trade-analysis/statistics/outside-eu/countries/agrifood-south-korea_en.pdf

(21) Il-Konvenzjonijiet Fundamentali tal-ILO li ma ġewx ratifikati mir-Repubblika tal-Korea: Konvenzjoni Nru 29 tal-1930 dwar ix-Xogħol Furzat; Konvenzjoni Nru 87 tal-1948 dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Protezzjoni tad-Dritt għall-Organizzazzjoni; Konvenzjoni Nru 98 tal-1949 dwar l-Applikazzjoni tal-Prinċipji tad-Dritt ta' Organizzazzjoni u tal-Innegozjar Kollettiv; Konvenzjoni Nru 105 tal-1957 dwar l-Abolizzjoni tax-Xogħol Furzat.

(22) http://www.fez.go.kr/global/en/index.do

(23) http://english.motie.go.kr/en/tp/alltopiccs/bbs/bbsView.do?bbs_cd_n=3&bbs_seq_n=12

6.7. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea biex tniedi konsultazzjonijiet formali mal-gvern Korean kif mitlub mill-Grupp Konsultattiv Domestiku tal-UE fl-ittri tiegħu lill-Kummissarju għall-Kummerċ (De Gucht f'Jannar 2014 u Malmström f'Diċembru 2016) u mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju 2017 ([24]). Il-konsultazzjonijiet għandhom jibdew b'enfasi fuq in-nuqqas tal-Korea li tirratifika l-Konvenzjonijiet tal-ILO u dwar kwistjonijiet relatati mal-ksur min-naħa tal-Korea tad-dispożizzjonijiet tax-xogħol kif preskritti skont il-Kapitolu tal-FTA dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli.

6.8. Fil-futur, huwa importanti li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Korea u l-imsieħba soċjali, pereżempju permezz ta' aktar proġetti tematiċi ffinanzjati b'mod konġunt u implimentati mill-Kummissjoni Ewropea, il-KESE u l-ILO. Ir-rappreżentanti tal-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili fil-Korea u fl-UE, li jipparteċipaw fiż-żewġ Gruppi Konsultattivi Domestiċi, għandhom ikunu involuti b'mod dirett fl-implimentazzjoni ta' dawn il-proġetti.

7. **Il-protezzjoni tal-ambjent u l-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli**

7.1. Dan l-FTA jafferma mill-ġdid l-impenn tal-Istati Membri tal-UE għall-ftehimiet ambjentali multilaterali li għalihom huma parti, bħalma huma l-Konvenzjoni ta' Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Ftehim ta' Pariġi, il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (CBD) u s-CITES dwar il-kummerċ internazzjonali fl-ispeċijiet ta' fawna u flora selvaġġi fil-periklu.

7.2. Il-Korea ilha topera l-iskema nazzjonali tagħha għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (KETS) sa mill-2015; dan huwa l-ewwel programm ta' dan it-tip li qed jopera fl-Asja tal-Lvant. Il-KETS tkopri madwar 525 minn fost l-ikbar emittenti tal-pajjiż, li jammontaw għal madwar 68 % tal-emissjonijiet nazzjonali tal-gassijiet b'effett ta' serra. Il-KETS tkopri l-emissjonijiet diretti ta' sitt gassijiet stipulati fil-Protokoll ta' Kyoto kif ukoll l-emissjonijiet indiretti mill-konsum tal-elettriku. Ir-Repubblika tal-Korea għandha l-ħsieb li tnaqqas l-emissjonijiet tagħha tal-gassijiet b'effett ta' serra – 37 % taħt ix-xenarju ta' kollox bħas-soltu sal-2030 (sottomissjoni INDC lill-UNFCCC). Dan huwa ugwali għal tnaqqis ta' 22 % meta mqabbel mal-livelli tal-emissjonijiet tal-2012 ([25]). Fit-8 ta' Lulju 2016, l-UE nediet proġett ta' kooperazzjoni ta' EUR 3,5 miljun mar-Repubblika tal-Korea biex tappoġġja l-implimentazzjoni tal-KETS. Il-proġett ser jibqa' għaddej sa Jannar 2019 u huwa ffinanzjat mill-Istrument tal-UE ta' Sħubija Barranija b'kontribuzzjoni in natura mingħand il-Gvern Korean u ser jitmexxa b'mod konġunt mill-UE u l-Ministeru Korean tal-Istrateġija u tal-Finanzi ([26]).

7.3. Eks-President, Lee Myung Baek, beda inizjattiva governattiva msejħa "Tkabbir Ekoloġiku". Fis-27-28 ta' Ottubru 2015, kien hemm id-19-il Forum dwar l-Ekoinnovazzjoni f'Seoul bħala parti mill-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Korea dwar kwistjonijiet ambjentali. Mill-2006 'l hawn, il-fora Ewropej dwar l-ekoinnovazzjoni bdew ilaqqgħu flimkien speċjalisti mill-komunitajiet tax-xjenza u l-inġinerija, il-politika, il-finanzi, l-NGOs, il-qasam akkademiku u n-negozju. Il-forum eżamina opportunitajiet ġodda ta' negozju fl-ekoinnovazzjoni u tgħallem dwar l-aħħar tendenzi fl-ekonomija ċirkolari, b'enfasi speċjali fuq materjali u prodotti innovattivi ([27]).

7.4. Taħt il-mekkaniżmi konsultattivi stabbiliti mill-FTA bejn l-UE u l-Korea, rappreżentanti tas-soċjetà ċivili mill-UE u l-Korea esprimew l-interess tagħhom li jiffokaw l-attenzjoni fuq kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-Ftehim ta' Pariġi. Il-Kumitat huwa konvint li kemm il-Grupp Konsultattiv Domestiku u l-Forum tas-Soċjetà Ċivili huma għodod effettivi u rappreżentattivi li jistgħu jassistu lill-istituzzjonijiet Ewropej fl-azzjonijiet tagħhom biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali dwar l-iżvilupp sostenibbli, il-protezzjoni ambjentali u t-tibdil fil-klima.

Brussell, it-18 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

([24]) Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2017 dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea (2015/2059(INI)) (http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+TA+P8-TA-2017-0225+0+DOC+XML+V0//MT)
([25]) International Carbon Action Partnership, 9 ta' Jannar 2017, l-Iskema tal-Korea għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet.
([26]) http://ec.europa.eu/clima/news/articles/news_2016070801_en
([27]) http://ec.europa.eu/environment/archives/ecoinnovation2015/2nd_forum/index_en.html

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali dwar "L-iskambju u l-protezzjoni ta' data personali fl-era tal-globalizzazzjoni"

[COM(2017) 7 final]

(2018/C 081/29)

Relatur: **Cristian PÎRVULESCU**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 31.5.2017
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa
Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	8.5.2017
Sezzjoni responsabbli	Relazzjonijiet Esterni
Adottata fis-sezzjoni	28.9.2017
Adottata fil-plenarja	18.10.2017
Sessjoni plenarja Nru	529
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	175/1/3

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Abbażi tal-valuri ewlenin u d-dokumenti kostitwenti tagħha, l-UE għandha r-responsabbiltà li ssir attur globali fil-promozzjoni tar-rispett għad-drittijiet fundamentali u protezzjoni adegwata tal-ħajja privata u d-data personali. F'dan ir-rigward, il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea biex tkun proattiva fil-livell bilaterali u multilaterali fil-promozzjoni tal-ogħla standard ta' protezzjoni tad-data personali.

1.2. Il-KESE jqis li huma bbilanċjati tajjeb u raġonevoli l-erba' kriterji ewlenin li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni meta tkun qed tivvaluta l-pajjiżi li magħhom għandu jiġi segwit djalogu dwar l-adegwatezza. Huwa importanti, madankollu, li dawn il-kriterji jiġu interpretati fid-dawl ta' impenn reali min-naħa tal-gvernijiet, il-parlamenti u l-qrati f'dawn il-pajjiżi biex jintlaħaq livell ekwivalenti u funzjonali tal-protezzjoni tad-data personali.

1.3. Il-KESE jappella għal aktar trasparenza u parteċipazzjoni fil-proċess tal-għoti ta' deċiżjonijiet ta' adegwatezza. Rappreżentanti mis-settur tan-negozju, speċjalment l-SMEs, flimkien ma' gruppi tal-ħarsien tal-konsumatur, gruppi ċiviċi u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili, għandhom jiġu involuti u kkonsultati. Il-KESE jinsab lest biex jiffaċilita l-proċess ta' konsultazzjoni.

1.4. Il-KESE jilqa' d-djalogu li nbeda mill-Kummissjoni ma' msieħba kummerċjali ewlenin fil-Lvant u x-Xlokk tal-Asja, inklużi l-Ġappun u l-Korea, u possibbilment l-Indja, flimkien ma' pajjiżi fl-Amerika Latina u l-pajjiżi koperti mill-politika Ewropea tal-Viċinat li esprimew interess fil-kisba ta' "konstatazzjoni tal-adegwatezza".

1.5. Il-KESE jittama li l-Kummissjoni, il-Kunsill, il-gvernijiet u l-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri u l-Gvern u l-Kungress tal-Istati Uniti ser jilqgħu l-proposti mressqa fir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' April 2017 dwar l-adegwatezza tal-protezzjoni mogħtija mit-Tarka tal-Privatezza UE-US. Il-Parlament Ewropew iqajjem tħassib serju fir-Riżoluzzjoni tiegħu, ħafna minnu jindika li l-ftehim u l-qafas leġislattiv attwali tal-Istati Uniti fil-prattika ma jipproteġux id-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE.

1.6. Minħabba l-avvanzi teknoloġiċi rapidi u l-espansjoni kontinwa tal-infrastruttura ITC, hemm ħtieġa għal sorveljanza u monitoraġġ mill-qrib governattivi. Anke jekk id-deċiżjonijiet ta' adegwatezza huma evalwati kull erba' snin (ara l-Artikolu 45(3) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR)), il-KESE jirrakkomanda li jkun hemm kuntatt

permanenti bejn il-Kummissjoni, l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data (DPAs) u l-awtoritajiet governattivi tal-pajjiżi terzi sabiex jiġu identifikati l-isfidi l-ġodda f'dak li huwa ambjent teknoloġiku u ekonomiku dinamiku ħafna.

1.7. Il-KESE jikkunsidra li l-promozzjoni tal-istandards tal-protezzjoni tad-data permezz ta' strumenti multilaterali għandha tkun prijorità għall-Kummissjoni Ewropea u li dan l-impenn għandu jiġi appoġġjat minn riżorsi, sabiex tkun tista' tinkiseb protezzjoni reali tad-drittijiet tal-bniedem *a priori* u *a posteriori*, rimedju legali effettiv għall-preġudizzji.

1.8. Il-Kumitat jenfasizza li l-Kummissjoni ma tagħmilx differenza bejn it-tipi u l-użi varji tad-data personali fil-Komunikazzjoni, bl-eċċezzjoni ta' kwistjonijiet kriminali.

1.9. Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Nru 108 tal-1981, u l-Protokoll addizzjonali tagħha tal-1999, hija l-uniku strument multilaterali vinkolanti fil-qasam tal-protezzjoni tad-data. L-istrument għandu jiġi żviluppat aktar u aktar pajjiżi terzi għandhom ikunu mħeġġa li jingħaqdu.

1.10. L-isforzi multilaterali fi ħdan l-OECD (l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku), il-G20 u l-APEC (Kooperazzjoni Ekonomika Asja-Paċifiku) għandhom jiġu żviluppati aktar bil-ħsieb li tinbena soċjetà verament globali fis-sistema multilaterali tal-protezzjoni tad-data. Il-kooperazzjoni mar-Relatur Speċjali tan-NU dwar id-dritt għall-privatezza għandha tkun solida u funzjonali.

1.11. Fir-rigward ta' skambju ta' data personali bħala parti mill-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, il-KESE huwa ferm favur il-ħolqien ta' salvagwardji robusti tal-protezzjoni tad-data, iżda huwa miftuħ ukoll għall-introduzzjoni ta' konstatazzjonijiet tal-adegwatezza fis-settur tal-infurzar tal-liġi kriminali. Il-protezzjoni tad-data u l-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, fosthom iċ-ċiberkriminalità u t-terroriżmu, għandhom jimxu id f'id.

1.12. Il-KESE jfakkar l-importanza tal-protezzjoni ta' data personali, dwar is-saħħa u dwar riabilitazzjoni tal-persuni b'diżabilità, kif stabbilit fl-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.

2. **Sfond/Introduzzjoni**

2.1. Il-protezzjoni tad-data personali hija parti minn nisġa kostituzzjonali komuni tal-Ewropa u hija minquxa fl-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Dan kien ċentrali għal-liġi tal-UE għal aktar minn 20 snin, mid-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data tal-1995 ("id-Direttiva tal-1995") għall-adozzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) u d-Direttiva dwar il-Pulizija fl-2016.

2.2. Ir-riforma tal-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data tal-UE, adottata f'April tal-2016, iddaħħal fis-seħħ sistema li tiżgura livell qawwi ta' protezzjoni kemm ġewwa l-UE kif ukoll għall-iskambju internazzjonali ta' data personali għal skopijiet kummerċjali u dawk tal-infurzar tal-liġi. Ir-regoli l-ġodda ser jidħlu fis-seħħ f'Mejju tal-2018.

2.3. Wara li lestiet ir-regoli tal-protezzjoni tad-data tal-UE, il-Kummissjoni issa qiegħda tistabbilixxi strateġija biex jiġu promossi standards internazzjonali tal-protezzjoni tad-data. Il-Komunikazzjoni tippreżenta għodod differenti għall-iskambju tad-data personali fuq livell internazzjonali, abbażi tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, kif ukoll l-istrateġija tagħha għal kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi magħżula fil-futur biex jaslu għal deċiżjonijiet ta' adegwatezza u jiġu promossi l-istandards tal-protezzjoni tad-data permezz ta' strumenti multilaterali.

2.4. Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data tal-2016 joffri sett ta' mekkaniżmi biex tiġi trasferita d-data personali mill-UE għall-pajjiżi terzi: deċiżjonijiet ta' adegwatezza, klawżoli kuntrattwali standard, regoli korporattivi vinkolanti, mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni u kodiċi ta' kondotta. L-għan ewlieni ta' dawn il-mekkaniżmi huwa li jiżguraw li meta d-data personali tal-Ewropej tiġi trasferita 'l barra mill-pajjiż, il-protezzjoni tivvjaġġa mad-data. Filwaqt li l-arkitettura tat-trasferimenti ta' data personali internazzjonali hija simili għal dik taħt id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data tal-1995, ir-riforma tissimplifika u tespandi l-użu tagħhom u tintroduċi għodod ġodda għal trasferimenti internazzjonali (eż. il-kodiċijiet ta' kondotta u l-mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni).

3. **Kummenti ġenerali**

3.1. Il-KESE jfaħħar l-isforzi tal-UE biex tiġi protetta d-data personali taċ-ċittadini tagħha filwaqt li tibqa' miftuħa u integrata f'dinja dejjem iżjed interkonnessa.

3.2. Abbażi tal-valuri ewlenin u d-dokumenti kostitwenti tagħha, l-UE għandha r-responsabbiltà li ssir attur globali fil-promozzjoni tar-rispett għad-drittijiet fundamentali u livell għoli ta' protezzjoni tal-ħajja privata u d-data personali. F'dan ir-rigward, il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea biex tkun proattiva fil-livell bilaterali u multilaterali fil-promozzjoni tal-ogħla standard ta' protezzjoni tad-data personali għaċ-ċittadini tagħha stess u għaċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi.

3.3. L-UE għandha tappoġġa l-aġenda għall-Protezzjoni tad-Data Personali Globali u l-prinċipji ewlenin tagħha: il-protezzjoni tad-data hija dritt fundamentali, u l-protezzjoni tagħha hija organizzata permezz tal-adozzjoni tal-leġislazzjoni globali f'dan il-qasam, bl-introduzzjoni ta' drittijiet ta' privatezza individwali infurzabbli u l-istabbiliment ta' awtoritajiet superviżorji indipendenti.

3.4. L-ogħla livell possibbli ta' protezzjoni tad-data personali mhuwiex biss responsabbiltà legali iżda wkoll opportunità kbira. L-ekonomija diġitali, il-flussi internazzjonali ta' oġġetti u servizzi u l-gvern elettroniku kollha jibbenefikaw mill-fiduċja taċ-ċittadini fil-protezzjoni regolatorja u istituzzjonali fis-seħħ. Il-protezzjoni tad-data u l-kummerċ internazzjonali ġust huma t-tnejn essenzjali għaċ-ċittadini u m'għandhomx ikunu kkunsidrati bħala valuri konfliġġenti.

3.5. Il-KESE jkompli jappoġġja d-direzzjoni ġenerali tal-politika tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data, kif għamel dan fl-opinjonijiet preċedenti tiegħu, filwaqt li madankollu jinsisti dwar il-ħtieġa għal livelli ogħla ta' protezzjoni. Fl-opinjoni tiegħu SOC/455 dwar ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, huwa ta xi eżempji dettaljati f'dak li għandu x'jaqsam ma' għadd ta' artikoli, li jgħinu biex jipprovdu definizzjoni aħjar ta' drittijiet, protezzjoni msaħħa tal-pubbliku inġenerali u tal-ħaddiema b'mod partikolari, in-natura tal-kunsens, il-legalità tal-ipproċessar u, b'mod partikolari, tal-funzjonijiet tal-uffiċjali tal-protezzjoni tad-data u l-ipproċessar tad-data fil-kuntest ta' impjieg ([1]).

3.6. Barra minn hekk, il-KESE enfasizza d-dritt ta' persuni, fiżiċi jew ġuridiċi, sabiex jesprimu l-kunsens tagħhom fir-rigward tad-data tagħhom. Fl-Opinjoni tiegħu TEN/631 dwar il-Protezzjoni tad-Data Personali, il-fehma tal-KESE hija li l-utenti għandhom ikunu informati, imħarrġa, u attenti, għaliex ladarba jagħtu l-kunsens tagħhom, il-fornitur jista' jkompli jipproċessa l-kontenut u l-metadata biex jikseb l-aktar azzjonijiet u qligħ possibbli. Li l-utenti jiġu edukati dwar kif għandhom jużaw id-drittijiet tagħhom, bħall-anonimizzazzjoni jew il-kriptaġġ, għandhom ikunu prijoritajiet relatati ma' dan ir-Regolament [Regolament li jikkonċerna r-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni tad-data personali fil-komunikazzjonijiet elettroniċi] ([2]).

3.7. Il-KESE jappoġġja l-ħolqien, f'Mejju 2018, ta' sett ta' regoli wieħed pan-Ewropew minflok 28 liġi nazzjonali fis-seħħ illum. Il-mekkaniżmu ta' one-stop shop li għadu kif inħoloq se jiżgura li awtorità tal-protezzjoni tad-data unika (DPA) tkun responsabbli għas-superviżjoni transkonfinali ta' operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-data mwettqa minn kumpanija fl-UE. Il-konsistenza fl-interpretazzjoni tar-regoli l-ġodda ser tkun garantita. B'mod partikolari, f'każijiet transfruntieri fejn diversi DPAs nazzjonali huma involuti, ser tiġi adottata deċiżjoni waħda biex jiġi żgurat li l-problemi komuni jirċievu soluzzjonijiet komuni. Il-KESE jittama li l-proċeduri l-ġodda mhux biss jiżguraw il-konsistenza tal-interpretazzjoni iżda wkoll l-ogħla livell possibbli ta' protezzjoni tad-data.

3.8. Il-KESE jinnota li l-Komunikazzjoni u l-proposti prinċipali tagħha huma apprezzati minn Digital Europe, l-organizzazzjoni li tirrappreżenta l-industrija tat-teknoloġija diġitali fl-Ewropa ([3]).

([1]) Opinjoni tal-KESE dwar Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, 23 ta' Mejju 2012. ĠU C 229, 31.7.2012, p. 90.
([2]) Opinjoni tal-KESE dwar Protezzjoni tad-data personali, 5 ta' Lulju 2017. ĠU C 345, 13.10.2017, p. 138.
([3]) Ittra lill-Kummissjoni Ewropea dwar il-Komunikazzjoni reċenti tagħha dwar it-Trasferimenti ta' Data Internazzjonali, DIGITALEUROPE, 12 ta' Mejju 2017, aċċessata l-1 ta' Awwissu: http://www.digitaleurope.org/Press-Room/Latest-News/News-Story/newsID/623

Iż-żieda fil-penetrazzjoni tal-cloud computing toħloq sfidi ġodda u kumplessi, li huma maħsuba li jevolvu minħabba l-pass mgħaġġel tat-tibdil teknoloġiku. Il-leġislazzjoni għandha tkun flessibbli sabiex tkun tista' tiġi allinjata mal-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq.

4. **Kummenti speċifiċi**

4.1. Deċiżjonijiet ta' adegwatezza meħuda mill-Kummissjoni bħalissa huma l-istrument xieraq biex jiżguraw il-protezzjoni tad-data għaċ-ċittadini tal-UE f'dak li għandu x'jaqsam ma' pajjiżi u entitajiet oħra, kemm governattivi kif ukoll privati. Huma wkoll strument utli biex jinkoraġġixxi lil pajjiżi terzi biex jimmiraw lejn livell simili ta' protezzjoni għaċ-ċittadini tagħhom stess, u għandhom ikunu l-għodda preferuta biex tipproteġi l-iskambju ta' data personali.

4.2. Il-KESE jqis ibbilanċjati tajjeb u raġonevoli.l-erba' kriterji ewlenin ([4]) li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni meta tkun qed tivvaluta l-pajjiżi li magħhom għandu jiġi segwit djalogu dwar l-adegwatezza. Huwa importanti, madankollu, li dawn il-kriterji jiġu interpretati fid-dawl tal-impenn reali min-naħa tal-gvernijiet, il-parlamenti u l-qrati f'dawn il-pajjiżi biex jintlaħaq livell ekwivalenti u funzjonali tal-protezzjoni tad-data personali.

4.3. Il-KESE jappella għal aktar trasparenza u parteċipazzjoni fil-proċess tal-għoti ta' deċiżjonijiet ta' adegwatezza. Rappreżentanti mis-settur tan-negozju, speċjalment l-SMEs, flimkien ma' gruppi tal-ħarsien tal-konsumatur u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili, għandhom jiġu involuti u kkonsultati. Il-KESE jinsab lest biex jiffaċilita l-proċess ta' konsultazzjoni.

4.4. Il-KESE jilqa' d-djalogu li nbeda mill-Kummissjoni ma' msieħba kummerċjali ewlenin fil-Lvant u x-Xlokk tal-Asja, inklużi l-Ġappun u l-Korea, u possibbilment l-Indja, flimkien ma' pajjiżi fl-Amerika Latina u l-pajjiżi koperti mill-politika Ewropea tal-Viċinat li esprimew interess fil-kisba ta' "konstatazzjoni tal-adegwatezza".

4.5. Il-KESE jqis li l-istatus tal-adegwatezza parzjali għal ċerti pajjiżi, li jkun jinkludi xi setturi u territorji, huwa problematiku għaliex ma jiżgurax biżżejjed garanziji konsistenti, kostituzzjonali, proċedurali u istituzzjonali li jiggarantixxu li d-data personali tkun protetta. L-adegwatezza parzjali tista' tkun stadju intermedjarju utli li fih l-UE u l-pajjiżi rispettivi jsibu bażi komuni u jikkoordinaw l-isforzi. L-għan fit-tul huwa li jintlaħaq ftehim komprensiv u aktar b'saħħtu fuq il-bażi ta' oqfsa eżistenti fil-pajjiżi kollha kkonċernati ([5]).

4.6. Il-KESE jilqa' l-isforzi li saru sabiex jinħoloq qafas bilaterali sod u funzjonali mal-Istati Uniti tal-Amerika. Id-deċiżjoni adottata dan l-aħħar dwar it-Tarka tal-Privatezza UE-US, li tissostitwixxi l-qafas tal-Isfera ta' Sikurezza UE-Stati Uniti, huwa pass 'il quddiem. L-ambitu ta' applikazzjoni tagħha huwa limitat, madankollu, peress li huwa bbażat fuq reġistrazzjoni volontarja, li tħalli barra għadd kbir ta' organizzazzjonijiet tal-Istati Uniti.

4.7. Il-KESE jittama li l-Kummissjoni, il-Kunsill, il-gvernijiet u l-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri u l-Gvern u l-Kungress tal-Istati Uniti ser jilqgħu l-proposti mressqa fir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' April 2017 dwar l-adegwatezza tal-protezzjoni mogħtija mit-Tarka tal-Privatezza UE-US. Il-Parlament Ewropew iqajjem tħassib serju fir-Riżoluzzjoni tiegħu, ħafna minnu jindika li l-ftehim u l-qafas leġislattiv attwali tal-Istati Uniti fil-prattika ma jipproteġux id-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE ([6]).

([4]) Il-kriterji ewlenin huma: 1. Il-punt sa fejn l-UE testendi r-relazzjonijiet kummerċjali (attwali jew potenzjali) ma' pajjiż terz partikolari, inkluża l-eżistenza ta' ftehim ta' kummerċ ħieles jew negozjati li għaddejjin; 2. Il-firxa ta' flussi ta' data personali mill-UE, li tirrifletti rabtiet ġeografiċi u/jew kulturali; 3. Ir-rwol ta' pijunier li l-pajjiż terz għandu fil-qasam tal-privatezza u l-protezzjoni tad-data, li jista' jservi bħala mudell għal pajjiżi oħra fir-reġjun tiegħu; 4. Ir-relazzjoni politika ġenerali mal-pajjiż terz inkwistjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-promozzjoni tal-valuri komuni u l-objettivi kondiviżi fil-livell internazzjonali.

([5]) Il-Kummissjoni heġġet lill-Istati Uniti biex isegwu l-isforzi tagħhom lejn sistema komprensiva ta' privatezza u protezzjoni tad-data, li jippermetti li jkun hemm konverġenza bejn iż-żewġ sistemi fuq perjodu itwal. Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Flussi ta' Data Transatlantiċi: Nirritornaw il-Fiduċja permezz ta' Salvagwardji Qawwija, COM(2016) 117 final 29.2.2016.

([6]) Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' April 2017 dwar l-adegwatezza tal-protezzjoni mogħtija mit-Tarka tal-Privatezza UE-US: Il-PE jiddeplora l-fatt li la l-prinċipji tat-Tarka tal-Privatezza u lanqas l-ittri tal-amministrazzjoni tal-Istati Uniti li jipprovdu kjarifiki u assigurazzjonijiet ma juru l-eżistenza ta' drittijiet ta' rimedju ġudizzjarju effettiv għal individwi tal-UE li d-data personali tagħhom tiġi trasferita lil xi organizzazzjoni tal-Istati Uniti taħt il-Prinċipji tat-Tarka tal-Privatezza u aċċessati u pproċessati ulterjorment mill-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Uniti għal finijiet ta' infurzar tal-liġi u ta' interess pubbliku, li ġew enfasizzati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Ottubru 2015 bħala l-essenza tad-dritt fundamentali fl-Artikolu 47 tal-Karta tal-UE, il-paragrafu 26.

4.8. Tħassib simili tqajjem minn diversi gruppi tas-soċjetà ċivili mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti ([7]). Il-KESE jħeġġeġ lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE biex jieħdu nota ta' dan it-tħassib.

4.9. Il-Kumitat, waqt li jirrikonoxxi x-xewqa tal-Kummissjoni li tinħoloq dinamika ġdida, jinnota li l-proposti tagħha jżommu l-inċertezzi legali għal persuni li d-drittijiet tagħhom ġew miksura. Hemm diversi aspetti li jikkontribwixxu għal dan l-għan:

— In-natura tad-data involuta mhijiex speċifikata: eż. data personali, metadata, proprjetà intellettwali.

— It-tipi ta' użi. X'tip ta' proċessar ta' data personali huwa permess għal skopijiet kummerċjali u tal-infurzar tal-liġi?

— In-natura tal-atturi involuti. X'inhu r-rwol tal-awtoritajiet statali, il-kumpaniji privati u l-qrati?

— L-istatus legali u r-responsabbiltà tal-kumpaniji li jaħdmu bid-data personali mhuwiex ċar. Il-penalitajiet u l-kumpens għad-danni mġarrba. X'inhu r-rwol tal-qrati nazzjonali tal-Istati Membri fl-UE, jew qrati oħra, inklużi dawk f'pajjiżi terzi?

4.10. Monitoraġġ wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' adegwatezza huwa essenzjali biex jiġi żgurat li l-ftehimiet jaħdmu fil-prattika. Minħabba l-avvanzi teknoloġiċi rapidi u l-espansjoni kontinwa tal-infrastruttura ITC, hemm ħtieġa għal sorveljanza u monitoraġġ mill-qrib governattivi. Anke jekk id-deċiżjoni ta' adegwatezza hija evalwata kull erba' snin (ara l-Artikolu 45(3) GDPR), il-KESE jirrakkomanda li jkun hemm kuntatt permanenti bejn il-Kummissjoni, id-DPAs u l-awtoritajiet governattivi tal-pajjiżi terzi sabiex jiġu identifikati l-isfidi l-ġodda f'dak li huwa ambjent teknoloġiku u ekonomiku dinamiku ħafna.

4.11. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex taħdem mal-partijiet interessati biex tiżviluppa mekkaniżmi alternattivi għat-trasferiment tad-data personali adattati għall-ħtiġijiet partikolari jew il-kundizzjonijiet ta' industriji speċifiċi, mudelli ta' negozju u/jew l-operaturi.

4.12. Il-KESE jikkunsidra li l-promozzjoni tal-istandards tal-protezzjoni tad-data permezz ta' strumenti multilaterali għandha tkun prijorità għall-Kummissjoni u li dan l-impenn għandu jiġi appoġġjat minn riżorsi.

4.13. Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa Nru 108, u l-Protokoll addizzjonali tagħha, hija l-uniku strument multilaterali vinkolanti fil-qasam tal-protezzjoni tad-data. L-istrument għandu jiġi żviluppat aktar u aktar pajjiżi terzi għandhom ikunu mħeġġa li jingħaqdu.

4.14. L-isforzi multilaterali fi ħdan l-OECD, il-G20 u l-APEC għandhom jiġu żviluppati aktar bil-ħsieb li tinbena soċjetà verament globali fis-sistema multilaterali tal-protezzjoni tad-data. Il-kooperazzjoni mar-Relatur Speċjali tan-NU dwar id-dritt għall-privatezza għandha tkun solida u funzjonali.

4.15. Għandu jkun prijorità t-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti għall-infurzar tal-privatezza u mal-awtoritajiet superviżorji f'pajjiżi terzi. Minkejja li ma joħloqx obbligi legalment vinkolanti, in-Netwerk Globali għall-Infurzar tal-Privatezza (GPEN) tal-OECD jista' jippromwovi l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi permezz tal-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki biex jiġu indirizzati l-isfidi transkonfinali u l-appoġġ ta' inizjattivi konġunti ta' infurzar u kampanji ta' sensibilizzazzjoni ([8]).

4.16. Fir-rigward ta' skambju ta' data personali bħala parti mill-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, il-KESE huwa ferm favur il-ħolqien ta' salvagwardji robusti tal-protezzjoni tad-data, iżda huwa miftuħ ukoll għall-introduzzjoni ta' konstatazzjonijiet tal-adegwatezza fis-settur tal-infurzar tal-liġi kriminali. Il-protezzjoni tad-data u l-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, fosthom iċ-ċiberkriminalità u t-terroriżmu, għandhom jimxu id f'id.

([7]) Coalition of Civil Liberties Organisations call for EU Lawmakers to Push for US Surveillance Reform to Ensure a Right-respecting Framework for Non-US persons, 28 ta' Frar 2017, aċċessat l-1 ta' Awwissu: https://www.accessnow.org/cms/assets/uploads/2017/02/Section702CoalitionLetter1.pdf

([8]) Ara wkoll l-OECD Primacy Framework, OECD, 2013.

4.17. Il-Ftehim Komprensiv dwar il-Protezzjoni tad-Data bejn l-UE u l-Istati Uniti li ġie konkluż f'Diċembru 2016, huwa eżempju tajjeb ta' kif id-drittijiet u l-obbligi tal-protezzjoni tad-data f'konformità mal-acquis tal-UE jistgħu jiġu inkorporati fi ftehim bilaterali. L-istess proċeduri jkunu jistgħu jaħdmu wkoll f'oqsma differenti ta' politika, bħalma huma l-politika tal-kompetizzjoni u l-protezzjoni tal-konsumatur. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tesplora l-possibbiltà tal-konklużjoni ta' ftehimiet qafas simili mal-imsieħba tal-infurzar tal-liġi importanti tagħha.

4.18. Il-Kumitat qed jistenna bil-ħerqa r-riżultati tal-ewwel reviżjoni annwali Tarka tal-Privatezza UE-Stati Uniti ta' din is-sena u jittama li dan se jkun eżerċizzju parteċipatorju u bir-reqqa. Il-KESE jittama li kemm l-UE kif ukoll l-Istati Uniti ser jibqgħu impenjati li jaħdmu flimkien lejn livell ogħla ta' protezzjoni ta' data personali.

Brussell, it-18 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għall- Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1295/2013 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020)"

[COM(2017) 385 final — 2017/0163 (COD)]

(2018/C 081/30)

Konsultazzjoni	Il-Parlament Ewropew, 11.9.2017
	Kunsill, 22.9.2017
Bażi ġuridika	L-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI)
Adottata fis-sessjoni plenarja	18.10.2017
Sessjoni plenarja Nru	529
Riżultat tal-votazzjoni	196/0/3
(favur/kontra/astensjonijiet)	

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni preċedenti tiegħu dwar il-programm "Ewropa Kreattiva" 2014–2020 (Regolament (UE) Nru 1295/2013) – CCMI/098 – CES828-2012_AC – fit-28 ta' Marzu 2012 ([1]).

L-opinjoni preċedenti tapprova bis-sħiħ kemm il-kontenut tal-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-programm Ewropa Kreattiva (2014-2020) kif ukoll iż-żieda fil-baġit sabiex tiffinanzjah. Madankollu, filwaqt li l-Kumitat enfasizza l-importanza li għandha d-dimensjoni ekonomika tal-Programm Ewropa Kreattiva, huwa nnota wkoll li l-programm kien wisq konċernat bl-objettiv ġenerali ta' kompetittività, filwaqt li l-għan li jippromovi d-diversità u l-valuri kulturali u lingwistiċi Ewropej huwa inqas viżibbli. Barra minn hekk huwa kkunsidra ukoll li l-ammont tal-baġit ma kienx biżżejjed biex ikopri l-għanijiet tiegħu meta mqabbel mal-baġit totali tal-UE jew il-fondi li ċerti Stati Membri allokaw biex jappoġġjaw l-attivitajiet kulturali.

Fil-proposta l-ġdida tagħha, il-Kummissjoni tipproponi li tinħoloq soluzzjoni legalment soda u trasparenti biex jiġi żgurat appoġġ sostenibbli għall-Orkestra taż-Żgħażagħ tal-Unjoni Ewropea (EUYO), filwaqt li tqis il-karatteristiċi speċifiċi tagħha, billi tiġi rikonoxxuta bħala "korp identifikat minn att bażiku" fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 190(1)(d) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012.

Din l-inizjattiva hija kompletament f'konformità mal-fehma tal-Kumitat fl-opinjoni preċedenti tiegħu. Dan il-finanzjament għall-EUYO mhux se jeħtieġ riżorsi addizzjonali mill-baġit tal-UE.

Il-proposta l-ġdida żżid biss punt wieħed mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 1295/2013 li jistabbilixxi l-programma Ewropa Kreattiva (2014-2020): "(f) l-Orkestra taż-Żgħażagħ tal-Unjoni Ewropea".

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa sodisfaċenti u li, barra minn hekk, diġà ta fehmtu dwar is-suġġett fl-opinjoni preċedenti tiegħu ([2]), CCMI/098 – CES828-2012_AC adottata fit-28 ta' Marzu 2012, iddeċieda, matul il-529 sessjoni plenarja tiegħu tat-18 u d-19 ta' Ottubru 2017 (seduta tat-18), b'196 vot favur, l-ebda vot kontra u 3 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost u li jagħmel referenza għall-pożizzjoni li ħa fid-dokument imsemmi.

Brussell, it-18 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

([1]) Opinjoni tal-KESE dwar Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014-2018) 2 ĠU C 181, 21.6.2012, p. 35.

([2]) Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-politika ekonomika taż-żona tal-euro għall-2017"

(opinjoni addizzjonali)

(2018/C 081/31)

Relatur: **Petr ZAHRADNÍK**

Korelatur: **Javier DOZ ORRIT**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja:	27.4.2017
Bażi legali	Artikolu 29(A) C tad-Dispożizzjonijiet ta' Implimentazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura
Sezzjoni responsabbli	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fis-sezzjoni	5.10.2017
Adottata fil-plenarja	19.10.2017
Sessjoni plenarja Nru	529
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	158/4/6

Preambolu

Din l-opinjoni tagħmel parti minn pakkett usa' ta' erba' opinjonijiet tal-KESE dwar il-ġejjieni tal-ekonomija Ewropea (L-Approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-politika ekonomika taż-żona tal-euro, L-Unjoni tas-Swieq Kapitali u Il-ġejjieni tal-finanzi tal-UE) [1]*. Il-pakkett qiegħed fil-kuntest tal-proċess tal-White Paper dwar il-ġejjieni tal-Ewropa mniedi reċentement mill-Kummissjoni Ewropea u jieħu kont tad-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2017 tal-President Juncker. F'konformità mar-riżoluzzjoni tal-KESE dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa* [2] *u opinjonijiet preċedenti dwar l-ikkompletar tal-UEM* [3]*, dan il-pakkett ta' opinjonijiet jenfasizza l-ħtieġa għal sens ta' skop komuni fil-governanza tal-Unjoni, li tmur ferm lil hinn minn approċċi u miżuri tekniċi, u hija l-ewwel u qabel kollox kwistjoni ta' rieda politika u perspettiva komuni.*

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Dawn il-konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet huma abbozzati biex jikkomplementaw l-opinjoni ECO/423, li magħha din l-opinjoni taqbel bis-sħiħ u tkompli tibni fuqha. Huma wkoll konsistenti mat-tliet opinjonijiet l-oħra dwar il-ġejjieni ekonomiku tal-Ewropa msemmi fil-preambolu.

1.2. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-progress li sar fl-iżvilupp tal-politika ekonomika taż-żona tal-euro u qed jissorvelja mill-qrib iċ-ċirkostanzi li jsawru dan l-iżvilupp. Madankollu, huwa jqis bħala importanti b'mod partikolari ċ-ċirkostanzi li jorbtu l-ambjent taż-żona tal-euro mal-aspetti fiskali u t-tisħiħ tal-qafas istituzzjonali tiegħu.

1.3. Il-KESE jikkunsidra li huwa essenzjali li jkun hemm taħlita bbilanċjata ta' politiki ekonomiċi taż-żona tal-euro, bil-komponenti monetarji, fiskali u strutturali interkonnessi kif xieraq. Minħabba r-raggruppament previst ta' dawn il-politiki f'konformità mal-iżvilupp ekonomiku, dan qed isir fattur dejjem aktar importanti.

1.4. Il-KESE ma jaqbilx mar-rifjut tal-Kunsill Ewropew ta' pożizzjoni fiskali pożittiva u jitolbu jikkunsidra mill-ġdid din il-konklużjoni. B'mod partikolari, il-bidla antiċipata mill-politika ta' tnaqqis kwantitattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew issaħħaħ l-argumenti favur l-adozzjoni ta' pożizzjoni fiskali pożittiva. Fl-istess ħin, il-KESE jirrikonoxxi li l-kamp ta' applikazzjoni ta' pożizzjoni fiskali pożittiva għandu jkun dirett b'mod xieraq sabiex ma jiżdiedx il-livell ta' dejn pubbliku li għadu għoli u mmirat lejn oqsma li jiġġeneraw benefiċċju ċar fit-tul.

(1) Il-pakkett jinkludi l-opinjonijiet tal-KESE Il-politika ekonomika taż-żona tal-euro 2017 (opinjoni addizzjonali), *Unjoni tas-Swieq Kapitali: rieżami ta' nofs it-terminu,* (ara paġna 117 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali) *L-approfondiment tal-UEM sal-2025* (ara paġna 124 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali) u *Il-Finanzi tal-UE sal-2025* (ara paġna 131 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(2) Riżoluzzjoni tal-KESE dwar ĠU C 345, 13.10.2017, p. 11.

(3) ĠU C 451, 16.12.2014, p. 10, ĠU C 332, 8.10.2015, p. 8.

1.5. Il-KESE jinnota s-sitwazzjoni ekonomika li qed tittejjeb fiż-żona tal-euro u jirrakkomanda li, sabiex jinżamm u jissaħħaħ dan, għandhom jittieħdu passi kruċjali biex jiġi stimulat l-investiment u jitwettqu riformi strutturali li jippromovu kemm produttività ogħla u kif ukoll impjiegi ta' kwalità. Jeħtieġ li r-riformi strutturali jiġu implimentati b'mod aktar b'saħħtu f'konformità mal-proċessi tas-Semestru Ewropew. Barra minn hekk, il-KESE jirrakkomanda li l-ħtieġa għal riforma strutturali titqies fil-livell taż-żona tal-euro jew tal-UE kollha kemm hi, mhux biss f'termini ta' miżuri strutturali iżolati fl-Istati Membri varji.

1.6. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ il-koeżjoni msaħħa fiż-żona tal-euro fil-forma sew ta' koordinazzjoni msaħħa tal-politika ekonomika u fiskali u kif ukoll it-titjib tal-intermedjazzjoni finanzjarja billi titlesta l-unjoni finanzjarja u tiġi żgurata influwenza akbar taż-żona tal-euro fl-ekonomija globali. Biex jintlaħqu dawn l-isfidi, il-KESE jirrakkomanda t-tisħiħ korrispondenti tal-qafas istituzzjonali tiegħu.

1.7. Il-KESE huwa tal-opinjoni li l-euro hija l-munita tal-UE kollha kemm hi; il-KESE huwa favur li tittejjeb is-sitwazzjoni ekonomika fl-UE li twassal għall-possibbiltà li tikber iż-żona tal-euro, b'impatt pożittiv antiċipat kemm fuq iż-żona tal-euro u kif ukoll fuq il-membri tagħha.

1.8. Il-KESE jinnota li, minħabba l-Brexit u l-previżjoni fqira tal-amministrazzjoni attwali tal-Istati Uniti, jeħtieġ li tingħata attenzjoni xierqa wkoll lill-iżviluppi politiċi u ekonomiċi madwar id-dinja.

1.9. Il-KESE huwa konxju li hemm il-limiti biex jittejjeb il-mod kif topera iż-żona tal-euro fi ħdan is-sett ta' regoli attwali (fuq kollox, miżuri ta' karattru strutturali); għall-uħud mill-aspetti aktar fundamentali (li jinvolvu, pereżempju, it-titjib tal-qafas istituzzjonali tagħha jew li jiġu użati strumenti fiskali ġodda) iridu jiġu adottati regoli ġodda.

1.10. Fil-kuntest tar-rakkomandazzjonijiet ta' politika u ekonomiċi għall-2018 li ġejjin, il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li jitnieda dibattitu dwar:

— il-ħolqien ta' unjoni fiskali;

— it-tisħiħ tar-responsabbiltà u s-sjieda tal-Istati Membri għal obbligi fir-rigward taż-żona tal-euro;

— il-ħtieġa għal riformi strutturali fi ħdan il-pjattaforma tas-Semestru Ewropew;

— aktar tisħiħ tal-koordinazzjoni ekonomika u l-governanza;

— tittejjeb is-sistema ta' intermedjazzjoni finanzjarja, li twassal għat-tisħiħ ta' investiment fuq terminu twil, f'konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti (SDGs), billi jintuża r-rwol tal-BEI, l-FEI u l-FEIS 2.0;

— iż-żona tal-euro tkun ta' influwenza akbar fid-dinja.

1.11. Il-KESE huwa konxju tal-ħtieġa qawwija għal żieda fl-attività ta' investiment sabiex tiġi riflessa fix-xejriet tal-pagi u r-rata ta' qgħad li qed tonqos. Huwa għandu jkollu wkoll l-għan li jindirizza l-iżbilanċi deskritti fl-opinjoni, li jistgħu jkunu ostakolu fundamentali għal tkabbir fit-tul jekk jippersistu u ma jiġux indirizzati.

1.12. Sabiex jiġi żgurat l-appoġġ vitali taċ-ċittadini għar-rikostruzzjoni taż-żona tal-euro u l-kisba ta' riformi strutturali f'dan ir-rigward, id-dimensjoni soċjali ta' dawn ir-riformi teħtieġ li tissaħħaħ, u l-forom demokratiċi, trasparenti ta' governanza taż-żona tal-euro, immirati lejn l-iżgurar tal-prosperità ekonomika u livell għoli ta' għajxien, għandhom jintużaw.

2. **Kuntest**

2.1. Bħala parti mill-proċess tas-Semestru Ewropew li jirrikorri regolarment, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat dokumenti f'Novembru 2016 għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, kif ukoll Komunikazzjoni ("Lejn pożizzjoni fiskali pożittiva għaż-żona tal-euro"). Il-KESE fassal opinjoni ECO/423 dwar dawn id-dokumenti, li ġiet adottata fis-sessjoni plenarja tiegħu fi Frar 2017. Minn dak iż-żmien' l hawn, l-iżvilupp tal-politika ekonomika tal-UE kif ukoll l-attivitajiet minn xi Stati Membri fissru li l-kwistjoni evolviet b'mod konsiderevoli. Din l-opinjoni addizzjonali tiffoka fuq ir-riflessjoni dwar l-iżviluppi l-aktar importanti fost dawn li ġejjin:

— Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (Marzu 2017);

— It-tbassir ekonomiku tar-rebbiegħa (Mejju 2017);

— Komunikazzjoni dwar ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi 2017 (Mejju 2017).

B'mod parallel, White Paper dwar il-Futur tal-Ewropa u Karta ta' Riflessjoni dwar it-Tisħiħ tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja u dwar il-futur tal-iffinanzjar tal-UE ġew ippubblikati matul il-perjodu inkwistjoni, li ġew żviluppati aktar mill-President tal-Kummissjoni Ewropea, Jean-Claude Juncker, fid-diskors tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni f'Settembru 2017. Barra minn hekk, ġie osservat żvilupp viżibbli f'termini ta' kif taħdem iż-żona tal-euro fir-rigward tal-aspett fiskali tagħha. L-opinjoni attwali għaldaqstant tikkunsidra l-iżvilupp ekonomiku fl-2018 u tirrifletti l-proposti tal-KESE għar-Rakkomandazzjonijiet dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro għall-2018.

2.2. L-irkupru ekonomiku attwali huwa b'mod marġinali aktar mgħaġġel milli mistenni; madankollu, iż-żona tal-euro għadha teħtieġ investiment aktar b'saħħtu, li jista' jiġi wkoll assistit minn stimolu fiskali mkejjel li jevita li l-livell ta' dejn pubbliku fit-tul imur għall-agħar. L-effetti tal-kriżi u l-politiki skjerati jkomplu jħallu impatt fuq il-qgħad, il-faqar u l-inugwaljanza, u huma wkoll kawża ta' differenzi ekonomiċi u soċjali bejn l-Istati Membri. Għalhekk huwa essenzjali li tingħata spinta lill-prospetti ta' tkabbir b'appoġġ akbar għal investiment fiż-żona tal-euro, akkumpanjat minn politika soċjali li tnaqqas il-faqar u l-inugwaljanza. Skont it-tbassir ekonomiku tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni Ewropea, l-investimenti akkumpanjati minn żviluppi korrispondenti fil-pagi u n-nuqqas kontinwu fir-rati tal-qgħad, li b'dan il-mod jikkontribwixxu għat-tisħiħ tad-domanda domestika, huma fattur ewlieni fl-appoġġ għall-irkupru ekonomiku.

2.3. Barra minn hekk, iż-żona tal-euro teħtieġ li ssir aktar koeżiva. Dan jista' jiġi assistit billi tiġi kompluta l-unjoni finanzjarja, bl-effett benefiċjarju mistenni tagħha fuq l-investiment, li jista' jsir taħt ir-regoli attwali; it-tisħiħ addizzjonali tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika u fiskali mmirata lejn kapaċità fiskali taż-żona tal-euro u l-ħolqien ta' baġit awtonomu taż-żona tal-euro u arkitettura istituzzjonali aktar b'saħħitha għaż-żona tal-euro li tippermetti rappreżentazzjoni interna u esterna aħjar u kif ukoll responsabbiltà msaħħa tal-membri individwali tagħha li issa tirrikjedi li jiġu introdotti regoli ġodda.

2.4. Wieħed mix-xenarji fil-White Paper dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa jikkunsidra l-possibbiltà ta' Ewropa b'veloċitajiet differenti, biż-żona tal-euro bħala linja diviżorja importanti possibbli. Madankollu, f'dan il-każ, il-KESE huwa tal-fehma li l-euro hija l-munita tal-UE kollha kemm hi. Il-ħolqien ta' inċentivi tal-istati li mhumiex fiż-żona tal-euro biex jikkunsidraw li jingħaqdu mal-euro bħala waħda mill-prijoritajiet tal-politiki interni tagħhom huwa għaldaqstant mixtieq.

2.5. Il-previżjonijiet tax-xitwa u tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni Ewropea jiffokaw fuq sitwazzjoni ta' "livell għoli ta' inċertezza" rigward kemm riskji interni kif ukoll esterni għat-tkabbir li jirriżultaw minn fatturi kummerċjali, finanzjarji u ġeopolitiċi. Skont il-previżjoni tiegħu tar-rebbiegħa, huwa esprima tħassib dwar żviluppi fl-Istati Uniti u fir-Renju Unit (Brexit) li possibbilment jaffettwaw b'mod negattiv l-irkupru (modest) fl-Ewropa. L-amministrazzjoni ta' Trump hija dejjem anqas prevedibbli milli dehret inizjalment u l-bilanċ favorevoli għoli b'mod konsistenti fil-kont kurrenti tal-Ġermanja u fiż-żona tal-euro huwa kwistjoni għal dan. Dan jista' jheġġeġ lill-Istati Uniti biex jieħdu miżuri ta' politika kummerċjali mhux favorevoli, b'effetti dannużi għall-UE u ż-żona tal-euro. Il-Brexit huwa wkoll diffiċli li jiġi previst: il-preludju twil għan-negozjati ma jagħti ebda garanzija għar-riżultat aħħari, filwaqt li l-elezzjoni ta' Ġunju tissuġġerixxi li ser ikun hemm kumplikazzjonijiet u dewmien fil-progress tan-negozjati.

2.6. L-aħħar previżjoni ekonomika tar-rebbiegħa mill-Kummissjoni Ewropea tissuġġerixxi li r-rakkomandazzjoni tiegħu u l-Opinjoni tal-KESE (ECO/423) li appoġġjaw qagħda fiskali pożittiva fiż-żona tal-euro kollha kemm hi għall-2017 – issa rrifjutati bir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2017 – kienu fit-triq it-tajba. Il-KESE ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew u jqis li r-riskji li rriżultaw sa minn dakinhar, u l-previżjoni tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni, jikkonfermaw l-adegwatezza li tinżamm qagħda fiskali pożittiva dwar il-politika baġitarja.

3. **Kummenti ġenerali**

3.1. L-importanza tal-UEM bħala prijorità ewlenija tal-integrazzjoni Ewropea kienet enfasizzata f'konnessjoni mal-kommemorazzjoni tas-60 anniversarju mill-firma tat-Trattati ta' Ruma u d-dibattiti sussegwenti dwar il-ġejjieni tal-UE. Ġie ddikjarat ukoll li, minkejja li għad fadal u li għadhom mhux solvuti l-problemi, ikun żbaljat li wieħed jadotta ton difensiv wisq fejn kienet ikkonċernata ż-żona tal-euro. Minflok, ikun aħjar li jittieħed approċċ aktar ambizzjuż għall-futur tagħha u naħdmu għal miżuri speċifiċi biex jiġi sfruttat aħjar il-potenzjal tagħha. Il-KESE jaqbel ma din il-fehma.

3.2. Fir-rigward tal-prosperità tal-ekonomija tal-UE u t-tqassim mill-ġdid ġust tar-riżorsi u tad-dħul li hija toħloq, l-opinjoni ECO/423 tenfasizza li huwa importanti li taħlita ta' politika ekonomika bilanċjata jkun fiha strumenti monetarji, fiskali u strutturali, u miżuri ffokati fuq it-tisħiħ tal-funzjonalità u l-effiċjenza tas-swieq finanzjarji, inkluż regolamentazzjoni adegwata biex tiġi evitata mġiba riskjuża b'mod irresponsabbli minn xi istituzzjonijiet finanzjarji. Il-KESE huwa konvint li l-iżviluppi matul l-aħħar ftit xhur għamlu dan aktar importanti f'diversi modi.

3.3. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ it-tlestija u l-approfondiment tal-UEM sal-2025. F'dan is-sens, din l-opinjoni hija konsistenti mal-pakkett ta' opinjonijiet oħra tal-KESE dwar il-futur ekonomiku tal-Ewropa msemmija fil-preambolu. Il-KESE jemmen li għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-oqsma li ġejjin:

3.3.1. it-tisħiħ u aktar koordinazzjoni tal-politiki fiskali, ekonomiċi u strutturali bl-għan li tinħoloq taħlita effikaċi ta' dawn il-politiki, bl-għan ukoll li tiġi implimentata l-linja baġitarja (dedikata) b'saħħitha fi ħdan il-qafas tal-baġit tal-UE. Għall-ewwel darba f'livell politiku għoli, id-Dokument ta' Riflessjoni dwar l-Approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja juża t-terminu "unjoni fiskali". "Unjoni fiskali" f'ambjent ekonomiku u monetarju omoġenju u fi ħdan suq intern li jiffunzjona tkun tinkludi wkoll politika fiskali komuni jew ikkoordinata mill-qrib (kemm f'termini tat-taxxa kif ukoll ta' infiq) li kienet tappoġġja tassazzjoni ġusta u pożizzjoni sistematika u effettiva dwar l-evażjoni tat-taxxa u l-frodi;

3.3.2. prerekwiżit kruċjali biex jittejjeb l-ambjent taż-żona tal-euro huwa – fi ħdan fehim komprensiv tal-governanza ekonomika tal-UE, b'mod partikolari l-proċess tas-Semestru Ewropew – ir-responsabbiltà tal-atturi individwali: ir-responsabbiltà u l-obbligi individwali tal-Istati Membri għandhom jinżammu u anke jissaħħu fil-mekkaniżmi tal-governanza ekonomika eżistenti, inkluż il-monitoraġġ objettiv, l-applikazzjoni tal-miżuri korrettivi u preventivi kollha, u finalment is-sanzjonijiet, jekk ikun neċessarju;

3.3.3. Il-Bordijiet tal-Produttività huma rrakkomandati bħala għodda xierqa, ibbażata fuq il-parteċipazzjoni attiva tal-imsieħba soċjali rilevanti kollha, li jistgħu jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tar-riformi strutturali li, minbarra li jtejbu l-kapaċità ekonomika tal-Istati Membri individwali, jikkontribwixxu b'mod sostanzjali biex tiżdied il-funzjonalità u l-omoġeneità tas-Suq Uniku b'mod ġenerali billi jitneħħew ċerti ostakoli regolatorji u ostakli oħra, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet soċjali u tax-xogħol stabbiliti;

3.3.4. titjib sostanzjali fl-effiċjenza tal-intermedjazzjoni finanzjarja billi jintuża l-ispettru sħiħ tal-parteċipanti tas-swieq finanzjarji f'konformità mal-idea tal-Unjoni Bankarja u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali; l-enfasi prijoritarja biex l-intermedjazzjoni finanjarja tkun aktar effettiva għandha tkun fuq l-investiment reali u mhux li jiżdied il-volum tas-settur finanzjarju virtwali;

3.3.5. għal UEM b'saħħitha u rispettata – fi ħdan il-kuntest tat-tibdil li sar fl-ekonomija globali – ir-rappreżentanza esterna tagħha hija wkoll importanti ħafna; huwa vitali mhux biss li jkun ftehim li jkun intlaħaq qbil dwaru mill-Istati Membri individwali fir-rigward is-sħab globali tagħhom fejn l-UE qed taġixxi b'leħen wieħed, iżda wkoll biex jittieħdu l-passi lejn struttura istituzzjonali adegwata li tikkorrispondi għal dan l-interess komuni fil-kuntest globali ([4]);

3.3.6. barra minn hekk, il-possibbiltà li tikber iż-żona tal-euro attwali kellha titqies f'każijiet raġonevoli; xi pajjiżi – speċjalment dawk fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant – juru indikaturi ta' prestazzjoni ekonomika pożittivi ħafna u jiġu vvalutati b'mod pożittiv ħafna fi ħdan is-Semestru Ewropew; jidher li dawn jistgħu jappoġġaw il-funzjonament taż-żona tal-euro u jistgħu jżidu l-piż taż-żona tal-euro fi ħdan l-UE;

3.3.7. fl-aħħar nett, l-appoġġ taċ-ċittadini favur il-proġett tal-UEM ġdid jeħtieġ li jinħolqu strumenti ġodda sabiex jiżguraw li d-deċiżjonijiet dwar il-governanza ekonomika huma demokratiċi u li s-suq uniku huwa kkomplementat minn pilastru soċjali b'saħħtu.

3.4. Il-KESE huwa tal-fehma li l-promozzjoni ta' investiment ogħla u t-twettiq u l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali li setgħu ġew promossi saħansitra aktar fi ħdan il-proċess tas-Semestru Ewropew, speċjalment wara li ttieħed f'kunsiderazzjoni l-qafas tas-Suq Uniku, li huma pjuttost ċentrali għall-funzjonament taż-żona tal-euro. Investimenti ffinanzjati mill-BEI, il-FEI jew l-FEIS juru riżultati pożittivi, inkluż proġetti reġjonali meħtieġa. Madankollu, il-volum tagħhom għadu mhux biżżejjed biex jitnaqqsu n-nuqqasijiet fl-investiment li jseħħu b'mod speċjali fi żminijiet ta' kriżi. Dawn l-istrumenti għandhom jgħinu biex tinħoloq sistema b'saħħitha biżżejjed li tippermetti l-kondiviżjoni ta' sorsi ta'

([4]) Għal aktar dettalji, ara pereżempju ĠU C 177, 18.5.2016, p. 16.

finanzjament pubbliċi u privati. Il-flessibbiltà ġestita fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir għandha tiġi sfruttata sabiex tippermetti l-użu tar-regola tad-deheb li skont din l-investimenti u l-infiq kurrenti assoċjat għandhom jiġu implimentati b'tali mod li jinkisbu l-benefiċċji u l-effetti futuri. L-enfasi tar-riformi strutturali għandha b'mod ċar titmexxa mil-livell tal-Istati Membri individwali għall-funzjonament ġenerali tas-Suq Uniku.

3.4.1. L-għan tar-riformi strutturali għandu l-ewwel u qabel kollox ikun li jiġu eliminati l-iżbilanċi eżistenti u li jinħolqu kundizzjonijiet favorevoli għall-iżvilupp fuq tul ta' żmien, f'konformità mal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli (SDGs) tan-NU. Fost dawn l-iżbilanċi huma d-differenzi li dejjem jikbru fi ħdan l-UE u fi ħdan l-Istati Membri. Ir-riformi strutturali għandhom iwasslu għall-adozzjoni ta' miżuri li jqisu l-kuntest pan-UE u mhux biss il-ħtiġijiet parzjali tal-Istati Membri individwali.

3.4.2. Fil-kuntest tal-UE, ir-riformi għandhom ikunu mmirati mhux biss lejn il-prijoritajiet politiċi domestiċi, iżda għandhom ukoll jitqiesu mill-pesrpettiva tal-UE b'mod ġenerali: mill-perspettiva tal-proġetti strateġiċi li huma kapaċi joħolqu valur miżjud tal-UE b'saħħtu.

3.4.3. Ir-riformi strutturali għandhom ikunu akkumpanjati wkoll mill-promozzjoni ta' impjiegi ta' kwalità b'enfasi fuq livelli xierqa ta' pagi u rispett sħiħ lejn il-ġustizzja soċjali.

3.4.4. Għadhom meħtieġa ħafna riformi sabiex jittejbu r-regolamenti li huma kapaċi jappoġġjaw l-iżvilupp tan-negozji u jiżguraw protezzjoni adegwata għaċ-ċittadini. Eżempji ta' oqsma fejn għandhom jitwettqu r-riformi strutturali jinkludu: regoli relatati mal-bidu ta' negozju, permessi għal bini, il-kisba ta' kreditu, il-ħlas tat-taxxi, il-kummerċ bejn il-fruntieri, ir-reġistrazzjoni tal-proprjetà u l-armonizzazzjoni tal-politika tat-taxxa, li ser jassistu l-funzjonament sod tas-suq intern u fl-istess ħin jillimitaw l-okkorrenza tal-kompetizzjoni dannuża fih. Il-klima politika/pubblika (jiġifieri l-effiċjenza u l-integrità tas-settur pubbliku, iċ-ċertezza u l-istabbiltà tagħhom tul il-ħajja tal-proġett) għandha rwol importanti wkoll. Mhux l-inqas f'termini ta' aċċettazzjoni pubblika ta' dawn ir-riformi, għandu jiġi nnotat kemm hu kkumplikat il-proċess wara l-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi u r-riżultat makroekonomiku tagħhom jiddependi fuq il-funzjonament ta' ħafna proċessi kumplessi fil-livell mikro. Li jiġu spjegati dawn ir-ramifikazzjonijiet huwa prerekwiżit importanti biex dawn ir-riformi jkollhom l-appoġġ pubbliku. Dan l-appoġġ jeħtieġ li l-istrumenti maħluqa biex jgħinu liż-żona tal-euro joperaw fil-futur huma deċiżi b'mod leġittimu u demokratiku, b'mod li joħloq bilanċ tajjeb bejn il-pilastri ekonomiċi u soċjali.

3.4.5. Hemm spazju għal relazzjoni msaħħa bejn il-ħtieġa għal riformi strutturali, is-Semestru Ewropew, l-implimentazzjoni pluriennali fil-qafas tal-Fondi SIE (jew il-baġit tal-UE b'mod aktar ġenerali) u żona tal-euro aktar żviluppata u effettiva. It-tisħiħ tar-relazzjoni bejn ir-riformi strutturali u l-baġit tal-UE, li għandu l-għan li jippromovi konverġenza f'terminu ta' żmien medju sa twil, huwa marbut mill-qrib mar-restrizzjoni antiċipata tal-politika ta' tnaqqis kwantitattiv tal-BĊE, meta politika monetarja aktar stretta ser toħloq aktar spazju għall-użu ta' dħul fiskali.

3.5. Fl-istess ħin, għandna bżonn sforzi mġedda għal konverġenza 'l fuq tal-istandards soċjali u tal-għajxien u pagi fi ħdan u bejn l-Istati Membri bħala kundizzjoni minima biex tiżdied il-fiduċja fl-UE u biex jiġi assigurat il-futur tal-Ewropa. Il-pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għandu jappoġġja l-konverġenza.

3.5.1. Dan il-kuntest jissuġġerixxi li hemm bżonn ta' politiki li ser isaħħu d-domanda domestika fl-UE u fiż-żona tal-euro b'mod ġenerali u f'pajjiżi b'bilanċ favorevoli għoli fil-kontijiet kurrenti/fil-kummerċ b'mod partikolari, sabiex jerġgħu jiġu bbilanċjati fi ħdan iż-żona tal-euro u mal-bqija tad-dinja.

3.5.2. L-Istati Membri tal-UE ma għandhomx jibbażaw l-istrateġiji tal-kompetittività fuq is-suppożizzjoni li l-livelli tal-pagi ser jibqgħu baxxi. Taħlita effettiva tal-politiki ekonomiċi għandha twassal biex tagħti ħajja ġdida lill-attività ta' investiment fl-infrastruttura, u żieda fl-infiq fuq l-edukazzjoni, ir-riċerka, it-taħriġ u l-ħiliet għandha tkun riflessa fit-tkabbir tal-produttività u tkabbir aktar b'saħħtu fil-pagi u fid-dħul, filwaqt li ssir riflessjoni fl-istess ħin dwar iċ-ċiklu tal-ħajja, l-iżvilupp tal-karriera u l-bidla fl-ispejjeż ta' għajxien. Madankollu, il-KESE jirrispetta s-sitwazzjonijiet differenti fl-Istati Membri individwali u r-responsabbiltà ewlenija tagħhom biex jindirizzaw dan permezz ta' metodi moderni ta' negozjar kollettiv.

3.5.3. Is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol f'għadd ta' pajjiżi taż-żona tal-euro tindika li r-riformi strutturali pendenti f'dan il-qasam għandhom jiffokaw fuq it-tnaqqis ta' livelli għolja ta' xogħol part-time involontarju u pagi baxxi, u fuq il-promozzjoni ta' impjiegi ta' kwalità tajba b'forza tax-xogħol li għandha livelli ogħla ta' taħriġ u ta' ħiliet. Is-solidità tad-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv abbażi tal-awtonomija tal-imsieħba soċjali għandhom ikunu l-bażi għal tip ġdid ta' riforma tax-xogħol. Dan mhux biss itejjeb il-ġustizzja soċjali iżda wkoll irawwem il-produttività tal-ekonomija.

3.6. B'mod partikolari miżuri marbutin mat-twettiq tar-riformi strutturali u l-koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-politika ekonomika u fiskali jistgħu jitwettqu taħt is-sistema attwali ta' regoli; dawn jistgħu jissaħħu aktar mill-qafas pluriennali li jmiss wara l-2020. Min-naħa l-oħra, il-konsolidazzjoni ulterjuri taż-żona tal-euro b'politika komuni dwar il-baġit jew preżenza aktar b'saħħitha taż-żona tal-euro fix-xena dinjija jeħtieġu l-ħolqien ta' regoli kompletament ġodda.

4. **Kummenti speċifiċi**

4.1. Għar-raġunijiet li ssemmew f'din l-opinjoni, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Kunsill biex jinkorporaw pożizzjoni fiskali pożittiva xierqa fir-Rakkomandazzjonijiet dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro għall-2018. Din il-proposta hija partikolarment kruċjali f'termini tal-ħtieġa adegwata u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli u biex tiġi żgurata taħlita li tiffunzjona tal-politika ekonomika u monetarja li l-karattru ta' espansjoni tagħha ma jistax jittawwal indefinittivament.

4.2. Aħna naħsbu li fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, li aħna napprovaw, il-prijorità għandha tingħata lill-proġetti li jirrispettaw l-għanijiet tal-iżvilupp sostenibbli u jieħdu kont tar-responsabbiltà soċjali u ambjentali.

4.3. Il-KESE jinsab konvint li l-iżviluppi riċenti tal-paradigma tal-politika ekonomika tal-UE f'dawn l-aħħar xhur jagħmluha pjuttost ċara li l-appoġġ politiku għall-approċċ li jwassal għal unjoni fiskali bbażata fuq il-pjattaforma taż-żona tal-euro qiegħed jiżdied; b'rabta ma' dan, il-KESE jirrakkomanda li tiġi mmonitorjata bir-reqqa u jinsab imħejji sew biex jingħaqad mal-proċess biex tissaħħaħ l-enfasi fiskali bħala prekundizzjoni għal ambjent taż-żona tal-euro aktar omoġenja; huwa wkoll kruċjali li jiġi osservat kif dan l-iżvilupp jiġi rifless f'bidliet possibbli fi strutturi u reġimi istituzzjonali.

4.4. Il-KESE għadu jemmen li fi żmien meta li tiġi approfondita l-UEM hija għal darb' oħra prijorità ewlenija, huwa ferm importanti li ma jiġux sottostmati l-proċessi konnessi ma' sistema aktar effettiva u funzjonament aħjar tas-Suq Uniku. Suq Uniku effettiv u funzjonali huwa rekwiżit bażiku qabel ma biss nistgħu naħsbu dwar UEM aktar approfondita. L-UEM tista' biss tilħaq l-aspettattivi rigward il-benefiċċji tagħha jekk il-ftuħ u l-liberalizzazzjoni futuri tas-Suq Uniku jitkomplu, l-omoġeneità tagħha tissaħħaħ, u l-barrieri protettivi nazzjonali kemm viżibbli u kif ukoll dawk moħbija jiġu eliminati.

4.5. Il-KESE jappoġġja l-opinjoni li l-ambjent ta' UEM approfondita għandu wkoll jaqbel mal-proċess ta' intermedjazzjoni finanzjarja. Il-punti prinċipali tal-unjoni finanzjarja huma rrappreżentati minn mill-Unjoni Bankarja u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali. L-Unjoni Bankarja primarjament tikkonċerna l-imġiba stabbli u prevedibbli tas-settur bankarju. Hija għandha wkoll tkun appoġġjata minn riżorsi finanzjarji adegwati biex ilaħħqu ma' inadempjenzi bankarji possibbli. L-Unjoni tas-Swieq Kapitali, sadanittant, hija mifhuma li twessa' l-possibilitajiet għall-allokazzjoni ta' sorsi finanzjarji u għadha f'perijodu bikri tal-iżvilupp tagħha. Il-funzjonament imtejjeb ta' intermedjazzjoni finanzjarja, min-naħa tagħha, għandha tkun aktar evidenti fl-isfera ta' attività reali ta' investiment.

4.6. Il-ġejjieni tal-UE jiddependi wkoll fuq it-tisħiħ tal-integrazzjoni tagħha u li jiġi konsolidat ir-rwol tagħha fil-kuntest globali. Din hija waħda mill-ftit prijoritajiet ewlenin, b'mod partikolari bħalissa, u hija kwistjoni ta' interess komuni għall-Istati Membri kollha tal-UE. Sabiex jintlaħaq dan il-għan, jista' jkun ta' benefiċċju li tissaħħaħ ir-rappreżentazzjoni konġunta tal-UE fuq il-livell internazzjonali, u f'dak il-livell, jiġu promossi u rrispettati l-valuri komuni, il-prinċipji u l-politiki, bħal-libertà politika u ekonomika u l-ugwaljanza u l-ġustizzja soċjali, il-valur tan-negozju bla ħlas fil-kummerċ u l-investimenti, il-ħolqien ta' kundizzjonijiet għal ambjent kompetittiv ġust u miftuħ, u l-eliminazzjoni ta' prattiki illegali u kriminali fin-negozju, bħall-abbuż tas-sistemi tat-taxxa jew il-proċeduri tal-akkwist pubbliku; addizzjonalment, ir-rispett għad-drittijiet soċjali u ċivili u r-rekwiżiti elementari huma assolutament essenzjali.

Brussell, id-19 ta' Ottubru 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT